Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi, inkluż l-aġenziji, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, lill-EFSD.

Skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali biex jiffinanzjaw l-ispiża li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p.1).

**KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MILL-ISTRUMENTI FINANZJARJI****6 4 1** **Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji — Dħul assenjat**

6 4 1 0 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji (Dħul) — Dħul Assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.		

*Kummenti**Partita ġdida*

Id-dħul, inklużi dividendi, qligħ kapitali, tariffi ta' garanzija u imgħax fuq self u fuq ammonti f'kontijiet fiduċjarji mħallsin lura lill-Kummissjoni jew kontijiet fiduċjarji miftuħin għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont xi strument finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).



**KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MILL-ISTRUMENTI FINANZJARJI (ikompli)****6 4 1** (ikompli)

6 4 1 0 (ikompli)

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 605 final).

6 4 1 1 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji (Ripagamenti) — Dħul Assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti**Partita ġdid (li qabel kienet il-partita 6 3 4 1)*

Rimborżi annwali, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborżi tal-kapital ta' self, imħallsa lura lill-Kummissjoni jew f'kontijiet fiduċjarji miftuħa għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont strument finanzjarju, għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jintużaw għall-istess strumenti finanzjarji, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 140(9) ta' dak ir-Regolament, għal perjodu li ma jaqbiżx il-perjodu tal-impenn tal-appropriazzjonijiet b'żieda ta' sentejn, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-att bażiku.

Din il-Partita tintuża wkoll biex jiġu rreġistrati r-ripagamenti li jirriżultaw minn tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Istrument.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 605 final).

**KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MILL-ISTRUMENTI FINANZJARJI (ikompli)**
**6 4 2 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji – Dħul mhux assenjat**
**6 4 2 0 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji – Dħul**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
25 000 000		

*Kummenti*
*Partita ġdida*

Dħul, inklużi dividendi, qligħ kapitali, tariffi ta' garanzija u imgħax fuq self u fuq ammonti f'kontijiet fiduċjarji mħallsin lura lill-Kummissjoni jew kontijiet fiduċjarji miftuħin għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont xi strument finanzjarju, għandhom jiddaħħlu fil-baġit wara li jitnaqqsu l-ispejjeż u t-tariffi tal-maniġment.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 605 final).

**6 4 2 1 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji — Ripagamenti**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
25 000 000		

*Kummenti*
*Partita ġdida*

Ir-ripagamenti annwali, inkluż ripagamenti kapitali, garanziji rilaxxati, u ripagamenti tal-kapital ta' selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni jew kontijiet fiduċjarji miftuħa għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fil-qafas ta' xi strument finanzjarju, jekk ikun speċifikat hekk f'att bażiku, ma jistgħux jitqiesu bħala dħul intern assenjat.

**KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MILL-ISTRUMENTI FINANZJARJI** (ikompli)**6 4 2** (ikompli)

6 4 2 1 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 605 final).

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI****6 5 1** ***Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-perjodi tal-ipprogrammar qabel l-2000***

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	12 003 509,60

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub sabiex jilqa' korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) Taqsima ta' Gwida, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), b'rabta mal-perjodi tal-ipprogramm ta' qabel l-2000.

L-ammonti allokat għal dan l-Artikolu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, se jintużaw biex jipprovdu approporzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI** (*ikompli*)**6 5 1** (*ikompli*)

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' assistenza kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/88, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kwalunkwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'hekk għandha tapplika għal dik l-assistenza jew il-proġetti konċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kwalunkwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effikaċja tagħhom u dwar il-koordinament tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investimenti u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti bejniethom u mal-operat tal-Bank Ewropew tal-Investment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstabilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4256/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar it-Taqsima Gwida tal-FAEGG (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2080/93 tal-20 ta' Diċembru 1993 li jstipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar l-istrument finanzjarju tal-gwida tas-sajd (ĠU L 193, 31.7.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jstabilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mingħand il-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola (FEGGA) (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jstipula d-dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tiegħu.

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI** (ikompli)**6 5 1** (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 fuq l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

**6 5 2 Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-perjodu tal-ipprogrammar 2000-2006 — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	35 407 317,64

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub sabiex jakkomoda korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola (EAGGF) Taqsima ta' Gwida, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (Sapard), relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 u l-Istrument ta' Tranżizzjoni tal-Iżvilupp Rurali (TRDI) ifffinanzjati mit-Taqsima Garanzija tal-FAEGG.

L-ammonti allokatu għal dan l-artikolu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, se jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titolu 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' assistenza kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/88, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kwalunkwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'hekk għandha tapplika għal dik l-assistenza jew il-proġetti konċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kwalukwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mingħand il-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola (FEGGA) (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI** (*ikompli*)**6 5 2** (*ikompli*)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistipula d-dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 fuq l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-għajnuna mill-Komunità għal miżuri ta' qabel l-Adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u ta' lvant matul il-perjodu ta' qabel l-Adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2007, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar il-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU L 64, 6.3.2001, p. 13).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1386/2002 tad-29 ta' Lulju 2002 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-għajnuna mogħtija taħt il-Fondi ta' Koeżjoni u l-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2004 tal-5 ta' Jannar 2004 li jwaqqaf ir-regoli dettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri tal-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 36).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2004 tat-28 ta' Jannar 2004 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 rigward il-miżuri ta' żvilupp rurali tranżitorji applikabbli għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

## KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (ikompli)

6 5 3 **Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-perjodu tal-ipprogrammar 2007-2013 — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jilqa' fih il-korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES), u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA I), marbuta mal-perjodu tal-ipprogrammar 2007-2013.

L-ammonti allokatu għal dan l-artikolu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, se jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kwalukwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p.82).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

6 5 4 **Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-perjodu tal-ipprogrammar 2014-2020 — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jilqa' fih il-korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), marbuta mal-perjodu tal-ipprogrammar 2014-2020.

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI** (ikompli)**6 5 4** (ikompli)

L-ammonti allokatu għal dan l-artikolu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, se jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III “Il-Kummissjoni”.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

**KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA****6 6 0** *Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

## 6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet oħra u restituzzjonijiet magħmulha — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	582 274 072,88

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' kwalunkwe dħul mhux kopert f'partijiet oħrajn tat-Titolu 6 li jintuża biex jipprovdi approprijazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

Il-Parlament Ewropew	p.m.
Il-Kunsill	p.m.
Il-Kummissjoni	p.m.
L-Ombudsman Ewropew	p.m.
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	p.m.
<b>Total</b>	<b>p.m.</b>



**KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA (ikompli)****6 6 0** (ikompli)

6 6 0 1 Kontribuzzjonijiet oħra u rifużjonijiet assenjati

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
60 000 000	60 000 000	3 492 703,59

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħrajn tat-Titolu 6 li ma jintużax f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

il-Parlament Ewropew	p.m.
il-Kummissjoni	60 000 000
is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	p.m.
Total	60 000 000

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI****6 7 0** *Dħul li jirrigwarda l-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agricoltura*

6 7 0 1 Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agricoltura — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	1 593 690 104,14

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni rigward nefqa finanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (Taqsimha Garanzija) taħt l-Intestatura 1 tal-Perspettiva Finanzjarja 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) taħt l-Intestatura 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 u 2014-2020 f'konformità mal-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Din tinkludi korrezzjonijiet relatati man-nuqqas ta' konformità mal-iskadenzi tal-pagamenti skont l-Artikolu 40 ta' dak ir-Regolament.

Din il-partita hija maħsuba wkoll sabiex tilqa' ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni rigward nefqa finanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità mwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 320/2006, u li ntemmet fit-30 ta' Settembru 2012.

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita baġitarja taħt il-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsimha III "Il-Kummissjoni".

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (ikompli)

**6 7 0** (ikompli)

6 7 0 1 (ikompli)

Id-dħul taħt din il-partitaġie smat għal EUR 1 343 900 000, li minnhom EUR 610 000 000 smati li għandhom jiġu riportati mill-2017 għal-2018 b'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Finanzjarju. Metaġie stabbilit il-baġit għall-2018, l-ammont ta' EUR 400 000 000 kien ikkunsidrat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri skont l-Artikolu 05 02 08 (Partita 05 02 08 03) u l-bqija tal-ammont ta' EUR 943 900 000 kien ikkunsidrat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri skont l-Artikolu 05 03 01 (Partita 05 03 01 10).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 0 2 Irregolaritajiet tal-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agricoltura — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	118 371 446,59

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inkluż l-imgħax relatat, b'mod partikolari ammonti riċevuti f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u imgħax riċevut, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji ċeduti li jikkonċernaw nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (Taqsimha Garanzija) taħt l-Intestatura 1 tal-Perspettivi Finanzjarji 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) taħt l-Intestatura 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 u 2014-2020 b'konformità mal-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Din il-partita hija maħsuba wkoll sabiex tilqa' ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew żbalji, inklużi imgħax, penali u titoli akkwistati, li jirriżultaw min-nefqa ffinanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità mwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 320/2006, u li ntemmet fit-30 ta' Settembru 2012.

Hi maħsuba wkoll biex tilqa' l-ammonti netti rkuprati li għalihom l-Istati Membri jstgħu jżommu 20 % kif previst fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (*ikompli*)

**6 7 0** (*ikompli*)

**6 7 0 2** (*ikompli*)

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikoli 43 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita baġitarja taħt il-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

Id-dħul taħt din il-partitaġie stmat għal EUR 132 000 000. Meta kien qed jitħejja l-baġit għall-2018, dan l-ammont ittieħed f'konsiderazzjoni għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' miżuri fl-Artikolu 05 03 01 (Partita 05 03 01 10)..

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

**6 7 0 3** Imposta speċjali mill-produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	815 080 221,22

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tilqa' fiha ammonti li jkunu relatati mal-imposta fuq is-surplus li tapplika għas-sistema tal-kwoti tal-ħalib li jinġabru jew jiġu rkuprati skont it-Taqsima III tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, b'mod partikolari l-Artikolu 78 tiegħu.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għal kwalunkwe partita baġitarja taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (ikompli)

**6 7 0** (ikompli)

6 7 0 3 (ikompli)

L-imposta speċjali fuq il-ħalib inġabret u ġiet iddikjarata mill-Istati Membri għall-aħħar darba fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2016 wara tmiem is-sistema tal-kwoti tal-ħalib fis-sena kalendarja 2015. Kull dħul taħt din il-partita jkun jikkonċerna biss ir-regolarizzazzjoni ta' ċerti fajls, li ma jstgħux isiru stimi dwarhom minn qabel, u jintuża għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' miżuri skont l-Artikolu 05 03 01 (il-Partita 05 03 01 10).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

**6 7 1 Dħul li jirrigwarda il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**

6 7 1 1 Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	329 084 729,99

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tilqa' fiha l-ammonti li jirriżultaw minn deċizzjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni fil-kuntest tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-FAEŻR skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. L-ammonti marbuta mar-ripagament ta' ħlasijiet akkont taħt il-FAEŻR jiġu wkoll irreġistrati f'din il-partita.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprazzjonijiet addizzjonali għal kwalunkwe partita tal-baġit taħt il-FAEŻR.

Meta kien qed jitħejja l-baġit għall-2018, ma kienx previst ammont speċifiku għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (*ikompli*)

**6 7 1** (*ikompli*)

6 7 1 1 (*ikompli*)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 1 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	8 752 186,37

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' ammonti rkuprati li jirriżultaw minn irregolaritajiet u negliġenza, inkluż l-imgħax relatat, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u imgħax riċevut kif ukoll titoli ċeduti fil-kuntest ta' iżvilupp rurali ffinanzjat mill-FAEŻR b'konformità mal-Artikolu 54 u 56 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013 tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprijazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit taħt il-FAEŻR.

Meta kien qed jitħejja l-baġit għall-2018, ma kienx previst ammont speċifiku għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

## TITOLU 7

## MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MULTI

## KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI

## KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 7 0				
<b>7 0 0</b>	<b>L-imgħax ta' inadempjenza</b>				
7 0 0 0	L-imgħax ta' inadempjenza rigward ir-riżorsi proprji li jirrappurtaw l-Istati Membri	5 000 000	5 000 000	24 228 921,70	484,58
7 0 0 1	Mgħax ta' inadempjenza ieħor	p.m.	p.m.	1 144 194,77	
	Artikolu 7 0 0 — Total	5 000 000	5 000 000	25 373 116,47	507,46
<b>7 0 1</b>	<b>L-imgħax konness mal-multi u mal-pagamenti ta' penali</b>	10 000 000	15 000 000	52 134 205,13	521,34
<b>7 0 2</b>	<b>Mgħax fuq id-depożiti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat</b>	p.m.	p.m.	0,—	
<b>7 0 9</b>	<b>Mgħax ieħor</b>	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 7 0 — TOTAL	15 000 000	20 000 000	77 507 321,60	516,72
	KAPITOLU 7 1				
<b>7 1 0</b>	<b>Multi, pagamenti ta' penali perjoċi u multi oħrajn b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni</b>	100 000 000	3 210 000 000	2 961 185 957,47	2 961,19
<b>7 1 1</b>	<b>Il-pagamenti tal-penali u ta'ammonti f'daqqa imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' konformità ma' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba li l-Istat Membru ma jkunx issodisfa obbligu fit-Trattat</b>	p.m.	p.m.	136 784 800,—	
<b>7 1 2</b>	<b>Multi imposti minħabba frodi u minħabba irregolaritajiet li jkunu ta' dannu għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni</b>	p.m.	p.m.		
<b>7 1 3</b>	<b>Multi fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat</b>	p.m.	p.m.	0,—	
<b>7 1 9</b>	<b>Pagamenti ta' multi u penali oħrajn</b>				
7 1 9 0	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn — Dħul assenjat	p.m.	p.m.		
7 1 9 1	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati	p.m.	p.m.	2 075,02	
	Artikolu 7 1 9 — Total	p.m.	p.m.	2 075,02	
	KAPITOLU 7 1 — TOTAL	100 000 000	3 210 000 000	3 097 972 832,49	3 097,97
	Titolu 7 — Total	115 000 000	3 230 000 000	3 175 480 154,09	2 761,29

## TITOLU 7

## MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MULTI

## KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI

7 0 0 *L-imgħax ta' inadempjenza*

7 0 0 0 L-imgħax ta' inadempjenza rigward ir-riżorsi proprji li jirrapurtaw l-Istati Membri

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
5 000 000	5 000 000	24 228 921,70

*Kummenti*

Kwalunkwe dewmien minn Stat Membru biex jagħmel l-entrata fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni, imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 jagħti lok għall-ħlas tal-imgħax mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, l-irkupru ta' ammonti ta' imgħax li jkunu inqas minn EUR 500 għandu jiġi rrinunzjat.

Għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING, l-imgħax għandu jkun pagabbli biss fir-rigward ta' dewmien biex jiddaħħlu l-ammonti msemmija fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

Fil-każ ta' Stati Membri li jagħmlu parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata kif ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun applika għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid fl-ewwel jum tax-xahar li fih tkun ħabtet id-data dovuta, jew 0 fil-mija, skont liema tkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien.

Fil-każ ta' Stati Membri li ma jagħmlux parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata applikata mill-banek ċentrali fl-ewwel jum tax-xahar inkwistjoni għall-operazzjonijiet ewlenin tagħhom ta' finanzjament mill-ġdid, jew 0 fil-mija, skont liema tkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Għall-Istati Membri li ma jkollhomx disponibbli r-rata tal-banek ċentrali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata l-aktar ekwivalenti applikata fl-ewwel jum tax-xahar inkwistjoni fis-suq monetarju tal-Istat Membru, jew 0 fil-mija, skont liema tkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien.

Iż-żieda totali ma għandhiex taqbeż is-16-il punt perċentwali. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewmien.

Il-Kunsill	p.m.
Il-Kummissjoni	5 000 000
Total	5 000 000

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas- 26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

**KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI (ikompli)****7 0 0** (ikompli)**7 0 0 1** Mġhax ta' inadempjenza ieħor

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	1 144 194,77

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex jiġi rreġistrat l-imġhax ta' inadempjenza fuq l-intitolamenti minbarra r-riżorsi proprji.

il-Kunsill	p.m.
il-Kummissjoni	p.m.
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	p.m.
<b>Totali</b>	<b>p.m.</b>

*Bażi ġuridika*

Fteħima dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tal-Protokoll 32 tagħha.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2007, p. 25), u b'mod partikolari l-Artikolu 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jippreskrivi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, u tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

**7 0 1** ***L-imġhax konness mal-multi u mal-pagamenti ta' penali***

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
10 000 000	15 000 000	52 134 205,13

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi l-imġhax provenjenti minn konti speċjali għall-multi u l-imġhax ta' inadempjenza marbut mal-multi u mal-pagamenti ta' penali, inklużi l-pagamenti ta' penali marbutin mal-Istati Membri.



**KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI (ikompli)****7 0 1** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 04.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-imprezzi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

**7 0 2** ***Mgħax fuq id-depożiti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi l-imgħax fuq id-depożiti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni.

Bi qbil mal-punt (c) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji fejn kien hemm l-ewwel nefqa li wasslet għad-dħul korrispondenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

**7 0 9** ***Mgħax ieħor***

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

**KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI (ikompli)****7 0 9** (ikompli)*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jilqa' kull mgħax ieħor possibbli b'rabta ma' pagament tardiv u mhux elenkat fil-Kapitolu 70 li jkun dovut biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali meta ma jkunx iġġustifikat li tinħoloq linja baġitarja speċifika.

Il-Kunsill	p.m.
Il-Kummissjoni	p.m.
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	p.m.
Totali	p.m.

**KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI****7 1 0 Multi, pagamenti ta' penali perjodiċi u multi oħrajn b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
100 000 000	3 210 000 000	2 961 185 957,47

*Kummenti*

Il-Kummissjoni tista' timponi multi, ħlasijiet perjodiċi ta' penali u penali oħra fuq l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi għaliex ma jkunux jkunux qed jirrispettaw il-projbizzjonijiet jew iwettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti taħt jew fuq l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Normalment il-multi għandhom jitħallsu fi żmien tliet xhur minn meta tiġi nnotifikata d-deċizzjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma tiġborx l-ammont dovut meta l-impriża tkun ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Sad-data finali għall-pagament, l-impriża trid jew tagħti pagament proviżorju lill-Kummissjoni, inkella tagħtiha garanzija finanzjarja li tkopri kemm il-kapital tad-dejn kif ukoll l-imgħax jew il-ħlas addizzjonali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 04.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

## KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI (ikompli)

**7 1 1 Il-pagamenti tal-penali u ta'ammonti f'daqqa imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' konformità ma' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba li l-Istat Membru ma jkunx issodisfa obbligu fit-Trattat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	136 784 800,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub għar-reġistrazzjoni tal-ħlasijiet ta' penali u ħlasijiet f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba non-osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq in-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat.

*Bażi ġuridika*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 260(2) tiegħu.

**7 1 2 Multi imposti minħabba frodi u minħabba irregolaritajiet li jkunu ta' dannu għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

*Kummenti*

- ir-remunerazzjoni u l-allowances simili, il-kontribuzzjonijiet soċjali, l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra tal-interpreti awżiljarji tal-konferenzi impjegati mill-Parlament Ewropew għal laqgħat organizzati mill-Parlament Ewropew għall-ħtiġijiet tiegħu jew għall-ħtiġijiet ta' istituzzjonijiet jew korpi oħra, f'każijiet fejn is-servizzi meħtieġa ma jkunux jistgħu jingħataw mill-interpreti uffiċjali jew temporanji tal-Parlament Ewropew,
- l-ispejjeż ta' operaturi, staff tekniku u persuni responsabbli mill-immaniġġjar tal-konferenzi għal-laqqgħat imsemmija hawn fuq, f'każijiet fejn is-servizzi meħtieġa ma jkunux jistgħu jingħataw minn uffiċjali, aġenti temporanji jew aġenti oħra tal-Parlament Ewropew,
- l-ispejjeż marbuta mas-servizzi pprovduti lill-Parlament Ewropew minn interpreti li huma membri tal-persunal ta' istituzzjonijiet reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali,
- l-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet relatati mal-interpretazzjoni, b'mod partikolari t-tħejjija għal-laqqgħat u t-taħriġ u s-selezzjoni tal-interpreti,
- it-tariffi mħallsa lill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-pagamenti lill-interpreti tal-konferenzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 3 500 000.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Konvenzjoni li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tal-impjeg u l-emolumenti tal-aġenti interpreti tal-konferenzi (AIC) (u d-Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni taġħhom) stabbilita fit-28 ta' Lulju 1999 hekk kif ġiet annotata fit-13 ta' Ottubru 2004 u riveduta fil-31 ta' Lulju 2008.

## 1 4 0 6 Osservaturi

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

**KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI** (*ikompli*)**1 4 0** (*ikompli*)1 4 0 6 (*ikompli*)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas tal-ispejjeż marbuta mal-osservaturi, f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

**1 4 2** ***Servizzi esterni tat-traduzzjoni***

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
8 696 000	8 196 000	6 917 291,98

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-servizzi ta' traduzzjoni, ta' editjar, ta' ttajjar, ta' kodifikazzjoni u ta' assistenza teknika li jitwettqu minn partijiet terzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

**KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI****1 6 1** ***Nefqiet relatat mal-amministrazzjoni tal-istaff***

1 6 1 0 Spejjeż għar-reklutaġġ

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
253 650	214 000	273 500,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE, kif ukoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' soġġorn tal-kandidati f'każ ta' intervisti u ta' visti mediċi qabel ma dawn jiġu impjegati,

— l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' proċeduri tal-għażla tal-istaff.

F'każijiet motivati b'mod xieraq minn ħtiġijiet funzjonali u wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal, din l-appropriazzjoni tista' tintuża għal kompetizzjonijiet organizzati mill-istituzzjoni nnifisha.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

IL-PARLAMENT EWROPEW

**KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAHD MU FL-ISTITUZZJONI (ikompli)****1 6 1** (ikompli)

1 6 1 0 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u l-Artikolu 33 tagħhom u l-Anness III tagħhom.

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u d-Deċiżjoni 2002/621/KE tas-segretarji ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tar-rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjoni u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

1 6 1 2 Taħriġ Ulterjuri

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
6 210 000	5 515 000	5 535 265,36

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ biex jittejjbu l-ħiliet tal-persunal u r-rendiment u l-effiċjenza tal-istituzzjoni, eż. permezz ta' korsijiet tal-lingwi għall-lingwi uffiċjali ta' ħidma.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

**1 6 3 Miżuri sabiex jiġi assistit il-persunal tal-istituzzjoni**

1 6 3 0 Servizzi Soċjali

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
743 000	768 000	418 323,17

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— fil-qafas ta' politika interistituzzjonali favur persuni b'diżabilità li jiffurmaw parti mill-kategoriji lil ġejjin:

— uffiċjali u aġenti temporanji f'impjeg attiv,



**KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI** (*ikompli*)**1 6 3** (*ikompli*)1 6 3 0 (*ikompli*)

— is-sħab ta' uffiċjali u ta' aġenti temporanji f'impjeg attiv,

— tfal dipendenti fit-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ir-rimbors, fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli fil-baġit u wara li jkunu intużaw l-intitolamenti nazżjonali fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini, ta' spejjeż mhux mediċi, li jkunu rikonoxxuti bħala neċessarji bħala riżultat tad-diżabbiltà u li jkunu ġustifikati kif xieraq u mhux rimborsati mill-iskema komuni tal-assikurazzjoni tal-mard,

— miżuri favur uffiċjali u aġenti li jinsabu f'qagħda partikularment diffiċli,

— l-iffinanzjar ta' għotja għall-kumitat għall-persunal u għal infiq inċidentali tas-Servizzi Soċjali. Il-kontribuzzjonijiet jew il-ħlas tal-ispejjeż mill-Kumitat għall-Persunal għal parteċipanti f'attività ta' assistenza soċjali se jkollhom l-għan li jiffinanzjaw attivitajiet li għandhom dimensjoni soċjali, kulturali jew lingwistika iżda mhu se jkun hemm l-ebda sussidji għal membri tal-persunal jew familji individwali,

— azzjonijiet oħra ta' natura soċjali, fil-livell istituzzjonali u interistituzzjonali, fir-rigward tal-integrazzjoni tal-uffiċjali u l-aġenti,

— il-finanzjament ta' miżuri speċifiċi għal akkomodazzjoni raġonevoli jew ta' spejjeż ta' analiżi medika jew soċjali għal uffiċjali u aġenti oħra b'diżabilitajiet u apprendisti b'diżabilitajiet jew tal-uffiċjali u aġenti oħra b'diżabilitajiet waqt il-proċeduri ta' reklutaġġ u tal-apprendisti b'diżabilitajiet waqt il-proċeduri ta' għażlab'applikazzjoni tal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari l-assistenza personali fil-post tax-xogħol jew matul missjonijiet.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 1d, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 76 tagħhom.

1 6 3 1 Mobilità

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
730 000	700 000	448 687,52

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-infiq relatat mal-mobilità fil-bosta postijiet tax-xogħol.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

**KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI (ikompli)****1 6 3 (ikompli)****1 6 3 2 Relazzjonijiet soċjali bejn il-membri tal-istaff u miżuri soċjali oħra**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
227 000	230 000	238 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex ttejjeg u tagħti appoġġ finanzjarju lil skemi għall-promozzjoni tal-kuntatti soċjali bejn l-istaff ta' nazzjonalitajiet differenti, bħal per eżempju sussidji għal klabbs, assoċjazzjonijiet, attivitajiet kulturali tal-istaff, kif ukoll biex issir kontribuzzjoni lejn l-infiq relatat ma' ċentru permanenti fejn persuni jiltaqgħu fil-ħin liberu tagħhom (attivitajiet kulturali u sportivi, faċilitajiet tal-ikel, eċċ.).

Hija tkopri wkoll il-parteċipazzjoni finanzjarja fl-attivitajiet soċjali interistituzzjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 600 000.

**1 6 5 Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni****1 6 5 0 Servizzi mediċi**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 250 000	1 275 000	1 095 269,68

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-operat tal-klinika fit-tliet postijiet tax-xogħol, li tinkludi x-xiri ta' materjal, ta' prodotti farmaċewtiċi, eċċ., l-ispejjeż marbuta mal-eżamijiet mediċi ta' prevenzjoni, l-ispejjeż ikkawżati mill-operat tal-kumitat tal-invalidità, kif ukoll l-ispejjeż marbuta ma' servizzi esterni mogħtija minn speċjalisti mediċi li jkunu meqjusa neċessarji mit-tobba konsulenti.

Hija tkopri wkoll l-ispejjeż għax-xiri ta' xi apparat li jkun meqjus neċessarju fil-qasam mediku, kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-istaff mediku jew paramediku fl-iskema tal-għoti tas-servizzi jew ma' sostituti temporanji ta' membri tal-istaff mediku.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 59 tagħhom u l-Artikoli 8 tal-Anness II tagħhom.

**1 6 5 2 Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 310 000	1 380 000	615 000,—

**KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI (ikompli)****1 6 5** (ikompli)

1 6 5 2 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-ġestjoni u l-operat tar-ristoranti u tal- kantins.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 1 800 000.

1 6 5 4 Faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
7 478 900	7 162 500	5 517 443,89

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sehem tal-Parlament Ewropew tal-infiq organizzattiv u tal-forniment ta' servizzi għall-faċilitajiet interni li jieħdu ħsieb it-tfal kif ukoll għal dawk esterni li magħhom ikun hemm ftehim.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 4 250 000.

1 6 5 5 Kontribuzzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
445 600	295 000	300 000,—

*Kummenti*

Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4886 tal-1 ta' Awwissu 2013 dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-UE mħallsa fuq bażi prorata lill-iskejjel akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej skont in-numru ta' tfal tal-persunal tal-UE rreġistrati, li tiegħu post id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7719 tal-14 ta' Ottubru 2009 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 7993 tat-8 ta' Diċembru 2010 (ĠU C 222, 2.8.2013, p. 8).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej jew ir-rimborż tal-kontribuzzjoni mħallsa mill-Kummissjoni f'isem il-Parlament Ewropew għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej. Din tkopri l-ispejjeż relatati ma' ulied il-membri tal-persunal tal-Parlament Ewropew li jaqgħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal u li huma miktubin f'dawn l-iskejjel.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

IL-PARLAMENT EWROPEW

## TITOLU 2

## BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NEFQIET VARJI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV

## KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

## KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>2 0 0</b>	<b>KAPITOLU 2 0</b>				
	<b>Bini</b>				
2 0 0 0	Kirjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	35 948 000	37 169 000	32 913 005,98	91,56
2 0 0 1	Ħlasijiet ta' ċnus				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	13 000 000	p.m.	53 500 000,—	411,54
2 0 0 3	Akkwist ta' bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
2 0 0 5	Il-kostruzzjoni ta' bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	17 888 000	32 970 000	17 788 806,93	99,45
2 0 0 7	Sistemazzjoni fil-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	60 820 000	84 550 000	60 652 105,72	99,72
2 0 0 8	Ġestjoni tal-proprjetà speċifika				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 196 000	5 114 000	2 768 631,32	53,28
	<i>Artikolu 2 0 0 — Total</i>	132 852 000	159 803 000	167 622 549,95	126,17
<b>2 0 2</b>	<b>In-nefqa fuq il-bini</b>				
2 0 2 2	Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	57 450 000	59 440 000	51 216 628,33	89,15
2 0 2 4	Konsum tal-enerġija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	15 800 000	16 690 000	15 852 979,24	100,34
2 0 2 6	Sigurtà u sorveljanza tal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	18 670 000	18 420 000	16 231 922,34	86,94
2 0 2 8	Assikurazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 580 000	784 000	675 616,73	26,19
	<i>Artikolu 2 0 2 — Total</i>	94 500 000	95 334 000	83 977 146,64	88,86
	<b>KAPITOLU 2 0 — TOTAL</b>	<b>227 352 000</b>	<b>255 137 000</b>	<b>251 599 696,59</b>	<b>110,67</b>
<b>2 1 0</b>	<b>KAPITOLU 2 1</b>				
	<b>L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet</b>				
2 1 0 0	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Operazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	26 112 000	24 920 000	25 283 869,50	96,83
2 1 0 1	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Infrastruttura				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	19 355 000	18 382 000	17 647 112,94	91,18

**KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA (ikompli)**  
**KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI**

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>2 1 0</b>	<i>(ikompli)</i>				
2 1 0 2	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Aktivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Sostenn ġenerali lill-utenti				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	13 866 500	13 588 000	12 181 472,58	87,85
2 1 0 3	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Aktivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Applikazzjonijiet ICT				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	23 865 500	23 139 400	19 340 522,94	81,04
2 1 0 4	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fl-infras-trutturi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 615 000	22 023 500	20 450 327,81	99,20
2 1 0 5	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fil-proġetti				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	33 868 000	28 086 500	23 512 236,53	69,42
	<i>Artikolu 2 1 0 — Total</i>	137 682 000	130 139 400	118 415 542,30	86,01
<b>2 1 2</b>	<b>Għamara</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 680 000	6 005 000	2 113 970,90	37,22
<b>2 1 4</b>	<b>Materjal u installazzjonijiet tekniċi</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	32 453 500	29 356 100	27 969 260,66	86,18
<b>2 1 6</b>	<b>Trasport ta' Membri, persuni oħra u ta' beni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 728 000	4 534 000	5 651 673,50	151,60
	Riżervi (10 0)		p.m.		
		3 728 000	4 534 000	5 651 673,50	
	<b>KAPITOLU 2 1 — TOTAL</b>	179 543 500	170 034 500	154 150 447,36	85,86
	Riżervi (10 0)		p.m.		
		179 543 500	170 034 500	154 150 447,36	
	<b>KAPITOLU 2 3</b>				
<b>2 3 0</b>	<b>Kancellarja, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 449 500	1 440 500	1 370 433,69	94,55
<b>2 3 1</b>	<b>Tariffi finanzjarji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	60 000	40 000	25 001,—	41,67
<b>2 3 2</b>	<b>Spejjeż legali u ħsarat</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 010 000	1 110 000	520 518,18	51,54
<b>2 3 6</b>	<b>Servizzi postali u ta' ġarr</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	271 000	271 000	193 486,81	71,40
<b>2 3 7</b>	<b>Rilokazzjonijiet</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 490 000	1 434 000	1 167 643,97	46,89
<b>2 3 8</b>	<b>Nefqiet amministrattivi oħra</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 560 000	1 161 000	1 039 958,96	66,66
<b>2 3 9</b>	<b>L-attivitajiet tal-EMAS, inkluż il-promozzjoni, u l-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	262 500	262 500	104 374,20	39,76
	<b>KAPITOLU 2 3 — TOTAL</b>	7 103 000	5 719 000	4 421 416,81	62,25
	<b>Titolu 2 — Total</b>	<b>413 998 500</b>	<b>430 890 500</b>	<b>410 171 560,76</b>	<b>99,08</b>
	Riżervi (10 0)		p.m.		
		<b>413 998 500</b>	<b>430 890 500</b>	<b>410 171 560,76</b>	

IL-PARLAMENT EWROPEW

## TITOLU 2

## BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NEFQIET VARJI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV

*Kummenti*

Billi l-kumpaniji tal-assikurazzjoni m'għadhomx ikopru r-riskju ta' kunflitti industrijali u ta' attentati terroristiċi li għalihom huma esposti l-binjiet tal-Parlament Ewropew, dan għandu jkun kopert mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, l-approprijazzjonijiet stipulati f'dan it-titolu jkopru l-infiq kollu rigward ħsarat ikkawżati mill-kunflitti tax-xogħol u mill-attentati terroristiċi.

## KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

2 0 0 **Bini**

## 2 0 0 0 Kirjiet

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
35 948 000	37 169 000	32 913 005,98

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kirjiet marbuta ma' bini jew partijiet ta' bini okkupati mill-Parlament Ewropew.

Hija tkopri wkoll it-taxxa fuq il-proprjetà marbuta ma' dawn il-binjiet. Il-kirjiet jiġu kkalkulati fuq 12-il xahar u fuq il-bażi ta' kuntratti eżistenti jew li qed jitħejjew, li normalment jistipulaw indiċi fuq l-għoli tal-ħajja jew fuq il-prezz tal-bini.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 3 000 000.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew mill-aġenziji jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom fil-forma ta' finanzjament jew ħlas lura ta' spejjeż u ta' ħlasijiet assoċjati marbuta max-xiri jew użu ta' art jew ta' bini, kif ukoll ta' ħlasijiet fir-rigward ta' bini jew faċilitajiet tal-istituzzjoni, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat estern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## 2 0 0 1 Ħlasijiet ta' ċnus

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
13 000 000	p.m.	53 500 000,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet ta' ċnus marbuta ma' bini jew ma' partijiet ta' bini koperti minn kuntratti li jinsabu fis-seħħ jew kuntratti li qed jitħejjew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

**KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI** (ikompli)**2 0 0** (ikompli)**2 0 0 1** (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew mill-aġenziji jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom fil-forma ta' finanzjament jew ħlas lura ta' spejjeż u ta' ħlasijiet assoċjati marbuta max-xiri jew użu ta' art jew ta' bini, kif ukoll ta' ħlasijiet fir-rigward ta' bini jew faċilitajiet tal-istituzzjoni, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat estern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

**2 0 0 3** Akkwist ta' bini

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist ta' bini. Is-sussidji li jikkonċernaw l-artijiet u l-vijabilità tagħhom għandhom jiġu ttrattati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 13 000.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew mill-aġenziji jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom fil-forma ta' finanzjament jew ħlas lura ta' spejjeż u ta' ħlasijiet assoċjati marbuta max-xiri jew użu ta' art jew ta' bini, kif ukoll ta' ħlasijiet fir-rigward ta' bini jew faċilitajiet tal-istituzzjoni, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat estern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

**2 0 0 5** Il-kostruzzjoni ta' bini

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
17 888 000	32 970 000	17 788 806,93

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tilqa' r-reġistrazzjoni eventwali ta' appropriazzjoni għall-kostruzzjoni ta' bini (xogħlijiet, drittijiet tal-konsulenti, it-tgħammir u l-fornituri inizjali meħteġa biex il-bini jibda jopera u kull spiża relatata).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 1 000 000.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew mill-aġenziji jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom fil-forma ta' finanzjament jew ħlas lura ta' spejjeż u ta' ħlasijiet assoċjati marbuta max-xiri jew użu ta' art jew ta' bini, kif ukoll ta' ħlasijiet fir-rigward ta' bini jew faċilitajiet tal-istituzzjoni, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat estern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

IL-PARLAMENT EWROPEW

**KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI** (ikompli)**2 0 0** (ikompli)

2 0 0 7 Sistemazzjoni fil-bini

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
60 820 000	84 550 000	60 652 105,72

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' sistemazzjoni kif ukoll infiq ieħor marbut ma' dawn is-sistemazzjonijiet, b'mod partikulari l-ispejjeż għall-periti u għall-inġiniera, eċċ.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 600 000.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew mill-aġenziji jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom fil-forma ta' finanzjament jew ħlas lura ta' spejjeż u ta' ħlasijiet assoċjati marbuta max-xiri jew użu ta' art jew ta' bini, kif ukoll ta' ħlasijiet fir-rigward ta' bini jew faċilitajiet tal-istituzzjoni, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat estern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

2 0 0 8 Ġestjoni tal-proprjetà speċifika

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
5 196 000	5 114 000	2 768 631,32

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż f'dik li hi ġestjoni tal-proprjetà immobbli bini li mhumiex speċifikament previsti f'Artikoli oħra ta' dan il-Kapitolu, speċjalment għal:

- il-ġestjoni u t-trattament tal-iskart,
- l-ispezzjonijiet obbligatorji, spezzjonijiet tal-kwalità, perizji, verifikar, sorveljanza tal-konformità, eċċ.,
- il-librerija teknika,
- l-assistenza għall-ġestjoni (Helpdesk tal-Bini),
- l-immaniġġjar tal-pjanti tal-bini u tal-midja li jappoġġjaw id-dejta,
- l-ispejjeż l-oħra.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.



**KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI** (ikompli)**2 0 2 In-nefqa fuq il-bini**

## 2 0 2 2 Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
57 450 000	59 440 000	51 216 628,33

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' manutenzjoni, żamma, operat u tindif, skont il-kuntratti fis-seħħ, tal-bini (il-lokijiet u t-tagħmir tekniku) okkupat, b'kiri jew bi sjieda, mill-Parlament Ewropew.

Qabel it-tiġdid jew il-konklużjoni tal-kuntratti, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali (prezz, munita magħżula, indiciżazzjoni, tul, klawnsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom u bi qbil mal-Artikolu 104 tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 200 000.

## 2 0 2 4 Konsum tal-enerġija

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
15 800 000	16 690 000	15 852 979,24

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba b'mod partikulari biex tkopri l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tat-tisħin.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 150 000.

## 2 0 2 6 Sigurtà u sorveljanza tal-bini

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
18 670 000	18 420 000	16 231 922,34

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex essenzjalment tkopri l-ispejjeż tal-għassa u tas-sorveljanza tal-bini okkupat mill-Parlament Ewropew fit-tliet postijiet abitwali ta' xogħol u fl-uffiċċji tal-informazzjoni tiegħu fl-Unjoni kif ukoll fl-uffiċċji fil-pajjiżi terzi.

## IL-PARLAMENT EWROPEW

**KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI** (ikompli)**2 0 2** (ikompli)**2 0 2 6** (ikompli)

Qabel it-tiġdid jew il-konklużjoni tal-kuntratti, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali (prezz, munita magħżula, indiċizzazzjoni, tul, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom u bi qbil mal-Artikolu 104 tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 120 000.

**2 0 2 8** Assikurazzjoni

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 580 000	784 000	675 616,73

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' primjums tal-assikurazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

**KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA***Kummenti*

Fil-qasam tas-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali miksuba minn kull istituzzjoni individwali.

**2 1 0** **L-informatika u t-telekommunikazzjonijiet****2 1 0 0** Informatika u telekommunikazzjonijiet — Attivitàjiet rikorrenti tal-funzjonament — Operazzjonijiet

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
26 112 000	24 920 000	25 283 869,50

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni ta' hardware u ta' software u mal-assistenza esterna minn entitajiet ta' servizzi u konsulenti tal-informatika għal operazzjonijiet ta' attivitàjiet rikorrenti meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi informatiċi u ta' telekommunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Dawk l-ispejjeż jirrigwardaw partikolarment is-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u ta' telekommunikazzjonijiet, l-informatika dipartimentali u l-ġestjoni tan-network.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 300 000.

**KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA (ikompli)****2 1 0 (ikompli)****2 1 0 1 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Infrastruttura**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
19 355 000	18 382 000	17 647 112,94

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni ta' hardware u ta' software u mal-assistenza esterna minn entitajiet ta' servizzi u konsulenti tal-informatika għal operazzjonijiet ta' attivitajiet rikorrenti ta' ġestjoni u żamma tal-infrastrutturi relatati mas-sistemi informatiċi u ta' telekomunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Dawn l-ispejjeż jirrigwardaw partikolarment l-infrastruttura relatata manetworks, kejbils, telekomunikazzjoni, tagħmir individwali kif ukoll sistemi ta' votazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 67 000.

**2 1 0 2 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Sostenn ġenerali lill-utenti**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
13 866 500	13 588 000	12 181 472,58

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni ta' hardwer u ta' softwer u mal-assistenza esterna minn entitajiet ta' servizzi u konsulenti tal-informatika għal operazzjonijiet ta' attivitajiet rikorrenti ta' għajjnuna u ta' sostenn ġenerali lill-utenti fir-rigward tas-sistemi informatiċi u ta' telekomunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Dawn l-ispejjeż jirrigwardaw is-servizzi ta' sostenn għall-Membri Parlamentari u għall-utenti l-oħra, b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet amministrattivi, leġiżlattivi u dawk relatati mal-komunikazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

**2 1 0 3 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Applikazzjonijiet ICT**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
23 865 500	23 139 400	19 340 522,94

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq ix-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni tal-hardwer u tas-software u x-xogħol marbut magħhom, kif ukoll in-nefqa fuq l-assistenza ta' kumpaniji ta' servizzi u ta' konsulenti għall-attivitajiet rikorrenti ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet ICT fl-istituzzjoni. Dawn l-ispejjeż jirrigwardaw partikolarment l-applikazzjonijiet relatati mal-Membri, dawk relatati mal-komunikazzjoni, kif ukoll l-applikazzjonijiet amministrattivi u leġiżlattivi.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll l-ispejjeż rigward l-għodda tal-ICT ffinanzjati b'mod konġunt fil-qafas tal-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-lingwi, wara d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 32 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

**KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA (ikompli)****2 1 0** (ikompli)**2 1 0 4** Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fl-infrastrutturi

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
20 615 000	22 023 500	20 450 327,81

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri ta' ta' hardware u ta' software u mal-assistenza esterna minn entitajiet ta' servizzi u konsulenti tal-informatika għall-investimenti relatati mal-infrastruttura tas-sistema tal-informatika u ta' telekomunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. L-investimenti jirrigwardaw partikolarment is-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u ta' telekomunikazzjonijiet, in-netwerks, il-kejbils, kif ukoll is-sistemi ta' vidjokonferenzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 75 000.

**2 1 0 5** Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fil-proġetti

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
33 868 000	28 086 500	23 512 236,53

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri ta' hardwer u ta' softwer kif ukoll l-ispejjeż ta' assistenza ta' kumpaniji ta' servizzi u ta' konsulenza għall-investimenti relatati mal-proġetti ICT eżistenti jew ġodda. L-investimenti jirrigwardaw partikolarment applikazzjonijiet relatati mal-Membri Parlamentari, l-applikazzjonijiet tal-qasam leġiżlattiv, amministrattiv, finanzjarju u dak tal-komunikazzjoni, kif ukoll dawk relatati mal-governanza tal-ICT.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 25 000.

**2 1 2** **Għamara**

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
5 680 000	6 005 000	2 113 970,90

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' għamara, b'mod partikulari x-xiri ta' għamara ergonomika tal-uffiċini, is-sostituzzjoni ta' għamara antikwata u bla użu kif ukoll magni tal-uffiċini. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż differenti ta' ġestjoni tal-beni mobbli tal-Parlament Ewropew.

Rigward ix-xogħlijiet tal-arti, din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri kemm in-nefqa għall-akkwist u n-nefqa għax-xiri ta' materjal speċifiku, kif ukoll l-ispejjeż kurrenti marbuta magħhom, bħall-ispejjeż għal konsulenza, konservazzjoni, gwarniċi, restawr, tindif u assikurazzjoni, kif ukoll spejjeż għat-trasport okkażjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

**KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA (ikompli)****2 1 4 Materjal u installazzjonijiet tekniċi**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
32 453 500	29 356 100	27 969 260,66

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba għax-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi kif ukoll għall-ġestjoni tagħhom, b'mod partikolari:

- bosta tipi ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi, fissi jew mobbli, marbuta mal-pubblikazzjoni, is-sigurtà (inkluż is-software), il-kantins, il-bini, it-taħriġ tal-persunal, iċ-ċentri sportivi tal-istituzzjoni, eċċ.,
- tagħmir, b'mod partikolari tat-tipografija, tas-servizz tat-telefon, tal-kantins, tal-ħwienet, tas-sigurtà, tas-servizz tekniku tal-konferenzi, tas-settur awdjoviżiv, eċċ.,
- materjal speċjali (elettroniku, informatiku, elettriku) flimkien mas-servizzi esterni relatati.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż għar-riklamar għall-bejgħ mill-ġdid u għall-iskrappjar ta' oġġetti li m'għadhomx jaħdmu kif ukoll l-ispejjeż marbutin mal-assistenza teknika (konsultazzjoni) għal dossiers li jeħtieġu għarfien espert estern.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 235 000.

**2 1 6 Trasport ta' Membri, persuni oħra u ta' beni**

	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 1 6	3 728 000	4 534 000	5 651 673,50
Riżervi (10 0)		p.m.	
Total	3 728 000	4 534 000	5 651 673,50

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, iż-żamma, l-użu u t-tiswija ta' vetturi (il-flotta tal-karozzi u tar-roti) u l-kiri ta' vetturi, taksis, kowċis u trakkijiet, b'sewwieq jew mingħajru, inkluża l-assikurazzjoni li tikkorrespondi ma' dawn u spejjeż oħra ta' ġestjoni. Meta tiġġedded il-flotta tal-karozzi u meta jinxtrow jew jinkrew il-vetturi, tingħata preferenza għall-vetturi li l-inqas iħammġu, bħall-vetturi ibridi.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100 000.

**KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI***Kummenti*

Fil-qasam tas-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali miksuba minn kull istituzzjoni individwali.

IL-PARLAMENT EWROPEW

## KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI (ikompli)

**2 3 0 Kancellarja, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 449 500	1 440 500	1 370 433,69

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri ta' karti, invilopps, għamara tal-uffiċċini, prodotti għall-istamperija u għall-istudjows tar-riproduzzjoni, eċċ. kif ukoll l-ispejjeż ta' ġestjoni f'dan ir-rigward.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 10 000.

**2 3 1 Tariffi finanzjarji**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
60 000	40 000	25 001,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż bankarji (prijmjums, prijmjums ta' skambju, spejjeż diversi) u l-ispejjeż finanzjarji l-oħra, fosthom l-ispejjeż marbuta mal-iffinanzjar tal-bini.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

**2 3 2 Spejjeż legali u ħsarat**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 010 000	1 110 000	520 518,18

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- -ispejjeż li l-Parlament Ewropew jista' jiġi obbligat iħallas mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Qorti Ġenerali jew mill-qrati nazzjonali,
- in-nefġiet għas-servizzi ta' avukati esterni li jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew fit-Tribunali tal-Unjoni u nazzjonali, kif ukoll in-nefġiet għas-servizzi ta' konsulenti legali jew esperti biex jgħinu fis-servizz legali,
- ir-rifużjoni ta' spejjeż għas-servizzi ta' avukat fil-kuntest tal-proċeduri dixxiplinarji u simili,
- spejjeż ta' ħsarat u interessi,
- l-ammont ta' ħlasijiet approvati għal soluzzjoni ta' tilwimiet b'mod amikevoli, skont l-applikazzjoni tal-Kapitolu 11 ta' Titolu III tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

**KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI (ikompli)****2 3 6 Servizzi postali u ta' ġarr**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
271 000	271 000	193 486,81

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi postali, l-ipproċessar u l-kunsinna ta' oġġetti permezz tas-servizzi postali nazzjonali jew permezz ta' kumpaniji privati tal-ġarr.

Hija wkoll maħsuba biex tkopri servizzi pprovduti fil-qasam tal-posta.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat li huwa EUR 25 000.

**2 3 7 Rilokazzjonijiet**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 490 000	1 434 000	1 167 643,97

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xogħol tar-rilokazzjoni u tal-manutenzjoni magħmula permezz ta' kumpaniji ta' rilokazzjoni jew minn persunal temporanju pprovdut minn aġenziji esterni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 5 000.

**2 3 8 Nefqiet amministrattivi oħra**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 560 000	1 161 000	1 039 958,96

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-assikurazzjonijiet li mhumiex stipulati b'mod speċifiku f'xi punt ieħor,
- ix-xiri u l-kura ta' uniformijiet għall-ushers, għax-xufiera, għar-receptionists, għall-ħaddiema tal-imħażen, għall-persuni li jaħdmu fil-ġarr u l-persunal impjegati fis-Servizz ta' Żjarat u Seminars, il-Parlamentarium, is-servizzi mediċi, is-servizzi ta' sigurtà, is-servizzi ta' manutenzjoni tal-bini u servizzi ta' manutenzjoni tal-bini u servizzi tekniċi differenti,
- infig varju għall-operat u l-ġestjoni, inklużi l-ispejjeż ta' ġestjoni mħallsa lill-PMO fir-rigward tal-pensjonijiet statutorji tal-ex Membri, l-ispejjeż relatati mal-kontroll tas-sigurtà tal-persuni esterni li jaħdmu fil-bini jew fis-sistemi tal-Parlament Ewropew, ix-xiri ta' proprjetà mobbli jew ta' servizzi mhux speċifikament previsti f'partita oħra,
- xiri varju marbut mal-attivitajiet tal-Iskema ta' Ġestjoni Ekoloġika u Verifika (EMAS) (kampanji promozzjonali, eċċ.).

IL-PARLAMENT EWROPEW

## KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI (ikompli)

## 2 3 8 (ikompli)

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

2 3 9 **L-attivitajiet tal-EMAS, inkluż il-promozzjoni, u l-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
262 500	262 500	104 374,20

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża relatata mal-attivitajiet tal-EMAS li jfittxu li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-Parlament Ewropew, inkluż il-promozzjoni ta' dawn l-attivitajiet, u għall-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.



## TITOLU 3

## IN-NEFQA ĠENERALI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

## KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI

## KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODIZZJONI U DISSEMINAZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	<i>Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	29 673 000	25 370 000	26 050 083,46	87,79
3 0 2	<i>Nefqiet għal riċevimenti u rappreżentazzjoni</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 045 000	1 015 000	908 552,04	86,94
3 0 4	<i>Nefqiet varji għal laqgħat</i>				
3 0 4 0	Nefqiet varji għal laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 230 000	1 712 000	2 295 000,—	186,59
3 0 4 2	Laqgħat, kungressi, konferenzi u delegazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 515 000	2 570 000	1 745 262,16	69,39
3 0 4 9	Nefqa għall-aġenziji tal-ivjaġġar				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 230 000	2 160 000	2 040 000,—	91,48
	Artikolu 3 0 4 — Total	5 975 000	6 442 000	6 080 262,16	101,76
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	36 693 000	32 827 000	33 038 897,66	90,04
	KAPITOLU 3 2				
3 2 0	<i>Akkwist tal-opinjoni tal-esperti</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 200 350	9 211 500	6 461 534,48	78,80
3 2 1	<i>Infiq għas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, inklużi l-Biblijoteka u l-Arkivji storiċi</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	7 603 800	8 314 000	7 273 588,77	95,66
3 2 2	<i>Akkwist tal-informazzjoni u arkivjar</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 231 500	2 044 000	1 953 971,90	87,56
3 2 3	<i>Appoġġ għad-demokrazija u l-bini ta' kapaċità għall-parlamenti ta' pajjiżi terzi</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 230 000	1 175 000	667 638,48	54,28
3 2 4	<i>Prodizzjoni u tixrid</i>				
3 2 4 0	Il-Ġurnal Uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	830 000	4 500 000	4 771 838,68	574,92
3 2 4 1	Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 307 640	3 650 000	3 948 122,74	91,65
3 2 4 2	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni fmanifestazzjonijiet pubbliċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	25 410 000	10 580 000	16 286 376,98	64,09
3 2 4 3	Parlamentarium — Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 400 000	5 742 500	5 748 049,54	68,43

IL-PARLAMENT EWROPEW

**KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI (ikompli)**

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>3 2 4</b>	<i>(ikompli)</i>				
3 2 4 4	L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	32 491 000	30 845 000	29 213 247,67	89,91
3 2 4 5	L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 649 100	4 466 000	4 958 082,37	135,87
3 2 4 6	Komunikazzjoni bil-vidjo u multimedjali tal-Parlament Ewropew				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 420 000	4 600 000	4 508 377,59	102,00
3 2 4 7	Id-Dar tal-Istorja Ewropea				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 000 000	7 470 000	4 923 830,38	82,06
3 2 4 8	In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	17 920 000	14 490 000	15 019 157,40	83,81
3 2 4 9	Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	205 000	250 000	111 423,44	54,35
	<i>Artikolu 3 2 4 — Total</i>	103 632 740	86 593 500	89 488 506,79	86,35
<b>3 2 5</b>	<b><i>In-Nefqa relatata mal-Uffiċċji tal-Infommazzjoni</i></b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	7 800 000	900 000	831 104,62	10,66
<b>3 2 6</b>	<b><i>Ċentru Medjatiku Ewropew għax-Xjenza</i></b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	800 000	p.m.		
	<b>KAPITOLU 3 2 — TOTAL</b>	<b>131 498 390</b>	<b>108 238 000</b>	<b>106 676 345,04</b>	<b>81,12</b>
	<b>Titolu 3 — Total</b>	<b>168 191 390</b>	<b>141 065 000</b>	<b>139 715 242,70</b>	<b>83,07</b>

## TITOLU 3

## IN-NEFQA ĠENERALI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

## KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI

3 0 0 *Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
29 673 000	25 370 000	26 050 083,46

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-ivvjaġġar magħmul mill-persunal tal-istituzzjoni, mill-esperti nazzjonali sekondati, trainees u persunal ta' istituzzjonijiet Ewropej jew internazzjonali oħra mistiedna mill-istituzzjoni mill-post tal-impieg lejn xi wieħed mit-tliet postijiet ta' xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu) u għal missjonijiet lejn kull post ieħor barra mit-tliet postijiet ta' xogħol. L-ispejjeż huma spejjeż tat-trasport, il-ħlas ta' allowances ta' kuljum, l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u l-allowances ta' kumpens għal xogħol li jsir barra l-ħinijiet normali. Spejjeż supplimentari (fosthom il-kanċellazzjoni ta' biljetti tat-trasport u ta' riżervazzjonijiet ta' lukandi, l-ispejjeż marbuta mas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika, l-ispejjeż marbuta mal-assikurazzjoni għall-missjonijiet) huma koperti wkoll.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq marbut mal-possibilità ta' kumpens għall-emissjoni tal-karbonju għall-missjonijiet u vjaġġar tal-istaff.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 240 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu u l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tiegħu.

3 0 2 *Nefqiet għal riċevimenti u rappreżentazzjoni*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 045 000	1 015 000	908 552,04

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-infiq marbut mal-obbligi tal-istituzzjoni rigward riċevimenti, inklużi dawk marbuta mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi (STOA), ta' attivitajiet ta' prospettiva oħrajn, kif ukoll spejjeż ta' rappreżentanza għall-Membri tal-Parlament Ewropew,

— l-ispejjeż ta' rappreżentanza tal-President fil-vjaġġi tiegħu barra mill-postijiet tax-xogħol,

## IL-PARLAMENT EWROPEW

## KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI (ikompli)

## 3 0 2 (ikompli)

- l-ispejjeż ta' rappreżentanza u kontribuzzjoni għall-infiq tas-segretarjat tal-uffiċċju tal-President,
- l-ispejjeż ta' riċeviment u ta' rappreżentanza tas-Segretarjat Ġenerali, fosthom ix-xiri ta' artikoli u ta' medalji għall-uffiċċjali li laħqu l-ħmistax u/jew il-ħamsa u għoxrin sena ta' servizz,
- l-ispejjeż diversi tal-protokoll, bħal bnadar, apparat tal-wiri, kartolini ta' stedina, stampar ta' menus, eċċ.,
- spejjeż ta' vvaġġar u sussistenza li jkollhom il-viżitaturi VIP tal-istituzzjoni,
- l-ispejjeż tal-viża tad-deputati u l-aġenti tal-Parlament Ewropew relatati mal-vjaġġi uffiċċjali,
- l-ispejjeż għal riċevimenti u rappreżentazzjoni u l-ispejjeż l-oħra speċifiċi għall-Membri li għandhom funzjoni uffiċċjali fi ħdan il-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

3 0 4 **Nefqiet varji għal laqgħat**

## 3 0 4 0 Nefqiet varji għal laqgħat interni

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 230 000	1 712 000	2 295 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' xarbiel, u kultant ikliet ħfief, servuti fil-laqgħat tal-Parlament Ewropew jew waqt laqgħat interistituzzjonali organizzati fil-binjiet tiegħu, kif ukoll il-ġestjoni ta' dawn is-servizzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

## 3 0 4 2 Laqgħat, kongressi, konferenzi u delegazzjonijiet

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 515 000	2 570 000	1 745 262,16

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri partikolarment l-ispejjeż, barra minn daww koperti mill-Kapitolu 1 0 u mill-artikolu 3 0 0, marbuta:

- mal-organizzazzjoni ta' laqgħat barra mill-postijiet tax-xogħol (kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi), inklużi, fejn xieraq, spejjeż ta' rappreżentanza,
- mal-organizzazzjoni tad-delegazzjonijiet interparlamentari, tad-delegazzjonijiet *ad hoc*, tal-kumitati parlamentari konġunti, tal-kumitati parlamentari ta' kooperazzjoni u tad-delegazzjonijiet parlamentari għad-WTO, kif ukoll il-konferenza parlamentari dwar id-WTO u tal-kumitat ta' tmexxija tagħha.

**KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI** (ikompli)**3 0 4** (ikompli)

3 0 4 2 (ikompli)

— mal-organizzazzjoni tad-delegazzjonijiet għall-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, tal-Assemblea Parlamentari EuroLat, tal-Assemblea Parlamentari Euronest u tal-korpi tagħhom,

F'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju, dawn it-tariffi tal-immaniġġar għandhom jiġu assimilatati fid-dħul assenjat matul il-ħajja tal-fond fiduċjarju tal-UE.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 187(7) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu.

**6 3 5 Kontribuzzjoni għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli — Dħul assenjat**

6 3 5 0 Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp lill-EFSD — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp lill-EFSD.

Skont l-Artikolu 21 (2) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovi approprijazzjonijiet addizzjonali biex jiffinanzjaw l-ispiża li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

**KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI (ikompli)****6 3 5** (ikompli)

6 3 5 0 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

6 3 5 1 Kontribuzzjonijiet minn Stati Membri, inklużi l-aġenziji tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lill-EFSD — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri, inklużi l-aġenziji tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lill-EFSD.

Skont l-Artikolu 21 (2) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprijazzjonijiet addizzjonali biex jiffinanzjaw l-ispiża li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

6 3 5 2 Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi, inklużi l-aġenziji tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lill-EFSD Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi, inkluż l-aġenziji tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lill-EFSD.

Skont l-Artikolu 21 (2) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprijazzjonijiet addizzjonali biex jiffinanzjaw l-ispiża li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI (ikompli)****6 3 5** (ikompli)

6 3 5 2 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

6 3 5 3 Kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali lill-EFSD — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn organizzazzjonijiet internazzjonali lill-Fond ta' Garanzija EFSD.

Skont l-Artikolu 21 (2) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprijazzjonijiet addizzjonali biex jifinanzjaw l-ispiża li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

**KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MINN STRUMENTI FINANZJARJI****6 4 1** ***Kontribuzzjonijiet minn strumenti finanzjarji — Dħul assenjat***

6 4 1 0 Kontribuzzjonijiet minn strumenti finanzjarji — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.		

*Kummenti**Partita ġdida*

Dħul, inklużi dividendi, gwadanji kapitali, tariffi ta' garanzija u imgħax fuq self u fuq ammonti ta' kontijiet fiduċjarji mħallsin lura lill-Kummissjoni jew kontijiet fiduċjarji miftuħa għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni taħt strument finanzjarju.

**KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MINN STRUMENTI FINANZJARJI** (ikompli)**6 4 1** (ikompli)

6 4 1 0 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 605 final).

6 4 1 1 Kontribuzzjonijiet minn strumenti finanzjarji (Rimborsi) – Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti**Partita ġdida (eks partita 6341)*

Ir-rimborsi annwali, inklużi r-rimborsi kapitali, il-garanziji rilaxxati u rimborsi tal-kapital tas-self, imħallsin lura lill-Kummissjoni jew lill-kontijiet fiduċjarji miftuħin għall-istrumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont strument finanzjarju, għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jintużaw għall-istess strument finanzjarju, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 140(9) ta' dak ir-Regolament, għal perjodu mhux itwal mill-perjodu tal-appropriazzjonijiet ta' impenn magħduda miegħu sentejn, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'att bażiku.

Din il-Partita hija wżata wkoll biex jiġu rreġistrati rimborsi li jirriżultaw minn tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Istrument.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

## KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MINN STRUMENTI FINANZJARJI (ikompli)

6 4 1 (ikompli)

6 4 1 1 (ikompli)

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 605 final).

6 4 2 **Kontribuzzjonijiet minn strumenti finanzjarji — Dħul mhux assenjat**

6 4 2 0 Kontribuzzjonijiet minn strumenti finanzjarji — Dħul

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
25 000 000		

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Dħul, inkluż dividendi, gwadanji kapitali, tariffi ta' garanzija u mgħax fuq self u fuq ammonti ta' kontijiet fiduċjarji mħallsin lura lill-Kummissjoni jew kontijiet fiduċjarji miftuħa għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni taħt strument finanzjarju se jiddaħħlu fil-baġit wara li jsir tnaqqis fl-ispejjeż u fit-tariffi tal-immaniġġar.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

**KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MINN STRUMENTI FINANZJARJI** (ikompli)**6 4 2** (ikompli)

6 4 2 0 (ikompli)

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 605 final).

6 4 2 1 Kontribuzzjonijiet minn strumenti finanzjarji – Rimborsi

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
25 000 000		

*Kummenti**Partita ġdida*

Ir-rimborsi annwali, inklużi r-rimborsi kapitali, il-garanziji rilaxxati u rimborsi tal-kapital tas-self, imħallsin lura lill-Kummissjoni jew lill-kontijiet fiduċjarji miftuħin għall-istrumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit skont strument finanzjarju, jekk huwa speċifikat hekk f'att bażiku, ma għandux jiġi meqjus bħala dħul assenjat intern.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 605 final).

## KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

6 5 1 **Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodi ta' pprogrammar qabel is-sena 2000**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	12 003 509,60

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub sabiex jilqa' korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) — Taqsima Gwida, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIGF), u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), relatati mal-perjodi ta' pprogrammar ta' qabel is-sena 2000.

L-ammonti allokatu għal dan l-Artikolu għandhom, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' għajjnuna kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/99, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kull leġislazzjoni li kienet tapplika għal din l-għajjnuna fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'hekk għandha tapplika għal dik l-għajjnuna jew il-proġetti kkonċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti kkonċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kull leġislazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effikaċja tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħrajn (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 f'dak li għandu x'jaqsam mal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti bejniethom u mal-operat tal-Bank Ewropew tal-Investment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstabilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4256/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar it-Taqsima Gwida tal-EAGGF (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2080/93 tal-20 ta' Lulju 1993 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-istrument finanzjarju tal-gwida tas-sajd (ĠU L 193, 31.07.1993, p. 1).



**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (ikompli)****6 5 1** (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u partikolarment l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

**6 5 2 Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006 — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	35 407 317,64

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jinkludi korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) — Taqsima Gwida, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), u l-Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (SAPARD) b'rabta mal-perjodu ta' programmar 2000-2006 u l-Istrument Tranżitorju għall-Iżvilupp Rurali (STŻR) ffinanzjat mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG.

L-ammonti allokati għal dan l-Artikolu għandhom, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' għajnuna kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/99, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kull leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal din l-għajnuna fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'hekk għandha tapplika għal dik l-għajnuna jew il-proġetti kkonċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti kkonċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kull leġiżlazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI** (*ikompli*)**6 5 2** (*ikompli*)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u partikolarment l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-għajnuna mill-Komunità għal miżuri ta' qabel l-Adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u ta' lvant matul il-perjodu ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Ġunju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13/08/1999, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13/08/1999, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar il-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU L 64, 6.3.2001, p. 13).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1386/2002 tad-29 ta' Lulju 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-għajnuna mogħtija taħt il-Fondi ta' Koeżjoni u l-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2004 tal-5 ta' Jannar 2004 li jwaqqaf ir-regoli dettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri tal-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u s-Slovakkja (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 86).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2004 tat-28 ta' Jannar 2004 li jstipula r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 rigward il-miżuri ta' żvilupp rurali tranżitorji applikabbli għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

## KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (ikompli)

6 5 3 **Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jakkomoda korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES), u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

L-ammonti allokatu għal dan l-Artikolu jstgħu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konkernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kull leġiżlazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

6 5 4 **Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jakkomoda korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd (FEMS), il-Fond għall-Għajjnuna Ewropea għall-Aktar Foqra (FEAD) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020.

## KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (ikompli)

## 6 5 4 (ikompli)

L-ammonti allokatu għal dan l-Artikolu għandhom, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.03.2014, p. 11).

## KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA

6 6 0 **Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra**

## 6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra assenjati — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	567 796 492,88

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali biex tkun iffinanzjata n-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

## 6 6 0 1 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra nonassenjati

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
60 000 000	60 000 000	3 492 703,59

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex takkomoda kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li ma jintużax, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIĠWARDA L-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI**
**6 7 0 Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija**
**6 7 0 1 Approvazzjoni ta' kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	1 593 690 104,14

**Kummenti**

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti li joħorġu minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (Taqsima Garanzija) fl-Intestatura I tal-Perspettivi Finanzjarji 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fl-Intestatura 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 u 2014-2020 skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Hija tinkludi korrezzjonijiet relatati man-nuqqas ta' konformità mal-iskadenzi tal-ħlasijiet skont l-Artikolu 40 ta' dak ir-Regolament.

Din il-partita hija maħsuba wkoll biex takkomoda ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet tal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika favur il-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tan-nefqa finanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 320/2006 li ntemm fit-30 ta' Settembru 2012.

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit tal-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima.

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat li huwa ta' EUR 1 343 900 000, inklużi l-EUR 610 000 000 li għandhom jiġu riportati mill-2017 għall-2018, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Finanzjarju. Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2018, ġie kkunsidrat ammont ta' EUR 400 000 000 biex jiġu ffinanzjati l-ħtiġijiet relatati mal-miżuri skont l-Artikolu 05 02 08 (il-Partita 05 02 08 03) u l-ammont li kien fadal ta' EUR 943 900 000 ġie kkunsidrat biex jiġu ffinanzjati l-ħtiġijiet relatati mal-miżuri skont l-Artikolu 05 03 01 (il-Partita 05 03 01 10).

**Bażi ġuridika**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

**6 7 0 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	118 371 446,59

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIĠWARDA L-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (ikompli)

6 7 0 (ikompli)

6 7 0 2 (ikompli)

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inklużi l-interessi relatati, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u interessi riċevuti, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji miċħuda fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (Taqsimha Gwida) fl-Intestatura 1 tal-Perspettivi Finanzjarji 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), fl-Intestatura 2 tal-qafas pluriennali finanzjarju tal-2007-2013 u tal-2014-2020 skont l-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Din il-partita hi maħsuba wkoll biex takkomoda l-ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew żbalji, inklużi interessi, penali u titoli akkwistati, li jirriżultaw min-nefqa ffinanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 320/2006, li ntemmet fit-30 ta' Settembru 2012.

Din il-partita hija wkoll maħsuba biex takkamoda l-ammonti netti rkuprati li għalihom l-Istati Membri jistgħu jżommu 20 % kif stipulat fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikolu 43 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprijazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit tal-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsimha.

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat fil-valur ta' EUR 132 000 000. Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2018, dan l-ammont ittieħed f'kunsiderazzjoni għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01 10.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 0 3 Superlevy minn produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	815 080 221,22

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (ikompli)

**6 7 0** (ikompli)

6 7 0 3 (ikompli)

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti li jkunu relatati mal-imposta fuq l-ammont żejjed li tapplika għas-sistema tal-kwoti tal-ħalib li jinġabru jew jiġu rkuprati skont it-Taqsima III tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, b'mod partikolari l-Artikolu 78 tiegħu.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

L-imposta addizzjonali fuq il-ħalib inġabret u ġie ddikjarata mill-Istati Membri għall-aħħar darba fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2016 wara li ntemmet is-sistema ta' kwoti tal-ħalib fis-sena kalendarja 2015. Kull dħul taħt din il-partita jkun jikkonċerna biss ir-regolarizzazzjoni ta' ċerti fajls, li ma jistgħux isiru stimi dwarhom minn qabel, u jintuża għall-finanzjament tal-ħtiġijiet marbuta mal-miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01 (il-Partita 05 03 01 10).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

**6 7 1 Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**

6 7 1 1 Approvazzjoni ta' kontijiet Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	329 084 729,99

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti li jirriżultaw minn deċizzjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni fil-kuntest tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-FAEŻR skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. L-ammonti marbuta mal-ħlas lura ta' ħlasijiet fuq il-kont skont il-FAEŻR huma wkoll irreġistrati f'din il-partita.

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIĠWARDA L-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (ikompli)**6 7 1** (ikompli)

6 7 1 1 (ikompli)

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit fil-FAEŻR.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2018, l-ebda ammont speċifiku ma kien previst għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 1 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	8 752 186,37

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inklużi l-interessi relatati, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u interessi miġbura, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji ċeduti fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-FAEŻR skont l-Artikoli 54 u 56 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit fil-FAEŻR.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2018, l-ebda ammont speċifiku ma kien previst għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.



**KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (*ikompli*)

**6 7 1** (*ikompli*)

6 7 1 2 (*ikompli*)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KUMMISSJONI

## TITOLU 7

## MGĦAX TA' INADEMPJENZA U PENALI

## KAPITOLU 7 0 — MAGHX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ PENALI

## KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 7 0				
<b>7 0 0</b>	<b>Mgħax ta' inadempjenza</b>				
7 0 0 0	L-imgħax ta' inadempjenza rigward ir-riżorsi proprji li jitpoġġa għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri	5 000 000	5 000 000	24 228 921,70	484,58
7 0 0 1	Mgħax ta' inadempjenza ieħor	p.m.	p.m.	1 142 720,28	
	<i>Artikolu 7 0 0 — Total</i>	5 000 000	5 000 000	25 371 641,98	507,43
<b>7 0 1</b>	<b>L-imgħax marbut mal-multi u mal-pagamenti ta' penali</b>	10 000 000	15 000 000	52 134 205,13	521,34
<b>7 0 2</b>	<b>Mgħax fuq depożiti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat</b>	p.m.	p.m.	0,—	
<b>7 0 9</b>	<b>Mgħax ieħor</b>	p.m.	p.m.		
	<b>KAPITOLU 7 0 — TOTAL</b>	15 000 000	20 000 000	77 505 847,11	516,71
	KAPITOLU 7 1				
<b>7 1 0</b>	<b>Multi, pagamenti ta' penali perjodiċi u penali oħrajn b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni</b>	100 000 000	3 210 000 000	2 961 185 957,47	2 961,19
<b>7 1 1</b>	<b>Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kawża tan-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat</b>	p.m.	p.m.	136 784 800,—	
<b>7 1 2</b>	<b>Multi imposti għall-frodi u għall-irregolaritajiet li jkunu ta' dannu għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni</b>	p.m.	p.m.		
<b>7 1 3</b>	<b>Multi fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat</b>	p.m.	p.m.	0,—	
<b>7 1 9</b>	<b>Pagamenti ta' multi u penali oħrajn</b>				
7 1 9 0	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn — Dħul assenjat	p.m.	p.m.		
7 1 9 1	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati	p.m.	p.m.	2 075,02	
	<i>Artikolu 7 1 9 — Total</i>	p.m.	p.m.	2 075,02	
	<b>KAPITOLU 7 1 — TOTAL</b>	100 000 000	3 210 000 000	3 097 972 832,49	3 097,97
	<b>Titolu 7 — Total</b>	<b>115 000 000</b>	<b>3 230 000 000</b>	<b>3 175 478 679,60</b>	<b>2 761,29</b>

## TITOLU 7

## MGĦAX TA' INADEMPJENZA U PENALI

## KAPITOLU 7 0 — MAGHX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ PENALI

7 0 0 *Mgħax ta' inadempjenza*

7 0 0 0 L-imgħax ta' inadempjenza rigward ir-riżorsi proprji li jitpoġġa għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
5 000 000	5 000 000	24 228 921,70

*Kummenti*

Kwalunkwe dewmien minn Stat Membru biex jagħmel l-entrata fil-kont miftuħ fisem il-Kummissjoni, imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 jagħti lok għall-ħlas tal-imgħax mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, l-irkupru ta' ammonti ta' imgħax li jkunu inqas minn EUR 500 għandu jiġi rrinunzjat.

Għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING, l-imgħax għandu jkun pagabbli biss fir-rigward ta' dewmien biex jiddaħħlu l-ammonti msemmija fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

Fil-każ ta' Stati Membri li jagħmlu parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata kif ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun applika għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid fl-ewwel jum tax-xahar li fih tkun ħabtet id-data dovuta, jew 0 fil-mija, skont liema tkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien.

Fil-każ ta' Stati Membri li ma jagħmlux parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata applikata mill-banek ċentrali fl-ewwel jum tax-xahar inkwistjoni għall-operazzjonijiet ewlenin tagħhom ta' finanzjament mill-ġdid, jew 0 fil-mija, skont liema tkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Għall-Istati Membri li ma jkollhomx disponibbli r-rata tal-bank ċentrali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata l-aktar ekwivalenti applikata fl-ewwel jum tax-xahar inkwistjoni fis-suq monetarju tal-Istat Membru, jew 0 fil-mija, skont liema tkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien.

Iż-żieda totali ma għandhiex taqbeż is-16-il punt perċentwali. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewmien.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

7 0 0 1 Mgħax ta' inadempjenza ieħor

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	1 142 720,28

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 7 0 — MAGHX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ PENALI** (ikompli)**7 0 0** (ikompli)

7 0 0 1 (ikompli)

*Kummenti*

Dan il-partita hija maħsuba biex jiġi rreġistrat l-imgħax ta' inadempjenza fuq intitolamenti li ma jinkludux ir-riżorsi proprji.

*Bażi ġuridika*

Ftehma dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tal-Protokoll 32 tagħha.

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25), u b'mod partikolari l-Artikolu 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

**7 0 1** *L-imgħax marbut mal-multi u mal-pagamenti ta' penali*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
10 000 000	15 000 000	52 134 205,13

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra l-imgħax miġmugħ minn kontijiet speċjali għall-multi u l-imgħax ta' inadempjenza marbut mal-multi u mal-pagamenti ta' penali, inklużi l-pagamenti ta' penali marbutin mal-Istati Membri.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

**KAPITOLU 7 0 — MAGHX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ PENALI (ikompli)****7 0 1** (ikompli)

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

**7 0 2** *Mgħax fuq depożiti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jilqa' l-imgħax fuq id-depożiti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni.

Skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

**7 0 9** *Mgħax ieħor*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jilqa' kull mgħax ieħor possibbli marbut ma' pagament tard u mhux elenkat fil-Kapitolu 7 0, u li jkun dovut biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali meta ma jkunx iġġustifikat li tinħoloq linja baġitarja speċifika.

**KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI****7 1 0** *Multi, pagamenti ta' penali perjodiċi u penali oħrajn b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
100 000 000	3 210 000 000	2 961 185 957,47

## KUMMISSJONI

## KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI (ikompli)

## 7 1 0 (ikompli)

## Kummenti

Il-Kummissjoni tista' timponi multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra fuq impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi għaliex ma jkunux irrispettaw il-projbizzjonijiet jew ma jkunux wettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti numerati hawn taħt jew skont l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Normalment il-multi għandhom jitħallsu fi żmien tliet xhur minn meta tiġi nnotifikata d-deċizzjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma tiġborx l-ammont dovut meta l-impriża tkun ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Sad-data finali għall-pagament, l-impriża trid jew tagħti pagament proviżorju lill-Kummissjoni, inkella tagħtiha garanzija finanzjarja li tkopri kemm il-kapital tad-dejn kif ukoll l-imgħax jew il-ħlas addizzjonali.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

## 7 1 1

**Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kawża tan-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	1 36 784 800,—

## Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub għar-reġistrazzjoni tal-ħlasijiet ta' penali u ħlasijiet f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kawża tan-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat.

## Bażi ġuridika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 260(2) tiegħu.

## KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI (ikompli)

7 1 2 **Multi imposti għall-frodi u għall-irregolaritajiet li jkunu ta' dannu għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jilqa' kwalunkwe penali possibbli li jirriżultaw minn miżuri li tkun haċet il-Kummissjoni biex tidrizza irregolaritajiet li nstabu fil-qafas tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014–2020 (Dwana 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni 624/2007/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 209).

7 1 3 **Multi fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jilqa' multi fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni.

Skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat, u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1);

Ir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8);

7 1 9 **Pagamenti ta' multi u penali oħrajn**7 1 9 0 **Pagamenti ta' multi u penali oħrajn — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

## KUMMISSJONI

## KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI (ikompli)

7 1 9 (ikompli)

7 1 9 0 (ikompli)

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' kull dħul li ma jidhrix f'partijiet oħra tat-Titolu 7 li jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

7 1 9 1 Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	2 075,02

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tilqa' kull dħul, mhux previst f'partijiet oħra tal-Artikolu 7 1 0, li ma jintuża x f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.



## TITOLU 8

## OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI

**KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI**

**KAPITOLU 8 1 — SELFJET MOGĦTIJIN MILL-KUMMISSJONI**

**KAPITOLU 8 2 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-PAJJIŻI TERZI**

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 8 0				
8 0 0	Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b' self mill-Unjoni bħala sostenn għall-bilanċ tal-pagamenti	p.m.	p.m.	0,—	
8 0 1	Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b' self mill-Euratom	p.m.	p.m.	0,—	
8 0 2	Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud biex tingħata assistenza finanzjarja skont il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 1				
8 1 0	Rimborsi kapitali u mgħax fir-rigward ta' selfiet speċjali u kapital ta' riskju mogħti fil-qafas ta' kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi terzi Mediterranji	p.m.	p.m.	35 170 433,24	
8 1 3	Rimborsi kapitali u mgħax fir-rigward ta' self u kapital ta' riskju mogħti mill-Kummissjoni lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fir-reġjun Mediterranju u fl-Africa t'Isfel fl-ambitu tal-operazzjoni tas-Sħab tal-Investment tal-Komunità Ewropea	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	35 170 433,24	
	KAPITOLU 8 2				
8 2 7	Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-programmi ta' teħid b' self ikkuntrattati mill-Unjoni sabiex tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi	p.m.	p.m.	0,—	
8 2 8	Garanzija għal teħid b' self mill-Euratom biex jittejjeb il-livell ta' effiċjenza u tas-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant u l-Commonwealth ta' Stati Indipendenti	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 8 3 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELFJET MOGĦTIJA MINN STABILIMENTI FINANZJARJI LILL-PAJJIŻI TERZI****KAPITOLU 8 5 — DĦUL MINN KONTRIBUZZJONIJIET MINN KORPI TA' GARANZIJA**

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 8 3				
8 3 5	<i>Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal selfjet mill-Bank Ewropew tal-Investment lil pajjiżi terzi</i>	p.m.	p.m.	0,—	
8 3 6	<i>Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD)</i>	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 8 3 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 5				
8 5 0	<i>Dividendi mħallsa mill-Fond Ewropew tal-Investment</i>	6 186 061	6 928 960	6 164 043,—	99,64
	KAPITOLU 8 5 — TOTAL	6 186 061	6 928 960	6 164 043,—	99,64
	<b>Titolu 8 — Total</b>	<b>6 186 061</b>	<b>6 928 960</b>	<b>41 334 476,24</b>	<b>668,19</b>

**TITOLU 8****OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI****KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI****8 0 0 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni bħala sostenn għall-bilanċ tal-pagamenti**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Il-garanzija tal-Unjoni hija għal self li sar fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont ta' kapital ta' self li mbgħad jista' lill-Istati Membri huwa limitat għal EUR 50 000 000 000.

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward tal-garanzija skont l-Artikolu 01 02 02, iżda dan il-dħul m'għandux jitnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 02 02 tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsim.

**8 0 1 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Euratom**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward tal-garanzija skont l-Artikolu 01 04 03, iżda dan il-dħul m'għandux jitnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 04 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI** (ikompli)**8 0 2 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud biex tingħata assistenza finanzjarja skont il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Il-garanzija tal-Unjoni hija għal self li sar fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont pendenti ta' self jew ta' linji ta' kreditu li għandhom jingħataw lill-Istati Membri għandhom ikunu fil-limiti stipulati fil-bażi ġuridika.

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċitar ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont l-Artikolu 01 02 03, sakemm dan id-dħul ma tnaqqasx min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 02 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

**KAPITOLU 8 1 — SELFJET MOGĦTIJIN MILL-KUMMISSJONI****8 1 0 Rimborsi kapitali u mgħax fir-rigward ta' selfjet speċjali u kapital ta' riskju mogħti fil-qafas ta' kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi terzi Mediterranji**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	35 170 433,24

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra r-rimborżi kapitali u l-pagamenti ta' interessi fuq self speċjali u kapital ta' riskju mogħtija mill-approprijazzjonijiet fil-Kapitoli 22 02 u 22 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim lil pajjiżi terzi Mediterranji.

Tkopri wkoll rimborsi kapitali u pagamenti tal-imgħax fuq selfjet speċjali u kapital ta' riskju mogħtija lil ċerti Stati Membri Mediterranji li, madankollu, jirrappreżentaw proporzjon żgħir ħafna tal-ammont ġenerali. Is-selfjet/kapital tar-riskju ngħataw fi żmien meta l-pajjiżi kienu għadhom ma' ssieħbux fl-Unjoni.

Id-dħul miksub b'mod normali jeċċedi l-ammonti mbassra fil-baġit minħabba l-ħlas tal-interessi fuq self speċjali li jista' xorta waħda jinħareġ matul is-sena finanzjarja preċedenti kuf ukoll matul is-sena finanzjarja kurrenti. L-interessi fuq is-self speċjali u l-kapital tar-riskju jiġi ċċarġjat mill-mument li jinħareġ is-self, l-interessi fuq is-self speċjali jitħallas bin-nifs kull sitt xhur u ġeneralment l-interessi fuq il-kapital tar-riskju kull sena.

Din il-partita tista' takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju dħul assenjat li jintuża biex jipprovdi approprijazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

**KAPITOLU 8 1 — SELFIET MOGĦTIJIN MILL-KUMMISSJONI** (ikompli)**8 1 0** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika ara l-kummenti għall-Kapitoli 22 02 u 22 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

**8 1 3** **Rimborżi kapitali u mgħax fir-rigward ta' self u kapital ta' riskju mogħti mill-Kummissjoni lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fir-reġjun Mediterranju u fl-Africa t'Isfel fl-ambitu tal-operazzjoni tas-Sħab tal-Investment tal-Komunità Ewropea**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra rimborżi u pagamenti ta' interessi fuq self u kapital ta' riskju mogħti mill-appropriazzjonijiet fl-Artikoli 21 02 51 u 22 04 51 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim skont l-operazzjoni tas-Sħab ta' Investment tal-Unjoni Ewropea.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Għall-bażi ġuridika, ara wkoll il-kummenti għall-Artikoli 21 02 51 u 22 04 51 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

**KAPITOLU 8 2 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-PAJJIŻI TERZI****8 2 7** **Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-programmi ta' teħid b'self ikkuntrattati mill-Unjoni sabiex tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont l-Artikolu 01 03 03, iżda dan id-dħul m'għandux ikun imnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 03 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 8 2 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-PAJJIŻI TERZI (ikompli)****8 2 8 Garanzija għal teħid b'self mill-Euratom biex jittejjeb il-livell ta' effiċjenza u tas-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-ivant u l-Commonwealth ta' Stati Indipendenti**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul li ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont l-Artikolu 01 03 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, iżda dan id-dħul m'għandux ikun imnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 03 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

**KAPITOLU 8 3 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELFJET MOGĦTIJA MINN STABILIMENTI FINANZJARJI LILL-PAJJIŻI TERZI****8 3 5 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal selfjet mill-Bank Ewropew tal-Investment lil pajjiżi terzi**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu hu maħsub biex jirreġistra kull dħul li joħroġ mill-eżerċizzju tad-drittijiet f'rabta ma' garanzija skont l-Artikolu 01 03 05 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 03 05 tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsim.

**8 3 6 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD)**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	

**KAPITOLU 8 3 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELFJET MOGĦTIJA MINN STABILIMENTI FINANZJARJI LILL-PAJJIŻI TERZI (ikompli)**

**8 3 6** (ikompli)

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet li għandhom x'jaqsmu ma' garanzija taħt l-Artikolu 01 03 07 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsimha dejjem jekk dan id-dħul ma ġiex imnaqqas mill-infiq.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

**KAPITOLU 8 5 — DĦUL MINN KONTRIBUZZJONIJIET MINN KORPI TA' GARANZIJA**

**8 5 0** *Dividendi mħallsa mill-Fond Ewropew tal-Investment*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
6 186 061	6 928 960	6 164 043,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi kwalunkwe dividendi mħallsa mill-Fond Ewropew ta' Investment fir-rigward ta' din il-kontribuzzjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/EC tas-6 ta' Ġunju 1994 fuq sħubija Komunitarja fil-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/247/KE tad-19 ta' April 2007 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda kapitali fil-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 107, 25.4.2007, p. 5).

Id-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda tal-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investment (ĠU L 156, 24.5.2014, p. 1).

KUMMISSJONI

## TITOLU 9

## DĦUL MIXXELLANJU

## KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
<b>9 0 0</b>	KAPITOLU 9 0				
	<i>Dħul mixxellanju</i>	25 000 000	25 000 000	15 159 820,43	60,64
	KAPITOLU 9 0 — TOTAL	25 000 000	25 000 000	15 159 820,43	60,64
	<b>Titolu 9 — Total</b>	<b>25 000 000</b>	<b>25 000 000</b>	<b>15 159 820,43</b>	<b>60,64</b>
	<b>GRAN TOTAL</b>	<b>1 482 202 255</b>	<b>4 530 569 598</b>	<b>10 565 784 388,12</b>	<b>712,84</b>



**TITOLU 9****DĦUL MIXXELLANJU****KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU****9 0 0**      *Dħul mixxellanju*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
25 000 000	25 000 000	15 159 820,43

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul mixxellanju.

COMMISSION

**RIASSUNT ĠENERALI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET (2018 U 2017) U EŻITU (2016)**

Titolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
01	AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI	2 208 268 036	2 153 674 136	3 361 394 801	3 115 247 301	2 533 752 168,83	1 528 863 242,24
	Riżervi (40 02 40, 40 02 41)	130 185 000	25 000 000				
		2 338 453 036	2 178 674 136	3 361 394 801	3 115 247 301	2 533 752 168,83	1 528 863 242,24
02	SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES	2 356 185 710	2 062 361 812	2 437 745 834	2 244 099 566	2 391 075 116,62	1 900 907 499,71
03	KOMPETIZZJONI	109 841 980	109 841 980	108 427 562	108 427 562	104 906 256,61	104 906 256,61
04	IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI	14 504 772 962	12 207 667 532	14 315 326 529	9 577 065 124	13 368 571 854,85	8 876 250 556,03
	Riżervi (40 02 41)	11 102 000	8 327 000				
		14 515 874 962	12 215 994 532	14 315 326 529	9 577 065 124	13 368 571 854,85	8 876 250 556,03
05	AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI	58 159 838 271	55 462 985 694	57 518 919 539	53 315 507 435	63 449 875 939,42	57 207 636 212,57
	Riżervi (40 02 41)	1 800 000	1 350 000				
		58 161 638 271	55 464 335 694	57 518 919 539	53 315 507 435	63 449 875 939,42	57 207 636 212,57
06	MOBILITÀ U TRASPORT	4 007 575 953	2 267 065 045	3 767 437 307	1 800 796 328	4 266 370 508,96	2 237 898 321,60
07	AMBJENT	498 283 862	350 533 612	472 338 520	388 088 137	458 052 493,65	392 581 658,73
	Riżervi (40 02 41)	1 000 000	750 000				
		499 283 862	351 283 612	472 338 520	388 088 137	458 052 493,65	392 581 658,73
08	RIĊERKA U INNOVAZZJONI	6 890 257 765	6 472 483 396	6 361 155 986	6 061 771 730	6 556 660 583,76	5 916 274 024,33
09	NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA	2 132 573 932	2 259 062 678	1 924 096 778	2 092 389 358	1 846 451 370,54	2 385 196 199,18
10	RIĊERKA DIRETTA	403 727 789	397 336 829	401 736 330	401 569 370	510 349 456,47	502 104 199,10

## COMMISSION

Titolu	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11	AFFARIJJIET MARITTIMI U SAJD	1 084 735 790	659 590 725	1 090 123 127	752 664 410	1 071 057 883,30	588 743 232,60
	Riżervi (40 02 41)	46 565 000	43 302 703	3 643 000	4 448 000		
		1 131 300 790	702 893 428	1 093 766 127	757 112 410	1 071 057 883,30	588 743 232,60
12	STABILITÀ FINANZJARJA, SERVIZZI FINANZJARJI, U UNJONI TAS-SWIEQ KAPITALI	94 563 454	94 367 704	85 913 287	88 425 287	86 836 498,56	84 556 112,31
	Riżervi (40 02 41)			4 856 000	3 267 000		
		94 563 454	94 367 704	90 769 287	91 692 287	86 836 498,56	84 556 112,31
13	POLITIKA REĠJONALI U URBANA	39 812 082 371	34 132 507 452	39 779 339 821	21 952 379 022	36 139 347 701,51	29 123 665 734,57
	Riżervi (40 01 40, 40 02 41)			23 625 000	12 375 000		
		39 812 082 371	34 132 507 452	39 802 964 821	21 964 754 022	36 139 347 701,51	29 123 665 734,57
14	TASSAZZJONI U UNJONI DOGANALI	175 802 112	168 303 344	178 361 995	161 007 995	171 126 384,10	161 810 912,67
15	EDUKAZZJONI U KULTURA	3 806 105 904	3 502 751 391	3 364 357 284	3 144 529 354	3 246 977 755,51	3 356 271 691,31
	Riżervi (40 01 40, 40 02 41)	42 785 652	33 226 000				
		3 848 891 556	3 535 977 391	3 364 357 284	3 144 529 354	3 246 977 755,51	3 356 271 691,31
16	KOMUNIKAZZJONI	213 021 691	211 969 691	211 571 438	210 059 438	210 687 751,16	201 896 272,84
17	SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI	599 104 264	562 925 962	564 194 603	541 211 603	573 425 119,32	551 146 907,60
18	MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI	2 637 400 839	2 257 961 158	3 409 209 756	2 529 702 082	3 495 247 556,88	2 388 278 032,58
	Riżervi (40 02 41)			40 000 000			
		2 637 400 839	2 257 961 158	3 449 209 756	2 529 702 082	3 495 247 556,88	2 388 278 032,58

Titolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
19	STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA	816 917 462	705 331 155	738 187 747	699 292 859	688 843 846,58	617 829 761,37
	Riżervi (40 01 40, 40 02 41)	23 750 000	8 673 000				
		840 667 462	714 004 155	738 187 747	699 292 859	688 843 846,58	617 829 761,37
20	KUMMERĊ	115 924 575	114 524 575	113 201 323	111 701 323	109 431 020,14	107 780 562,11
21	KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP	3 486 428 453	3 248 829 555	3 702 842 929	3 339 435 538	3 348 603 489,46	3 511 968 863,90
	Riżervi (40 02 41)	6 250 000					
		3 492 678 453	3 248 829 555	3 702 842 929	3 339 435 538	3 348 603 489,46	3 511 968 863,90
22	VIĊINAT U NEGOZZJATI GĦAT-TKABBIR	3 891 105 748	3 680 713 958	4 508 080 400	3 182 965 335	4 904 244 864,39	3 334 734 517,72
	Riżervi (40 02 41)	70 000 000	35 000 000				
		3 961 105 748	3 715 713 958	4 508 080 400	3 182 965 335	4 904 244 864,39	3 334 734 517,72
23	GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI	1 189 000 497	1 195 508 750	1 052 651 277	1 254 755 387	2 230 504 867,98	2 002 562 750,81
	Riżervi (40 02 41)	2 000 000	1 500 000				
		1 191 000 497	1 197 008 750	1 052 651 277	1 254 755 387	2 230 504 867,98	2 002 562 750,81
24	ĠLIEDA KONTRA L-FRODI	82 294 500	79 884 041	82 246 700	80 192 081	78 208 850,25	78 536 468,10
25	KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA	244 565 633	244 015 633	232 305 442	232 055 442	216 031 931,16	216 031 931,16
26	AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI	1 126 245 771	1 128 233 771	1 065 512 732	1 063 133 732	1 104 610 848,65	1 108 457 409,03
	Riżervi (40 01 40)	5 915 694	5 915 694	4 644 253	4 644 253		
		1 132 161 465	1 134 149 465	1 070 156 985	1 067 777 985	1 104 610 848,65	1 108 457 409,03
27	BAĠIT	78 630 924	78 630 924	76 142 758	76 142 758	64 040 410,06	64 040 410,06
28	AWDITJAR	19 359 668	19 359 668	19 227 094	19 227 094	19 136 476,54	19 136 476,54
29	STATISTIKA	144 068 650	130 593 650	143 533 663	127 573 663	145 264 648,83	134 198 210,41

## COMMISSION

Titolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
30	PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA	1 899 409 800	1 899 409 800	1 796 802 000	1 796 802 000	1 684 492 659,39	1 684 492 659,39
31	SERVIZZI LINGWISTIĊI	398 802 462	398 802 462	407 877 123	407 877 123	437 381 657,05	437 381 657,05
32	ENERĠIJA	1 640 012 879	1 579 046 002	1 618 915 213	1 293 269 975	1 423 035 928,49	1 602 200 158,03
33	ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI	257 557 182	224 742 182	270 997 258	238 117 353	259 254 368,83	230 631 944,47
34	AZZJONI KLIMATIKA	155 158 150	96 805 400	146 724 470	102 431 675	138 052 271,55	68 506 389,13
	Riżervi (40 02 41)	500 000	375 000				
		155 658 150	97 180 400	146 724 470	102 431 675	138 052 271,55	68 506 389,13
40	RIŻERVI	516 902 000	344 600 000	506 724 000	315 000 000	0,—	0,—
	<b>Total</b>	<b>156 098 380 385</b>	<b>140 665 841 064</b>	<b>155 910 390 879</b>	<b>122 849 648 693</b>	<b>157 331 910 539,40</b>	<b>132 727 477 235,86</b>
	<b>Li minnhom Riżervi (40 01 40, 40 02 40, 40 02 41)</b>	<b>341 853 346</b>	<b>163 419 397</b>	<b>76 768 253</b>	<b>24 734 253</b>		

*TITOLU XX*

**NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA**

## KUMMISSJONI

## TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

## TITOLU XX

## NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
XX 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA				
<b>XX 01 01</b>	<b>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-oqsma ta' politika</b>				
XX 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jaħdmu mal-istituzzjonijiet				
XX 01 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	5,2	2 058 238 200	2 011 496 000	1 977 369 674,92
XX 01 01 01 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti, u terminazzjoni tas-servizz	5,2	11 214 800	12 072 000	11 147 568,89
XX 01 01 01 03	Aġġustamenti għar-remunerazzjoni	5,2	20 647 600	18 170 000	0,—
	<i>Subtotal</i>		2 090 100 600	2 041 738 000	1 988 517 243,81
XX 01 01 02	Nefqa b'rabta mal-uffiċjali u l-persunal temporanju tal-Kummissjoni li jaħdmu fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 01 02 01	Remunerazzjoni u gratifiki	5,2	113 090 400	111 637 000	106 365 073,63
XX 01 01 02 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti, u terminazzjoni tas-servizz	5,2	7 539 800	7 430 000	7 141 384,29
XX 01 01 02 03	Appropriazzjonijiet biex ikopru kull aġġustamenti fir-remunerazzjoni	5,2	1 083 000	967 000	0,—
	<i>Subtotal</i>		121 713 200	120 034 000	113 506 457,92
	<i>Artikolu XX 01 01 — Subtotal</i>		2 211 813 800	2 161 772 000	2 102 023 701,73
<b>XX 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra</b>				
XX 01 02 01	Persunal estern li jaħdem mal-istituzzjonijiet				
XX 01 02 01 01	Persunal b'kuntratt	5,2	69 531 600	68 270 000	76 027 135,67
XX 01 02 01 02	Persunal temporanju permezz ta' aġenzija u assistenza teknika b'sostenn ta' attivitajiet varji	5,2	20 998 600	22 460 000	19 754 182,52
XX 01 02 01 03	Ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali assenjati temporanjament mal-istituzzjoni	5,2	39 377 800	38 533 000	30 493 165,76
	<i>Subtotal</i>		129 908 000	129 263 000	126 274 483,95
XX 01 02 02	Persunal estern tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 02 02 01	Remunerazzjoni ta' persunal ieħor	5,2	9 642 000	9 131 000	9 559 655,93
XX 01 02 02 02	Taħriġ ta' esperti subalterni u esperti nazzjonali sekondati	5,2	1 971 000	1 868 000	1 763 000,—
XX 01 02 02 03	Spejjeż ta' persunal ieħor u ħlas għal servizzi oħra	5,2	370 000	351 000	396 893,—
	<i>Subtotal</i>		11 983 000	11 350 000	11 719 548,93



## KUMMISSJONI

## TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
XX 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra tal-istituzzjoni				
XX 01 02 11 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet	5,2	56 969 000	57 319 000	59 065 294,79
XX 01 02 11 02	Spejjeż għall-konferenzi, laqgħat u gruppi ta' esperti	5,2	23 490 000	25 490 000	20 011 845,14
XX 01 02 11 03	Laqgħat tal-kumitati	5,2	10 515 000	12 015 000	9 543 097,14
XX 01 02 11 04	Studji u konsultazzjonijiet	5,2	4 590 000	6 090 000	5 033 013,61
XX 01 02 11 05	Sistemi informatiċi u maniġerjali	5,2	35 082 000	28 937 000	36 725 571,84
XX 01 02 11 06	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali	5,2	12 600 000	13 100 000	13 924 195,61
	<i>Subtotal</i>		143 246 000	142 951 000	144 303 018,13
XX 01 02 12	Nefqa maniġerjali oħra relatata ma' persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 02 12 01	Spejjeż tal-missjonijiet, tal-konferenzi u tar-rappreżentazzjonijiet	5,2	5 700 000	5 652 000	5 946 995,—
XX 01 02 12 02	Taħriġ ulterjuri għall-persunal fid-delegazzjonijiet	5,2	485 000	485 000	698 497,57
	<i>Subtotal</i>		6 185 000	6 137 000	6 645 492,57
	<i>Artikolu XX 01 02 — Subtotal</i>		291 322 000	289 701 000	288 942 543,58
<b>XX 01 03</b>	<b>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u binjiet</b>				
XX 01 03 01	Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni				
XX 01 03 01 03	Apparat tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	67 287 000	64 283 000	77 688 666,38
XX 01 03 01 04	Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	67 824 000	63 210 000	73 787 694,44
	<i>Subtotal</i>		135 111 000	127 493 000	151 476 360,82
XX 01 03 02	Binjiet u nefqa relatata b'rabta mal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 03 02 01	Akkwiżizzjoni, kiri u nefqa relatata	5,2	28 515 000	28 503 000	26 847 000,—
XX 01 03 02 02	Apparat, għamara, provvisti u servizzi	5,2	667 000	827 000	500 100,—
	<i>Subtotal</i>		29 182 000	29 330 000	27 347 100,—
	<i>Artikolu XX 01 03 — Subtotal</i>		164 293 000	156 823 000	178 823 460,82
	<b>KAPITOLU XX 01 — TOTAL</b>		<b>2 667 428 800</b>	<b>2 608 296 000</b>	<b>2 569 789 706,13</b>

KUMMISSJONI

TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

## TITOLU XX

## NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

## KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

## XX 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-oqsma ta' politika

## XX 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jaħdmu mal-istituzzjonijiet

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
XX 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jaħdmu mal-istituzzjonijiet				
XX 01 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	5,2	2 058 238 200	2 011 496 000	1 977 369 674,92
XX 01 01 01 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti, u terminazzjoni tas-servizz	5,2	11 214 800	12 072 000	11 147 568,89
XX 01 01 01 03	Aġġustamenti għar-remunerazzjoni	5,2	20 647 600	18 170 000	0,—
	Partita XX 01 01 01 — Total		2 090 100 600	2 041 738 000	1 988 517 243,81

## Kummenti

Bl-eċċezzjoni ta' persunal li jservi f'terzi pajjiżi, din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri, fir-rigward għall-Uffiċjali u l-persunal temporanju li jkollhom kariga fuq il-pjan ta' stabbiliment:

- salarji, gratifiki u pagamenti oħra relatati mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra l-aċċidenti u l-mard u debiti oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti li għandhom isiru mill-Kummissjoni lill-persunal temporanju biex jinżammulhom id-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet mixxellanji,
- fir-rigward ta' uffiċjali u persunal temporanju, gratifiki għal xogħol bix-xift jew permanenza l-post tax-xogħol jew residenza tal-uffiċjal,
- gratifiki fil-każ ta' tkeċċija ta' uffiċjal fil-prova għal nuqqasijiet ovvjji,
- gratifiki fil-każ ta' kanċellament minn istituzzjoni tal-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju,
- rimborż tan-nefqa fuq miżuri ta' sigurtà fid-djar għall-Uffiċjali li jaħdmu f'uffiċċji tal-Unjoni u f'delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni,
- gratifika b'rata fissa u pagamenti bis-siegħa għal sahra maħduma mill-uffiċjali fil-kategorija AST li ma jistgħux ikunu kkompensati, skont arranġamenti prestabbiliti, b'ħin liberu,
- l-ispiża tal-ponderazzjonijiet applikati għar-remunerazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-ispiża tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mill-emolumenti li tiġi ttrasferita lejn pajjiż għajr il-pajjiż tal-impjeg, u

## KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

## XX 01 01 (ikompli)

## XX 01 01 01 (ikompli)

- spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lil uffiċjali u persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fil-kariga, meta jtilqu mill-istituzzjoni jew inkella fi trasferiment tal-post ta' impjeg ieħor,
- gratifiki ta' stallazzjoni jew ristabiliment dovuti lill-uffiċjali u persunal temporanju obbligati li jbiddu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjeg u meta jħallu definittivament l-istituzzjoni u jirristabilixxu ruħhom xi mkien ieħor,
- spejjeż tal-ġarr dovuti lil uffiċjali u persunal temporanju obbligati li jbiddu l-post ta' residenza tagħhom meta jidħlu fil-kariga, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjeg u meta jħallu definittivament l-istituzzjoni u jirristabilixxu ruħhom xi mkien ieħor,
- gratifika ta' sussistenza ta' kuljum għal uffiċjali u persunal temporanju li jipprovdu evidenza li jkollhom ibiddu l-post ta' residenza tagħhom meta jidħlu fil-kariga tagħhom jew meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjeg,
- spejjeż tranżitorji għall-uffiċjali assenjati fpostijiet fi Stati Membri ġodda qabel l-adeżjoni li jintalbu jibqgħu fis-servizz f'dawn l-Istati Membri wara d-data tal-adeżjoni, u li jkunu intitolati, eċċezzjonalment, għall-istess kundizzjonijiet finanzjarji u materjali applikati mill-Kummissjoni qabel l-adeżjoni, skont l-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea,
- l-ispiża ta' kull aġġustament għar-remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 51 623 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## XX 01 01 02 Nefqa b'rabta mal-uffiċjali u l-persunal temporanju tal-Kummissjoni li jaħdmu fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
XX 01 01 02	Nefqa b'rabta mal-uffiċjali u l-persunal temporanju tal-Kummissjoni li jaħdmu fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 01 02 01	Remunerazzjoni u gratifiki	5,2	113 090 400	111 637 000	106 365 073,63
XX 01 01 02 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti, u terminazzjoni tas-servizz	5,2	7 539 800	7 430 000	7 141 384,29
XX 01 01 02 03	Approprjazzjonijiet biex ikopru kull aġġustamenti fir-remunerazzjoni	5,2	1 083 000	967 000	0,—
	Partita XX 01 01 02 — Total		121 713 200	120 034 000	113 506 457,92

## KUMMISSJONI

## TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

## KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

XX 01 01 (ikompli)

XX 01 01 02 (ikompli)

## Kummenti

Fir-rigward tal-Partiti 19 01 01 02, 20 01 01 02, 21 01 01 02 u 22 01 01 02, dwar delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri, fir-rigward ta' uffiċjali u persunal temporanju li jkollhom karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-persunal tal-Kummissjoni:

- salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra l-aċċidenti u l-mard u imposti oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti biex iwaqqfu jew iżommu għalihom id-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet mixxellanji,
- sahra,
- l-ispiża tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunerazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju,
- l-ispiża ta' kull aġġustament għar-remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,
- il-gratifiki ta' installazzjoni u ta' risistemizzazzjoni dovuti lill-persunal obligat jibdel il-post ta' residenza tiegħu meta jidħol fl-inkarigu jew meta jittrasferixxi lejn post ieħor ta' impjieg, u meta jħalli definittivament l-istituzzjoni u jirrisistema ruħu xi mkien ieħor,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-persunal (inkluż il-familji tagħhom) meta jidħol fl-inkarigu tiegħu, iħalli l-istituzzjoni jew jittrasferixxi lejn post ieħor ta' impjieg,
- l-ispejjeż tal-ġarr dovuti lill-persunal obligat li jibdel il-post ta' residenza meta jidħol fl-inkarigu jew meta jittrasferixxi lejn post ġdid ta' impjieg, u meta jħalli s-servizz u jirrisistema ruħu xi mkien ieħor.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

XX 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra*

## XX 01 02 01 Persunal estern li jaħdem mal-istituzzjonijiet

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
XX 01 02 01	Persunal estern li jaħdem mal-istituzzjonijiet				
XX 01 02 01 01	Persunal b'kuntratt	5,2	69 531 600	68 270 000	76 027 135,67
XX 01 02 01 02	Persunal temporanju permezz ta' aġenzija u assistenza teknika b'sostenn ta' attivitajiet varji	5,2	20 998 600	22 460 000	19 754 182,52
XX 01 02 01 03	Ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali assenjati temporanjament mal-istituzzjoni	5,2	39 377 800	38 533 000	30 493 165,76
	Partita XX 01 02 01 — Total		129 908 000	129 263 000	126 274 483,95

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territorju tal-Unjoni:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal b'kuntratt (fit-tifsira tal-Kondizzjonijiet ta' impjeg ta' uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea), kontribuzzjonijiet tal-impjegatur għall-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persunal bil-kuntratt u l-impatt tal-applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,
- somma biex tkopri r-remunerazzjoni ta' persunal b'kuntratt li jaħdmu bħala gwidi għall-persuni b'diżabbiltà,
- l-impjeg tal-persunal tal-aġenzija, partikolarment persunal klerikali u tajpisti stenografici,
- nefqa fuq persunal inkluż fil-kuntratti tas-servizz għal xogħol tekniku u amministrattiv u l-provvista ta' servizzi intellettuali, u nefqa fuq binjiet u taġħmir u spejjeż operatorji dwar dan it-tip ta' persunal,
- il-kost ta' uffiċjali taċ-ċivil nazzjonali jew esperti sekondati oħra jew fuq ħidma temporanja mal-Kummissjoni jew mitluba għall-konsulti qosra, partikolarment biex jabbozzaw il-leġislazzjoni fuq l-armonizzazzjoni f'diversi oqsma; ikunu organizzati wkoll skambji biex ikun hemm applikazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni tal-Unjoni mill-Istati Membri,
- l-ispiża ta' kull aġġustament għar-remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jaġġi lok għall-proviżjonament ta' approprijazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA lejn il-kostijiet ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jaġġi lok għall-provviediment ta' approprijazzjonijiet supplimentari li għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji konċernati skont ir-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dan id-dħul huwa stmat li jilħaq l-EUR 169 020.

## KUMMISSJONI

## TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

## KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

## XX 01 02 (ikompli)

## XX 01 02 01 (ikompli)

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat ibbażat fuq id-dejta disponibbli skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat li hu EUR 6 271 644.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas ta' kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

Kodiċi ta' prassi tajba għall-impjeg ta' persuni b'diżabilità, adottat bid-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ġunju 2005

## XX 01 02 02 Persunal estern tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
XX 01 02 02	Persunal estern tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 02 02 01	Remunerazzjoni ta' persunal ieħor	5,2	9 642 000	9 131 000	9 559 655,93
XX 01 02 02 02	Taħriġ ta' esperti subalterni u esperti nazzjonali sekondati	5,2	1 971 000	1 868 000	1 763 000,—
XX 01 02 02 03	Spejjeż ta' persunal ieħor u ħlas għal servizzi oħra	5,2	370 000	351 000	396 893,—
	Partita XX 01 02 02 — Total		11 983 000	11 350 000	11 719 548,93

*Kummenti*

Fir-rigward tal-Partiti 19 01 02 02, 20 01 02 02, 21 01 02 02 u 22 01 02 02, dwar persunal estern tal-Kummissjoni f'delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal lokali u / jew b'kuntratt, u imposti tas-sigurtà soċjali u benefiċċji li jinġarru minn min iħaddem,

## KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

## XX 01 02 (ikompli)

## XX 01 02 02 (ikompli)

— il-kontribuzzjonijiet tal-impjegatur għall-kopertura supplimentari tas-sigurtà soċjali għall-persunal lokali,

— is-servizzi ta' persunal ta' aġenzija u freelance.

Fir-rigward ta' esperti subalterni u esperti nazzjonali sekondati fit-taħriġ fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, din l-appropriazzjoni hija maħsuba:

— biex tiffinanzja jew tikkofinanzja n-nefqa relatata mal-impjieg ta' esperti subalterni (gradwati mill-Università) f'delegazzjonijiet tal-Unjoni,

— biex tkopri l-kostijiet tas-seminars organizzati għad-diplomati subalterni mill-Istati Membri u pajjiżi terzi,

— biex tkopri n-nefqa dwar l-issekondar jew inkarigu temporanju ta' uffiċjali mill-Istati Membri lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## XX 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra tal-istituzzjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
XX 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra tal-istituzzjoni				
XX 01 02 11 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet	5,2	56 969 000	57 319 000	59 065 294,79
XX 01 02 11 02	Spejjeż għall-konferenzi, laqgħat u gruppi ta' esperti	5,2	23 490 000	25 490 000	20 011 845,14
XX 01 02 11 03	Laqgħat tal-kumitati	5,2	10 515 000	12 015 000	9 543 097,14
XX 01 02 11 04	Studji u konsultazzjonijiet	5,2	4 590 000	6 090 000	5 033 013,61
XX 01 02 11 05	Sistemi informatiċi u maniġerjali	5,2	35 082 000	28 937 000	36 725 571,84
XX 01 02 11 06	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali	5,2	12 600 000	13 100 000	13 924 195,61
	Partita XX 01 02 11 — Total		143 246 000	142 951 000	144 303 018,13

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operatorja deċentralizzata li ġejja:

## KUMMISSJONI

## TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

## KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

## XX 01 02 (ikompli)

## XX 01 02 11 (ikompli)

## Missjonijiet:

- spejjeż tal-ivvjaġġar, inklużi spejjeż anċillari marbuta ma' biljetti u riżervazzjonijiet, allowances għas-sussistenza għal kuljum u nefqa eċċezzjonali addizzjonali li tinħoloq b'rabta ma' missjonijiet minn persunal tal-Kummissjoni koperti mir-Regolamenti tal-Persunal u minn esperti nazzjonali jew internazzjonali jew uffiċjali ssekondati ma' dipartimenti tal-Kummissjoni (rifużjonijiet ta' spejjeż tal-missjonijiet imħallsa akkont ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni u għal partijiet terzi jikkostitwixxu nefqa assenjata). Fejn ikun hemm l-oportunità, il-Kummissjoni għandha tuża linji tal-ajru koperti minn ftehimiet ta' negozjar kollettiv li jikkonformaw mal-konvenzjonijiet tal-ILO rilevanti.

## Spejjeż ta' rappreżentanza:

- rimborż tal-kostijiet imġarrba minn persuni li jkunu qegħdin jirrappreżentaw uffiċjalment lill-Kummissjoni (ir-rimborż mhux possibbli għal spejjeż imġarrba waqt it-tweġġ ta' dmirijiet ta' rappreżentanza fejn jidħol il-persunal tal-Kummissjoni jew ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni).

## Laqgħat tal-esperti:

- ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba għall-funzjonament tal-gruppi ta' esperti stabiliti jew imsejħa mill-Kummissjoni: spejjeż għall-vjaġġi, is-sustinenza u l-ispejjeż inċidentali ta' esperti li jkunu qed jipparteċipaw fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż biex jiġu organizzati laqgħat bħal dawn meta ma jkunux koperti mill-infrastruttura eżistenti fil-kwartieri tal-istituzzjonijiet jew tal-uffiċċji esterni (l-esperti jingħataw rimborż abbażi tad-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kummissjoni).

## Konferenzi:

- nefqa relatata ma' konferenzi, kongressi u laqgħat organizzati mill-Kummissjoni bħala għajnuna għad-diversi politiki taġġha, u nefqa għat-treġġja ta' netwerk għal organizzazzjonijiet u korpi ta' kontroll finanzjarju, inkluż laqgħa annwali bejn dawn l-organizzazzjonijiet u l-membri tal-Kumitat tal-Kontroll Baġitarju tal-Parlament Ewropew, kif mitlub fil-paragrafu 88 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2006 bil-kummenti li jiffurmaw parti integrali tad-deċiżjoni tal-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2004, Taqsima III — Kummissjoni (ĠU L 340, 6.12.2006, p. 5),
- nefqa dwar konferenzi, seminars, laqgħat, korsijiet u taħriġ intern Prattiku għall-uffiċjali tal-Istati Membri li jimmaniġġaw jew jimmonitorjaw operazzjonijiet ifffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni jew operazzjonijiet tal-ġbir tad-dħul li jikkostitwixxi r-riżorsi proprji tal-Unjoni jew jikkooperaw fis-sistema tal-istatistiki tal-Unjoni, u nefqa tal-istess tip għall-uffiċjali minn pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant li jimmaniġġaw jew jimmonitorjaw operazzjonijiet ifffinanzjati mill-programmi tal-Unjoni,
- nefqa fuq it-taħriġ ta' uffiċjali ta' pajjiżi mhux membri li jwettqu dmirijiet maniġerjali jew ta' kontroll b'rilevanza diretta fuq il-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni,
- l-ispiża tal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni f'konferenzi, kongressi u laqgħat,
- tariffi ta' parteċipazzjoni fil-konferenzi, eskluż l-ispejjeż tat-taħriġ,



**KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA** (ikompli)**XX 01 02** (ikompli)

## XX 01 02 11 (ikompli)

- abbonamenti f'assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u xjentifiċi,
- l-ispiża ta' ikel u xorb servut waqt okkażjonijiet speċjali waqt laqgħat interni.

## Laqgħat tal-kumitati:

Jistgħu jiġu identifikati diversi stadji fil-proċess ta' żvilupp u implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda. Hemm evidenza dejjem akbar li falliment tas-suq iseħħ fl-istadju ta' dimostrazzjoni (TRL 6-8) tal-proċess ta' innovazzjoni: bejn ir-riċerka applikata, il-prototipar u d-dħul fis-suq. L-ittejtjar u l-validazzjoni ta' prototipi f'ambjent industrijali u ċ-ċertifikazzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda għadhom jiswew ħafna flus u huma inċerti ferm. F'ħafna każijiet, dan jimpedixxi (jew tal-inqas idewwem b'mod sostanzjali) l-adozzjoni mis-suq ta' innovazzjonijiet promettenti ħafna mir-riċerka u mill-industrija, inklużi dawk li qabel kienu ffinanzjati mill-Unjoni. Minn naħa, kumpaniji industrijali ħafna drabi ma jkollhomx it-tagħmir u l-ħiliet kollha meħtieġa biex iwettqu aktar attivitajiet ta' prototipar, testijiet ta' validazzjoni, proċeduri ta' ċertifikazzjoni, tqabbil tal-ispejjeż u attivitajiet oħra post prototipar meħtieġa qabel il-produzzjoni sħiħa u t-tnedija fis-suq. Dawn l-attivitajiet ġeneralment huma kkategorizzati bħala l-hekk imsejħa spejjeż mhux rikorrenti u jikkontribwixxu għal dik li hi magħrufa l-Valley of Death. Min-naħa l-oħra, numru żgħir ħafna ta' reġjuni għandhom fis-seħħ il-kapaċitajiet ta' dimostrazzjoni kollha biex jgħinu lill-kumpaniji jwettqu l-firxa sħiħa ta' attivitajiet post prototipar f'qasam speċifiku tat-teknoloġija.

Hemm hteġa u raġuni qawwija biex tiġi stabbilita struttura ta' innovazzjoni interreġjonali, b'faċilitajiet ta' dimostrazzjoni komuni pan-Ewropej (industry commons) aċċessibbli mill-industrija u li kapaċi tħaffef l-implimentazzjoni tat-teknoloġija fil-kumpaniji industrijali u minnhom stess. Faċilitajiet ta' dimostrazzjoni kondiviżi jistgħu jiġu stabbiliti permezz tal-konnessjoni u t-titjib ta' faċilitajiet komplementari li diġà jeżistu fir-reġjuni, jew billi jinħolqu faċilitajiet ġodda kondiviżi jekk ikun meħtieġ.

Fil-passat, u f'attivitajiet li għaddejjin fil-qafas tal-proġetti pilota tal-Inizjattiva Vanguard (VI) ([www.s3vanguardinitiative.eu](http://www.s3vanguardinitiative.eu)), bosta reġjuni sabu li t-twaqqif ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni kondiviżi sikwit jinkludi komponent li ma fihx qligħ. Din id-diskrepanza fil-finanzjament isseħħ fl-istabbiliment ta' faċilitajiet kondiviżi u fl-indirizzar tal-ewwel spejjeż operattivi. Ladarba din id-diskrepanza fil-finanzjament tingħalaq, jistgħu jsiru attivitajiet ta' dimostrazzjoni industrijali. Jekk dawn ikunu ta' suċċess, il-kumpaniji jistgħu jtejbu l-produzzjoni tagħhom, jiġġeneraw dħul fis-suq u b'hekk jiġġeneraw it-tkabbir u l-impjieg. Sabiex jitħaffu l-implimentazzjoni tat-teknoloġija u l-modernizzazzjoni industrijali, għalhekk hemm hteġa ta' intervent pubbliku aktar b'saħħtu biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' innovazzjoni u ta' tkabbir. Sal-lum, m'hemm l-ebda strument transreġjonali pan-Ewropej biex jiġu appoġġjati l-investimenti tant meħtieġa fl-infrastruttura tal-innovazzjoni.

F'dan il-kuntest, l-azzjoni preparatorja se tikkomplementa u tkompli tespandi l-attivitajiet li għaddejjin bħalissa taħt l-Inizjattiva Vanguard u l-Pjattaforma Tematika ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti għall-Modernizzazzjoni Industrijali (TSSPIM). Billi t-TSSPIM u l-kollaborazzjonijiet interreġjonali tagħha, bħall-VI, huma strumentali biex tiġi identifikata u tinbeda kollaborazzjoni interreġjonali għall-użu tat-teknoloġija, din l-azzjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' investimenti, operazzjonijiet u servizzi, u biex jitħallsu l-ispejjeż tal-koordinazzjoni għal faċilitajiet ta' dimostrazzjoni kondiviżi li jservu klijentela ta' organizzazzjonijiet industrijali madwar l-Ewropa.

Din l-azzjoni preparatorja tkun partikolarment importanti biex tiġġenera input għat-tfassil (mill-ġdid) ta' diversi politiki tal-Unjoni, inklużi l-innovazzjoni (FP9), l-investment (FEIS) u l-politika ta' koeżjoni. L-azzjoni tidentifika l-ambitu u l-limitazzjonijiet tal-fondi u l-istrumenti finanzjarji eżistenti biex, fl-aħħar mill-aħħar, tistimola l-adozzjoni ta' teknoloġiji li jgħolqu s-swieq u l-promozzjoni ta' investimenti ta' segwitu mis-settur privat, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib, jew aktar mill-qrib, mal-assoċjazzjonijiet tal-industrija, b'hekk jingħata input utli lil min ifassal il-politika.

Din l-azzjoni preparatorja se tiffoka fuq il-proġett pilota VI speċifiku ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni kondiviżi għal Produzzjoni bi Prestazzjoni Għolja permezz tal-Istampar 3D (3DP). Il-Proġett Pilota 3DP huwa fost l-aktar avvanzati iżda qed jiffaċċa l-isfida ta' investment f'diversi mill-applikazzjonijiet industrijali tiegħu. L-istampar 3D ġie identifikat ukoll bħala teknoloġija rivoluzzjonarja b'impatt sinifikanti fuq firxa wiesgħa ta' setturi industrijali.

B'mod partikolari, l-azzjoni preparatorja tiffoka fuq l-attivitajiet li ġejjin:

(1) twaqqif ta' pjattaforma operattiva ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni konnessi bejn ir-reġjuni, permezz ta' *inter alia*:

— il-konnessjoni ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni biex tiġi stabbilita pjattaforma ta' appoġġ virtwali;

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 35 (ikompli)

— il-monitoraġġ tal-provvista ta' għarfien, tagħmir u servizzi li għandhom jiġu offruti lill-industrija biex tiġi żgurata kopertura settorjali wiesja;

— jekk meħtieġa, l-espansjoni tan-netwerk ta' faċilitajiet konnessi biex titjeb il-kopertura industrijali u/jew ġeografika;

— il-ħolqien ta' netwerk ta' fornituri ta' servizz akkreditat fl-Ewropa kollha (għal appoġġ, taħriġ, ċertifikazzjoni, eċċ. fil-qafas tan-netwerk ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni);

(2) l-attrazzjoni ta' proġetti ta' dimostrazzjoni industrijali permezz tal-pjattaforma, permezz ta' *inter alia*:

— l-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin;

— promozzjoni tal-pjattaforma u l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet;

— l-iżvilupp ulterjuri ta' każijiet ta' dimostrazzjoni u ta' użu ta' 3DP, għall-ħolqien ta' ktajjen tal-valur ġodda;

— l-identifikazzjoni tal-ispejjeż ta' koordinazzjoni speċifiċi u tal-ħtiġijiet ta' appoġġ għall-investiment;

— il-komunikazzjoni u l-ħidma ma' udjenza usa', li tinkludi ukoll l-użu tat-TSSP IM;

— il-ħidma fuq is-sinerġiji bejn il-proġett pilota rilevanti u l-inizjattivi relatati;

— il-kisba ta' għarfien speċifiku dwar kwistjonijiet ta' finanzjament biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' investiment;

(3) Il-provvista ta' sommarju ta' proposti konkreti għal bidliet fil-politiki differenti tal-Unjoni, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Għal implimentazzjoni u evalwazzjoni xierqa jinħtieġ perjodu ta' żmien ta' 3 snin (2018-2020), inkluż aġġornament annwali tal-pjan direzzjonali minn Bord ta' Strateġija li jkun jinkludi wkoll Membri tal-Parlament Ewropew.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 77** (ikompli)

02 02 77 36 Azzjoni preparatorja — Cir©Lean: Network favorevoli għan-negozju biex l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-Unjoni jużaw l-opportunitajiet kummerċjali tal-ekonomija ċirkolari

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	750 000				

*Kummenti*

Din l-azzjoni preparatorja se toħloq netwerk li jiffavorixxi n-negozju għall-SMEs biex jaħtfu l-opportunitajiet ta' negozju tal-ekonomija ċirkolari. Hi se tipproponi tip ġdid ta' industrija li tirrispetta l-ambjent, fejn oġġett bla valur jinbidel f'oġġett ta' valur billi jsir użu sħiħ mill-materjal kollu, inklużi l-flussi sekondarji u l-iskart.

L-industriji ewlenin li jagħmlu użu minn sustanzi kimiċi, kif ukoll in-negozji u l-ktajjen ta' provvista assoċjati f'partijiet differenti tal-Ewropa (b'mod partikolari l-Finlandja, Franza, in-Norveġja, l-Iżvezja u r-Renju Unit) jippruvaw joħlqu negozju ġdid mill-flussi sekondarji u mill-iskart. Flussi sekondarji jistgħu jiġu rkuprati u użati bħala materja prima f'industrija ġodda. Bl-irfinar tal-materja prima fl-Unjoni, il-parti l-kbira tal-ħolqien tal-valur jinholq fis-Suq Uniku, u b'hekk ikun ta' benefiċċju għall-ekonomija Ewropea. Dan se johlq impjiegi u se jkun ta' benefiċċju għall-ambjent.

Il-grupp fil-mira ta' Cir©Lean huma l-SMEs tas-servizz industrijali orjentati lejn l-esportazzjoni u li għandhom ir-rieda, il-kapaċità u perspettiva internazzjonali. Cir©Lean se tibni netwerk sistematiku u fit-tul li jiffavorixxi n-negozju għal SMEs ibbażati fl-Unjoni, bl-użu tal-għarfien transfruntier, intersettorjali u transindustrijali u bl-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali innovattivi tal-ekonomija ċirkolari. L-azzjoni se tgħin lil SMEs isibu modi biex iżidu l-valur tal-iskart u l-fdalijiet (li bħalissa mhumiex identifikati) billi jbidlulhom fi prodotti ta' valur li jinbiegħu fis-suq domestiku u fis-suq internazzjonali. L-azzjoni se ttejjeb s-simbjożi industrijali billi żżid il-livell tal-ipproċessar tal-iskart residwu u l-miżblat u tiġġenera negozju ġdid ta' skart residwu.

Mudelli kummerċjali ġodda se jinħolqu f'Workshops Miftuħa ta' Innovazzjoni tan-Negozju transfruntiera, intersettorjali u transindustrijali fejn l-SMEs, l-industriji primarji, l-iżviluppaturi tan-negozju, l-educaturi, ir-riċerkaturi, l-awtoritajiet u l-finanzjaturi jiġbru l-ħiliet tagħhom. F'dan ix-xogħol se tiġi applikata l-għodda għall-Valutazzjoni tas-Sostenibbiltà żviluppata fil-Finlandja. Il-workshops se jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' għarfien ġdid għall-parteċipanti kollha, biex b'hekk jinħolqu prodotti kummerċjali ġodda u servizzi li jaqsmu l-fruntieri nazzjonali.

Madwar 20 SME se jipparteċipaw fl-azzjoni preparatorja Cir©Lean. Bħala parti importanti mill-azzjoni, 100 SME se jipparteċipaw f'attivitajiet ta' żvilupp professjonali u, bħala parti tal-azzjoni, jiksbu kuntatti ġodda u jstabbilixxu kooperazzjoni transfruntiera. Meta l-azzjoni tkun tlestiet, se jiżdedu l-esportazzjoni u l-għadd ta' SMEs b'mudelli kummerċjali ġodda. B'riżultat ta' dan jiġu stabbiliti kuntatti ġodda u sostenibbli fuq medda twila ta' żmien u sħubiji ma' strutturi ta' kooperazzjoni permanenti.

Cir©Lean se twaqqaf netwerk ta' ekonomija ċirkolari favorevoli għan-negozju li se jkompli wara li tintemm l-azzjoni preparatorja.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 03	SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI								
<b>02 03 01</b>	<b>Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi</b>	1,1	23 526 000	22 000 000	27 159 000	20 500 000	23 375 595,25	20 085 890,20	91,30
<b>02 03 02</b>	<b>Standardizzazzjoni u approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni</b>								
02 03 02 01	Sostenn għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI	1,1	18 562 000	17 000 000	18 562 000	18 600 000	17 608 033,58	18 150 692,34	106,77
02 03 02 02	Appoġġ għal organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-partijiet interessati tas-soċjetà fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni	1,1	4 080 000	3 500 000	3 970 000	4 000 000	4 148 698,17	3 390 476,50	96,87
	<i>Artikolu 02 03 02 — Subtotal</i>		22 642 000	20 500 000	22 532 000	22 600 000	21 756 731,75	21 541 168,84	105,08
<b>02 03 03</b>	<b>Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi</b>	1,1	25 722 021	25 722 021	69 489 500	69 489 500	60 544 763,—	60 544 763,—	235,38
<b>02 03 04</b>	<b>Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern</b>	1,1	3 675 000	3 700 000	3 650 000	3 700 000	3 649 868,10	3 713 931,74	100,38
<b>02 03 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
02 03 77 03	Azzjoni preparatorja — Forum tas-Suq Uniku	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	716 717,64	
02 03 77 04	Proġett pilota — Miżuri ta' sostenn għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali	1,1	p.m.	318 815	p.m.	500 000	0,—	181 185,—	56,83
02 03 77 05	Proġett pilota — Żvilupp dinamiku tal-kummerċ elettroniku transfruntier permezz ta' soluzzjonijiet effiċjenti ta' twassil ta' pakketti	1,1	p.m.	150 000	500 000	250 000			
02 03 77 07	Proġett pilota — Ittestjar indipendenti emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) fit-triq biex jiġu żgurati informazzjoni wiesgħa u trasparenza għal sorveljanza aħjar tas-suq	1,1	1 600 000	800 000					
02 03 77 08	Proġett pilota — Valutazzjoni tad-differenzi allegati fil-kwalità tal-prodotti mibjugħin fis-suq uniku	1,1	800 000	400 000					
	<i>Artikolu 02 03 77 — Subtotal</i>		2 400 000	1 668 815	500 000	750 000	0,—	897 902,64	53,80
	<b>Kapitolu 02 03 — Total</b>		<b>77 965 021</b>	<b>73 590 836</b>	<b>123 330 500</b>	<b>117 039 500</b>	<b>109 326 958,10</b>	<b>106 783 656,42</b>	<b>145,10</b>

**02 03 01 Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
23 526 000	22 000 000	27 159 000	20 500 000	23 375 595,25	20 085 890,20

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI** (ikompli)**02 03 01** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa li tirriżulta minn miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern u l-operazzjoni u l-iżvilupp tiegħu:

- miżuri maħsuba li jagħmlu l-operat tas-suq intern aktar effettiv u biex jiżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji għandhom aċċess għad-drittijiet u għall-opportunitajiet l-aktar estensivi li jirriżultaw mill-ftuħ u l-appfondiment tas-suq intern mingħajr fruntieri, u jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet u jieħdu vantaġġ ta' dawk l-opportunitajiet bis-sħiħ; u miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni marbuta mal-eżerċizzju prattiku miċ-ċittadini u n-negozji tad-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom bil-ħsieb li tkun identifikata u ffaċilitata t-tneħħija ta' kwalunkwe ostakolu li jista' jkun qed ixeġkilhom milli jeżerċitaw dawk id-drittijiet bis-sħiħ;
- l-approssimazzjoni tal-istandards u l-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni għal standards u regolamenti tekniċi, l-eżami tar-regoli notifikati mill-Istati Membri, l-Istati tal-EFTA u t-Turkija u t-traduzzjoni tal-abbozz tar-regolamenti tekniċi;
- l-iffinanzjar ta' koordinazzjoni amministrattiva u teknika u ta' kooperazzjoni bejn korpi notifikati, għotjiet li jsostnu l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Approvazzjoni Teknika (EOTA), u tal-proġetti ta' interess tal-Unjoni li jsiru minn korpi esterni;
- l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fuq it-tagħmir mediku, il-kożmetiċi, l-oġġetti tal-ikel, il-prodotti tat-tessut, is-sustanzi kimiċi, il-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanzi u t-taħlitiet, il-karozzi u s-sikurezza, il-ġugarelli, il-metroloġija legali, l-imballaġ minn qabel u l-kwalità tal-ambjent, id-dispensuri tal-ajrusols, u l-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità għall-aktar sensibilizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;
- ir-rieżami komprensiv tar-regolamenti bil-ħsieb li jsiru l-bidliet meħtieġa u analiżi kumplessiva tal-effikaċja tal-miżuri meħuda, biex ikomplu l-operazzjoni tajba fis-suq intern u evalwazzjoni tal-impatt kumplessiv tas-suq intern fuq in-negozji u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' data u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal databażijiet esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal titjib tal-fehim tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-operat tiegħu;
- l-approssimazzjoni settorali akbar fl-oqsma tal-applikazzjoni tad-direttivi tal-“approċċ il-ġdid”, speċjalment l-estensjoni tal-“approċċ il-ġdid” f'setturi oħra;
- miżuri li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 765/2008, kemm għall-infrastrutturi kif ukoll għas-sorveljanza tas-suq, u r-Regolament (KE) Nru 764/2008, għall-proċeduri b'rabta mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor, u għall-implimentazzjoni tal-parti korrispondenti tal-Pjan tal-“Istrategġija għal Suq Uniku” (Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2015)550 final);
- l-iżvilupp ta' qasam unifikat għas-sigurtà u d-difiża, b'miżuri li jimplementaw id-Direttiva 2009/43/KE li jissimplifikaw t-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti marbuta mad-difiża fl-Unjoni u azzjonijiet li jaħdmu lejn il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal dawn il-prodotti fil-livell tal-Unjoni; kif ukoll, fejn xieraq, it-tfassil tal-istudji u l-miżuri ta' trawwim ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata;
- il-parteċipazzjoni fin-negozjati ta' ftehimiet fuq ir-rikonoxximent reċiproku u, fl-ambitu tal-ftehimiet Ewropej, sostenn għall-pajjiżi assoċjati biex jippermettilhom jadottaw l-acquis tal-Unjoni;

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

## 02 03 01 (ikompli)

- miżuri ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, speċjalment dawk li jirriżultaw mill-evalwazzjoni REACH REFIT tal-2017 kif ukoll mir-rieżami tar-REACH tal-2013 (Rapport tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2013 (COM(2013) 49 final);
- l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku speċjalment fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;
- l-azzjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/60/UE;
- l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw kuntratti pubbliċi bil-għan li jkunu żgurati l-operat ottimu tagħhom u li s-sejthiet għall-offerti jinfetħu b'mod ġenwin, inkluż is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-partijiet diversi f'dawn il-kuntratti; l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fid-diversi oqsma tal-operat ta' dawn il-kuntratti; l-adattament kontinwu tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju fid-dawl tal-iżviluppi provenjenti minn dawn il-kuntratti, partikolarment il-globalizzazzjoni tas-swieq u l-ftehimiet internazzjonali eżistenti jew futuri;
- it-tiżni tal-kooperazzjoni amministrattiva permezz, fost l-oħrajn, tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), l-approfondiment tal-għarfien tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern fl-Istati Membri u l-applikazzjoni tajba ta' dik il-leġiżlazzjoni minnhom, u s-sostenn għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-suq intern, bil-għan li jintlaħqu l-miri tal-istrateġija ta' Lisbona kif stabbiliti fl-istrateġija politika annwali;
- parti minn din l-appropriazzjoni se tintuża biex jinkiseb livell simili ta' implimentazzjoni u infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni minn korpi nazzjonali għall-ġlieda kontra t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u biex tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi;
- it-tiżni tal-għodod tas-Suq Uniku jagħmlu lill-konsumaturi u lin-negozji iktar konxji mir-regoli tas-suq intern u jiffaċilita l-infurzar ta' drittijiet, u jippermetti kooperazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti;
- il-garanzija tat-tlestija u l-ġestjoni tas-suq intern, speċjalment fl-oqsma tal-moviment liberu tas-servizzi, b'mod partikolari dawk transkonfinali, ir-rikonnoxximent tal-kwalifiki professjonali, u l-proprjetà intellettwali u industrijali, partikolarment l-iżvilupp ta' proposti biex tiġi stabbilita privattiva tal-Unjoni;
- l-analiżi tal-effetti tat-tneħħija tal-ostakli għas-suq intern għal servizzi u tal-effetti ta' miżuri fis-seħħ bħala parti mis-segwitu għal-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi postali, il-koordinazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar is-servizzi postali fir-rigward tas-sistemi internazzjonali u b'mod partikolari fir-rigward tal-parteċipanti fl-attivajiet tal-Unjoni Postali Universali (UPU), il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, kif ukoll l-analiżi tal-implikazzjonijiet prattiċi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) għas-settur postali u t-trikkib mar-regolamenti tal-UPU;
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari.

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI** (*ikompli*)**02 03 01** (*ikompli*)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa fuq konsultazzjonijiet, studji, evalwazzjonijiet, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, fil-forma ta' manutenzjoni, aġġornament u żvilupp ta' sistemi tal-informatika marbuta ma' regolamenti tekniċi jew marbuta mat-tqegħid fis-seħħ u politiki ta' monitoraġġ varati fi ħdan il-qafas tas-suq intern, u kwalunkwe nefqa oħra dwar assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jaġtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 34 sa 36 (ĠU C 326, 26.10.2012).

Id-Direttiva tal-Kunsill 75/107/KEE tad-19 ta' Diċembru 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' flexken użati bħala reċipjenti ta' kejl (ĠU L 42, 15.2.1975, p. 14).

Id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-aerosol dispensers (ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40).

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar tal-1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel (ĠU L 46, 21.2.1976, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-Prodotti kosmetiċi (ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169).

Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati (ĠU L 78, 26.3.1977, p. 17).

Id-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE tal-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl u dwar l-irrevokar tad-Direttiva 71/354/KEE (ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40).

Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

## 02 03 01 (ikompli)

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa (ĠU L 040, 11.2.1989, p. 8).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51).

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-użu mandatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà f'vetturi ta' inqas minn 3,5 tunnellati (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 26).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (8300/92) tal-21 ta' Settembru 1992 li tawtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi mhux membri dwar għarfien reċiproku.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-supervizzjoni ta' splussivi għall-użu ċivili (ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, tat-12.7.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni 93/465/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE, li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/358/KEE tas-16 ta' Ġunju 1994 li taċċetta, għan nom tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni dwar l-elaborazzjoni ta' Pharmacoepa Ewropea (ĠU L 158, 25.6.1994, p. 17).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 8453/97 li tikkonferma l-Artikolu 113 tal-interpretazzjoni tal-Kumitat tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 1992 li tagħti lill-Kummissjoni Id-Direttivi għall-innegożjar ta' ftehimiet Ewropej ta' valutazzjoni tal-konformita.

Id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 36) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 03 p. 83).

Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri (ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8).



**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI** (*ikompli*)**02 03 01** (*ikompli*)

Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam mal-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra (ĠU L 66, 13.3.1999, p. 26).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE tad-29 ta' April 1999 dwar it-tagħmir tal-prensa trasportabbli (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 20).

Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1).

Id-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 200, 8.8.2000, p. 35).

Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19).

Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, tas-22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursori tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u verifika ta' prassi tajba ta' laboratorji ta' laboratorji (GLP) (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 28).

Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44).

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti, (ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

## 02 03 01 (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl (ĠU L 135, 30.4.2004, p. 1)..

Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2007/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi regoli dwar kwantitajiet nominali għal prodotti mballati minn qabel, li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 17).

Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21).

Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 78/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-ħarsien tal-persuni mexjin u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u jħassar id-Direttivi 2003/102/KE u 2005/66/KE (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 32).

Id-Direttiva 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 6).

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI** (*ikompli*)**02 03 01** (*ikompli*)

Id-Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku (ĠU L 106, 28.4.2009, p. 7).

Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1).

Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1).

Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jstabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessuti u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttiva 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

Id-Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniki (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 27).

Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

## 02 03 01 (ikompli)

Id-Direttiva 2014/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 107).

Id-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2015 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' strumenti tal-kejl (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 149).

Ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (ĠU L 150, 20.5.2014, p.1).

Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131).

Id-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mnehija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1).

Id-Direttiva 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

Id-Direttivi u r-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplementaw l-approċċ il-ġdid f'ċerti setturi, bħall-makkinarju, il-kompatibilità elettromanjetika, it-tagħmir tar-radju u t-tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjoni, it-tagħmir elettriku b'vultaġġ baxx, it-tagħmir protettivi personali, il-liftijiet, l-atmosferi splussivi, it-tagħmir mediku, il-ġugarelli, it-tagħmir ta' pressjoni, l-apparat li jaħdem bil-gass, il-bini, l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja, il-bċejjeċ tal-baħar rikreazzjonali, it-tajers, l-isplussivi, l-oġġetti pirotekniċi, l-installazzjonijiet tal-funikular, eċċ.

Id-Direttivi tal-Kunsill adottati biex jitneħħew l-ostakli tekniċi għall-kummerċ f'oqsma mhux koperti mill-“istrategġija l-ġdida”.

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplementa u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 406/2010 tas-26 ta' April 2010 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu (ĠU L 122, 18.5.2010, p. 1).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/983 tal-24 ta' Ġunju 2015 dwar il-proċedura għall-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea, u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)****02 03 01 (ikompli)**

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mill-Kummissjoni fis-27 ta' Jannar 2016, dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (COM(2016) 31 final).

**02 03 02 Standardizzazzjoni u approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni**

## 02 03 02 01 Sostenn għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 562 000	17 000 000	18 562 000	18 600 000	17 608 033,58	18 150 692,34

*Kummenti*

Skont l-għan ġenerali li jinżamm il-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-kompetittività tal-industrija Ewropea, partikolarment permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' standards u t-twaqqif ta' standards Ewropej f'każijiet idonei, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- obligazzjonijiet finanzjarji ġejjin mill-kuntratti li jkunu ffirmati mal-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej (bħal ETSI, CEN u Cenelec), għall-iżvilupp ta' standards;
- verifika u ċertifikazzjoni ta' konformità mal-istandards, u proġetti dimostrattivi;
- nefqa kuntrattwali għall-eżekuzzjoni tal-programm u proġetti indikati hawn fuq. Dawn il-kuntratti jkopru li ġej:
  - riċerka, assoċjazzjoni, evalwazzjoni, operazzjonijiet tekniċi, koordinazzjoni, boroż ta' studju, għotjiet, taħriġ u mobilità ta' persunal xjentifiku, parteċipazzjoni fi ftehimiet internazzjonali u parteċipazzjoni fin-nefqa fuq apparat;
- titjib fil-prestazzjoni tal-kopi tal-istandards;
- promozzjoni tal-kwalità fl-istandardizzazzjoni, u l-verifika tagħhom;
- sostenn għat-traspożizzjoni ta' standards Ewropej fi standards nazzjonali, partikolarment permezz tat-traduzzjoni tagħhom;
- miżuri dwar l-informazzjoni, il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-istandardizzazzjoni u l-promozzjoni ta' interessi Ewropej fl-istandardizzazzjoni internazzjonali;
- servizzi segretarjali għall-kumitati tekniċi;
- proġetti tekniċi fil-qasam ta' testijiet għall-konformità mal-istandards;

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

## 02 03 02 (ikompli)

## 02 03 02 01 (ikompli)

- eżami tal-konformità tal-istandards abbozzati mal-mandati rilevanti;
- programmi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u assistenza lilhom;
- twettiq tax-xogħol meħtieġ biex ikunu applikati standards internazzjonali tat-teknoloġija tal-informazzjoni b'mod uniformi fl-Unjoni kollha;
- speċifikazzjoni ta' metodi għaċ-ċertifikazzjoni u l-istipular tal-metodi tekniċi ta' ċertifikazzjoni;
- tħeġġiġ tal-użu ta' dawn l-istandards fil-kuntratt tal-akkwist pubbliku;
- koordinazzjoni tad-diversi operazzjonijiet għall-preparazzjoni ta' standards u biex isir iżjed fl-implimentazzjoni tagħhom (gwidi għall-utenti, dimostrazzjonijiet, eċċ.). Waqt li jiġu ppreparati l-istandards, għandhom jitqiesu speċifikitajiet possibbli relatati mas-sessi.

Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun użat biex tiġi inkwadrate u implimentata l-operazzjoni ta' standardizzazzjoni f'konsultazzjoni mal-parteċipanti ewlenin: l-industrija, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, il-konsumaturi, meta rilevanti inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-istituzzjonijiet tal-istandardizzazzjoni nazzjonali u Ewropej, l-aġenziji tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri, l-utenti kollha u d-diriġenti tal-politika industrijali fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni.

B'appoġġ għall-interoperabilità, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT fl-akkwisti pubbliċi huma inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

## 02 03 02 02 Appoġġ għal organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-partijiet interessati tas-soċjetà fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 080 000	3 500 000	3 970 000	4 000 000	4 148 698,17	3 390 476,50

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)****02 03 02** (ikompli)

02 03 02 02 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kostijiet tal-funzjonament u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej mhux governamentali u mingħajr skop ta' qligħ, li jirrappreżentaw l-interessi tal-SMEs u tal-konsumaturi, kif ukoll l-interessi ambjentali u soċjali, f'attivitajiet ta' standardizzazzjoni.

Tali rappreżentazzjoni fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew jifforma parti mill-obiettivi statutorji ta' tali organizzazzjonijiet, u ġew iddelegati minn organizzazzjonijiet nazzjonali bla skop ta' qligħ, f'tal-anqas żewġ terzi mill-Istati Membri, biex jirrappreżentaw tali interessi.

Il-kontribuzzjonijiet lil tali organizzazzjonijiet Ewropej qabel kienu koperti mill-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni, il-politika tal-konsumaturi u l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent, LIFE+. Fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 l-azzjonijiet fil-qasam tal-istandardizzazzjoni ffinanzjati minn programmi speċifiċi nġabru f'daqqa f'att legali wieħed.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

Id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 17).

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

**02 03 03** **Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
25 722 021	25 722 021	69 489 500	69 489 500	60 544 763,—	60 544 763,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

## 02 03 03 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-persunal u amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jitnislu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jiġi ddebitat mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Fl-2018, id-dħul minn tariffi u imposti tal-Aġenzija u l-eċċess riportat mis-sena preċedenti mhux ser ikun biżżejjed biex ikopri l-infiq mistenni, li jimplika l-ħtieġa ta' sussidju li jibbilanċja mill-Kummissjoni. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2018 tammonta għal total ta' EUR 25 722 021.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

02 03 04 **Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 675 000	3 700 000	3 650 000	3 700 000	3 649 868,10	3 713 931,74



**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)****02 03 04 (ikompli)***Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- in-nefqa għall-ġestjoni, it-taħriġ, l-iżvilupp ulterjuri u l-informazzjoni marbuta mas-servizzi pprovduti permezz tan-netwerk SOLVIT, il-portal tal-internet L-Ewropa Tiegħek u għall-ħolqien ta' għodod meħtieġa biex jippermettu kooperazzjoni aktar mill-qrib bejniethom;
- in-nefqa għat-tmexxija tal-kuntratt għall-ġestjoni tas-servizz ta' Pariri tal-Ewropa Tiegħek, rappurtar tar-rispons u l-ispejjeż għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni;
- in-nefqa mistennija tal-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI);
- attivitajiet li jqajmu l-kuxjenza għall-għodda kollha ta' governanza tas-suq intern, inkluża t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, daww l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Komputu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispot fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**02 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

02 03 77 03 Azzjoni preparatorja — Forum tas-Suq Uniku

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	716 717,64

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

02 03 77 (ikompli)

02 03 77 03 (ikompli)

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jkunu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

## Bażi ġuridika

L-azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 03 77 04 Proġett pilota — Miżuri ta' sostenn għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	318 815	p.m.	500 000	0,—	181 185,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 03 77 05 Proġett pilota — Żvilupp dinamiku tal-kummerċ elettroniku transfruntier permezz ta' soluzzjonijiet effiċjenti ta' twassil ta' pakketti

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	150 000	500 000	250 000		

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI** (*ikompli*)**02 03 77** (*ikompli*)02 03 77 05 (*ikompli*)*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impjenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-proġett pilota għandu l-għan li jiġbor, jippubblika u jikkomunika, permezz ta' esperti, l-aħjar prattiki disponibbli fil-qasam tas-servizzi ta' twassil tal-pakketti transfruntier, abbażi ta' implimentazzjoni b'suċċess mill-parteċipanti tas-suq kollha, bl-għan li l-Istati Membri kollha jiġu megħjuna jilhq u livell komuni ta' effiċjenza ta' twassil u jindirizzaw id-diskrepanzi, filwaqt li fl-istess ħin, oqsma potenzjali għal azzjonijiet ulterjuri jistgħu jiġu wkoll identifikati, fejn il-livell ta' sodisfazzjon tal-konsumatur għandu jiġi indirizzat iktar.

Il-proġett jista' jinvolvi erba' miżuri: (1) valutazzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet tal-utenti tas-servizzi ta' twassil ta' pakketti relatat mal-kummerċ elettroniku (transfruntier); (2) valutazzjoni tal-punt safejn il-prattiki eżistenti tal-industrija ta' twassil ta' pakketti jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet; (3) identifikazzjoni ta' prattiki tajba tal-industrija f'dan il-qasam; (4) analiżi tal-lakuni li tidentifika oqsma fejn huwa meħtieġ titjib addizzjonali rigward l-innovazzjoni u s-servizzi biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-konsumaturi li diġà jeżistu u dawk emerġenti.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2015 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali (Id-Direttiva 97/67/KE kif emendata bid-Direttivi 2002/39/KE u 2008/6/KE) (COM(2015) 568 final).

Kif iddikjarat mill-Viċi President Andrus Ansip, responsabbli għall-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, rigward it-twassil ta' pakketti, il-Kummissjoni se:

- (1) tiegħu azzjoni biex ittejjeb is-sorveljanza regulatorja filwaqt li tappoġġja l-innovazzjoni u tiżgura kundizzjonijiet ugwali għall-operaturi;
- (2) tindirizza l-kwistjoni ta' trasparenza fil-prezzijiet, inklużi l-prezzijiet ta' kunsinni żgħar. Din l-azzjoni għandha tappoġġja prinċipalment lill-konsumaturi u lin-negozji ż-żgħar. Issir valutazzjoni komprensiva tas-sitwazzjoni wara sentejn biex wieħed jara jekk ikunx hemm bżonn ta' azzjoni ulterjuri.

Artikolu ppubblikat mill-Kummissjoni (DĠ GROWTH) fit-22 ta' Diċembru 2015 dwar "Twassil transfruntier orħos ta' pakketti biex tingħata spinta lill-kummerċ elettroniku fl-UE".

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

02 03 77 (ikompli)

02 03 77 05 (ikompli)

WIK-Consult Study for the European Commission DG Internal Market and Services - Bad Honnef, Awwissu 2014

02 03 77 07 Proġett pilota — Ittestjar indipendenti emmissjonijiet f'sewqan reali (RDE) fit-triq biex jiġu żgurati informazzjoni wiesgħa u trasparenza għal sorveljanza aħjar tas-suq

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 600 000	800 000				

## Kummenti

B'kunsiderazzjoni tal-paragrafu 40 tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2017 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, b'segwitu għall-inkjesta fil-kejl tal-emissjonijiet fis-settur tal-karozzi (P8\_TA(2017)0100), dan il-proġett pilota se jiffinanzja miżuri relatati ma' kontrolli ta' konformità matul is-servizz permezz ta' testjar minn partijiet terzi, b'rabta mat-traspożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Fil-passat, partijiet terzi kkwalifikati pprovdew lill-awtoritajiet fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali b'informazzjoni affidabbli dwar l-emissjoni tal-vetturi. Dik l-informazzjoni rament kienet tkun disponibbli min-naħa tal-awtoritajiet responsabbli. Il-finanzjament għandu jsir disponibbli sabiex ikunu jistgħu jipprovdu data affidabbli minn testijiet tal-emissjonijiet fit-triq fuq il-karozzi tal-passiġġieri li tkun indipendenti mid-data pprovduta minn manifatturi u awtoritajiet regolatorji, sabiex tiġi promossa trasparenza u titjib is-sorveljanza aħjar tas-suq. Sabiex tkun garantita l-indipendenza tagħhom, partijiet terzi ma jridux jipprovdu jew ikunu pprovdew fil-passat testijiet tal-emissjonijiet fuq vetturi jew servizzi simili (studji, kejl, eċċ.) għal partijiet interessati tal-industrija.

Il-partijiet terzi se jivvalidaw il-proċeduri tat-test billi jirreferu għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 715/2007, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u l-ewwel tliet pakketti tal-RDE (ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (EU) 2016/427, (EU) 2016/646 u (EU) 2017/1151) u l-linji gwida elenkati fin-notifika tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2017. Dawn se jipubblikaw ir-riżultati tal-kejl tagħhom sabiex jappoġġaw l-iżvilupp ta' proċeduri tal-aħjar Prattika u l-għoti ta' informazzjoni usa' għal awtoritajiet responsabbli u għall-pubbliku. Il-partijiet terzi mhumiex se jkejlu biss gassijiet tal-exhaust u emmissjonijiet ta' partċelli mill-karozzi tal-passiġġieri.

Partijiet terzi indipendenti għaldaqstant se jikkontribwixxu għal sorveljanza aħjar tal-prestazzjoni tal-istandards tal-exhaust fil-prattika, u sa liema punt qegħdin jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni għal dak li jirrigwarda l-kwalità tal-arja u l-politika dwar il-klima. Dawn se jikkontribwixxu biex ikun hemm fehim aħjar tal-istrateġiji għat-tnaqqis tal-exhaust għal dak li jirrigwarda l-aċċellerazzjoni, il-veloċità għolja, it-temperatura tal-madwar u kriterji oħrajn. Il-proċedura speċifika tat-test se tiġi dokumentata b'mod trasparenti u għandha tqis ir-regolamenti attwali dwar l-RDE u r-riċerka l-aktar reċenti.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

02 03 77 (ikompli)

02 03 77 08 Proġett pilota — Valutazzjoni tad-differenzi allegati fil-kwalità tal-prodotti mibjugħin fis-suq uniku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
800 000	400 000				

## Kummenti

Il-proġett pilota jikkonsisti f'serje ta' riċerki tas-suq bejn bosta kategoriji ta' prodotti tal-konsumatur f'diversi Stati Membri.

L-għan ta' dan il-PP huwa li jqabbel il-karatteristiċi kwalitattivi tal-prodotti mibjugħin fis-suq uniku taħt l-istess ditta, l-istess imballaġġ u bl-użu ta' testi ta' kummerċjalizzazzjoni oħrajn.

Ikun xieraq li jiżvela kif il-kwalità tal-prodotti tal-istess ditti tvarja bejn Stat Membru u ieħor. Ir-riċerka jmissha wkoll tinkludi analiżi komparattiva tat-tikkettar u l-informazzjoni għall-konsumatur fuq dawk il-prodotti.

Il-proġett pilota jmissu jiffoka kemm fuq il-prodotti tal-ikel kif ukoll fuq dawk li ma jkunux. Fl-ewwel fażi suppost jiġu eżaminati biss il-prodotti tal-ikel.

Jekk il-PP jitkompla fis-snin segwenti, ikun xieraq li jiġu eżaminati anke l-prodotti mhux tal-ikel.

Fir-rigward tal-ikel, ikun xieraq li kull wieħed mill-gruppi tal-prodotti eżaminati, kif imsemmi mill-Eurostat, jiġi rappreżentat minn għadd adegwat ta' prodotti. Fir-rigward tal-prodotti mhux tal-ikel, ikun tajjeb li jiġu rappreżentati wkoll gruppi ta' prodotti differenti. Dawn jistgħu jinkludu prodotti deterġenti, kosmetiċi, prodotti għall-indafa personali, prodotti maħsuba għat-trabi u oħrajn.

Il-prodotti għandhom jintgħażlu b'mod li l-konsumatur jista' jemmen b'mod raġonevoli li l-prodotti jkunu l-istess, speċjalment rigward it-tikketti fuq l-imballaġġ, l-isem tad-ditta u l-użu ta' testi ta' kummerċjalizzazzjoni oħrajn.

L-investigazzjoni konċertata għandha ssir f'maġġoranza tal-Istati Membri minn tal-anqas. L-Istati Membri b'daqsijiet ta' popolazzjoni differenti, livelli differenti tal-Indiċijiet Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur u b'pożizzjonijiet ġeografiċi differenti suppost jiġu rappreżentati b'mod proporzjonat. Ikun xieraq li jintlaħaq qbil rigward il-kamp ta' applikazzjoni finali tar-riċerka, inkluża l-għażla tal-Istati Membri u l-kategoriji ta' prodotti, minn task force dwar il-kwalità doppja tal-prodotti, li jkun jinkludi lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, l-industrija, il-Kummissjoni Ewropea u l-Membri tal-Kumitat Ewropew IMCO.

Ikun xieraq li ssir l-valutazzjoni li ġeja fil-prodotti kollha ttestjati:

- Testijiet fiżikokimiċi;
- Testijiet sensorjali;
- Konformità mad-dikjarazzjoni fuq it-tikketta;

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (*ikompli*)02 03 77 (*ikompli*)02 03 77 08 (*ikompli*)

- Tqabbil tal-prezzijiet;
- Tqabbil tal-piż/volum;

Bħala l-eżitu tal-PP, il-Kummissjoni suppost tippubblika r-rapport, biex tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-konsumaturi fl-Istati Membri kollha dwar l-eżitu tal-investigazzjoni konċertata. Ikun xieraq li dan ir-rapport jiġi tradott bil-lingwi tal-Istati Membri fejn titwettaq ir-riċerka, jiġi ppubblikat u jitqassam fost il-partijiet ikkonċernati u l-partijiet interessati. Sabiex jissensibilizza lill-konsumatur, ikun tajjeb li r-rapport jiġi promoss ukoll f'dawk l-Istati Membri fejn huma involuti attivament l-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew, ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u l-Membri tal-Parlament Ewropew.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 04	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI								
<b>02 04 02</b>	<b>Rwol ta' tmexxija industrijali</b>								
02 04 02 01	Rwol ta' tmexxija fl-ispazju	1,1	184 528 490	155 310 916	167 107 065	160 933 101	153 594 372,57	147 247 010,06	94,81
02 04 02 02	Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 04 02 03	Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)	1,1	43 178 448	33 405 537	35 426 341	46 810 000	37 550 000,—	24 039 093,25	71,96
	<i>Artikolu 02 04 02 — Subtotal</i>		227 706 938	188 716 453	202 533 406	207 743 101	191 144 372,57	171 286 103,31	90,76
<b>02 04 03</b>	<b>Sfidi soċjetali</b>								
02 04 03 01	Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima	1,1	63 762 546	80 820 296	77 021 954	50 025 559	71 900 773,—	60 187 866,81	74,47
	<i>Artikolu 02 04 03 — Subtotal</i>		63 762 546	80 820 296	77 021 954	50 025 559	71 900 773,—	60 187 866,81	74,47
<b>02 04 50</b>	<b>Approprjazzjonijiet provvenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku</b>								
02 04 50 01	Approprjazzjonijiet provvenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	12 427 333,49	2 161 761,36	
02 04 50 02	Approprjazzjonijiet provvenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	119 966,27	
	<i>Artikolu 02 04 50 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	12 427 333,49	2 281 727,63	
<b>02 04 51</b>	<b>Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)</b>								
		1,1	p.m.	4 624 000	p.m.	27 300 000	49 484,63	83 004 458,46	1 795,08

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 04 52	<i>Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)</i>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	10 973,96	
02 04 53	<i>Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — il-Parti tal-innovazzjoni (2007 sa 2013)</i>	1,1	p.m.	1 755 571	p.m.	17 460 000	6 560,87	24 794 044,01	1 412,31
02 04 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
02 04 77 01	Proġett pilota — It-tfassil, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' arkitettura teknika madwar l-UE kollha li tevalwa jekk il-112 PSAP humiex lesti li jmxexxu l-lokalizzazzjoni GNSS u data oħra mill-112 emergency apps għall-PSAP Ewropej b'mod sikur u affidabbli	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	278 973,90	
02 04 77 02	Proġett pilota — Riċerka fil-qasam tal-PSDK	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	525 000	500 000,—	497 303,28	
02 04 77 03	Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża	1,1	40 000 000	28 000 000	25 000 000	10 000 000			
02 04 77 04	Proġett pilota — Teknoloġiji spazjali	1,1	p.m.	750 000	1 500 000	750 000			
	<i>Artikolu 02 04 77 — Subtotal</i>		40 000 000	28 750 000	26 500 000	11 275 000	500 000,—	776 277,18	2,70
	<b>Kapitolu 02 04 — Total</b>		<b>331 469 484</b>	<b>304 666 320</b>	<b>306 055 360</b>	<b>313 803 660</b>	<b>276 028 524,56</b>	<b>342 341 451,36</b>	<b>112,37</b>

## Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi kollha tal-baġit f'dan il-Kapitolu.

Din l-appropriazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu 2014-2020, u għat-tlestija tal-programmi tar-riċerka preċedenti (Is-Seba' Programm Kwadru u l-programmi kwadri preċedenti) u l-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP).

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, speċifikament "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. L-Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-programm se jitwettaq biex jtkompla x-xogħol sabiex jinkisbu l-oġġettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.



**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)**

F'Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifikati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel u sabiex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Għandha titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex titjeb il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-tehdid ta' deċiżjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Taħt dawn l-Artikoli u Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell oġhli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa fisem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għal azzjoni mill-Unjoni, inter alia, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-appropriazzjoni se tintuża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdienu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti jtnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Għal xi wħud minn dawn il-proġetti hija prevista l-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jipparteċipaw fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul tista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-Istati li qed jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn korpi esterni għall-attivitajiet tal-Unjoni mdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Appropriazzjonijiet addizzjonali se jiġu disposti mill-Partita 02 04 50 01.

L-appropriazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-kapitolu se jkunu previsti skont l-Artikolu 02 01 05.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 02 Rwol ta' tmexxija industrijali

## Kummenti

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li l-Ewropa ssir post aktar attraenti fejn wieħed jinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni billi tippromwovi attivitajiet fejn ikunu n-negozji li jfasslu l-aġenda, kif ukoll li taċċelera l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li jservu ta' bażi għan-negozji futuri u għat-tkabbir ekonomiku. Din se tippovdi investiment kbir f'teknoloġiji industrijali ewlenin, timmassimizza l-potenzjal ta' tkabbir tal-kumpaniji Ewropej billi tippovdilhom livelli xierqa ta' finanzi u tgħin lil SMEs innovattivi jżviluppaw f'kumpaniji li jkunu fuq quddiem f'livell dinji.

## 02 04 02 01 Rwol ta' tmexxija fl-ispazju

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
184 528 490	155 310 916	167 107 065	160 933 101	153 594 372,57	147 247 010,06

## Kummenti

## Ex Partita 02 04 02 01 (parzjalment)

L-għan tal-appropriazzjoni huwa li trawwem industrija spazjali kompetittiva u innovattiva u komunità ta' riċerka biex tiġi żviluppata u sfruttata l-infrastruttura spazjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri tal-politika tal-Unjoni u tas-soċjetà. Il-linji tal-attivitajiet huma: li jippermettu l-kompetittività Ewropea, in-nondipendenza u l-innovazzjoni tas-settur spazjali Ewropej, li jippermettu l-avvanzi fit-teknoloġiji spazjali, li jippermettu l-esplorazzjoni tad-dejta spazjali u li jippermettu r-riċerka Ewropea bħala sostenn għas-sħubijiet spazjali internazzjonali,

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2006/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari punt (a)(vi) tal-Artikolu 3(2) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropej għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropej ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropej ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropej għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 02 (ikompli)

02 04 02 02 Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

L-iskop ta' din l-approprijazzjoni huwa li tgħin biex tirmiedja għan-nuqqasijiet tas-suq fl-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għar-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, il-faċilità ta' ekwità se tiffoka fuq l-investimenti f'fondi b'kapital ta' riskju li jagħmlu investimenti fi stadju bikri. Din għandha tippermetti l-investimenti ta' ekwità, fost l-oħrajn, f'fondi b'kapital inizjali, fondi inizjali transfruntiera, strumenti ta' investiment konġunt ta' investituri informali u fondi ta' kapital ta' riskju ta' stadju bikri. Il-faċilità ta' ekwità, li se topera skont id-domanda, għandha tuża approċċ tal-portafoll, fejn il-fondi b'kapital ta' riskju u intermedjarji komparabbli oħrajn jagħżlu d-ditti li għandu jsir investiment fihom. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex l-intraprendituri nisa jitħeġġu jipparteċipaw f'dawn l-iskemi.

Kwalunkwe rimborż mill-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 140 (6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi r-rimborżi kapitali, il-garanziji rilaxxati, u r-rimborż tas-self prinċipali, rimborżati lill-Kummissjoni u mdaħħla taħt il-Partita 6341 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

02 04 02 03 Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
43 178 448	33 405 537	35 426 341	46 810 000	37 550 000,—	24 039 093,25

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŪI (ikompli)

## 02 04 02 (ikompli)

## 02 04 02 03 (ikompli)

## Kummenti

L-iskop ta' din l-appropriazzjoni huwa li:

- tipprovdi finanzjament għan-Netwerk Enterprise Europe stabbilit taħt il-programm COSME għas-servizzi rinfurzati tagħhom marbutin ma' Orizzont 2020. L-appoġġ provdut taħt il-linja baġitarja hija limitata għal servizzi li jsaħħu l-kapaċità tal-ġestjoni tal-innovazzjoni tal-SMEs, b'mod partikolari għall-benefiċjarji tal-istrument tal-SMEs;
- isostni l-implimentazzjoni u jikkumplementa l-miżuri speċifiċi għal tal-SME fl-Orizzont 2020 kollu, b'mod partikolari biex tittejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tas-servizzi tal-innovazzjoni mogħtija lill-SMEs. L-attivitajiet jistgħu jinkludu sensibilizzazzjoni, tagħrif u disseminazzjoni, attivitajiet ta' taħriġ u mobbiltà, networking u skambju tal-aħjar Prattiki, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' appoġġ għall-innovazzjoni ta' kwalità għolja u servizzi b'valur miżjud b'saħtu mill-Unjoni għall-SMEs (pereżempju, proprjetà intellettuali u ġestjoni tal-innovazzjoni, trasferiment tal-għarfien), kif ukoll assistenza lill-SMEs biex jikkonnettjaw mal-imsieħba ta' riċerka u innovazzjoni fl-Unjoni kollha;
- tadotta miżuri li jinkoraġġixxu lill-imprenditriċi nisa biex jieħdu sehem fl-ekonomija diġitali u innovattiva kif ukoll fis-setturi tal-ICTs u STEM u ssostni n-netwerks tal-imprenditriċi nisa;
- appoġġ lill-innovazzjoni motivata mis-suq bl-għan li tittejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-impriżi billi jittejjbu l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni kif ukoll billi jiġu indirizzati l-ostakli speċifiċi li jipprevjenu t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi;

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (c) tal-Artikolu 3(2) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

02 04 03 **Sfidi soċjetali**

## Kummenti

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 hija tweġiba diretta għall-prijoritajiet politiċi u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawk l-attivitajiet se jiġu implimentati bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jlaqqa' flimkien ir-riżorsi u l-għarfien minn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq l-attivitajiet marbutin mal-innovazzjoni bħal pereżempju l-proġetti pilota, id-dimostrazzjoni, il-banek tat-testijiet, is-sostenn tal-akkwisti pubbliċi, it-tfassil, l-innovazzjoni mmotivata mill-utenti finali, l-innovazzjoni soċjali u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet min-naħa tas-suq. L-attivitajiet se jsostnu b'mod dirett il-kompetenzi korrispondenti tal-politika settorjali fil-livell tal-Unjoni.

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)****02 04 03 (ikompli)**

02 04 03 01 Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
63 762 546	80 820 296	77 021 954	50 025 559	71 900 773,—	60 187 866,81

Kummenti

Ex Partita 02 04 03 01 (parzjalment)

L-għan ta' din l-approprijazzjoni se jkun is-sostenn ta' provvista sikura ta' materja prima sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tas-soċjetà tal-Unjoni li qed tikber fi ħdan limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta. L-attivitajiet se jimmiraw għat-titjib tal-bażi tal-għarfien dwar il-materja prima u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-esplorazzjoni, estrazzjoni, proċessar, riċiklaġġ u rkupru ta' materja prima kosteffettivi u ekoloġiċi u għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi ekonomikament attraenti.

Jingħata appoġġ ukoll biex jiġu ttrattati l-ostakli li jimpedixxu l-użu tal-ekonomija ċirkolari bħalma hu l-irkuprar ta' materja prima minn flussi ta' skart differenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (e) tal-Artikolu 3(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**02 04 50 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku**

02 04 50 01 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	12 427 333,49	2 161 761,36

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŪI (ikompli)

02 04 50 (ikompli)

02 04 50 01 (ikompli)

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu 2014 sal-2020.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

02 04 50 02 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	119 966,27

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu qabel l-2014.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

02 04 51 Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	4 624 000	p.m.	27 300 000	49 484,63	83 004 458,46

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)****02 04 51** (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jtnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Din l-approprijazzjoni tkun tkopri wkoll in-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-disponibbiltà ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn (barra ż-Żona Ekonomika Ewropea) partijiet terzi jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw f'proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-żvilupp teknoloġiku.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabillixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impenji, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Koooperazzjoni" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

**02 04 52** **Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	10 973,96

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li saru aktar kmieni u li huma marbutin mal-programmi ta' qafas tar-riċerka qabel l-2013.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 52 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jtnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, (KEE) tat-28 ta' Settembru 1987 dwar programm ta' qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987-1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, (KEE) tat-23 ta' April 1990 dwar programm ta' qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, (KEE) tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221/Euratom, (KEE) dwar il-Programm ta' Qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) wara d-dħul tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-Sitt Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrarazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li taddotta programm speċifiku għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrarazzjoni: Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea (2002–2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 44).



## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

02 04 53 **Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — il-Parti tal-innovazzjoni (2007 sa 2013)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 755 571	p.m.	17 460 000	6 560,87	24 794 044,01

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiddiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jtnissu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

02 04 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

02 04 77 01 Proġett pilota — It-tfassil, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' arkitettura teknika madwar l-UE kollha li tevalwa jekk il-112 PSAP humiex lesti li jmxexxu l-lokalizzazzjoni GNSS u data oħra mill-112 emergency apps għall-PSAP Ewropej b'mod sikur u affidabbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	278 973,90

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 77 (ikompli)

## 02 04 77 02 Proġett pilota — Riċerka fil-qasam tal-PSDK

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	525 000	500 000,—	497 303,28

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 02 04 77 03 Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
40 000 000	28 000 000	25 000 000	10 000 000		

## Kummenti

Illum l-Ewropa qed tiffaċċja d-deterjorament dejjem jiżdied tas-sitwazzjoni tas-sigurtà billi tfaċċaw theddidiet ġodda jew eżistenti; il-kriżi finanzjarja poġġiet pressjoni kostanti fuq il-baġits tad-difiża nazzjonali u mill-2006 lil hawn, il-baġit li ntefaq fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp tad-difiża fl-Ewropa naqas bi 30 %. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri u l-opinjoni pubblika qed jirreferu għall-Unjoni biex tinvoli ruħha aktar fis-sigurtà u d-difiża.

L-għan ewlieni tal-azzjoni preparatorja huwa li jittejjew u jiġu ttestjati mekkaniżmi biex titwettaq riċerka dwar id-difiża ffinanzjata mill-Unjoni, inkluż mekkaniżmu għall-kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, bil-ħsieb li jiġu ppreparati, organizzati u mwettqa diversi attivitajiet ta' riċerka, teknoloġija u żvilupp fis-settur tad-difiża. L-għan aħħari ta' dawn l-attivitajiet huwa li jittejjew l-kompetittività u l-innovazzjoni fl-industrija tad-difiża Ewropea u biex jiġu stimolati t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Jeħtieġ li tipproduċi riżultati viżibbli u f'waqthom għat-teħid ta' deċiżjonijiet invista tad-diskussjoni dwar il-possibbiltà ta' programm ta' riċerka dwar id-difiża fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI (ikompli)****02 04 77** (ikompli)

02 04 77 03 (ikompli)

04 02	FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE)								
<b>04 02 01</b>	<b>Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Objettiv 1 (2000 sa 2006)</b>	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	6 849 787,58	
<b>04 02 02</b>	<b>Tlestija tal-programm speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (2000 sa 2006)</b>	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>04 02 03</b>	<b>Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew— Objettiv 1 (ta' qabel l-2000)</b>	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	577 099,61	
<b>04 02 04</b>	<b>Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew— Objettiv 2 (2000 sa 2006)</b>	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>04 02 05</b>	<b>Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Objettiv 2 (ta' qabel l-2000)</b>	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>04 02 06</b>	<b>Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Oġġettiv 3 (2000 sa 2006)</b>	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 357 823,55	
<b>04 02 07</b>	<b>Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew— Objettiv 3 (ta' qabel l-2000)</b>	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	127 669,45	
<b>04 02 08</b>	<b>Tlestija ta' EQUAL (2000 sa 2006)</b>	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>04 02 09</b>	<b>Tlestija tal-inizjattivi Komunitarji preċedenti (ta' qabel l-2000)</b>	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
04 02 10	Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika (2000 sa 2006)	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
04 02 11	Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika (ta' qabel l-2000)	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
04 02 17	Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Konverġenza (2007 sa 2013)	1,2	p.m.	690 000 000	p.m.	510 000 000	0,—	2 447 673 863,34	354,74
04 02 18	Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — PEACE (2007 sa 2013)	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
04 02 19	Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Kompetittività reġjonali u impjiegi (2007 sa 2013)	1,2	p.m.	210 000 000	p.m.	190 000 000	0,—	935 890 936,03	445,66
04 02 20	Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali (2007 sa 2013)	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	1 065 719,58	
04 02 60	Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni anqas żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	1,2	7 575 750 550	5 773 000 000	7 346 787 700	4 312 197 693	6 902 446 258,—	2 828 072 399,14	48,99
04 02 61	Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	1,2	1 944 596 298	1 305 000 000	1 907 753 625	960 818 915	1 630 370 904,—	459 505 340,41	35,21
04 02 62	Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	1,2	3 700 562 470	2 847 000 000	3 629 184 747	2 156 657 392	3 474 867 783,—	1 097 477 335,51	38,55

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>04 02 63</b>	<b>Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Assistenza teknika operazzjonali</b>								
04 02 63 01	Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali	1,2	15 029 895	10 000 000	16 000 000	11 000 000	14 083 709,64	8 168 422,35	81,68
04 02 63 02	Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru	1,2	p.m.	2 470 919	p.m.	567 079	7 331 290,—	2 819 877,30	114,12
	Artikolu 04 02 63 — Subtotal		15 029 895	12 470 919	16 000 000	11 567 079	21 414 999,64	10 988 299,65	88,11
<b>04 02 64</b>	<b>Imizjattiva favur l-impjeg taż-żgħażgħ</b>	1,2	350 000 000	600 000 000	500 000 000	600 000 000	420 116 068,08	346 599 485,30	57,77
<b>04 02 65</b>	<b>Korp Ewropew ta' Solidarjetà — Kontribuzzjoni mill-Fond Soċjali Ewropew</b>	1,2	p.m.	p.m.					
	Riżervi (40 02 41)		11 102 000	8 327 000					
			11 102 000	8 327 000					
	<b>Kapitolu 04 02 — Total</b>		<b>13 585 939 213</b>	<b>11 437 470 919</b>	<b>13 399 726 072</b>	<b>8 741 741 079</b>	<b>12 449 216 012,72</b>	<b>8 136 185 759,15</b>	<b>71,14</b>
	Riżervi (40 02 41)		<b>11 102 000</b>	<b>8 327 000</b>					
			<b>13 597 041 213</b>	<b>11 445 797 919</b>	<b>13 399 726 072</b>	<b>8 741 741 079</b>	<b>12 449 216 012,72</b>	<b>8 136 185 759,15</b>	

## Kummenti

L-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddisponi li l-oġġettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali stipulati fl-Artikolu 174 għandhom ikunu sostnuti mill-azzjoni li l-Unjoni tiegħu permezz tal-Fondi Strutturali, li jinkludu l-FSE. Il-kompiti, l-oġġettivi prijoritarji u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali jiġu definiti f'konformità mal-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju jiddisponi korrezzjonijiet finanzjarji fil-każ ta' nefqa mġarrba bi ksur tal-liġi applikabbli.

L-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, l-Artikoli 100 u 102 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikoli 85, 144 u 145 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 dwar il-kriterji għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni jiddisponi regoli speċifiċi dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-FSE.

Kwalunkwe dħul mill-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa fuq dik il-bażi jiddaħħal fl-Artikolu 6 5 1, 6 5 2, 6 5 3 jew 6 5 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 177 tar-Regolament Finanzjarju jstabilixxi l-kundizzjonijiet għal rimborż sħiħ, jew parzjali, ta' pagamenti ta' prefinanzjament fir-rigward ta' operazzjoni partikolari.

L-Artikolu 82 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jiddisponi regoli speċifiċi dwar ammonti ta' prefinanzjament applikabbli għall-FSE.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĠJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĠJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

Ammonti ta' prefinanzjament rimborżati għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jiġu mdaħħla fil-Partita 6 1 5 0 jew 6 1 5 7.

Miżuri kontra l-frodi huma ffinanzjati skont l-Artikolu 24 02 01.

*Bażi ġuridika*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174, 175 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jwaqqaf dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu.

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tat-12 ta' Lulju 1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5-8).

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikoli 82, 83, 100 u 102 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10. 2012, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 21(3) (4), 80 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin tal-24 u l-25 ta' Marzu 1999.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2005.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013.

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)****04 02 01 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Objettiv 1 (2000 sa 2006)**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	6 849 787,58

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE ta' impenji li għadhom iridu jitlestew mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

**04 02 02 Tlestija tal-programm speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (2000 sa 2006)**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE ta' impenji li għadhom iridu jitlestew mill-inizjattivi tal-Komunità ta' qabel il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jwaqqaf dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/501/KE tal-1 ta' Lulju 1999 li tiffissa allokazzjoni indikattiva għall-Istat Membru tal-approprijazzjonijiet kommessi għall-Objettiv 1 tal-Fondi Strutturali għall-perjodu 2000 sa 2006 (ĠU L 194, 27.7.1999, p. 49).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĠJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĠJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

## 04 02 02 (ikompli)

Atti ta' referenza

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin tal-24 u l-25 ta' Marzu 1999, u b'mod partikolari l-punt (b) tal-paragrafu 44 tagħhom.

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004, u b'mod partikolari l-paragrafu 49 tagħhom.

04 02 03 **Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew— Objettiv 1 (ta' qabel l-2000)**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	577 099,61

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE ta' impenji li għadhom iridu jitlestew minn perjodi ta' programmazzjoni fir-rigward tal-ex Għanijiet 1 u 6.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 83/516/KEE tas-17 ta' Ottubru 1983 dwar il-ħidmiet tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 289, 22.10.1983, p. 38).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2950/83 tas-17 ta' Ottubru 1983 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 83/516/KEE dwar il-ħidmiet tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 289, 22.10.1983, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4523/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li tistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinament bejn l-attivitajiet tal-Fond Strutturali u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investment u strumenti finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 374, 15.7.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).



**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)****04 02 03** (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

**04 02 04 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew— Objettiv 2 (2000 sa 2006)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE ta' impenji li għadhom iridu jitlestew mill-inizjattivi tal-Komunità ta' qabel il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

**04 02 05 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Objettiv 2 (ta' qabel l-2000)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE ta' impenji li għadhom iridu jitlestew minn perjodi ta' programmazzjoni fir-rigward tal-ex Għanijiet 2 u 5(b).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

## 04 02 05 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4523/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li tistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinament bejn l-attivitajiet tal-Fond Strutturali u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investment u strumenti finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 374, 15.7.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

## 04 02 06 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Oġġettiv 3 (2000 sa 2006)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 357 823,55

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE ta' impenji li għadhom iridu jitlestew mill-inizjattivi tal-Komunità ta' qabel il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

## 04 02 07 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Objettiv 3 (ta' qabel l-2000)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	127 669,45

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE ta' impenji li għadhom iridu jitlestew minn perjodi ta' programmazzjoni fir-rigward tal-ex Għanijiet 3 u 4.

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)****04 02 07** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4523/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li tistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinament bejn l-attivitajiet tal-Fond Strutturali u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investment u strumenti finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 374, 15.7.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

**04 02 08** *Tlestija ta' EQUAL (2000 sa 2006)**Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE ta' impenji li għadhom iridu jitlestew mill-inizjattivi tal-Komunità ta' qabel il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-14 ta' April 2000 li tistabbilixxi linji ta' gwida għall-inizjattiva tal-Komunità EQUAL dwar kooperazzjoni transnazzjonali biex tippromwovi mezzi ġodda għall-ġlieda kontra kull tip ta' diskriminazzjoni u inugwaljanzi li għandhom x'jaqsmu mas-suq tax-xogħol (ĠU C 127, 5.5.2000, p. 2).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

## 04 02 09 Tlestija tal-inizjattivi Komunitarji preċedenti (ta' qabel l-2000)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE ta' impenji li għadhom iridu jitlestew mill-inizjattivi preċedenti Komunitarji a' qabel il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li tistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinament bejn l-attivitajiet tal-Fond Strutturali u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investment u strumenti finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 374, 15.7.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

## Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-13 ta' Mejju 1992 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja għar-reġjuni dipendenti b'mod qawwi fuq is-settur-tessuti u ħwejjeġ (RETEX) (ĠU C 142, 4.6.1992, p. 5).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal sussidji globali jew programmi tat-tmexxija integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li għandha x'taqsam mar-ristrutturazzjoni tas-settur tas-sajd (PESCA) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 1).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li għandha x'taqsam maż-żoni urbani (URBAN) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 6).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-13 ta' Mejju 1992 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jipproponu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tikkonċerna l-addattament tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mas-suq waħdieni (Inizjattiva SMEs) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 10).

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)****04 02 09** (ikompli)

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-5 ta' Ġunju 1994 li tistipula linji ta' gwida għall-inizjattiva RETEX (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 17).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li għandha x'taqsam l-konverżjoni tad-difiża (Konver) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 18).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li għandha x'taqsam l-konverżjoni taż-żoni li jipproduċu l-azzar (Resider II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 22).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li għandha x'taqsam mal-konverżjoni taż-żoni tal-minjieri tal-faħam (Rechar II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 26).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja "Addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali", (ADAPT), li għandha l-għan li tippromwovi l-impjieg u l-adattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 30).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja "Impjieg u żvilupp tar-riżorsi umani" li għandha l-għan tippromwovi t-tkabbir tal-impjieg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani (Employment) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 36).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li għandha x'taqsam mar-reġjuni l-aktar remoti (REGIS II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 44).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal sussidji globali u programmi tat-tmexxija integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjoni għal għajnuna fil-qafas ta' Inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (Leader II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 48).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li għandha x'taqsam l-iżvilupp tal-konfini, il-konfini min-naħa għall-oħra u networks magħżula tal-enerġija (Interreg II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 60).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tas-16 ta' Mejju 1995 li jistipula linji ta' gwida għal inizjattiva fil-qafas tal-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' fuq u l-pajjiżi fil-fruntieri tal-Irlanda (PEACE I) (ĠU C 186, 20.7.1995, p. 3).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrwarda żoni urbani (URBAN) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 4).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma misitenda jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja dwar l-addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali (ADAPT) li għandha l-għan li tippromwovi l-impjieg u l-adattament tal-ħaddiema għall bidla industrijali (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 7).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĠJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĠJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

## 04 02 09 (ikompli)

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja dwar l-impjieg u żvilupp tar-riżorsi umani, li għandha l-għan tippromwovi l-kobor tal-impjieg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 13).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja Interreg li għandha x'taqsam kooperazzjoni transnazzjonali dwar l-iżvilupp tat-territorju (Interreg II C) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 23).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 1997 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u fil-konkoni finali tal-Irlanda (1995-1999) (PEACE I) (COM(97) 642 finali).

04 02 10 *Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika (2000 sa 2006)*

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE tal-impenji li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006 għal azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika kif dispost fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999. L-azzjonijiet innovattivi inkludew studji, proġetti pilota u skambji ta' esperjenza. Huma kienu maħsuba b'mod partikolari biex iwasslu għal titjib kwalitattiv fil-miżuri tal-Fondi Strutturali. L-assistenza teknika kopriet miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, valutazzjoni, superviżjoni u tmexxija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FSE. Din l-appropriazzjoni kienet, b'mod partikolari, użata biex tkopri:

- nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet),
- nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,
- nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjonijiet,
- kuntratti għall-għoti ta' servizzi u studji,
- għotjiet.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jwaqqaf dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĠJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

## 04 02 11 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika (ta' qabel l-2000)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' impenji tal-FSE minn perjodi ta' pprogrammar preċedenti għal azzjonijiet innovattivi jew għal miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, evalwazzjoni, supervizzjoni u ġestjoni jew kull forma oħra simili ta' assistenza teknika kif dispost fir-Regolamenti rilevanti.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ex miżuri pluriennali, b'mod partikolari dawk approvati u implimentati skont ir-Regolamenti l-oħra msemmija hawn taħt, li mhumiex koperti mill-oġettivi prijoritarji tal-Fondi Strutturali.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 83/516/KEE tas-17 ta' Ottubru 1983 fuq l-impenji tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 289, 22.10.1983, p. 38).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2950/83 tas-17 ta' Ottubru 1983 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 83/516/KEE fuq l-impenji tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 289, 22.10.1983, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2088/85 tat-23 ta' Lulju 1985 dwar il-programmi Mediterranji integrati (ĠU L 197, 27.7.1985, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li tistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinament bejn l-attivitajiet tal-Fond Strutturali u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investment u strumenti finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 374, 15.7.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

## 04 02 17 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Konverġenza (2007 sa 2013)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	690 000 000	p.m.	510 000 000	0,—	2 447 673 863,34

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għal programmi skont l-oġettiv ta' konverġenza tal-FSE fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Dan l-oġettiv għandu l-għan li jħaffef il-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni l-anqas żviluppati u li jtejjeb il-kundizzjonijiet għat-tkabbir u l-impjiegi.

L-għan ta' din l-appropriazzjoni hu li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali li nħolqu, b'mod partikolari f'pajjiżi u reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura, b'rabta mat-tħaffif tar-ristrutturar ekonomiku u soċjali u t-tixjijih tal-popolazzjoni.

F'konformità mal-Artikolu 105a, 1 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 għall-Anness III tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti ewlenin li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, ikunu ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jitqiesu bħala li huma approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati skont il-komponenti msemmija fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## 04 02 18 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — PEACE (2007 sa 2013)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għall-programm PEACE skont il-FSE għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013.



**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)****04 02 18** (ikompli)

Bħala rikonoxximent tal-isforz speċjali għall-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq, ġie allokat total ta' EUR 200 000 000 għall-programm PEACE għall-perjodu 2007-2013. Dan il-programm huwa implimentat f'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' addizzjonalità ta' operazzjonijiet ta' fondi strutturali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2005.

**04 02 19 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Kompetittività reġjonali u impjegi (2007 sa 2013)**

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	210 000 000	p.m.	190 000 000	0,—	935 890 936,03

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għall-programmi skont l-oġettiv tal-kompetittività reġjonali u impjegi waqt il-perjodu ta' pprogrammazzjoni 2007-2013. Dan l-oġettiv, minbarra fir-rigward tar-reġjuni l-anqas żviluppati, għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività u tal-attrattività tar-reġjuni, kif ukoll l-impjegi, billi jitqiesu l-miri stabbiliti fl-istrateġija Ewropa 2020.

Din l-appropriazzjoni għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali li nħolqu, b'mod partikolari f'pajjiżi u reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura, b'rabta mat-tħaffif tar-ristrutturar ekonomiku u soċjali u t-tixxijih tal-popolazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

KUMMISSJONI

TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

04 02 20 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali (2007 sa 2013)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	1 065 719,58

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għal miżuri ta' assistenza teknika kif dispost fl-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Assistenza teknika tkopri miżuri preparatorji, monitoraġġ, evalwazzjoni, superviżjoni u maniġerjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FSE. Din l-appropriazzjoni tista', b'mod partikolari, tkun użata biex tkopri:

- nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat u missjonijiet),
- nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,
- nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u telekomunikazzjonijiet,
- nefqa ta' sostenn għall-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità fl-ambitu ta' miżuri ta' assistenza teknika,
- nefqa fi grupp ta' livell għoli sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni ta' prinċipji orizzontali bħall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità u l-iżvilupp sostenibbli,
- kuntratti għall-forniment ta' servizzi u studji,
- għotjiet.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa miżuri approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-thejġija tal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

## 04 02 60 Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni anqas żviluppatti — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 575 750 550	5 773 000 000	7 346 787 700	4 312 197 693	6 902 446 258,—	2 828 072 399,14

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi f'reġjuni anqas żviluppatti fil-perjodu ta' pprogrammar 2014 sa 2020. Il-proċess ta' rkupru għal dawn ir-reġjuni li għadhom lura ekonomikament u soċjalment jeħtieġ sforzi sostnuti fuq terminu twil. Din il-kategorija ta' reġjuni tikkonċerna lil dawk ir-reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa inqas minn 75 % tal-PDG medju tal-EU-27.

Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel orizzontalment u permezz ta' azzjonijiet speċifiċi għandha tkun parti mill-appoġġ ipprovdut mill-FSE, sabiex titjieb l-impjegabilità tan-nisa u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lin-nondiskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, lill-ġlieda kontra l-faqar fost in-nisa, l-aċċess għal edukazzjoni u s-servizzi ta' kura tas-saħħa.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) u b'mod partikolari il-punt (c) tal-Artikolu 4(3) tiegħu.

## 04 02 61 Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 944 596 298	1 305 000 000	1 907 753 625	960 818 915	1 630 370 904,—	459 505 340,41

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-Tkabbir u l-impjiegi fil-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 f'kategorija ġdida ta' reġjuni — "reġjuni fi tranżizzjoni" — li jissostitwixxi s-sistema ta' eliminazzjoni gradwali u ta' introduzzjoni progressiva għall-perjodu 2007-2013. Din il-kategorija ta' reġjuni tinkludi r-reġjuni kollha b'PDG medju per capita ta' bejn 75 % u 90 % tal-EU-27.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

## 04 02 61 (ikompli)

L-integrazzjoni tas-sessi u azzjonijiet speċifiċi għall-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom ikunu parti mill-appoġġ ipprovdut mill-FSE, sabiex titjeb l-impjegabilità tan-nisa u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lin-nondiskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, lill-ġlieda kontra l-faqar fost in-nisa, l-aċċess għal edukazzjoni u s-servizzi ta' kura tas-saħħa.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) u b'mod partikolari il-punt (b) tal-Artikolu 4(3) tiegħu.

04 02 62 **Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjieg**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 700 562 470	2 847 000 000	3 629 184 747	2 156 657 392	3 474 867 783,—	1 097 477 335,51

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjieg f'aktar reġjuni żviluppati fil-perjodu ta' pprogrammar mill-2014 sal-2020. Filwaqt li l-interventi fir-reġjuni anqas żviluppati se jibqgħu prijorità għall-politika ta' koeżjoni, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri sfidi importanti li jikkonċernaw l-Istati Membri kollha bħall-kompetizzjoni globali f'ekonomija tal-għarfien, il-bidla lejn l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-polarizzazzjoni soċjali ggravata mill-klima ekonomika attwali. Din il-kategorija ta' reġjuni tikkonċerna daww ir-reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa ogħla minn 90 % tal-PDG medju tal-EU-27.

L-integrazzjoni tas-sessi u azzjonijiet speċifiċi għall-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom ikunu parti mill-appoġġ ipprovdut mill-FSE, sabiex titjeb l-impjegabilità tan-nisa u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lin-nondiskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, lill-ġlieda kontra l-faqar fost in-nisa, lill-aċċess għal edukazzjoni u lis-servizzi ta' kura tat-tfal li wieħed għandu l-mezzi biex iħallas.

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)****04 02 62** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 4(3) tiegħu.

**04 02 63** **Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Assistenza teknika operazzjonali**

## 04 02 63 01 Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 029 895	10 000 000	16 000 000	11 000 000	14 083 709,64	8 168 422,35

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-assistenza teknika, tal-evalwazzjoni, tal-awditjar u tal-kontroll, kif ukoll il-programm tal-Komunikazzjoni Korporattiva, meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif previst fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri l-kost ta' attivitajiet mal-organizzazzjonijiet imsieħba u mal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri (pereżempju t-taħriġ, il-laqgħat jew konferenzi).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri t-tagħlim amministrattiv u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' msieħba soċjali.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri, fost l-oħrajn l-iżvilupp ta':

- għodod għall-applikazzjonijiet ta' proġetti elettroniċi u għar-rappurtar, u l-istandardizzazzjoni tad-dokumenti u l-proċeduri għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi operattivi,
- revizzjoni minn pari tal-ġestjoni finanzjarja u tal-kwalità ta' prestazzjoni ta' kull Stat Membru,
- dokumentazzjoni standard dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku,
- sistema komuni ta' indikaturi ta' riżultati u impatti,
- manwal dwar l-aħjar prattiki li jottimizza l-użu tal-Fond u t-tnaqqis fir-rata tal-iżball.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

04 02 63 (ikompli)

04 02 63 01 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

04 02 63 02 Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 470 919	p.m.	567 079	7 331 290,—	2 819 877,30

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri parti mill-pakkett nazzjonali għall-assistenza teknika trasferita lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li qiegħed jiffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, hija maħsuba biex tkopri miżuri biex riformi strutturali u amministrattivi jiġu identifikati, iprijoritizzati u implimentati b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dak l-Istat Membru.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1).

## KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW (FSE) (ikompli)

04 02 64 *Inizjattiva favur l-impjeg taż-Żgħażaġħ*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 000 000	600 000 000	500 000 000	600 000 000	420 116 068,08	346 599 485,30

## Kummenti

04 04 01	FEG — <i>biex isostni lill-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'riżultat tal-globalizzazzjoni</i>	9	p.m.	25 000 000	p.m.	25 000 000	27 638 171,—	27 638 171,—	110,55
04 04 51	Tlestija tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2007 sa 2013)	9	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>Kapitolu 04 04 — Total</b>			<b>p.m.</b>	<b>25 000 000</b>	<b>p.m.</b>	<b>25 000 000</b>	<b>27 638 171,—</b>	<b>27 638 171,—</b>	<b>110,55</b>

**04 04 01 FEG — *biex isostni lill-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'riżultat tal-globalizzazzjoni***

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	25 000 000	p.m.	25 000 000	27 638 171,—	27 638 171,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-FEG sabiex l-Unjoni tkun tista' turi solidarjetà lejn, u biex tagħti sostenn lil ħaddiema li spiċċaw bla xogħol u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet globali minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat tal-kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (OJ L 167, 29.6.2009, p. 26), jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida u biex tippovdi sostenn finanzjarju għall-integrazzjoni mill-ġdid malajr tagħhom f'impjiegi sostenibbli.

L-azzjonijiet meħuda mill-FEG għandhom jikkumplementaw lil dawk tal-FSE u ma għandu jkun hemm ebda fondi doppji minn dawn l-istrumenti. Azzjonijiet jew miżuri sostnuti mill-FEG għandhom jimmiraw li jiżguraw li l-ikbar għadd possibbli ta' benefiċjarji li jipparteċipaw f' dawn l-azzjonijiet isibu impjeg sostenibbli mill-aktar fis possibbli qabel ma jkun wasal iż-żmien għar-rapport finali.

Ir-regoli għad-dħul tal-appropriazzjonijiet f'din ir-riżerva u għall-mobilizzazzjoni tal-FEG huma stipulati fil-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit u għestjoni finanzjarja soda (ĠU C 373, 20.12.2013, p.1).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855) u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tagħha.

**KAPITOLU 04 04 — FOND EWROPEW TA' AĠĠUSTAMENT GĦALL-GLOBALIZZAZZJONI (FEG) (ikompli)****04 04 01** (ikompli)*Atti ta' referenza*

Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja soda (ĠU C 373, 20.12.2013, p.1).

**04 04 51** *Tlestija tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2007 sa 2013)**Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-FEG sabiex l-Unjoni tkun tista' ttipprovdi sostenn temporanju u mmirat lill-ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet tan-negozju dinji minħabba l-globalizzazzjoni fejn dawn is-sensji jkollhom impatt avvers sinifikanti fuq l-ekonomija reġjonali jew lokali. Hija applikabbli għall-applikazzjonijiet kollha ippreżentati sal-31 ta' Diċembru 2013. Għal applikazzjonijiet ippreżentati bejn l-1 ta' Mejju 2009 u l-31 ta' Diċembru 2011, tista' jintuża wkoll biex ttiprovdi sostenn lil ħaddiema li jingħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

L-azzjonijiet imwettqa mill-FEG għandhom ikunu kumplimentari għal dawk tal-FSE. M'għandu jsir l-ebda finanzjament doppju minn dawn l-istrumenti.

Ir-regoli għad-dħul tal-appropriazzjonijiet f'din ir-riżerva u għall-mobilizzazzjoni tal-FEG huma stipulati fil-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja soda (ĠU C 373, 20.12.2013, p.1).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja soda (ĠU C 373, 20.12.2013, p.1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
04 05	STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI								
<b>04 05 01</b>	<b>Appoġġ lill-Albanija, il-Bożnja-Herzegovina, il-Kosovo <sup>(1)</sup>, il-Montenegro, is-Serbja u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja</b>								
04 05 01 01	Sostenn għal riformi politiċi u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
04 05 01 02	Sostenn għal żvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 04 05 01 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>04 05 02</b>	<b>Sostenn lill-Iżlanda</b>								
04 05 02 01	Sostenn għal riformi politiċi u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
04 05 02 02	Sostenn għal żvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 04 05 02 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>04 05 03</b>	<b>Sostenn lit-Turkija</b>								
04 05 03 01	Sostenn għal riformi politiċi u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	



**KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI (ikompli)**

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>04 05 03</b>	(ikompli)								
04 05 03 02	Sostenn għal żvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 04 05 03 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>04 05 51</b>	<b>Tlestija ta' azzjonijiet (ta' qabel l-2014) — Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni — Żvilupp tar-Riżorsi Umani</b>	4	p.m.	5 000 000	p.m.	50 000 000	0,—	82 299 999,44	1 646,00
	<b>Kapitolu 04 05 — Total</b>		<b>p.m.</b>	<b>5 000 000</b>	<b>p.m.</b>	<b>50 000 000</b>	<b>0,—</b>	<b>82 299 999,44</b>	<b>1 646,00</b>

(<sup>1</sup>) Din id-desinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet 1244(1999) u mal-opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza ta' Kosovo.

**04 05 01 Appoġġ lill-Albanija, il-Bożnja-Herzegovina, il-Kosovo (<sup>1</sup>), il-Montenegro, is-Serbja u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**

04 05 01 01 Sostenn għal riformi politiċi u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

**Kummenti**

Skont l-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-appropriazzjoni se tindirizza l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin fil-Balkani tal-Punent:

— appoġġ għal riformi politiċi,

— tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam ta' riformi tal-politika billi jsostnu l-allinjament progressiv mal-acquis tal-Unjoni kif ukoll l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

(<sup>1</sup>) Din id-desinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet 1244(1999) u mal-opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza ta' Kosovo.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI (ikompli)

04 05 01 (ikompli)

04 05 01 01 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) u b'mod partikolari l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

04 05 01 02 Sostenn għal żvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-appropriazzjoni tindirizza l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin fil-Balkani tal-Punent:

- forniment ta' sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali, li jimmira għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli, intelliġenti u inklussiv,
- tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali permezz tal-allinjament ta' sostenn progressiv mal-*acquis* tal-Unjoni kif ukoll l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu, inkluż il-preparazzjoni għall-amministrazzjoni tal-fondi strutturali tal-Unjoni, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) u b'mod partikolari l-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

**KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI (ikompli)****04 05 02 Sostenn lill-Iżlanda**04 05 02 01 Sostenn għal riformi politiċi u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Skont l-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-appropriazzjoni se tindirizza l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin fl-Iżlanda:

- appoġġ għal riformi politiċi,
- tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam ta' riformi tal-politika billi jsostnu l-allinjament progressiv mal-*acquis* tal-Unjoni kif ukoll l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b' medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Għajjnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) u b'mod partikolari l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

04 05 02 02 Sostenn għal żvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-appropriazzjoni se tindirizza l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin fl-Iżlanda:

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI (ikompli)

## 04 05 02 (ikompli)

## 04 05 02 02 (ikompli)

- Forniment ta' sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali, li jimmira għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv,
- Tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali permezz tal-allinjament ta' sostenn progressiv mal-*acquis* tal-Unjoni kif ukoll l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu, inkluż il-preparazzjoni għall-amministrazzjoni tal-fondi strutturali tal-Unjoni, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Għajna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) u b'mod partikolari il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

04 05 03 **Sostenn lit-Turkija**04 05 03 01 Sostenn għal riformi politiċi u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Skont l-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin fit-Turkija:

- appoġġ għal riformi politiċi,
- tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam ta' riformi tal-politika billi jsostnu l-allinjament progressiv mal-*acquis* tal-Unjoni kif ukoll l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu.

**KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI (ikompli)****04 05 03** (ikompli)

04 05 03 01 (ikompli)

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi taġħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn se jiġu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx 1-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) u b'mod partikolari l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

04 05 03 02 Sostenn għal żvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-appropriazzjoni tindirizza l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin fit-Turkija:

- Forniment ta' sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali, li jimmira għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.
- Tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali permezz tal-allinjament ta' sostenn progressiv mal-*acquis* tal-Unjoni kif ukoll l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu, inkluż il-preparazzjoni għall-amministrazzjoni tal-fondi strutturali tal-Unjoni, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi taġħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn se jiġu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx 1-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI (ikompli)

04 05 03 (ikompli)

04 05 03 02 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Għajjuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) u b'mod partikolari il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

04 05 51 **Tlestija ta' azzjonijiet (ta' qabel l-2014) — Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni — Żvilupp tar-Riżorsi Umani***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	5 000 000	p.m.	50 000 000	0,—	82 299 999,44

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-likwidazzjoni ta' impenji li saru qabel l-2014.

F'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness 3 għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti ewlenin li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, ikunu ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jitqiesu bħala li huma approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati skont il-komponenti msemmija fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

## KAPITOLU 04 06 — FOND GĦAL GĦAJNUNA EWROPEA GĦALL-PERSUNI L-AKTAR FIL-BŻONN (FEAD)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
04 06	FOND GĦAL GĦAJNUNA EWROPEA GĦALL-PERSUNI L-AKTAR FIL-BŻONN (FEAD)								
04 06 01	<i>Promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u t-taffija tal-aġhar forom ta' faqar fl-Unjoni</i>	1,2	555 274 653	400 000 000	544 386 912	440 000 000	533 712 658,—	277 364 821,41	69,34
04 06 02	<i>Assistenza teknika operazzjonali</i>	1,2	1 200 000	1 000 000	1 440 000	1 000 000	1 051 106,57	699 921,30	69,99
	<b>Kapitolu 04 06 — Total</b>		<b>556 474 653</b>	<b>401 000 000</b>	<b>545 826 912</b>	<b>441 000 000</b>	<b>534 763 764,57</b>	<b>278 064 742,71</b>	<b>69,34</b>

## Kummenti

L-Artikolu 174 Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula l-oġġettiv ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, filwaqt li l-Artikolu 175 jispeċifika r-rwol tal-Fondi Strutturali fil-kisba ta' dan l-oġġettiv u jiddisponi l-adozzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi barra l-Fondi Strutturali.

L-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju jiddisponi korrezzjonijiet finanzjarji fl-eventwalità ta' nefqa mġarrba bi ksar tal-liġi applikabbli.

L-Artikoli 56 u 57 tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 dwar il-kriterji għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni jipprevedu regoli speċifiċi għall-korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-FEAD.

Kull dħul mill-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa fuq dik il-bażi jiddaħħal fil-Partita 6 5 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 177 tar-Regolament Finanzjarju jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għal rimborż sħiħ, jew parzjali, ta' ħlasijiet ta' prefinanzjament fir-rigward ta' operazzjoni partikolari.

L-Artikolu 44 tar-Regolament FEAD jistipula regoli speċifiċi dwar rimborż ta' prefinanzjament applikabbli għall-FEAD.

Ammonti ta' prefinanzjament rimborżati għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jiġu mdaħħla fil-Partita 6 1 5 7.

L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 jistipula l-kundizzjonijiet għar-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali sabiex jittrasferixxi għas-snin sussegwenti, l-allokazzjonijiet mhux użati fl-2014, fuq il-limiti tan-nefqa korrispondenti, fil-każ tal-adozzjoni ta' regoli jew programmi ġodda wara l-1 ta' Jannar 2014.

## Bażi ġuridika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174 u 175 tiegħu.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 06 — FOND GĦAL GĦAJNUNA EWROPEA GĦALL-PERSUNI L-AKTAR FIL-BŻONN (FEAD) (ikompli)

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10. 2012, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) u (4), u l-Artikoli 80 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (OJ L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013.

## 04 06 01

**Promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u t-taffija tal-aġar forom ta' faqar fl-Unjoni**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
555 274 653	400 000 000	544 386 912	440 000 000	533 712 658,—	277 364 821,41

*Kummenti*

Il-FEAD jissostitwixxi l-Programm tal-Unjoni Ewropea tad-Distribuzzjoni tal-Ikel lill-Persuni l-Aktar fil-Bżonn tal-Komunità, li twaqqaf fl-aħħar tal-2013.

Sabiex tkun żgurata l-kontinwità bejn iż-żewġ programmi, in-nefqa għandha tkun eliġibbli għal sostenn minn programm operattiv tal-FEAD jekk tkun imġarrba minn benefiċjarju u mħallsa bejn l-1 ta' Diċembru 2013 u l-31 ta' Diċembru 2023.

Il-FEAD għandu jipromwovi l-koeżjoni soċjali, itejjeb l-inklużjoni soċjali u għalhekk essenzjalment jikkontribwixxi għall-oġettiv li jeqred il-faqar fl-Unjoni billi jikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis tal-faqar ta' mill-inqas 20 miljun mill-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali skont l-istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li jikkomplimenta l-Fondi Strutturali. Peress li l-proporzjoni ta' nisa friskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali huwa ogħla milli fil-każ tal-irġiel, il-FEAD se jsegwi approċċ sensitiv għall-ġeneru billi jadatta l-miżuri għall-gruppi li fil-fatt qegħdin fir-riskju, inklużi n-nisa u l-anzjani. Il-FEAD għandu jikkontribwixxi għall-ilhuf tal-oġettiv speċifiku li jittaffew u jinqerdu l-aġar forom ta' faqar, billi jipprovi assistenża mhux finanzjarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn permezz ta' "assenzenza alimentari u/jew materjali bażika, u attivitajiet ta' " inklużjoni soċjali mmirati lejn l-integrazzjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn.



**KAPITOLU 04 06 — FOND GĦAL GĦAJNUNA EWROPEA GĦALL-PERSUNI L-AKTAR FIL-BŻONN (FEAD) (ikompli)****04 06 01** (ikompli)

Dan l-objettiv u r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-FEAD għandhom jiġu evalwati b'mod kwalitattiv u kwantitattiv.

Il-FEAD għandu jikkomplementa u m'għandux jissostitwixxi jew inaqqas il-politiki nazzjonali sostenibbli għall-qerda tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, li jibqgħu r-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Ir-riżorsi għall-FEAD disponibbli għall-impenn baġitarju għall-perjodu 2014-2020 għandhom ikunu EUR 3 395 684 880 fi prezzijiet tal-2011.

Il-faqar hu problema multidimensjonali u l-għieda kontrih għandha ssir objettiv ewlieni. Hemm bżonn li titqiegħed aktar enfasi fuq il-faqar fl-istrategġiji kollha, peress li l-faqar hu problema kumplessa b'ħafna kawżi. U fuq kollox, għandu wkoll impatt enormi mhux biss fuq il-preżenti imma anke fuq il-ġejjieni. Hemm aktar riskju li min iġarrab il-faqar, speċjalment it-tfal, ma jirnexxix aktar 'il quddiem f'ħajtu u jiġi eskluż mis-soċjetà.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (OJ L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

**04 06 02** *Assistenza teknika operazzjonali*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	1 000 000	1 440 000	1 000 000	1 051 106,57	699 921,30

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza teknika kif previst fl-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 223/2014.

L-assistenza teknika tkopri l-miżuri preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-awditjar, tal-informazzjoni, tal-kontroll u tal-evalwazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 kif ukoll għall-attivitajiet skont l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

## KAPITOLU 04 06 — FOND GĦAL GĦAJNUNA EWROPEA GĦALL-PERSUNI L-AKTAR FIL-BŻONN (FEAD) (ikompli)

**04 06 02** (ikompli)

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- il-kost ta' attivitajiet mal-organizzazzjonijiet imsieħba u mal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri (pereżempju t-taħriġ, il-laqgħat, il-konferenzi, in-netwerk ta' esperti, il-gruppi ta' ħidma),
- in-nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,
- in-nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjonijiet,
- il-kuntratti għall-forniment ta' servizzi u studji,
- l-għotjiet,
- l-attivitajiet ta' awditjar, kontroll u evalwazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (OJ L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

*TITOLU 05*

**AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI**

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## TITOLU 05

## AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)

Titolu Kapitulu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
05 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI"	132 308 006	132 308 006	134 431 385	134 431 385	133 340 495,83	133 340 495,83
05 02	TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI	2 358 100 000	2 302 896 000	2 806 800 000	2 766 337 000	3 184 276 029,66	3 163 929 739,03
05 03	PAGAMENTI DIRETTI MMIRATI LI JIKKONTRIBWIXXU GĦALL-INTROJTI TAL-AZJENDI AGRIKOLI, BIEK JILLIMATAW IL-VARJABBILTÀ TAL-INTROJTU TAL-AZJENDA AGRIKOLA U BIEK JINTLAĦQU L-OBJETTIVI AMBENTALI U KLIMATIĊI	40 668 700 000	40 668 700 000	39 661 700 000	39 661 700 000	40 984 131 447,04	40 984 131 447,04
05 04	ŻVILUPP RURALI	14 367 669 509	11 843 037 093	14 354 048 697	10 421 022 443	18 679 199 008,51	12 365 257 730,76
	Riżervi (40 02 41)	1 800 000	1 350 000				
		14 369 469 509	11 844 387 093	14 354 048 697	10 421 022 443	18 679 199 008,51	12 365 257 730,76
05 05	STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI	190 000 000	138 400 000	199 000 000	89 970 000	112 000 000,—	339 242 762,15
05 06	ASPETTI INTERNAZZJONALI TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U L-ŻVILUPP RURALI"	7 368 000	7 368 000	8 285 849	8 285 849	4 403 541,71	4 403 541,71
05 07	AWDITJAR TAN-NEFQA AGRIKOLA FFINANZJATA MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)	160 230 000	160 979 183	85 279 139	83 900 515	111 452 448,91	111 452 448,91
05 08	STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-ŻVILUPP RURALI	39 706 899	54 412 168	47 810 940	40 944 954	31 077 996,97	30 200 549,86
05 09	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA	235 755 857	154 885 244	221 563 529	108 915 289	209 994 970,79	75 677 497,28
	<b>Titolu 05 — Total</b>	<b>58 159 838 271</b>	<b>55 462 985 694</b>	<b>57 518 919 539</b>	<b>53 315 507 435</b>	<b>63 449 875 939,42</b>	<b>57 207 636 212,57</b>
	<b>Riżervi (40 02 41)</b>	<b>1 800 000</b>	<b>1 350 000</b>				
		<b>58 161 638 271</b>	<b>55 464 335 694</b>	<b>57 518 919 539</b>	<b>53 315 507 435</b>	<b>63 449 875 939,42</b>	<b>57 207 636 212,57</b>

## TITOLU 05

## AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
05 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI"					
<b>05 01 01</b>	<b><i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"</i></b>	5,2	97 704 383	100 777 140	102 894 402,73	105,31
<b>05 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"</i></b>					
05 01 02 01	Persunal estern	5,2	3 156 935	3 419 215	3 548 911,27	112,42
05 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	6 480 752	6 490 597	6 316 543,56	97,47
	<i>Artikolu 05 01 02 — Subtotal</i>		9 637 687	9 909 812	9 865 454,83	102,36
<b>05 01 03</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"</i></b>	5,2	6 315 934	6 292 864	7 912 231,27	125,27
<b>05 01 04</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"</i></b>					
05 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għal Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Assistenza teknika nonoperazzjonali	2	8 000 000	6 782 000	5 362 011,83	67,03
05 01 04 03	Nefqa ta' sostenn għal assistenza ta' qabel l-adeżjoni fil-qasam ta, politika "Agrikoltura u l-iżvilupp rurali" (IPA)	4	449 650	459 960	281 065,24	62,51
05 01 04 04	Nefqa ta' sostenn għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika nonoperazzjonali	2	4 689 000	4 910 000	3 246 016,77	69,23
	<i>Artikolu 05 01 04 — Subtotal</i>		13 138 650	12 151 960	8 889 093,84	67,66

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI" (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>05 01 05</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"</i></b>					
05 01 05 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	1 589 136	1 535 400	1 434 999,34	90,30
05 01 05 02	Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	442 216	433 545	435 791,—	98,55
05 01 05 03	Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' Riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	400 000	830 664	350 146,82	87,54
	<i>Artikolu 05 01 05 — Subtotal</i>		2 431 352	2 799 609	2 220 937,16	91,35
<b>05 01 06</b>	<b><i>Aġenziji eżekuttivi</i></b>					
05 01 06 01	L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-programm għall-promozzjoni Agrikola	2	3 080 000	2 500 000	1 558 376,—	50,60
	<i>Artikolu 05 01 06 — Subtotal</i>		3 080 000	2 500 000	1 558 376,—	50,60
	<b>Kapitolu 05 01 — Total</b>		<b>132 308 006</b>	<b>134 431 385</b>	<b>133 340 495,83</b>	<b>100,78</b>

## Kummenti

Il-bażi ġuridika li ġeja tapplika għall-artikoli u l-partiti kollha ta' dan il-kapitolu sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

**05 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
97 704 383	100 777 140	102 894 402,73

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

**KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI" (ikompli)**

**05 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"**

05 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 156 935	3 419 215	3 548 911,27

05 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
6 480 752	6 490 597	6 316 543,56

**05 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
6 315 934	6 292 864	7 912 231,27

**05 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"**

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u li jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-għajnuna mill-Komunità għal miżuri ta' qabel l-Adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u ta' Lvant matul il-perjodu ta' qabel l-Adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 870/2004 tal-24 ta' April 2004 li jwaqqaf programm tal-Komunità dwar il-ħarsien, karatterizzazzjoni, ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1467/94 (ĠU L 162, 30.4.2004, p. 18).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI" (ikompli)

## 05 01 04 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Ir-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1308//2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2014 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 865).

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

05 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Assistenza teknika nonoperazzjonali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
8 000 000	6 782 000	5 362 011,83



KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI" (ikompli)

05 01 04 (ikompli)

05 01 04 01 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' sostenn amministrattiv u tekniku, kif ukoll miżuri ta' evalwazzjoni, awditjar u spezzjoni, meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni u b'mod partikolari l-miżuri kif stipulati fil-punti (a), (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Din tinkludi n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm tar-riżorsi ġenetiċi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 870/2004. Tinkludi wkoll in-nefqa għall-finanzjament tal-Korp ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-approvazzjoni tal-kontijiet tal-politika agrikola komuni (it-tariffi, it-tagħmir, l-ivvjaġġar u l-laqgħat).

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 6 7 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju.

05 01 04 03 Nefqa ta' sostenn għal assistenza ta' qabel l-ađeżjoni fil-qasam ta, politika "Agrikoltura u l-iżvilupp rurali" (IPA)

## Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
449 650	459 960	281 065,24

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri:

- in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompi ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-benefiċjarji u l-Kummissjoni,
- in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali ssekondati) għall-finijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompi ta' uffiċċji ta' assistenza teknika li tneħħew f'fajjiet, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u l-kiri tal-akkomodazzjoni li jirriżultaw direttament mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-persunal estern remunerat mill-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,
- in-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, sistemi tal-informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, preparazzjoni u skambju ta' taġħlimiet miksubin u l-aħjar Prattiki, kif ukoll attivitajiet tal-pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra direttament marbuta mal-kisba tal-oġettiv tal-programm,
- l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u d-disseminazzjoni ta' tagħhom,
- in-nefqa marbuta mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI" (ikompli)

05 01 04 (ikompli)

05 01 04 03 (ikompli)

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuma esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġati mill-Kummissjoni fisimhom jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4% tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-appropriazzjoni tkopri n-nefqa amministrattiva skont il-Kapitolu 05 05.

05 01 04 04 Nefqa ta' sostenn għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika nonoperazzjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 689 000	4 910 000	3 246 016,77

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza teknika ffinanzjata mill-FAEŻR u prevista fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. L-assistenza teknika tkopri l-miżuri preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-appoġġ amministrattiv, tal-evalwazzjoni u tas-spezizzjoni meħtieġa biex tiġi implimentata l-politika agrikola komuni. B'mod partikolari, tista' tintuża biex tiffinanzja:

- it-tixrid tal-informazzjoni, inklużi l-kooperazzjoni u l-iskambji fil-livell tal-Unjoni u l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati,
- l-ġhoti ta' informazzjoni, inklużi studji u evalwazzjonijiet,
- in-nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjonijiet,
- in-nefqa għall-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni (il-legalità u r-regolarità, il-frodi, il-penali u l-azzjonijiet ta' rkupru),
- in-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal mill-aġenzija) sa EUR 1 850 000, kif ukoll misjonijiet marbutin mall-persunal estern.

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 6 7 1 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju.

## KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI" (ikompli)

05 01 05 **Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"***Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965) u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE, u b'mod partikolari tal-punt (b) tal-Artikolu 3(3) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## 05 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 589 136	1 535 400	1 434 999,34

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, li jikkupaw karigi taħt il-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati impenjati f'azzjoni indiretta fl-ambitu tal-programmi nonnukleari, inklużi uffiċjali u persunal temporanju f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

## 05 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
442 216	433 545	435 791,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI" (ikompli)

05 01 05 (ikompli)

05 01 05 02 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluż il-persunal estern ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jaqgħu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

05 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' Riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

## Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
400 000	830 664	350 146,82

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni tal-programmi kollha ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluża nefqa amministrattiva oħra mġarrba mill-persunal ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa għall-assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditu u s-supervizzjoni tal-programm jew tal-proġetti, bħal konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, taħriġ u spejjeż tar-rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jaqgħu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI" (ikompli)

05 01 06 **Aġenziji eżekuttivi**

05 01 06 01 L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-programm għall-promozzjoni Agrikola

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 080 000	2 500 000	1 558 376,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' miżuri li jiffurmaw parti mill-programm ta' promozzjoni sa mill-1 ta' Diċembru 2015.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2003, p. 69).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/927/EU tas- 17 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/770/UE sabiex "L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel" tiġi ttrasformata f' "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel"(ĠU L 363, 18.12.2014, p. 183).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9594 li temenda d-Deċiżjoni C(2013) 9505 fir-rigward tad-delega ta' setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel bil-għan li jitwettqu kompiti marbuta mal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' għoti ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u miżuri ta' taħriġ fis-sikurezza tal-ikel koperti mid-deċiżjoni C(2014) 1269 li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETTITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 02	TITJIB TAL-KOMPETTITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI								
<b>05 02 01</b>	<b>Ċereali</b>								
05 02 01 01	Rifużjonijiet tal-esportazzjoni taċ-ċereali	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 01 02	Intervent f'forma ta' ħżin għaċ-ċereali	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 01 99	Miżuri oħra għaċ-ċereali	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 05 02 01 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>05 02 02</b>	<b>Ross</b>								
05 02 02 01	Rifużjonijiet tal-esportazzjoni tar-ross	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 02 02	Intervent f'forma ta' ħżin għar-ross	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 02 99	Miżuri oħra għar-ross	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 05 02 02 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>05 02 03</b>	<b>Rifużjonijiet fuq prodotti li mhumiex mhux elenkati fl-Anness I tat-TFUE</b>								
05 02 03 99	Miżuri oħra għal-programmi alimentari	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 05 02 03 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>05 02 04</b>	<b>Programmi tal-ikel</b>								
05 02 04 99	Miżuri oħra għal-programmi alimentari	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	- 968,04	- 968,04	
	<i>Artikolu 05 02 04 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	- 968,04	- 968,04	
<b>05 02 05</b>	<b>Zokkor</b>								
05 02 05 01	Rifużjonijiet tal-esportazzjoni taz-zokkor u iżoglukożju	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 05 03	Rifużjonijiet fuq il-produzzjoni għal zokkor użat fl-industrija kimika	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 05 08	Ħażna privata taz-zokkor	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 05 99	Miżuri oħra għaz-zokkor	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 05 02 05 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)**

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>05 02 06</b>	<b>Żejt iż-żebbuġa</b>								
05 02 06 03	Ħażna privata taż-żejt iż-żebbuġa	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	- 100 000,—	- 100 000,—	
05 02 06 05	Miżuri għat-titjib tal-kwalità	2	46 000 000	46 000 000	46 000 000	46 000 000	46 026 264,14	46 026 264,14	100,06
05 02 06 99	Miżuri oħra għaż-żejt iż-żebbuġa	2	100 000	100 000	300 000	300 000	62 849,69	62 849,69	62,85
	<i>Artikolu 05 02 06 — Subtotal</i>		46 100 000	46 100 000	46 300 000	46 300 000	45 989 113,83	45 989 113,83	99,76
<b>05 02 07</b>	<b>Xtieli tessili</b>								
05 02 07 02	Ħażna privata tal-fibra tal-kittien	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 07 03	Qoton — Programmi nazzjonali ta' ristrutturar	2	p.m.	p.m.	6 100 000	6 100 000	6 134 000,—	6 134 000,—	
05 02 07 99	Miżuri oħrajn għax-xtieli li minnhom isiru t-tessuti	2	100 000	100 000	100 000	100 000	0,—	0,—	0
	<i>Artikolu 05 02 07 — Subtotal</i>		100 000	100 000	6 200 000	6 200 000	6 134 000,—	6 134 000,—	6 134,00
<b>05 02 08</b>	<b>Frott u ħxejjex</b>								
05 02 08 03	Fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi	2	472 000 000	472 000 000	455 000 000	455 000 000	862 483 263,71	862 483 263,71	182,73
05 02 08 11	Għajjuna lil organizzazzjonijiet tal-produtturi għar-rikon-oximent preliminari	2	10 000 000	10 000 000	22 000 000	22 000 000	71 373 084,53	71 373 084,53	713,73
05 02 08 12	Skema tal-Frott għall-Iskejjeġ	2	10 000 000	10 000 000	130 000 000	130 000 000	109 915 855,51	109 915 855,51	1 099,16
05 02 08 99	Miżuri oħra għall-frott u ħxejjex	2	39 800 000	39 800 000	54 500 000	54 500 000	128 952 215,11	128 952 215,11	324,00
	<i>Artikolu 05 02 08 — Subtotal</i>		531 800 000	531 800 000	661 500 000	661 500 000	1 172 724 418,86	1 172 724 418,86	220,52
<b>05 02 09</b>	<b>Prodotti tas-settur vinikolu</b>								
05 02 09 08	Programmi nazzjonali ta' sostenn għas-settur tal-inbid	2	1 057 000 000	1 057 000 000	1 075 000 000	1 075 000 000	1 027 566 919,35	1 027 566 919,35	97,22
05 02 09 99	Miżuri oħra għas-settur vinikolu	2	1 000 000	1 000 000	1 000 000	1 000 000	- 435 981,13	- 435 981,13	- 43,60
	<i>Artikolu 05 02 09 — Subtotal</i>		1 058 000 000	1 058 000 000	1 076 000 000	1 076 000 000	1 027 130 938,22	1 027 130 938,22	97,08

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETTITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>05 02 10</b>	<b>Promozzjoni</b>								
05 02 10 01	Miżuri ta' promozzjoni— Pagamenti minn Stati Membri	2	83 000 000	83 000 000	83 000 000	83 000 000	62 587 884,01	62 587 884,01	75,41
05 02 10 02	Miżuri ta' promozzjoni — Pagamenti diretti mill-Unjoni	2	88 600 000	27 396 000	52 500 000	12 037 000	18 480 225,—	4 133 934,37	15,09
05 02 10 99	Miżuri oħra għall-promozzjoni	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 05 02 10 — Subtotal</i>		171 600 000	110 396 000	135 500 000	95 037 000	81 068 109,01	66 721 818,38	60,44
<b>05 02 11</b>	<b>Prodotti/miżuri oħra tal-pjanti</b>								
05 02 11 03	Hops — Għajnuna għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi	2	2 300 000	2 300 000	2 300 000	2 300 000	2 277 000,—	2 277 000,—	99,00
05 02 11 04	Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI) (bl-esklużjoni ta' għajnuniet diretti)	2	231 000 000	231 000 000	237 000 000	237 000 000	239 632 322,93	239 632 322,93	103,74
05 02 11 99	Miżuri oħra għall-prodotti/miżuri oħra tal-pjanti	2	100 000	100 000	100 000	100 000	98 440,65	98 440,65	98,44
	<i>Artikolu 05 02 11 — Subtotal</i>		233 400 000	233 400 000	239 400 000	239 400 000	242 007 763,58	242 007 763,58	103,69
<b>05 02 12</b>	<b>Ħalib u prodotti tal-ħalib</b>								
05 02 12 01	Rifużjonijiet għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,01	0,01	
05 02 12 02	Miżuri tal-ħażna tat-trab tal-ħalib xkumat	2	12 000 000	12 000 000	19 000 000	19 000 000	9 125 953,25	9 125 953,25	76,05
05 02 12 04	Miżuri tal-ħażna għall-butir u l-krema	2	p.m.	p.m.	9 000 000	9 000 000	9 067 447,10	9 067 447,10	
05 02 12 06	Ħażna privata ta' ċerti ġobniet	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 12 08	Ħalib għall-iskejjel	2	22 000 000	22 000 000	75 000 000	75 000 000	64 436 426,78	64 436 426,78	292,89
05 02 12 09	It-tqassim ta' prodotti tal-ħalib bħala tweġiba urġenti għall-kriżijiet umanitarji	2	p.m.	6 000 000	p.m.	p.m.	30 000 000,—	24 000 000,—	400,00
05 02 12 99	Miżuri oħra għall-ħalib u prodotti tal-ħalib	2	100 000	100 000	504 700 000	504 700 000	323 947 831,52	323 947 831,52	323 947,83
	<i>Artikolu 05 02 12 — Subtotal</i>		34 100 000	40 100 000	607 700 000	607 700 000	436 577 658,66	430 577 658,66	1 073,76



KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>05 02 13</b>	<b>Ċanga u vitella</b>								
05 02 13 01	Rifużjonijiet għaċ-ċanga u l-vitella	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	560 013,80	560 013,80	
05 02 13 02	Miżuri tal-ħażna għaċ-ċanga u l-vitella	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 13 04	Rifużjonijiet għal annimali ħajjin	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	4 765,60	4 765,60	
05 02 13 99	Miżuri oħra għaċ-ċanga u l-vitella	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	29 641 616,57	29 641 616,57	
	Artikolu 05 02 13 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	30 206 395,97	30 206 395,97	
<b>05 02 14</b>	<b>Laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż</b>								
05 02 14 01	Ħażna privata tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 14 99	Miżuri oħrajn għal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	1 836 787,35	1 836 787,35	
	Artikolu 05 02 14 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	1 836 787,35	1 836 787,35	
<b>05 02 15</b>	<b>Majjal, bajd u pollam, apikoltura u prodotti oħra tal-annimali</b>								
05 02 15 01	Rifużjonijiet għall-majjal	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 15 02	Ħażna privata tal-laħam tal-majjal	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	30 816 729,22	30 816 729,22	
05 02 15 04	Rifużjonijiet għall-bajd	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 02 15 05	Rifużjonijiet għal-laħam tal-pollam	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	30 454,55	30 454,55	
05 02 15 06	Għajjuna speċifika għall-apikoltura	2	35 000 000	35 000 000	34 000 000	34 000 000	34 533 998,75	34 533 998,75	98,67
05 02 15 99	Miżuri oħra għall-majjal, pollam, bajd, apikoltura, prodotti oħra mill-annimali	2	60 000 000	60 000 000	p.m.	p.m.	75 220 629,70	75 220 629,70	125,37
	Artikolu 05 02 15 — Subtotal		95 000 000	95 000 000	34 000 000	34 000 000	140 601 812,22	140 601 812,22	148,00
<b>05 02 18</b>	<b>Skemi għall-iskejjel</b>	2	188 000 000	188 000 000	200 000	200 000			
	<b>Kapitolu 05 02 — Total</b>		<b>2 358 100 000</b>	<b>2 302 896 000</b>	<b>2 806 800 000</b>	<b>2 766 337 000</b>	<b>3 184 276 029,66</b>	<b>3 163 929 739,03</b>	<b>137,39</b>

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

## Kummenti

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 6 7 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fuq kwalunkwe linja f'dan il-kapitolu f'konformità mal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju.

Fil-qafas biex jiġu stabbiliti l-approprjazzjonijiet baġitarji għal dan il-kapitolu, ġie kkunsidrat ammont ta' EUR 400 000 000 li joriġina mill-Partita 6 7 0 1 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul għall-Artikolu 05 02 08, u b'mod partikolari għall-Partita 05 02 08 03.

Il-bażi ġuridika li ġeja tapplika għall-artikoli u l-partiti kollha ta' dan il-kapitolu sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2, (ĊC) No 814/2000, (EC) No 1290/2005 and (EC) No 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/ and (EC) No 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12).

**05 02 01 Ċereali**

05 02 01 01 Rifużjonijiet tal-esportazzjoni taċ-ċereali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għaċ-ċereali mogħtija f'konformità mal-Artikoli 196 sa 199 u l-Artikoli 201 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

05 02 01 02 Intervent f'forma ta' ħżin għaċ-ċereali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

05 02 01 (ikompli)

05 02 01 02 (ikompli)

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri spejjeż tekniċi, finanzjarji u oħrajn, b'mod partikolari d-deprezzament finanzjarju tal-istokkijiet, li jirriżulta mix-xiri sfurzati ta' ċereali għall-ħażna pubblika f'konformità mal-Artikoli 8, 9, 11 sa 16, 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

05 02 01 99 Miżuri oħra għaċ-ċereali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-bilanċi pendenti kif ukoll nefqa oħra marbuta mal-iskemi ta' intervent għaċ-ċereali skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1234/2007, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 1370/2013 mhux koperti mill-approprijazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 01.

Tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali mwettqa f'konformità mal-Artikolu 219, il-punt (b) tal-Artikolu 220(1) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 02 **Ross**

05 02 02 01 Rifużjonijiet tal-esportazzjoni tar-ross

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni tar-ross mogħtija f'konformità mal-Artikoli 196 sa 199 u l-Artikoli 201 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

05 02 02 02 Intervent f'forma ta' ħżin għar-ross

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri kostijiet tekniċi, finanzjarji u oħrajn, b'mod partikolari d-deprezzament finanzjarju tal-istokkijiet, li jirriżulta mix-xiri sfurzati ta' ross għall-ħażna pubblika f'konformità mal-Artikoli 8, 9, 11 sa 16, u 19 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

## 05 02 02 (ikompli)

## 05 02 02 99 Miżuri oħra għar-ross

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa skont skemi ta' intervent oħrajn għar-ross skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1234/2007, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 1370/2013 mhux koperti mill-appropriazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 02.

Tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali mwettqa f'konformità mal-Artikolu 219, il-punt (b) tal-Artikolu 220(1) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 03 **Rifużjonijiet fuq prodotti li mhumiex mhux elenkati fl-Anness I tat-TFUE**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri r-rifużjonijiet fuq ċereali esportati fil-forma ta' ċerti xarbiet alkoħoliċi, f'konformità mal-Artikoli 196 sa 199 u l-Artikoli 201 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, kif ukoll ir-rifużjonijiet fuq oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' ċereali u ross, zokkor u isoglukożju, ħalib xkumat, butir u l-bajd, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 510/2014.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1).

05 02 04 **Programmi tal-ikel**

## 05 02 04 99 Miżuri oħra għal-programmi alimentari

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	– 968,04

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

05 02 04 (ikompli)

05 02 04 99 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri kwalunkwe bilanċ pendenti li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-provvista tal-ikel minn stokkijiet ta' intervent u prodotti mobilizzati fuq is-suq tal-Unjoni għal organizzazzjonijiet magħżula għad-distribuzzjoni lill-persuni l-iktar fil-bżonn fl-Unjoni.

05 02 05 **Zokkor**

05 02 05 01 Rifużjonijiet tal-esportazzjoni taz-zokkor u iżoglukożju

## Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni taz-zokkor u l-isoglukożju mogħtija f'konformità mal-Artikoli 196 sa 199 u l-Artikoli 201 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013 kif ukoll in-nefqa pendenti mogħtija f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001, inkluż dawk relatati ma' ċertu zokkor inkorporat fi frott u ħxejjex ipproċessati, f'konformità mal-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 2201/96.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1).

05 02 05 03 Rifużjonijiet fuq il-produzzjoni għal zokkor użat fl-industrija kimika

## Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

05 02 05 (ikompli)

05 02 05 03 (ikompli)

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri nefqa pendenti fuq rifużjonijiet tal-produzzjoni għal zokkor industrijali f'konformità mal-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, kif ukoll nefqa pendenti għal rifużjonijiet għall-użu fl-industrija kimika f'konformità mal-Artikolu 97 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

05 02 05 08 Ħażna privata taz-zokkor

## Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-għajnuna għall-ħażna privata taz-zokkor f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

05 02 05 99 Miżuri oħra għaz-zokkor

## Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri kwalunkwe nefqa oħra għaz-zokkor skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1234/2007, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 1370/2013, kif ukoll kwalunkwe bilanċ ieħor pendenti, inkluż korrezzjonijiet marbuta miegħu, mill-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 1260/2001, (KE) Nru 318/2006 u (KE) Nru 320/2006, mhux koperti mill-approprijazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 05. Dawn il-bilanċi pendenti jinkludu, b'mod partikolari, nefqa pendenti possibbli għal miżuri li jgħinu fir-rimi ta' zokkor mhux raffinat prodott fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 u għall-għajnuna ta' aġġustament għall-industrija tar-raffinerija, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4), l-Artikolu 33(2) u l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001. Tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali mwettqa f'konformità mal-Artikolu 219, il-punt (b) tal-Artikolu 220(1) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tal-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETTITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

05 02 05 (ikompli)

05 02 05 99 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

05 02 06 **Żejt iż-żebbuġa**

05 02 06 03 Ħażna privata taż-żejt taż-żebbuġa

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	- 100 000,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-għajnuna għall-ħażna privata taż-żejt taż-żebbuġa f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

05 02 06 05 Miżuri għat-titjib tal-kwalità

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
46 000 000	46 000 000	46 026 264,14

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal għajnuna għall-organizzazzjonijiet tal-operaturi mġarrba f'konformità mal-Artikoli 29 sa 31 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 06 99 Miżuri oħra għaż-żejt iż-żebbuġa

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
100 000	300 000	62 849,69

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

05 02 06 (ikompli)

05 02 06 99 (ikompli)

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri kwalunkwe nefqa oħra għaż-żejt taż-żebuga skont ir-Regolament (KE) Nru 1308/2013, kif ukoll kwalunkwe bilanċ pendenti mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 136/66/KEE, ir-Regolamenti (KE) Nru 865/2004 u (KE) Nru 1234/2007, mhux koperti mill-approprijazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 06. Tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali skont l-Artikolu 219, il-punt (b) tal-Artikolu 220(1) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 07 **Xtieli tessili**

05 02 07 02 Ħażna privata tal-fibra tal-kittien

## Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-għajnuna għall-ħażna privata tal-fibra tal-kittien f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

05 02 07 03 Qoton — Programmi nazzjonali ta' ristrutturar

## Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	6 100 000	6 134 000,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri bilanċi pendenti b'rabta ma' skemi skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).



KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

## 05 02 07 (ikompli)

05 02 07 99 Miżuri oħrajn għax-xtieli li minnhom isiru t-tessuti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
100 000	100 000	0,—

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri kwalunkwe nefqa pendenti fuq għajnuna għall-qoton li mhux ikkardat jew mimxut f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1051/2001 u kwalunkwe nefqa oħra għal pjanti tessili, inkluż pagamenti pendenti għall-għajnuna tal-ipproċessar għall-fibra tal-kittien u l-fibra tal-qanneb, skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1234/2007 u (UE) Nru 1308/2013 mhux koperti mill-approprjazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn kollha skont l-Artikolu 05 02 07.

Tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali skont l-Artikolu 219, il-punt (b) tal-Artikolu 220(1) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jaġġusta, għas-sitt darba, is-sistema tal-għajnuna għall-qoton imdaħħal mill-Protokoll 4 anness mal-Att tal-Adeżjoni tal-Greċja (ĠU L 148, 1.6.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1051/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-għajnuna għall-produzzjoni tal-qoton (ĠU L 148, 1.6.2001, p. 3).

05 02 08 **Frott u ħxejjex**

05 02 08 03 Fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
472 000 000	455 000 000	862 483 263,71

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament parzjali tal-Unjoni tan-nefqa konnessa mal-fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, b'konformità mal-Artikoli 32 sa 38 u 152 sa 160 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 08 11 Għajnuna lil organizzazzjonijiet tal-produtturi għar-rikonoxximent preliminari

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
10 000 000	22 000 000	71 373 084,53

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

05 02 08 (ikompli)

05 02 08 11 (ikompli)

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa marbuta mal-ghajjnuna għall-gruppi tal-produtturi mogħtija rikonoxximent preliminari f'konformità mas-Sottotaqsima I tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

05 02 08 12 Skema tal-Frott għall-Iskejjel

## Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
10 000 000	130 000 000	109 915 855,51

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa b'rabta mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-iskema tal-frott għall-iskejjel skont l-Artikoli minn 22 sa 25 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013 sas-sena skolastika 2016/2017, u tagħti preferenza lil prodotti ta' orijini lokali u/jew nazżjonali.

05 02 08 99 Miżuri oħra għall-frott u ħxejjex

## Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
39 800 000	54 500 000	128 952 215,11

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri kwalunkwe nefqa oħra għall-frott u l-ħxejjex skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 1370/2013, kif ukoll kwalunkwe nefqa pendenti għal miżuri skont ir-Regolamenti (KE) Nru 399/94, (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96, (KE) Nru 2202/96, (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 1234/2007, mhux koperti mill-approprijazzjonijiet għall-partiti l-oħra skont l-Artikolu 05 02 08.

Tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali skont l-Artikolu 219, il-punt (b) tal-Artikolu 220(1) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)****05 02 09 Prodotti tas-settur vinikolu**

05 02 09 08 Programmi nazzjonali ta' sostenn għas-settur tal-inbid

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 057 000 000	1 075 000 000	1 027 566 919,35

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri nefqa għal programmi ta' sostenn għas-settur tal-inbid f'konformità mal-Artikoli 39 sa 54 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 09 99 Miżuri oħra għas-settur vinikolu

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 000 000	1 000 000	- 435 981,13

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri kwalunkwe bilanċ pendenti mill-applikazzjoni tar-Regolamenti (KEE) Nru 822/87, (KE) Nru 1493/1999, (KE) Nru 479/2008, (KE) Nru 1234/2007 u (UE) Nru 1308/2013, mhux koperti mill-approprijazzjonijiet għall-Partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 09.

Tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali mwettqa f'konformità mal-Artikolu 219, il-punt (b) tal-Artikolu 220(1) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid (ĠU L 84, 27.3.1987, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid (ĠU L 84, 14.7.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid (ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1).

**05 02 10 Promozzjoni***Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

## 05 02 10 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56).

## 05 02 10 01 Miżuri ta' promozzjoni— Pagamenti minn Stati Membri

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
83 000 000	83 000 000	62 587 884,01

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tikkofinanzja programmi ta' promozzjoni implimentati mill-Istati Membri fir-rigward ta' prodotti agrikoli, il-metodu ta' produzzjoni u l-prodotti alimentari tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 3/2008 u (UE) Nru 1144/2014.

## 05 02 10 02 Miżuri ta' promozzjoni — Pagamenti diretti mill-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
88 600 000	27 396 000	52 500 000	12 037 000	18 480 225,—	4 133 934,37

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja azzjonijiet ta' promozzjoni ġestiti direttament mill-Kummissjoni kif ukoll l-assistenza teknika, bħax-xogħol preparatorju, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, is-superviżjoni u l-miżuri ta' ġestjoni, meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' promozzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 3/2008 u (UE) Nru 1144/2014.

## 05 02 10 99 Miżuri oħra għall-promozzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri oħra skont ir-Regolamenti (KE) Nru 3/2008 u (UE) Nru 1144/2014, mhux finanzjati mill-approprijazzjonijiet għall-partiti l-oħra taħt l-Artikolu 05 02 10.

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

05 02 11 **Prodotti/miżuri oħra tal-pjanti**

05 02 11 03 Hops — Għajnuna għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 300 000	2 300 000	2 277 000,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-għajnuna għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħaxixa tal-imrar f'konformità mal-Artikoli 58, 59 u 60 tar-Regolament (KE) Nru 1308/2013.

05 02 11 04 Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI) (bl-esklużjoni ta' għajnuniet diretti)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
231 000 000	237 000 000	239 632 322,93

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa mġarrba f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 kif ukoll kwalunkwe nefqa pendenti li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' POSEI u l-gżejjer tal-Eġew skont ir-Regolamenti (KE) Nru 247/2006 u (KE) Nru 1405/2006.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jstabbilixxi ċerti miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni (ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 tat-18 ta' Settembru 2006, jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri tal-Eġew (ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 228 /2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

Ir-Regolament (UE) Nru 229 /2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

## 05 02 11 (ikompli)

05 02 11 99 Miżuri oħra għall-prodotti/miżuri oħra tal-pjanti

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
100 000	100 000	98 440,65

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri kwakunkwe bilanċ pendenti ieħor kif ukoll kwalunkwe nefqa oħra marbuta mal-prodotti/miżuri tal-pjanti skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 2075/92, (KE) Nru 1786/2003, (KE) Nru 1234/2007 u (UE) Nru 1308/2013 mhux koperti mill-approprijazzjonijiet għall-Partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 11.

Tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali skont l-Artikolu 219, il-punt (b) tal-Artikolu 220(1) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat (ĠU L 215, 30.7.1992, p. 70), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf niexef (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 114).

05 02 12 **Ħalib u prodotti tal-ħalib**

05 02 12 01 Rifużjonijiet għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,01

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri r-rifużjonijiet għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib f'konformità mal-Artikoli 196 sa 199 u l-Artikoli 201 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

05 02 12 02 Miżuri tal-ħażna tat-trab tal-ħalib xkumat

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
12 000 000	19 000 000	9 125 953,25

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

05 02 12 (ikompli)

05 02 12 02 (ikompli)

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri spejjeż tekniċi, finanzjarji u oħrajn, b'mod partikolari d-deprezzament finanzjarju tal-istokkijiet, li jirriżultaw mix-xiri sfurzati tal-ħażna pubblika ta' trab tal-ħalib xkumat f'konformità mal-Artikoli 8, 9, 11 sa 16, 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata wkoll li tkopri l-ghajjnuna għall-ħażna privata għat-trab tal-ħalib xkumat f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

05 02 12 04 Miżuri tal-ħażna għall-butir u l-krema

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	9 000 000	9 067 447,10

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa għall-ghajjnuna għall-ħażna privata għall-butir u l-krema mogħtija f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

Hija intenzjonata wkoll li tkopri spejjeż tekniċi, finanzjarji u oħrajn, b'mod partikolari d-deprezzament finanzjarju tal-istokkijiet, li jirriżultaw mix-xiri sfurzati tal-ħażna pubblika tal-butir u l-krema f'konformità mal-Artikoli 8, 9, 11 sa 16, 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

05 02 12 06 Ħażna privata ta' ċerti ġobniet

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa għall-ghajjnuna għall-ħażna privata ta' ċerti ġobniet mogħtija f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI (ikompli)

## 05 02 12 (ikompli)

## 05 02 12 08 Ħalib għall-iskejjel

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
22 000 000	75 000 000	64 436 426,78

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-għajnuna tal-Unjoni għall-forniment, lill-istudenti fi stabbilimenti edukattivi, ta' ċerti prodotti tal-ħalib sas-sena skolastika 2016/2017, skont l-Artikoli minn 26 sa 28 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, u tagħti preferenza lil prodotti ta' oriġini lokali u/jew nazzjonali.

**05 08 02** **Sħarriġiet dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	10 610 458	250 000	1 436 500	0,—	3 423 744,10

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjonijiet għall-iffinanzjar ta' sħarriġ statistiku meħtieġ biex jiġu sorveljati l-istrutturi tal-Unjoni, inkluża l-bażi tad-dejta Eurofarm.

*Bażi ġuridika*

Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar sħarriġ dwar strutturi tal-irziezet u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14)

**05 08 03** **Ristrutturar tas-sistemi ta' sħarriġ agrikolu***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 806 812	7 602 379	16 090 110	7 330 573	4 277 279,94	3 330 588,21

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa għat-titjib ta' sistemi ta' statistika agrikola fl-Unjoni,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-  
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

## 05 08 03 (ikompli)

- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi max-xiri u l-konsultazzjoni tal-bażijiet tad-dejta,
- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mal-immudellar tas-settur aġrikolu u previżjonijiet ta' terminu qasir u terminu medju tax-xejriet tas-suq u tal-istrutturi aġrikoli, u mad-disseminazzjoni tar-riżultati,
- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet għall-applikazzjoni tad-detezzjoni mill-bogħod, kampjunar skont l-erja u mudelli agrometeoroloġiċi għall-istatistika aġrikola,
- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mat-twettiq tal-analizzijiet ekonomiċi u l-iżvilupp ta' indikaturi fil-qasam tal-politika aġrikola,
- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi ma' miżuri meħtieġa għall-analiżi, ġestjoni, monitoraġġ tar-riżorsi aġrikoli u l-implimentazzjoni tal-politika aġrikola komuni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Qafas Komuni tal-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.
- impenji pendenti magħmula skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 78/2008 tal-21 ta' Jannar 2008.

*Bażi ġuridika*

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/411/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar it-titjib tal-istatistiċi aġrikoli tal-Komunità (ĠU L 162, 1.7.1996, p. 14).

Id-Deċiżjoni Nru 1445/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-applikazzjoni ta' sħarriġ mill-ajru u metodi ta' teknika ta' remote-sensing għall-statistiċi aġrikoli għal 1999 sa 2003 (ĠU L 163, 4.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 78/2008 tal-21 ta' Jannar 2008 dwar il-miżuri li l-Kummissjoni għandha twettaq għall-perjodu 2008-2013 bl-użu tal-applikazzjonijiet ta' telerilevament implimentati fil-qafas tal-politika aġrikola komuni (ĠU L 25, 30.1.2008, p. 1).

05 08 06 **Tishiġ ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-politika aġrikola komuni**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
14 560 000	8 000 000	7 931 738,92

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-  
IŻVILUPP RURALI** (ikompli)**05 08 06** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-finanzjament ta' miżuri ta' informazzjoni mill-Unjoni mmirati li jgħinu jispjegaw, jimplimentaw u jiżviluppaw il-politika agrikola komuni u biex irawmu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-kontenut u l-oġettivi tagħha kif previst fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Il-miżuri jistgħu jkunu fil-forma ta' programmi ta' ħidma annwali jew miżuri speċifiċi oħrajn ippreżentati minn partijiet terzi jew attivitajiet implimentati fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

**05 08 09** **Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) — Assistenza Teknika operazzjonali***Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 140 000	5 270 000	2 092 488,11

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa f'konformità mail-punti (a), (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Din l-appropriazzjoni tinkludi wkoll in-nefqa għall-istabbilment ta' bank tad-dejta analitiku għall-prodotti tal-inbid previst fil-punt (a) tal-Artikolu 89(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

**05 08 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji****05 08 77 06** **Azzjoni Preparatorja — Osservatorju Ewropew tal-prezzijiet u l-marġni tal-farms***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	330 872,80

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-  
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

## 05 08 77 (ikompli)

05 08 77 09 Azzjoni preparatorja — Riżorsi ġenetiċi tal-UE tal-pjanti u tal-annimali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	384 800	p.m.	384 800	0,—	744 230,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

## Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 10 Proġett pilota — Agropol: żvilupp ta' Reġun Mudell ta' Negozju Agrikolu transkonfinali Ewropew

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	605 085	p.m.	201 695	0,—	201 695,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2), tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALIKAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-  
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

05 08 77 (ikompli)

05 08 77 12 Proġett pilota — Irħula Eko-Soċjali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	120 000	p.m.	120 000	400 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 13 Proġett pilota — Titjib fil-prevenzjoni tal-kriżijiet u tal-kriterji u l-istrateġiji ta' ġestjoni fis-settur agrikolu

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	90 000	p.m.	90 000	300 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-  
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

## 05 08 77 (ikompli)

05 08 77 14 Proġett pilota — Ristrutturar tal-katina tan-naħal u l-programm ta' trobbija u selezzjoni reżistenti għall-Varroa

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	450 000	200 000	210 000	700 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 15 Proġett pilota — Analiżi tal-aqwa modi kif l-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) jistgħu jiġu ffurmati, iwettqu l-attivitajiet tagħhom u jingħataw appoġġ

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	90 000	p.m.	90 000	300 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).



**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-  
IŻVILUPP RURALI** (ikompli)**05 08 77** (ikompli)

05 08 77 16 Azzjoni preparatorja — Żoni rurali intelliġenti fis-seklu XXI

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 300 000	1 650 000				

**Kummenti**

Din l-azzjoni se tikkomplementa l-proġett pilota preċedenti għal irħula intelliġenti (Irħula Ekosoċjali Intelliġenti 2016) u taġixxi fuq kunsiderazzjonijiet li jirriżultaw minn dak il-proġett pilota, kif ukoll it-tagħlimiet l-oħra u l-għarfien miksuba mill-azzjonijiet u l-inizjattivi skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Irħula Intelliġenti. Din l-azzjoni preparatorja se ttiprovdi l-għodod u l-baġit meħtieġa għall-istabbiliment tal-pjanijiet u għall-assistenza fil-ħolqien tal-irħula intelliġenti f'kundizzjonijiet ta' ħajja reali.

Din l-azzjoni preparatorja se timplimenta l-prattiki u l-metodi ta' suċċess fl-ICT/online, bħal pereżempju t-twaqqif ta' ċentri diġitali li jinvolvu sa 10 villaġġi u eżempji tajbin oħra fl-Unjoni kollha kemm hi. Din l-idea hija marbuta mill-qrib mas-Suq Uniku Diġitali, il-pjattaformi diġitali, il-kollegamenti bejn l-ambjent urban u dak rurali, l-ekonomija kollaborattiva u ta' kondiviżjoni u l-bijoeconomija (l-innovazzjoni, l-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-ġestjoni ambjentali, l-enerġiji rinnovabbli, il-ktajjen tal-provvista, is-servizzi, l-ikel lokali), u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja, l-edukazzjoni u l-impjiegi, filwaqt li titqies l-importanza tan-nisa u ż-żgħażaġh.

Din l-azzjoni se ssaħħaħ il-kapaċità ta' skambju u ta' kondiviżjoni tal-makkinarju agrikolu, inkluża l-għodda tal-agrikoltura ta' preċiżjoni, biex tiġi mmassimizzata l-produzzjoni minn riżorsi skarsi. Dawn l-iskopijiet huma konformi għal kollox mad-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0, li tirrikonoxxi l-importanza li l-azjendi agrikoli jingħataw aċċess għat-teknoloġiji xierqa, b'mod li jrendu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

L-azzjoni se tiffoka fuq l-iżvilupp tat-tkabbir u l-impjiegi fiż-żoni rurali permezz ta' dawn l-azzjonijiet konkreti:

— l-għażla ta' rħula fl-Unjoni b'karatteristiċi komuni: infrastruttura, diversi riżorsi, servizzi, aċċess għas-swieq, u

— l-offerta ta' soluzzjonijiet dwar:

— is-Suq Uniku Diġitali,

— il-kollegamenti bejn l-ambjent urban u dak rurali,

— il-bijoeconomija u l-ekonomija ċirkolari (l-innovazzjoni, l-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-ġestjoni ambjentali, l-enerġiji rinnovabbli fil-livell lokali, il-ktajjen tal-provvista, is-servizzi, l-ikel lokali),

— l-ekonomija kollaborattiva u ta' kondiviżjoni (soluzzjonijiet ġodda għall-mobilità rurali bħall-kondiviżjoni ta' karozzi jew ta' vjaġġi bil-karozza; paradigmi ġodda fit-turiżmu; il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' makkinarju u servizzi agrikoli, eċċ.),

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-ŻVILUPP RURALI (ikompli)****05 08 77** (ikompli)

05 08 77 16 (ikompli)

- it-teknoloġija (l-Internet tal-Oġġetti, il-ġbir ta' big data, id-droni, il-vetturi elettriċi, il-konnessjonijiet mobbli mal-broadband tal-ġenerazzjoni li jmiss, eċċ.),
- l-aspetti soċjali (kura fid-dar u kura għal pazjenti ta' barra minflok jinżammu l-isptar),
- impjegji full time u part time ġodda maħluqa fl-ekonomiji msemmija hawn fuq.

L-azzjoni se tiġi ddokumentata fuq film u mezzi oħra, b'mod li jintwera l-progress tagħha. Hi se tidentifika l-ostakli regolatorji u leġislattivi fil-livell lokali, f'dak tal-Istati Membri u f'dak tal-Unjoni, għall-l-istabbiliment ta' mudelli kummerċjali ġodda u l-aċċess għal sorsi ta' diversi fondi tal-Unjoni. Eżitu importati se jkun il-proposta ta' bidliet regolatorji li jippermettu l-adozzjoni ta' dawn il-mudelli kummerċjali ġodda, u fl-istess ħin jipproteġu d-drittijiet tal-partijiet ikkonċernati kollha.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**05 08 80** *Parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja Universali 2015 “Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja” f'Milan**Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	537 837,74

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja universali “Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja”, li seħħ f'Milan fl-2015.

Hija intenzjonata li tkopri l-ispejjeż tal-linja bażi għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Padiljun Taljan (il-kiri tal-post, l-armorar u t-tiżjin tal-istands, l-ispejjeż operazzjonali) kif ukoll għall-istadji preparatorji u inizjali ta' programm xjentifiku bażiku għall-EXPO 2015 li jinvolvi l-kompilazzjoni ta' dejta tal-linja bażi għal skopijiet ta' sostenn tal-politika. L-ispiża għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti u wirjiet (eż. ir-rimbors ta' spejjeż għall-esperti, il-materjali għall-wiri, eċċ.) se tkun koperta mill-appropriazzjonijiet tal-programmi speċifiċi rilevanti skont il-qasam tal-politika konċernat.

*Bażi ġuridika*

Kompitu provenjenti mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fil-punt (d) tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 09 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 09	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA								
05 09 03	<b>Sfidi soċjetali</b>								
05 09 03 01	Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti oħra b'bażi bijo	1,1	235 755 857	154 885 244	221 563 529	108 915 289	204 850 799,15	74 012 085,17	47,79
	Artikolu 05 09 03 — Subtotal		235 755 857	154 885 244	221 563 529	108 915 289	204 850 799,15	74 012 085,17	47,79
05 09 50	<b>Appropriazzjonijiet provvenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku</b>								
05 09 50 01	Appropriazzjonijiet provvenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (l-2014 sal-2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	5 144 171,64	1 665 412,11	
	Artikolu 05 09 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	5 144 171,64	1 665 412,11	
	<b>Kapitolu 05 09 — Total</b>		<b>235 755 857</b>	<b>154 885 244</b>	<b>221 563 529</b>	<b>108 915 289</b>	<b>209 994 970,79</b>	<b>75 677 497,28</b>	<b>48,86</b>

## Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-appropriazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020.

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment l-inizjattivi "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ŻER). Orizzont 2020 se jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Il-programm se jitwettaq biex jitkompla x-xogħol sabiex jinkisbu l-oġġettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-ŻER, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 09 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA (ikompli)

F'Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifikati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel u sabiex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Għandha titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex titjeb il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Taħt dawn l-artikoli u partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għal azzjoni mill-Unjoni, fost l-oħrajn fil-kuntest taż-ŻER u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-appropriazzjoni se tintuża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul tista' tagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea, fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

**KAPITOLU 05 09 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA (ikompli)**

Approprijazzjonijiet addizzjonali se jkunu disposti taħt il-Partita 05 09 50 01.

L-approprijazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jkunu disposti taħt il-Kapitolu 05 01 05.

**05 09 03 Sfidi soċjetali***Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 tirrispondi direttament għall-prijoritajiet tal-politiki u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrategġija Ewropa 2020. Dawn l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jiġbor flimkien ir-riżorsi u l-għarfien f'oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, bi ffukar għid fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi tal-ittestjar, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni mmexxija mill-utenti aħħarin, l-innovazzjoni soċjali u l-użu tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jagħtu sostenn dirett lill-kompetenzi fil-politiki settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

05 09 03 01 Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti oħra b'bażi bijo

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
235 755 857	154 885 244	221 563 529	108 915 289	204 850 799,15	74 012 085,17

*Kummenti**Ex Partita 05 09 03 01 (parzjalment)*

Din l-attività tiffoka fuq l-iżvilupp ta' sistemi agrikoli u forestali iktar sostenibbli u produttivi, u fl-istess ħin anki fuq l-iżvilupp ta' servizzi, kunċetti u politiki għal għajxien rurali b'saħħtu. Barra minn hekk hemm ukoll enfasi fuq ikel sikur u tajjeb għas-saħħa għal kulħadd, kif ukoll fuq metodi kompetittivi għall-ipproċessar tal-ikel li jużaw inqas riżorsi u jipproduċu inqas prodotti sekondarji. Fl-istess ħin, qed isiru sforzi għall-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin (eż. attivitajiet ta' sajd sostenibbli u favur l-ambjent). Huma promossi wkoll industriji Ewropej ibbażati fuq il-prodotti bijoloġiċi b'rilaxxi baxxi ta' karbonju u li jkunu effiċjenti fir-riżorsi, sostenibbli u kompetittivi.

Din l-approprijazzjoni se tintuża għar-riċerka u l-innovazzjoni relatati mal-agrikoltura sabiex jiġu żgurati provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u ta' prodotti oħra b'bażi bijoloġika; proġetti ta' riċerka b'parteċipazzjoni diretta min-naħa ta' produtturi primarji jingħataw prijorità sabiex tiġi massimizzata l-applikabbiltà Prattika tar-riżultati.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (OJ L 347, 20.12.2013, p. 104).

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

## KAPITOLU 05 09 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA (ikompli)

05 09 03 (ikompli)

05 09 03 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**05 09 50** *Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*

05 09 50 01 Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (l-2014 sal-2020)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	5 144 171,64	1 665 412,11

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa korrispondenti għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu mill-2014 sal-2020.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali.

*TITOLU 06*

**MOBILITÀ U TRASPORT**

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

**TITOLU 06****MOBILITÀ U TRASPORT****Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)**

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
06 01	NEFQA AMMINIS- TRATTIVA TAL- QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"	72 739 448	72 739 448	72 528 558	72 528 558	71 210 953,95	71 210 953,95
06 02	POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT	3 690 577 433	1 931 021 498	3 447 030 702	1 476 262 853	3 982 515 229,46	1 906 153 444,78
06 03	ORIZZONT 2020 — RÍCERKA U INNO- VAZZJONI FIR- RIGWARD TAT- TRASPORT	244 259 072	263 304 099	247 878 047	252 004 917	212 644 325,55	260 533 922,87
	<b>Titolu 06 — Total</b>	<b>4 007 575 953</b>	<b>2 267 065 045</b>	<b>3 767 437 307</b>	<b>1 800 796 328</b>	<b>4 266 370 508,96</b>	<b>2 237 898 321,60</b>



## TITOLU 06

## MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
06 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"					
<b>06 01 01</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"</i></b>	5,2	36 316 977	36 147 079	36 289 654,82	99,92
<b>06 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"</i></b>					
06 01 02 01	Persunal estern	5,2	2 209 844	2 404 640	2 878 613,21	130,26
06 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	2 046 187	2 032 932	2 235 810,—	109,27
	<i>Artikolu 06 01 02 — Subtotal</i>		4 256 031	4 437 572	5 114 423,21	120,17
<b>06 01 03</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Mobilità u Transport"</i></b>	5,2	2 347 649	2 257 145	2 789 907,48	118,84
<b>06 01 04</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"</i></b>					
06 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — Trasport	1,1	2 000 000	2 000 000	2 134 274,12	106,71
	<i>Artikolu 06 01 04 — Subtotal</i>		2 000 000	2 000 000	2 134 274,12	106,71
<b>06 01 05</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"</i></b>					
06 01 05 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	4 754 946	4 776 024	4 897 784,17	103,00

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT" (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>06 01 05</b>	(ikompli)					
06 01 05 02	Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	2 429 242	2 370 000	2 379 671,35	97,96
06 01 05 03	Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	608 000	608 000	517 518,80	85,12
	<i>Artikolu 06 01 05 — Subtotal</i>		7 792 188	7 754 024	7 794 974,32	100,04
<b>06 01 06</b>	<b>Aġenziji eżekuttivi</b>					
06 01 06 01	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)	1,1	14 272 055	14 832 226	12 934 248,—	90,63
06 01 06 03	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni	1,2	5 754 548	5 100 512	4 153 472,—	72,18
	<i>Artikolu 06 01 06 — Subtotal</i>		20 026 603	19 932 738	17 087 720,—	85,33
	<b>Kapitolu 06 01 — Total</b>		<b>72 739 448</b>	<b>72 528 558</b>	<b>71 210 953,95</b>	<b>97,90</b>

**06 01 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"**

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
36 316 977	36 147 079	36 289 654,82

**06 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"**

## 06 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 209 844	2 404 640	2 878 613,21

## 06 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 046 187	2 032 932	2 235 810,—

## KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT" (ikompli)

06 01 03 **Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Mobilità u Trasport"**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 347 649	2 257 145	2 789 907,48

06 01 04 **Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"**

06 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — Trasport

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 000 000	2 000 000	2 134 274,12

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-azzjonijiet ta' sostenn għall-programmi definiti fil-punt (7) tal-Artikolu 2 u fil-punt (b) tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u marbuta direttament mal-miżuri ta' akkumpanjament neċessarji għall-implimentazzjoni tal-programm "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" u l-linji gwida tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T). Din tinkludi n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, azzjonijiet ta' appoġġ għas-software u l-bażijiet tad-data marbutin direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

## Bażi ġuridika

Ara l-Artikolu 06 02 01.

06 01 05 **Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"**

06 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 754 946	4 776 024	4 897 784,17

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa b'rabta mal-uffiċjali u l-aġenti temporanji fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, li jokkupaw karigi fil-pjanijiet tat-twaqqif awtorizzati involuti f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inklużi l-uffiċjali u l-persunal temporanju ppostjati fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT" (ikompli)

## 06 01 05 (ikompli)

## 06 01 05 01 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 06 03.

## 06 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 429 242	2 370 000	2 379 671,35

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, involuti f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluż il-persunal estern ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 06 03.

## 06 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
608 000	608 000	517 518,80

**KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"** (ikompli)**06 01 05** (ikompli)

06 01 05 03 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni kollha tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluża nefqa amministrattiva oħra mgħarrba mill-persunal ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditu u s-supervizzjoni tal-programm jew tal-proġetti, bħal konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, tatriġ u spejjeż tar-rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 06 03.

**06 01 06** **Aġenziji eżekuttivi**

06 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
14 272 055	14 832 226	12 934 248,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni tikkostitwixxi s-sussidju biex jiġu koperti n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operazzjonali min-naħa tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, b'konsegwenza tal-parteċipazzjoni tagħha fl-immaniġġar tal-programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u fl-ikkompletar tal-proġetti ffinanzjati fil-qafas tal-programm Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għall-perjodu 2000-2006 u għall-perjodu 2007-2013.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT" (ikompli)

06 01 06 (ikompli)

06 01 06 01 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5282 tal-5 ta' Novembru 2007 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport bil-għan li jitwettqu kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji għal għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit Komunitarju kif emendata bid-Deċiżjoni C(2008) 5538 tas-7 ta' Ottubru 2008.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE tat-23 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/60/KE (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 65).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9235 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet u fil-qasam tat-trasport u l-enerġija u tar-riċerka u l-innovazzjoni, li jikkonsistu b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' appropriazzjonijiet inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

**KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"** (ikompli)**06 01 06** (ikompli)

06 01 06 03 Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
5 754 548	5 100 512	4 153 472,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni tikkostitwixxi s-sussidju biex tiġi koperta n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operatorja mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, b'riżultat tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni tal-programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5282 tal-5 ta' Novembru 2007 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport bil-għan li jitwettqu kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji għal għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit Komunitarju kif emendata bid-Deċiżjoni C(2008) 5538 tas-7 ta' Ottubru 2008.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE tat-23 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/60/KE (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 65).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9235 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet u fil-qasam tat-trasport u l-enerġija u tar-riċerka u l-innovazzjoni, li jikkonsistu b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' appropriazzjonijiet inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT

Titulu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 02	POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT								
<b>06 02 01</b>	<b>Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)</b>								
06 02 01 01	It-tneħħija tar-restrinġiment, it-tisħiħ tal-interoperabbiltà ferrovjarja, l-għaqda fejn hemm il-lakumi u t-titjib tat-taqsimiet transkonfinali.	1,1	1 405 640 764	790 274 000	1 174 293 698	428 362 267	746 045 128,91	269 132 613,41	34,06
06 02 01 02	Żgurar ta' sistemi tat-transport sostenibbli u effiċjenti	1,1	68 544 512	37 367 000	59 776 865	43 209 743	85 279 802,—	11 461 323,12	30,67
06 02 01 03	Ottimizzar tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-modi tat-transport u t-titjib tal-interoperabbiltà.	1,1	407 171 625	291 720 000	410 321 493	83 988 294	576 208 801,41	340 675 875,19	116,78
06 02 01 04	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — allo-kazzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni	1,2	1 649 386 632	620 000 000	1 588 194 081	377 581 583	2 372 380 457,—	773 467 447,79	124,75
06 02 01 05	Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-transport	1,1	p.m.	25 000 000	62 109 000	50 000 000	66 354 000,—	37 500 000,—	150,00
	<i>Artikolu 06 02 01 — Subtotal</i>		3 530 743 533	1 764 361 000	3 294 695 137	983 141 887	3 846 268 189,32	1 432 237 259,51	81,18
<b>06 02 02</b>	<b>Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni</b>	1,1	36 915 000	36 915 000	34 184 000	34 184 000	37 330 992,—	37 330 992,—	101,13
<b>06 02 03</b>	<b>Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima</b>								
06 02 03 01	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima	1,1	54 220 716	54 220 716	48 597 565	42 650 882	32 594 924,98	32 594 924,98	60,12
06 02 03 02	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima— Miżuri kontra t-tniġġis	1,1	24 675 000	26 783 282	22 800 000	20 245 132	22 196 160,—	18 589 824,54	69,41
	<i>Artikolu 06 02 03 — Subtotal</i>		78 895 716	81 003 998	71 397 565	62 896 014	54 791 084,98	51 184 749,52	63,19
<b>06 02 04</b>	<b>L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji</b>	1,1	27 757 184	27 757 184	29 643 000	29 643 000	27 395 879,—	27 395 879,—	98,70
<b>06 02 05</b>	<b>Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tat-transport u d-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni</b>	1,1	10 821 000	11 409 000	11 821 000	13 052 654	11 789 990,08	19 692 863,98	172,61
<b>06 02 06</b>	<b>Sigurtà tat-transport</b>	1,1	1 795 000	1 492 816	1 950 000	1 077 798	1 564 145,08	1 819 591,11	121,89
<b>06 02 51</b>	<b>Tlestija tal-programm Netwerks Trans-Ewropej</b>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	340 000 000	0,—	314 241 947,—	



KUMMISSJONI  
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 02 52	<i>It-tlestija tal-programm Marco Polo</i>	1,1	p.m.	2 680 000	p.m.	8 135 000	0,—	15 503 157,48	578,48
06 02 53	<i>Tlestija ta' miżuri kontra t-tniġġis</i>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	4 504 500,46	
06 02 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
06 02 77 01	Azzjoni preparatorja — Informazzjoni tat-trasport Ewropew u interfaċċja għall-ibbukkar trasport inter-modali	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 132 198,72	
06 02 77 03	Azzjoni preparatorja — Bastimenti li jaħdmu b'gass naturali likwifikat (LNG)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	518 525,—	
06 02 77 06	Azzjoni preparatorja — Avjazzjoni ġenerali — Statistika u ċifri ewlenin	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	133 896,—	
06 02 77 07	Proġett Pilota — Lil hinn mit-traffiku: soluzzjonijiet ta' trasport integrati u intelliġenti għall-infrastruttura stradali	1,1	p.m.	650 000	p.m.	650 000	0,—	0,—	0
06 02 77 08	Proġett pilota — sistema ta' monitoraġġ GNSS għall-vetturi tqal	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	245 000	349 949,—	0,—	
06 02 77 09	Proġett pilota — Nagħmlu s-settur tat-trasport tal-UE attraenti għall-ġenerazzjonijiet futuri	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	350 000	500 000,—	0,—	
06 02 77 10	Azzjoni preparatorja — Belt Portwarja Intelliġenti	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
06 02 77 11	Proġett pilota — Studju ta' fattibbiltà biex jiġi ttestjat l-użu ta' impriża konġunta pubblika-privata biex jingħata appoġġ lill-applikazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku (ERTMS) fil-kuritur tan-netwerk ewleni kollha	1,1	p.m.	120 000	p.m.	280 000	400 000,—	0,—	0
06 02 77 12	Azzjoni preparatorja — L-integrazzjoni ta' Sistema ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS) fl-ispazju tal-ajru Ewropew b'Servizz ta' Geofencing Attiv (AGS)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	350 000	500 000,—	250 000,—	
06 02 77 13	Proġett pilota — Modi innovattivi li bihom it-trasport pubbliku jista' jiġi ffinanzjat b'mod sostenibbli	1,1	p.m.	37 500	p.m.	87 500	125 000,—	0,—	0
06 02 77 14	Azzjoni preparatorja — Lejn Sistema Unika u Innovattiva Ewropea tat-Transport	1,1	p.m.	1 100 000	p.m.	500 000	1 500 000,—	207 885,—	18,90

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>06 02 77</b>	(ikompli)								
06 02 77 15	Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' alternattivi għal karozza privata	1,1	800 000	645 000	490 000	245 000			
06 02 77 16	Proġett pilota — Mobilità sostenibbli kondiviża inter-konnessa mat-trasport pubbliku f'żoni rurali Ewropej (l-iżvilupp tal-kunċetti ta' "żoni tat-trasport rurali intelliġenti" SMARTAs)	1,1	1 000 000	800 000	600 000	300 000			
06 02 77 17	Proġett Pilota — Arkitettura tal-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SES)	1,1	600 000	700 000	800 000	400 000			
06 02 77 18	Proġett Pilota — Inventarju tat-trasport aċċessibbli għall-persuni b'mobilità mnaqqsa	1,1	p.m.	300 000	600 000	300 000			
06 02 77 19	Proġett pilota — Żoni ta' parkeġġ siguri għat-trakkijiet	1,1	p.m.	425 000	850 000	425 000			
06 02 77 20	Proġett pilota — L-imġiba tal-bniedem b'rabta mas-sewqan awtonomu	1,1	350 000	175 000					
06 02 77 21	Proġett pilota — Kampanja ta' sensibilizzazzjoni pan-Ewropea dwar is-sikurezza stradali	1,1	600 000	300 000					
06 02 77 22	Proġett pilota — OREL — Sistema Ewropea li tillimita l-frodi relatata mal-odometru: proċess rapidu għall-affidabbiltà stradali fl-Unjoni	1,1	300 000	150 000					
	Artikolu 06 02 77 — Subtotal		3 650 000	5 402 500	3 340 000	4 132 500	3 374 949,—	2 242 504,72	41,51
	<b>Kapitolu 06 02 — Total</b>		<b>3 690 577 433</b>	<b>1 931 021 498</b>	<b>3 447 030 702</b>	<b>1 476 262 853</b>	<b>3 982 515 229,46</b>	<b>1 906 153 444,78</b>	<b>98,71</b>

**06 02 01** *Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)*

06 02 01 01 It-tneħħija tar-restrinġiment, it-tisħiħ tal-interoperabbiltà ferrovjarja, l-għaqda fejn hemm il-lakuni u t-titjib tat-taqsimiet transkonfinali.

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 405 640 764	790 274 000	1 174 293 698	428 362 267	746 045 128,91	269 132 613,41

*Kummenti*

L-obiettiv tal-partita "Tneħħija ta' effetti lembut u bini ta' konnessjonijiet nieqsa" jirreferi għall-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013. Dan l-obiettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju, tal-proġetti tat-trasport tan-netwerk ewlieni u l-kurituri ta' trasport tal-Unjoni, li jiġu ddefiniti fl-Annessi tas-CEF u l-Linji Gwida tat-TEN-T. L-implimentazzjoni ta' dan l-obiettiv hija mistennija li tiġi evalwata permezz tal-konnessjonijiet transfruntieri l-ġodda u mtejba u t-tneħħija ta' effetti lembut, li bbenefikaw mis-CEF.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 01** (ikompli)

## 06 02 01 01 (ikompli)

Parti minn din l-appropriazzjoni sejra tintuża bħala appoġġ għan-Netwerk Ċiklistiku Trans-Ewropew EuroVelo.

Ir-ristabiliment tal-konnessjonijiet ferrovjarji reġjonali transfrontieri li ġew abbandunati jew żarmati (konnessjonijiet neqsin jekk eliġibbli għal finanzjament mis-CEF) se jingħata appoġġ partikolari.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## 06 02 01 02 Żgurar ta' sistemi tat-trasport sostenibbli u effiċjenti

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
68 544 512	37 367 000	59 776 865	43 209 743	85 279 802,—	11 461 323,12

*Kummenti*

L-oġġettiv tal-partita “Żgurar ta' trasport sostenibbli u effiċjenti fit-tul” jirreferi għall-punt (b) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Dan l-oġġettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

Fil-perjodu 2014-2020, se jiġi implimentat segwitu tal-programm Marco Polo permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-qafas tal-linji gwida tat-TEN-T riveduti. Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1), huwa se jintroduċi approċċ ġdid b'sostenn għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija fl-Unjoni. Huwa importanti li l-użu ta' infrastruttura tat-trasport jiġi ottimizzat billi l-ġarr tal-merkanzija jibda jsir b'modi aktar sostenibbli, inklużi l-passaġġi fuq l-ilma interni u tiżdied l-effiċjenza tas-servizzi multimodali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 4(2) tiegħu.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 01 (ikompli)

## 06 02 01 02 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## 06 02 01 03 Ottimizzar tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-modi tat-trasport u t-titjib tal-interoperabbiltà.

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
407 171 625	291 720 000	410 321 493	83 988 294	576 208 801,41	340 675 875,19

## Kummenti

L-objettiv tal-partita "Ottimizzar tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-modi tat-trasport u t-titjib tal-interoperabbiltà, is-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport" jirreferi għall-punt (c) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

Dan l-objettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi evalwata permezz tan-numru ta' portijiet interni u marittimi u ajruporti konnessi man-netwerk ferrovjarju, permezz tan-numru ta' pjattaformi loġistiċi multimodali mtejba, in-numru ta' konnessjonijiet imtejba permezz ta' awtostradi tal-baħar u permezz tan-numru ta' punti ta' provvista f'sorsi alternattivi tal-enerġija fuq in-netwerk ewlieni.

L-implimentazzjoni tal-politika tal-Ajru Uniku Ewropew u l-varar tal-proġett tar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) qed isiru skont dan l-objettiv.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-punt (c) tal-Artikolu 4(2) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 01** (ikompli)

06 02 01 04 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — allokazzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 649 386 632	620 000 000	1 588 194 081	377 581 583	2 372 380 457,—	773 467 447,79

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri s-sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni skont il-Mira tat-Tkabbir u l-Impjegi għall-infrastruttura tat-trasport skont is-CEF f'konformità mal-Artikolu 84(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

F'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, għandu jiġi trasferit ammont ta' EUR 11 305 500 000 fi prezzijiet kostanti mill-Fond ta' Koeżjoni biex jintefqu f'konformità ma' dak ir-Regolament esklużivament fl-Istati Membri, li huma eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.

F'konformità mal-Artikolu 11, dan l-oġġettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali, li jinfetħu esklużivament għall-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament skont il-Fond ta' Koeżjoni. Dawn il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali jikkostitwixxu d-Deċiżjonijiet ta' Finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

F'konformità ma' punt (7) tal-Artikolu 2 u l-Artikolu 5(2), mhux iktar minn 1 % tal-pakkett finanzjarju se jiġu allokati għall-azzjonijiet ta' sostenn għall-programmi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari:

— il-punt (a) tal-Artikolu 5(1) relatat mat-trasferiment ta' EUR 11 305 500 000 mill-Fond ta' Koeżjoni għas-CEF,

— l-Artikolu 11 relatat mas-sejħiet speċifiċi għall-fondi trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni,

— punt (7) tal-Artikolu 2 u l-Artikolu 5(2) relatati mal-azzjonijiet ta' sostenn għall-programmi li jsostnu l-implimentazzjoni tas-CEF.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 01 (ikompli)

06 02 01 05 Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	25 000 000	62 109 000	50 000 000	66 354 000,—	37 500 000,—

## Kummenti

Dan l-oġġettiv tal-“Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport” jimmira li jimplementa l-proġetti ta' interessi komuni permezz tal-istrumenti finanzjarji, ibbażati fuq valutazzjoni ex ante kif jeħtieġ l-Artikolu 224 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1). F'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, minn 10 % sa 20 % tal-pakkett finanzjarju għat-trasport ta' CEF se jkun disponibbli għal strumenti ta' finanzjament innovattivi bħall-Istrument tal-Bonds tal-Proġetti, l-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self u strumenti oħrajn bħal impriżi konġunti u l-istrumenti ta' ekwità biex jiġbru flimkien ir-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati biex jaċċelleraw l-investimenti fl-infrastruttura fl-Ewropa. L-istrumenti finanzjarji huma intenzjonati li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament privat u għaldaqstant biex jaċċelleraw jew jagħmlu possibbli l-finanzjament tal-proġetti TEN-T eliġibbli skont il-Linji Gwida tat-TEN-T u r-Regolament (UE) Nru 1316/2013. L-istrumenti finanzjarji huma intenzjonati li jiġu stabbiliti bħala oqfsa ta' “dejn” jew “ekwità” u għandhom jindirizzaw fallimenti tas-suq speċifiċi u jipprovdu soluzzjonijiet ta' finanzjament xierqa. Dawn huma maħsuba biex jiġu implimentati bħala ġestjoni diretta mill-entitajiet inkarigati, skont it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju, jew b'mod konġunt mal-entitajiet inkarigati. L-entitajiet inkarigati jridu jkunu akkreditati biex jipprovdu garanziji lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju.

Kull rimborż mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborż tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 02** *Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
36 915 000	36 915 000	34 184 000	34 184 000	37 330 992,—	37 330 992,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jaqgħu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42) jikkostitwixxu dħul assenjat (punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2017/2018 amounts to a total of EUR 36 915 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplementa d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni (ĠU L 134 20 5. 2006, p. 16).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 02 (ikompli)

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013 tat- 28 ta' Ġunju 2013 dwar metodi ta' operat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-tweqqif ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni u għal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 46).

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 593/2007 (ĠU L 93, 28.3.2014, p. 58).

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2015) 613 final).

06 02 03 **Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima**

## 06 02 03 01 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
54 220 716	54 220 716	48 597 565	42 650 882	32 594 924,98	32 594 924,98

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3) bl-eċċezzjoni tal-miżuri kontra t-tniġġis (ara l-partita 06 02 03 02).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprijazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal 2018 inkluż miżuri kontra t-tniġġis tammonta għal total ta' EUR 79 686 415. Ammont ta' EUR 790 699 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżied mal-ammont ta' EUR 78 895 716 imdaħħal fil-baġit.



**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 03** (ikompli)

## 06 02 03 01 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2016/1625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 77).

## 06 02 03 02 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima— Miżuri kontra t-tniġġis

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
24 675 000	26 783 282	22 800 000	20 245 132	22 196 160,—	18 589 824,54

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri miżuri ta' kontra t-tniġġis kif provdut fir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Hija f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex testendi l-kompiti tal-Aġenzija biex jinkludu rispons għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat mill-installazzjonijiet lil hinn mill-kosta għall-isfruttar taż-żejt u l-gass.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 115).

KUMMISSJONI  
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

**06 02 04 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
27 757 184	27 757 184	29 643 000	29 643 000	27 395 879,—	27 395 879,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2018 tammonta għal total ta' EUR 28 135 398. Ammont ta' EUR 378 214 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżied mal-ammont ta' EUR 27 757 184 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokkazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 04** (ikompli)

Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 44).

Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

**06 02 05** **Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 821 000	11 409 000	11 821 000	13 052 654	11 789 990,08	19 692 863,98

**Kummenti**

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal studji u laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Din hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-konferenzi u l-avvenimenti li jipromwovu attivitajiet fis-settur tat-trasport kif ukoll attivitajiet tal-midja soċjali, prodotti awdjoviżwali, l-iżvilupp ta' websajt u għodda oħra tal-IT, attivitajiet ta' konsultazzjonijiet, pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati li huma marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-politika tat-trasport, inkluż id-dimensjoni soċjali tagħha, kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe tip li hija meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, għal modi kollha tat-trasport (tat-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u minn passaġġi tal-ilma interni) u għas-setturi kollha tat-trasport (is-sikurezza tat-trasport, is-suq intern tat-trasport bir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, l-ottimizzazzjoni tan-netwerk tat-trasport, il-multi-modalità, il-loġistika, id-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport, l-użu ta' fjuwils alternattivi fil-modi kollha tat-trasport, l-akkwist ta' vetturi nodfa u l-mobilità urbana, aspetti soċjali u dwar is-sessi inkluż id-dejta dwar l-impjegji, kif ukoll għas-setturi l-oħrajn kollha relatati mat-trasport). L-azzjonijiet u l-objettivi prinċipali approvati huma maħsuba li jsostnu il-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, inkluż l-estensjoni għal pajjiżi terzi, l-assistenza teknika għall-modi u s-setturi kollha tat-trasport, it-taħriġ speċifiku, id-definizzjoni tar-regoli tas-sikurezza tat-trasport, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, l-użu ta' teknoloġiji tal-ICT, il-kontribuzzjoni għall-proċess ta' standardizzazzjoni, u l-promozzjoni ta' politika komuni tat-trasport inkluż l-istabiliment u l-implimentazzjoni tal-orjentazzjoni ta' netwerk trans-Ewropew approvat mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport u biex jitjiebu l-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolamenti eżistenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ta' trawwim ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kontenut ta' dawk ir-Regolamenti, immirati kemm lejn l-industrija tat-trasport kif ukoll lejn il-pubbliku li jivvjaġġa.

**It-trasport marittimu u l-loġistika**

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tat-trasport marittimu tal-Unjoni, f'konformità mal-objettivi definiti fil-White Paper dwar il-futur tat-trasport.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (*ikompli*)06 02 05 (*ikompli*)

Din tinkludi analiżi tal-iżviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi, sostenn għan-negozjati internazzjonali, żvilupp u interpretar tar-regoli tal-kabotaġġ, segwitu għall-ilmenti u l-ksur tal-proċeduri, żvilupp u implimentazzjoni ta' azzjonijiet għall-promozzjoni u l-appoġġ tat-trasport marittimu kompetittiv u effiċjenti fuq distanzi qosra, reviżjoni tad-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslju fi u/jew jitolqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1) u simplifikazzjoni amministrattiva u jsir użu ta' sistemi tal-ICT fis-settur tat-trasport fuq l-ilma u l-loġistika, kif ukoll sostenn għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tat-trasport marittimu.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-Unjoni għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, inkluż l-aġenda diġitali tat-trasport u l-loġistika, tipprovdi qafas u azzjonijiet għal sistemi tal-informazzjoni u għestjoni tat-trasport interoperabbli multimodali u kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni relatati, Tiegħa Unika (Ewropea) amministrattiva għat-trasport multimodali, dokument uniku tat-trasport u reġim multimodali tar-responsabbiltà.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri wkoll l-iżvilupp ta' qafas ta' referenza dwar il-kejl, iċ-ċertifikazzjoni u t-traqqis tal-impronta tal-karbonju, politika taċ-ċaqliqa modali, inkluż azzjonijiet pendenti taħt l-ex programm Marco Polo, l-Awtostradi tal-Baħar, it-trasport multimodali u kkombinat, id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport u tal-loġistika u l-appoġġ tal-istandardizzazzjoni u tal-armonizzazzjoni tat-tagħmir.

*Sikurezza marittima*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni (valutazzjoni tal-impatt) tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, li tipproteġi l-ambjent marittimu u tippromwovi l-kwalifiki u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara.

*Drittijiet tal-passiġġieri*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa fuq l-azzjonijiet ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, reviżjoni u sensibilizzazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri.

B'rabta mar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-Kummissjoni jeħtieġ li tiżviluppa miżuri addizzjonali li jagħmlu l-infurzar ta' dak ir-Regolament iktar effiċjenti. L-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1) ukoll iridu jiġu żgurati.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 teħtieġ azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni biex jiġu żgurati l-applikazzjoni korretta u l-infurzar tiegħu fl-Istati Membri minħabba l-interazzjoni kumplessa ta' strutturi amministrattivi reġionali, nazzjonali u internazzjonali (COTIF) involuti fl-implimentazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tirrikjedi azzjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-infurzar korretti tiegħu fl-Istati Membri u l-konformità mal-obbligi ta' rappurtar legali li għandhom l-Istati Membri lejn il-Kummissjoni.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 tirrikjedi azzjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-infurzar korretti fl-Istati Membri u l-konformità mal-obbligi ta' rappurtar legali li għandhom l-Istati Membri lejn il-Kummissjoni.

Bħala miżura importanti ta' sostenn għall-implimentazzjoni, il-Kummissjoni twettaq azzjonijiet immirati li jkopru l-Istati Membri kollha jew uħud minnhom biex trawwem is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar id-drittijiet tal-passiġġieri. Kważi terz taċ-ċittadini tal-Unjoni huma konxji mid-drittijiet u l-obbligi tagħhom meta jixru biljett biex jivjaġġaw (31%), għalkemm 59% qalu li mhumiex konxji minnhom (Ewrobarometru dwar id-drittijiet tal-passiġġieri 2014).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Dawn l-azzjonijiet u l-għanijiet jistgħu jiġu sostnuti fl-livelli differenti (lokali, reġjonali, nazzjonali Ewropew u internazzjonali), għal kwalunkwe mod ta' trasport u għal kwalunkwe settur relatat mat-trasport, kif ukoll fl-oqsma tekniċi, teknoloġiċi, regolatorji, informattivi, ambjentali, klimatiċi u politiċi u għall-iżvilupp sostenibbli.

It-trasport bl-ajru ilu għal żmien twil wieħed mis-setturi li l-awtoritajiet tal-konsumatur jirċievu l-iktar ilmenti dwaru fl-Unjoni. Iż-żieda fin-numru ta' tranżazzjonijiet kummerċjali mwettqa b'mod elettroniku (permezz tal-internet jew il-mowbajl) irriżultat biss f'iktar ksur tal-leġiżlazzjoni tal-konsumatur tal-Unjoni.

Wieħed mill-ilmenti prinċipali tal-konsumaturi tal-Unjoni huwa li m'hemmx mezzi effettivi ta' rimedju fl-ajruporti nfushom, b'mod partikolari meta jinqalgħu kwistjonijiet minħabba nuqqas min-naħa tal-linji tal-ajru u min-naħa ta' fornituri ta' servizzi oħrajn li jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Għalhekk, il-konsumaturi u l-awtoritajiet tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jiġi żgurat titjib immedjat fis-sostenn tal-passiġġieri u fil-faċilitajiet ta' informazzjoni fl-ajruporti u, fl-istess ħin, biex tiżied il-koregolamentazzjoni f'dan is-settur.

*Is-sikurezza tat-toroq*

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010 "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: l-orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" (COM (2010) 389 finali) tippreżenta seba' objettivi: l-edukazzjoni tal-utenti tat-triq, l-infurzar tar-regoli tat-traffiku, infrastruttura sikura, vetturi sikuri, l-użu ta' teknoloġija moderna, ir-rispons tal-emerġenza ta' wara l-korrimenti u l-fokus speċjali fuq utenti vulnerabbli tat-triq. Il-ħidma tkompli fuq il-proposta tal-Kummissjoni, dwar l-aġġornar regolari tal-liġi tal-Unjoni dwar il-liċenzji tas-sewqan, u dwar ir-reviżjoni tar-regoli dwar il-kwalifika u t-taħriġ tas-sewwieqa professjonisti, dwar is-segwitu tad-Direttivi 2014/45/UE, 2014/46/UE u 2014/47/UE, kif ukoll lejn strateġija dwar korrimenti serji tat-traffiku tat-triq. Il-ħidma tal-Kummissjoni dwar is-sikurezza fit-toroq tinkludi wkoll il-ġestjoni tal-Karta Ewropea dwar is-Sikurezza fit-Toroq, il-ġestjoni ta' regoli relatati mat-trasport ta' oġġetti perikolużi, il-manutenzjoni ta' bażi tad-dejta Ewropea dwar inċidenti tat-triq — Bażi tad-dejta Komunitarja għal Inċidenti tat-Triq (CARE), is-segwitu għad-direttivi tal-ġestjoni tal-infrastruttura u tas-sikurezza fil-mini u għal diversi aspetti tas-sikurezza ta' utenti tat-toroq vulnerabbli. L-implimentazzjoni tal-Orjentazzjonijiet ta' Politika 2011-2020 tkun tirrikjedi wkoll azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni għall-iskambju ta' prassi tajbin, kampanji dwar is-sikurezza fit-toroq, sejħiet għal proposti u l-iżvilupp ta' osservatorju tas-sikurezza fit-toroq; kif ukoll l-evalwazzjonijiet tal-għażliet biex il-ħidma tas-sikurezza fit-toroq tal-Unjoni issir iktar effettiva u effiċjenti fil-futur.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa tal-attivitatiet ta' komunikazzjoni u għal avvenimenti pubbliċi bħall-Jum Ewropew tas-Sikurezza Stradali annwali u inizjattivi simili ta' trawwim ta' sensibilizzazzjoni u interazzjoni maċ-ċittadini.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll li tistabbilixxi kooperazzjoni transfruntiera effiċjenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar ta' ksur tal-liġijiet tat-traffiku favur is-sikurezza fit-toroq.

*It-Transport bl-Art*

L-attivitatiet ewlenin fil-qasam tat-trasport fuq l-art jikkonċernaw l-implimentazzjoni u r-reviżjoni ta' politiki eżistenti, it-titjib tal-kooperazzjoni settorjali u l-ippjanar ta' inizjattivi ġodda. Fost l-oħrajn, dan jinkludi attivitatiet foqma bħal imposti tal-infrastruttura, l-aċċess għas-suq, ir-regoli soċjali (inkluż l-infurzar tagħhom), ir-regoli tekniċi, ir-regoli dwar is-sikurezza u l-aspetti internazzjonali (relazzjonijiet tat-trasport fuq l-art ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jindirizzaw kwistjonijiet tat-trasport fuq l-art). Dawn l-attivitatiet kollha jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati.

*Is-suq ferrovjarju*

L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva 2012/34/UE u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 huma prijoritajiet ewlenin biex titħeġġeġ il-kompetittività tal-ferroviji. Il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li tiftaħ is-swieq ferrovjarji, li ttejjeb l-interoperabilità u s-sikurezza tas-servizzi ferrovjarji u b'hekk tinkoraġġixxi l-iżvilupp tas-sistema ferrovjarja integrata li twassal għal Żona Ferrovjarja Unika Ewropea. Barra minn hekk, is-servizzi tal-Kummissjoni qegħdin isaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali għat-trasport fil-qasam tal-politika ferrovjarja.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

It-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni settorjali huwa essenzjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-settur ferrovjarju. Id-Direttiva 2012/34/UE tippovdi l-ħolqien ta' Network Ewropew ta' Korpi Regolatorji (ENRRB) u ta' Network Ewropew ta' Amministraturi tal-Infrastruttura (Pjattaforma għall-Amministraturi tal-Infrastruttura Ferrovjarja fl-Ewropa, PRIME). L-oqfsa ta' kooperazzjoni informali ġew stabbiliti għal impriżi ferrovjarji (RUs) sabiex ikun jista' jsir skambju ta' esperjenzi fil-livell tal-Unjoni (djalogu RU) u Ministeri (Laqgħat tad-Diretturi Ferrovjarji). Bl-istess mod, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (il-pajjiżi tal-Golf, iċ-Ċina, l-Iran, il-Ġappun, il-Brażil, eċċ.) hija parti importanti għall-industrija ferrovjarja tal-Unjoni madwar id-dinja.

F'dan il-kuntest, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-inizjattivi u l-ħidma ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni f'waqtha ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u biex jiġu indirizzati l-iżviluppi futuri tagħha u l-kooperazzjoni internazzjonali.

*Il-portijiet u n-navigazzjoni fuq passaġġi tal-ilma interni*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iżvilupp, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni (valutazzjoni tal-impatt) tal-leġiżlazzjoni u l-politika dwar il-portijiet u n-navigazzjoni fuq passaġġi tal-ilma interni tal-Unjoni.

*Ajru Uniku Ewropew*

L-implimentazzjoni sħiħa tal-Ajru Uniku Ewropew (erba' regolamenti bażiċi, ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004, u aktar minn għoxrin regola ta' implementazzjoni) hija prijorità prinċipali biex titjieb il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'termini ta' sikurezza, kosteffikaċja tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, tnaqqis tad-dewmien fil-flussi tat-traffiku tal-ajru u l-prestazzjoni ambjentali u għalhekk tat-trasport bl-ajru fl-Ewropa.

L-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), il-pilastru teknoloġiku tiegħu bl-ghajjnuna ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR), il-Maniġer responsabbli għall-adozzjoni tas-SESAR u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) huma wkoll prijoritajiet tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-Unjoni adottata fl-2015.

L-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew bl-ghajjnuna tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB) jiġi segwit minn dan l-artikolu, bl-assistenza tal-EASA u l-Eurocontrol.

F'dan il-kuntest, il-promozzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u l-inizjattivi li jikkontribwixxu lejn l-implimentazzjoni f'waqtha tiegħu, inkluż permezz ta' involviment u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (il-Korp tal-Konsultazzjoni Industrijal, il-Pjattaforma ta' Koordinazzjoni tal-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali u l-Grupp Ewropew dwar id-Dimensjoni Umana), kif ukoll l-indirizzar tal-iżvilupp futur tiegħu huma wkoll attivitajiet importanti għall-Kummissjoni u qed isiru skont dan l-Artikolu.

*Is-sikurezza tal-avjazzjoni, l-ambjent u l-kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)*

L-użi ta' diversi għodod leġiżlattivi huwa importanti biex jiżgura s-sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea u biex jiżgura l-kisba ta' tkabbir ambjentalment sostenibbli u biex iċ-ċittadini tal-Unjoni jiġiharsu huma u jivvjaġġaw barra mill-Unjoni.

Skont l-Artikoli 3 sa 5 tar-regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tista' timponi projbizzjonijiet totali jew restrizzjonijiet parzjali fuq trasportaturi tal-ajru minn pajjiżi terzi li jkun ġejjin lejn l-Unjoni. F'dak il-kuntest u f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006, il-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u esperti mill-Istati Membri jistgħu jwettqu missjonijiet ta' valutazzjoni biex jivverifikaw fuq il-post u biex jidentifikaw deficijenzi tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru u l-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tagħhom. Il-kost taż-żjajar ta' valutazzjoni fis-sit għall-esperti nazzjonali jeħtieġ li jiġi rimborżat mill-Unjoni.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Hemm hteġa ċara biex dawn il-missjonijiet jiġu kkumplimentati b'iktar azzjonijiet pożittivi u preventivi kif ukoll bil-kooperazzjoni teknika *ex post* biex tassisti lill-pajjiżi konċernati mill-projbizzjoni jew restrizzjonijiet biex jikkoreġu d-defiċjenzi. Minbarra dan, il-Kummissjoni u l-EASA għandhom bħala l-oġettiv tagħhom il-promozzjoni tal-ogħla standards tas-sikurezza fl-avjazzjoni madwar id-dinja.

F'dan il-kuntest, il-proġetti tal-Unjoni fuq skala kbira fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-avjazzjoni ċivili ġestiti minn Direttorati Ġenerali oħrajn (NEAR, DEVCO and FPI), li jistgħu jiġu implimentati biss fuq bażi ta' terminu ta' żmien twil, ma jipprovdux tweġiba immedjata għal ħteġijiet tat-terminu ta' żmien qasir.

L-oġettiv ta' din l-inizjattiva huwa għalhekk li tikkumplimenta l-istrumenti eżistenti billi tistabbilixxi għodda flessibbli biex timplimenta *ad hoc* azzjonijiet preventivi u ta' assistenza (korrettiva) favur l-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru effettwati mill-projbizzjoni tal-Unjoni, fl-Unjoni. L-azzjonijiet previsti huma attivitajiet fuq skala żgħira u għat-terminu ta' żmien qasir.

Peress li l-kuntratt tas-servizz qafas konkluż bejn l-EASA u l-MOVE fl-2009 ta prova li huwa għodda effettiva u effiċjenti biex titwettagħ l-assistenza teknika, il-kuntratt nal-EASA kien iġġedded għall-perjodu 2013-2016 u qed jitħejja qafas ta' kuntratt għdid mal-EASA għall-perjodu 2017-2020.

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 fih previst l-istabiliment ta' Network Ewropew ta' Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili (ENCASIA). ENCASIA huwa meħtieġ jiżviluppa azzjonijiet sabiex ikompli jtejjeb il-kwalità tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza u biex isaħħha il-prevezjoni tal-aċċidenti fl-Unjoni. Skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni hija assoċjata mal-ħidma ta' ENCASIA u jeħtieġ li ttipprovi lill-ENCASIA bis-sostenn meħtieġ.

Finalment, il-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) jkopri oqsma tal-avjazzjoni li għalih għandhom responsabbiltajiet kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-ICAO (jiġifieri s-sikurezza, l-ambjent, il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u s-sigurtà tal-avjazzjoni). Din il-kooperazzjoni msaħħa se tiżgura l-parteċipazzjoni indispensabbli fl-inizjattivi tal-ICAO u l-kontribuzzjoni għaliha f'diversi oqsma ewlenin tal-politika tal-avjazzjoni li qed isiru fil-livell globali. Dan jinkludi l-inizjattiva biex tissaħħha is-sikurezza tal-avjazzjoni internazzjonali fuq bażi mifruxa mad-dinja kollha, jew l-ivilupp u l-implimentazzjoni tal-miżuri fir-rigward tal-impatt ambjentali tal-avjazzjoni li huma aċċettabbli fid-dinja kollha. Timmira li tiżgura li l-interessi tal-Unjoni (inkluż ta' natura industrijali, pereżempju fil-qasam tad-definizzjoni tal-istandards tekniċi madwar id-dinja kollha) jitqiesu iktar mill-ICAO. Permezz tal-ftehim, l-ICAO se tkun tista' tinġieb taċċetta, issostni u ttejjeb ir-rwol li dejjem qed isir iktar importanti li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali jeżerċitaw fl-iżvilupp preżenti u fil-futur tal-avjazzjoni internazzjonali.

*Trasport intelliġenti u sostenibbli, inkluż f'żoni urbani*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika/strategġji, kif ukoll l-implimentazzjoni tad-Direttivi u l-atti ta' implimentazzjoni u atti delegati relatati.

*Kwistjonijiet soċjali*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri kwistjonijiet soċjali orizzontali. Biex jitnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' ħaddiema, din se tappoġġja azzjonijiet li għandhom l-għan li jattiraw aktar ħaddiema fis-settur tat-trasport, bil-kunsiderazzjoni tal-effetti tal-awtomazzjoni (terz tal-ħaddiema tat-trasport għandhom aktar minn 50 sena). Se ttipprovi appoġġ ukoll għal azzjonijiet li jgħibu bilanċ ikbar bejn is-sessi fis-settur (is-settur tat-trasport għadu ddominat mill-irġiel, 22 % biss tal-ħaddiema huma nisa, u inqas minn 3 % fil-pożizzjonijiet tekniċi).

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 05 (ikompli)

*Mobbiltà taż-żgħażaġh*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex timplimenta l-azzjonijiet relatati mal-mobbiltà taż-żgħażaġh sabiex jissaħħu l-għarfien u l-apprezzament tagħhom ta' kulturi oħra tal-Unjoni, billi jivvjaġġaw b'mod multimodali u sostenibbli. Għal din il-fini, fost oħrajn, il-Kummissjoni se tippromwovi skemi ta' vvjaġġar u azzjonijiet ta' kampanji u portali tal-web relatati.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2829/77 tat-12 ta' Diċembru 1977 dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Ewropew dwar ix-xogħol tal-ekwipaġġi li jaħdmu fuq vetturi użati għat-trasport fuq it-toroq internazzjonali (AETR) (ĠU L 334, 24.12.1977, p. 11) u b'mod partikolari l-Artikolu 22bis tal-Ftehim.

Ir-Regolament (KEE) Nru 4055/86 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4057/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar prattiċi ta' prezzijiet mhux ġusti fit-trasport marittimu (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4058/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar azzjoni koordinata sabiex jiġi ssalvagwardjat l-aċċess liberu għal tagħbijiet ta' merkanzija f'kummerċ fuq l-oċeani (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992, li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/704/KEE tat-30 ta' Novembru 1993 dwar il-ħolqien ta' database tal-Komunità dwar inċidenti tat-triq (ĠU L 329, 30.12.1993, p. 63).

Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KEE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport bit-triq ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35).

Id-Direttiva 96/50/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-akkwist taċ-ċertifikati nazzjonali tas-sidien tad-dgħajjes għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi ta' l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 31).



**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 302, 26.11.1996, p. 28).

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/75/KE tad-19 ta' Novembru 1996 dwar is-sistemi ta' kiri u prezzar fit-trasport nazzjonali u internazzjonali bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 304, 27.11.1996, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 889/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 30.5.2002, 140, p. 2).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 dwar il-politika ta' kapacià tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 90, 2.4.1999, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

Id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 fuq l-ispezzjoni teknika fit-triq ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fil-Komunità (ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40).

Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10), u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tagħha.

Id-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 91), u b'mod partikolari l-Artikolu 45 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Transport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1).

Id-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' April 2003 dwar il-ħtiġiet ta' stabbiltà speċifiċi għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 22), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili (ĠU L 167, 4.7.2011, p. 26).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 05 (ikompli)

Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p.1).

Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p.1).

Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità) (ĠU L 096, 31/03/2004, p.26).

Ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokkazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124).

Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39).

Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152).

Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15).

Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35).

Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armmonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali marbuta mat-trasport bit-triq (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità kif jissewma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobilità mnaqqa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 4).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 18).

Id-Direttiva 2004/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 6 u l-Artikolu 14 tagħhom.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (*ikompli*)06 02 05 (*ikompli*)

Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89 (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 47).

Id-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11).

Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 128) u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tagħha.

Id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114) u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tagħha.

Id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132) u b'mod partikolari l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10(2) tagħha.

Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 16).

Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28).

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kunitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24).

Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

Id-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1).

Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p.1).

Ir-Regolament (KE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22).

Id-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).

Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/243/UE tat-8 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, u li jistabbilixxi l-arranġamenti proċedurali relatati miegħu (ĠU L 121, 8.5.2012, p. 16).

Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12) u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perijodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 05 (ikompli)

Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014, dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p.134) u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 18 tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18).

Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2009, p. 16).

Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2011, p. 9).

Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58).

Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jstabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2009 dwar id-definizzjoni tas-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet u l-elementi tekniċi tiegħu (notifikat taħt id-dokument C(2009) 7547).

## 06 02 06

**Sigurtà tat-trasport***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 795 000	1 492 816	1 950 000	1 077 798	1 564 145,08	1 819 591,11

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (*ikompli*)**06 02 06** (*ikompli*)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-implimentazzjoni tar-regoli u l-miżuri meħtieġa biex itejbu s-sigurtà tat-trasport bl-art, bl-ajru u bil-baħar, inkluż estenzjoni lejn pajjiżi terzi, assistenza teknika u taħriġ speċifiku.

L-oġġettivi ewlenin huma għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' regoli ta' sigurtà fil-qasam tat-trasport u b'mod partikolari:

- miżuri biex jiġu evitati atti malizjużi fis-settur tat-trasport,
- approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prattiċi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-sigurtà tat-trasport,
- definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u oġġettivi ta' sigurtà għas-settur tat-trasport u l-ġbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,
- monitoraġġ ta' miżuri meħuda fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport mill-Istati Membri, bil-modi kollha tat-trasport,
- koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport,
- promozzjoni tar-riċerka fis-sigurtà tat-trasport.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex, b'mod partikolari, tkopri n-nefqa fuq l-istabbiliment u l-operat ta' korpi ta' spetturi li jikkontrollaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ajruporti, portijiet u faċilitajiet tal-portijiet fl-Istati Membri, inkluża l-estensjoni għal pajjiżi terzi, u l-vapuri li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru. Din in-nefqa tinkludi kumpens għas-sussistenza għal kuljum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-ispetturi tal-Kummissjoni u l-ispejjeż tal-ispetturi mill-Istati Membri, li jiġġarbu skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dik il-leġiżlazzjoni. L-ispiża għat-taħriġ tal-ispetturi, għal-laqgħat ta' thejjiġa u għall-provvisti meħtieġa għall-ispezzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jiżdiedu ma' dik in-nefqa.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati li huma marbuta direttament mal-ilħiq tal-mira tal-politika tat-trasport, kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28)

KUMMISSJONI  
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)

**06 02 06** (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 72/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi proċeduri għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni (ĠU L 23, 27.1.2010, p. 1).

**06 02 51** **Tlestija tal-programm Netwerks Trans-Ewropej**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	340 000 000	0,—	314 241 947,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunità fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 tal-21 ta' Mejju 2002 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Galileo (ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunità fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3512 tat-23 ta' Lulju 2007, li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma multiannwali għal għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew għall-perjodu 2007-2013.



**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 51** (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 67/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-ġhoti ta' għajna finanza Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 20).

Id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2001) 2654 tad-19 ta' Settembru 2001 li tistabbilixxi programm multiannwali indikattiv għall-ġhoti ta' għajna finanza Komunitarja fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għall-perjodu 2001-2006.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 6382 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment fir-rigward tal-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T.

**06 02 52** ***It-tlestija tal-programm Marco Polo***

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 680 000	p.m.	8 135 000	0,—	15 503 157,48

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-ġhoti ta' għajna finanza Komunitarja biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Programm Marco Polo) (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 52 (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi t-tieni programm Marco Polo għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunità biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Marco Polo II) (ĠU L 328 tal-24.11.2006, p. 1).

06 02 53 **Tlestija ta' miżuri kontra t-tniġġis**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	4 504 500,46

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiddiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1) kif emendat.

06 02 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

06 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Informazzjoni tat-trasport Ewropew u interfaċċja għall-ibbukkar trasport intermodali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 132 198,72

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 77** (ikompli)

06 02 77 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Bastimenti li jaħdmu b'gass naturali likwifikat (LNG)

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	518 525,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 06 Azzjoni preparatorja — Avjazzjoni ġenerali — Statistika u ċifri ewlenin

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	133 896,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 77 (ikompli)

06 02 77 06 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 07 Proġett Pilota — Lil hinn mit-traffiku: soluzzjonijiet ta' trasport integrati u intelliġenti għall-infrastruttura stradali

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	650 000	p.m.	650 000	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 08 Proġett pilota — sistema ta' monitoraġġ GNSS għall-vetturi tqal

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	245 000	349 949,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 77** (ikompli)

06 02 77 08 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 09 Proġett pilota — Nagħmlu s-settur tat-trasport tal-UE attraenti għall-ġenerazzjonijiet futuri

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	350 000	500 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 10 Azzjoni preparatorja — Belt Portwarja Intelliġenti

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja se l-iskambji ta' Prattiki tajba fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-bliet u l-portijiet u proġetti innovattivi ta' bliet portwarji intelliġenti. Il-proġett jista' jiġi kkoordinat mal-azzjonijiet ta' "Bliet Intelliġenti u Sostenibbli".

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 77 (ikompli)

## 06 02 77 10 (ikompli)

Il-bliet portwarji qed jiffaċċjaw sfidi enormi fir-rigward tal-konċiljazzjoni tal-kompetizzjoni u żvilupp urban sostenibbli. Dawn l-isfidi jinkludu r-rilokazzjoni tal-funzjonijiet tal-portijiet, it-trasport tal-kontejners, l-iżvilupp mill-ġdid tal-interfaċċji tal-ibliet u taż-żoni li jagħtu għal fuq l-ilma (waterfronts), kif ukoll id-djalogu mal-abitanti tal-ibliet. It-tensjonijiet bejn l-ibliet u l-portijiet, it-turiżmu u l-industrija, iż-żoni naturali u dawk mibnija jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-ambizzjonijiet tal-Belt Intelliġenti u tal-Belt Portwarja Intelliġenti għandhom ikunu komplementari. Belt Portwarja Intelliġenti bbażata fuq l-għarfien u l-ICT tista' taħdem id f'id mal-interfaċċji interni tal-pajjiż biex tkompli żżid aktar l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi. Fid-dawl tal-kunċett tal-awtostradi tal-baħar din il-proposta hija konformi mal-strateġija Ewropa 2020 u r-reviżjoni tal-White Paper tat-28 ta' Marzu 2011 intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Transport — Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011) 144 final).

Il-bliet u l-portijiet qed jiffaċċjaw l-istess problemi u għandhom l-istess opportunitajiet, u għalhekk għandu jkun hemm soluzzjonijiet innovattivi għal: (a) it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-tbaħħir fuq l-oċeani kif wkoll mill-operazzjonijiet tal-portijiet; (b) l-iżvilupp tal-konnessjoni mat-trasport (ferrovjarju, bit-triq, fl-intern tal-pajjiż) taż-żoni interni tal-pajjiż; (c) it-tisħiħ tal-użu tal-enerġija rinnovabbli u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika; (d) il-promozzjoni tal-użu tal-ICT u l-interoperabilità tagħha; (e) it-tisħiħ tal-kompetizzjoni tal-bliet portwarji, fid-dawl tal-pożizzjoni strateġika tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-importanza tal-konnettività bejn il-gżejjer; u (f) il-promozzjoni tas-sinerġiji bejn il-belt u l-port.

Dawn l-azzjonijiet innovattivi għandu jkollhom impatt ukoll fuq it-turiżmu marittimu u kostali. L-azzjonijiet għandhom jiffukaw ukoll fuq il-faċilitajiet portwarji u d-djalogu bejn l-awtoritajiet portwarji u dawk tal-belt għall-ippjanar urban u tal-portijiet. It-turiżmu kostali u marittimu wkoll għandu rwol x'jaqdi fid-diversifikazzjoni tal-portijiet. Din l-azzjoni preparatorja se tidentifika l-benefiċċji tal-iżvilupp tal-ibliet portwarji intelliġenti madwar l-Ewropa u tqis is-sinifikat sħiħ tal-portijiet. L-azzjoni se tinkludi wkoll inizzjattivi biex jinholq network Ewropew ta' bliet portwarji intelliġenti.

## Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 11 Proġett pilota — Studju ta' fattibbiltà biex jiġi ttestjat l-użu ta' impriża konġunta pubblika-privata biex jingħata appoġġ lill-applikazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku (ERTMS) fil-kurituri tan-network ewlieni kollha

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 20 000	p.m.	280 000	400 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 77 (ikompli)

06 02 77 11 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 12 Azzjoni preparatorja — L-integrazzjoni ta' Sistema ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS) fl-isparju tal-ajru Ewropew b'Servizz ta' Geofencing Attiv (AGS)

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	350 000	500 000,—	250 000,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja turi AGS għall-RPAS (drones) li jittajru f'għoli ta' anqas minn 150 metru (500 pied) 'il fuq mill-art. Dan jiġi stabbilit billi l-istazzjon ta' ppilotar mill-bogħod li jikkontrolla d-drones fuq l-art jiġi konness ma' pjattaforma bbażata fuq l-internet. Din il-pjattaforma bbażata fuq l-internet turi l-pożizzjoni tal-operazzjoni tal-RPAS u tivvalida l-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali differenti, skont fejn tkun qed issir l-operazzjoni. Il-pjattaforma tista' tiġġenera żoni ta' divjet ta' titjiriet abbażi ta' standards tal-avjazzjoni.

Bil-konnessjoni ta' din il-pjattaforma bbażata fuq l-internet mal-RPAS, l-utenti ma jkunux jistgħu joperaw l-RPAS f'żoni ta' divjet ta' titjiriet. Żoni ta' divjet ta' titjiriet jistgħu jiġu ġġenerati, immonitorjati u kkontrollati mill-awtoritajiet responsabbli. L-informazzjoni ġġenerata mill-pjattaforma bbażata fuq l-internet tista' tiġi kondiviża wkoll mal-partijiet ikkonċernati kollha fin-netwerk Ewropew tal-avjazzjoni.

Din l-azzjoni tista' ttiprovdi soluzzjoni għall-integrazzjoni sikura ta' drones żgħar fin-netwerk tal-avjazzjoni eżistenti, li tiggarrantixxi livell ta' sikurezza ekwivalenti għal dak tal-avjazzjoni b'piloti, u dan jirriżulta f'sitwazzjoni li minnha jibbenefikaw il-partijiet ikkonċernati kollha tal-RPAS. Il-privatezza tista' tiġi ggarantita bl-użu ta' żoni ta' divjet ta' titjiriet għal operazzjonijiet RPAS; u, aktar importanti minn hekk, l-SMEs fl-industrija RPAS jiġu megħjuna joħlqu opportunitajiet ta' impjeg ġodda promettenti fl-Ewropa. Is-servizzi RPAS li ġejjin jistgħu jsiru bl-użu ta' pjattaforma bbażata fuq l-internet: AGS immonitorjat u kkontrollat mill-awtoritajiet responsabbli, u servizz ta' validazzjoni li jiċċekkja r-regolamenti applikabbli.

Din il-pjattaforma tista' tkun aċċessibbli għal diversi partijiet ikkonċernati, bħal utenti tal-RPAS, fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili, pulizija u servizzi tal-emerġenza, manifatturi tal-RPAS u entitajiet kwalifikati. Hija tuża standards tal-avjazzjoni eżistenti, tkun konformi mar-regoli tal-avjazzjoni b'piloti u twassal għal integrazzjoni aktar sikura u standardizzata fin-netwerk tal-avjazzjoni. Minbarra dawk l-istandards, il-pjattaforma trid tkun interoperabbli mal-RPAS kollha sabiex is-suq Ewropew jinfetħ għall-manifatturi u l-utenti kollha tal-RPAS. Fl-aħħar nett, din il-pjattaforma RPAS tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għandha tkun skalabbli għall-Istati Membri kollha.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 77 (ikompli)

06 02 77 12 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 13 Proġett pilota — Modi innovattivi li bihom it-trasport pubbliku jista' jiġi ffinanzjat b'mod sostenibbli

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	37 500	p.m.	87 500	125 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 14 Azzjoni preparatorja — Lejn Sistema Unika u Innovattiva Ewropea tat-Transport

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 100 000	p.m.	500 000	1 500 000,—	207 885,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.



**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 77** (ikompli)

06 02 77 14 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' thejġija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 15 Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' alternattivi għal karozza privata

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
800 000	645 000	490 000	245 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Kuntest*

Madwar 55 % tal-vjaġġi bil-karozzi huma twal inqas minn 5 kilometri. Ir-rata medja ta' okkupazzjoni hija baxxa, b'madwar 1.3 persuna kull karozza. Dawn il-figuri juru li l-alternattivi għall-użu tal-karozzi privati għadhom mhumiex żviluppatti biżżejjed u li hemm potenzjal enormi għal bidla modali lejn mezzi aktar sostenibbli.

Is-sensibilizzazzjoni hija l-ewwel pass lejn l-iżvilupp ta' alternattivi għall-użu ta' karozzi privati. Għandha l-għan li tħeġġeġ il-bidla fl-imġiba, pereżempju għal vjaġġi mid-dar għax-xogħol u mid-dar għall-ħwienet. Diġà jeżistu għadd ta' inizjattivi biex ibiddu l-użu individwali tal-karozzi għal mobilità individwali mhux motorizzata, bħall-mixi u r-rotta, inkluż l-użu ta' roti elettriċi (li għandu l-potenzjali li jkun l-aktar mezz affidabbli u rapidu għal distanzi sa 10 kilometri). Iżda dawn l-inizjattivi, li huma l-aktar użati biex jimmiraw l-imġiba individwali, jistgħu jitħaffu permezz ta' approċċ kollettiv.

*Proġett*

Il-proġett pilota jikkonċerna l-iżvilupp ta' għodod ġodda għas-sensibilizzazzjoni flivell kollettiv. Hemm potenzjal kbir għal sperimentazzjoni f'kumpaniji pubbliċi u privati, awtoritajiet lokali u konferenzi internazzjonali biex jintużaw għodod ġodda biex ikejlu u jstabbilixxu objettivi għal bidla modali flivell ta' grupp. Dawn l-għodod huma msejja "sistemi ta' gruppi ibbażati fuq il-prestazzjoni" li jużaw il-crowdsourcing u t-teknoloġiji konnessi. Huma jippermettu flessibilità aħjar, spirtu ta' tim u koordinazzjoni fuq terminu ta' żmien twil bejn il-persuni filwaqt li jipprovdu statistika u data tal-massa dwar il-bidla fl-imġiba. Il-proġett pilota għandu l-għan li jiżviluppa u jxerred sett għodod ta' għodod biex jillimitaw l-użu ta' karozzi għal meta jkun strettament meħtieġ.

*Konformi ma':*

— l-objettiv ewlieni tal-Ftehim tal-COP 21, li jikkonsisti fiż-“żamma taż-żieda fit-temperatura medja globali għal sew inqas minn 2° C 'l fuq mil-livelli pre-industrijali”;

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 77 (ikompli)

## 06 02 77 15 (ikompli)

- il-White Paper tat-28 ta' Marzu 2011 intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Transport — Lejn sistema tat-transport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011) 144 final) issemmi l-miri ambizzjużi għat-tnaqqis tal-karbonju: "Sal-2030, l-għan għat-transport se jkun it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) għal madwar 20 % tal-livell taqgħom tal-2008.";
- ir-rapport ta' inizjattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-mobilità urbana sostenibbli, li jenfasizza li l-Parlament Ewropew "huwa konvint li t-tniġġis tal-arja għandu dimensjoni lokali, reġjonali, nazzjonali u transfruntiera, u jeħtieġ li tittieħed azzjoni fil-livelli ta' governanza kollha; jitlob, għaldaqstant, li jissaħħa l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli, fejn l-atturi kollha jieħdu r-responsabilità għall-miżuri li jistgħu u għandhom jittieħdu f'dak il-livell.";
- il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dekarbonizzazzjoni tat-transport, ippubblikata fl-Lulju 2016, li tistabbilixxi t-tnaqqis tal-karbonju bħala prijorità prinċipali għall-politika tat-transport tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 06 02 77 16 Proġett pilota — Mobilità sostenibbli kondiviża interkonnessa mat-transport pubbliku f'żoni rurali Ewropej (l-iżvilupp tal-kunċett ta' "żoni tat-transport rurali intelliġenti" SMARTAs)

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	800 000	600 000	300 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Fiż-żoni rurali fl-Unjoni hemm żieda qawwija ta' proġetti li jiżviluppaw il-mobilità kondiviża interkonnessa mat-transport pubbliku u l-mobilità individwali mingħajr użu ta' vetturi. Dawn huma bbażati fuq għodod konvenzjonali u diġitali differenti (pereżempju, l-applikazzjonijiet tal-ismartphones) u jinvolvu, pereżempju, il-ċar sharing, il-ċar pooling, is-sewqan kondiviż, l-awtostop, taxis kondiviżi u xarabankijiet fuq talba. Dan l-iżvilupp huwa opportunità enormi biex tingħata spinta liż-"żoni tat-transport rurali intelliġenti" (SMARTAs). Il-proġett pilota se jtejjeb l-għarfien u l-fehim dwar jekk hemmx aktar b'żonn ta' approċċ transfruntier għaż-żoni tat-transport rurali intelliġenti, bħal skambji ta' eżempji tal-aħjar Prattika, l-interoperabbiltà, l-iżvilupp reġjonali sostenibbli, il-kożjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Il-proġett pilota għandu l-potenzjal li jiġġenera sitwazzjonijiet li minnhom igawdi kulħadd, bħat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> (il-Ftehim COP 21), konnessjonijiet ta' mobilità aħjar f'żoni remoti u rurali għal persuni li ma jistgħux jew li ma jridux li jkollhom karozza (iż-żgħażaġh, l-anzjani u l-persuni soċjalment żvantaġġati).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 77** (ikompli)

06 02 77 16 (ikompli)

L-għan Nru 8 mill-għaxra favur sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti stabbiliti fil-White Paper tat-28 ta' Marzu 2011 intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Transport — Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011) 144 final) għandu jstabbilixxi, sal-2020, il-qafas għal sistema Ewropea ta' informazzjoni, ġestjoni u ħlas għat-trasport multimodali.

Barra minn hekk, l-inizjattiva 22 fil-White Paper (Mobilità konsistenti 'bieb bieb'): tinvolvi d-"definizzjoni tal-miżuri neċessarji għal aktar integrazzjoni tal-modi differenti tat-trasport tal-passiġġieri biex jiġi pprovdut vjaġġ multimodali konsistenti minn 'bieb sa bieb". L-inizjattiva 27 (Informazzjoni dwar l-ivvjaġġar) tinvolvi l-promossjoni tas-"sensibilizzazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' alternattivi għat-trasport individwali konvenzjonali (anqas sewqan, mixi u ċikliżmu, vjaġġar bit-triq kondiviż, 'ipparkja u irkeb' (park & ride), ħruġ intelliġenti ta' biljetti, eċċ.)".

Fl-aħħar nett, dan il-proġett pilota huwa okkażjoni mezz utli għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sistemi ta' trasport intelliġenti (ITS) (Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Transport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p.1) u l-programm ta' ħidma korrispondenti tal-Kummissjoni) kif ukoll għal żvilupp ulterjuri ta' Orizzont 2020 u għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Diġitali.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 17 Proġett Pilota — Arkitettura tal-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SES)

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
600 000	700 000	800 000	400 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropew qiegħda f'idejn 28 fornitur ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru (ANSP) abbażi tal-fruntieri nazzjonali fuq l-art. L-ispiża tal-frammentazzjoni tal-ispazju tal-ajru ġiet ikkalkulata f'EUR 4 biljun kull sena. Il-proġett pilota jevalwa disinn ġdid għall-arkitettura tal-ispazju tal-ajru tal-Unjoni bbażat biss fuq l-effiċjenza tal-fluss tat-traffiku, rotot diretti, u l-għadd ta' ċentri ta' kontroll l-aktar effiċjenti. Din il-proposta tqis it-teknoloġija relatata mar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) sabiex jiġu stabbiliti l-aktar postijiet effiċjenti għall-implimentazzjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 77 (ikompli)

06 02 77 17 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 18 Proġett Pilota — Inventarju tat-trasport aċċessibbli għall-persuni b'mobilità mnaqqsa

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	600 000	300 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota se jiżviluppa pjattaforma diġitali għal itinerarju tat-trasport urban xieraq għall-persuni b'mobilità mnaqqsa.

Waħda minn kull sitt persuni fl-Ewropa hija affettwata minn xi diżabilità, u minħabba popolazzjoni li qed tixxjeh, il-ħtieġa ta' informazzjoni dwar għażliet ta' trasport mingħajr xkiel fil-bliet se tkompli tikber maż-żmien. Filwaqt li l-muniċipalitajiet u l-kumpaniji tat-trasport qed jaħdmu biex jagħmlu t-trasport aktar aċċessibbli u armonizzat fl-Ewropa kollha, l-informazzjoni dwar l-għażliet ta' mobilità mingħajr xkiel għadha mhijiex ikkomunikata b'mod ċar, u ħafna minn dawk affettwati għad iridu jiddependu fuq għażliet ta' trasport organizzat b'mod privat.

Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (COM (2015) 615 final) stabbiliet il-bażi għat-titjib tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità. L-għan tiegħu hu li jgħleb ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità nazzjonali diverġenti u ta' spiss kontradittorji li ħolqu ostakoli għan-negozji, u għalhekk żammew lura lill-persuni b'diżabilità milli jibbenefikaw mill-potenzjal tas-suq intern.

Il-proġett pilota l-ewwel se jappoġġa l-ġbir ta' informazzjoni dwar il-mobilità mingħajr xkiel fiż-żoni urbani u mbagħad jorbot l-informazzjoni ma' pjattaforma online komuni, li idealment għandha tkun aċċessibbli permezz ta' applikazzjoni għall-apparati mobbli u għodod tal-informazzjoni aċċessibbli b'mod simili. Din il-pjattaforma tqis, pereżempju, il-veloċità tal-mixi b'mod aktar preċiż kif ukoll l-aċċessibilità tal-għażliet tat-trasport pubbliku, ta' ċerti toroq, kif ukoll tas-servizzi ta' trasport speċjalizzat.

Enfasi waħda tad-Direttiva proposta hija jagħmel it-trasport aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, billi jarmonizza r-rekwiżiti ta' aċċessibilità bejn l-Istati Membri differenti. Għalhekk, l-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li jibni fuq dan il-momentum, billi jgħin biex l-informazzjoni dwar trasport aċċessibbli tiġi kkomunikata aħjar lill-grupp destinatariju. Dan għandu jħeġġeġ lill-kumpaniji tat-trasport itejbu l-istandards ta' aċċessibilità tagħhom b'mod aktar rapidu u lin-negozji jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-suq fil-qasam tal-ekonomija diġitali offriti minn dan is-suq li għadu relattivament mhux sfruttat.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 77** (ikompli)

06 02 77 18 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 19 Proġett pilota — Żoni ta' parkeġġ siguri għat-trakkijiet

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	425 000	850 000	425 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-pressjoni migratorja reċenti li żdiedet fuq l-Unjoni affettwat b'mod serju kemm is-sigurtà tat-traffiku kif ukoll is-sigurtà tal-industrija tat-trasport tal-merkanzija bit-triq f'ċerti postijiet f'numru ta' Stati Membri, bħal Calais, fejn ir-rifuġjati qed jippruvaw jirkbu fuq it-trakkijiet. Huwa neċessarju li ssir reazzjoni għal din il-kriżi u li jiġu pprovduti punti ta' parkeġġ siguri għat-trakkijiet sabiex jiġi evitat li r-rifuġjati jmutu u jiġu salvagwardjati s-sewwieqa tat-trakkijiet, kif ukoll tiġi meġhuna l-protezzjoni għall-operaturi tat-trasport mid-danni materjali.

Il-proġett pilota se jkopri n-nefqa għall-ħolqien ta' żoni ta' parkeġġ siguri u mgħassa għat-trakkijiet mar-rotot ewlenin tat-trasport bit-triq mal-Ewropa kollha lejn postijiet ta' fruntieri, fil-punti fejn is-sigurtà tat-traffiku u tat-trakkijiet hija affettwata minn numru għoli ta' rifuġjati li qed jippruvaw jirkbu fuq it-trakkijiet biex jaqsmu l-fruntieri.

Din l-appropriazzjoni se tiżdied mal-EUR 5 000 000 li l-Viċi President tal-Kummissjoni Frans Timmermans wiegħed lill-awtoritajiet Franċiżi biex ilaħħqu mal-kampijiet tar-rifuġjati f'Calais.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 20 Proġett pilota — L-imġiba tal-bniedem b'rabta mas-sewqan awtonomu

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 000	175 000				

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 77 (ikompli)

06 02 77 20 (ikompli)

## Kummenti

Dan il-proġett pilota ġdid se jindirizza n-nuqqas ta' attenzjoni mogħtija mill-Unjoni għall-imġiba b'rabta mas-sewqan awtonomu. F'dawn l-aħħar snin, kemm l-atturi tal-industrija awtomobilistika kif ukoll il-komunità tar-riċerka żviluppaw ħafna riċerka fil-qasam tas-sewqan awtonomu. Prinċipalment, iffukat fuq l-aspetti teknoloġiċi tas-sewqan awtonomu, jiġifieri l-interoperabbiltà tal-vetturi, l-interazzjoni mal-infrastrutturi stradali, is-sigurtà tad-data, l-affidabbiltà tad-data, il-protezzjoni tad-data u r-responsabbiltà, eċċ.

Il-proġett pilota se jipprovi tema ġdida għall-istudji u għar-riċerka li tenfasizza fuq l-imġiba tas-sewwieqa, tema li għet pjuttost inġorata kemm minn minn jiddeċiedi l-politiki kif ukoll mill-industrija. Hu se jagħti lill-Kummissjoni u lill-awtorità leġiżlattiva ħarsa komplementari lejn l-interazzjoni bejn l-imġiba tal-bniedem u s-sewqan awtonomu, bil-għan li jiġu indirizzati l-problemi potenzjali li jinħolqu meta jiddaħħal fuq skala kbira s-sewqan awtonomu fl-Unjoni biex dan tal-aħħar jirnexxi u jtejjeb is-sikurezza tat-toroq.

Il-proġett pilota se jiġbor informazzjoni mingħand il-komunità xjentifika speċjalizzata fis-sikurezza stradali bil-għan li jiġu indirizzati dawn l-oqsma li ġejjin:

- il-fattur uman fis-sewqan awtonomu l-ġdid, l-opinjoni u l-fehmiet tas-sewwieqa professjonisti/regolari/okkażżjonali, skont l-età u kriterji rilevanti oħrajn (pajjiż, sess, eċċ.);
- identifikazzjoni u proposta ta' soluzzjonijiet biex tingħeleb ir-“reżistenza” tal-komunità tas-sewwieqa għall-introduzzjoni ta' vetturi awtonomi;
- il-bżonnijiet ta' taħriġ tas-sewwieqa b'rabta ma' forum awtonomi ġodda ta' sewqan, il-bżonn ta' ċertifikazzjoni supplementari, speċifika jew inqas estensiva għas-sewqan awtonomu (taħriġ obbligatorju, rekwiżiti addizzjonali biex tikseb liċenzja tas-sewqan, skemi volontarji, eċċ.);
- interazzjoni bejn is-sewwieqa awtonomi u dawk tradizzjonali, l-attitudnijiet tas-sewwieqa u tal-utenti l-oħra tat-triq fir-rigward tas-sewwieqa awtonomi, il-mezzi li javżaw lill-utenti l-oħra bil-preżenza tas-sewqan awtonomu.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 21 Proġett pilota — Kampanja ta' sensibilizzazzjoni pan-Ewropea dwar is-sikurezza stradali

## Ċifri (Approprazzjonijiet differenzjali)

Approprazzjonijiet 2018		Approprazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
600 000	300 000				

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 77** (ikompli)

06 02 77 21 (ikompli)

*Kummenti*

L-Unjoni hija impenjata li tnaqqas bin-nofs in-numru ta' inċidenti fatali fit-toroq sal-2020. Operazzjonijiet ta' infurzar fuq skala Ewropea appoġġati minn kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni jistgħu jgħinu biex jintlaħaq dan l-għan. Għaldaqstant, madwar in-netwerk TEN-T kollu jkun xieraq li jittella' avveniment ta' infurzar ikkoordinat fuq skala pan-Ewropea li fih għandhom jinkitbu l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni se tiffinanzja operazzjoni koordinata ta' xahar fin-netwerk TEN-T. Ikun xieraq li jiġu kkoordinati l-operazzjonijiet tal-pulizija Ewropej fl-Istati Membri. Fid-dawl tal-fatt li aktar minn nofs l-inċidenti fatali jiġru fit-toroq rurali, l-avveniment jista' jsir f'dawn it-toroq u jkollu l-appoġġ ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati. Ikun xieraq li jiġi ffokat fuq il-kawża prinċipali tal-fatalitajiet: il-veloċità.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 22 Proġett pilota — OREL — Sistema Ewropea li tillimita l-frodi relatata mal-odometru: proċess rapidu għall-affidabbiltà stradali fl-Unjoni

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
300 000	150 000				

*Kummenti*

Il-proġett pilota se jnaqqas il-frodi relatata mal-odometri billi jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni tal-odometru fl-Unjoni.

Dan jinkludi valutazzjoni, studju ta' fattibilità u analiżi kummerċjali teknika biex jiġu identifikati u esplorati soluzzjonijiet u biex jiġi definit l-iskop għal sistema futura ta' skambju ta' informazzjoni tal-odometru fl-Unjoni. Il-proġett joffri appoġġ għaċ-ċertifikazzjoni tal-affidabbiltà stradali b'rabta mad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

Studji riċenti juru li fis-swieq Ewropej ewlenin għall-karozzi użati, terz tal-vetturi kollha għandhom odometri mbagħbsa. Il-valur medju tal-frodi huwa bejn wiehded u ieħor EUR 3 000, u t-telf ta' dħul baġitarju ċentrali huwa smat li jilħaq bejn EUR 5 600 000 000 u EUR 9 600 000 000 fis-sena. Il-vetturi l-ġodda jiġu kkontrollati u sservisjati mill-bejjiegħa uffiċjali prinċipalment bħala kundizzjoni tal-garanzija. Il-bejjiegħa jżommu rekords taċ-ċifri tal-odometri, iżda din l-informazzjoni mhijiex aċċessibbli għall-pubbliku. Il-vetturi l-ġodda ma jsirulhomx kontrolli tal-affidabbiltà stradali qabel jagħlqu erba' snin. Matul l-ispezzjonijiet annwali sussegwenti tal-vettura, iċ-ċifri tal-odometru jiġu trażmessi f'bażijiet ta' data fl-Istati Membri iżda ma jiġux skambjati. Meta vettura tbiddel l-idejn jew tinbiegħ barra l-pajjiż, ma jkunx hemm kontinwità fir-reġistru tal-odometru u din hija l-opportunità biex isir tbaġħbis fl-odometru. Dan qed isir dejjem aktar faċli, b'investiment minimu fis-software, fl-għarfien u fil-ħin.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

**06 02 77** *(ikompli)*

06 02 77 22 *(ikompli)*

Il-grupp fil-mira jinkludi l-konsumaturi, l-awtoritajiet tat-taxxa u tad-dħul u l-bejjieġha tal-karozzi.

Il-proġett pilota għandu l-appoġġ tal-Fédération Internationale de l'Automobile (FIA) u tal-Għaqda tal-Konsumaturi Ewropea BEUC.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).



KUMMISSJONI  
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 03	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNO- VAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT								
<b>06 03 03</b>	<b>Sfidi soċjetali</b>								
06 03 03 01	Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika	1,1	56 835 072	105 297 459	86 255 047	88 680 904	99 322 820,15	100 461 969,75	95,41
	<i>Artikolu 06 03 03 — Subtotal</i>		56 835 072	105 297 459	86 255 047	88 680 904	99 322 820,15	100 461 969,75	95,41
<b>06 03 07</b>	<b>Impriżi Konġunti</b>								
06 03 07 31	Impriża Konġunta għar- Riċerka dwar il-Ġestjoni tat- Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) — Nefqa ta' sostenn	1,1	3 250 683	3 250 683	3 241 507	3 241 507	0,—	0,—	0
06 03 07 32	Impriża Konġunta għar- Riċerka dwar il-Ġestjoni tat- Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2)	1,1	106 749 317	79 017 129	96 758 493	65 088 493	61 638 000,—	46 001 500,—	58,22
06 03 07 33	Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) -Nefqa ta' sostenn	1,1	1 624 000	1 624 000	1 579 870	1 579 870	1 620 687,—	1 991 748,71	122,64
06 03 07 34	Shift2Rail (S2R) Impriża Konġunta	1,1	75 800 000	74 114 828	60 043 130	50 800 000	45 248 848,—	47 091 508,—	63,54
	<i>Artikolu 06 03 07 — Subtotal</i>		187 424 000	158 006 640	161 623 000	120 709 870	108 507 535,—	95 084 756,71	60,18
<b>06 03 50</b>	<b>Approprijazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku</b>								
06 03 50 01	Approprijazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	4 806 736,21	2 160 687,52	
06 03 50 02	Approprijazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzjonijiet minn partijiet terzi (minbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	2 614 608,93	
	<i>Artikolu 06 03 50 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	4 806 736,21	4 775 296,45	

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 03 51	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — Komunità Ewropea (2007 - 2013)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	42 614 143	7 234,19	60 211 899,96	
Kapitolu 06 03 — Total			244 259 072	263 304 099	247 878 047	252 004 917	212 644 325,55	260 533 922,87	98,95

## Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Dawn l-appropriazzjonijiet huma maħsuba li jintużaw għal Orizzont 2020 — il-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni, li jkopri l-perjodu 2014 sa 2020, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (Is-Seba' Programm Qafas u l-programmi ta' qafas ta' qabel).

L-Orizzont 2020 se jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 “Unjoni tal-Innovazzjoni” u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment “Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi”, “Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni”, u “Aġenda diġitali għall-Ewropa”, kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka. Orizzont 2020 se jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-programm se jitwettaq sabiex jinkisbu l-oġettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

F'Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifkati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel u sabiex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Għandha titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex titjeb il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Taħt dawn l-Artikoli u l-partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa fisem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Dawn l-appropriazzjonijiet huma maħsuba li jintużaw f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' “Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)” u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20/12/2013, p. 81).

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal fil-partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika se jiddaħħal fil-partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni se jiddaħħal fil-partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Appropriazzjonijiet addizzjonali se jkunu disponibbli taħt il-partita 06 03 50 01.

L-appropriazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jiġu pprovduti taħt il-Kapitolu 06 01 05.

**06 03 03 Sfidi soċjetali***Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 tirrispondi direttament għall-prijoritajiet tal-politiki u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrategġija Ewropa 2020. Dawk l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jiġbor flimkien ir-riżorsi u l-għarfien f'oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi tal-ittestjar, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni mmexxija mill-utenti aħħarin, l-innovazzjoni soċjali u l-użu tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jagħtu sostenn dirett lill-kompetenzi fil-politiki settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

Il-finanzjar għandu jkun iffukat fuq l-isfidi li ġejjin:

— trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat,

— l-innovazzjoni u r-riċerka, l-aktar fl-oqsma tal-bidla fl-imġiba, iċ-ċaqliqa modali, l-aċċessibilità universali, l-integrazzjoni (l-interkonnnettività, l-intermodalità u l-interoperabilità) u s-sostenibilità (it-tibdil fil-klima, ir-riduzzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet u tal-ħsejjes), li huma ta' importanza kruċjali għas-setturi tat-trasport u tat-turiżmu.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 03 03 (ikompli)

06 03 03 01 Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
56 835 072	105 297 459	86 255 047	88 680 904	99 322 820,15	100 461 969,75

## Kummenti

## Ex Partita 06 03 03 01 (parzjali)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri azzjonijiet ta' Riċerka u Innovazzjoni li għandhom jikkontribwixxu b'mod sostanzjali biex idaħħlu t-trasport f'era ġdida ta' mobilità intelliġenti. L-azzjonijiet skont din id-dispożizzjoni għandhom isostnu l-iżvilupp u l-adozzjoni tas-soluzzjonijiet neċessarji għall-modi kollha tat-trasport, biex b'hekk inaqqsu drastikament l-emissjonijiet tat-trasport li jikkawżaw dannu għall-ambjent, inaqqsu d-dipendenza tat-trasport fuq il-fjuwils fossili, u għalhekk inaqqsu l-impatt tat-trasport fuq il-bijodiversità u jppreservaw ir-riżorsi naturali. Dan huwa mistenni li jinkiseb permezz ta' investiment fattivitajiet speċifiċi, partikolarment fil-forma ta' sħubijiet pubbliċi privati kbar, bħal inġenji tal-ajru, ferroviji, vetturi u bastimenti li jsiru iktar nodfa u inqas storbjużi, l-iżvilupp ta' apparat, infrastruttura u servizzi intelliġenti u t-titjib tat-trasport u l-mobilità f'żoni urbani.

Ir-Riċerka u l-innovazzjoni mwettqa skont dan l-Artikolu huma mistennija li jagħtu kontribuzzjonijiet importanti biex tiġi ottimizzata l-prestazzjoni u l-effiċjenza fir-rigward tad-domandi li dejjem jikbru għall-mobilità. L-azzjonijiet skont din id-dispożizzjoni se jiffokaw ukoll fuq it-tnaqqis sostanzjali tal-konġestjoni tat-traffiku, it-titjib sostanzjali fil-mobilità tal-persuni u l-merkanzija, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' kunċetti ġodda ta' trasport u loġistika tal-merkanzija u t-tnaqqis fir-rati tal-inċidenti u d-diżgrazzji fatali u t-titjib fis-sigurtà. L-azzjonijiet skont dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba fil-fatt biex jikkontribwixxu biex jagħmlu l-Ewropa l-iktar reġjun sikur għall-avjazzjoni u biex nersqu lejn il-mira ta' żero fatalitajiet fit-trasport bit-triq sal-2050.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma mistennija li jkollhom rwol sinifikanti fil-kisba tat-tmexxija globali għall-industrija tat-trasport Ewropea u l-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, fejn jibqgħu fuq quddiem fit-teknoloġiji ġodda u jnaqqsu l-kostijiet tal-proċessi ta' manifattura eżistenti, u għalhekk jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u impjeggi b'ħiliet għolja fl-industrija Ewropea tat-trasport. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-mezzi tat-trasport u għall-esplorazzjoni ta' kunċetti tat-trasport kompletament ġodda huma mistennija li jiġu żviluppatti u koperti minn din l-appropriazzjoni.

Ir-riċerka soċjoekonomika u attivitajiet li jħarsu 'l quddiem għat-tfassil tal-politiki wkoll se jiġu koperti minn din id-dispożizzjoni: azzjonijiet li jagħtu sostenn lill-analiżi u l-iżvilupp tal-politika, inklużi l-aspetti soċjoekonomiċi tat-trasport, huma neċessarji għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u biex jiġu affrontati l-isfidi imposti mit-trasport.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 21.12.2013, p. 965) u b'mod partikolari mal-punt (d) tal-Artikolu 3(3) tagħha.

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 03 03** (ikompli)

## 06 03 03 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**06 03 07 Impriżi Konġunti**

## 06 03 07 31 Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) — Nefqa ta' sostenn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 250 683	3 250 683	3 241 507	3 241 507	0,—	0,—

*Kummenti*

Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-Isfida soċjetali "Il-kisba ta' sistema tat-transport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u assjemi". Din se jkollha l-objettiv li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) billi tikkonċentra u tikkordina l-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-ATM rilevanti kollha fl-Unjoni taħt il-programm ta' ħidma tagħha SESAR 2020 u f'konformità mal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 21.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

06 03 07 (ikompli)

06 03 07 31 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

06 03 07 32 Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
106 749 317	79 017 129	96 758 493	65 088 493	61 638 000,—	46 001 500,—

## Kummenti

Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-Isfida soċjetali "Il-kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u assjemi". Din se jkollha l-objettiv li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) billi tikkonċentra u tikkordina l-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-ATM rilevanti kollha fl-Unjoni taħt il-programm ta' ħidma tagħha SESAR 2020 u f'konformità mal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 21.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 03 07** (ikompli)

## 06 03 07 33 Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) -Nefqa ta' sostenn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 624 000	1 624 000	1 579 870	1 579 870	1 620 687,—	1 991 748,71

## Kummenti

L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 u b'mod partikolari għall-isfida soċjetali "Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat". Se jkollha l-objettiv li tikkontribwixxi għall-kisba taż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea u għal tranżizzjoni iktar malajr u orħos għal sistema ferrovarja Ewropea iktar attraenti, kompetittiva, effiċjenti u sostenibbli, permezz ta' approċċ komprensiv u koordinat li jindirizza l-ħtijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tas-sistema ferrovarja u l-utenti tagħha.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 -il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## 06 03 07 34 Shift2Rail (S2R) Impriża Konġunta

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
75 800 000	74 114 828	60 043 130	50 800 000	45 248 848,—	47 091 508,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

06 03 07 (ikompli)

06 03 07 34 (ikompli)

## Kummenti

L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 u b'mod partikolari għall-isfida soċjetali "Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat". Se jkollha l-objettiv li tikkontribwixxi għall-kisba taż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea u għal tranżizzjoni iktar malajr u orħos għal sistema ferrovarja Ewropea iktar attraenti, kompetittiva, effiċjenti u sostenibbli, permezz ta' approċċ komprensiv u koordinat li jindirizza l-ħtiġijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tas-sistema ferrovarja u l-utenti tagħha.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 -il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**06 03 50** **Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku**

06 03 50 01 Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	4 806 736,21	2 160 687,52

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu mill-2014 sal-2020.



**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 03 50** (ikompli)

06 03 50 01 (ikompli)

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

06 03 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	2 614 608,93

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu qabel l-2014.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

**06 03 51** **Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — Komunità Ewropea (2007 - 2013)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	42 614 143	7 234,19	60 211 899,96

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 03 51 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Approprazzjonijiet 2018		Approprazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	210 000	p.m.	360 000	900 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 32 Proġett pilota — Il-protokollu għall-istabbiliment ta' skemi ta' valutazzjoni tal-infrastruttura ekoloġika madwar l-Unjoni  
Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	240 000	600 000,—	300 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 33 Proġett pilota — Il-mitigazzjoni tal-impatt ta' turbini tar-riħ fuq il-popolazzjonijiet tal-friefet il-lejl u l-għasafar u r-rotot migratorji tagħhom

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	p.m.	400 000	1 000 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 34 Proġett pilota — Inventarju tal-ispeċijiet u l-habitats fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	p.m.	400 000	1 000 000,—	0,—

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 34 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-programm għall-Koordinazzjoni tal-Infurmazzjoni dwar l-Ambjent (Corine) twaqqaf mill-Kummissjoni fl-1991 bl-għanijiet ewlenin ikunu li l-bijotopi jiġu definiti u protetti, li t-tniġġis ambjentali jkun miġġieled, li t-tipi differenti ta' kopertura tal-art ikunu mmappjati u li l-ambjent naturali jkun preservat. Il-bażi tad-dejta li rriżultat mill-programm sussegwentement ħaditilha postha l-bażi tad-dejta tas-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar in-Natura tal-Unjoni Ewropea (EUNIS), li fiha inventarju tal-habitats Ewropej (naturali, kważi naturali, artifiċjali, terrestri u akkwatiċi) u hija l-bażi għal-leġiżlazzjoni dwar in-natura tal-Unjoni (Natura 2000).

Madanakollu, dak l-inventarju ma jinkludix l-ispeċi u l-habitats li jinstabu fir-Reġjuni l-Aktar Imbiegħda Franċiżi (Martinique, Guadeloupe, French Guiana, Réunion u Mayotte), li kull wieħed minnhom għandu karatteristiċi bijoloġiċi u ekoloġiċi speċifiċi ħafna tiegħu u proporzjoni għoli ta' speċi endemiċi.

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jstabilixxi, bl-istess strumenti bħal tal-programmi Corine Biotope u EUNIS, inventarju tal-ispeċijiet u l-habitats u kategorizzazzjoni taż-żoni ambjentalment sensitivi f'dawn ir-reġjuni li jikkostitwixxu elementi ċentrali tal-bijodiversità fid-dinja. L-istabiliment ta' din il-bażi tad-data komuni ġdida huwa meħtieġ biex jiġu identifikati l-lakuni fl-għarfien, u biex, bħalma ġara fir-reġjuni l-oħra tal-Unjoni Ewropea, tittieħed l-azzjoni meħtieġa għall-konservazzjoni tal-bijotopu ta' dawn ir-reġjuni tal-Unjoni.

Dan l-approċċ, li diġà ntwerha li huwa fattibbli u utli għar-reġjuni l-oħra tal-Unjoni, huwa għalhekk l-ewwel pass lejn l-adozzjoni finali ta' proposti leġiżlattivi għall-konservazzjoni tal-bijodiversità fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. Huwa se tgawdi mis-sinerġiji possibbli max-xogħol li twettaq fil-qafas tal-azzjoni preparatorja BEST.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 35 Proġett pilota — Immappjar u valutazzjoni tal-istat tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej: nistabilixxu l-kollegamenti u nakkomunaw ir-riżorsi

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	1 350 000	1 000 000	500 000		

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 35 (ikompli)

*Kummenti*

L-Azzjoni 5 tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità thegħeġ lill-Istati Membri jimmappjaw u jivvalutaw l-istat tal-ekosistemi u tas-servizzi ta'għhom fit-territorju nazzjonali rispettiv. Fl-2012 ġie stabbilit Grupp ta' Ħidma dwar dwar l-Immappjar u l-Valutazzjoni tal-Ekosistemi u tas-Servizzi ta'għhom (MAES).

Il-proġett pilota jibda billi jivvaluta l-istat tal-eżerċizzju MAES fit-territorji extra-Ewropej parteċipanti, u billi jagħmel inventarju tar-riżorsi umani u materjali preżenti f'kull wieħed minnhom, u jiġġustifikahom.

Huwa se jisfrutta x-xogħol tal-proġetti BEST (inizjalment appoġġjat minn azzjoni preparatorja taħt il-baġits 2011, 2012 u 2013) u NETBIOME (mgħejjun permezz tas-7 Programm Kwadru tar-Riċerka) u jista' jibni fuq l-inventarju tal-ispeċijiet u l-habitats u fuq l-esperjenza tal-MAES previsti fil-qafas tal-proġett pilota bit-titolu "Inventarju tal-ispeċijiet u l-habitats fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi", adottat fil-qafas tal-baġit għall-2016 (Partita 07 02 77 34). Imbagħad jintgħażel reġjun speċifiku u kontribut partikolari biex jiġu studjati bħala każijiet speċifiċi li fuqhom tiġi ffokata l-ħidma ta' tim dedikat magħmul minn esperti lokali, uffiċjali responsabbli mit-tfassil tal-politika u membri tas-soċjetà ċivili, akkomunati minn madwar ir-reġjuni l-iktar imbiegħda (ORs) u t-territorji extra-Ewropej (OCTs).

Dan il-proġett se jipproduċi kontribut tanġibbli għall-eżerċizzju tal-MAES, u se jagħti prova tal-fattibbiltà u tal-valur miżjud ta' approċċ axxendenti, bl-involvement u l-abilitazzjoni tal-atturi lokali. Jekk jirnexxi, dan il-proġett jippermetti l-ittestjar u l-implimentazzjoni tal-metodoloġija MAES f'reġjuni differenti madwar id-dinja, iforni metodoloġiji u linji gwida dwar Prattiki tajba u jikkontribwixxi għar-rwol ta' tmexxija fid-dinja tal-Unjoni f'dan il-qasam.

Il-proġett pilota se jinvolvi lil dawk li jfasslu l-politika, lir-riċerkaturi u s-soċjetà ċivili fl-iżvilupp ta' metodoloġiji għall-immappjar u l-valutazzjoni tal-istat tal-ekosistemi u tas-servizzi ta'għhom fir-reġjuni ultraperiferiċi u fit-territorji extra-Ewropej. Qed jithegħeġ approċċ koordinat u sinerġistiku sabiex il-frammentazzjoni ġeografika, politika u tal-bażi tal-għarfien ta' dawn it-territorji tinbidel f'assi, fl-akkomunament tar-riżorsi u fil-bini ta' għodod parteċipattivi robusti.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 36 Proġett Pilota — Netwerk ta' Bliet Ekoloġiċi Ewropej

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	1 000 000	500 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 36 (ikompli)

Dan il-proġett pilota għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp ta' "Netwerk ta' Bliet Ekoloġiċi Ewropej" (li jkun jinkludi r-rebbieħa tal-premju Belt Kapitali Ekoloġika Ewropea u l-bliet li kienu fil-lista għall-premju) sabiex dawn jiskambjaw bejniethom l-esperjenzi, l-għarfien u l-kompetenzi tagħhom dwar l-iżvilupp urban sostenibbli ma' bliet oħra Ewropej. In-netwerk għandu jippromwovi s-sostenibbiltà ambjentali fi bliet Ewropej permezz ta' serje ta' azzjonijiet speċifi li jgħinu lill-bliet kollha — li jinkludu kemm dawk li huma "ekoloġiċi" kif ukoll dawk li l-prestazzjoni ambjentali tagħhom hija inqas żviluppata - biex jittieħdu passi ulterjuri lejn sostenibbiltà awtentika.

Mis-sena 2010 'il quddiem, kull sena, l-Unjoni tat it-titolu ta' Belt Kapitali Ekoloġika tal-Ewropa lil belt fl-Unjoni li kisbet riżultati ta' standards ambjentali għoljin, hija impenjata li tilħaq objettivi ambizzjużi u kontinwi għal aktar titjib ambjentali u aktar żvilupp sostenibbli, u li tista' tkun ta' eżempju li tispira lil bliet oħra u tippromwovi l-aħjar prattiki lill-bliet l-oħra Ewropej kollha. Filwaqt li l-bliet rebbieħa jwettqu xi azzjonijiet matul is-sena biex jippromwovu l-kunċett ta' belt ekoloġika, il-baġit u l-ambitu tagħhom għat-tixrid fl-Ewropa kollha huwa limitat ħafna.

L-idea ta' dan il-proġett huwa li tittieħed firxa wiesgħa ta' lezzjonijiet misluta, mill-applikanti kollha preċedenti li kienu meqjusa bħala denji li jirċievu l-Premju, dawn l-esperjenzi prezzjużi jiġu kkonsolidati u kkomunikati lil bliet oħra, b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu jstgħu jiġu ispirati minn dawn l-azzjonijiet, u jifhmu x'kien jinvolvi l-proċess biex dawn jitwettqu. Fil-fatt dan se jirrigwardja t-tisħiħ tal-impatt tal-Premju tal-Belt Kapitali Ekoloġika tal-Ewropa fit-tul u l-kisba ta' effetti konsegwenzjali għall-benefiċċju ta' reġjuni u pajjiżi sħaħ.

Dan il-proġett se jmur lil hinn minn sempliċiment jorganizza skambju ta' eżempji ta' prattiki tajba, (għalkemm dan huwa element importanti tiegħu) u għandu l-għan ukoll li jiżviluppa ġabra speċifika ta' strumenti, u materjali edukattivi, li jstgħu jintużaw minn tipi differenti ta' amministrazzjonijiet ta' belt li jixtiequ jieħdu passi biex isiru aktar sostenibbli. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu kombinati b'seminars, workshops u/jew konferenzi li jkun mmirati b'mod strateġiku, bl-għan li jimmassimizzaw il-benefiċċji ambjentali tal-ħidma (jiġifieri abbażi ta' analiżi ta' fejn fl-Unjoni esperjenza bħal din tista' tkun l-aktar utli biex l-effett tar-riżultat ikun akbar). Dan il-proġett pilota jeħtieġ ukoll jipprovdi l-appropriazzjonijiet meħtieġa biex jiffinanzja t-twaqqif u l-operat tan-Netwerk.

Bħala punt ta' tluq, il-bliet mistiedna jingħaqdu fin-Netwerk ta' Bliet Ekoloġiċi Ewropej għandhom ikunu:

- (a) rebbieħa preċedenti tal-premju: Stokkolma (2010); Hamburg (2011); Vitoria-Gastiez (2012); Nantes (2013); Kopenhagen (2014); Bristol (2015); Ljubljana (2016); u Essen (2017);
- (b) finalist preċedenti: Amsterdam, Freiburg, Münster, Oslo, Barcellona, Malmö, Nuremberg, Rejkjavik, Frankfurt, Brussell, Glasgow, Nijmegen, 's-Hertogenbosch u Umeå.

Ir-rebbieħa u l-finalisti kollha fil-ġejjieni se jiġu mistiedna jieħdu sehem. Il-Ġestjoni tas-Sħubija tan-Netwerk se tkun organizzata mill-Kummissjoni Ewropea.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 37 Proġett pilota — L-effetti tal-ħruq ta' skart solidu residenzjali fuq il-kwalità tal-arja ambjentali fl-Ewropa u miżuri ta' mitigazzjoni potenzjali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 400 000	925 000	750 000	375 000		

Kummenti

Il-proġett pilota eżistenti għandu jtkompla billi jiġu organizzati kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni mmirata u attivitajiet speċifiċi ta' bini ta' kapaċitajiet biex jiġu implimentati s-sejbiet tal-proġett attwali. B'mod partikolari, l-inklużjoni tal-bini ta' kapaċitajiet fil-livell reġjonali u lokali biex jiġu indirizzati pereżempju l-monitoraġġ u s-sorveljanza, l-inklużjoni ta' miżuri speċifiċi fil-pjanijiet rilevanti ta' kwalità tal-ajru u valutazzjoni tal-effikaċja ta' dawn il-miżuri se jippermettu li wieħed jibni fuq ir-riżultati tal-ewwel fażi u li dawn ir-riżultati jixterdu fuq skala usa'.

Jeħtieġ ukoll li jingħata appoġġ speċifiku lill-applikazzjoni fuq bażi volontarja tal-bosta miżuri identifikati fl-ewwel proġett minn ċerti muniċipalitajiet fiż-żewġ pajjiżi kkonċernati.

Għat-tkomplija tal-proġett, jistgħu jitqiesu l-oġġettivi li ġejjin:

- evalwazzjoni tal-periklu għas-saħħa bil-ħruq ta' skart solidu mir-residenzi b'rabta ma' attivitajiet regolari;
- analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tar-riżultati miksuba fl-esperimenti;
- strateġija dettaljata biex jittrażżan il-ħruq ta' skart solidu mir-residenzi fil-livell Ewropew;

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 39 Proġett pilota — Ħolqien ta' pjattaformi reġjonali jew lokali dwar il-koeżistenza bejn il-bnedmin u l-karnivori l-kbar b'enfasi fuq azzjonijiet ewlenin għall-karnivori l-kbar f'żoni b'livelli għoljin ta' kunflitt

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	400 000	500 000	250 000		

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 39 (ikompli)

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota ġie introdott għall-ewwel darba fl-2017 u għandu jitkompla għal sena oħra, b'fondi ġodda, sabiex ikun jista' jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu. Il-proġett pilota m'għandux jiġi ristrett biss għal dawk it-tmien organizzazzjonijiet li saru membri tal-Pjattaforma ta' Koeżistenza bejn il-Bnedmin u l-Karnivori l-Kbar tal-UE, iżda għandu jkun miftuħ ukoll għal kwalunkwe organizzazzjoni (lokali jew reġjonali) li l-oġettivi tagħha jkunu konformi mal-attivitajiet tal-Pjattaforma tal-UE.

L-erba' speċijiet karnivori ewlenin fl-Ewropa — l-ors il-kannella, il-lupu, il-linċi Ewrasjatika u l-wolverine (Gulo gulo) — huma fost l-aktar gruppi ta' speċijiet li joffru sfida f'termini ta' konservazzjoni. Il-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti biex tifhem kemm il-ħtiġijiet bijoloġiċi tagħhom kif ukoll il-kunflitti bejn il-partijiet ikkonċernati. Teżisti firxa wiesgħa ta' esperjenza ta' mitigazzjoni tal-kunflitti, li tvarja minn għarfien lokali tat-trobbija tal-animalli u prattiki ta' kaċċa tradizzjonali għall-aktar riċerka reċenti fit-teknoloġija avvanzata, inkluż minn proġetti applikati lokalment u kofinanzjati mill-programm LIFE tal-UE. Fl-2012, eżerċizzju ta' prijoritizzazzjoni bl-involvement ta' diversi esperti u partijiet ikkonċernati ppermetta d-definizzjoni ta' "azzjonijiet ewlenin" trasversali u speċifiċi għall-ispeċi għal kull waħda mill-popolazzjonijiet tal-karnivori l-kbar. Fis-sajf tal-2014 inħolqot il-Pjattaforma ta' Koeżistenza bejn il-Bnedmin u l-Karnivori l-Kbar biex il-bdiewa, ir-għajja, il-konservazzjonisti, il-kaċċaturi, is-sidien tal-artijiet u x-xjenzati jaqsmu l-ideat u l-aħjar prattiki. Il-missjoni tal-Pjattaforma hija li "tippromwovi metodi u mezzi biex jonqsu kemm jista' jkun il-kunflitti bejn l-interessi tal-bniedem u l-preżenza ta' speċijiet karnivori kbar – u, jekk jista' jkun, jinstabu soluzzjonijiet għalihom – permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u ħidma konġunta b'mod miftuħ, kostruttiv u fi spirtu ta' rispett reċiproku".

Din il-pjattaforma tal-UE għandha quddiemha sfida kbira biex tikkomunika l-prattiki tajba diskussi u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li jikkoeżistu mal-karnivori l-kbar fit-territorji rispettivi. Il-membri tagħha m'għandhomx ir-riżorsi biex jinvolvu ruħhom b'mod sħiħ fil-komunikazzjoni mal-membri l-oħra stess jew biex jattendu l-laqgħat reġjonali. Sabiex il-problemi ta' koeżistenza ewlenin jiġu indirizzati mill-għeruf tagħhom, hemm bżonn gruppi simili fil-livell lokali. Fl-istess ħin huwa essenzjali li jkun hemm rabta mal-livell tal-Unjoni u li titjeb il-komunikazzjoni kemm vertikament u kemm orizzontalment bejn il-livelli ta' governanza differenti sabiex l-informazzjoni tiġi trażmessa b'mod effikaċi. Għalhekk, l-oġettiv tal-proġett huwa li jinħolqu diversi gruppi pilota ta' partijiet ikkonċernati lokali jew reġjonali bbażati fuq fuq il-mudell tal-Pjattaforma tal-UE. Il-proġett jibni fuq l-esperjenza minn pjattaformi reġjonali oħra, bħal dawk stabbiliti permezz tal-proġetti LIFE.

*Metodi u rekwiżiti*

- Għażla ta' żewġ żoni fl-Ewropa għall-istudji pilota fejn jeżistu kunflitti serji li jinvolvu l-koeżistenza bejn bnedmin u karnivori kbar u fejn ġew ittestjati f'it soluzzjonijiet.
- Titwaqqaf Pjattaforma reġjonali dwar il-Koeżistenza bejn il-Bnedmin u l-Karnivori l-Kbar bl-involvement ta' grupp ta' partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw il-gruppi ta' interess ewlenin attivi fl-inħawi u li bħala referenza u punt tat-tluq ikollhom il-ftehim tal-Pjattaforma tal-UE, filwaqt li jikkunsidraw esperjenza minn pjattaformi reġjonali oħrajn.
- Abbażi tal-"Azzjonijiet ewlenin għall-popolazzjonijiet ta' karnivori kbar fl-Ewropa", jitwettaq eżerċizzju ta' prijoritizzazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu identifikati l-azzjonijiet ewlenin bl-akbar potenzjal li għandhom jiġu implimentati u fejn. L-enfasi tkun fuq azzjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, il-komunikazzjoni, it-tnaqqis tal-problemi soċjoekonomiċi u l-ħolqien ta' benefiċċji soċjoekonomiċi bi qbil mal-oġettivi tad-Direttivi tal-UE dwar in-Natura u l-istrateġija għall-bijodiversità ta' UE 2020.
- Jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni ta' żewġ jew tliet azzjonijiet (iffinanzjati permezz tal-proġett pilota).

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 39 (ikompli)

Sabiex l-azzjoni titmexxa 'l quddiem, benefiċjarju ewlieni jkun responsabbli mill-koordinazzjoni, billi jieħu miżuri biex jidentifika u jstabbilixxi l-pjattaformi lokali u jamministra l-interazzjoni bejn il-pjattaformi reġjonali u tal-Unjoni. Il-benefiċjarju ewlieni jamministra baġit għal kull Pjattaforma reġjonali biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, jingħata appoġġ lil membri individwali fir-rigward ta' vjaġġi fuq studju jew l-attendenza għal laqgħat reġjonali u għall-finanzjament ta' azzjonijiet ewlenin li tiddeċiedi dwarhom il-pjattaforma reġjonali. Ikon importanti wkoll li tiġi żgurata medjazzjoni xierqa, anke fl-għażla tal-membri tal-pjattaforma.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 40 Proġett Pilota — Lejn titjib ibbażat fuq l-evidenza tal-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats (BHD): rieżami sistematiku u metaanaliżi

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	150 000	500 000	250 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Il-Ewropea riċentement wettqet kontroll tal-idoneità tal-BHD, sabiex tevalwahom skont ħames kriterji: effettività, effiċjenza, koerenza, rilevanza, u valur miżjud tal-Unjoni. L-evalwazzjoni żvelat li ostakoli ewlenin għall-prestazzjoni tal-BHD jirrigwardaw implimentazzjoni insuffiċjenti, integrazzjoni dgħajfa u kunflitti ma' politiki u setturi ekonomiċi oħra, u kooperazzjoni insuffiċjenti fost il-partijiet interessati u l-organizzazzjonijiet rilevanti. Lakuni fl-għarfien u aċċess insuffiċjenti għall-informazzjoni ġew identifikati bħala problemi sinifikanti minn partijiet interessati fl-implimentazzjoni, inkluż dwar l-effettività u l-effiċjenza tas-sit u l-ispeċijiet permessi taħt id-direttivi. Barra minn hekk, il-kollazzjoni u l-analiżi ta' studji tal-każ, l-għodod u r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-BHD kienu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kontroll tal-idoneità.

Il-proġett pilota propost se jindirizza dik il-lakuna u jikkontribwixxi għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-BHD permezz tal-ġbir b'mod sistematiku u l-analiżi tal-għarfien, l-evidenza, l-għodod u l-prinċipji li jistgħu jgħinu jtejbju l-prestazzjoni tal-BHD.

B'kunsiderazzjoni tal-esperjenza kbira miksuba mix-xjentisti u persuni oħra li għandhom għarfien fl-Unjoni, pass 'il quddiem effettiv huwa għalhekk it-tweġiq ta' rieżami sistematiku u metaanaliżi, u l-iżvilupp ta' sett komprensiv ta' linji gwida għal implimentazzjoni aħjar. Approċċi attwali biex isir dan jistgħu jiġu kkumplementati mill-komunità xjentifika sabiex jipproduċu b'mod konġunt il-bażi tal-għarfien neċessarja, bħala mod kosteffettiv biex jiġu massimizzati l-komprensività, ir-rappreżentazzjoni ġeografika, u l-kwalità.



**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (*ikompli*)**07 02 77** (*ikompli*)07 02 77 40 (*ikompli*)

Il-proġett pilota propost se jiffoka fuq it-tweġiq ta' tali rieżami sistematiku u fuq l-iżvilupp tal-ewwel passi lejn azzjoni preparatorja li għandha l-għan li timplimenta t-titjib propost. L-elementi ewlenin tar-rieżami se jkunu:

- (a) jiġġenera bażi tad-data komprensiva ta' pubblikazzjonijiet rieżaminati bejn il-pari u għarfien ieħor fl-Istati Membri kollha, jiġbor u jorganizza l-għodod, il-prinċipji, il-linji gwida, ir-rakkomandazzjonijiet, u l-esperjenzi ta' studji tal-każ li jindikaw kif tista' tittejjeb l-implimentazzjoni tal-BHD. Il-bażi tad-data se tibni fuq, u testendi l-bażi tad-data tal-letteratura eżistenti li diġà nġabret matul il-kontroll tal-idoneità u se tinkludi kategorizzazzjoni abbażi tal-iskala u tar-rilevanza ġeografika u politika;
- (b) li jivvaluta kif:
- l-effettività tista' tittejjeb rigward l-ippjanar, il-maniġment u l-monitoraġġ;
  - il-kosteffiċjenza tista' tittejjeb billi jitnaqqsu l-kunflitti u jittejjeb l-użu tal-fondi eżistenti;
  - politiki oħra tal-Unjoni jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-BHD u fejn jista' jsir titjib biex jitnaqqsu l-kunflitti u tiżdied l-integrazzjoni tal-politika;
  - mekkaniżmi ta' nfurzar u amministrazzjoni jistgħu jittejjeb biex jimmassimizzaw ir-rwol tal-Unjoni fl-implimentazzjoni effettiva tal-BHD;
- (c) iwettaq sessjoni ta' ħidma biex issir kollazzjoni tal-għarfien, jiġu diskussi opzjonijiet, tiġi interpretata l-applikazzjoni tal-evidenza, tinħoloq gwida bbażata fuq l-evidenza u jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-għarfien futuri (ħames sessjonijiet ta' ħidma li jammontaw għal mill-inqas 100 parteċipant);
- (d) iwettaq metaanaliżi soda tar-riżultati, inkluż paragon kwantitattiv tal-kosteffettività u l-kosteffiċjenza tal-istrumenti differenti ta' politika;
- (e) jiġġenera sett ta' rakkomandazzjonijiet reġjonalizzati bir-reqqa, sensitivi għall-iskala u mhux preskrittivi.
- (f) jibda diskussjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet għad-diskussjoni u rieżami bejn il-pari mill-komunità xjentifika sabiex jimmassimizza l-kwalità u t-trasparenza tar-riżultati, u sussegwentement isaħħaħ il-kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha rilevanti.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 41 Proġett pilota — Il-promozzjoni ta' metodi alternattivi għall-esperimenti fuq l-annimali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	1 000 000	500 000		

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 41 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

L-esperimenti fuq l-annimali huma metodu li fl-Ewropa jintuża b'erba' għanijiet differenti: ir-riċerka fundamentali, ir-riċerka applikata, it-tossikoloġija u t-tagħlim.

Id-Direttiva 2010/63/UE tistabbilixxi qafas Ewropew għall-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal finijiet xjentifiċi, u tagħmel il-konformità mal-prinċipju tat-tliet R (tnaqqis, raffinament u sostituzzjoni) rekwiżit legali.

Hekk kif inhu stabbilit fil-Premessa 28 ta' dik id-Direttiva, il-benessri tal-annimali li jintużaw fl-esperimenti tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq il-kwalità u l-kompetenzi professjonali tal-persunal li jissorvelja l-proċeduri, li jwettaq il-proċessi jew li jissorvelja lil dawk li jieħdu ħsieb l-annimali kuljum. Hu għalhekk li hu importanti ferm li l-persunal kompetenti għal dawn il-kompiti fl-Istati Membri differenti jkun adegwatament informat, imħarreġ u kompetenti fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-benessri tal-annimali u li jkollu aċċess għall-informazzjoni utli kollha, għall-għodda u għall-għarfien meħtieġ biex ikun jista' jimplimenta l-proċeduri alternattivi għall-esperimenti fuq l-annimali.

Wieħed mill-ostakli ewlenin għall-iżvilupp u l-użu ta' metodi alternattivi hu n-nuqqas ta' korrelazzjoni u n-nuqqas ta' skambju ta' informazzjoni bejn is-setturi xjentifiċi differenti, u dan jipprevjeni l-iżvilupp tal-metodi eżistenti u l-użu tagħhom minn dawk li jesperimentaw fuq l-annimali.

Il-proġett pilota hu intenzjonat biex jippromwovi, fi ħdan l-Unjoni, l-użu ta' metodi alternattivi għall-esperimenti fuq l-annimali. Tabilħaqq għandhom jiġu attivati u fformulati aħjar mezzi supplementari favur użu akbar tal-metodi alternattivi li jippermettu li jitnaqqas l-għadd ta' annimali użati u li finalment il-prattika tintemm.

Billi jżid il-kompetenzi u r-riżorsi tal-entitajiet eżistenti (eż. ECVAM), il-proġett pilota għandu l-objettiv li jtejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien bejn il-komunità xjentifiċa, l-aġenziji tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-utenti tal-esperimenti fuq l-annimali fl-Istati Membri, skont ukoll l-orjentamenti tal-Unjoni li akkumpanjaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/63/UE.

Hu intenzjonat biex jippromwovi b'mod attiv l-alternattivi eżistenti għall-esperimenti fuq l-annimali, biex jiffaċilita l-validazzjoni tal-metodi alternattivi ġodda, biex jipproponi kampanji ta' informazzjoni, biex jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni, għarfien u Prattiki tajba bejn ix-xjenzjati u l-awtoritajiet fl-Istati Membri differenti rigward il-metodi eżistenti, il-mod kif jintużaw, il-ħtiġijiet eżistenti għall-iżvilupp ta' metodi ġodda jew it-titjib tal-metodi eżistenti.

Dan il-proġett pilota għandu wkoll l-objettiv li, billi jżid il-kompetenzi u r-riżorsi tal-Pjattaforma Ewropea u l-Portal ta' Informazzjoni dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETPLAS), jipproponi taħriġ speċifiku, disponibbli wkoll fuq l-internet, indirizzat lejn ix-xjenzjati, skont l-oqsma ta' azzjoni tagħhom (riċerka fundamentali, tossikoloġija, eċċ.), it-tobba, il-veterinarji, imma anke l-industrijalisti.

Il-proġett pilota għandu jippermetti wkoll spazju ta' riflessjoni u ta' proposti, bil-ħsieb li jippromwovi u jottimizza r-riċerki xjentifiċi għall-iżvilupp tal-alternattivi, joħloq il-kollegament bejn l-istruttura regolatorja tal-Unjoni u l-istrutturi nazzjonali, u jiddiriġi ruħu lejn effikaċja akbar tal-metodi alternattivi fl-Unjoni.

L-implimentazzjoni ta' dan il-proġett pilota għandha tkun stadju essenzjali lejn l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u tal-objettiv, kondiviż mill-Kummissjoni Ewropa, li l-esperimenti fuq l-annimali finalment jiġu sostitwiti b'metodi alternattivi.

## KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 41 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 42 Proġett pilota — Il-monitoraġġ tal-friefet fl-Unjoni u indikaturi rilevanti

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
800 000	400 000				

## Kummenti

Dan il-proġett se johlq netwerk rappreżentattiv ta' monitoraġġ tal-friefet (Lepidoptera) madwar l-Unjoni u ġabra ta' indikaturi għal-Lepidoptera, u b'hekk jgħin biex jittejbu l-iffokar u l-effiċjenza tal-miżuri ta' konservazzjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-*Habitats*) u jissorvelja wkoll l-impatt fuq il-bijodiversità tal-ekoloġizzazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), u b'hekk jassigura l-pagamenti lill-bdiewa biex iżommu ż-żoni Natura 2000 f'kundizzjoni tajba u l-politiki tat-tibdil fil-klima u l-politiki settorjali u dawk dwar l-użu tal-art b'mod ġenerali fil-livell Ewropew.

## Motivazzjoni

1. Il-proġett se jiżviluppa ġabra ta' indikaturi għal-Lepidoptera fl-Unjoni li jistgħu jgħinu biex jittejbu l-miżuri ta' konservazzjoni u jiġi vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bħall-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità sal-2020 u d-Direttiva dwar il-*Habitats*. Apparti li jipprovdi indikatur rilevanti ħafna biex jitkejjel il-progress f'termini tal-ġestjoni u r-rijabilitazzjoni tas-siti Natura 2000, jikkontribwixxi wkoll għall-monitoraġġ tal-progress fl-Objettiv Nru 3 tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità, li għandha l-għan li żżid il-kontribut tal-agrikoltura u l-forestrija għaż-żamma u t-tisħiħ tal-bijodiversità. B'mod partikolari, il-proġett pilota jipprovdi indikatur rappreżentattiv bħala għajna fil-monitoraġġ tal-impatt tal-PAK fuq il-bijodiversità tal-bwar. Huwa jipprovdi wkoll data biex jiġi stabbilit indikatur għat-tibdil fil-klima, biex b'hekk jagħti kontribut għar-reviżjoni li għaddejjja tal-istrateġiji ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Se jkun possibbli wkoll li jkun hemm indikaturi għall-*habitats* fl-artijiet imsagħra, l-artijiet mistagħdra u ż-żoni urbani.
2. Tali indikaturi huma meħtieġa biex jiġi monitorat u mqanqal il-progress biex jinkisbu l-miri ewlenin tal-Unjoni u dawk globali fir-rigward tal-bijodiversità għall-2020 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Il-proġett huwa ferm rilevanti għall-politiki u, fil-livell tal-Unjoni, jista' jipprovdi bosta benefiċċji, bħal pereżempju l-kollegament bejn ix-xjenza u l-politika, kif ukoll it-tisħiħ tal-evidenza u tal-bażi tal-għarfien għat-tfassil tal-politika min-naħa tal-Unjoni; il-kollegament tal-isforzi taċ-ċittadini/voluntiera ma' dawk li jfasslu l-politiki fl-Istati Membri fejn dan tradizzjonalment ma jsirx; it-tkattir tal-opportunitajiet professjonali għaż-żgħażaġħ madwar l-Ewropa, kif ukoll iż-żieda tal-ħiliet taġġhom; u l-kollegament tal-għarfien bejn is-settur ambjentali u dak agrikolu, bl-involvement ta' riċerkaturi fil-qasam tat-tibdil fil-klima u dawk li jfasslu l-politiki.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

**07 02 77** (ikompli)

**07 02 77 42** (ikompli)

3. Huwa jista' jgħin biex iżid il-viżibilità tal-bijodiversità u l-importanza tal-politika u tal-prattiki agrikoli għall-irkupru tal-bijodiversità u jikkontribwixxi għad-diskussjoni attwali dwar approċċi innovattivi għall-agroekoloġija, filwaqt li jwitti t-triq għal innovazzjoni sostenibbli fl-agrikoltura u jkejjel l-effikaċja tal-pagamenti għall-ekoloġizzazzjoni u t-titjib tas-sostenibilità. Bħalissa ż-żoni agrikoli Natura 2000 għandhom l-istatus tal-livell l-aktar baxx ta' konservazzjoni; dan il-proġett jista' jgħin ulterjorment biex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Habitats u jitqanqlu azzjonijiet ulterjuri għat-titjib tal-istatus ta' konservazzjoni tal-Lepidoptera fiż-żoni Natura 2000 u tal-habitats li jiddependu fuqhom, b'mod speċifiku billi jippermetti li l-fondi taħt il-Pilastru 2 tal-PAK jiġu mmirati aħjar u jiżgura li l-pagamenti taħt Natura 2000 ikunu effikaċi u suffiċjenti sabiex il-bdiewa jkollhom inċentivi aħjar biex jipproteġu ż-żoni u l-ispeċi li jsostnu. Jikkomplementa l-indikaturi eżistenti fil-qasam tat-tjur agrikoli peress li jkun aktar sensitiv fid-deskrizzjoni tal-habitats ta' kwalità għolja/il-kundizzjoni tal-ekosistemi. Barra minn hekk, huwa jissostiwixxi approċċ ad hoc lejn ir-rapportar dwar il-monitoraġġ tal-Lepidoptera u l-indikaturi rilevanti b'sistema sostenibbli li tkopri aktar Stati Membri, għadha aktar data reġistrata, u hi aktar rappreżentattiva, b'mod li hitkun aċċettata b'mod aktar estensiv.
4. Dan il-proġett koerenti jippermetti l-iżvilupp ta' sistema għall-għbir u għar-reġistrazzjoni ta' data validata dwar il-Lepidoptera fil-livell Ewropew, b'tali mod li jippermetti aġġornament kosteffikaċi u regolari tal-indikatur għall-friefet fil-bwar u indikaturi oħra. Dan jikkostitwixxi titjib sinifikanti fuq l-approċċ attwali. Jinvolvi l-iżvilupp u l-konstruzzjoni ta' databażi ddisinjata sew bi proċessi għall-kollazzjoni sistematika tad-data dwar in-numri tal-Lepidoptera tul rotta jew transect stabbiliti (metodoloġija diġà miftiehma mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)) minn aktar pajjiżi u proċess għall-kompilazzjoni u l-aġġornament regolari tal-ġabra ta' indikaturi għal-Lepidoptera.
5. Il-proġett jippermetti t-twaqqif ta' skemi ta' monitoraġġ ġodda f'xi Stati Membri li attwalment għad m'għandhomx u jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċitajiet. Dan jinvolvi, inter alia, li jiġu identifikati ċittadini volontiera, jitħarrġu, jingħataw appoġġ u jingħataw il-possibbiltà li jirrapportaw is-sejbiet tagħhom b'mod kosteffikaċi. Il-validazzjoni u l-kontroll tal-kwalità jistgħu jinkisbu b'mod effikaċi f'dawn Istituti Membri b'appoġġ modest għal koordinaturi informati fuq livell part time. Dan ikattar l-opportunitajiet u l-ħiliet għaż-żgħażaġh.
6. B'riżultat ta' dan il-proġett se jkollna netwerk tal-Unjoni għall-monitoraġġ tal-Lepidoptera mtejjeb bil-kbir, aktar transects segwiti fis-sena, aktar Stati Membri tal-Unjoni u aktar ċittadini involuti fil-monitoraġġ, u ġabra ta' indikaturi għal-Lepidoptera u databażi komprensiva li tista' tipprovdri riżorsa siewja għar-riċerkaturi, dawk li jfasslu l-politiki u l-evalwaturi. Ir-riżultati se jintużaw bħala riferiment fid-dibattiti dwar il-politiki, biex itejbu l-implimentazzjoni tal-politiki u jżidu l-viżibilità tal-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi, inkluż s-servizzi ta' tidkir.

**Il-kompiti ewlenin tal-proġett**

*Għan 1*

Il-konstruzzjoni ta' databażi unifikata ta' kwalità għolja u sistema għall-introduzzjoni awtomatizzata tad-data.

*Riżultati mistennija*

Databażi unifikata ta' għedud validati u standardizzati ta' Lepidoptera minn Skemi Ewropej ta' Monitoraġġ li jkun jista' jsir tiftix fihom u li jkunu jstgħu jipproduċu rapporti regolari dwar l-indikaturi għal-Lepidoptera u jarrikkixxu r-riċerka, li jikkontribwixxi direttament għall-infrastruttura integrata b'data spazjali għall-kapital naturali żviluppata mill-EEA, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-Eurostat u d-DĠ Ambjent.

*Attivitajiet prinċipali*

— Il-produzzjoni ta' databażi effikaċi għat-tagħrif reġistrat fil-monitoraġġ tal-Lepidoptera li tkun kapaċi tipproduċi ġabra ta' indikaturi għal-Lepidoptera;

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (*ikompli*)**07 02 77** (*ikompli*)07 02 77 42 (*ikompli*)

- It-twaqqif ta' ftehimiet ġuridiċi għall-kondiviżjoni tad-data mal-iskemi ta' monitoraġġ eżistenti biex jiġu ċċarati d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u d-drittijiet ta' aċċess għad-data;
- Il-ġbir ta' data annwali mill-iskemi ta' monitoraġġ eżistenti, il-validazzjoni tal-għedud u l-ippopolar tad-databażi;
- L-iżvilupp ta' sistema għall-introduzzjoni tad-data fuq l-internet u l-possibilità li l-pajjiżi jissottomettu d-data b'mod effiċjenti u f'format standard (N.B. xi skemi eżistenti qed jadottaw sistema ta' dan it-tip ukoll);
- Il-forniment ta' taħriġ għall-voluntiera fl-iskema ta' monitoraġġ kif jużaw is-sistema għall-introduzzjoni tad-data fuq l-internet;
- Il-forniment ta' għodda biex jiġu kkalkulati t-tendenzi fil-popolazzjonijiet nazzjonali tal-Lepidoptera;
- It-tqegħid tat-tagħrif għad-dispożizzjoni għal finijiet ta' riċerka kif xieraq.

*Għan 2*

L-appoġġ u l-iżvilupp ta' netwerk ta' monitoraġġ Ewropew unifikat, sostenibbli u kosteffikaċi, ibbażat fuq voluntiera mħarrġa għar-reġistrazzjoni ta' data, appoġġati minn koordinaturi ġodda, flimkien ma' aċċess lokali għas-sistema għar-reġistrazzjoni tad-data fuq l-internet.

Riżultati mistennija:

- Skemi ta' monitoraġġ tal-Lepidoptera fuq bażi volontarja u b'validazzjoni esperta fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej, li jirrapportaw data ta' kwalità għolja lid-databażijiet ċentrali u jipprovdu entrati fir-reġistri nazzjonali.
- Tkattir tal-opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jinvolvu rwieħhom fi proġett fil-livell Ewropew ta' valur prattiku u importanza politika, li jżidilhom il-ħiliet u l-impjegabilità tagħhom u joħloq impjeġi ġodda li jirrikjedi koordinament, ġestjoni tad-data, ħiliet interpersonali u għarfien professjonali.

Attivitajiet

- L-iżgurar li l-iskemi eżistenti ta' monitoraġġ tal-Lepidoptera jikkontribwixxu data lid-databażi ċentrali: il-Belġju, il-Katalonja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit;
- L-appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri u t-titjib tal-kwalità u s-sostenibilità ta' għadd ta' skemi eżistenti u ġodda, speċjalment billi jiżdiedu t-transsects, tittejjeb il-frekwenza tar-reġistrazzjoni ta' data, jiġu rreklutati aktar voluntiera u jingħata appoġġ lill-koordinaturi (eż. fi Franza, is-Slovenja, l-Estonja, il-Litwanja u Spanja);
- Il-ħidma mas-sħab u l-partijiet interessati ewlenin l-oħra, inklużi l-parks nazzjonali, fejn xieraq, bħala għajnuna fit-twaqqif ta' skemi ta' monitoraġġ ġodda f'tal-anqas sitta mill-pajjiżi li ġejjin: l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Italja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Greċja, Ċipru, Malta, id-Danimarka u l-Latvja;
- Il-forniment ta' taħriġ, traduzzjoni essenzjali u l-faċilitazzjoni tat-tagħlim fost il-voluntiera;
- It-tgħarrif tal-voluntiera u l-koordinaturi fil-forma ta' bullettini annwali u billi jiġu organizzati laqgħat biennali għall-koordinament tal-isforzi, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u t-trawwim ta' impenn volontarju fit-tul.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

**07 02 77** (ikompli)

07 02 77 42 (ikompli)

*Għan 3*

Il-produzzjoni ta' indikaturi għal-Lepidoptera li jkunu rilevanti għall-politika fir-rigward ta' firxa ta' habitats, l-analiżi tar-riżultati, u d-disseminazzjoni tas-sejbiet lil dawk li jfasslu l-politiki u lill-pubbliku.

*Riżultati mistennija*

Ġabra ta' indikaturi għal-Lepidoptera li jkunu rilevanti għall-politika fir-rigward tal-habitats differenti fi ħdan l-Unjoni u fl-Ewropa kollha kemm hi. Sensiela ta' rapporti, li jinterpretaw is-sinifikat tal-indikaturi u t-tendenzi fir-rigward tal-Lepidoptera. Fehim akbar fost dawk li jfasslu l-politiki tal-impatt li l-politiki tagħhom ikollhom fuq il-Lepidoptera, l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom, inklużi s-servizzi ta' tidkir. L-adozzjoni mill-Unjoni u l-istituzzjonijiet Ewropej oħra tal-Lepidoptera bħala indikaturi; il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki; u sensibilizzazzjoni aħjar fost il-pubbliku. L-iżvilupp ta' indikaturi speċifiċi li jistgħu jintużaw għal skemi bbażati fuq ir-riżultati.

*Attivitajiet:*

- L-iżvilupp ta' sistemi awtomatizzati għall-produzzjoni ta' indikaturi u tendenzi annwali fil-habitats u l-gruppi ta' speċijiet differenti. L-għażla inizjali: il-bwar, l-artijiet imsaġġra, l-artijiet mistaġħdra, iż-żoni urbani u t-tibdil fil-klima;
- Il-produzzjoni ta' indikatur Ewropew għal-Lepidoptera li juri t-tendenza ġenerali fil-Lepidoptera fuq skala tal-Unjoni u tal-Ewropa.
- Il-produzzjoni ta' indikatur Ewropew għal-Lepidoptera biex jgħin fit-titjib tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Habitats u jinkiseb l-Istatus ta' Konservazzjoni Favorevoli għall-ispeċi ta' Lepidoptera u l-habitats tagħhom fl-ambitu ta' Natura 2000;
- Il-produzzjoni ta' rapporti dwar l-indikatur Ewropew għall-friefet tal-bwar li jkopru aktar pajjiżi u jgħinu inter alia biex isir monitoraġġ tal-impatt tal-PAK fuq il-bijodiversità, inkluż l-approċċ il-ġdid ta' skemi bbażati fuq ir-riżultati;
- Il-produzzjoni ta' rapporti dwar it-tendenzi tal-Lepidoptera fil-habitats tal-artijiet imsaġġra, l-artijiet mistaġħdra u ż-żoni urbani;
- Id-dimostrazzjoni ta' kif il-komunitajiet tal-Lepidoptera qegħdin jirreaġixxu għaż-żieda fit-temperaturi u għat-tibdil fil-klima;
- Id-disseminazzjoni tar-riżultati lill-istituzzjonijiet rilevanti, inklużi l-Unjoni, il-Kunsill tal-Ewropa, il-Konvenzjoni ta' Berna u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tan-NU u l-influenzar tad-dibattiti dwar il-politiki u l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali;
- Il-ħidma mar-rappreżentanti involuti ma' gruppi ta' invertebrati oħrajn biex jikkondividu l-għarfien u jikkontribwixxu għal inizjattiva tal-Unjoni għad-dakkara;
- Id-disseminazzjoni tar-riżultati b'mod aktar estensiv lill-pubbliku permezz ta' siti web u l-midja soċjali.

*Għan 4 — Il-ġestjoni u l-amministrazzjoni tal-proġetti*

*Riżultati mistennija*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (*ikompli*)**07 02 77** (*ikompli*)07 02 77 42 (*ikompli*)

Il-funzjonament bla xkiel tal-proġett; il-forniment puntwali tal-komponenti msemmija hawn fil-limiti tal-baġit; rapporti ta' progress annwali; ir-rapporti finanzjarji annwali u valutazzjoni kumplessiva tal-impatti.

Attivitajiet:

- Il-ġestjoni tal-proġett b'mod li jiġi żgurat il-forniment tal-elementi msemmija u jiġu prodotti r-rapporti ta' progress annwali;
- L-istipular tal-kuntratti għall-forniment tal-komponenti msemmija;
- L-amministrazzjoni tajba tal-finanzi għall-proġett fuq bażi soda u l-pubblikazzjoni tar-rapporti finanzjarji annwali;
- Il-produzzjoni tar-rapporti ta' progress annwali u l-evalwazzjoni tal-impatti.

Dan il-proġett pilota fuq sentejn, bil-ħsieb li jsir azzjoni preparatorja, ġie stabbilit u se jkollu baġit totali ta' EUR 800 000.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 43 Proġett pilota — Użu ta' immaġni bis-satellita biex jittejjeb l-operat tan-netwerk Natura 2000

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota se jirrilaxxa l-potenzjal tal-immaġni satellitari biex jiġi appoġġat l-operat tan-netwerk Natura 2000 ta' żoni protetti fl-Unjoni. Huwa se juża immaġni disponibbli bis-satellita biex wieħed jifhem aħjar u jindirizza t-theddid għaż-żoni protetti li ġejjin mit-telf ta' habitats. It-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità sal-2020 hija l-mira ewlenija tal-Istrateġija tal-Unjoni dwar il-Bijodiversità, u pass essenzjali biex tintlaħaq din il-mira huwa li jiġi żgurat li żoni attwalment protetti jiġu mħarsa u ġestiti b'mod adegwat.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)**

**07 02 77** (ikompli)

**07 02 77 43** (ikompli)

Fid- (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7)(id-Direttiva dwar l-għasafar) u d-Direttiva 92/43/KE tal-Kunsill tat-30 21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7) (id-Direttiva dwar l-Habitats), l-Istati Membri huma obbligati jipproteġu s-siti tan-Natura 2000 mill-qerda. Madankollu, fil-prattika eluf ta' ettari ta' habitats (foresti, bwar) jintilfu f'siti ta' Natura 2000 kull sena minħabba varjetà ta' fatturi, bħal pereżempju l-estrazzjoni u d-drejnjar tal-ilma, il-konverżjoni ta' bwar naturali fuċuħ tar-raba', qtugħ fil-foresti u urbanizzazzjoni li ġew identifikati fir-rapport "Il-qagħda tan-natura fl-UE fl-2015" tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent bħala t-theddiet l-aktar serji għall-bijodiversità. Għalkemm il-monitoraġġ tat-telf ta' habitats huwa dgħajef wisq, probabbilment ivarja ħafna fin-natura u l-portata minn naħa għal oħra tal-UE. It-telf ta' habitats jikkostitwixxi problema ambjentali serja ħafna, peress li sikwit dan ikun irriversibbli jew xi drabi l-habitats (pereżempju l-foresti primordjali) jistgħu jieħdu sekli biex jirkupraw.

It-teknoloġija bis-satellita qed tiżviluppa b'mod rapidu. Il-Copernicus tal-Unjoni u satelliti oħra bħal dawk tal-programm LANDSAT, li huma disponibbli liberament, huma kapaċi jagħtu immaġni frizoluzzjoni għolja tal-Ewropa kollha, b'arkivji li jmorru lura għexieren ta' snin. Madankollu, hemm bżonn ta' ħidma intensiva qabel ma l-istampi jkunu jistgħu jintużaw, u dan hu dak li hu meħtieġ b'urġenza bħalissa.

L-ewwel, l-immaġni bis-satellita jridu jiġu pproċessati. Sabiex wieħed jifhem kif u meta jkunu ntilfu ħafna habitats, diversi immaġni tal-istess żona fi snin differenti jkollhom bżonn jiġu allinjati u pproċessati ulterjorment. L-immaġni mbagħad jiġu kkonvertiti f'mapep tal-habitats, preferibbilment bl-użu tat-tipi ta' ekosistemi MAES, u jiġu vverifikati bl-użu ta' mapep u data oħra. Imbagħad jiġu analizzati ż-żoni sinifikanti ta' habitats li jkunu ntilfu fis-siti ta' Natura 2000 u tiġi kkompilata stima tat-telf ta' habitats skont kull tip ta' ekosistema tul iż-żmien.

Il-mapep imbagħad jiġu ppreżentati fuq pjattaforma online akkumpanjata minn każijiet identifikati ta' telf ta' habitats tal-passat, li juru x'ikkawża dan. Iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma attivi ħafna fl-iskrutinju tal-operat tan-netwerk Natura 2000, kif jidher ċar mill-għadd kbir ta' lmenti li l-Kummissjoni tirċievi kull sena dwar it-theddied għas-siti ta' Natura 2000. Billi jipprovdni pjattaforma online fejn it-telf ta' habitats jista' jiġi ttraċċat, il-proġett jagħtihom is-setgħa u jinkoraġġixxi l-involvement tagħhom fl-applikazzjoni tal-politika tal-Unjoni. Il-pjattaforma għandha tkun tista' tintuża b'mod faċli, b'data li tista' titniżżel, peress li dan jippermetti liċ-ċittadini u x-xjenzati jużaw ir-riżultati tal-proġett fl-intier tagħhom.

Fl-aħħar nett, il-proġett jikkontribwixxi biex ikun hemm użu tal-art fiż-żoni ta' Natura 2000 li jkun kompatibbli mal-konservazzjoni tal-bijodiversità, u jikkontribwixxi għas-soluzzjoni ta' kunflitti dwar l-użu tal-art. Bħala tali, il-proġett jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), b'mod partikolari l-SDG 15 dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, it-twaqqif u l-irkupru tad-degradazzjoni tal-art u t-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**07 02 77 44** Proġett pilota — Inventarju ta' soluzzjonijiet, l-aħjar prattiki u rimedji għad-dekontaminazzjoni mir-residwi tal-pestiċida Lindan fl-Unjoni

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
600 000	300 000				



**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)**07 02 77** (ikompli)

07 02 77 44 (ikompli)

*Kummenti*

$\gamma$ -HCH, komunement magħruf bħala Lindan, kien ilu jintuża ħafna sa mill-bidu tas-snin 40 bħala insettiċida fl-agrikoltura, fid-djar u fil-protezzjoni tal-injam u tat-tessuti.

L-użu agrikolu tiegħu beda jiġi ristrett fis-snin 70 minħabba tħassib fuq l-effetti tiegħu fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u finalment ġie pprojbit fl-Unjoni fl-2000. Fl-2009, finalment, il-produzzjoni u l-użu agrikolu tal-Lindan ġew ukoll ipprojbiti internazzjonalment skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar esponiment għal sustanzi niġġiesa organiċi persistenti. Il-Lindan jista' jagħmel ħsara lis-sistema nervuża, jipproduċi firxa ta' sintomi li jvarjaw minn uġiġħ ta' ras u sturdament għal attacchi ta' puplesija, konvulżjonijiet u, aktar rarament, imwiet. Ibbażati primarjament fuq evidenza minn studji fuq l-annimali, il-biċċa l-kbira tal-analiżijiet tal-Lindan ikkonkludew li jista' jikkawża l-kanċer.

Minkejja l-fatt li l-Lindan ġie pprojbit bħala pestiċida tal-għelejjel sa mill-2000, għadhom jeżistu siti antiki ta' produzzjoni u rimi ta' dan il-pestiċida tossiku immens madwar l-Unjoni (pereżempju fis-Slovenja, il-Ġermanja, ir-Rumanija u Spanja), u filwaqt li hemm għarfien estensiv dwar sustanzi niġġiesa organiċi persistenti (POPs) oħra, m'hemmx stampa ċara tal-kobor tas-siti kontaminati mil-Lindan fl-Unjoni, u mhuwiex magħruf il-volum ta' HCH li jista' jidħol fis-sistema tal-iskart/tal-ilma permezz tal-iskart ikkontaminat tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni minn siti storiċi ta' produzzjoni u ħżin.

Minkejja l-fatt li l-Unjoni għandha qafas legali komprensiv fir-rigward tal-produzzjoni tal-POPs u sistema żviluppata pjuttost tajjeb għall-awtorizzazzjoni jew ir-riawtorizzazzjoni tal-introduzzjoni ta' pestiċidi ġodda, ma jeżistux regoli jew rimedji b'rabta mas-siti eżistenti tal-Lindan, it-tekniki ta' dekontaminazzjoni u r-riġenerazzjoni ta' siti industrijali. Hemm ukoll varjetà ta' tekniki differenti, li jvarjaw mill-inċinerazzjoni u r-reazzjoni kimika għall-użu ta' pjanti ġenetikament modifikati u ħżin issiġillat eċċ.

L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali xi drabi ma jingħataw l-ebda assistenza biex jindirizzaw l-effetti negattivi fuq l-ambjent u s-saħħa fir-rigward tad-dekontaminazzjoni tas-siti ta' produzzjoni industrijali, inkluż nuqqas ta' possibilitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni u jitqiesu l-opportunitajiet il-ġodda tal-Unjoni offruti mill-proposti tal-ekonomija ċirkolari, il-proġett pilota għandu l-oġettivi li ġejjin:

1. L-identifikazzjoni u t-tfassil ta' mappa tas-siti tal-iskart tal-Lindan fl-Unjoni u l-ikkatalogar tal-azzjonijiet meħuda mill-amministrazzjonijiet differenti biex jiddekontaminaw is-siti tal-iskart tal-Lindan u jivvalutaw l-effikaċja tal-azzjonijiet imwettqa u l-investimenti pubbliċi li saru. Dan il-proġett jidentifika l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tad-dekontaminazzjoni tal-POPs u ta' pestiċidi oħra bħala parti mid-dibattitu dwar l-interferenti endokrinali;
2. L-iffaċilitar tal-iskambju tal-għarfien, l-aħjar Prattiki u t-trasferiment teknoloġiku involut fl-HCH u l-azzjonijiet ta' dekontaminazzjoni tal-Lindan imwettqa fl-Unjoni kollha sabiex dan l-għarfien ikun jista' jiġi ttrasferit lejn reġjuni oħra bi problemi simili. Dan il-proġett ixerred ukoll ir-riżultati ta' azzjonijiet speċifiċi ffinanzjati fil-qafas tal-proġetti preċedenti LIFE u Orizzont 2020;
3. L-identifikazzjoni ta' possibilitajiet ta' finanzjament addizzjonali tal-Unjoni għad-dekontaminazzjoni tas-siti fl-Unjoni u l-aħjar Prattiki b'rabta ma' proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti li qabel kienu industrijali, b'mod partikolari l-proġetti speċifiċi li għandhom jiġu ffinanzjati fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) f'kooperazzjoni mill-qrib maċ-ċentru tal-FEIS;
4. L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' riċerka għall-iżvilupp ta' modi addizzjonali għad-dekontaminazzjoni effiċjenti u sikura tal-iskart tal-HCH u l-Lindan.
5. Il-ħolqien ta' linji gwida għal approċċ sostenibbli u ambjentalment favorevoli għall-iżvilupp mill-ġdid tas-sit għall-amministrazzjonijiet reġjonali/nazzjonali/lokali.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 44 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 45 Azzjoni preparatorja — Sforzi biex il-bini ta' kapaċitajiet isir operattiv għall-iżvilupp programmatiku u objettivi ta' mmappjar fil-qasam tat-tassazzjoni ambjentali u r-riforma baġitarja

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
750 000	375 000				

*Kummenti*

Filwaqt li tibni fuq il-proġett pilota b'suċċess tal-2015 (operazzjonali fl-2016–2017) bl-isem “Bini ta' kapaċità, żvilupp programmatiku, u komunikazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni ambjentali u r-riforma baġitarja” u ħames oqsma tematiċi definiti f'dak il-proġett (bijodiversità u l-użu tal-art; it-tniġġis tal-arja; l-istress fuq l-ilma; il-kwalità tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari) biex jiġu żviluppati l-aħjar Prattiki fil-qasam tat-taxxi ambjentali, din l-azzjoni preparatorja tipprovdi l-għodod meħtieġa biex wieħed ikun imħejji aħjar biex jipparteċipa fil-proċessi tat-tfassil ta' politika kemm fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni.

Se jkun fiha erba' pilastr:

1. L-iżvilupp ta' bosta għodod għall-bini tal-kapaċità għall-atturi tas-soċjetà ċivili u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew biex jipprovdu gwida għall-parteċipazzjoni friformi tat-tassazzjoni ambjentali;
2. It-tfassil ta' mappa għall-opportunitajiet madwar ħames oqsma tematiċi għal involviment mill-partijiet ikkonċernati, u l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali għall-azzjonijiet ta' partijiet ikkonċernati potenzjali b'rabta mar-riformi ambjentali sal-2030, kemm fil-livell Ewropew u kemm f'kampjun magħżul ta' Stati Membri (pereżempju 3 għal kull qasam tematiku);
3. L-organizzazzjoni ta' laqgħat strateġiċi relatati mal-ħames oqsma tematiċi biex jiġu rfinati l-pjanijiet direzzjonali u ssir promozzjoni tal-involviment ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-atturi tas-soċjetà ċivili fil-qasam tat-tassazzjoni ambjentali u r-riforma baġitarja;
4. L-investigazzjoni tad-diversi tipi ta' sussidji fejn ir-riformi jkunu importanti għal ekonomija attar ekoloġika, inklużi konċessjonijiet, eżenzjonijiet mit-taxxa (eż. taxxi korporattivi) u self issussidjat, flimkien ma' analiżi tal-immudellar għal kwistjonijiet bħalma huma d-disinn ottimali u l-kumpens għat-telliefa fil-proċess tar-riforma tas-sussidji.

## KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 45 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' thejġija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 46 Proġett pilota — Il-valutazzjoni, l-identifikazzjoni, l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-aħjar Prattiki għall-ġestjoni b'kuxjenza ta' speċijiet aljeni invażivi

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

## Kummenti

Fit-22 ta' Ottubru 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 (ir-"Regolament IAS"), li jiddefinixxi "l-ispeċijiet aljeni invażivi" (IAS) bħala "speċi aljena li l-introduzzjoni jew it-tixrid tagħha rriżulta li jhedded jew li għandu impatt negattiv fuq il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema relatati magħha".

L-IAS jikkostitwixxu waħda mill-kawżi ewlenin tat-telf tal-bijodiversità. Kontroll aktar strett tal-IAS huwa wieħed mis-sitt objettivi ewlenin tal-istrategġija tal-bijodiversità tal-Unjoni adottata mill-Kummissjoni f'Mejju 2011 u li hija applikabbli sal-2020. L-IAS jistgħu wkoll jikkawżaw ħsara konsiderevoli għas-saħħa tal-bniedem u l-ekonomija. L-ispiża għall-ekonomija Ewropea hija stmata li tkun ta' mill-anqas EUR 12-il biljun kull sena.

Ir-Regolament IAS jintroduċi sistema mifruxa mal-Unjoni kollha biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni. Kif previst fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, fit-13 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni Ewropea adottat lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni (il-"Lista tal-Unjoni"). Din hija l-lista ta' speċijiet ta' prijorità li jeħtieġu azzjoni tal-Unjoni li tipprevjeni, timminimizza jew ittaffi l-impatti negattivi tagħhom. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-miżuri li ġejjin fir-rigward ta' speċijiet fil-lista: (1) prevenzjoni, (2) identifikazzjoni bikrija u qerda rapida ta' invażjonijiet ġodda, u (3) il-ġestjoni ta' invażjonijiet li diġà huma mifruxa ħafna.

Il-kontroll u ġestjoni tal-IAS fil-Lista tal-Unjoni jista' jkollhom impatt fuq għadd kbir ta' annimali għal perjodi sostnuti ta' żmien u b'hekk iqajmu tħassib għall-benesseri tal-annimali, li jirrifletti t-tħassib pubbliku akbar għall-annimali aljeni invażivi bħala esseri sensibbli, u, b'mod aktar ġenerali, l-interess dejjem ikbar mis-soċjetà ċivili fil-qasam tat-trattament ħanin tal-annimali.

Kif iddikjarat b'mod ċar fir-Regolament IAS, għandhom jintużaw metodi mhux letali għall-ġestjoni tal-ispeċijiet: "l-Istati Membri u kwalunkwe operatur involut fil-qerda, fil-kontroll jew il-konteniment ta' speċijiet aljeni invażivi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex l-annimali jiġu protetti minn kull uġiġħ, tensjoni u tbatija evitabbli matul il-proċess [...]. Għandhom jiġu kkunsidrati metodi mhux letali".

Madankollu, huwa fidejn l-Istati Membri li jagħżlu miżuri "adatti għall-kundizzjonijiet lokali". Metodi mhux letali u metodi b'kuxjenza rarament jintużaw minħabba li huma fit li xejn żviluppata u mhumieq magħrufin fl-Ewropa.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)**

**07 02 77** (ikompli)

07 02 77 46 (ikompli)

Dan il-proġett pilota, f'konformità mal-approċċ strateġiku identifikat mir-Regolament IAS, jindirizza l-ħtiġijiet tal-Istati Membri biex japplikaw metodi effikaċi, sikuri u b'kuxjenza għall-ġestjoni tal-IAS u jimpedixxu t-tixrid tagħhom fuq skala usa' billi jużaw miżuri b'kuxjenza bħala metodi vijabbli u aċċettabbli għall-pubbliku biex jikkontrollaw il-qies u ż-żieda fil-popolazzjonijiet tal-IAS.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 47 Proġett pilota — L-integrazzjoni ta' sensuri intelliġenti u mudellar għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja fl-ibliet

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota jistabbilixxi netwerk ta' sensuri għall-kwalità tal-arja urbana (PM, NO<sub>2</sub>, CO, BC) u li jiġu implimentati strateġiji mtejba għall-analiżi u l-kontroll tal-kwalità (QA/QC) sabiex tinġabar data affidabbli dwar l-output minn dak in-netwerk. In-netwerk ikun jikkonsisti minn sensuri kemm fissi kif ukoll portabbli.

Netwerkk ta' sensuri se jtejjeb id-disponibbiltà tad-data dwar il-kwalità tal-arja lokali u dwar l-esponiment tan-nies għas-sustanzi niġġiesa minħabba r-riżoluzzjoni spazjali u temporali ogħla meta mqabbla mas-sistemi ta' kejl tradizzjonali (stazzjonijiet ta' monitoraġġ). Madankollu, minħabba li s-sensuri tal-kwalità tal-arja huma inqas preċiżi, jeħtieġ li jiġu implimentati strateġiji avvanzati għall-QA/QC.

L-għan ta' dan il-proġett ta' rċerka huwa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni online tal-proċeduri ta' kalibrizzjoni għal sensuri individwali tal-kwalità tal-arja. L-approċċ uniku ibridu ta' kombinament ta' mudellar b'riżoluzzjoni għolja ma' monitoraġġ b'riżoluzzjoni għolja jtejjeb ukoll il-proċeduri QA/QC u eventwalment iżid l-affidabilità tad-data tal-output. Barra minn hekk, il-proċeduri ta' ottimizazzjoni tan-netwerk se jiġu żviluppjati u implimentati biex jiggarrantixxu l-prestazzjoni massima tan-netwerk.

Is-sensuri magħżula se jiġu ttestjati u se jiġu stabbiliti algoritmi ta' kalibrizzjoni. Se jintwerew il-prestazzjoni tas-sensuri qabel l-implimentazzjoni tagħhom (pereżempju, l-iżvilupp ta' mudelli sensuri ta' kalibrizzjoni) kif ukoll metodi applikati biex iwettqu segwitu tal-prestazzjonijiet tas-sensuri tul il-fażi tal-implimentazzjoni. Barra minn hekk, se jiġu indirizzati wkoll kwistjonijiet relatati man-netwerk u l-provvista tal-enerġija.

Il-proġett jinkludi wkoll il-fużjoni jew l-assimilazzjoni tan-netwerk ta' sensuri tal-Internet tal-Oġġetti u l-applikazzjonijiet ta' mudellar għall-kwalità tal-arja. Il-katina ta' mudelli tista' tipprovdi lin-netwerk ta' sensuri tal-kwalità tal-arja b'sors indipendenti ta' informazzjoni sabiex jiġu identifikati nodi ta' sensuri difettużi jew għajnu permezz ta' qafas ta' kalibrizzjoni. Barra minn hekk, l-abbundanza ta' data minn netwerk ta' sensuri se turi n-nuqqasijiet fl-immudellar u se tirriżulta f'valutazzjoni aħjar tal-esponiment.

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (*ikompli*)**07 02 77** (*ikompli*)07 02 77 47 (*ikompli*)

Id-definizzjoni u l-ħolqien ta' prototipi tas-sistema tas-sensuri (l-għażla u l-kalibrazzjoni tas-sensuri) inizjalment se jkunu bbażati fuq in-netwerk eżistenti tal-Internet tal-Oġġetti f'belt waħda tal-Unjoni. Is-sistema se tiġi installata f'totali ta' tlett ibliet fl-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 08*

**RIĊERKA U INNOVAZZJONI**

KUMMISSJONI  
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI**TITOLU 08**  
**RIĊERKA U INNOVAZZJONI****Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)**

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
08 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"	333 056 974	333 056 974	330 480 222	330 480 222	324 238 441,46	324 238 441,46
08 02	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA	6 327 620 887	5 949 233 946	5 815 171 007	5 509 144 468	5 980 626 322,09	5 396 352 204,37
08 03	PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJET INDIRETTI	229 579 904	190 192 476	215 504 757	222 147 040	209 544 705,34	150 975 827,43
08 05	PROGRAMM TA' RIĊERKA TAL-FOND TAR-RIĊERKA GĦALL-FAĦAM U L-AZZAR	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	42 251 114,87	44 707 551,07
	<b>Titolu 08 — Total</b>	<b>6 890 257 765</b>	<b>6 472 483 396</b>	<b>6 361 155 986</b>	<b>6 061 771 730</b>	<b>6 556 660 583,76</b>	<b>5 916 274 024,33</b>

KUMMISSJONI

TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

**TITOLU 08****RIĊERKA U INNOVAZZJONI***Kummenti*

Dawn ir-rimarki japplikaw għal-linji tal-baġit kollha f'dan it-titolu.

L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni skont dan it-titolu se jikkontribwixxu għal żewġ programmi ewlenin ta' riċerka, jiġifieri Orizzont 2020 u Euratom. Dan se jkopri wkoll il-programmi ta' riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar.

Dan se jitwettaq sabiex jiġu segwiti l-oġġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà tal-għerf, ibbażata fuq iż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri billi jsostni l-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni Ewropea kollha, li tiegħu d-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea fil-limiti tal-għarfien, issaħħaħ ir-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, b'mod kwantitattiv u kwalitattiv u l-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha u tassigura l-aħjar użu tagħhom.

F'Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifkati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel u sabiex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Għandha titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex titjeb il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Taħt dawn l-Artikoli u Partiti jaqgħu wkoll l-ispejjeż ta' laqgħat, konferenzi, workshops u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli magħmulin f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għal azzjoni tal-Unjoni, fost l-oħrajn fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont programmi qafas preċedenti.

Dawn l-appropriazzjonijiet huma maħsubin li jkopru wkoll in-nefqa amministrattiva, inkluża n-nefqa fuq il-persunal, sew jekk koperta mir-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll jekk le, informazzjoni, pubblikazzjonijiet, operazzjoni amministrattiva u teknika, u ċerti partiti oħra ta' nefqa relatati ma' infrastruttura interna marbuta mal-kisba tal-għan tal-miżura li minnha jiffurmaw parti integrali, inklużi l-azzjoni u l-inizjattivi meħtieġa għat-tħejjija u l-monitoraġġ tal-istrateġija tal-Unjoni dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (RTD).

Id-dħul li jirriżulta mill-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Iżvizzera se jiddaħħal fil-Partita 6 0 1 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni ta' korpi li ma jaqgħu parti mill-attivitajiet tal-Unjoni jiddaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

L-appropriazzjonijiet addizzjonali jkunu disponibbli taħt il-Partiti 08 02 50 01, 08 03 50 01 u 08 04 50 01.

L-appropriazzjonijiet amministrattivi ta' dan it-Titolu se jkunu pprovduti taħt l-Artikolu 08 01 05.



KUMMISSJONI  
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
08 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"					
<b>08 01 01</b>	<b><i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"</i></b>	5,2	6 209 032	9 036 770	8 851 131,55	142,55
<b>08 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"</i></b>					
08 01 02 01	Persunal estern	5,2	351 898	333 599	268 601,10	76,33
08 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	522 133	531 032	409 192,—	78,37
	Artikolu 08 01 02 — Subtotal		874 031	864 631	677 793,10	77,55
<b>08 01 03</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"</i></b>	5,2	401 373	564 287	680 616,90	169,57
<b>08 01 05</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal programmi riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"</i></b>					
08 01 05 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	94 197 536	94 221 251	100 139 037,06	106,31
08 01 05 02	Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	25 823 043	26 116 578	27 786 793,65	107,60
08 01 05 03	Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	46 062 594	45 500 949	44 081 776,75	95,70
08 01 05 11	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom	1,1	10 008 550	9 702 170	9 800 968,—	97,93
08 01 05 12	Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom	1,1	689 286	709 823	750 371,—	108,86
08 01 05 13	Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom	1,1	3 272 850	3 272 850	3 278 702,99	100,18
	Artikolu 08 01 05 — Subtotal		180 053 859	179 523 621	185 837 649,45	103,21
<b>08 01 06</b>	<b><i>Aġenziji eżekuttivi</i></b>					
08 01 06 01	Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020	1,1	46 681 000	45 122 000	42 100 269,—	90,19

## KUMMISSJONI

## TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>08 01 06</b>	(ikompli)					
08 01 06 02	Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020	1,1	64 590 426	62 627 224	59 696 794,46	92,42
08 01 06 03	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020	1,1	26 327 644	27 390 168	21 798 678,—	82,80
08 01 06 04	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020	1,1	6 854 609	5 351 521	4 595 509,—	67,04
08 01 06 05	Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn programmi li mhumiex tar-riċerka	5,2	1 065 000			
	<i>Artikolu 08 01 06 — Subtotal</i>		145 518 679	140 490 913	128 191 250,46	88,09
	<b>Kapitolu 08 01 — Total</b>		<b>333 056 974</b>	<b>330 480 222</b>	<b>324 238 441,46</b>	<b>97,35</b>

**08 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
6 209 032	9 036 770	8 851 131,55

**08 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"**

## 08 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
351 898	333 599	268 601,10

## 08 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
522 133	531 032	409 192,—

**08 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
401 373	564 287	680 616,90

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)

## 08 01 05 Nefqa ta' sostenn għal programmi riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"

08 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
94 197 536	94 221 251	100 139 037,06

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, li jikkupaw karigi fuq il-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati impenjati f'azzjoni indiretta fl-ambitu tal-programmi nonnukleari, inklużi uffiċjali u persunal temporanju f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jgħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, tal-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 08 02.

08 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
25 823 043	26 116 578	27 786 793,65

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — l-Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi mhux nukleari, inkluż persunal estern f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)

## 08 01 05 (ikompli)

## 08 01 05 02 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, tal-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 08 02.

## 08 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riera u innovazzjoni — Orizzont 2020

## Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
46 062 594	45 500 949	44 081 776,75

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-immaniġġjar kollu tal-programmi ta' riera u innovazzjoni — l-Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi mhux nukleari, inkluż nefqa amministrattiva oħra magħmula minn persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditu u s-supervizzjoni tal-programm jew tal-proġetti, bħal konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, taħriġ u spejjeż tar-rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)

08 01 05 (ikompli)

08 01 05 03 (ikompli)

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, tal-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 08 02.

08 01 05 11 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
10 008 550	9 702 170	9 800 968,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom, li għandhom pożizzjonijiet fil-pjanijiet awtorizzati tal-istabbiliment involuti f'azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, tal-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 08 03.

08 01 05 12 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
689 286	709 823	750 371,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom, fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż persunal estern f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)

08 01 05 (ikompli)

08 01 05 12 (ikompli)

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, tal-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 08 03.

08 01 05 13 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom

*Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 272 850	3 272 850	3 278 702,99

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-immaniġġjar kollu tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż nefqa amministrattiva oħra magħmula minn persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditu u s-supervizzjoni tal-programm jew tal-proġetti, bħal konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, taħriġ u spejjeż tar-rappreżentanzi.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, tal-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 08 03.

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)

08 01 06 *Aġenziji eżekuttivi*

08 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
46 681 000	45 122 000	42 100 269,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka li jsiru b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Ideat" li timplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)

## 08 01 06 (ikompli)

## 08 01 06 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/779/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/37/KE (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 58).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9428 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9450 tat-12 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni C(2013) 9418 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8754 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni C(2013) 9418 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017), imressqa mill-Kummissjoni fl-... li temenda d-Deċiżjoni C(2013) 9418 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni (COM(...)... final).

## 08 01 06 02 Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
64 590 426	62 627 224	59 696 794,46

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka li jsiru b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitatiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).



**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)****08 01 06** (ikompli)

08 01 06 02 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jorhorgu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Nies" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 270).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)

## 08 01 06 (ikompli)

## 08 01 06 02 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/46/KE tal-14 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l- Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għall-ġestjoni ta' ċerti oqsma tal-programmi Komunitarji speċifiċi Nies, Kapaċitajiet u Kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 9, 12.1.2008, p. 15).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/778/UE tat-13 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/46/KE (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9418 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9450 tat-12.12.2014 li temenda d-Deċiżjoni C(2013) 9418 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8754 tal-11.12.2015 li temenda d-Deċiżjoni C(2013) 9418 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4636 tal-11 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9418 fir-rigward tad-delega ta' kompiti għat-twaqqif ta' spazju ta' skambju elettroniku ta' dejta uniku, it-trasferiment ta' riżorsi umani skont distribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti, u d-delega ta' proġetti li jiġġeneraw informazzjoni kunfidenzjali tal-UE lill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka.

## 08 01 06 03 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
26 327 644	27 390 168	21 798 678,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka li jsiru b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitatiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" (ikompli)****08 01 06** (ikompli)

08 01 06 03 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jgħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva jidher fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenzija eżekuttiva li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multiannwali għall-ażżjoni fil-qasam tal-enerġija: Enerġija Intelliġenti — Ewropa (2003–2006) (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 29).

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fil-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-appropriazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-kapitolu huma disposti taħt l-Artikolu 09 01 05.

**09 04 01 Xjenza eċċellenti***Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 timmira li tirrinforza u testendi l-eċċellenza fil-bażi xjentifika tal-Unjoni u tiżgura fluss stabbli ta' riċerka ta' klassi mondjali biex tiżgura l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni. Se tappoġġa l-aħjar ideat, tiżviluppa t-talent fl-Unjoni, tagħti aċċess lir-riċerkaturi għal infrastruttura ta' riċerka prijoritarja, u tagħmel l-Unjoni post attraenti għall-aħjar riċerkaturi fid-dinja. L-azzjonijiet ta' riċerka li jiġu ffinanzjati se jiġu ddeterminati skont il-ħtieġa u l-opportunitajiet tax-xjenza, mingħajr prijoritatijiet tematiċi predeterminati. L-aġenda tar-riċerka se tiġi stabbilita b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunità xjentifika u r-riċerka tiġi ffinanzjata abbażi tal-eċċellenza.

09 04 01 01 Tisħiħ tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
426 837 832	378 998 000	322 099 260	216 700 000	221 291 383,—	295 276 610,29

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 01 (ikompli)

09 04 01 01 (ikompli)

## Kummenti

L-objettiv speċifiku huwa t-trawwim ta' teknoloġiji radikali ġodda permezz tal-esplorazzjoni ta' ideat ġodda u ta' riskju għoli li jibnu fuq pedamenti xjentifiċi. Billi jipprovi sostenn flessibbli għar-riċerka mmirata, kollaborattiva u interdixxiplinarja fuq skala varji u billi jadotta Prattiki innovattivi ta' riċerka, l-għan huwa li jiġu identifikati u maħtufa opportunitajiet ta' benefiċċju fit-tul għaċ-ċittadini, għall-ekonomija u għas-soċjetà.

L-attivitajiet taħt l-objettiv speċifiku "Teknoloġiji Futuri u Emerġenti" għandhom jindirizzaw l-ispettru sħiħ ta' innovazzjoni xprunata mix-xjenza: minn esplorazzjonijiet minn isfel għal fuq bikrija u fuq skala żgħira ta' ideat embrijoniċi u fraġli, sal-bini ta' komunitajiet ġodda ta' riċerka u innovazzjoni madwar oqsma tar-riċerka emerġenti trasformattivi u inizjattivi ta' riċerka kbar u federati mibnija madwar aġenda ta' riċerka li timmira lejn il-kisba ta' miri ambizzjużi u viżjonarji.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' networking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 3(1) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

09 04 01 02 Tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniki

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
119 448 719	136 127 000	108 536 406	100 482 000	100 561 638,—	102 019 054,22

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 01** (ikompli)

09 04 01 02 (ikompli)

*Kummenti*

L-objettiv speċifiku huwa li l-Ewropa tistagħna b'infrastruttura ta' riċerka mill-aqwa li tkun aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, u li l-potenzjal tagħha jiġi sfruttat bis-sħiħ għall-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni.

L-attivitajiet se jiffokaw fuq l-iżvilupp, l-użu u l-operat ta' infrastruttura elettronika. Barra minn hekk, huma previsti attivitajiet għall-innovazzjoni, it-tisħiħ tar-riżorsi umani tal-infrastruttura tar-riċerka, l-iżvilupp tal-politika u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Se jiġi adottat approċċ integrat u xprunat mis-servizz biex jintraddu infrastrutturi elettroniċi li jwieġbu għall-ħtiġijiet tax-xjenza, l-industrija u s-soċjetà Ewropea f'termini ta' żvilupp u skjerament ta' servizzi tal-infrastruttura elettronika integrata għal firxa wiesgħa ta' komunitajiet tar-riċerka (de-siloing). Il-massimizzazzjoni tal-koordinazzjoni u s-sinerġiji mal-iżvilupp tal-infrastruttura elettronika fil-livell nazzjonali u l-espansjoni tal-infrastruttura elettronika lil hinn mix-xjenza bħala tali, għat-trianglu xjenza — industrija — soċjetà.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (d) tal-Artikolu 3(1) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 02 Rwol ta' tmexxija industrijali

## Kummenti

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 timmira li tagħmel mill-Unjoni post aktar attraenti għall-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, permezz tal-promozzjoni ta' attivitajiet fejn in-negozji jistipulaw l-aġenda, kif ukoll li taċċellera l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li għandhom jirfdu n-negozji tal-futur u t-tkabbir ekonomiku. Se tipprovdi investiment kbir f'teknoloġiji industrijali ewlenin, timmassimizza l-potenzjal tat-tkabbir ta' kumpaniji tal-Unjoni billi tipprovdihom livelli adegwati ta' finanzi, u tgħin l-SMEs innovattivi sabiex jikbru f'kumpaniji mill-aqwa fid-dinja.

## 09 04 02 01 Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
725 189 515	793 276 000	731 622 819	787 942 692	699 331 546,59	854 076 539,67

## Kummenti

## Ex Partita 09 04 02 01 (parzjali)

L-oġġettiv speċifiku huwa li jinżamm u jinbena rwol ta' tmexxija globali fit-teknoloġiji abilitanti, li jirfdu l-kompetittività f'firxa sħiħa ta' industrij u setturi eżistenti u emerġenti. Skont is-suq uniku diġitali, l-oġġettiv speċifiku tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-ICT huwa li l-Ewropa tkun tista' tiżviluppa u tuża l-opportunitajiet maħluqa mill-progress fl-ICT għall-benefiċċju taċ-ċittadini, in-negozji u l-komunitajiet xjentifiċi tagħha.

L-ICT tirfed l-innovazzjoni u l-kompetittività f'firxa wiesgħa ta' swieq u setturi privati u pubbliċi, u tippermetti l-progress xjentifiku fid-dixxiplini kollha. Fl-għaxar snin li ġejjin, l-impatt trasformattiv tat-teknoloġiji diġitali, il-komponenti tal-ICT, l-infrastrutturi u s-servizzi se jkun dejjem aktar viżibbli fl-oqsma kollha tal-ħajja.

Attivitajiet se jsaħħu l-bażi xjentifika u teknoloġika tal-Unjoni u jassiguraw ir-rwol ta' tmexxija globali fl-ICTs, jgħinu biex tiġi xprunata u stimolata l-innovazzjoni permezz tal-użu tal-ICT u jiżguraw li l-progress tal-ICT jissarraf malajr f'benefiċċji għaċ-ċittadini, in-negozji, l-industrija u l-gvernijiet tal-Ewropa. L-attivitajiet taħt l-oġġettiv speċjali "Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" se jkun bbażati primarjament fuq aġendi ta' riċerka u innovazzjoni definiti mill-industrija u n-negozju, flimkien mal-komunità tar-riċerka, u jkollhom enfasi qawwija fuq l-ingranaġġ tal-investiment tas-settur privat.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).



**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 02** (ikompli)

## 09 04 02 01 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (a)(i) tal-Artikolu 3(2) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**09 04 03** **Sfidi soċjetali***Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 twieġeb direttament għall-prijoritajiet tal-politika u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawn l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ imsejjes fuq l-isfidi li jgħib flimkien riżorsi u għarfien minn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu kollu mir-riċerka sas-suq, b'enfasi għda fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni, bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi għall-ittestjar, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni xprunata mill-utent aħħari, l-innovazzjoni soċjali u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jsostnu direttament il-kompetenzi tal-politika settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

## 09 04 03 01 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
141 434 051	144 191 000	100 213 001	99 345 061	102 370 410,80	105 468 392,31

*Kummenti**Ex Partita 09 04 03 01 (parzjali)*

Il-viżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 hija li tiġi uttilizzata u żviluppata s-Saħħa elettronika sabiex tindirizza wħud mill-aktar sfidi urġenti tas-saħħa u tas-sistemi tas-saħħa tal-ewwel nofs tas-seklu 21 jiġifieri:

- biex ittejjeb l-immaniġġar tal-mard kroniku u l-multimorbożità (mard differenti fl-istess waqt) u biex issaħħaħ il-prevenzjoni effikaċi u l-prattiki ta' promozzjoni tas-saħħa,
- biex iżżid is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa billi żżid il-potenzjal tal-innovazzjoni, issaħħaħ il-kura li tiffoka fuq il-pazjent/iċ-ċittadin u l-awtonomizzazzjoni tal-pazjent, u tħeġġeġ il-bidliet organizzazzjonali,
- biex trawwem il-kura tas-saħħa transfruntiera, is-sigurtà tas-saħħa, is-solidarjetà, l-universalità u l-ekwità,
- biex ittejjeb il-kundizzjonijiet ġuridiċi u tas-suq għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi tas-Saħħa elettronika.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 03 (ikompli)

## 09 04 03 01 (ikompli)

Prodotti u servizzi msejsa fuq l-ICT urew il-ħila tagħhom li jgħinu sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi kbar fil-forma ta' soluzzjonijiet ta' saħħa personalizzata, telehealth u telecare, robotika tas-servizzi għas-saħħa u l-kura, sostenn għall-ħajja itwal attiva u indipendenti, u kura domiċiljari. Hija wkoll opportunità kbira u ġdida ta' tkabbir hekk kif qed jinħolqu swieq ġodda kbar għal prodotti u servizzi msejsa fuq l-ICT sabiex jindirizzaw is-saħħa, it-tibdil demografiku u l-benesseri.

L-attivitajiet se jkopru l-iżvilupp u l-użu tal-ICT għal soluzzjonijiet ta' Saħħa, Benesseri u Anzjanità fis-Saħħa. Dan se jibni fuq il-ħolqien ta' teknoloġiji sottostanti li jirriżultaw mill-ICT f'LEIT bħal sistemi mikronano, sistemi integrati, robotika, l-internet tal-Ġejjieni u teknoloġiji cloud. Se jibni wkoll fuq żvilupp ulterjuri ta' teknoloġiji li jtejbju s-sigurtà u l-privatezza.

Il-Programm Konġunt tar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-għajxien megħjun kumentwalment ukoll se jiġi sostnut sabiex jikkontribwixxi għad-disponibbiltà fis-suq u l-użu ta' prodotti u servizzi msejsa fuq l-ICT u l-innovazzjoni tal-ICT u proġetti pilota se jiġu sostnuti iktar bi tweġiba għas-Sħubija Ewropa għall-Innovazzjoni tat-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu u l-pjan ta' azzjoni dwar is-Saħħa Elettronika 2020.

L-attivitajiet se jkopru l-kollaborazzjoni, l-azzjonijiet ta' netwerking u l-inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-kostijiet tal-esperti indipendenti li jassistu fl-evalwazzjonijiet tal-proposti u r-reviżjonijiet ta' proġetti, il-kostijiet ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-kostijiet tal-istudji, l-analiżi u l-evalwazzjonijiet, il-kostijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm speċifiku u tal-programmi qafas u l-kostijiet tal-miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 3(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## 09 04 03 02 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflessivi

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
41 482 827	46 634 000	44 285 476	37 428 482	33 922 521,69	50 149 512,39

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 03** (ikompli)

09 04 03 02 (ikompli)

*Kummenti**Ex Partita 09 04 03 02 (parzjali)*

L-objettiv speċifiku huwa li jtrawmu soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri fil-kuntest tat-trasformazzjonijiet mingħajr preċedent u l-interdipendenzi globali li qed jikbru.

L-attivitajiet se jkopru erba' oqsma ewlenin: L-innovazzjoni tas-settur pubbliku permezz tal-ICT, il-fehim u l-konservazzjoni tal-bażi intellettuali u tal-wirt kulturali tal-Ewropa, it-tagħlim u l-inklużjoni.

L-innovazzjoni tas-settur pubbliku xprunata mill-ICT tirreferi għall-użu tal-ICT għall-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' proċessi, prodotti, servizzi u metodi ta' konsenja ġodda li jirriżultaw f'titjib sinifikanti fl-effiċjenza, l-effettività u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi. L-amministrazzjonijiet pubbliċi futuri għandhom ikunu diġitali u transfruntiera b'mod prestabbilit. L-attivitajiet se jkopru t-trawwim ta' servizzi pubbliċi effiċjenti, miftuħa u ffukati fuq iċ-ċittadini, li jinvolvu s-settur pubbliku bħala aġent għall-innovazzjoni u l-bidla kif ukoll miżuri ta' innovazzjoni transfruntiera jew l-konsenja assjemi ta' servizzi pubbliċi.

L-għan tat-tieni sfida huwa "li tikkontribwixxi biex ikun hemm fehim tal-bażi intellettuali u tal-wirt kulturali tal-Ewropa: l-istorja tagħha u l-bosta influwenzi Ewropej u mhux Ewropej; bħala ispirazzjoni għal ħajjitna llum", kif ukoll biex tiffaċilita l-aċċess u l-użu ta' dan il-wirt kulturali.

L-għan tat-tielet sfida huwa s-sostenn għall-adozzjoni mifruxa tal-ICT fl-iskejjel u għat-taħriġ fl-Ewropa.

Ir-raba' sfida hija biex l-anzjani (ta' 65 sena jew iktar), il-persuni qiegħda u b'edukazzjoni baxxa, il-migranti, il-persuni li jkollhom bżonn il-kura, il-persuni li jgħixu f'żoni remoti jew żvantaġġati, il-persuni b'diżabbiltà, u l-persuni bla dar jinġiebu biex jipparteċipaw bis-siġħ fis-soċjetà. L-attivitajiet se jiffokaw fuq li jingħataw il-ħiliet diġitali neċessarji u li jiġu pprovduti b'aċċess għat-teknoloġiji diġitali. Se jkunu sostnuti wkoll attivitajiet li jimmiraw lejn it-trawwim ta' konsiderazzjoni aħjar għall-aspetti tal-inklużjoni u r-responsabbiltà fl-innovazzjonijiet marbuta mal-ICT.

L-attivitajiet se jkopru l-kollaborazzjoni, l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni u l-inizjattivi ta' koordinazzjoni tal-programmi nazzjonali. Imdaħħla wkoll f'din il-partita huma l-kostijiet tal-esperti indipendenti li jassistu fir-rieżamijiet tal-proġetti, fil-kostijiet ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, fil-kostijiet tal-istudji, tal-analiżijiet u tal-evalwazzjonijiet, fil-kostijiet tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-programm speċifiku u tal-programmi qafas u fil-kostijiet tal-miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi qafas preċedenti.

Parti mis-sostenn tal-Unjoni għall-qafas intergovernattiv COST għall-kooperazzjoni transnazzjonali fost ir-riċerkaturi, l-inġiniera u l-akkademiċi madwar l-Ewropa se tkun koperta wkoll minn din l-appropriazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 03 (ikompli)

## 09 04 03 02 (ikompli)

Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċizzjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (f) tal-Artikolu 3(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## 09 04 03 03 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
50 098 276	49 783 000	45 163 543	39 612 493	43 175 002,25	48 113 816,96

Kummenti

Ex Partita 09 04 03 03 (parzjali)

L-għan speċifiku huwa li jiġu mrawma soċjetajiet sikuri, li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-libertà u tas-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.

Il-portafoll integrat tal-attivitajiet se jiżviluppa soluzzjonijiet għall-protezzjoni tas-soċjetà u tal-ekonomija tagħna minn tfixkil aċċidentali jew ikkawżat mill-bniedem fir-rigward tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li s-soċjetà u l-ekonomija tagħna jiddependu fuqhom; filwaqt li jipprovdi soluzzjonijiet għal sistemi, servizzi u applikazzjonijiet tal-ICT li jkunu sikuri minn tarf sa tarf; jissalvagwardja d-dritt tal-bniedem għall-privatezza fis-soċjetà diġitali; jipprovdi l-inċentivi għall-industrija biex tforni ICT sigura; jistimola l-użu ta' ICT sigura.

L-għan huwa li jiġu żgurati ċ-ċibersigurtà, il-fiduċja u l-privatezza fis-suq uniku diġitali, filwaqt li fl-istess waqt tittejjeb il-kompetittività tal-industrija tas-sigurtà, tal-ICT u tas-servizzi fl-Unjoni. Għan ieħor huwa li tiżdied il-fiduċja tal-utenti fil-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà diġitali, u li ċ-ċittadini ma jibqgħux imħassbin li se tiġi żvelata l-informazzjoni personali tagħhom onlajn minħabba kwistjonijiet ta' sigurtà (eż. l-użu tal-internet għas-servizzi bankarji u għax-xiri).

L-attivitajiet se jkopru l-kollaborazzjoni, l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni u l-inizjattivi ta' koordinazzjoni tal-programmi nazzjonali. Imdaħħla wkoll f'din il-partita huma l-kostijiet tal-esperti indipendenti li jassistu fir-rieżamijiet tal-proġetti, fil-kostijiet ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, fil-kostijiet tal-istudji, tal-analiżijiet u tal-evalwazzjonijiet, fil-kostijiet tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-programm speċifiku u tal-programmi qafas u fil-kostijiet tal-miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi qafas preċedenti.

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 03** (ikompli)

09 04 03 03 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (g) tal-Artikolu 3(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**09 04 07 Impriżi Konġunti**

09 04 07 31 L-Impriża Konġunta dwar il-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 962 124	1 962 124	1 377 397	1 377 397	1 046 952,—	1 046 952,—

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta tal-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-parti "Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-prijorità "Tmexxija industrijali". Din għandu jkollha l-għan li l-Ewropa tinżamm fuq quddiem tas-settur tal-komponenti elettroniċi u sistemi u t-tqassir tat-triq lejn l-isfruttar tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 07 (ikompli)

09 04 07 31 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

09 04 07 32 L-Impriża Konġunta tal-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
178 000 000	176 910 000	168 037 603	128 734 204	157 307 439,—	139 000 000,—

## Kummenti

L-Impriża Konġunta tal-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-parti "Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-prijorità "Tmexxija industrijali". Din għandu jkollha l-għan li l-Ewropa tinżamm fuq quddiem tas-settur tal-komponenti elettroniċi u sistemi u t-tqassir tat-triq lejn l-isfruttar tagħhom.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

**09 04 50** *Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*

09 04 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	12 118 244,92	12 064 489,37

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub li jkopri nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għad-disponibilità ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi parteċipanti fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014–2020.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

09 04 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	2 672 122,69	17 796 800,78

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub li jkopri nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għad-disponibilità ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi parteċipanti fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014 sa 2014.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

**09 04 51** *Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	114 632 000	p.m.	269 111 000	975 276,79	413 056 721,53

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 51 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti marbutin mas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżdiendu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013)(ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impenji, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku “Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013)” (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku: “Kapaċitajiet” li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal- 20 ta' Diċembru 2007 dwar l-istabbiliment tal- “Impriża Konġunta ARTEMIS” għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Konġunta Teknoloġika ta' Sistemi ta' Kompjuters Inkorporati (ĠU L 30, 4.2.2008, p 52).

09 04 52 **Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	26 626,72	26 626,72



**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 52** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti marbutin mat-tlestija ta' programmi kwadri tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru 1987 dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987 sa 1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221 Euratom/KEE dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1), kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2535/97/KE (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) wara l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u dimostrazzjoni teknoloġiċi (1998 sa 2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-Innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 52 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: "L-integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka" (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni: "Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea" (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 44).

**09 04 53 Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' appoġġ għall-politika tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT PSP)**

09 04 53 01 Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP) (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	6 300 000	p.m.	16 820 000	74 093,64	32 445 940,01

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti marbutin mal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007–2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

09 04 53 02 Tlestija ta' programmi preċedenti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ta' qabel l-2007)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	8 843,10

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 53** (ikompli)

09 04 53 02 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti marbutin mal-programm eContent plus, għal networks fis-setturi tat-telekomunikazzjonijiet u għall-programm multiannwali MODINIS.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jstabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-networks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2717/95/KE tad-9 ta' Novembru 1995 dwar sett ta' linji ta' gwida għall-iżvilupp tal-EURO-ISDN (network diġitali ta' servizzi integrati) bħala network trans-Ewropew (ĠU L 282, 24.11.1995, p. 16).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/339/KE tal-20 ta' Mejju 1996 li tadotta programm tal-Komunità multiannwali sabiex jiġi stimolat l-iżvilupp ta' industria Ewropea ta' kontenut ta' multimedia u sabiex jinkoraġġixxi l-użu ta' kontenut ta' multimedia fis-soċjetà tal-informazzjoni emerġenti (INFO 2000) (ĠU L 129, 30.5.1996, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/664/KE tal-21 ta' Novembru 1996 dwar l-adozzjoni ta' programm multiannwali sabiex tippromwovi d-diversità lingwistika tal-Komunità fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 306, 28.11.1996, p. 40).

Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar serje ta' linji gwida għan-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej (ĠU L 183, 11.7.1997, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/253/KE tat-30 ta' Marzu 1998 li tadotta programm multiannwali tal-Komunità sabiex jiġi stimolat l-istabbiliment tas-soċjeta tal-informazzjoni fl-Ewropa (Soċjetà tal-Infomazzjoni) (ĠU L 107, 7.4.1998, p. 10).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/48/KE tat-22 ta' Diċembru 2000 li tadotta programm Komunitarju multiannwu sabiex jistimula l-iżvilupp u l-użu tal-kontenut diġitali Ewropew dwar in-networks globali u sabiex jippromwovi d-diversità lingwistika fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 14, 18.1.2001, p. 32).

Id-Deċiżjoni Nru 2256/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 li tadotta programm multiannwali (2003-2005) għall-monitoraġġ tal-pjan ta' azzjoni eEurope 2005, it-tixrid ta' prattiċi t-tajbin u t-titjib tas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni (Modinis) (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni 456/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-Komunità biex il-kontenut diġitali fl-Ewropa jsir iżjed aċċessibbli u jkun jista' jiġi wżat u sfruttat aktar (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

09 04 77 01 Proġett pilota — Teknoloġiji ta' Għarfien Miftuħ: Immappjar u validazzjoni tal-għarfien

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	888 314	p.m.	1 166 315	0,—	1 494 043,92

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 02 Proġett pilota — Ikkollegati għas-Saħħa: soluzzjoni ta' benesseri u ta' kura tas-saħħa f'networks FTTH b'aċċess miftuħ

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	336 243,98

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 77 (ikompli)

09 04 77 03 Proġett pilota — REsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) — It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politiki

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	402 492,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 04 Proġett pilota — It-tlaqqiġ tal-Aġenda Diġitali tal-Ewropa ma' Silicon Valley

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	50 000	p.m.	100 000	150 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 77 (ikompli)

09 04 77 05 Azzjoni preparatorja — Teknoloġiji ta' għarfien miftuħ: immappjar u validazzjoni tal-għarfien

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	1 250 000	1 000 000	750 000	1 500 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-edukazzjoni għolja u r-riċerka qed jevolvu b'mod rapidu. Il-ħolqien ta' teknoloġiji tal-għarfien ġodda jitlob li jitħarrġu l-għalliema, l-istudenti u r-riċerkaturi kif ukoll kwalunkwe individwu li jkollu bżonn li jadatta għal domandi ġodda tas-suq. Ħafna sforzi, bħax-xjenza taċ-ċittadini, logħob ta' skoperta xjentifika u l-Korsijiet Online Miftuħa Massivi (MOOCs), juru li, bhaf ħafna setturi oħrajn, l-edukazzjoni u r-riċerka qed jevolvu b'mod rapidu. Sabiex jiġi sfruttat għalkollox il-potenzjal ta' dan it-tip ġdid ta' sistemi tat-tagħlim għas-suq tax-xogħol, għandna bżonn metodi li kapaċi jivvalidaw il-kwalità tat-tagħlim tagħhom. Konsegwentement, irid jinstab mekkaniżmu li jippermetti lill-individwi jivvalutaw il-kompetenzi tagħhom (il-ħolqien tal-mapep tal-għarfien individwali tagħhom), l-għarfien meħtieġ fis-suq tax-xogħol u t-triq tat-tagħlim li tista' torbot lit-tnejn li huma, biex b'hekk jiġi pprovdut il-kontenut xieraq għal kull individwu. Dan hu l-uniku mod kif jista' jiġi żgurati li l-kontenut it-tajeb ikun disponibbli għall-grupp ta' individwi fil-mira. Sabiex ikun jista' jiġi traċċat il-perkors tat-tagħlim, irid ikun hemm validazzjoni tal-għarfien miksub, possibilment permezz ta' badges jew ċertifikati online.

Dan it-tip ta' innovazzjoni soċjali u teknoloġiċi jista' jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha indipendentement mil-livell ta' riżorsi tagħhom, il-lingwi li jtkellmu, l-età tagħhom, is-saħħa tagħhom u l-kapital kulturali tagħhom. Tali azzjoni, għallhekk, tikkontribwixxi biex jonqos id-distakk bejn il-lakuni fl-għarfien u jonqos il-qgħad billi tgħin speċjalment liż-żgħażaġh li attwalment jinsabu mingħajr impjeg jimmassimizzaw it-tagħlim tagħhom u jsibu opportunitajiet għal karrieri ġodda.

L-objettiv ġenerali ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tippreżenta sistema bbażata fuq l-ICT għall-Ewropa kollha li tqassar iż-żmien għat-titjib fil-ħiliet u għat-tagħlim ta' ħiliet ġodda għaċ-ċittadini Ewropej, b'mod partikolari l-persuni qiegħda, billi jiġi massimizzat l-użu ta' korsijiet online u ta' riżorsi edukattivi miftuħa. Din l-azzjoni se tiżviluppa u tutilizza pjattaforma teknoloġika li tintegra s-servizzi online, inklużi fost l-oħrajn il-moduli li ġejjin:

1. Immappjar tal-ħiliet/kompetenzi,
2. Pjanijiet direzzjonali ta' tagħlim imfassla apposta (permezz ta' servizzi edukattivi, inklużi riżorsi edukattivi miftuħa speċifiċi),
3. Mekkaniżmi għall-validazzjoni tal-għarfien miksub.

## Bażi ġuridika

Azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 77** (ikompli)

09 04 77 06 Proġett pilota — Ħiliet diġitali: professjonijiet ġodda, metodi edukattivi ġodda, impjiegi ġodda

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	320 000	p.m.	320 000	400 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 07 Proġett pilota — L-iżvilupp tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u għodod diġitali fl-edukazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	160 000	p.m.	200 000	400 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 77 (ikompli)

09 04 77 08 Proġett pilota — REIsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) — It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	1 700 000	1 000 000	1 000 000	750 000,—	187 500,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

REIsearch għandu l-għan li jaċċelera l-użu sħiħ tal-kapital intellettuali tal-Ewropa għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-intraprendituri u x-xjentisti permezz ta' għodod medjatiċi ġodda. Din l-azzjoni preparatorja, li toħroġ minn proġett pilota ta' suċċess, tespandi l-ħidma tal-pjattaforma.

L-azzjoni preparatorja tinvolvi espansjoni ta' pjattaforma tal-infrastruttura elettronika żviluppata fuq il-kunċett ta' networks soċjali li tiffaċilita l-komunikazzjoni diretta bejn ir-riċerkaturi, dawk li jfasslu l-politika u ċ-ċittadini, bl-involvement tal-midja, fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).

Imnebbaħ mill-“isfidi tas-soċjetà” mniżżla f'Orizzont 2020, REIsearch jappoġġja l-ħolqien ta' raggruppamenti virtwali dwar suġġetti ewlenin, li joħlqu mezz dirett għal djalogu miftuħ bejn ix-xjenza u s-soċjetà.

L-azzjoni tippromwovi interazzjoni attiva bejn ix-xjenza, iċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika permezz tal-involvement tal-midja Ewropea u networks soċjali, sabiex tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-aġenda għar-riċerka, fil-proċessi ta' riċerka li għaddejjin bħalissa u fid-diskussjonijiet dwar ir-riżultati u l-impatti tar-riċerka għas-soċjetà, il-politika u r-riċerka ulterjuri. Tappoġġja l-użu tat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza fl-azzjonijiet kollha tal-Unjoni, bi qbil mal-isforz għal regolamentazzjoni aħjar. REIsearch jappoġġja t-tfassil tal-politika bbażat fuq ix-xjenza billi jippermetti l-aċċess għall-informazzjoni xjentifika mal-ispettru kollu u jipprovdi massa kritika ta' għarfien li tispira fiduċja fi kwalunkwe utent tal-pjattaforma. Huwa pjattaforma newtrali bla ebda preferenza għall-oriġini nazzjonali jew l-isfond dixxiplinarju. Diskussjonijiet ikunu marbuta mal-evidenza xjentifika li hija bbażata fuqha.

Billi jibni fuq l-14-il xahar ta' suċċess tal-proġett pilota, REIsearch jespandi u jikber biex ikopri l-firxa wiesgħa ta' sfidi tas-soċjetà, biex b'hekk jippermetti lill-utenti jittrattaw kwistjonijiet tal-għażla tagħhom u jiddeterminaw huma stess ir-raggruppamenti u d-direzzjoni tad-diskussjonijiet. Flimkien mal-pjattaforma nfisha, REIsearch se jintegra firxa ta' għodod bħal estrazzjoni kbira ta' data/data tal-midja soċjali, applikazzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali ġdida u tal-web semantiku biex jisiltu informazzjoni dwar ix-xejriet u l-flussi tal-konsensus u d-diskussjonijiet xjentifiċi.

L-objettivi tal-azzjoni preparatorja huma:

- li tespandi u ssaħħaħ l-infrastruttura elettronika affidabbli u mingħajr skop ta' qligħ (simili għan-networks soċjali), imnedija bħala beta fl-2015 biex titħeġġeġ komunikazzjoni u djalogu transdixxiplinarju, transettorjali u trans-konfinali,
- li tanalizza u tivvaluta r-riżultati tat-tnedija beta u tiżviluppa l-algoritmi tat-tiftix u l-mekkaniżmi ta' estrazzjoni tad-data li jsostnu l-kapaċitajiet tal-immappjar tax-xejriet,



**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 77** (ikompli)

## 09 04 77 08 (ikompli)

- li tħeġġeġ aktar l-interoperabbiltà b'bażijiet ta' data ta' riċerka u pjattaformi eżistenti, b'punt ta' aċċess uniku għar-riżultati tar-riċerka mill-pajjiżi u d-dixxiplini kollha (interoperabbiltà) u b'konnessjoni mal-inizjattivi Ewropej eżistenti,
- li tespandi l-għadd ta' raggruppamenti virtwali biex dawn jinkludu l-"isfidi tas-soċjetà" kollha li jlaqqgħu flimkien lir-riċerkaturi, l-industrija, iċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika, biex tiżdied il-kollaborazzjoni dwar dawn it-temi ewlenin,
- li joħloq djalogu dirett bejn dawk ir-raggruppamenti u iċ-ċittadini permezz ta' konnessjoni mal-midja ewlenija Ewropea.

L-azzjoni preparatorja għandha l-għan li twieġeb għal uħud mill-ħtiġijiet u t-tħassib definiti fl-Aġenda Diġitali u f'Orizzont 2020. Hija tappoġġja wkoll l-infrastrutturi sottostanti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, li sservi bħala magna essenzjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Ewropa għal innovazzjonijiet li jwasslu għal impjiegi u tkabbir ekonomiku.

Kwistjonijiet attwali indirizzati mill-azzjoni: l-iżviluppi reċenti fl-ICT urew kif bis-setgħa tan-networks soċjali u l-infrastrutturi elettroniċi jista' jiġi sfruttat il-potenzjal tan-networks.

Il-problemi tal-ambjent onlajn eżistenti għall-infrastrutturi elettroniċi tar-riċerka huma:

- id-daqs: il-maġġoranza tan-networks eżistenti huma żgħar wisq biex imorru lil hinn minn qasam u grupp ta' riċerka speċifiċi (skont l-istatistika tal-Kummissjoni, id-daqs medju ta' netwerk onlajn ta' riċerkaturi huwa ta' madwar 100 utent). Hemm bżonn netwerk interoperabbli kbir li jippermetti lir-riċerkaturi u partijiet oħra interessati jsibu l-informazzjoni li jkun qed ifittxu fis-setturi u d-dixxiplini kollha, bl-użu ta' għodda familjari,
- l-ilħuq: tradizzjonalment, in-networks iġibu flimkien utenti fi ħdan l-istess qasam u settur. Sabiex tintlaħaq il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa, jeħtieġ li l-konnessjonijiet transdixxiplinarji (intersettorjali u interdixxiplinarji) isiru aktar faċli,
- l-affidabbiltà: waħda mir-raġunijiet ewlenin għalfejn networks tar-riċerka kbar ma rnexxewx hija li r-relazzjonijiet eżistenti għadhom ibbażati fuq konnessjonijiet personali u l-identitajiet onlajn mhumiex fdati. Sabiex jitrawmu realment il-konnessjonijiet transdixxiplinarji, tinħtieġ sistema li fiha l-verifika tal-identità toħloq ambjent sikur għall-utenti kollha,
- il-fiduċja: din hija aspekk fundamentali għal kull netwerk. Studji tas-suq juru li jeħtieġ li jiġu żviluppanti netwerk soċjali Ewropew jew infrastruttura elektronika Ewropea f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li jkun mingħajr skop ta' qligħ u li jkollhom politika ċara dwar il-proprjetà intellettwali żviluppata flimkien mar-riċerkaturi.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 09 04 77 09 Azzjoni Preparatorja — Fabbriki intelliġenti fl-Ewropa tal-Lvant

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 300 000	p.m.	1 500 000	2 000 000,—	0,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 77 (ikompli)

09 04 77 09 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-azzjoni preparatorja se tfttex li tiżgura approċċ koerenti, koordinat u sostenibbli, tiżgura, tiżviluppa u ssaħħaħ involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha mill-Ewropa tal-Lvant (in-negozji, l-akkademja, l-organizzazzjonijiet ta' rikerka u s-soċjetà ċivili) u li tinforma, tħejji u tappoġġa l-entitajiet reġjonali minn din il-parti tal-Ewropa rigward l-iżvilupp ta' proġetti taħt skemi ta' fabbriki intelliġenti tal-Kummissjoni. L-azzjoni se tkopri dawk ir-reġjuni fl-Ewropa tal-Lvant milquta sew mid-deindustrijalizzazzjoni fejn l-ebda fabbrika ma ġiet ippjanata jew tkun iddaħlet f'operazzjoni u dawk li l-kapaċità industrijali tagħhom teħtieġ li tittejjeb.

L-azzjoni preparatorja se tfttex ukoll li tidentifika, tivvaluta u tappoġġa l-isfruttament tal-potenzjal industrijali f'reġjun magħżul, u li tesplora l-potenzjal tal-innovazzjoni tiegħu u l-kamp ta' applikazzjoni għall-espansjoni tiegħu. Se timmira b'mod ċar għall-identifikazzjoni ta' vantaġġi kompetittivi industrijali u l-potenzjal għal speċjalizzazzjoni fil-livell reġjonali abbażi ta' proċess ta' skoperta intraprenditorjali, filwaqt li tistabbilixxi struttura ta' governanza u qafas għall-kollaborazzjoni kontinwa bejn in-negozji u r-riċerkaturi, u appoġġ għat-tħejjija tad-dokumenti ta' politika rilevanti.

## Bażi ġuridika

Azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 10 Proġett pilota — Qafas tal-aħjar Prattiki biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali fuq il-minuri

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	1 000 000	500 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Iċ-ċiberkriminalità hija industrija li qed tikber. Fid-dinja tal-lum dejjem aktar interkonnessa, b'xorti ħażina l-materjal pedopornografiku jaqsam il-fruntieri nazzjonali b'mod bla preċedent. X'aktarx huwa fost l-aktar forom faħxin ta' ċiberkriminalità. F'dawn l-aħħar snin l-isfidi ta' dan ir-reat orribbli kibru hekk kif it-teknoloġija saret aktar avvanzata u biż-żmien sar dejjem aktar diffiċli li l-awturi u l-faċilitaturi tar-reat kif ukoll il-produtturi tal-materjal pedopornografiku jinqabdu. Barra minn hekk, l-analisti tal-kontenut hotline min-netwerk INHOPE kuljum jiltaqgħu ma' aktar kontenut grafiku u vjolenti, b'vittmi ta' età dejjem iżgħar, anke tfal li lanqas bdew jitkellmu, hekk kif id-domanda għal materjal ġdid tikber.

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 77** (ikompli)

09 04 77 10 (ikompli)

Il-hotlines tal-membri INHOPE joffru valur ta' servizz pubbliku sabiex iċ-ċittadini diġitali jkunu jistgħu jieħdu azzjoni, billi jirrapportaw, fl-anonimat, suspetti ta' materjal pedopornografiku jekk jiltaqgħu miegħu waqt li jkunu online. Bi skwadri tal-pulizija ddedikati mifruxin fuq skala dinija, il-hotlines nazzjonali huma sħab essenzjali għall-pulizija biex tiżgura li dawn jirċievu biss stampi kkonfermati bħala materjal pedopornografiku (skont il-leġiżlazzjoni fil-pajjiż ospitanti). Il-hotlines INHOPE urew ruħhom stumentali fil-proċess ta' "notifika u tneħħija" (NTD) fl-Istati Membri kollha u lil hinn billi mill-1999 in-netwerk INHOPE kull sena żdied fl-għadd ta' membri, filwaqt li, barra minn hekk, serva l-obbligu tal-identifikazzjoni tal-vittmi.

Billi kull tifel u tifla għandu/ħa d-dritt għal tfulija libera mill-vjolenza u mill-abbuż u li jkun/tkun protett(a) mill-ħsara, dan il-proġett se jwettaq riċerka kwalitattiva biex jidentifika l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-hotlines li jittrattaw l-abbuż sesswali fuq minuri fl-Istati Membri. Din ir-riċerka se tgħin biex jinħoloq qafas tal-aħjar Prattiki li jista' jappoġġja l-iżvilupp u t-titjib tal-hotlines fl-Unjoni. Dak li jista' jaħdem fi Stat Membru mhux bilfors jaħdem fiehor: Għalhekk hemm bżonn ta' riċerka biex ikunu jistgħu jiġu studjati l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri u l-mod kif dawn jistgħu jaħdmu mad-diversi partijiet ikkonċernati bħall-awtoritajiet inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-liġi, il-ministeri u l-industrija. Permezz ta' riċerka kwalitattiva, ikunu identifikati l-aktar sfidi importanti li jiffaċċjaw il-hotlines nazzjonali li jittrattaw l-abbuż sesswali fuq minuri fl-Istati Membri. Ir-riċerka tiegħi l-forma ta' intervisti, studji tal-każ, sondaġġi eċċ. bl-intenzjoni li jiġu identifikati l-isfidi u l-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-hotlines.

Fid-dawl tal-pożizzjoni unika u l-kompetenzi esperti fil-qasam, dan il-qafas jista' jkun żviluppat minn INHOPE, in-netwerk globali ta' hotlines tal-internet li jkopri l-Istati Membri kollha.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 11 Proġett pilota — Inizjattiva għall-Bini ta' Sensibilizzazzjoni Algoritmika

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
300 000	570 000	600 000	300 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-Proġett pilota għandu jindirizza l-impatti potenzjali u l-ħtieġa tat-trasparenza f'algoritmi għall-benefiċċju taċ-ċittadini u d-demokrazija tagħna, u li jingħata kontribut għall-iżvilupp tas-suq uniku diġitali.

Il-proġett pilota jista' jiffoka fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

— sensibilizzar tal-utenti aħħarin dwar ir-rwol tal-algoritmi f'soċjetajiet diġitali;

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 77 (ikompli)

## 09 04 77 11 (ikompli)

- evalwar tal-firxa wiesgħa ta' impatti pożittivi u negattivi potenzjali ta' algoritmi u riflessjoni dwar l-aspetti tekniċi u mhux tekniċi li jwasslu għal prattiki diskriminatorji. Il-valutazzjoni tista' tenfasizza l-opportunitajiet potenzjali li jirriżultaw permezz tal-algoritmi u tħares lejn il-mod kif l-algoritmi jkollhom impatt u joħlqu opportunitajiet għall-innovazzjoni, l-SMEs, il-privatezza, il-libertà tal-espressjoni u l-fluss liberu ta' informazzjoni, u kif it-trasparenza algoritmika tista' tiġi bbilanċjata pereżempju bil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali;
- b'kunsiderazzjoni, abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni u bl-involviment ta' partijiet interessati xierqa, kunsiderazzjoni tar-rispons ta' politika xieraq u proporzjonat, li jindirizza l-ħtieġa ta' trasparenza, fiduċja u sensibilizzazzjoni, iżda wkoll l-implikazzjonijiet istituzzjonali u tal-kapaċitajiet għal superviżjoni potenzjali mill-gvern. Dan jista' jinkludi l-monitoraġġ u t-tweġġ ta' testijiet sporadiċi dwar algoritmi biex jiġi żgurat li l-algoritmi jirrispettaw l-aħjar prattiki etiċi u kompetittivi, u l-għbir ta' tagħrif bażiku li jista' jinftiehem mill-konsumaturi u ċ-ċittadini. Dan jipprovi lill-utenti b'fehim aħjar ta' tipi bażiċi ta' kriterji algoritmiċi, u b'hekk huma jkunu jistgħu jagħmlu għażliet informati;
- li wieħed jirnexxi fil-ksib tat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku, li hija sfida għal dawk li jfasslu l-politiki u l-atturi kollha involuti. Jeħtieġ li l-gvernijiet itejbu l-fehim u l-użu tagħhom tal-għodod rilevanti biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi mqajma mit-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku. Hemm ħtieġa għal iktar kooperazzjoni u kollaborazzjoni ta' gvernijiet madwar l-Ewropa u li jinbena approċċ flessibbli u adattat għal dinja diġitali globali. Jenħtieġ li dan ikun ibbażat fuq fehim aħjar ta' liema għażliet ta' politika jistgħu jsiru bħala reazzjoni għad-diversi kwistjonijiet emerġenti, minn sfidi tekniċi għal kunsiderazzjonijiet etiċi u legali. Il-kumplessità ta' dawn il-kwistjonijiet jenħtieġ li tiġi riflessa fl-objettivi ta' politika ta' gwida, mis-salvagwardja ta' drittijiet fundamentali għall-istimulazzjoni ta' ambjent innovattiv fl-Ewropa.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 83, 30.03.2010, p. 47), b'mod partikolari l-Artikoli 10, 169

It-Trattat dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 83, 30.03.2010, p. 389), b'mod partikolari l-Artikoli 8, 11 u 38

Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2016 dwar "Il-Pjattaformi Online u s-Suq Diġitali, Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa" (COM(2016) 288 final).

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 77 (ikompli)

09 04 77 11 (ikompli)

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat "Online Platforms" Accompanying the document Communication on Online Platforms and the Digital Single Market ("Pjattaformi Online" li jakkumpanjaw id-dokument Komunikazzjoni fuq Pjattaformi Online u s-suq uniku diġitali (SWD (2016) 172 final).

09 04 77 12 Proġett pilota — Faċilitaturi diġitali fl-SMEs: appoġġ għad-diġitalizzazzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-SMEs li jinter-nazzjonalizzaw ruħhom u jinnovaw

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	900 000	1 000 000	500 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-appoġġ għal SMEs dinamiċi orjentati lejn it-*tkabbir* u *negozji* ġodda biex jiffamiljarizzaw ruħhom mat-teknoloġiji diġitali sabiex jintegrawhom fl-attivitàjiet ewlenin tagħhom, jirrappreżentaw fattur kruċjali fl-*għajna* għall-kumpaniji biex jiżviluppaw in-*negozji* tagħhom, itejbu l-kapaċità innovattiva tagħhom u jidħlu fi swieq ġodda, biex b'hekk tiżdied il-kompetittività tagħhom. Il-maġġoranza l-kbira tal-SMEs, speċjalment l-intrapriżi *żgħar* li joperaw fis-setturi tradizzjonali, iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet kbar fbiex jifhmu l-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali l-ġodda — bħall-analiżi tad-data, il-kummerċ elettroniku, ir-robotika, il-mikroelektronika u l-mekkatronika — u l-benefiċċji li jirriżultaw meta dawn jintużaw fil-mod li joperaw, fil-proċessi ta' produzzjoni tagħhom u fir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti.

F'dan il-kuntest, l-objettiv ewleni tal-proġett pilota hu li l-SMEs lejn it-*tkabbir* jiġu kkollegati ma' esperti diġitali ta' kapaċità kbira sabiex ipattu għan-*nuqqas* ta' kompetenzi teknoloġiċi xierqa tal-kumpaniji, jarmahom bl-*għodda* xierqa u jippermetti t-*trasformazzjoni* diġitali tagħhom, bħala strument essenzjali għall-*internazzjonalizzazzjoni*, kemm fi ħdan is-suq intern u kemm fil-pajjiżi terzi.

Ħafna drabi l-SMEs orjentati lejn it-*tkabbir* u *negozji* ġodda ma jistgħux jużaw ir-*riżorsi* umani tagħhom stess biex isegwu l-*evoluzzjoni* kostanti ta' teknoloġiji ġodda, anki fuq bażi part-time. Din hija r-*raġuni* għaliex, il-kollegament ma' faċilitatur diġitali jippermetti lill-kumpaniji biex jiskopru u japplikaw it-teknoloġiji diġitali xierqa, jespjoraw opportunitajiet ġodda f'termini ta' innovazzjoni, u jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jidħlu fi swieq ġodda, anki fl-Unjoni stess. Dan se jipprovi wkoll opportunità għall-faċilitaturi diġitali *żgħażaġh* — esperti b'ħiliet speċifiċi li ġejjin minn *ċentri inkubatur* ta' *negozju* jew *universitajiet* — li jisfruttaw l-*għarfien* teknoloġiku tagħhom ġo SME stabbilita.

Il-proġett se jagħti l-*possibilità* lill-esperti diġitali *żgħażaġh* b'livell għoli ta' ħiliet (mhux biss *maniġers informatiċi*) biex jaħdmu f'SMEs orjentati lejn it-*tkabbir* stabbiliti fi Stat Membru ieħor għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur skont il-*ħtiġijiet* ta' diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji.

L-elementi ewlenin tal-proġett pilota huma:

- l-appoġġ għall-fażi ta' kollegament (l-*għażla* tal-kumpaniji, l-offerti ta' impjeg — li jinvolvu wkoll il-portal EURES — u r-*reklutaġġ*);
- it-*tqegħid* ta' faċilitaturi diġitali fl-SMEs (Għotja mill-Unjoni li tkopri s-servizzi ta' *kosulenza* offruti minnhom);

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 77 (ikompli)

## 09 04 77 12 (ikompli)

- pakkett ta' taħriġ/coaching għall-SMEs u l-faċilitaturi diġitali;
- l-internalizzazzjoni, l-innovazzjoni, il-mobilità u l-ispirtu intraprenditorjali.

Il-proġett pilota jgħin lill-SMEs jgħaddu minn trasformazzjoni diġitali.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 09 04 77 13 Azzjoni preparatorja — Netwerk ta' hubs diġitali

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 125 000	1 500 000	750 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja se ssaħħaħ il-potenzjal tal-hubs u l-aċċeleraturi diġitali fl-Ewropa kollha b'mod li jkun jistgħu jaħdmu flimkien, jiżviluppaw proġetti komuni u jibnu komunità diġitali li tista' żżid il-kompetittività Ewropea f'dan is-settur. L-azzjoni preparatorja għalhekk se tikkollega lill-partijiet interessati u l-hubs kollha fil-qasam diġitali Ewropew bil-għan li jiġi żviluppat pjan ta' integrazzjoni u kooperazzjoni maħsub biex jiġġenera proġetti komuni u jinħolqu aċċeleraturi diġitali Ewropej li jkun jistgħu jisfruttaw il-potenzjal sħiħ li jeżisti fl-Ewropa kollha. L-azzjoni preparatorja se ttipprova tindirizza l-hubs u l-aċċeleraturi l-aktar innovattivi, b'valur miżjud għoli u b'potenzjal ta' effett multiplikatur. L-azzjoni preparatorja se tinvolvi għalhekk fl-identifikazzjoni tan-netwerk ta' hubs u aċċeleraturi u tal-vantaġġi komparattivi tagħhom, fil-valutazzjoni tal-istatus attwali tagħhom u tal-potenzjal ta' żvilupp u kooperazzjoni tagħhom, fil-ħolqien ta' grupp ta' ħidma attiv u animat kompost minn esperti u partijiet ikkonċernati, fil-ġenerazzjoni ta' pjan ta' integrazzjoni komuni bbażat fuq proġetti konkreti u fl-elaborazzjoni ta' soluzzjonijiet politiċi li jistgħu jgħinu fit-tisħiħ tal-kollegamenti u tal-kooperazzjoni bejn il-hubs u l-aċċeleraturi Ewropej.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 09 04 77 (ikompli)

## 09 04 77 14 Azzjoni preparatorja — Trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 350 000	1 500 000	750 000		

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja se tiżgura approċċ koerenti, koordinat u sostenibbli, tiżgura, tiżviluppa u ssaħħaħ l-involvement tal-partijiet ikkonċernat rilevanti kollha interessati fid-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea (l-impriżi, l-istituti akkademiċi, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u s-soċjetà ċivili) u tinformahom, tippreparahom u tgħinhom jiżviluppaw proġetti maħsuba biex jiffaċċjaw it-trasformazzjonijiet ġodda.

L-azzjoni se tkopri dawk ir-reġjuni u s-setturi li ntltaqtu bil-kbir mid-diġitalizzazzjoni li ma jkollhomx program/pjan ta' diġitalizzazzjoni u dawk li għalihom il-kapaċità tal-industrija tagħhom teħtieġ li tittiejeb.

Din l-azzjoni preparatorja se tidentifika, tivvaluta, u tappoġġa l-isfruttament tal-potenzjal industrijali fil-proċess tad-diġitalizzazzjoni, u se tistudja l-potenzjal tal-innovazzjoni u l-possibbiltajiet għall-espansjoni.

Hija se timmira b'mod ċar l-identifikazzjoni tal-vantaġġi kompetittivi industrijali u l-potenzjal għal speċjalizzazzjoni diġitali fil-livell settorjali abbażi tal-proċessi ta' skoperta intraprenditorjali, filwaqt li tistabbilixxi struttura ta' governanza u qafas għall-kollaborazzjoni kontinwa bejn l-impriżi u r-riċerkaturi, u appoġġ għat-tħejjija tad-dokumenti ta' politika meħtieġa.

## Bażi ġuridika

Azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 09 04 77 15 Proġett pilota — Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-internet fl-għodod u l-pjattaformi tal-ħolqien ta' siti web b'mod prestabbilit (Web Access By Default)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	240 000	600 000	300 000		

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 77 (ikompli)

09 04 77 15 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota se jinkoraġġixxi u jappoġġja direttament l-adozzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità rilevanti tal-istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 billi jagħti għotjiet lil impriżi u assoċjazzjonijiet jew gruppi oħra mingħajr skop ta' qligħ li se jinkorporaw konfigurazzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-istandard Ewropew bħala l-għażla prestabbilita tal-għodod jew tal-pjattaformi tal-ħolqien tagħhom. Se tingħata prijorità speċjali lill-għodod u l-pjattaformi b'sors miftuħ u b'użu liberu. Dawn l-għotjiet se jkunu miftuħin ukoll għall-awtoritajiet tal-Istati Membri li jiżviluppaw għodod jew pjattaformi għall-ħolqien ta' siti web interni għas-settur pubbliku u jistgħu jintuża biex jinkrew servizzi ta' ttestjar għall-utenti.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 16 Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea dwar il-persuni vulnerabbli fis-Soċjetà tal-Infommazzjoni: l-immappjar tal-aħjar prattiki u l-impatt soċjoekonomiku għat-tisħiħ tal-komunitajiet vulnerabbli permezz tat-teknoloġiji tal-infommazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs)

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	750 000	375 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett se jiżviluppa mappa online interattiva li tiġbor fil-qosor l-aħjar prattiki eżistenti żviluppati għal integrazzjoni aħjar tal-gruppi vulnerabbli/żvantaġġati fis-Soċjetà tal-Infommazzjoni fit-28 Stat Membru.

L-aħjar prattiki se jinkludu infommazzjoni dwar l-għodod, il-prattiki, il-kapaċitajiet, is-sistemi, l-infrastruttura u l-istandards eżistenti.

Dan il-proġett pilota se jgħin lil partijiet interessati jifhmu x'diġà jeżisti u tisfrutta l-esperjenza miksuba mill-għodod eżistenti fil-livelli lokali/nazzjonali u Ewropej.

Se tippermetti li l-partijiet interessati jevitaw d-duplikazzjoni, jergġghu "jivvintaw ir-rotta", jikkonsolidaw l-għarfien sabiex jintegraw aħjar il-komunitajiet vulnerabbli fl-Ewropa u jintensifikaw l-iskambju tal-infommazzjoni fost il-partijiet interessati mis-setturi pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili.



**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 77** (ikompli)

09 04 77 16 (ikompli)

Il-proġett jista' jiġi żviluppat flimkien mal-Osservatorju Globali tal-Politika tal-internet u l-Forum tal-internet Ewropew.

Eżitu dirett: mappa online interattiva ospitata fuq pjattaforma online li timmappa l-aħjar prattiki eżistenti.

*Ħarsa ġeneral globali*

L-aspetti tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni huma preżenti fl-isferi kollha tal-ħajja u saru parti integrali mill-attivitajiet ta' kuljum fix-xogħol, fid-dar jew waqt is-soċjalizzazzjoni.

L-internet u l-ICTs huma katalisti għall-bidla; huma wkoll għodda perfetta li tista' tagħti s-setgħa lil persuni vulnerabbli biex jiskopru bis-sħiħ l-opportunitajiet offruti mis-Soċjetà tal-Infommazzjoni u jgawdu kompletament d-drittijiet tal-bniedem tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni.

L-ICTs jistgħu jipprovdu ambjent essenzjali u favorevoli għat-tisħiħ ta' kulħadd, speċjalment il-persuni li jgħixu f'ċirkostanzi vulnerabbli u jgħinu biex jiġi indirizzat it-tibdil demografiku li qed iseħħ madwar l-Unjoni.

Il-gruppi fil-mira ta' persuni vulnerabbli huma:

- persuni b'diżabilitajiet u anzjani,
- żgħażaġh u tfal marġinalizzati,
- persuni mingħajr impjeg jew bi problemi soċjali,
- persuni definiti bħala marġinalizzati, li huma affettwati mill-avvenimenti soċjoekonomiċi jew politiċi attwali (vulnerabbiltajiet attwali).

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 17 Proġett pilota — Ibdaha Ekosistema bbażata fuq in-negozji ġodda (li tgħaqquad l-universitajiet, intraprendituri u ċentru tan-negozji ġodda fil-Pomerania tal-Punent) biex jiġi sfruttat il-potenzjal reġjonali barra mill-bliet ċentrali fil-Polonja

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	750 000	375 000		

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 77 (ikompli)

09 04 77 17 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-proġett, li jibni fuq l-infrastruttura ta' ċentru tan-negozji ġodda (eż. Business Link) f'Szczecin, se jlaqqa' lill-intraprendituri mal-istudenti, ir-riċerkaturi u l-għalliema tal-universitajiet tal-Pomerania tal-Punent, biex jstabbilixxi ambjent iktar favorevoli għan-negozji ġodda.

Biex jinbidel is-suq tan-negozji ġodda, li għad għandu andament negattiv, fi ħdan l-Unjoni u fil-Polonja, għandu jingħata bidu għal proġett pilota biex jibni ekosistema li tissodisfa tliet ħtiġijiet bażiċi tas-suq: il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-ideat ġodda u kompetenza sabiex tinholq skema ta' negozji ġodda.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 18 Azzjoni preparatorja — Il-ħolqien ta' Akkademja Diġitali Ewropea

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 700 000	850 000				

*Kummenti*

Din l-azzjoni preparatorja se tindirizza l-ħtieġa li jittejbu l-ħiliet diġitali permezz tal-edukazzjoni u taħriġ professjonali b'mod aktar attiv u omoġenju madwar l-Ewropa. Minkejja l-isforzi li saru fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali, bħall-Ħiliet Diġitali għal inizjattivi ta' Koalizzjoni għall-Impjiegi, għad hemm diskrepanza enormi fil-ħiliet diġitali fis-soċjetà tagħna. L-inizjattivi eżistenti huma ta' benefiċċju kbir biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali tal-Istati Membri. Għalhekk, ma jkunx xieraq li l-azzjoni tidduplika daww l-inizjattivi; iżda, minflok, għandha tikkomplementahom. L-Akkademja se tindirizza n-nuqqas ta' netwerk transnazzjonali żviluppat sew fl-Ewropa li jappoġġa u jiffaċilita l-iskambji bejn u l-koordinament tal-partijiet ikkonċernati kollha f'dan il-qasam. Hija tista' sservi ta' vetrina, tamplifika u timmultiplika l-aħjar prattiki Ewropej fit-taħriġ u fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali ta' gruppi destinatari differenti.

Ikun xieraq li l-Akkademja Diġitali Ewropea tiġi kkunsidrata bħala soluzzjoni possibbli fuq żmien twil għall-isfidi attwali li jirriżultaw mill-impatt konġunt taż-żieda tar-robotizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-post tax-xogħol, minn naħa, u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' ħiliet diġitali fis-soċjetà tagħna.

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**09 04 77** (ikompli)

09 04 77 18 (ikompli)

L-Akkademja Diġitali Ewropea se jkollha l-kompiti li ġejjin:

— — Li tadeġwa lill-forza tax-xogħol għall-era diġitali l-ġdida billi tiżgura li l-impjegati jistgħu jaġġornaw il-ħiliet elettroniċi u l-għarfien tagħhom fuq bażi kontinwa. L-Akkademja Diġitali se toffri regolarment sessjonijiet ta' ħidma u servizzi ta' konsulenza dwar ir-robotika u kwistjonijiet ta' awtomazzjoni. Għal min għadu jibda fil-qasam tat-teknoloġija informatika u tal-komunikazzjoni (ICT), l-Akkademja tista' toffri opportunità li jipparteċipa f'taħriġ okkupazzjonali mill-ġdid u biex isir jaf dwar il-vantaġġi tar-robotika u t-teknoloġija ta' awtomazzjoni b'mod li jisfruttahom bi profitt fi ħdan il-post tax-xogħol.

B'mod partikolari l-SMEs jistgħu jibbenefikaw minn akkademja ta' dan it-tip għaliex spiss ma jkollhomx ir-riżorsi finanzjarji u umani biex jipprovdu taħriġ internament.

— — Li tadeġwa lit-tfal tal-iskola u lill-istudenti għall-era diġitali l-ġdida billi twassal ir-robotika u t-teknoloġija ta' awtomazzjoni fil-ħajja skolastika. Ikun xieraq li l-Akkademja toffri korsijiet dwar il-ħiliet elettroniċi li jstimulaw, jispiraw u jimmotivaw liż-żgħażaġh rigward l-importanza u l-impatt tat-teknoloġiji robotiċi fil-ħajja ta' kuljum. L-Akkademja tista' tipprovdi opportunità kbira biex tassisti l-istudenti jingħataw il-ħiliet meħtieġa għall-impjiegi ta' għada. Madankollu, il-korsijiet li toffri l-Akkademja ma għandu jkollhom l-ebda implikazzjoni għas-sistemi edukattivi nazzjonali; iżda minflok, għandhom jitqiesu bħala komplement u appoġġ fakultattivi.

— — Li toħloq ambjent Ewropew li jawtonomizza u jħeġġeġ lill-bniet u n-nisa żgħażaġh jikkunsidraw li jaqdbu karriera fil-qasam dejjem jikber tal-ICT, biex b'hekk kemm il-bniet u kemm il-kumpaniji tat-teknoloġija jkunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji ta' aktar parteċipazzjoni femminili fis-settur tat-teknoloġiji informatiċi.

L-Akkademja se tiġi stabbilita b'kooperazzjoni mal-ministeri, l-industrija, kumpaniji speċjalizzati fl-ICT, l-istituzzjonijiet nazzjonali jew l-inizjattivi inkarigati bit-taħriġ professjonali u bil-programmi ta' taġlim tul il-ħajja u s-sħab soċjali. Dawn kollha għandhom l-għarfien espert meħtieġ biex jikkoordinaw u jifformulaw il-kontenut u l-programmi tas-sessjonijiet ta' ħidma u l-korsijiet. Sabiex tiggarrantixxi li dan jista' jiġi offert fil-livell Ewropew, l-Akkademja se toħloq netwerk ta' ċentri ta' taħriġ professjonali reġjonali u nazzjonali madwar l-Ewropa. In-netwerk jista' jipprovdi valur miżjud konsiderevoli biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tnaqqis tad-diversi żbilanċi bejn il-ħiliet offruti u l-ħiliet meħtieġa fl-Ewropa.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 19 Proġett pilota — Grafika tal-ekosistemi ta' negozji ġodda u li qed jespandu Ewropej

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

*Kummenti**Introduzzjoni*

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 77 (ikompli)

09 04 77 19 (ikompli)

Ekosistemi ta' negozji ġodda u li qed jespandu Ewropej għandhom partikolaritajiet ċari bħal pereżempju mudelli ta' tkabbir, densità, investimenti, setturi, programmi edukattivi, regolamenti u kollaborazzjoni transfruntiera. F'dan is-settur ekonomiku, diversi sorsi jirrappurtaw li teżisti ġabra kbira ta' kapital privat li qed ikompli jikber f'pajjiżi bħar-Renju Unit, Franza, il-Ġermanja u l-Iżvezja. Għaldaqstant, dan l-interess finanzjarju partikolari ġġenera volum kbir ta' data dwar negozji ġodda u li qed jespandu f'madwar 60 belt Ewropea.

Dan il-proġett pilota se jaċċelera l-proċess ta' għbir ta' tagħrif permezz tal-proġett StartupHubs fi ħdan l-inizjattiva Startup Europe, biex jinholq impatt li jista' jitkejjel li fl-aħħar nett iservi bħala għodda ta' min jorbot fuqha biex titfassal politika ibbażata fuq l-evidenza.

*Objettivi*

L-objettiv ewlieni ta' dan il-proġett pilota huwa li jinvestiga l-potenzjal ta' tkabbir ta' diversi ekosistemi ta' negozji ġodda u li qed jespandu, b'mod dinamiku, abbażi ta' data soċjoekonomika miġbura permezz ta' metodi ta' għbir u proċessar tad-data effettivi u ta' min jorbot fuqhom. Din l-informazzjoni kollha se tinġabar u ssir aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' pjattaforma online faċli biex tintuża mill-utent li se tintraċċa u tikkollega konnessjonijiet ewlenin għal diversi parametri li jiffurmaw l-ekosistemi ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu.

B'riżultat ta' dan, din l-inizjattiva għandha tippovdi fehim aħjar ta' x'inhu jiġri lokalment f'diversi hubs, pereżempju tevalwa l-punti pożittivi u d-dgħufijiet, u tkabbir annwali, u tkejjel il-kontribut ġenerali tagħhom biex jiġġeneraw benesseri soċjoekonomiku.

Billi għandha tissaħħaħ id-dehra tax-xena tan-negozji ġodda u li qed jespandu Ewropej fis-settur tal-ICT fil-livell globali, din l-inizjattiva se timmira lejn il-pożizzjonament ta' tali ekosistemi, bil-ħsieb li jintwerew il-punti pożittivi tagħhom, u finalment tissaħħaħ l-istrateġija tas-suq uniku diġitali Ewropew, jinħolqu impjegji ġodda fir-reġjun u jiġi promoss it-tkabbir u l-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri.

Peress li dawn l-objettivi huma konformi mal-Istrateġija tas-suq uniku diġitali, DĠ Connect huwa l-aktar entità adegwata biex tmexxi dan il-proġett pilota. Se jfittex opportunitajiet ta' kollaborazzjoni u jikkondividi responsabilitajiet f'termini ta' tfassil ta' politika u analiżi tad-data, flimkien ma' Direttorati Ġenerali oħrajn.

Il-Kummissjoni se torganizza sejħa għal proposti, li tibni fuq il-linji ewlenin iddikjarati f'dan il-proġett pilota, u talloka l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġett lil kumpanija tal-IT adegwata.

*Deskrizzjoni tal-elementi*

Il-proġett pilota se jimplementa approċċi ġodda għall-viżwalizzazzjoni tad-data u l-analitika ta' previżjoni, fejn il-forma aħharja tkun pjattaforma interattiva, li jkun fiha informazzjoni essenzjali għal investituri possibbli jew partijiet interessati oħra.

L-infiq għandu jkun relatat ma' dan li ġej: akkwiżizzjoni tad-data, analiżi tad-data, il-ħolqien u l-manutenzjoni tal-pjattaforma, l-għoti ta' pariri dwar l-iżvilupp ta' politika bbażata fuq l-evidenza, kampanji ta' informazzjoni u attivitajiet oħra relatati mal-interazzjoni mal-gvernijiet jew il-komunitajiet.

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 77 (ikompli)

09 04 77 19 (ikompli)

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 20 Proġett pilota — L-arti u t-teknoloġija diġitali: Il-ħelsien tal-kreattività diġitali għall-industrija, ir-reġjuni u s-soċjetà Ewropej

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

## Kummenti

Il-kapaċità tal-Ewropa li tikkompeti fis-suq globali se tiddependi mill-kapaċità tagħha li ssarraf l-għarfien xjentifiku u teknoloġiku fi prodotti u servizzi innovattivi; barra minn hekk, l-attrazzjoni tal-Ewropa se tiddependi ħafna minn kif ir-reġjuni tagħha jistgħu jikkonċepixxu ambjent għaċ-ċittadini tagħha li jispira, iqanqal u jkun orjentat lejn il-futur. It-trasformazzjoni tas-soċjetà permezz tat-teknoloġiji diġitali qed toħloq opportunitajiet għall-Ewropa li jistgħu jiġu sfruttati totalment permezz ta' sforz konġunt bejn l-arti u t-teknoloġija. Fid-dinja diġitali, l-Ewropa tista' tirrivendika r-rwol ta' tmexxija fir-rigward tal-istil ta' ħajja u f'dawk l-elementi tar-rivoluzzjoni diġitali li l-aktar jiddependu mill-kreattività, jiġifieri, fil-biċċa l-kbira, il-'kontenut'.

Sħubija impenjata bejn l-arti u t-teknoloġija tista' tagħmel din ir-rivendikazzjoni realtà f'oqsma differenti bħall-inklużjoni soċjali, il-midja diġitali ġdida (augmented reality, midja ġdida bħal dik soċjali, eċċ.), l-iżvilupp urban (il-bliet intelliġenti, l-internet tal-Oġġetti, eċċ) jew il-futur tal-mobilità. Kollaborazzjoni msaħħa bejn l-arti u t-teknoloġija mhux biss tqanqal l-innovazzjoni, u b'hekk issaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, imma anke tgħin biex tiġi rilaxxata l-kreattività fis-soċjetà u r-reġjuni Ewropej. Il-konklużjonijiet tal-Presidenza Latvjana tal-2015 dwar "tranżizzjonijiet mill-kultura għan-negozju", għaldaqstant stiednu lill-istituzzjonijiet Ewropej jikkunsidraw isaħħu l-kollaborazzjoni bejn l-arti u t-teknoloġija għal esplorazzjoni olistika tal-opportunitajiet li tegħleb l-konfini tradizzjonali bejn is-setturi u d-dixxiplini jew il-qasma bejn il-kultura u l-inġinerija.

Il-Kummissjoni - DĠ Connect - irreaġixxiet billi nediet il-programm STARTS - innovazzjoni fil-punt ta' konnessjoni bejn ix-xjenza, it-teknoloġija u l-arti. Dan huwa pass estremament rilevanti li huwa ffokkat fuq il-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-industrija, bl-arti bħala katalist għal ħsieb mhux konvenzjonali u ta' esplorazzjoni. Il-Kummissjoni qed trawwem l-innovazzjoni bbażata fuq tali kollaborazzjoni billi tintroduċi proġetti emblematiċi li se jippromwovu r-rwol kruċjali tal-arti biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-kuntest tas-suq uniku diġitali.

Dan il-proġett pilota se jesplora kif inhu l-aħjar li l-programm jiġi ġeneralizzat u kif l-ideat STARTS jiġu estiżi minn ambjent purament industrijali għal, pereżempju, oqsma ta' żvilupp reġjonali u urban fejn anke t-teknoloġija diġitali tiżvolġi rwol prominenti. Se jiżviluppa qafas orizzontali koerenti għal ħsieb "teknoloġija-arti" fl-Ewropa bejn is-setturi u d-dixxiplini, kif ukoll bejn l-attivitajiet rilevanti tal-istituzzjonijiet Ewropej (inklużi programmi qafas, il-fondi strutturali, il-programmi edukattivi eċċ.).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

## KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 77 (ikompli)

09 04 77 20 (ikompli)

Dan il-proġett pilota se joħloq network tal-atturi ewlenin mid-dinja tal-arti (istituzzjonijiet tal-arti u artisti li jużaw it-teknoloġija), il-midja diġitali li tiddependi mill-arti għall-kontenut medjatiku, l-industrija li tqis l-arti bħala mezz biex jiġu esplorati l-applikazzjonijiet possibbli, u r-reġjuni u l-bliet li jkunu lesti joħolqu infrastruttura biex jospitaw il-kollaborazzjoni bejn artisti u teknoloġisti bħala żerriegħa għall-iżvilupp urban. Se jappoġġa l-esplorazzjonijiet artistiċi tat-teknoloġija, pereżempju billi jappoġġa teknoloġiji għall-prestazzjonijiet u l-installazzjonijiet, u se jstimola l-aktar modi promettenti permezz ta' ideat ta' finanzjament inizjali għal kollaborazzjoni artistika teknoloġika. Huwa se jrawwem b'mod partikolari mekkaniżmi prattiċi li jgħinu biex ideat emerġenti minn tali esplorazzjonijiet kollaborattivi jissarrfu f'assi tanġibbli għas-soċjetà u l-industrija Ewropea.

*Bażi ġuridika*

Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	2 000 000	1 500 000	1 000 000	1 000 000,—	0,—

## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA (ikompli)

13 03 77 (ikompli)

13 03 77 18 (ikompli)

## Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja se tipprovdi assistenza anke lir-reġjuni li għadhom sostanzjalment lura, fl-isforzi biex issaħħu t-“trij lejn l-eċċellenza” tagħhom, u se tipproduċi lezzjonijiet għall-futur. Din l-azzjoni preparatorja introdotta fil-baġit tal-2016 hija organizzata fuq żewġ direzzjonijiet ewlenin: (1) azzjoni aktar dettaljata dwar punti speċifiċi ta' konġestjoni fil-livell nazzjonali; (2) sostenn aktar sod biex jissolvew il-maġġor parti tad-dgħufijiet rikorrenti għall-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet politiċi korrispondenti; Miżuri speċifiċi taħt din l-azzjoni preparatorja huma t-twaqqif ta' proċess ta' rieżami abbażi ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti li jkun hemm qbil dwarhom mill-partijiet interessati kollha, kif ukoll il-forniment ta' evidenza u esperjenza għal-leġiżlaturi relatati mal-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 tal-Fondi ESI 2014 - 2020, speċjalment fir-rigward tal-ispiża R&Ż. L-għan huwa wkoll li jiġu identifikati x-xejriet pożittivi/negattivi attwali fir-rigward parteċipazzjoni f'konsorzji transfruntiera.

## Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' thejjiija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 19 Azzjoni preparatorja — Appoġġ għat-tkabbir u l-governanza f'reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	2 000 000	1 000 000	1 000 000	1 000 000,—	500 000,—

## Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja tibni fuq l-eżiti pożittivi ta' inizjattiva preċedenti tal-Parlament Ewropew dwar l-irfinar u l-implimentazzjoni ta' strateġija RIS3 fir-reġjun Grieg tal-Maċedonja tal-Lvant u t-Traċja (REMTh), fejn ġiet esperimentata t-teorija tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti. L-azzjoni tipprovdi appoġġ xieraq u speċifiku għal attivitajiet f'reġjuni speċifiċi li għadhom lura, flimkien ma' approċċ iktar orizzontali għall-kwistjonijiet fundamentali fir-rigward tat-tkabbir u l-governanza ta' dawk ir-reġjuni. Din l-azzjoni preparatorja hija mmirata lejn żewġ tipi ta' reġjuni li għadhom lura: reġjuni bi tkabbir baxx (reġjuni fl-Istati Membri li kellhom PDG per capita f'PPS taħt il-medja tal-Unjoni fl-2012 u li ma kkonverġewx għal mal-medja tal-Unjoni bejn l-2002 u l-2012 - reġjuni fil-Greċja, l-Italja, Spanja u l-Portugall) u reġjuni sottożviluppati (reġjuni b'PDG per capita f'PPS taħt il-50 % tal-medja tal-Unjoni fl-2011 - diversi reġjuni fil-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija). Din l-azzjoni preparatorja introdotta fil-baġit tal-2016 tfittex li tappoġġa tmien reġjuni: erba' reġjuni bi tkabbir baxx u erba' reġjuni sottożviluppati, billi tiffoka fuq il-governanza, il-kooperazzjoni transnazzjonali u l-irfinar tal-mudell RIS3. L-attivitajiet speċifiċi taħt din l-azzjoni preparatorja jirrikjedu avvenimenti sussegwenti fuq il-post f'kull reġjun, li jkunu jinkludu avvenimenti għall-partijiet ikkonċernati u evalwazzjonijiet bejn pari, li jipprovdu appoġġ għall-aspetti kritiċi biex l-RIS3 tiġi implimentata f'kull reġjun, kif ukoll biex jibda jkun hemm attivitajiet trażversali bħal appoġġ ibbażat fuq l-evidenza għall-iżvilupp tal-politika u l-iżvilupp ulterjuri ta' appoġġ prattiku għal reġjuni madwar l-Unjoni li l-iżvilupp tagħhom ikun għadu lura.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA (ikompli)

13 03 77 (ikompli)

13 03 77 19 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 20 Azzjoni preparatorju — Il-vantaġġi ekonomiċi u kompetittivi u l-potenzjal għal speċjalizzazzjoni intelliġenti fil-livell reġjonali fir-Rumanija

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 000 000	p.m.	1 000 000	2 000 000,—	1 000 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-azzjoni preparatorja se tfittex li tiżgura approċċ koerenti, koordinat u sostenibbli, biex tiżgura, tiżviluppa u ssaħħaħ involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha (in-negozji, l-akkademja, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u s-soċjetà ċivili) u biex toħloq rabta bejn ir-riċerka reġjonali u strateġija/strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti ta' innovazzjoni (RIS3) u l-RIS3 nazzjonali eżistenti, fid-dawl tad-diffikultajiet ta-sistema ta' innovazzjoni Rumena. L-azzjoni se tkopri dawk ir-reġjuni fejn ma tfasslet jew nbdiel l-ebda RIS3 u dawk li l-RIS3 tagħhom teħtieġ li tiġi mtejba. L-azzjoni preparatorja se tfittex ukoll li tidentifika, tivvaluta, u tappoġġa l-isfruttament tal-potenzjal industrijali f'reġjun magħżul, u li tesplora l-potenzjal tal-innovazzjoni tiegħu u l-kamp ta' applikazzjoni tal-espansjoni tiegħu. Se timmira b'mod ċar għall-identifikazzjoni tal-vantaġġi kompetittivi industrijali u l-potenzjal għal speċjalizzazzjoni fil-livell reġjonali abbażi ta' proċess ta' skoperta intraprenditorjali, filwaqt li tistabbilixxi struttura ta' governanza u qafas għall-kollaborazzjoni kontinwa bejn in-negozji u r-riċerkaturi, u appoġġ għat-tħejjija tad-dokumenti ta' politika rilevanti. Hija tista' tesplora wkoll kif jistgħu jiġu msaħħa l-kooperazzjoni u l-koordinament fil-livelli kollha (inkluż bejn ministeri nazzjonali).

Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dwar kif l-aħjar tidderieġi l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni lejn l-implimentazzjoni tal-RIS3 nazzjonali u reġjonali u għalhekk tappoġġa l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programmi operattivi. Se tuża l-mekkaniżmi eżistenti bħall-pjattaforma f'Sevilja. L-azzjoni preparatorja tista' twassal għal aġġustamenti għad-dokumenti tal-ipprogrammar finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJET REĠJONALI OĦRA (ikompli)

## 13 03 77 (ikompli)

13 03 77 21 Proġett pilota — Strateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku (EUSAIR): il-ġenerazzjoni u t-tnejn ta' inizjattivi u proġetti b'valur miżjud ġenwin għar-reġjun kollu kemm hu

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 300 000	1 300 000	1 300 000	650 000		

## Kummenti

Dan il-proġett pilota se jorganizza u jiżviluppa:

- il-governanza effikaċi f'diversi livelli sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku (EUSAIR);
- il-bini tal-kapaċità fost l-implimentaturi ewlenin tal-EUSAIR bħala prerekwiżit għal implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EUSAIR;
- il-ġenerazzjoni u t-tnejn u l-implimentazzjoni reali ta' inizjattivi u proġetti b'valur makroreġjonali ġenwin;
- Inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, avvenimenti kulturali, programmi ta' taħriġ u/jew seminars għaċ-ċittadini u speċjalment għaż-żgħażaġħ fir-reġjun, bil-għan li tinħoloq s-jedja fir-rigward tal-EUSAIR, li tiġi enfasizzata l-identità reġjonali kondiviża u li jiġu promossi s-sħubija u n-netwerking fir-reġjun kollu. Dawn il-programmi għandhom jenfasizzaw l-edukazzjoni ċivika, l-intraprenditorija transnazzjonali, l-opportunitajiet għal avvenimenti kulturali u r-relazzjonijiet tajbin tal-viċinat, u jgħinu jippromwovu l-integrazzjoni effikaċi tal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali għas-sħubija mal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 22 Azzjoni preparatorja — Strateġija makroreġjonali 2014-2020: Strateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Alpi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	2 000 000	2 000 000	1 000 000		

## Kummenti

L-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Alpi tkopri seba' pajjiżi: l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, is-Slovenja, il-Liechtenstein, u l-Iżvizzera.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA (ikompli)

13 03 77 (ikompli)

13 03 77 22 (ikompli)

L-għan ġenerali huwa l-promozzjoni tal-ġid ekonomiku u soċjali sostenibbli fir-reġjun Alpin permezz tat-tkabbir u tal-ħolqien tal-impjegi, billi jitjiebu l-attraenza, il-kompetittività u l-konnettività tiegħu, filwaqt li fl-istess ħin ikun ikkonservat l-ambjent u tkun żgurata ekosistema sana u bbilanċjata billi jonqos l-iżbilanċ ekonomiku u soċjali bejn id-diversi żoni tal-makroreġjun minħabba l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni muntanjużi. Fir-Reġjun Alpin hemm l-akbar katina ta' muntanji tal-Ewropa, b'densità demografika baxxa, vulnerabilità għolja għat-tibdil fil-klima u għat-telf tal-bijodiversità, grad għoli ta' staġjonalità, speċjalment f'ċerti nħawi turistiċi u popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu. L-infrastrutturi tat-trasport u tal-enerġija huma wkoll fattur kritiku minħabba l-impatt tagħhom fuq il-pajsaġġ.

Matul it-tieni fażi, l-azzjoni preparatorja se:

- Tidentifika, tanalizza u trawwem il-prattiki innovattivi aħjar kollha kif ukoll in-netwerks eżistenti għal soluzzjonijiet ekoloġiċi fir-reġjun Alpin u fiż-żoni pre-Alpini, b'hekk ikunu faċilitati t-trasferiment tal-għarfien u l-iskambju ta' informazzjoni f'ekonomija ċirkolari, b'attenzjoni partikolari fis-setturi strateġiċi bħat-turiżmu u l-agrikoltura;
- trawwem integrazzjoni b'attenzjoni partikolari fuq ir-rwol taż-żgħażaġh billi tidentifika soluzzjoni għall-ħolqien tal-impjegi, bħal integrazzjoni aħjar bejn l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali u l-impriżi;
- tidentifika azzjonijiet għall-forniment ta' servizzi elettroniċi li jistgħu jkunu ta' ġid għat-ftaqsimiet l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni Alpina, bħaż-żgħażaġh u l-anzjani;
- tidentifika azzjonijiet pilota għat-trasport sostenibbli fil-livell lokali.

## Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 23 Azzjoni preparatorja — Aġenda urbana għall-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 250 000	2 500 000	1 250 000		

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Skont l-aġenda urbana għall-UE, numru ta' gruppi ta' ħidma (msejħa "Partenarjati") se jitwaqqfu biex jidentifikaw soluzzjonijiet innovattivi għall-problemi li jaffaċċjaw l-ibliet u għall-potenzjal li jistgħu jisfruttaw. Dawn is-soluzzjonijiet innovattivi se jikkonċernaw il-kwistjonijiet urbani ewlenin: il-mobilità urbana, il-kwalità tal-arja, l-akkomodazzjoni li wieħed ikun jista' jaffordja, il-faqar urban, eċċ... L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-ibliet f'dan l-approċċ innovattiv u tesperimenta b'mezz ġdid li bih l-ibliet ikunu involuti fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politiki.

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** (ikompli)**13 03 77** (ikompli)

13 03 77 23 (ikompli)

Din l-azzjoni preparatorja se tkun partikolarment importanti sabiex jingħata input għat-tfassil (mill-ġdid) ta' politiki varji tal-UE, inkluż il-Politika ta' Koeżjoni. Fil-fatt il-Partenarjati kollha se jkollhom jidentifikaw kif jagħmlu użu aħjar mill-fondi u l-għarfien (bażi u l-iskambju) biex tiġi appoġġjata l-ħidma fl-ibliet u mill-ibliet, b'hekk jiġi pprovdut input utli għal dawk li jfasslu l-politika.

L-iskop tal-azzjoni preparatorja se jkun l-appoġġ għall-ħidma tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-ibliet biex joħorġu b'dawn is-soluzzjonijiet innovattivi. B'mod konkret, din se tiffoka fuq l-attivitajiet li ġejjin:

- Għoti ta' għarfien espert u appoġġ amministrattiv għall-Partenarjati billi:
  - jiġu appoġġjati l-koordinaturi fl-immaniġġjar tal-ħidma tagħhom (organizzazzjoni ta' laqgħat, rappurtar, monitoraġġ, eċċ),
  - jiġu pprovduti esperti/għarfien espert speċifiċi
- Preparazzjoni u organizzazzjoni ta' laqgħat u workshops biex:
  - jikkomunikaw favur udjenza usa' dwar il-kwistjonijiet urbani differenti li jaħdmu fuqhom il-partenarjati (inkluża l-konsultazzjoni dwar il-Pjanijiet ta' Azzjoni),
  - jaħdmu fuq sinerġiji bejn il-Partenarjati dwar kwistjonijiet urbani differenti (bħall-faqar urban u l-akkomodazzjoni),
  - jakkwistaw għarfien speċifiku mill-esperti waqt laqgħat tal-esperti jew laqgħat tas-sottogruppi dwar kwistjonijiet speċifiċi organizzati fil-Partenarjati (per eżempju dwar migranti mhux dokumentati),
  - jimplimentaw approċċ ta' governanza reali fuq ħafna livelli bejn il-partijiet interessati;
- Monitoraġġ u rappurtar dwar il-progress tal-ħidma;
- Għoti ta' ħarsa ġenerali lejn il-proposti konkreti (Pjan ta' Azzjoni) għal bidliet fl-oqsma differenti ta' politika tal-UE (b'rakkomandazzjonijiet favur regolamentazzjoni aħjar, ifffinanzjar aħjar u għarfien aħjar) li jkunu r-riżultat tal-Partenarjati;
- Żvilupp u ttestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi tal-involviment tal-ibliet fit-tfassil tal-politika u l-ilħuq tal-miri tal-UE;
- Żvilupp ta' one-stop shop urban — punt ta' informazzjoni uniku dwar id-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE;

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA (ikompli)

## 13 03 77 (ikompli)

13 03 77 24 Proġett pilota — Inkejlu x'għodd għaċ-ċittadini tal-UE: il-progress soċjali fir-reġjuni Ewropej

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
900 000	450 000				

## Kummenti

L-Indiċi tal-Progress Soċjali Reġjonali (RSPI) tal-UE jirrappreżenta l-ewwel qafas komprensiv biex jitkejjel il-progress soċjali li huwa indipendenti mill-indikaturi ekonomiċi tradizzjonali. Flimkien ma' indikaturi ekonomiċi bħala punt ta' riferiment komplementari għall-prestazzjoni, l-RSPI jipprovdi fondazzjoni sistematika u empirika li tista' tinforma lill-politiki pubbliċi u tqarreb lill-Unjoni lejn iċ-ċittadini tagħha.

Dan il-proġett propost se juża l-RSPI tal-Unjoni f'ħames reġjuni mill-inqas, b'enfasi partikolari fuq reġjuni tal-Ewropa tan-Nofsinhar u l-Ewropa Ċentrali li għadhom lura. Il-proġett se jkun jikkonsisti f'bosta stadji: 1) taħriġ għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-reġjuni rispettivi dwar il-metodoloġija u l-użu tal-RSPI; 2) twettiq ta' analiżi approfondita tar-riżultati tal-RSPI tal-UE; 3) faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni magħżula biex jindirizzaw sfidi simili u l-imitazzjoni tal-aħjar prattiki.

Is-sejbiet u r-rapport mill-proġett jintużaw biex jittieħdu deċiżjonijiet informati dwar il-programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu wara l-2020 u dwar l-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali, bil-possibilità li jikber il-proġett biex jinkludi aktar reġjuni fil-futur.

## Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).



KUMMISSJONI  
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamen- ti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 04	FOND TA' KOEŻJONI (FK)								
13 04 01	Tlestija tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (ta' qabel l-2007)	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	20 928 046,09	93 075 436,33	
13 04 02	Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)	1,2	p.m.	750 000 000	p.m.	73 285 963	0,—	3 139 102 236,55	418,55
13 04 03	Tlestija ta' strumenti ta' kondivizzjoni tar-riskji ffinanzjati mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 04 60	Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	1,2	9 393 849 254	7 706 279 222	9 055 827 791	5 651 952 000	8 732 034 574,—	4 191 055 956,11	54,38
13 04 61	Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali								
13 04 61 01	Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali	1,2	24 307 786	22 300 000	24 307 786	22 300 000	20 972 122,16	22 754 789,01	102,04
13 04 61 02	Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operattiva immanijata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru	1,2	p.m.	1 814 380	p.m.	711 532	6 449 438,—	2 990 005,—	164,79
	Artikolu 13 04 61 — Subtotal		24 307 786	24 114 380	24 307 786	23 011 532	27 421 560,16	25 744 794,01	106,76
	<b>Kapitolu 13 04 — Total</b>		<b>9 418 157 040</b>	<b>8 480 393 602</b>	<b>9 080 135 577</b>	<b>5 748 249 495</b>	<b>8 780 384 180,25</b>	<b>7 448 978 423,—</b>	<b>87,84</b>

## Kummenti

L-Artikolu 177, it-tieni paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li għandu jiġi stabbilit Fond ta' Koeżjoni sabiex isostni proġetti fl-oqsma tal-ambjent u tan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport.

L-Artikolu H tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1164/94, l-Artikoli 100 u 102 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikoli 85, 144 u 145 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 dwar il-kriterji għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni jipprovdu għal regoli speċifiċi dwar korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

L-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju jipprovdi għal korrezzjonijiet finanzjarji fl-eventwalità ta' nefqa li tkun tikser id-dritt applikabbli. Kwalunkwe dħul mill-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa fuq dik il-bażi jiddaħħal fl-Artikolu 6 5 1, 6 5 2, 6 5 3 jew 6 5 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 177 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rimborż, in toto jew in parte, tal-pagamenti ta' prefinanzjament fir-rigward ta' operazzjoni partikolari.

L-Artikolu 82 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi għal regoli speċifiċi dwar ir-rimborż ta' prefinanzjament applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)**

Ammonti ta' prefinanzjament rimborżati għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jiddaħħlu fil-Partita 6 1 5 0 jew 6 1 5 7.

Operazzjonijiet kontra l-frodi jkunu ffinanzjati taħt l-Artikolu 24 02 01.

*Bażi ġuridika*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994, li jistabbilixxi l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikoli 82, 100 u 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 (3) u (4) u l-Artikoli 80 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013.

**13 04 01****Tlestija tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (ta' qabel l-2007)**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	20 928 046,09	93 075 436,33

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)****13 04 01** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni li għad iridu jitħallsu qabel is-sena 2000 u t-tlestija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 792/93 tat-30 ta' Marzu 1993 li jistabbilixxi strument finanzjarju ta' koeżjoni (ĠU L 79, 1.4.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

**13 04 02** *Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)**Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	750 000 000	p.m.	73 285 963	0,—	3 139 102 236,55

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għadhom ma tħallsux għall-Fond ta' Koeżjoni mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mill-miżuri ta' tħejija, monitoraġġ, sostenn amministrattiv u tekniku, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif ipprovdut fl-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri:

- in-nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentanza, taħriġ, laqgħat),
- in-nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,
- in-nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni,
- il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi u studji,
- l-għotjiet.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

## 13 04 02 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu għal miżuri approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79).

*Atti ta' referenza*

Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174 u 177 tiegħu.

13 04 03 **Tlestija ta' strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjati mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-istrumenti tal-kondiviżjoni tar-riskji mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni għall-Istati Membri li qegħdin iġarrbu diffikultajiet serji jew jinsabu mhedda fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom.

Riflussi u ammonti li jifdal wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta bi strument tal-kondiviżjoni tar-riskji jistgħu jerġgħu jintużaw fl-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskji jekk l-Istat Membru jkun għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għadu jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, ir-riflussi u l-ammonti li jifdal jiġu kkunsidrati bħala dħul assenjat.

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)****13 04 03** (ikompli)

Kull dħul assenjat li ġej mir-rimborż ta' riflussi u ammonti li jifdal imdaħħal fil-Partita 6 1 4 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul għandu jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Wara talba tal-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali ġġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdedu s-sena ta' wara mal-allokkazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikolu 36a tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 423/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom (ĠU L 133, 23.5.2012, p. 1).

**13 04 60** **Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
9 393 849 254	7 706 279 222	9 055 827 791	5 651 952 000	8 732 034 574,—	4 191 055 956,11

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-Fond ta' Koeżjoni taħt l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjiegi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-Fond ta' Koeżjoni se jkompli jsofni Stati Membri b'Introjtju Nazzjonali Gross (ING) per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Din l-approprjazzjoni, waqt li tiżgura bilanċ xieraq u li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-investiment u l-infrastruttura speċifiċi għal kull Stat Membru, hija maħsuba biex issostni:

- investimenti fl-ambjent, inklużi oqsma marbuta mal-iżvilupp u l-enerġija sostenibbli li jippreżentaw benefiċċji ambjentali,
- netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport, b'konformità mal-linji gwida adottati bir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

## 13 04 60 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

13 04 61 **Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali**

## 13 04 61 01 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
24 307 786	22 300 000	24 307 786	22 300 000	20 972 122,16	22 754 789,01

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-miżuri ta' tħejjija, tal-monitoraġġ, tal-assistenza teknika, tal-evalwazzjoni, tal-awditjar u tal-kontroll, kif ukoll il-programm tal-Komunikazzjoni Korporattiva, meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif previst fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

## 13 04 61 02 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 814 380	p.m.	711 532	6 449 438,—	2 990 005,—

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)****13 04 61** (ikompli)

13 04 61 02 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri parti mill-pakkett nazżjonali għall-assistenza teknika trasferita lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li qiegħed jiffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, hija maħsuba biex tkopri miżuri biex riformi strutturali u amministrattivi jġu identifikati, ipprijoritizzati u implimentati b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dak l-Istat Membru.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu 2017 sa 2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1);"

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 05	STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI								
<b>13 05 01</b>	<b>Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (2000 sa 2006)</b>								
13 05 01 01	Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (mill-2000 sal-2006)	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 509 369,74	
13 05 01 02	Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni — Għeluq ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni, b'rabta ma' tmien pajjiżi applikanti	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 13 05 01 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 509 369,74	
<b>13 05 02</b>	<b>Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent żvilupp reġjonali (2007 sa 2013)</b>	4	p.m.	14 062 935	p.m.	162 784 410	0,—	372 788 757,28	2 650,86
<b>13 05 03</b>	<b>Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent kooperazzjoni transfruntiera (KTF) (2007 sa 2013)</b>								
13 05 03 01	Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) — Kontribuzzjoni mis-Subintestatura 1b	1,2	p.m.	1 677 862	p.m.	5 565 882	0,—	51 207 091,30	3 051,93
13 05 03 02	Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) u parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali tal-Fondi Strutturali — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4	4	p.m.	1 925 080	p.m.	6 569 630	0,—	40 751 822,18	2 116,89
	Artikolu 13 05 03 — Subtotal		p.m.	3 602 942	p.m.	12 135 512	0,—	91 958 913,48	2 552,33



KUMMISSJONI  
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANAKAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI  
REĠJONALI U TERRITORJALI (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>13 05 60</b>	<b>Sostenn għall-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo <sup>(1)</sup>, il-Montenegro, is-Serbja u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja</b>								
13 05 60 01	L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 05 60 02	L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 13 05 60 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>13 05 61</b>	<b>Sostenn lill-Iżlanda</b>								
13 05 61 01	L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 05 61 02	L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 13 05 61 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>13 05 62</b>	<b>Sostenn lit-Turkija</b>								
13 05 62 01	L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 05 62 02	L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 13 05 62 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>13 05 63</b>	<b>Integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali</b>								
13 05 63 01	Kooperazzjoni trans-fruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b	1,2	46 426 947	31 320 532	57 530 284	10 243 463	23 561 476,—	23 561 476,—	75,23

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>13 05 63</b>	(ikompli)								
13 05 63 02	Kooperazzjoni trans-fruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4	4	46 426 947	31 320 532	57 530 284	10 243 463	23 561 476,—	23 561 476,—	75,23
	Artikolu 13 05 63 — Subtotal		92 853 894	62 641 064	115 060 568	20 486 926	47 122 952,—	47 122 952,—	75,23
	<b>Kapitolu 13 05 — Total</b>		<b>92 853 894</b>	<b>80 306 941</b>	<b>115 060 568</b>	<b>195 406 848</b>	<b>47 122 952,—</b>	<b>513 379 992,50</b>	<b>639,27</b>

(<sup>1</sup>) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244(1999) u l-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.

13 05 01 **Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (2000 sa 2006)**

## Kummenti

L-għajjuna mogħtija bl-istrument għall-Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) kienet maħsuba biex tgħin lill-pajjiżi kandidati tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fl-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni. L-ISPA intuża biex jgħin lill-pajjiżi benefiċjarji biex ikunu konformi mal-*acquis* tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent u t-trasport.

13 05 01 01 **Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (mill-2000 sal-2006)**

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 509 369,74

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinazzjoni tal-għajjuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 68).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jstabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2257/2004 tal-20 ta' Diċembru 2004 li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3906/1989, (KE) Nru 1267/1999, (KE) Nru 1268/1999 u (KE) Nru 2666/2000, sabiex jittieħed kont tal-istatus ta' kandidatura tal-Kroazja ( ĠU L 389, 30.12.2004, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANAKAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI  
REĠJONALI U TERRITORJALI (ikompli)

## 13 05 01 (ikompli)

13 05 01 02 Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni — Għeluq ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni, b'rabta ma' tmien pajjiżi applikanti

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinazzjoni tal-għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas tal-istrategġija ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 68).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73).

13 05 02 **Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent żvilupp reġjonali (2007 sa 2013)**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	14 062 935	p.m.	162 784 410	0,—	372 788 757,28

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Skont l-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI (ikompli)

## 13 05 02 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

13 05 03 **Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent kooperazzjoni transfruntiera (KTF) (2007 sa 2013)**

## 13 05 03 01 Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) — Kontribuzzjoni mis-Subintestatura 1b

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 677 862	p.m.	5 565 882	0,—	51 207 091,30

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mill-kontribuzzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 għall-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza teknika pprovduta barra mill-Kummissjoni li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni fl-Istati Membri.

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

KUMMISSJONI  
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANAKAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI  
REĠJONALI U TERRITORJALI (ikompli)

## 13 05 03 (ikompli)

13 05 03 02 Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) u parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali tal-Fondi Strutturali — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 925 080	p.m.	6 569 630	0,—	40 751 822,18

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

13 05 60 **Sostenn għall-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo<sup>(1)</sup>, il-Montenegro, is-Serbja u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**13 05 60 01 L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

<sup>(1)</sup> Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244(1999) u l-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI (ikompli)

13 05 60 (ikompli)

13 05 60 01 (ikompli)

## Kummenti

Taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-appropriazzjoni se tindirizza l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin fil-Balkani tal-Punent:

- is-sostenn għar-riformi politiċi,
- it-tiżhij tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tar-riformi politiċi billi jappoġġaw l-allinjament progressiv mal-*acquis* tal-Unjoni u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu.

Parti minn din l-appropriazzjoni se tintuża għall-miżuri li jhinu lill-pajjiżi benefiċjarji jissodisfaw ir-rekwiżiti li jinħolqu minn ivvjaġġar mingħajr visa lejn u mill-pajjiżi Schengen, jew, fil-każ tal-Kosovo, miżuri biex iħaffu l-proċess tal-liberalizzazzjoni tal-visa.

Parti minn din l-appropriazzjoni tintuża għal miżuri bil-ħsieb ta' rikonċiljazzjoni bejn il-pajjiżi, il-popli u l-gruppi etniċi fil-Balkani tal-Punent kollu, u għal sforzi ta' appoġġ biex tiġi promossa ħarsa imparzjali dwar avvenimenti storiċi u politiċi.

- li tiġi sostnuta l-edukazzjoni pubblika ta' kwalità għolja mingħajr pagament ftali mod li tiggarantixxi li l-ebda student ma jiġi rifjutat l-aċċess għall-edukazzjoni jew jiġi mġiegħel jieqaf minn xi livell ta' edukazzjoni għal raġunijiet ekonomiċi, b'attenzjoni partikolari lill-ewwel snin tal-iskola, bil-ħsieb ta' prevenzjoni kontra t-tluq kmieni mill-iskola u biex jiġi żgurat li tfal li ġejjin mit-taqsimiet l-aktar żvantaġġati tas-soċjetà jkunu jistgħu jiġu integrati kompletament.



**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)****15 02 01** (ikompli)

15 02 01 01 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffurma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi taż-żona Ewropea tal-viċinat f'konformità mal-proċeduri definiti ma' dawk il-pajjiżi f'konformità mal-Ftehimiet qafas previsti għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull rimborż mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborż tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Din l-appropriazzjonijiet għandha tintuża anki għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi fl-ambitu ta' Erasmus+ biex titkompla l-ħidma fuq l-integrazzjoni tar-rifuġjati u tikkontribwixxi għal strateġija adegwata fil-livell tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

## 15 02 01 (ikompli)

15 02 01 02 Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew taż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja tad-demokrazija Ewropea

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
212 672 916	175 000 000	227 900 000	198 855 087	210 481 931,19	215 102 371,89

## Kummenti

F'konformità mal-oġġettiv ġenerali, din l-appropriazzjoni hija maħsuba li ssegwi l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin fil-qasam taż-żgħażaġh:

- li jittejjeb il-livell tal-kompetenzi u l-ħiliet ewlenin taż-żgħażaġh, inkluż dawk li għandhom inqas opportunitajiet, kif ukoll il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika fl-Ewropa u fis-suq tax-xogħol, iċ-ċittadinanza attiva, id-djalogu interkulturali, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà, b'mod partikolari permezz ta' żieda fl-opportunitajiet ta' mobilità tat-tagħlim għaż-żgħażaġh, dawk attivi fil-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh jew f'organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u mexxejja taż-żgħażaġh, u permezz ta' rabtiet imsaħħa bejn il-qasam taż-żgħażaġh u s-suq tax-xogħol,
- li jitrawwem it-titjib fil-kwalità fil-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh, partikolarment permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-organizzazzjonijiet fil-qasam taż-żgħażaġh u/jew partijiet interessati oħra,
- li jiġu kkumplimentati riformi ta' politika fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, u li jiġu sostnuti l-iżvilupp ta' politika taż-żgħażaġh imsejja fuq l-għarfien u l-evidenza kif ukoll ir-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u informali, partikolarment permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fil-kooperazzjoni politika, użu aħjar tal-għodda tat-trasparenza u ta' rikonoxximent tal-Unjoni u t-tixrid ta' prattiki tajbin,
- li jittejjbu d-dimensjoni internazzjonali ta' attivitajiet fil-qasam taż-żgħażaġh u r-rwol tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh bħala strutturi ta' sostenn għaż-żgħażaġh b'komplimentarjetà mal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-mobilità u kooperazzjoni bejn partijiet interessati tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, u permezz ta' ħidma mmirata għall-bini tal-kapaċitajiet f'pajjiżi terzi.

Din l-appropriazzjoni għandha tintuża anke għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi fl-ambitu ta' Erasmus+ programm biex titkompla l-ħidma fuq l-integrazzjoni tar-rifuġjati u jingħata kontribut għal strateġija adegwata fil-livell tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-punt. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti huma derivati mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat bi qbil mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok biex jiġu previsti appropriazzjonijiet korrispondenti u jiġu implimentati skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)****15 02 01** (ikompli)

## 15 02 01 02 (ikompli)

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri valutazzjoni ta' kif il-proġett "Narrativa Ġdida għall-Ewropa" jista' jiġi inkorporat fit-taqsimha "Żgħażaġħ" tal-programm Erasmus+. Din in-"Narrativa Ġdida" kienet suċċess, l-ewwel bħala proġett pilota u mbagħad bħala azzjoni preparatorja, biex jitħeġġeġ id-dibattitu maż-żgħażaġh fil-livell lokali u jinġabru ideat ġodda dwar l-isfidi attwali tal-Unjoni, id-direzzjoni li għandha tittieħed u l-futur tal-proġett Ewropew. Il-valutazzjoni għandha tqis liema hu l-aħjar mod kif l-għanijiet ewlenin ta' din in-"Narrativa Ġdida" jiġu inkorporati fil-programm innifsu.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi taż-żona Ewropea tal-viċinat f'konformità mal-proċeduri definiti ma' dawk il-pajjiżi f'konformità mal-Ftehimiet qafas previsti għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

**15 02 02** **Promozzjoni tal-eċċellenza fl-attivitajiet tat-tagħlim u r-riċerka fl-integrazzjoni Ewropea permezz tal-Attivitajiet Jean Monnet madwar id-dinja***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
42 000 000	40 734 000	37 505 000	33 741 803	41 211 856,50	38 116 512,30

*Kummenti*

F'konformità mal-oġġettivi ġenerali, din l-appropriazzjoni hija maħsuba li ssegwi l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin tal-Attivitajiet Jean Monnet:

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

## 15 02 02 (ikompli)

- li tippromwovi t-tagħlim u r-riċerka dwar l-integrazzjoni Ewropea dinjija fost l-akkademiċi speċjalizzati, dawk li qed jitgħallmu u ċ-ċittadini, notevolment permezz tal-ħolqien tal-Katedri Jean Monnet u attivitajiet akkademiċi oħra, kif ukoll billi tiġi pprovduta għajnuna għal attivitajiet oħra ta' bini tal-għarfien f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja,
- li tagħti sostenn lill-attivitajiet ta' istituzzjonijiet jew assoċjazzjonijiet akkademiċi attivi fil-qasam tal-istudji ta' integrazzjoni tal-Ewropa u li tagħti sostenn lit-tikketta ta' Jean Monnet għall-eċċellenza,
- li tagħti sostenn lill-attivitajiet ta' istituzzjonijiet jew assoċjazzjonijiet akkademiċi attivi fil-qasam tal-istudji tal-integrazzjoni Ewropea,
- li tagħti sostenn lill-istituzzjonijiet akkademiċi Ewropej li jsegwu għan ta' interess Ewropew,
- li tippromwovi dibattitu dwar il-politiki u skambji bejn id-dinja akkademika u dawk li jfasslu l-politika dwar prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi taż-żona Ewropea tal-viċinat f'konformità mal-proċeduri definiti ma' dawk il-pajjiżi f'konformità mal-Ftehimiet qafas previsti għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, zgħażaġh u sport u li jħassar id-deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 03 **Żvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
43 000 000	35 000 000	36 000 000	31 169 036	33 272 441,66	24 495 758,45

*Kummenti*

F'konformità mal-oġġettiv ġenerali, din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri s-sostenn għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fl-oqsma li jikkorrispondu għall-oġġettivi (Artikolu 11) u l-attivitajiet (Artikolu 12) speċifiċi tal-Kapitolu.

Il-Kapitolu tal-Isport tal-programm “Erasmus+” ifittex l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin fil-qasam tal-isport:

- li jindirizza t-tneħħidiet transnazzjonali bħad-doping, ix-xiri tal-logħob, il-vjolenza, ir-razziżmu u l-intolleranza,
- li jagħti sostenn lill-governanza tajba fl-isport u l-karrieri doppji tal-atleti,
- li jipromwovi l-attivitajiet volontarji fl-isport, l-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u l-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni fl-isport.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jagħqu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi taż-żona Ewropea tal-veċinat f'konformità mal-proċeduri definiti ma' dawk il-pajjiżi f'konformità mal-Ftehimiet qafas previsti għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għal forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)****15 02 03** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, zghażaġh u sport u li jħassar id-deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

**15 02 10** *Avvenimenti Annwali Speċjali**Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	6 000 000	6 000 000		

*Kummenti*

L-ammont ta' EUR 6 000 000 ġie allokat għall-kofinanzjament tal-Olimpijadi Speċjali Ewropej tax-Xitwa fi Graz/Schladming, l-Awstrija (bejn l-14 u l-25 ta' Marzu 2017). Dan il-finanzjament ippermetta wkoll lill-atleti parteċipanti mit-28 Stat Membru biex jitħarrġu, jippreparaw u jattendu għal-Logħob fl-Awstrija.

3 000 atleta u d-delegazzjonijiet tagħhom minn 110 pajjiż differenti ipparteċipaw f'dan l-avveniment u ikkompetew fi tmien dixxiplini sportivi fuq tmint ijiem. Iktar minn 3 000 voluntier għenu biex dan l-avveniment multi-sportiv kien wieħed uniku. Flimkien mal-Programm tal-Ispirts, ġew stabbiliti programmi oħra Xjentifiċi, Edukattivi, Kulturali u għall-Familja. Ġie organizzat programm tal-belt ospitanti u ħafna Avvenimenti Speċjali qabel, matul u wara l-Logħob, biex jinħoloq sens qawwi ta' inklużjoni u aċċettazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet intellettuali fl-Awstrija u madwar l-Istati Membri.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**15 02 51** *Linja għat-tlestija għal taħlim tul il-ħajja, inkluż il-multilingwiżmu**Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	6 050 944	0,—	29 918 049,29

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)****15 02 51 (ikompli)**

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 1999/382/KE tal-Kunsill tas-26 ta' April 1999 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni ta' taħriġ professjonali 'Leonardo da Vinci' tal-Komunità (ĠU L 146, 11.6.1999, p. 33).

Id-Deċiżjoni Nru 253/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-edukazzjoni "Socrates" (ĠU L 28, 3.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 2317/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi programm għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' fehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (Erasmus Mundus) (2004 sa 2008) (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass) (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/910/KE tal-4 ta' Diċembru 2006 rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (ĠU L 346, 4.12. 2006, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/964/KE tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-edukazzjoni superjuri, tat-taħriġ u taż-żgħażaġh (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 14).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

## 15 02 51 (ikompli)

Id-Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi Programm ta' Azzjoni Erasmus Mundus 2009-2013 għat-titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni superjuri u għall-promozzjoni tal-komprensjoni interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 83).

15 02 53 **Linja għat-tlestija għal iżgħażaġh u sport**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	419 470,24

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jiġihallu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispot fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1031/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2000 li tistabbilixxi l-programm ta' azzjoni tal-Komunità (ĠU L 117, 18.5.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni għall-perjodu 2007-2013 (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30).



**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)****15 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

15 02 77 07 Azzjoni preparatorja fil-qasam tal-isport

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' tħejija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 08 Azzjoni preparatorja — Sħubijiet Ewropej dwar l-isports

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	334 631,99

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' tħejija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 09 Azzjoni preparatorja— Pjattaforma Elettronika għall-Viċinat

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	100 000	0,—	325 881,11

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 09 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 10 Proġett pilota — dwar il-promozzjoni ta' attivitá fiżika favur is-saħħa madwar l-Ewropa

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	103 478	p.m.	300 000	598 614,87	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 11 Proġett pilota — Intejbu r-riżultati tat-tagħlim billi nappoġġjaw lill-għalliema ġodda permezz tat-tagħlim online, il-coaching u l-mentoring

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	199 670	p.m.	250 000	499 175,—	0,—

**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)****15 02 77** (ikompli)

15 02 77 11 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 14 Azzjoni preparatorja — Programm ta' skambju għal tfal u żgħażaġh UE-Russja

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 16 Azzjoni Preparatorja — Evalwazzjoni tal-programmi ta' intraprenditorija fil-qasam tal-edukazzjoni għolja

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	500 000	250 000		

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 16 (ikompli)

Fl-aħħar snin kien hemm żieda fl-enfasi fuq l-edukazzjoni intraprenditorjali u fuq programmi ta' intraprenditorija f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja. B'mod partikolari, permezz tal-HEInnovate, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għandhom l-għan li jippromwovu ħiliet u kompetenzi intraprenditorjali, kif ukoll jivvalutaw il-kapaċitajiet intraprenditorjali tagħhom stess. Madankollu, il-perspettiva tal-istudenti dwar l-effikaċja ta' proġetti u programmi intraprenditorjali għadha ma tteħditx inkunsiderazzjoni. Bl-istess mod, il-kumpaniji u s-settur privat, b'mod ġenerali, rarament jiġu involuti fl-evalwazzjoni ta' dawn il-programmi. Filwaqt li għandha tinżamm rabta mill-qrib bejn il-ħtiġijiet tas-settur privat u l-kurrikuli akkademiċi, jeħtieġ li jiġu inklużi wkoll il-partijiet ikkonċernati kollha (l-istudenti, l-għalliema u l-professjonisti) fil-proċess ta' evalwazzjoni ta' programmi intraprenditorjali, biex jiġi żgurat li dawn effettivament jagħtu sett ta' ħiliet lill-istudenti għall-karrieri tagħhom.

Din l-azzjoni se tibni fuq l-istrument eżistenti tal-HEInnovate u tinkludi feedback tal-istudenti, tas-settur privat u tal-persunal akkademiku bħala valur miżjud għall-oqsfa u proċeduri li diġà ġew ittestjati u ppruvati.

Din l-azzjoni se tħeġġeġ ukoll il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki fil-livell internazzjonali, li fil-proċess jiġu involuti wkoll istituzzjonijiet/universitajiet ta' edukazzjoni għolja biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dawn l-għodod fil-kurrikuli tal-istudenti.

Fl-aħħar nett, permezz tal-baġit għall-evalwazzjoni tal-istudenti ta' programmi ta' intraprenditorija ta' edukazzjoni għolja, l-għan huwa li jitravwem l-iżvilupp u titjeb il-kwalità tal-programmi ta' intraprenditorija madwar l-Ewropa, b'hekk jikkontribwixxu għal Ewropa li tinbidel f'soċjetà intraprenditorjali.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 17 Proġett pilota — Premju Altiero Spinelli għal Attivitajiet ta' Sensibilizzazzjoni

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
300 000	525 000	750 000	375 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mill-ewwel sena tal-proġett pilota u biex tkompli tiffinanzja l-attivitajiet fl-2018.

F'dawn l-aħħar snin, il-proġett Ewropew jidher li ddghajef, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra. Il-fiduċja tal-pubbliku jeħtieġ terġa' titqajjem, filwaqt li jeħtieġ li l-għarfien dwar il-proċess Ewropew ta' integrazzjoni u s-sensibilizzazzjoni rigward il-kultura u l-valuri Ewropej jinxterdu lill-akbar udjenza possibbli.

**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)****15 02 77** (ikompli)

15 02 77 17 (ikompli)

Wara t-tletin anniversarju mill-mewt ta' Altiero Spinelli, wieħed mill-missirijiet fundaturi tal-Unjoni, u fis-sittin anniversarju tal-iffirmar tat-Trattat ta' Ruma, jenħtieġ li jsiru sforzi konkreti biex tiġi indirizzata din id-“diżillużjoni” bl-Unjoni.

L-għan tal-Premju Altiero Spinelli għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni se jkun il-promozzjoni tar-riċerka dwar il-proċess ta' integrazzjoni tal-Unjoni, inklużi l-istorja ta' dan il-proċess u l-istorja tal-ideal Ewropew. L-azzjonijiet attwali fil-qasam tal-istudji tal-UE ma jkoprox ir-riċerkaturi/studenti dottorali żgħażaġh.

Se jħeġġeġ, jippremjja u jipprovdi rikonoxximent u viżibbiltà fil-livell Ewropew għal kontribuzzjonijiet ta' kwalità għolja li:

- (1) jippromwovu l-għarfien dwar l-Unjoni u r-riflessjoni kritika dwar il-passat, il-preżent u l-futur tal-Unjoni fost l-udjenzi nonspeċjalizzati u l-pubbliku ġenerali. Ir-rwol taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' integrazzjoni tal-Unjoni, l-istorja intellettuali tal-integrazzjoni Ewropea u, naturalment, il-ħajja u x-xogħlijiet ta' Altiero Spinelli jkunu jitqiesu li jaqgħu taħt din il-kategorija;
- (2) isaħħu l-fehim taċ-ċittadini fir-rigward tal-valuri, l-oġettivi u l-benefiċċji tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u tal-kisbiet enormi tal-Unjoni, iżda wkoll tal-fallimenti, il-kontradizzjonijiet u d-dilemmi. It-titjib tal-fehim fost il-pubbliku ġenerali tat-teorija tal-mudelli ta' integrazzjoni (eż. ftehimiet kummerċjali, organizzazzjonijiet internazzjonali, federazzjonijiet) u l-istudji komparattivi tal-mudelli ta' integrazzjoni eżistenti (eż. l-Unjoni, l-Unjoni Afrikana, il-Mercosur, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Kanada) jkunu jitqiesu li jaqgħu taħt din il-kategorija;
- (3) jipproponu, jittestjaw u jivvalutaw approċċi u materjali innovattivi li jkunu jistgħu jiġu utilizzati minn dawk li jfasslu l-politiki Ewropej u nazzjonali, mill-professionisti, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mill-istituzzjonijiet f'diversi oqsma biex b'mod aħjar jinformat, jedukaw, jispiraw u jawtonomizzaw liċ-ċittadini biex jiżviluppaw identitajiet Ewropej u sens ta' appartenenza li jkunu pożittivi u kritiċi b'mod pożittiv;
- (4) jesponu l-miti populistici ta' kontra l-Unjoni dwar aspetti varji tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, inkluża r-retorika estremista bbażata fuq l-intolleranza u l-informazzjoni ħażina dwar il-leggittimità, il-kompetenzi u x-xogħol proprju tal-Unjoni.

Il-premjijiet mhumiex maħsuba biex jippremjaw ir-riċerka bħala tali. Pjuttost, huma se jingħataw għal xogħol eċċezzjonali li jieħu fil-parti l-kbira mis-sejbiet, l-għarfien u l-intuwiti li joħorġu mir-riċerka fil-proċessi tal-Integrazzjoni Ewropea u li bl-aħjar mod jisfruttahom, jipopolarizzahom, jikkomunikahom b'mod effettiv u jxerridhom fis-soċjetà usa' u fost iċ-ċittadini ordinarji, u li jagħmel dan pereżempju permezz ta' publikazzjonijiet, il-midja, gazzetti, films, dokumentarji jew prodotti jew mezzi oħra, kif ukoll permezz ta' inizjattivi istituzzjonali.

Il-Premjijiet se jingħataw lil xogħol attraenti, li jappella, faċli għall-utent, ibbażat fuq l-evidenza/infurmat, xjentifikament rigorużi, li jeqred il-miti u li jkun ispiranti b'potenzjal kbir li jilħaq l-oġettivi stabbiliti hawn fuq u li jkun adattat għas-sensibilizzazzjoni ta' varjetà ta' udjenzi lajċi, mhux akkademiċi u mhux speċjalizzati.

Jenħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni mal-programmi eżistenti, jiġifieri l-Azzjonijiet Jean Monnet, u anke ma' istituzzjonijiet eżistenti, eż. l-Arkivji Storiċi tal-Unjoni Ewropea fl-Istitut Universitarju Ewropew.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

## 15 02 77 (ikompli)

15 02 77 18 Proġett pilota — L-isport bħala għodda għall-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali ta' rifuġjati

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 400 000	700 000	1 000 000	500 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bl-għadd ta' rifuġjati dejjem jikber, hemm hteġġa li qed tiżdied għal inizjattivi effikaċi ta' integrazzjoni u inklużjoni soċjali. Intwera li l-proġetti sportivi — speċjalment li jinvolvi l-futbol — huma għodda ta' suċċess għall-integrazzjoni tar-rifuġjati u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fil-komunitajiet ospitanti. Dan il-proġett pilota se jinvolvi lill-klabbs sportivi lokali fl-integrazzjoni tar-rifuġjati. Huwa se jisfrutta l-għarfien espert lokali miksub mill-inizjattivi eżistenti fl-Istati Membri bl-għan li:

- (1) jitnieda proġett pilota li jappoġġa inizjattivi konkreti rigward il-futbol ibbażat fil-komunità (ċentri ta' kompetenza Ewropej). L-enfasi se tkun fuq l-integrazzjoni tal-komunitajiet tar-rifuġjati fl-Unjoni u fir-reġjuni tal-viċinat permezz ta' proġetti sportivi lokali;
- (2) jiġu identifikati l-aħjar prattiki fl-Ewropa u jiġu żviluppati kunċetti li jistgħu jiġu implimentati f'pajjiżi terzi b'enfasi fuq l-integrazzjoni tar-rifuġjati permezz tal-futbol. Metodu biex jiġi vvalutat l-impatt b'mod sistematiku u replikabbli se jiġi żviluppat;
- (3) jiġu kkoordinati l-isforzi permezz ta' pjattaforma ta' netwerking.

Il-proġett se jservi bħala pilota biex jiġu stabbiliti u estiżi programmi ta' integrazzjoni soċjali bbażati fuq il-futbol li jappoġġaw lir-rifuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fl-Ewropa u lil hinn minnha. Ir-riżultati mistennija jinkludu:

- (1) il-promozzjoni tal-involvement dirett tar-rifuġjati u l-komunitajiet ospitanti f'postijiet strateġiċi (fi ħdan l-Unjoni, fil-pajjiżi ta' tranżitu u fil-pajjiżi terzi) u l-istabbiliment ta' ċentri ta' kompetenza Ewropej permezz tal-bini tal-kapaċitajiet;
- (2) l-iżvilupp ta' metodoloġija ta' programmi għall-integrazzjoni tar-rifuġjati bbażati fuq il-futbol, li tista' tiġi adattata għal inizjattivi simili futuri;
- (3) l-istabbiliment ta' pjattaforma biex tinxtered il-prattika żviluppata;
- (4) il-promozzjoni ta' approċċ madwar l-Ewropa, li jżid il-potenzjal għall-komunitajiet ospitanti Ewropej biex jinvolvu u jintegraw b'suċċess lir-rifuġjati permezz tal-isport;

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 18 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 19 Proġett pilota — Monitoraġġ u taħriġ, permezz tal-isport, ta' żgħażaġh friskju ta' radikalizzazzjoni

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	750 000	375 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-attakki terroristiċi reċenti fl-Ewropa xeħtu d-dawl fuq theddida akbar għas-sigurtà maħluqa minn ċittadini Ewropej żgħażaġh radikalizzati. X'aktarx, iż-żieda fl-inugwaljanza, l-esklużjoni soċjali u l-marġinalizzazzjoni huma l-kawżi ta' din it-tendenza ta' radikalizzazzjoni.

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba li tkopri proġetti minn isfel għal fuq relatati mal-isport, organizzati minn atturi lokali u mis-soċjetà ċivili, immirati lejn iż-żgħażaġh minn familji żvantaġġati — speċjalment dawk li huma meqjusa li jinsabu friskju ta' radikalizzazzjoni — bl-għan li jipprevjenu l-emarġinazzjoni u r-radikalizzazzjoni, jindirizzaw l-inugwaljanzi u jgħinu lil dawn iż-żgħażaġh isibu identità u sens ta' appartenenza.

L-attivitajiet sportivi huma adatti ħafna għall-bini tal-komunità u biex tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali, billi jirrispettaw id-diversità u l-komunitajiet multikulturali. Għalhekk, il-proġetti għandhom joffru taħriġ sportiv, edukattiv u tax-xogħol li jgħallhem ħilet essenzjali bħal kompetenzi soċjali u komunikattivi, ħsieb kritiku u soluzzjoni tal-problemi.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

## 15 02 77 (ikompli)

15 02 77 20 Azzjoni preparatorja — Pass tal-Interrail bla ħlas għall-Ewropej li jagħlqu t-18

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 000 000	6 000 000				

## Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja se sservi bħala prova għall-proposta leġislattiva futura tal-Kummissjoni għat-twaqqif ta' programm komplet li jipprovdi lil kull Ewropew li jagħlaq it-18-il sena biljett tal-Interrail bla ħlas, biex b'hekk mhux biss liż-żgħażaġh tingħatalhom l-opportunità li jesploraw l-Ewropa, iżda wkoll, b'mod aktar importanti biex iż-żgħażaġh ikollhom kuntatt aħjar mal-identità Ewropea u titqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-valuri ċentrali tal-Unjoni.

Minħabba kapaċità tal-akkwist baxxa, ostakli kulturali, u nuqqas ta' proġetti inklużivi u mmirati, ħafna żgħażaġh Ewropej rarament jew qatt ma vvjaġġaw fl-Ewropa. Dan huwa partikolarment minnu għal reġjuni partikolari tal-Ewropa u għal familji bi dħul baxx. Għalkemm jeżistu programmi ta' skambju edukattivi u dawn ibbenefikaw lil ħafna Ewropej, l-Unjoni għadha ma rnexxilhiex tistabbilixxi għodda diretta u inklużiva li tipprovdi lil Ewropej - minkejja l-isfond soċjali jew edukattiv tagħhom - b'esperjenza tal-ivvjaġġar li trawwem identità Ewropea, tagħmilhom familjari ma' mezz ta' trasport sostenibbli u nadif, u tgħaqqadhom ma' kulturi oħra.

Il-Parlament Ewropew ripetutamente laqa' l-inizjattiva ta' Interrail u enfasizza li, jekk tkun soċjalment u ġeografikament inklużiva u dejjem tkun marbuta ma' objettivi edukattivi, hija tista' toffri lill-ġenerazzjoni żagħżuġha l-possibbiltà li tapprofitta mil-libertà ta' moviment u mill-ivvjaġġar b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. Il-Parlament talab li din l-inizjattiva tiġi ffinanzjata direttament minn linja baġitarja apposta mhux relatata mal-programmi tal-Intestatura 1a għas-settur tat-trasport u setturi oħra importanti għall-kompetittività u t-tkabbir tal-Unjoni u indipendentement minn programmi oħra ta' suċċess tal-Unjoni fil-qasam taż-żgħażaġh.

Sabiex il-proġett inizjali jkun ta' suċċess, l-aspetti operattivi jistgħu jiġu esplorati permezz ta' din l-azzjoni preparatorja, fuq skala limitata u fuq il-bażi ta' approċċ mmirat li jissodisfa dawn ir-reqwiziti prinċipali u objettivi ewlenin li ġejjin:

## Rekwiżiti ewlenin

Il-Kummissjoni trid tibni fuq l-esperjenza miksuba minn programmi eżistenti, iżda l-azzjoni preparatorja trid titqies bħala ġdida u separata, b'mod partikolari bil-ħsieb li timmira lejn iż-żgħażaġh li bħalissa mhumiex koperti minn ebda tip ta' programm Ewropew.

Għaldaqstant, programmi bħal programm Erasmus+ ma jridux jiġu affettwati mill-azzjoni preparatorja.

L-azzjoni preparatorja se tkopri żgħażaġh mill-Istati Membri kollha irrispettivament minn jekk humiex parti min-network tal-Interrail (il-ħames Stati Membri li bħalissa mhumiex koperti huma l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u Ċipru).



**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)****15 02 77** (ikompli)

15 02 77 20 (ikompli)

*Punti ta' azzjoni:*

- l-identifikazzjoni, il-kuntatt mal-partijiet interessati rilevanti u l-involviment tagħhom, inklużi l-impriżi ferrovjarji Ewropej fid-definizzjoni tal-prodott li se jiġu offrut liż-żgħażaġh li jagħlqu t-18-il sena, li se jiġu inklużi negozjati dwar il-prezz biex jiġi determinat in-numru finali ta' utenti li jistgħu jibbenefikaw mill-azzjoni preparatorja;
- id-determinazzjoni tan-numru ta' żgħażaġh li jistgħu jingħataw il-passes;
- ix-xiri tal-passes bil-prezz miftiehem mal-EuRail;
- id-distribuzzjoni tal-passes lill-benefiċjarji;
- id-definizzjoni preċiża ta' x'se jkopri l-pass tal-Interrail biex jjiirifletti x-xejriet ta' vvjaġġar taż-żgħażaġh (tul ta' żmien, validità, bżonnijiet staġjonali, restrizzjonijiet ta' ħin u restrizzjonijiet baġitarji, fatturi ta' tagħbija);
- it-twaqqif ta' sistema li tagħmilha faċli għal persuni ta' 18-il sena biex japplikaw għall-pass;
- l-istabbiliment ta' proċess imparzjali u oġġettiv biex jintgħażlu l-utenti li se jibbenefikaw mill-azzjoni preparatorja, inkluża d-definizzjoni tal-kriterji li inter alia jippermettu li jiġu koperti l-Istati Membri kollha, inklużi l-ħames Stati Membri li attwalment mhumiex koperti min-netwerk tal-Interrail – jiġifieri l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u Ċipru; u jippermettu liż-żgħażaġh li jiġu mmirati li mhumiex diġà qed jibbenefikaw minn programm Ewropew;
- il-ħolqien ta' sistema ta' voucher diretta, għad-distribuzzjoni tal-passes u l-individwalizzazzjoni tagħhom, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti;
- l-investigazzjoni, flimkien mal-partijiet interessati rilevanti, mekkaniżmi biex iħeġġu itinerarji speċifiċi għaż-żgħażaġh sabiex ikunu jistgħu jesperjenzaw verament l-Ewropa (li se jinkludu destinazzjonijiet inqas "popolari");
- id-definizzjoni u l-organizzazzjoni ta' arranġamenti għar-reklamar tal-programm sabiex tkun żgurata l-viżibilità b'enfasi partikolari fuq l-irbit bejn l-inizjattiva għal kampanja ta' identità u valuri Ewropej;
- l-evalwazzjoni ta' arranġamenti ta' sponsorizzazzjoni u sħubija għall-aspetti operazzjonali tal-proġett, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ispejjeż u jintlaħqu kemm jista' jkun parteċipanti;
- l-iżvilupp ta' mod kreattiv u parteċipattiv għall-utenti biex jaqsmu u jkomplu jsegwu l-esperjenza tagħhom (pereżempju kompetizzjoni fotografika u kontribuzzjonijiet fuq il-midja soċjali)

L-azzjoni preparatorja għandha tiġi implimentata fl-2018, l-2019 u l-2020.

*Bażi ġuridika*

Azzjon preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

## 15 02 77 (ikompli)

## 15 02 77 21 Azzjoni preparatorja — Skambji u l-mobilità fl-isport

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	600 000				

## Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja se tipprovdi opportunità lill-persunal tat-tim ta' appoġġ fil-qasam sportiv (il-kontinġent tal-atleti) li jtejjeb l-kwalifiki tiegħu u jkseb ħiliet ġodda billi jqatta' ammont ta' żmien f'pajjiż barrani (ġewwa l-Unjoni u barra minnha). L-opportunitajiet għal mobilità bi skop ta' taġlim f'dan il-kuntest se jiġu pprovduti lil:

- persunal tal-ikkowċjar — voluntiera — sport professjonali;
- persunal tal-ikkowċjar — voluntiera f'organizzazzjonijiet sportivi mingħajr skop ta' qligħ.

Fit-tieni fażi, se jappoġġa lill-atleti li jippruvaw ikollhom karrieri doppji permezz tal-iskambju (ma' pajjiżi tal-UE kif ukoll ma' pajjiżi li mhumiex), b'konċentrazzjoni fuq l-edukazzjoni, mingħajr ma tiġi kompromessa l-karriera sportiva tagħhom. Dan se jsaħħilhom il-possibilità li jiġu impjegati fil-ġejjieni, kif ukoll l-iżvilupp personali tagħhom.

L-inizjattiva se tkun ibbażata fuq dan li ġej:

- skambji,
- kollokamenti,
- perjodi ta' studju,
- osservazzjoni f'sitwazzjoni ta' xogħol.

L-azzjoni jista' jkollu impatt fuq tliet oqsma ewlenin:

- it-titjib fl-għarfien tal-persunal tat-tim ta' appoġġ fil-qasam sportiv;
- aċċess mill-istudenti li jipprattikaw sport għal sessjonijiet ta' taħriġ (inklużi l-faċilitajiet) taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini;
- l-iżvilupp ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-mobilità u tal-edukazzjoni fl-isport.

Ir-riżultati mistennija jinkludu:

1. skema ta' skambju regolari għat-tim ta' appoġġ fil-qasam sportiv;

**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)****15 02 77** (ikompli)

15 02 77 21 (ikompli)

2. l-istabbiliment ta' networks Ewropej ta' coaches u ta' persunal tat-tim ta' appoġġ fil-qasam sportiv u, fit-tieni fażi, ta' fornituri ta' servizzi fil-qasam tal-karrieri doppji.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 22 Azzjoni preparatorja — Sportue, Promozzjoni tal-valuri Ewropej permezz ta' inizjattivi sportivi flivell municijali

*Ċifri (Approprazzjonijiet differenzjati)*

Approprazzjonijiet 2018		Approprazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

*Kummenti*

Organizzazzjonijiet li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw il-bliet Ewropej biex jeċċellaw fl-isport taw kontribut kbir għall-promozzjoni tal-attivitajiet fiżiċi. Barra minn hekk, għenu lil muniċipalitajiet madwar l-Ewropa biex jiksbu kisbiet maġġuri bħaż-żieda fil-persentaġġ ta' nies li jipprattikaw l-isport, l-integrazzjoni tal-komunitajiet u s-setturi soċjali, it-tiegġ ta' investiment fil-komunità, il-ġenerazzjoni ta' opportunitajiet ġodda, enfasi li dejjem qed tikber fuq il-politiki dwar l-isport li jinvolvu oqsma oħrajn bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-affarijiet soċjali u t-turiżmu. Dan kollu sar taħt il-marka tal-Unjoni, b'sens komuni ta' appartenenza, u b'sens ta' kburija Ewropea fl-istess ħin. Appoġġ akbar għal organizzazzjonijiet li jippromwovu l-attività sportiva u fiżika flivell municijali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Kapitali u l-Bliet Ewropej tal-Isport, ċertament ikollu impatt kbir, u barra minn hekk, iżid ulterjorment il-benefiċċji assoċjati tal-isport u l-attività fiżika għaċ-ċittadini kollha. Hemm hteġġa ċara li jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet li jaħdmu s-sena kollha f'dan il-qasam, f'termini ta' bini ta' kapaċità, networking u kapaċità li jiġu żviluppatti proġetti konkreti fil-livell lokali.

Din l-azzjoni preparatorja se tappoġġja l-organizzazzjonijiet li jippromwovu inizjattivi sportivi fil-livell lokali bl-għan li jinxterdu l-valuri pożittivi tal-isport.

L-għanijiet ewlenin ta' din l-azzjoni huma:

— li jkun possibbli għall-organizzazzjonijiet rilevanti li jiżviluppaw approċċ Ewropew bl-għan li jippromwovu l-isport fil-livell lokali, li jgħinhom isiru promoturi finanzjarjament sostenibbli tal-attivitajiet sportivi fost il-pubbliku Ewropew, abbażi tal-prinċipji ta' governanza tajba, kif promossi minn organizzazzjonijiet internazzjonali u mill-Kummissjoni.

— li toħloq jew tiżviluppa netwerk tal-bliet biex ikunu jistgħu jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-qasam;

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

**KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)**

**15 02 77** (ikompli)

15 02 77 22 (ikompli)

- li żżid l-għarfien dwar strateġiji dwar kif l-awtoritajiet lokali, permezz tad-deċiżjonijiet u l-attivitajiet tagħhom, jistgħu jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-benesseri tal-persuni li jgħixu hemm permezz tal-attività sportiva u fiżika.
- li taħdem ma' dawk li jfasslu l-politika dwar l-isport fl-Ewropa biex jinkisbu l-istess objettivi f'konformità mal-bidliet possibbli fil-politika dwar l-isport.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
15 03	ORIZZONT 2020								
<b>15 03 01</b>	<b>Xjenza eċċellenti</b>								
15 03 01 01	Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie — ħolqien, żvilupp u trasferiment ta' ħiliet, għarfien u innovazzjoni ġodda	1,1	885 710 765	773 448 568	820 241 594	700 365 833	781 300 976,51	561 509 836,31	72,60
	Artikolu 15 03 01 — Subtotal		885 710 765	773 448 568	820 241 594	700 365 833	781 300 976,51	561 509 836,31	72,60
<b>15 03 05</b>	<b>L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) - integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni oġġla, riċerka u innovazzjoni</b>	1,1	396 194 129	366 717 896	300 426 789	314 253 296	263 733 347,38	263 616 127,96	71,89
<b>15 03 50</b>	<b>Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku</b>								
15 03 50 01	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	51 203 698,67	27 579 761,61	
15 03 50 02	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	249 000,—	14 457 723,39	
	Artikolu 15 03 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	51 452 698,67	42 037 485,—	

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
15 03 51	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — is-Seba' Programm Kwadru (2007–2013)	1,1	p.m.	55 000 000	p.m.	90 229 291	465 985,17	280 584 003,16	510,15
15 03 53	Linja għat-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>Kapitolu 15 03 — Total</b>			<b>1 281 904 894</b>	<b>1 195 166 464</b>	<b>1 120 668 383</b>	<b>1 104 848 420</b>	<b>1 096 953 007,73</b>	<b>1 147 747 452,43</b>	<b>96,03</b>

## Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-appropriazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) tal-Unjoni Ewropea, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (Is-Seba' Programm Kwadru) u t-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) mill-perjodu finanzjarju preċedenti.

Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 “Unjoni tal-Innovazzjoni” u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment “Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi”, “Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni”, u “Aġenda diġitali għall-Ewropa”, kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka. Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Dan se jitwettaq sabiex jiġu segwiti l-għanijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà tal-għerf, ibbażata fuq iż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri billi jsostni l-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni Ewropea kollha, li tiegħu d-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea fil-limiti tal-għarfien, issaħħaħ ir-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, b'mod kwantitattiv u kwalitattiv u l-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha u tassiġura l-aħjar użu tagħhom.

F'Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri qed tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifkati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel, u biex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-programmazzjoni u l-kontenut tal-innovazzjoni. Għandha titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-tehdid ta' deċiżjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Taħt dawn l-Artikoli u l-Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020** (ikompli)

Din l-appropriazzjoni se tintuża wkoll f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kull dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni minn korpi barranin għall-attivitatiet tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Appropriazzjonijiet addizzjonali se jkunu pprovduti taħt l-Artikolu 15 03 05 u l-Partita 15 03 01.

L-appropriazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jiġu pprovduti taħt il-Kapitolu 15 01 05.

**15 03 01 Xjenza eċċellenti***Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li ssaħħa u testendi l-eċċellenza fil-bażi tax-xjenza tal-Unjoni u tiżgura fluss stabbli ta' riċerka mill-aqwa biex tiġi żgurata l-kompetittività fuq terminu twil tal-Ewropa. Din se tagħti sostenn lill-aħjar ideat, tiżviluppa t-talent fl-Ewropa, tagħti aċċess lir-riċerkaturi għal infrastruttura ta' riċerka prijoritarja, u tagħmel lill-Ewropa post attraenti għall-aqwa riċerkaturi fid-dinja. L-azzjonijiet ta' riċerka li għandhom jiġu ffinanzjati se jiġu stabbiliti skont il-ħtieġa u l-opportunitajiet tax-xjenza, mingħajr prijoritajiet tematiċi stabbiliti minn qabel. L-aġenda tar-riċerka se tiġi stipulata b'kuntatt mill-qrib mal-komunità xjentifika u r-riċerka se tiġi ffinanzjata fuq il-bażi tal-eċċellenza.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 15 03 01 (ikompli)

15 03 01 01 Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie — ħolqien, żvilupp u trasferiment ta' ħilet, għarfien u innovazzjoni ġodda

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
885 710 765	773 448 568	820 241 594	700 365 833	781 300 976,51	561 509 836,31

## Kummenti

L-Ewropa għandha bżonn bażi ta' riżorsi umani b'saħħitha u kreattiva, mobbli fost il-pajjiżi u s-setturi, u għandha tkun attraenti għall-aqwa riċerkaturi, Ewropej u mhux Ewropej. Dan se jinkiseb permezz tal-istrutturar u ż-żieda fl-eċċellenza f'parti sostanzjali tat-taħriġ inizjali ta' kwalità għolja tal-kandidati għad-dottorat u tar-riċerkaturi fi stadju bikri u permezz tas-sostenn għall-opportunitajiet attraenti għal karriera ta' riċerkaturi esperjenzati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat mad-dinja kollha. Ir-riċerkaturi huma mħeġġa jiċċaqilqu minn pajjiż għall-ieħor, minn settur għall-ieħor u minn dixxiplina għall-oħra biex itejbu l-kreattività u l-potenzjal innovattiv tagħhom. Barra minn hekk, l-inizjattivi se jkunu appoġġati biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza ta' karriera fir-riċerka u biex jiġu mqasma r-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni lill-pubbliku ġenerali.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (c) tal-Artikolu 3(1) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## 15 03 05

**L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) - integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, riċerka u innovazzjoni**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
396 194 129	366 717 896	300 426 789	314 253 296	263 733 347,38	263 616 127,96



## KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 15 03 05 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva, u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma tal-EIT, inklużi l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) magħżula mill-EIT.

Fil-qafas tal-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tal-EIT u r-Regolament (UE) Nru 1292/2013, l-EIT se jkompli jikkontribwixxi għall-oġettivi ġenerali u l-prijoritajiet ta' "Orizzont 2020 — Il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni", bl-oġettiv speċifiku ta' integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-EIT għandu l-għan li jagħti spinta tant meħtieġa lill-kapaċità għall-innovazzjoni tal-Ewropa u l-mira globali tiegħu hija li johlq mod ġdid Ewropew biex ikun hemm tkabbir ekonomiku u benefiċċji soċjetali essenzjali permezz tal-innovazzjoni billi jgħin biex l-ideat innovattivi jinbidlu fi prodotti u servizzi li joħlqu tkabbir sostenibbli u impjiegi.

Il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni huma l-bażi operattiva tal-EIT. Dawn huma sħubijiet xprunati mill-eċċellenza, li jiġbru flimkien il-web tal-innovazzjoni kollha sabiex joffru opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni fl-Ewropa u jiġġeneraw impatt reali f'termini ta' ħolqien ta' negozji ġodda u benefiċċji soċjetali. Dawn jindirizzaw suġġetti ta' innovazzjoni ffukati u jintegraw organizzazzjonijiet pubbliċi u privati tar-riċerka, industrij innovattivi, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, investituri, negozji li jkunu għadhom kemm jiftħu u spin-offs. L-ewwel tliet KKIs intgħażlu f'Diċembru 2009 u jindirizzaw l-isfidi soċjetali li ġejjin: il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima (permezz tal-Climax-KKI), l-enerġija sostenibbli (permezz tal-KKI InnoEnergy) u s-soċjetà futura tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (permezz tal-EIT ICT Labs). Żewġ KKIs addizzjonali ġew magħżula fl-2014 fit-temi Materja Prima u Innovazzjoni għal Għajxien B'saħħtu u Tixjiħ Attiv. Fil-ġejjieni, l-EIT se jespandi l-portafoll tiegħu għall-KKIs sa tlieta oħra addizzjonali li jindirizzaw suġġetti bħal: Alimentazzjoni għall-Futur, il-Manifattura b'Valur Miżjud u l-Mobbiltà Urbana.

L-EIT għandu l-għan li jiġġenera impatt tanġibbli fl-oqsma li ġejjin:

- l-indirizzar ta' sfidi soċjetali ewlenin: Il-KKI jgħaqqdu l-kompetenza minn dixxiplini differenti biex jiżguraw reazzjonijiet innovattivi u globali għal sfidi soċjetali kumplessi,
- il-ħolqien ta' qafas ċar li huwa faċli għall-kummerċ: It-tibdil ta' ideat ġodda fi prodotti, servizzi jew opportunitajiet kummerċjali ġodda se jkun il-punt ta' riferiment ewlieni għas-suċċess tal-EIT u tal-KKI,
- it-tisħiħ ta' fluss liberu ta' għarfien permezz ta' kolokazzjoni: Il-KKI huma organizzati madwar ċentri ta' kolokazzjoni — postijiet ġeografiċi fejn il-parti l-kbira tal-katina ta' innovazzjoni, jew il-katina ta' innovazzjoni kollha kemm hi, tinsab fil-qrib. L-enfasi hija fuq nies li ġejjin minn sfondi differenti (l-industrija, l-SMEs, l-akkademji, in-nazzjonalità, il-ġeneru, id-dixxiplina...) li jaħdmu flimkien b'kuntatt wiċċ imb wiċċ, biex b'hekk iwasslu għal mobiltà akbar tal-għarfien,
- il-ħolqien ta' ġenerazzjoni ta' intraprendituri ġdida: Il-persuni b'mentalità intraprenditorjali huma l-motivaturi tal-innovazzjoni, biex b'hekk iżommu l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna attivi. L-EIT jippromwovi l-edukazzjoni dwar l-intraprenditorija bħala l-fattur ewlieni tal-programmi tal-Masters u dottorati tal-KKI billi jifha' l-enfasi fuq "tagħlim permezz tal-azzjoni" pjuttost milli "tagħlim dwar is-suġġetti". Il-programmi tal-Master u l-PhD se jipprovdu lill-istudenti l-ħiliet intraprenditorjali li jeħtieġu biex jirnexxu fl-ekonomija tal-għarfien, permezz ta' ffukar fuq ir-riżultati tat-tagħlim u l-użu ta' metodi innovattivi ta' tagħlim.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 15 03 05 (ikompli)

L-objettivi strateġiċi tal-EIT għal dan il-perjodu huma l-konsolidazzjoni u s-sinerġija tal-operazzjonijiet tiegħu u t-tħejjija għall-kisba tal-prijoritajiet stipulati fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (2014-2020): l-ewwel nett, permezz tal-inċentivar tat-tkabbir, l-impatt u s-sostenibilità billi titkompla tissaħħaħ is-sħubija tiegħu mat-tliet KKI eżistenti filwaqt li jinħolqu KKI ġodda. Billi jsegwi triq ta' żvilupp inkriminali fit-twaqqif ta' KKI ġodda, l-EIT se jiżgura li jasal għal portafoll totali ta' disa' KKI fil-perjodu 2014-2020 (ekwivalenti għat-twaqqif ta' 40-50 ċentru ta' kolokazzjoni fl-Unjoni); it-tieni nett, permezz tat-tisħiħ tal-impatt tal-EIT billi titrawwem l-innovazzjoni mmexxija mill-intraprenditorija fl-Unjoni permezz ta' disseminazzjoni mifruxa ta' mudelli ta' innovazzjoni ġodda li jattiraw u jiżviluppaw talent minn madwar l-Ewropa; u t-tielet, permezz tal-introduzzjoni ta' mezzi ġodda biex ikun hemm impatt, flimkien ma' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati.

It-tabella ta' stabbiliment tal-EIT tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 174).

Id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT); il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa iktar innovattiva (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 892).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**15 03 50 *Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

15 03 50 01 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	51 203 698,67	27 579 761,61

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020** (ikompli)**15 03 50** (ikompli)

15 03 50 01 (ikompli)

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014 sa 2020.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 66 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

15 03 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	249 000,—	14 457 723,39

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu qabel l-2014.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 66 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

**15 03 51 Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — is-Seba' Programm Kwadru (2007–2013)***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	55 000 000	p.m.	90 229 291	465 985,17	280 584 003,16

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

## 15 03 51 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Nies" li jimplimenta s-7 Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 272).

15 03 53 **Linja għat-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija***Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020** (*ikompli*)**15 03 53** (*ikompli*)

It-tabella ta' stabbiliment tal-EIT tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
15 04	PROGRAMM EWROPA KREATTIVA								
15 04 01	<i>Tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tal-SMEs u l-organizzazzjonijiet żgħar u żgħar ħafna fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej, u trawwim ta' politika tal-iżvilupp u mudelli ta' negozju ġodda</i>	3	35 528 000	12 877 727	30 932 000	14 176 893	25 299 869,39	15 151 720,19	117,66
15 04 02	<i>Sottoprogramm Kulturali — Sostenn ta' azzjonijiet transfruntiera u l-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà transnazzjonali</i>	3	71 106 000	52 000 000	55 350 000	44 229 071	55 686 837,89	44 987 311,67	86,51
15 04 51	<i>Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-kultura u l-lingwa</i>	3	p.m.	2 200 000	p.m.	2 547 311	0,—	11 832 082,49	537,82
15 04 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
15 04 77 04	Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea għall-Festivals	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	245 318,36	
15 04 77 05	Proġett pilota — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
15 04 77 08	Proġett pilota — Nagħtu bidu għall-ekonomija kulturali	3	p.m.	p.m.	p.m.	280 600	0,—	172 240,—	
15 04 77 09	Proġett pilota — Insostnu netwerks ta' intraprendituri żgħażaġh kreattivi: l-UE u pajjiżi terzi	3	p.m.	232 258	p.m.	367 742	0,—	154 838,76	66,67
15 04 77 11	Azzjoni preparatorja — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa	3	p.m.	375 000	750 000	732 605	500 000,—	539 549,—	143,88
15 04 77 12	Azzjoni Preparatorja — L-Ewropa għall-Festivals, Festivals għall-Ewropa (EFFE)	3	350 000	280 000	350 000	175 000	350 000,—	245 000,—	87,50

KUMMISSJONI  
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>15 04 77</b>	(ikompli)								
15 04 77 13	Proġett pilota — Ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali	3	750 000	635 000	500 000	250 000			
15 04 77 14	Azzjoni preparatorja — mudelli mikro-kummerċjali miftuħa għal innovazzjoni fid-djar patrimonjali Ewropej ta' proprjetà familjari	3	p.m.	350 000	500 000	250 000			
15 04 77 15	Proġett pilota — Promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni permezz tal-mużika	3	p.m.	p.m.	1 000 000	500 000			
15 04 77 16	Proġett pilota — Il-protezzjoni taċ-ċimiterji tal-Lhud tal-Ewropa: Proċess ta' mmappjar sħiħ b'riċerka u monitoraġġ u bi proposti bl-ispejjeż individwali għall-protezzjoni	3	800 000	400 000					
15 04 77 17	Azzjoni preparatorja — Djar tal-Kultura Ewropea	3	750 000	375 000					
15 04 77 18	Azzjoni preparatorja — Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa: Spinta lid-diversità u t-talent mużikali Ewropej	1,1	1 500 000	750 000					
15 04 77 19	Proġett pilota — Finanzi, Tagħlim, Innovazzjoni u Privattivi għall-Industriji Kulturali u Kreattivi (FLIP għal IKK)	3	1 000 000	500 000					
	<i>Artikolu 15 04 77 — Subtotal</i>		5 150 000	3 897 258	3 100 000	2 555 947	850 000,—	1 356 946,12	34,82
	<b>Kapitolu 15 04 — Total</b>		<b>111 784 000</b>	<b>70 974 985</b>	<b>89 382 000</b>	<b>63 509 222</b>	<b>81 836 707,28</b>	<b>73 328 060,47</b>	<b>103,32</b>

**15 04 01 Tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tal-SMEs u l-organizzazzjonijiet żgħar u żgħar ħafna fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej, u trawwim ta' politika tal-iżvilupp u mudelli ta' negozju ġodda**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
35 528 000	12 877 727	30 932 000	14 176 893	25 299 869,39	15 151 720,19

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA (ikompli)

## 15 04 01 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-miżuri li ġejjin relatati mat-Taqsima Transsettorjali tal-Programm Ewropa Kreattiva.

Il-Faċilità tas-Settur Kulturali u Kreattiv se jkollha fil-mira s-setturi kulturali u kreattivi u se jkollha l-prijoritajiet li ġejjin: li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament ta' intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej; ittejjeb il-kapaċità tal-istituzzjonijiet finanzjarji biex jivvalutaw il-proġetti kulturali u kreattivi, inkluża l-assistenza teknika u miżuri ta' networking.

Dan se jinkiseb permezz ta':

- l-għoti ta' garanziji lil intermedjarji finanzjarji xierqa minn kwalunkwe pajjiż li tieħu sehem fil-Programm Ewropa Kreattiva,
- l-għoti ta' kompetenza u kapaċità addizzjonali lill-intermedjarji finanzjarji biex jevalwaw ir-riskji assoċjati mal-operaturi fis-settur kulturali u f'dak kreattiv.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdienu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprvudu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-appropriazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għal dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-appropriazzjonijiet mdaħħla għall-programm, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.



**KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA** (ikompli)**15 04 01** (ikompli)

Kull rimborż mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborż tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

**15 04 02** **Sottoprogramm Kulturali — Sostenn ta' azzjonijiet transfruntiera u l-promozzjoni ta' ċirkolazzjoni u l-mobbiltà transnazzjonali**

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
71 106 000	52 000 000	55 350 000	44 229 071	55 686 837,89	44 987 311,67

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-miżuri li ġejjin relatati mas-Sottoprogramm Kultura tal-Programm Ewropa Kreattiva:

- is-sostenn ta' azzjonijiet li jipprovdu lill-operaturi b'ħiliet u know-how li jinkoraġġixxi l-adattament għat-teknoloġiji ġodda, inkluż l-ittestjar ta' approċċi ġodda għall-bini tal-udjenza u l-mudelli tan-negozju,
- is-sostenn ta' azzjonijiet li jippermettu li l-operaturi jinternazzjonalizzaw il-karrieri tagħhom fl-Ewropa u lil hinn minnha,
- l-għoti ta' sostenn għat-tisħiħ tal-operaturi Ewropej u n-netwerks kulturali internazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-opportunitajiet professjonali.

Il-prijoritajiet fil-qasam tal-promozzjoni ta' ċirkolazzjoni transnazzjonali għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- is-sostenn għal ġiti, avvenimenti u wirjiet internazzjonali,
- is-sostenn għaċ-ċirkolazzjoni tal-letteratura Ewropea,
- is-sostenn għall-bini tal-udjenza bħala mezz għall-istimulazzjoni tal-interess fix-xogħlijiet kulturali Ewropej.

*Miżuri ta' appoġġ tas-Sottoprogramm Kultura*

Is-Sottoprogramm Kultura għandu jipprovdi sostenn għall-miżuri li ġejjin:

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA (ikompli)

## 15 04 02 (ikompli)

- miżuri transnazzjonali ta' kooperazzjoni li jiġbru flimkien l-operaturi minn pajjiżi differenti biex iwettqu attivitajiet settorjali jew transsettorjali,
- attivitajiet minn netwerks Ewropej ta' operaturi minn pajjiżi differenti,
- attivitajiet minn organizzazzjonijiet li jipprovdu pjattaforma Ewropea promozzjonali għall-iżvilupp ta' talent emerġenti u biex jistimulaw iċ-ċirkolazzjoni ta' artisti u xogħlijiet, b'effett sistemiku u fuq skala kbira,
- sostenn għat-traduzzjoni letterarja,
- azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jiksbu viżibilità akbar tar-rikkezza u d-diversità tal-kulturi Ewropej, u jistimulaw djalogu interkulturali u fehim reċiproku, inklużi premijiet kulturali Ewropej, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura.

Din l-approprijazzjoni se tiffinanzja wkoll is-Sena Ewropea tal-Patrimonju Kulturali. Konformement mad-dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u tal-Parlament annessa mad-Deċiżjoni (UE) 2017/864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali (2018) (ĠU L 131, 20.5.2017, p. 1) EUR 7 000 000 tal-approprijazzjoni f'dan l-artikolu huma speċifikament allokat i għal dan l-iskop.

Din l-approprijazzjoni tinkludi l-organizzazzjoni ta' sejħa għal proposti għal proġetti għas-sostenn tal-integrazzjoni tar-rifugiati. Għandha titqies l-esperjenza miksuba fl-2016 bil-għan li jkun hemm sejħa għal proposti usa', li tinvolvi aktar lill-organizzazzjonijiet lokali fl-Ewropa u lil hinn, u ssostni l-qsim ta' Prattiki tajba.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprijazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprvodu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprijazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

**KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA** (ikompli)**15 04 02** (ikompli)

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għal dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-appropriazzjonijiet mdaħħla għall-programm, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

**15 04 51** **Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-kultura u l-lingwa**

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 200 000	p.m.	2 547 311	0,—	11 832 082,49

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jagħtu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonstitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi l-programm Kultura 2000 (ĠU L 63, 10.3.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 792/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għall-Komunità biex tippromwovi korpi attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-kultura (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 40).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA (ikompli)

## 15 04 51 (ikompli)

Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-Programm Kultura (2007-2013) (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1).

15 04 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

## 15 04 77 04 Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea għall-Festivals

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	245 318,36

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 15 04 77 05 Proġett pilota — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA** (ikompli)**15 04 77** (ikompli)

15 04 77 08 Proġett pilota — Nagħtu bidu għall-ekonomija kulturali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	280 600	0,—	172 240,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 09 Proġett pilota — Insostnu netwerks ta' intraprendituri żgħażagħ kreattivi: l-UE u pajjiżi terzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	232 258	p.m.	367 742	0,—	154 838,76

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 11 Azzjoni preparatorja — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	375 000	750 000	732 605	500 000,—	539 549,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA (ikompli)

15 04 77 (ikompli)

15 04 77 11 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 12 Azzjoni Preparatorja — L-Ewropa għall-Festivals, Festivals għall-Ewropa (EFPE)

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 000	280 000	350 000	175 000	350 000,—	245 000,—

*Kummenti*

Hija u tibni fuq ir-riżultati tal-proġett pilota, l-azzjoni preparatorja se tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kultura, kif stabbilit fl-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: bil-għan li "tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom" u tinkoraġġixxi "l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk jinħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom" fil-qasam tal-kultura.

L-azzjoni preparatorja se tkopri oġġettivi u politiki usa' tal-Unjoni. Hi se tiġġenera u tigarantixxi valur miżjud għall-attivitajiet li jagħmlu l-festivals fl-Ewropa li jikkontribwixxu għall-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv bis-saħħa ta' effetti konsegwenzjali tagħhom fil-qasam kulturali u kreattiv, fit-turiżmu, u fl-iżvilupp reġjonali u urban, eċċ.

Se tislet vantaġġ ukoll mill-potenzjal tal-festivals bil-għan li timmassimizza l-kontribut tagħhom għall-varji politiki tal-Unjoni, inkluża l-innovazzjoni, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni, ix-xogħol taż-żgħażaġh u d-djalogu interkulturali.

Fl-aħħar, billi tippromwovi l-viżibilità tal-valuri tal-Ewropa permezz tal-festivals, l-azzjoni preparatorja se tilħaq grupp kbir ta' ċittadini fl-Ewropa kollha, partikolarment iż-żgħażaġh. Hi se twitti t-triq biex il-premjju u t-tikketta jinbidlu f'karatteristika permanenti. L-organizzazzjoni magħżula se jkollha:

— tiżviluppa mekkaniżmu affidabbli għas-selezzjoni tal-festivals Ewropej li jirċievu t-tikketta/il-premjju;

**KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA** (ikompli)**15 04 77** (ikompli)

15 04 77 12 (ikompli)

- tiżviluppa strateġija ta' branding li tibni fuq il-proġett pilota, għal tikketta/premju rikonoxxibbli u utli;
- tagħti spinta u tiggarrantixxi viżibilità għolja lit-tikketta/lill-premju, lir-rebbieħa u lill-valuri li l-festivals li kisbu t-tikketta jipromwovu u tinvolvi lill-gruppi fil-mira differenti fit-tikketta/fil-premju;
- tiżviluppa attivitajiet ta' ħolqien ta' networks u ta' sħubija bl-iskop li jkun żgurat l-impatt sostenibbli tat-tikketta/tal-premju.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 13 Proġett pilota — Ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
750 000	635 000	500 000	250 000		

*Kummenti*

Din hi estensjoni tal-proġett pilota għall-2018. L-ammont addizzjonali huwa maħsub biex jestendi l-proġett pilota għal sena oħra

*Ħarsa ġenerali tal-proġett*

Dan il-proġett jikkonsisti fi tliet stadji:

- (1) analiżi abbażi tar-riċerka tal-volum tat-traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali u r-rotot għalih,
- (2) attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ għall-imħallfin, il-pulizija u l-uffiċjali tad-dwana, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-atturi fis-suq tal-arti, kif ukoll kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali,
- (3) riproduzzjoni u tixrid ta' wirt kulturali mitluf u użu possibbli ta' tekniki ġodda mill-mużewijiet u l-istituzzjonijiet kulturali jew edukattivi.

*Riżultat/evoluzzjoni possibbli tal-proġett*

Konferenza u studju għall-ewwel stadju, moduli ta' taħriġ għat-tieni stadju u inventarju ta' tekniki ġodda għat-tielet stadju.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA (ikompli)

15 04 77 (ikompli)

15 04 77 13 (ikompli)

*Natura innovattiva/sperimentali tal-proġett*

Il-kunċett tal-proġett mhuwa kopert bl-ebda programm eżistenti. Il-proġett huwa kumpless wisq għal proġett ta' kooperazzjoni taħt il-linja kulturali tal-Programm Ewropa Kreattiva; barra minn hekk, xi attivitajiet essenzjali ma jistgħux jiġu koperti (pereżempju l-moduli ta' taħriġ għall-imħallfin, il-pulizija u l-uffiċjali tad-dwana) u l-karattru integrat tal-proġett pilota għalhekk jintilef. Ikun diffiċli ħafna li jiġu ssodisfati rekwiżiti ta' kofinanzjament għal organizzazzjonijiet kulturali jew anke għal organizzazzjonijiet internazzjonali.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 14 Azzjoni preparatorja — mudelli mikrokkummerċjali miftuħa għal innovazzjoni fid-djar patrimonjali Ewropej ta' proprjetà familjari

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	350 000	500 000	250 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Jeżisti momentum ċar għal wirt kulturali bħala riżors strateġiku għal Ewropa sostenibbli u ta' paċi - is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2015-2018 - ifakkru dwar l-importanza li jiġu attivati effetti kollaterali u sinerġiji fost il-partijiet interessati differenti, għall-iżvilupp u t-trażmissjoni tal-wirt kulturali għall-ġenerazzjonijiet tal-futur.

Il-proposta għal azzjoni preparatorja li ġejja hi mmirata għal raggruppament ta' partijiet interessati speċifiċi li mhumiex qegħdin jibbenefikaw minn politiki u programmi attwali u li huma essenzjali biex jiġi implimentat approċċ lokali u ċċentrat fuq il-poplu li jkun kapaċi li jikkatalizza innovazzjoni ħielsa fis-settur.

Djar patrimonjali ta' proprjetà tal-familja huma komponent u kontributor ewlieni għall-wirt kulturali tal-Unjoni, fl-attrazzjoni tar-reġjuni, bliet, irħula u żoni rurali. L-azzjonijiet attwali tal-Unjoni ddedikati b'mod speċifiku għall-wirt kulturali, bħall-Jiem tal-Patrimonju Ewropew, il-Premju tal-UE għall-Wirt Kulturali, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, huma kollha inizzjattivi li jattiraw atturi kulturali akbar u SMEs li huma aħjar minn unitajiet domestiċi u mikrointrapriżi ta' proprjetà tal-familja għall-ġestjoni ta' djar patrimonjali u storiċi. Mingħajr il-kapaċita li jsostnu l-patrimonji ta' wirt kulturali ta' proprjetà tagħhom, l-unitajiet domestiċi u l-familji jippruvaw jiżviluppaw u jadottaw mudelli kummerċjali innovattivi, billi jagħmlu affidament fuq soluzzjonijiet u mudelli tradizzjonali (jiġifieri żjarat, avvenimenti, eċċ.) li mhumiex adattati biex jisfruttaw l-opportunitajiet maħluqa mill-ekonomija diġitali u minn effetti kollaterali tal-strument għall-konverġenza u l-kompetittività fuq l-ekonomija u s-soċjetà.



**KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA** (ikompli)**15 04 77** (ikompli)

15 04 77 14 (ikompli)

Barra minn hekk, nuqqas ta' manutenzjoni fit-tul, u kultura dgħajfa ta' kkarar, iżidu r-riskju kontra d-deterjorazzjoni u l-abbandun li għandu jiġi evitat billi ssir enfasi fuq l-isfidi speċifiċi li jolqtu lill-patrimonju kulturali ta' proprjetà tal-familja.

L-objettiv tal-azzjonijiet preparatorji proposti hu li jeżaminaw liema mudelli mikrokummerċjali li qed jintużaw mid-djar patrimonjali ta' proprjetà tal-familja fl-Unjoni, biex dawn jitqabblu u jitqassmu bejniethom biex jagħtu spinta lil din l-ekosistema.

Sabiex jikkwantifikaw u jikkwalifikaw l-potenzjal ekonomiku tas-settur fl-Unjoni, għandu jsir studju li jstabbilixxi l-qafas li jikkwalifika l-pekularitajiet tas-settur u li jiddefinixxi l-ekosistema kummerċjali. B'riżultat ta' dawn il-każijiet ta' studju, il-mudelli mikrokummerċjali għall-innovazzjoni fid-djar patrimonjali ta' proprjetà tal-familja Ewropej se jinġabru skont it-tip u magħmula aktar aċċessibbli għall-atturi u l-partijiet interessati ikkonċernati. Fl-aħħar nett, ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni se jiġu fformulati abbażi tal-azzjonijiet promossi tul il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 15 Proġett pilota — Promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni permezz tal-mużika

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	1 000 000	500 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Fi żmien meta l-Unjoni qed tiffaċċja bosta sfidi, dan il-proġett pilota se jiġbor flimkien mużiċisti żgħażaġh mogħnija b'talenti mit-28 Stati Membri kollha biex jagħti viżibilità lill-valuri ewlenin u l-assi tal-UE, filwaqt li jibni pontijiet bejn il-persuni permezz tal-mużika klassika. Huwa se jilħaq lill-ġenerazzjonijiet l-aktar żgħażaġh fl-Ewropa, speċjalment dawk li jinsabu l-iżjed friskju ta' radikalizzazzjoni, billi, permezz ta' kunċerti u skemi ta' mentoring, jingħaqdu flimkien mużiċisti żgħażaġh klassiċi u żgħażaġh minn sfondi differenti.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA (ikompli)

## 15 04 77 (ikompli)

15 04 77 16 Proġett pilota — Il-protezzjoni taċ-ċimiterji tal-Lhud tal-Ewropa: Proċess ta' mmappjar sħiħ b'riċerka u monitoraġġ u bi postu bl-ispejjeż individwali għall-protezzjoni

Ċifri (Approporzjonijiet differenzjati)

Approporzjonijiet 2018		Approporzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
800 000	400 000				

## Kummenti

Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, aktar minn seba' miljun Lhudi kienu jgħixu fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Il-Lhud kienu jgħixu f'dawn iż-żoni għal sekli sħaħ. Ir-reġistri juru eluf ta' bliet u rħula żgħar b'popolazzjonijiet ta' Lhud, kif huwa kkonfermat mill-istabbiliment u l-użu ta' siti ta' dfin indipendenti li kienu proprjetà ta' Lhudin. Tmenin sena wara, f'dalijiet ta' ħafna minn dawn iċ-ċimiterji ntilfu, jew jinsabu mitluqa u mhux protetti b'riżultat tal-qerda tal-komunitajiet tagħhom fl-Olokawst. Xi siti oħra ġew deliberatament moħbija, jew ġew miċħuda minn sistema politika li rrifjutat li tirrikonoxxi l-karattru speċifikament Lhudi tal-ġenoċidju Nażist. L-Inizjattiva Ewropea taċ-ċimiterji tal-Lhud uriet li l-qerda ta' ċimiterji tal-Lhud għadu għaddej. Illum, f'ħafna mill-pajjiżi tal-Unjoni, kwalunkwe data storika preċedentement katalogata issa hija fil-biċċa l-kbira antikwata u bl-ebda mod ma tirrifletti s-sitwazzjoni fil-prattika, filwaqt li f'partijiet kbar tal-Lvant tal-Ewropa anke d-data storika mhijiex komprensiva. Il-kompitu huwa li jinħoloq reġistru storiku kemm permanenti kif ukoll kontinwu, iżda anke li jitwettaq tip ta' operazzjoni ta' manutenzjoni biex dan il-wirt storiku Ewropew jitħares qabel ma jispiċċa fix-xejn. Fil-livell lokali, il-preżenza fiżika u l-protezzjoni tas-siti juru wkoll b'mod viżibbli ħafna fejn iwasslu r-rażziżmu, l-antisemitiżmu u l-intolleranza. Il-proġett pilota se jwettaq sħarriġ kampjunarju wiesa' ta' mill-inqas 1 500 ċimiterju tal-Lhud fil-pajjiżi tal-Lvant tal-Ewropa, li kull wieħed minnhom iġib miegħu sfida unika fir-rigward tal-istat attwali taċ-ċimiterji tal-Lhud. Il-pajjiżi fil-mira għall-proġett se jkunu l-Istati Membri l-Greċja, is-Slovakkja u l-Litwanja u l-pajjiżi tal-veċinat l-Ukrajna u l-Moldova.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 17 Azzjoni preparatorja — Djar tal-Kultura Ewropea

Ċifri (Approporzjonijiet differenzjati)

Approporzjonijiet 2018		Approporzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
750 000	375 000				

**KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA** (ikompli)**15 04 77** (ikompli)

15 04 77 17 (ikompli)

*Kummenti*

Il-kunċett ta' "Djar tal-Kultura Ewropea" jissewma fil-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 ntitolata "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (JOIN(2016) 29 final) bħala wieħed mill-istrumenti għal kooperazzjoni msaħħa tal-Unjoni fis-settur tar-relazzjonijiet kulturali esterni. Id-Djar tal-Kultura Ewropea huma deskritti bħala istituti li "jippermettu lill-istituti kulturali u lill-partijiet ikkonċernati l-oħrajn sabiex jiltaqgħu u jipprovdu servizzi lill-popolazzjoni lokali, jinvolvu ruħhom magħhom fi proġetti konġunti, joffru boroż ta' studju u jorganizzaw skambji kulturali u edukattivi". Din torbot ma' rakkomandazzjoni li saret fl-istudju l-"Istituti Kulturali Ewropej Barra mill-Unjoni Ewropea" li sar għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-2016.

L-azzjoni preparatorja se tittestja l-ewwel esperjenza tad-Djar tal-Kultura Ewropea f'għadd limitat ta' pajjiżi/reġjuni prijoritarji u teżamina l-potenzjal tagħhom f'ċerti pajjiżi sħab f'formati differenti, inklużi l-istrutturi permanenti, formati pop-up, padiljuni f'festivals jew strumenti puramenti diġitali. Tista' tkun żviluppata fuq medda ta' sentejn biex ikun hemm biżżejjed żmien biex jitniedu d-diversi proġetti, jiġu attwati u jiġu monitorjati r-riżultati in vista ta' rakkomandazzjonijiet ulterjuri.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 18 Azzjoni preparatorja — Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa: Spinta lid-diversità u t-talent mużikali Ewropej

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	750 000				

*Kummenti*

Fl-Ewropa nsibu wħud mill-awturi ta' mużika, mill-artisti, mis-siti għal kunċerti, mill-festivals, mill-kumpaniji tad-diski, mill-pubblikaturi, mid-distributuri, min-negozji ġodda u mis-servizzi diġitali ewlenin fil-qasam tal-mużika fid-dinja. F'dawn l-aħħar snin, il-ħolqien, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-mużika nbidlu b'mod fundamentali: tfaċċaw kanali ta' distribuzzjoni, protagonisti b'saħħithom fid-dinja diġitali, negozji ġodda innovattivi, mudelli kummerċjali u tendenzi ta' konsum ġodda. Diġitalizzazzjoni, pereżempju fil-każ tal-istreaming tal-mużika, ġabet magħha opportunitajiet, iżda wkoll bosta sfidi għas-settur.

Din l-azzjoni preparatorja se tindirizza xi wħud mill-isfidi ewlenin tas-settur b'kunsiderazzjoni tar-riżultat tad-djalogu riċenti li sar fil-livell tal-Unjoni mal-partijiet ikkonċernati fis-settur tal-mużika u tiffoka fuq l-oqsma li ġejjin:

(a) id-distribuzzjoni offline u online (eż. iż-żieda tal-aċċess taċ-ċittadini għall-mużika fid-diversità kollha tagħha),

## KUMMISSJONI

## TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA (ikompli)

15 04 77 (ikompli)

15 04 77 18 (ikompli)

- (b) l-iżvilupp tal-artisti u tar-repurtorju (inkluż it-tisħiħ tal-mobilità għall-artisti u ċ-ċirkolazzjoni transkonfinali tar-repurtorju Ewropew),
- (c) il-professjonalizzazzjoni u l-edukazzjoni (eż. l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet biex il-ħallieqa u l-SMES jirnexxu f'suq li huwa kompetittiv ħafna u globali),
- (d) l-esportazzjoni tal-mużika Ewropea barra mill-Ewropa.

L-Azzjoni preparatorja se timplimentata fuq bażi ta' sejħiet għall-proposti (a, b, c) u djalogu / konferenza ta' pjattaforma (d). Hi se tiġi ddisinjata b'tali mod li tiżgura li varjetà kbira ta' operaturi, organizzazzjonijiet u partijiet ikkonċernati rilevanti tal-mużika tul il-katina tal-valur kollha fl-Ewropa jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-attivitatiet.

L-azzjoni preparatorja se tibni fuq u tiżviluppa ulterjorment l-appoġġ eżistenti, għalkemm limitat ħafna, għall-mużika fl-ambitu tal-Programm Ewropa Kreattiva (speċifikament, il-proġetti ta' kooperazzjoni, il-pjattaformi u l-premjijiet), li huwa meħtieġ, iżda li jonqos milli jissodisfa bis-sħiħ il-bżonnijiet tas-settur. Hi se tittestja azzjoni xierqa bil-ħsieb li possibilmment fil-ġejjieni jkun hemm skema ta' finanzjament vera u proprja għall-mużika fi ħdan il-ġenerazzjoni li jmiss tal-programmi tal-Unjoni, li tkun tista' tappoġġa lid-diversità u lit-talent Ewropej kif ukoll lill-kompetittività tas-settur b'mod aktar immirat.

Fdan ir-rigward, l-azzjoni preparatorja, b'mod partikolari, se tinkludi miżuri għall-istħarriġ u l-immappjar tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-fergħat rilevanti tal-ekosistema mużikali fl-Istati Membri biex iservu bħala element addizzjonali meta jkunu qed jiġu definiti l-oqsma ta' azzjoni rilevanti futuri li jkollhom valur miżjud ċar għall-Unjoni (wara l-2020).

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 19 Proġett pilota — Finanzi, Tagħlim, Innovazzjoni u Privattivi għall-Industriji Kulturali u Kreattivi (FLIP għal IKK)

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

*Kummenti*

Id-diversità kulturali u l-identifikazzjoni tat-taħlita kulturali xierqa huma elementi ta' importanza strateġika għall-kreattività u l-innovazzjoni. L-industriji kulturali u kreattivi (IKK) fl-Ewropa jħaddmu aktar minn 12-il miljun ħaddiem, jew 7,5 % tal-forza tax-xogħol Ewropea, u joħlqu madwar EUR 509 000 000 000 ta' valur miżjud bħala konsegwenza, partikolarment, tal-kontribut li jagħtu l-impriżi żgħar u tal-mikroimpriżi. L-IKK jirrappreżentaw mutur li jiġġenera vantaġġ kompetittiv għall-Ewropa, speċjalment minħabba li jfornu prodotti u servizzi li jipromwovu l-evoluzzjoni tal-paradigmi produttivi tal-Industrija 4.0.

**KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA** (ikompli)**15 04 77** (ikompli)

15 04 77 19 (ikompli)

Dan il-proġett pilota se jiddefinixxi u jittestja l-politiki u l-azzjonijiet neċessarji biex dawn l-impriżi jiġu sostnuti u żviluppjati, li, bl-appoġġ adegwat, jistgħu jiġġeneraw benefiċċji trasversali u effetti konsegwenzjali fl-oqsma u fis-setturi kollha li magħhom dawn l-impriżi jinteraġixxu biex jilhqqu l-oġettivi kummerċjali tagħhom.

Id-direzzjoni ewlenija tal-proġett pilota jinvolvi erba' oqsma:

**1. Mudell ġdid ta' analiżi tal-ħiliet**

Il-mudell ta' rikonoxximent tal-ħiliet ġeneralment użat fis-sistemi Ewropej ta' taħriġ għandu bżonn li jkun rivedut u aġġornat biex jinkludi kif suppost lill-mudell organizzattiv ta' dawn l-impriżi, li spiss huma kkaratterizzati minn struttura ftit ġerarkika, minn tolleranza akbar għar-riskji, minn approċċ differenti tal-ġestjoni tal-ħin u minn skambju dixxiplinari qawwi u b'hekk mhumiex kompatibbli mal-paradigma tal-manifattura tradizzjonali. Dan il-mudell il-ġdid ta' analiżi u identifikazzjoni tal-ħiliet kompatibbli mal-oqsma STEAM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija/Ambjent, Arti u Manifattura) għandu l-għan li joħloq relazzjoni privileġġata bejn l-impriżi virtużi, l-aħjar prattiki l-aktar sinifikanti u l-esperjenzi ta' suċċess, bil-għan li jkun identifikati u definiti kemm il-ħiliet kif ukoll il-karatteristiċi tal-figuri professjonali li jaħdmu f'dawn il-kuntesti. Fi kliem ieħor, il-ġenesi u l-evoluzzjoni ta' dawn il-ħiliet iridu jerġġu jinstabu, billi nitbiegħdu mill-paradigma l-aktar mifrux li fih il-figuri professjonali huma kodifikati fi ħdan proċessi tax-xogħol analitiċi-deskrittivi (tipiċi tal-organizzazzjonijiet tal-manifattura), biex jinkisbu deskrezzjonijiet tal-kompiti konsistenti mal-karatteristiċi organizzattivi distintivi ta' dawn l-impriżi.

B'mod speċifiku, il-proġett se jinqasam f'dawn il-fażijiet:

- selezzjoni tal-ikk bl-“aħjar prattiki” biex ikunu involuti fl-istħarriġ biex jifformula mudell ta' klassifikazzjoni tal-ħiliet li jirrikonoxxi n-natura speċjali tad-diversi setturi (patrimonju storiku u artistiku, industrija tal-kontenut, industrija tal-ICTs u kultura tal-materjali, inklużi l-makrosetturi tal-moda, tad-design u tal-industrija tat-togħmiet) u d-dimensjonijiet reġjonali tal-Unjoni;
- żvilupp ta' mudell ta' rikonoxximent tal-ħiliet;
- testjar tal-mudell ma' grupp usa' ta' impriżi;
- rilaxx ta' mudell ta' kodifikazzjoni tal-ħiliet u ta' assoċjazzjoni tagħhom mal-figuri professjonali fid-dawl tal-qafas Ewropew dwar il-ħiliet.

**2. Indikazzjonijiet għas-sistema tal-edukazzjoni**

Illum il-ġurnata l-iżvilupp tal-ħiliet kreattivi u kulturali huwa r-riżultat ta' proċess li la huwa totalment strutturat u lanqas perfettament allinjat mal-bżonnijiet tal-ġestjoni fit-terminu medju/twil tal-ikk. Ir-riżultat prodott mill-mudell ta' rikonoxximent tal-ħiliet ikun iwitti t-triq għall-identifikazzjoni ta' aspetti u kwistjonijiet fis-sistema tal-edukazzjoni marbuta mal-karatteristiċi tal-programmi ta' taħriġ intiżi li jiżviluppaw il-ħiliet. Fil-fatt, il-ħiliet strateġiċi għall-ikk spiss jiġihallaw jiżviluppaw għal riħhom u għall-inizjattiva u għall-inventiva individwali, inkella għall-proċessi informali, mingħajr approċċ strutturat li jkun ġej minn viżjoni li trawwem politika ta' taħriġ preċiża u programmi mmirati.

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

**KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA** (ikompli)**15 04 77** (ikompli)

15 04 77 19 (ikompli)

L-objettiv prinċipali ta' din il-fażi tal-proġett pilota huwa li dawn il-ħiliet jtkomplew permezz tas-sistema ta' taħriġ, b'tali mod li jitħejja numru akbar ta' ċittadini Ewropej biex joperaw b'mod effikaċi fis-setturi kummerċjali varji li fihom huma involuti l-IKK.

Il-linji gwida għandhom ikunu strutturati b'tali mod li l-osservazzjoni tan-natura speċifika tas-sistemi nazzjonali u reġjonali tal-edukazzjoni torjenta l-programmi ta' taħriġ tagħhom, mit-taħriġ primarju għall-edukazzjoni terzjarja. Jenħtieġ li jsiru sforzi biex titjeb il-kapaċità ta' djalogu tas-sistema tal-edukazzjoni mal-IKK u biex jiġu promossi mudelli innovattivi ta' taħriġ (laboratorji ta' taħlim, ċentri kreattivi, eċċ.). Dan għandu jakkumpanja l-formulazzjoni ta' linji gwida biex jitħarrġu l-għalliema ħalli jippromwovu t-tagħlim ibbażat fuq il-ħiliet u biex imorru oltre sistema riġida ta' dixxiplini u jiffavorixxu approċċ olistiku u multidixxiplinari. Sekli ta' tradizzjonijiet ta' snajja' fl-Ewropa juru l-valur tal-ħin li dak li jkun iqatta' biex jikseb esperjenza f'diversi ħwienet tax-xogħol bħala parti importanti tat-taħriġ kulturali u Prattiku ta' aspirant mastro fis-snajja' kreattivi. Għalkemm il-forom ta' taħlim tal-imġhoddi tal-“Wandereselle” fil-Ġermanja jew tal-“compagnon” fi Franza kienu forom awtoorganizzati, dawn jenfasszaw il-bżonn ta' approċċ Ewropew komuni u strukturati biex ikunu identifikati u trasferiti l-ħiliet elużivi tal-IKK.

**3. Klassifikazzjoni finanzjarja ġdida għall-IKK**

L-aċċess għall-finanzjament huwa wieħed mill-ostakli ewlenin li l-IKK isibu biex jikbru, li ġeneralment huma żgħar u spiss sottokapitalizzati. Is-sistema bankarja u finanzjarja tikklassifika bil-mod dawn l-impriżi fi ħdan sistemi tradizzjonali, billi l-biċċa l-kbira tagħhom jissejju fuq prototip jew proġett uniku u jiddependu enormement mill-prodotti u mis-servizzi tagħhom, mit-talent individwali u mill-assunzjoni ta' riskji. Għall-kuntrarju tal-impriżi li joperaw fis-setturi teknoloġiċi, l-IKK ikollhom jitħabtu biex jiksbu rikonossiment tal-valur tal-assi intanġibbli tagħhom fil-karti tal-bilanċ tagħhom u l-investimenti tagħhom fl-iżvilupp ta' talenti ġodda u ideat kreattivi ma jikkorrispondux għall-kunċett abitwali tar-R&Ż.

Il-proġett se jiddefinixxi l-linji gwida biex titjeb il-kapaċità tal-IKK li jikkomunikaw aħjar il-valuri finanzjarji assoċjati mal-assi intanġibbli biex jagħtu lil dawn l-impriżi aċċess ġust għas-self. B'dan il-mod l-IKK ikunuilhom eħfef biex jaċċedu għal sistemi ta' garanzija (eż. Il-Programm Ewropa Kreattiva u l-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku (FESI)) u għal mekkaniżmi ta' finanzjament oħrajn. Il-linji gwida se jiġu definiti fuq il-bażi ta' tqabbil mal-istrumenti eżistenti fil-pajjiżi Ewropej (eż. Bancopass fl-Italja) li dawn l-impriżi diġà jużaw biex jiddjalogaw b'mod proattiv mal-banek.

**4. Valorizzazzjoni u difiża tal-proprjetà intellettwali prodotta mill-IKK**

L-impriżi li jħarsu l-attivitatiet intellettwali tagħhom huma 22 % aktar produttivi (fl-istess territorju, settur u tal-istess daqs), b'żieda fid-dħul ta' 2 % ogħla mill-medja tal-kampjun. B'mod speċifiku, l-impriżi li ppreżentaw privattiva fl-2011-2013 għandhom 6,5 % aktar f'esportazzjonijiet fid-dħul totali, fl-istess territorju, settur u tal-istess daqs.

Minħabba l-organizzazzjoni spiss sottostrutturata tal-industriji kulturali u kreattivi, ir-reġistrazzjoni jew il-ksib ta' privattiva għall-innovazzjonijiet li kapaċi jipproduċu mhumiex dejjem prijorità, b'hekk jonqos il-valur tar-riżultati prodotti minn tali innovazzjoni. Huwa għalhekk essenzjali li jiġi eżaminat kif dawn l-industriji, speċjalment dawk żgħar u ta' daqs medju, isiru jafu bil-benefiċċji f'termini ta' impatt aktar qawwi mir-reġistrazzjoni jew mill-ksib ta' privattiva għall-prodotti u għas-servizzi innovattivi tagħhom, u jitrawwem l-aċċess għal dawn l-opportunitajiet, billi spiss dawn l-impriżi huma sottokapitalizzati. Bis-saħħa ta' rabta stretta mar-riżultati mit-tqabbil bejn l-aħjar Prattiki u l-istrumenti deskritti fil-punt 3, il-proġett se jiżviluppa l-istrumenti eżistenti fil-pajjiżi Ewropej li l-impriżi jużaw biex jiddjalogaw mal-banek, mal-entitajiet u l-istituzzjonijiet finanzjarji, bl-involviment ta' punti speċifiċi li jistgħu jqawwu l-valur tar-reġistrazzjoni u tal-ksib ta' privattiva għall-innovazzjoni.

**KAPITOLU 15 04 — PROGRAMM EWROPA KREATTIVA** (*ikompli*)**15 04 77** (*ikompli*)15 04 77 19 (*ikompli*)*Qafas ta' żvilupp tal-proġett.*

L-inizjattiva se tkun żviluppata permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet Ewropej li jqawwu l-kompetenzi tal-organizzazzjonijiet kwalifikati fid-diversi fażijiet u attivitajiet li jikkomponu l-proġett pilota. L-organizzazzjonijiet li jwettqu l-proġett pilota jenħteġ li jirrappreżentaw ir-reġjuni ta' riferiment ewlenin għall-IKK u jkunu mgħammra bir-riżorsi neċessarji biex jimmassimizzaw l-impatt tal-proġett.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

## KAPITOLU 15 05 — KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
15 05	KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ								
<b>15 05 01</b>	<b>Korp Ewropew ta' Solidarjetà</b>								
	Riżervi (40 02 41)	1,1	p.m. 38 235 652	p.m. 28 676 000					
			38 235 652	28 676 000					
	<b>Kapitolu 15 05 — Total</b>		<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>					
	Riżervi (40 02 41)		<b>38 235 652</b>	<b>28 676 000</b>					
			<b>38 235 652</b>	<b>28 676 000</b>					

**15 05 01 Korp Ewropew ta' Solidarjetà**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 05 01	p.m.	p.m.				
Riżervi (40 02 41)	38 235 652	28 676 000				
Total	38 235 652	28 676 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

F'konformità mal-oġġettiv ġenerali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, din l-appropriazzjoni hija maħsuba li ssegwi l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin ta' din l-inizjattiva:

- bl-appoġġ ta' organizzazzjonijiet, li jipprovdu liż-żgħażaġħ, b'opportunitajiet aċċessibbli għal involviment f'attivitajiet ta' solidarjetà filwaqt li jtejbju l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom għall-iżvilupp personali, soċjali, edukattiv u professjonali, kif ukoll għall-impjegabilità tagħhom;
- sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet ta' solidarjetà li huma offruti lill-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jagħtu kontribut biex jiġu indirizzati sfidi soċjali konkreti u għat-tisħiħ tal-komunitajiet, ikunu ta' kwalità għolja u jkunu rikonoxxuti b'mod xieraq.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 2017, li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, (UE) Nru 1293/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (COM(2017) 262 final).



*TITOLU 16*

**KOMUNIKAZZJONI**

KUMMISSJONI

TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**TITOLU 16****KOMUNIKAZZJONI****Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)**

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"	128 768 691	128 768 691	127 302 438	127 302 438	130 502 244,09	130 502 244,09
16 03	AZZJONIJET TA' KOMUNI- KAZZJONI	84 253 000	83 201 000	84 269 000	82 757 000	80 185 507,07	71 394 028,75
	<b>Titolu 16 — Total</b>	<b>213 021 691</b>	<b>211 969 691</b>	<b>211 571 438</b>	<b>210 059 438</b>	<b>210 687 751,16</b>	<b>201 896 272,84</b>

## TITOLU 16

## KOMUNIKAZZJONI

## KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
16 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"					
<b>16 01 01</b>	<b>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"</b>	5,2	68 416 499	68 404 916	67 157 967,13	98,16
<b>16 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"</b>					
16 01 02 01	Persunal estern — Kwartieri Ġenerali	5,2	5 605 608	5 861 231	6 041 070,93	107,77
16 01 02 03	Persunal estern — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni	5,2	18 170 000	17 067 000	17 714 989,54	97,50
16 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	2 922 416	2 917 858	3 039 048,71	103,99
	Artikolu 16 01 02 — Subtotal		26 698 024	25 846 089	26 795 109,18	100,36
<b>16 01 03</b>	<b>Nefqa marbuta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa operatorja oħra tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"</b>					
16 01 03 01	Nefqa marbuta mat-tagħmir u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	4 422 668	4 271 433	5 164 068,97	116,76
16 01 03 03	Nefqa tal-bini u nefqa oħra relatata — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni	5,2	26 765 500	26 370 000	29 140 264,49	108,87
	Artikolu 16 01 03 — Subtotal		31 188 168	30 641 433	34 304 333,46	109,99
<b>16 01 04</b>	<b>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"</b>					
16 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għal azzjonijiet ta' komunikazzjoni	3	1 146 000	1 090 000	1 033 729,82	90,20
	Artikolu 16 01 04 — Subtotal		1 146 000	1 090 000	1 033 729,82	90,20
<b>16 01 60</b>	<b>Xiri ta' informazzjoni</b>	5,2	1 320 000	1 320 000	1 211 104,50	91,75
	<b>Kapitolu 16 01 — Total</b>		<b>128 768 691</b>	<b>127 302 438</b>	<b>130 502 244,09</b>	<b>101,35</b>

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" (ikompli)

**16 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
68 416 499	68 404 916	67 157 967,13

**16 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"**

16 01 02 01 Persunal estern — Kwartieri Ġenerali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
5 605 608	5 861 231	6 041 070,93

16 01 02 03 Persunal estern — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
18 170 000	17 067 000	17 714 989,54

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba li tkopri r-remunerazzjoni, is-sahra b'rata fissa, u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-persunal lokali, persunal b'kuntratt u persunal ta' aġenzija impjegati fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 000.

*Bażi ġuridika*

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

16 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 922 416	2 917 858	3 039 048,71

*Kummenti*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 3 000.

## KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" (ikompli)

**16 01 03 Nefqa marbuta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa operatorja oħra tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"**

16 01 03 01 Nefqa marbuta mat-tagħmir u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

Ċifri (Approprazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprazzjonijiet 2018	Approprazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 422 668	4 271 433	5 164 068,97

16 01 03 03 Nefqa tal-bini u nefqa oħra relatata — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Approprazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprazzjonijiet 2018	Approprazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
26 765 500	26 370 000	29 140 264,49

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba li tkopri:

- il-pagament ta' kerjiet u l-pagament ta' ċens b'rabta ma' binjiet jew partijiet ta' binjiet okkupati, u l-kera ta' swali tal-konferenzi, mħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,
- assigurazzjoni u l-ħlas tal-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew partijiet tal-bini okkupati mill-istituzzjoni,
- l-ispejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u t-tisħin,
- l-ispiża għax-xogħol tal-manutenzjoni u l-ispejjeż tal-manutenzjoni, ikkalukulati fuq il-bażi tal-kuntratti attwali, għall-bini, il-liftijiet, it-tisħin ċentrali, it-tagħmir tal-arja kkundizzjonata, eċċ.; in-nefqa mġarrba mill-operazzjonijiet regolari ta' tindif, ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tat-tessuti u għad-dry cleaning, eċċ. u mit-tibjid, tiswija u provvisti użati mis-servizzi tal-manutenzjoni,
- it-tagħmir għall-binjiet, pereżempju alterazzjonijiet għall-kompartimenti, alterazzjonijiet għall-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi u apparat elettriku, xogħlijiet sanitarji, tibjid, kisi tal-art, eċċ.,
- il-kost għall-apparat meħtieġ,
- l-ispejjeż relatati mas-sigurtà tal-persuni u l-bini, kemm fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi kif ukoll is-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u l-proprjetà. Dawn l-ispejjeż jinkludu, pereżempju kuntratti għall-ħarsien tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni tal-installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir, ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir kontra n-nirien, il-bdil ta' tagħmir għall-persuni li jifdu n-nirien u l-ispejjeż statutorji ta' spezzjoni kif ukoll sessjonijiet ta' informazzjoni lill-persunal dwar kif jużaw it-tagħmir tas-sigurtà,
- in-nefqa għal binjiet, b'mod partikolari tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (għbir tal-iskart, eċċ.),
- id-debiti għall-assistenza teknika dwar operazzjonijiet kbar ta' trasformazzjoni u konverżjoni,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

## KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" (ikompli)

## 16 01 03 (ikompli)

## 16 01 03 03 (ikompli)

- il-kost tax-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' apparat tekniku u tagħmir, għamara u vetturi,
- ix-xiri ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra mhux perjodiċi, l-aġġornament ta' volumi eżistenti, kostijiet tal-legatura u x-xiri ta' apparat elettroniku ta' identifikazzjoni,
- in-nefqa għal abbonamenti għall-gazzetti, perjodiċi speċjalisti, ġurnali uffiċjali, dokumenti parlamentari, statistika tal-kummerċ barrani, rapporti tal-aġenziji tal-aħbarijiet u diversi pubblikazzjonijiet oħra speċjalizzati,
- il-kost tas-sottoskrizzjonijiet u l-aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni elettronika u bażijiet tad-dejta esterni u l-akkwist ta' media elettroniċi,
- it-taħriġ u s-sostenn meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni,
- it-taħriġ marbut mas-saħħa u s-sikurezza b'segwitu għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' April 2006 li tistabilixxi Politika Armonizzata għas-Saħħa u s-Sikurezza fil-post tax-xogħol għall-persunal kollu tal-Kummissjoni C(2006) 1623,
- id-drittijiet tal-awtur,
- il-kost tal-kartolerija u provvisti għall-uffiċċji,
- il-kost għal materjali tax-xogħol,
- l-ispejjeż għal-laqgħat interni,
- l-ispiża tal-ġarr dipartimentali,
- l-ispejjeż mediċi li jiġu bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal,
- il-kost tal-istallazzjoni, iż-żamma u l-operat taż-żoni tal-kejtoring,
- in-nefqa operatorja oħra,
- id-debiti tal-posta u spedizzjoni,
- l-abbonamenti u debiti tat-telekomunikazzjonijiet,
- il-kost tax-xiri u l-istallazzjoni ta' apparat tat-telekomunikazzjonijiet,
- in-nefqa tat-teknoloġija informatika (IT) għall-uffiċċji fl-Unjoni, partikolarment nefqa fuq sistemi ta' informazzjoni u mmaniġġjar, infrastruttura ta' awtomatizzazzjoni tal-uffiċċji, kompjuters personali, servers, u infrastruttura relatata, periferali (printers, skeners, eċċ.), apparat tal-uffiċċju (fotokopjatriċi, magni tal-faks, tajpraġters, dictaphones, smart-phones, tablets eċċ.) u nefqa ġenerali fuq networks, sostenn, assistenza għall-utenti, taħriġ u migrazzjonijiet tal-IT,

**KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “KOMUNIKAZZJONI”** (ikompli)**16 01 03** (ikompli)

## 16 01 03 03 (ikompli)

— kwalunkwe nefqa biex tkopri l-kost tax-xiri jew għall-kiri bl-opzjoni ta' xiri ta' binjiet.

Din l-approprijazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, bl-esklużjoni tas-siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li n-nefqa għalih tiddaħħal fl-Artikolu 01 05 tal-titoli konċernati. Nefqa simili mġarrba barra l-Unjoni tiddaħħal fil-Partita 01 03 02 tat-titoli konċernati.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 250 000.

**16 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika “Komunikazzjoni”**

## 16 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għal azzjonijiet ta' komunikazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 146 000	1 090 000	1 033 729,82

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intiża biex tkopri nefqa orizzontali fuq, inter alia, studji, laqgħat, kontrolli *ex post*, għajnuna esperta teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti tal-awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ad hoc, valutazzjoni ta' attivitajiet orizzontali jew tranżettorjali u attivitajiet ta' professionalizzazzjoni, kif ukoll ir-rimbors ta' spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż relatati ta' persuni mistiedna li jsegwu x-xogħol tal-Kummissjoni.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri wkoll nefqa tal-IT għal sistemi ta' ġestjoni u informazzjoni rilevanti għall-iżvilupp u l-manutenzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Partiti 16 03 01 02, 16 03 01 03, 16 03 02 03 u 16 03 02 05.

**16 01 60 Xiri ta' informazzjoni**

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 320 000	1 320 000	1 211 104,50

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa mġarrba fl-Unjoni li ġejja:

KUMMISSJONI

TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" (ikompli)**

**16 01 60** (ikompli)

- il-prezz tal-abbonamenti u l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni fuq l-internet bħal aġenziji tal-istampa, aħbarijiet fuq l-internet, fornituri tal-informazzjoni u bażijiet tad-dejta esterni,
- it-taħriġ u s-sostenn meħtieġa għall-aċċess ta' din l-informazzjoni.

Tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni ħlief għar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa tal-IT għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni u ġestjoni rilevanti possibbli.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).



KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

## KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
16 03	AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI								
<b>16 03 01</b>	<b>Għoti ta' taqhrif liċ- ċittadini tal-Unjoni</b>								
16 03 01 02	Informazzjoni għall- midja u l-produzzjonijiet awdjoviżivi	3	6 190 000	5 900 000	6 177 000	4 958 000	6 245 422,40	5 235 432,95	88,74
16 03 01 03	Uffiċċju tal-inform- azzjoni	3	15 500 000	14 600 000	14 700 000	13 642 000	14 523 829,42	14 294 908,47	97,91
16 03 01 04	Komunikazzjoni tar- Rappreżentanzi tal- Kummissjoni, id-Djalogi taċ-Ċittadini u l- azzjonijiet ta' "Sħubija"	3	18 357 000	17 800 000	17 036 000	14 600 000	15 022 375,37	12 350 538,68	69,39
16 03 01 05	Spazji Pubbliċi Ewropej	5,2	1 246 000	1 246 000	1 246 000	1 246 000	1 179 561,49	1 171 000,—	93,98
	<i>Artikolu 16 03 01 — Subtotal</i>		41 293 000	39 546 000	39 159 000	34 446 000	36 971 188,68	33 051 880,10	83,58
<b>16 03 02</b>	<b>Forniment ta' komuni- kazzjoni istituzzjonali u analiżi tal-informazzjoni</b>								
16 03 02 01	Żjarat lill-Kummissjoni	3	4 000 000	3 978 000	3 900 000	3 670 000	3 883 260,62	3 594 679,65	90,36
16 03 02 02	Operat ta' studjos tar- radju u tat-televiżjoni u taqhrim awdjoviżiv	5,2	5 600 000	5 600 000	5 700 000	5 700 000	5 623 958,68	5 634 000,—	100,61
16 03 02 03	Informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal- komunikazzjoni	3	21 300 000	21 419 000	23 710 000	26 075 000	23 656 115,44	21 321 378,01	99,54
16 03 02 04	Rapport ġenerali u pubblikazzjonijiet oħra	5,2	2 160 000	2 160 000	2 160 000	2 160 000	2 110 993,41	1 731 090,99	80,14
16 03 02 05	Analiżi tal-opinjoni pubblika	3	6 900 000	7 498 000	6 640 000	6 570 000	6 639 990,64	4 611 000,—	61,50
	<i>Artikolu 16 03 02 — Subtotal</i>		39 960 000	40 655 000	42 110 000	44 175 000	41 914 318,79	36 892 148,65	90,74

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>16 03 04</b>	<b>Id-Dar tal-Istorja Ewropea</b>	3	3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 200 000	800 000,—	800 000,—	26,67
<b>16 03 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
16 03 77 04	Tlestija tal-proġett pilota EuroGlobe	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
16 03 77 05	Azzjoni preparatorja — Share Europe Online	3	p.m.	p.m.	p.m.	936 000	499 999,60	650 000,—	
	Artikolu 16 03 77 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	936 000	499 999,60	650 000,—	
	<b>Kapitolu 16 03 — Total</b>		<b>84 253 000</b>	<b>83 201 000</b>	<b>84 269 000</b>	<b>82 757 000</b>	<b>80 185 507,07</b>	<b>71 394 028,75</b>	<b>85,81</b>

**16 03 01** **Għoti ta' tagħrif liċ-ċittadini tal-Unjoni**

16 03 01 02 Informazzjoni għall-midja u l-produzzjonijiet awdjoviżivi

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 190 000	5 900 000	6 177 000	4 958 000	6 245 422,40	5 235 432,95

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja l-informazzjoni ġenerali għaċ-ċittadini dwar attivitajiet tal-Unjoni, sabiex tiżied il-viżibbiltà tal-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-istadji fil-bini tal-Ewropa, b'attenzjoni ewlenija fuq il-midja. L-għodda żviluppata għal fehim u rapportar aħjar tal-kwistjonijiet ta' interess attwali jkopru b'mod ewlieni:

- multimedia (ritratti, vidjo, eċċ.) materjal ta' tagħrif għall-mezzi tax-xandir u pjattaformi oħrajn, inkluż fil-pubblikazzjoni/xandir u l-preservazzjoni/id-disseminazzjoni tagħhom fuq terminu twil,
- seminars u sostenn għall-ġurnalisti.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa tal-IT għal sistemi ta' ġestjoni u informazzjoni rilevanti għall-iżvilupp u l-manutenzjoni.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll nefqa tal-valutazzjoni u l-professionalizzazzjoni.

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)**16 03 01** (ikompli)

## 16 03 01 02 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 16 03 01 03 Uffiċċju tal-informazzjoni

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 500 000	14 600 000	14 700 000	13 642 000	14 523 829,42	14 294 908,47

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' informazzjoni liċ-ċittadini u tkopri:

- il-finanzjament tan-netwerk Europe Direct madwar l-Ewropa (Europe Direct Information Centres, ċentri Ewropej tad-dokumentazzjoni, kelliema ta' Team Europe, eċċ.); dan in-netwerk jissupplimenta l-ħidma tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri,
- is-sostenn, it-tahriġ, il-koordinazzjoni u l-assistenza għan-netwerk Europe Direct,
- il-finanzjament tal-produzzjoni, il-ħżin u t-tixrid tal-materjal ta' informazzjoni u prodotti ta' komunikazzjoni minn/ għal dawn l-uffiċċji.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa tal-IT għal sistemi ta' ġestjoni u informazzjoni rilevanti għall-iżvilupp u l-manutenzjoni.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll nefqa tal-valutazzjoni u l-professjonalizzazzjoni.

Din l-appropriazzjoni għandha l-għan ukoll li tikkomplementa l-azzjonijiet speċifiċi li ċ-Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct (EDICs) għandhom jorganizzaw, b'rabta mal-Elezzjonijiet Ewropej tal-2019, skont il-pjanijiet annwali tax-xogħol tagħhom u b'koerenza sħiħa mal-istrategġja istituzzjonali tal-komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew. B'komplement-arjetà sħiħa mal-azzjonijiet tal-Uffiċċji tal-Infomazzjoni, dan jista' jinvolvi attivitajiet bi skop ta' sensibilizzazzjoni, appoġġ għall-animazzjoni tal-midja soċjali, impenn strateġiku u tipi oħra ta' azzjonijiet offline u online.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

## KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

16 03 01 (ikompli)

16 03 01 03 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 8443 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2017 fil-qasam tal-Komunikazzjoni, li sserve bħala deċiżjoni ta' finanzjament.

16 03 01 04 Komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, id-Djalogi taċ-Ċittadini u l-azzjonijiet ta' "Sħubija"

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 357 000	17 800 000	17 036 000	14 600 000	15 022 375,37	12 350 538,68

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intiża li tiffinanzja informazzjoni ġenerali liċ-ċittadini u tkopri n-nefqa fuq il-komunikazzjoni ċentralizzata u deċentralizzata kif ukoll in-nefqa fuq id-Djalogi taċ-Ċittadini. L-objettiv tal-attivitajiet lokali tal-komunikazzjoni huwa b'mod partikolari li l-gruppi fil-mira jingħataw l-għodod biex jifhmu aħjar il-kwistjonijiet topiċi tal-politika tal-Unjoni. L-għan tad-Djalogi maċ-Ċittadini huwa b'mod partikolari li jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni diretta dwar l-inizjattivi kbar tal-politika tal-Unjoni u biex jippromwovw djalogu bejn iċ-ċittadini u l-Membri tal-Kummissjoni bl-attenzenza regolari tar-rappreżentanti ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri, sabiex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet tal-Unjoni u biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jsemmu leħinhom ma' dawk li jfasslu l-politika.

Għas-snin baġitarji 2018 u 2019, din l-appropriazzjoni suppost tkopri l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni dwar id-drittijiet elettorali taċ-ċittadini u l-importanza tal-elezzjonijiet Ewropej biex jissawwar il-ġejjieni tal-Ewropa.

Din l-appropriazzjoni għandha tippromwovi wkoll djalogu maċ-ċittadini dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, abbażi tal-White Paper ippreżentata mill-Kummissjoni fl-2017.

Dawn l-attivitajiet huma implimentati fl-Istati Membri permezz ta':

- operazzjonijiet ta' komunikazzjoni marbuta ma' prijoritajiet annwali jew multiannwali speċifiċi kif stipulat fid-Dikjarazzjoni Konġunta (fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1),
- azzjonijiet ta' komunikazzjoni *ad hoc* fuq skala nazzjonali jew internazzjonali li jirrispondu għal prijoritajiet ta' komunikazzjoni,

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (*ikompli*)**16 03 01** (*ikompli*)16 03 01 04 (*ikompli*)

- avvenimenti pubbliċi għaċ-ċittadini minn kull qasam tas-soċjetà,
- djalogi maċ-ċittadini u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq l-internet u l-media soċjali,
- seminars u konferenzi kif ukoll sessjonijiet ta' ħidma ma' gruppi fil-mira iktar speċifiċi, bħal zghażaġh, u bl-applikazzjoni ta' metodi parteċipattivi,
- organizzazzjoni jew parteċipazzjoni f'avvenimenti Ewropej, wirjiet u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjoni ta' żjarat individwali, eċċ.,
- miżuri ta' komunikazzjoni diretti mmirati lejn il-pubbliku ġenerali (pereżempju servizzi ta' pariri għaċ-ċittadini),
- miżuri ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-multiplikaturi tal-opinjoni, b'mod partikulari miżuri msaħħa li jinvolvu l-istampa reġjonali ta' kuljum, li hija sors ta' informazzjoni ewlieni għal għadd kbir ta' ċittadini Ewropej,
- ġestjoni taċ-ċentri tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni.

L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni jistgħu jiġu organizzati bi sħab mal-Parlament Ewropew u/jew l-Istati Membri sabiex jinħolqu sinerġiji bejn il-mezzi ta' kull sħab u jkunu kkoordinati l-attivitajiet tagħhom ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea.

Din l-appropriazzjoni tista' sservi wkoll biex tiffinanzja attivitajiet li jqajmu kuxjenza u informazzjoni dwar inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej f'kooperazzjoni mar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni u ċ-Ċentri lokali ta' informazzjoni Europe Direct fl-Istati Membri.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri studji, servizzi loġistiċi, għajnuna teknika, partikolarment għall-IT inkluża l-manutenzjoni tal-internet u s-servizzi tal-midja soċjali, laqgħat ta' esperti u għajnuna teknika u amministrattiva esperta li ma tinvolvi kompiti tal-awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ad hoc, kif ukoll ir-rimbors ta' spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż relatati ta' persuni mistiedna li jsegwu x-xogħol tal-Kummissjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa tal-IT għal sistemi ta' ġestjoni u informazzjoni rilevanti għall-iżvilupp u l-manutenzjoni.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll nefqa tal-valutazzjoni u l-professionalizzazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 55 000.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI (ikompli)**

**16 03 01 (ikompli)**

16 03 01 05 Spazji Pubbliċi Ewropej

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 246 000	1 246 000	1 246 000	1 246 000	1 179 561,49	1 171 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intiża biex tiffinanzja informazzjoni ġenerali liċ-ċittadini u tkopri speċifikament il-ftuħ u l-ġestjoni tal-"Spazji Pubbliċi Ewropej (EPS) fid-Djar tal-Ewropa li qed jospitaw formalment l-EPS. Il-Kummissjoni tmexxi l-arranġamenti loġistiċi għall-EPS għall-benefiċċju taż-żewġ istituzzjonijiet (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni), inkluż l-ispejjeż operazzjonali u l-organizzazzjoni tas-servizzi mogħtija b'kuntratt. L-EPS għandha tkun immexxija b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet fuq il-bażi ta' rapport ta' valutazzjoni annwali dwar il-ġestjoni u t-tħaddim tal-EPS, kif ukoll abbażi ta' programm ta' ħidma għas-sena li jmiss. Dawn iż-żewġ dokumenti, li jiġu abbozzati b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet u jikkostitwixxu l-elementi fundamentali għall-allokazzjoni tal-fondi għas-sena ta' wara, għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-ħin biex ikunu jistgħu jitqiesu fil-proċedura tal-baġit.

L-Ispazji Pubbliċi Ewropej jistgħu jservu ta' pjattaforma importanti għall-komunikazzjoni maċ-ċittadini. Ikun tajjeb li, fl-2018, l-attivitajiet fl-ambitu tal-Ispazji Pubbliċi Ewropej jiffokaw fuq il-forniment ta' tagħrif liċ-ċittadini dwar id-drittijiet elettorali tagħhom u l-importanza tal-elezzjonijiet Ewropej biex jissawwar il-ġejjieni tal-Ewropa. Huma jmisshom ukoll jinkoraġġixxu djalogu maċ-ċittadini dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, abbażi tal-White Paper ippreżentata mill-Kummissjoni fl-2017.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**16 03 02 Forniment ta' komunikazzjoni istituzzjonali u analiżi tal-informazzjoni**

16 03 02 01 Żjarat lill-Kummissjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 000 000	3 978 000	3 900 000	3 670 000	3 883 260,62	3 594 679,65

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża tal-organizzazzjoni ta' żjarat fil-Kummissjoni, inkluża n-nefqa amministrattiva marbuta maż-żjarat.

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)**16 03 02** (ikompli)

## 16 03 02 01 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija intiża wkoll biex tkopri n-nefqa tal-IT fuq l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi rilevanti tal-informazzjoni u tal-maniġment.

Din l-appropriazzjoni tista' wkoll tkopri nefqa tal-valutazzjoni u l-professionalizzazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 16 03 02 02 Operat ta' studjos tar-radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjoviżiv

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 600 000	5 600 000	5 700 000	5 700 000	5 623 958,68	5 634 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż kollha tat-tħaddim tal-istudios u l-faċilitajiet awdjoviżivi kollha tal-Kummissjoni u faċilitajiet oħra ta' informazzjoni awdjoviżiva: persunal u x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tat-tagħmir u l-materjal meħtieġ.

Tkopri wkoll kiri tas-satellita biex tipprovdi informazzjoni fuq l-attivitajiet tal-Unjoni għall-kanali televiżivi. Din l-appropriazzjoni għandha titħaddem skont il-prinċipji interistituzzjonali ta' kooperazzjoni biex tkun żgurata d-disseminazzjoni tal-informazzjoni kollha dwar l-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni tista' wkoll tkopri nefqa tal-valutazzjoni u l-professionalizzazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

## KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

## 16 03 02 (ikompli)

## 16 03 02 03 Informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 300 000	21 419 000	23 710 000	26 075 000	23 656 115,44	21 321 378,01

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intiża biex tkopri multimidja online u informazzjoni bil-miktub u għodod tal-komunikazzjoni li jikkonċernaw lill-Unjoni, bl-iskop li jipprovdu liċ-ċittadini kollha bl-informazzjoni ġenerali dwar ix-xogħol li jagħmlu l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, dwar id-deċiżjonijiet meħuda u dwar l-istadji fil-bini tal-Ewropa. Bl-għodod tal-internet, ikunu jistgħu jinġabru l-mistoqsijiet jew ir-reazzjonijiet taċ-ċittadini dwar il-kwistjonijiet Ewropej. Din hija ħidma ta' servizz pubbliku. L-informazzjoni tkopri l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Dawn l-għodod għandhom ikunu aċċessibbli lin-nies b'diżabilitajiet, skont il-linji gwida tal-Inizjattiva ta' Aċċessibilità għall-Web.

It-tipi ta' għodod ikkonċernati huma prinċipalment:

- is-sit Ewropa, li għandu jkun il-punt prinċipali ta' aċċess għas-siti politiċi u tal-informazzjoni l-ġodda li jagħtu liċ-ċittadini l-informazzjoni li jistgħu jeħtieġu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u li, għalhekk, għandhom ikunu strutturati aħjar, għandhom ikunu iktar faċli għall-untent u għandhom ikunu ottimizzati għall-apparati mobbli,
- is-siti tal-Internet u l-prodotti multimedjali u stampati tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri,
- stqarrijiet għall-istampa online, bażijiet tad-dejta u sistemi oħra online tal-komunikazzjoni (inkluż Rapid),
- kanali onlajn kumplimentari bħal midja soċjali, blogs u teknoloġiji tal-web 2.0,
- iċ-Ċentru ta' Kuntatt Europe Direct (ċentru ta' servizz multilingwi, numru tat-telefown 00800-67891011).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex:

- tiffinanzja r-ristrutturar tas-sit Europa b'mod iktar koerenti, biex is-sit jiġi ottimizzat għall-apparat tat-telefown ċellulari, biex jiġi ffukat fuq il-ħtiġijiet tal-utenti u biex isir professjonalizzat l-użu ta' kanali oħra fuq l-internet bħal midja soċjali, blogs u web 2.0. Dan jinkludi t-tipi kollha ta' taħriġ, servizzi ta' kkwċjar u konsulenza għal diversi gruppi ta' partijiet interessati,
- tkopri n-nefqa marbuta mal-ospitar u l-ispejjeż tal-liċenzji assoċjati mas-sit Europa.
- toffri sostenn għall-iskambju tal-aħjar Prattiki, it-trasferiment tal-għarfien u l-professjonalizzazzjoni billi tiffinanzja żjarat ta' esperti u Prattikanti fil-komunikazzjoni diġitali,
- tkopri l-kampanji ta' informazzjoni għall-iffaċilitar tal-aċċess għal dawn is-sorsi ta' informazzjoni, speċjalment għall-operat taċ-ċentru ta' kuntatt tal-Europe Direct, is-servizz ta' informazzjoni ġenerali multilingwi dwar l-affarijiet tal-Unjoni,
- tkopri n-nefqa marbuta mal-produzzjoni, għal gruppi varji fil-mira, ta' pubblikazzjonijiet stampati relatati mal-attivitatijiet tal-Unjoni li spiss jitqassmu permezz ta' netwerk deċentralizzat, primarjament:



**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)**16 03 02** (ikompli)

## 16 03 02 03 (ikompli)

- il-pubblikazzjonijiet tar-Rappreżentanzi (fuljetti, gazzetti u perjodiċi): kwalunkwe Rappreżentanza għandha publikazzjoni waħda jew aktar, imxerrda minn multiplikaturi, u jkopru diversi oqsma (soċjali, ekonomiċi u politiċi),
- id-disseminazzjoni (anki permezz ta' netwerk deċentralizzat) ta' informazzjoni bażika speċifika dwar l-Unjoni Ewropea (fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Unjoni) għall-pubbliku ġenerali, ikkoordinat mis-sit prinċipali tal-entità, kif ukoll il-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Il-kostijiet tal-pubblikazzjoni jkopru, fost affarijiet oħra, it-tnejn u l-abbozzar (inkluż id-dritt tal-awtur), l-editjar freelance, l-użu tad-dokumentazzjoni, ir-riproduzzjoni tad-dokumenti, l-akkwist jew il-ġestjoni ta' dejta, l-editjar, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluża l-verifika tal-konkordanza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-Internet jew l-istallazzjoni f'kwalunkwe mezz elettroniku ieħor, id-distribuzzjoni, il-ħżin, id-disseminazzjoni u l-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Din l-appropriazzjoni tista' wkoll tkopri nefqa tal-valutazzjoni u l-professionalizzazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 200 000.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 16 03 02 04 Rapport ġenerali u publikazzjonijiet oħra

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 160 000	2 160 000	2 160 000	2 160 000	2 110 993,41	1 731 090,99

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa fuq il-ħruġ, fi kwalunkwe midja, ta' publikazzjonijiet dwar suġġetti ta' importanza "li taħraq" marbuta mal-attivitajiet tal-Kummissjoni u l-ħidma tal-Unjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet previsti fit-Trattati u publikazzjonijiet istituzzjonali jew ta' referenza oħrajn, bħar-rapport ġenerali. Il-pubblikazzjonijiet jistgħu jkunu mmirati lejn gruppi speċifiċi bħall-professjoni tal-għalliema, iż-zgħażaġh, il-mexxejja tal-opinjoni jew il-pubbliku ġenerali.

Il-kostijiet tal-pubblikazzjoni jkopru, fost l-oħrajn, il-preparazzjoni u l-abbozzar (inkluż l-kuntratti tal-awturi), editjar freelance, l-użu tad-dokumentazzjoni, riproduzzjoni tad-dokumenti, xiri jew ġestjoni tad-dejta, l-editjar freelance, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluż verifika tal-konkordanza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-Internet jew l-istallazzjoni f'kwalunkwe mezz elettroniku, id-distribuzzjoni, il-ħżin, id-disseminazzjoni, u l-promozzjoni ta' dawn id-dokumenti, inkluż f'format li jkun aċċessibbli għaċ-ċittadini b'diżabilità.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)

**16 03 02** (ikompli)

16 03 02 04 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249(2) tiegħu.

16 03 02 05 Analiżi tal-opinjoni pubblika

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 900 000	7 498 000	6 640 000	6 570 000	6 639 990,64	4 611 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-analiżi tax-xejriet fl-opinjoni pubblika, primarjament bl-istharrġiet tal-opinjoni (pereżempju, l-istharrġiet tal-pubbliku ġenerali bl-“Ewrobarometru”, l-istharrġiet “flash”, bit-telefown, ta' popolazzjonijiet speċifiċi dwar temi partikolari, fuq livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew, jew stharrġiet kwalitattivi), kif ukoll il-kontroll tal-kwalità ta' dawn l-istharrġiet.

Tkopri wkoll l-analiżi kwalitattiva tal-monitoraġġ tal-midja u analiżi, inkluż il-monitoraġġ u l-analiżi tal-attivitajiet tal-midja soċjali. Din l-appropriazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa tal-IT fuq l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi rilevanti possibbli tal-informazzjoni u tal-maniġment.

Din l-appropriazzjoni tista' wkoll tkopri nefqa tal-valutazzjoni u l-professionalizzazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

16 03 04 **Id-Dar tal-Istorja Ewropea**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 200 000	800 000,—	800 000,—

## Kummenti

Kif speċifikat fil-Ftehim dwar il-Livell tas-Servizz bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni lid-Dar tal-Istorja Ewropea għall-ispejjeż operazzjonali mġarrba mill-Parlament Ewropew fir-rigward ta' wirjiet, avvenimenti u sessjonijiet ta' ħidma organizzati li se jkattru l-għarfien, iqajmu l-kurżità, u jholqu opportunitajiet għal riflessjoni dwar l-istorja Ewropea permezz ta' wirja moderna u ċentru tad-dokumentazzjoni.

Peress li Dar l-Istorja Ewropea hija fl-ewwel sena ta' operat tagħha, il-komunikazzjoni hija prijorità biex l-istituzzjoni ssir magħrufa maċ-ċittadini. Barra minn hekk, ir-rwol diplomatiku kulturali tad-Dar għandu jissaħħaħ fir-rigward taċ-ċittadini interessati minn barra l-Unjoni. Barra minn hekk, l-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq skambju storiku, kulturali u lingwistiku bejn il-komunitajiet differenti tagħha. Din l-appropriazzjoni se tippermetti din l-istituzzjoni tinkorpora din id-diversità u l-promozzjoni tal-patrimonju tal-Ewropa speċjalment għas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali għall-2018.

## Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## Atti ta' referenza

Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

16 03 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

16 03 77 04 Tlestija tal-proġett pilota EuroGlobe

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)

**16 03 77** (ikompli)

16 03 77 04 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 77 05 Azzjoni preparatorja — Share Europe Online

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	936 000	499 999,60	650 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-Regoli Finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jirrevoka ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*TITOLU 17*

**SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI**

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## TITOLU 17

## SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI"	104 304 115	104 304 115	104 399 603	104 399 603	103 375 740,90	103 375 740,90
17 03	SAĦĦA PUBBLIKA	214 400 081	209 551 779	203 947 000	202 972 000	217 019 217,09	209 914 799,10
17 04	SIKUREZZA TAL-IKEL U L- GĦALF, SAĦĦA TAL- ANNIMALI, BENESSERI TAL- ANNIMALI U SAĦĦA TAL- PJANTI	280 400 068	249 070 068	255 848 000	233 840 000	253 030 161,33	237 856 367,60
	<b>Titolu 17 — Total</b>	<b>599 104 264</b>	<b>562 925 962</b>	<b>564 194 603</b>	<b>541 211 603</b>	<b>573 425 119,32</b>	<b>551 146 907,60</b>

KUMMISSJONI  
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## TITOLU 17

## SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
17 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI"					
<b>17 01 01</b>	<b><i>Nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Saħħa u sikurezza alimentari"</i></b>	5,2	72 282 499	72 294 157	71 472 907,52	98,88
<b>17 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn għall-qasam ta' politika "Saħħa u sikurezza alimentari"</i></b>					
17 01 02 01	Persunal estern	5,2	6 344 619	6 439 851	6 923 691,18	109,13
17 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	7 649 918	7 854 304	6 127 448,85	80,10
	<i>Artikolu 17 01 02 — Subtotal</i>		13 994 537	14 294 155	13 051 140,03	93,26
<b>17 01 03</b>	<b><i>Nefqa marbuta ma' tagħmir u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Saħħa u Sikurezza Alimentari"</i></b>					
17 01 03 01	Nefqa marbuta ma' tagħmir u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	4 672 579	4 514 291	5 496 076,13	117,62
17 01 03 03	Binjiet u nefqa relatata — Grange	5,2	4 753 000	4 918 000	4 814 011,21	101,28
	<i>Artikolu 17 01 03 — Subtotal</i>		9 425 579	9 432 291	10 310 087,34	109,38
<b>17 01 04</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Saħħa u Sikurezza Alimentari"</i></b>					
17 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għat-"Tielet programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020)"	3	1 500 000	1 500 000	1 547 700,01	103,18

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI" (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>17 01 04</b>	(ikompli)					
17 01 04 03	Nefqa ta' sostenn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-ġhalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti	3	1 500 000	1 500 000	1 500 000,—	100,00
	Artikolu 17 01 04 — Subtotal		3 000 000	3 000 000	3 047 700,01	101,59
<b>17 01 06</b>	<b>Aġenziji eżekuttivi</b>					
17 01 06 02	Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mit-"Tielet programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020)"	3	4 406 500	4 209 000	4 323 906,—	98,13
17 01 06 03	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni fil-qasam tas-Sikurezza tal-ikel u l-ġhalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti	3	1 195 000	1 170 000	1 170 000,—	97,91
	Artikolu 17 01 06 — Subtotal		5 601 500	5 379 000	5 493 906,—	98,08
	<b>Kapitolu 17 01 — Total</b>		<b>104 304 115</b>	<b>104 399 603</b>	<b>103 375 740,90</b>	<b>99,11</b>

**17 01 01 Nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Saħħa u sikurezza alimentari"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
72 282 499	72 294 157	71 472 907,52

**17 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn għall-qasam ta' politika "Saħħa u sikurezza alimentari"**

## 17 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
6 344 619	6 439 851	6 923 691,18

## 17 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
7 649 918	7 854 304	6 127 448,85



KUMMISSJONI  
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI" (ikompli)

17 01 03 **Nefqa marbuta ma' tagħmir u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Saħħa u Sikurezza Alimentari"**

17 01 03 01 Nefqa marbuta ma' tagħmir u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 672 579	4 514 291	5 496 076,13

17 01 03 03 Binjiet u nefqa relatata — Grange

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 753 000	4 918 000	4 814 011,21

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa li ġejja li tiġġarrab fit-territorju tal-Unjoni:

- il-pagament ta' kera, ċens u imposti muniċipali dwar binjiet okkupati jew partijiet ta' binjiet, u l-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,
- il-kostijiet tax-xiri jew xiri b'lokazzjoni tal-binjiet,
- il-kostruzzjoni tal-binjiet,
- il-pagament ta' primjums ta' assigurazzjoni fuq binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-istituzzjoni,
- l-ispejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u għat-tisħin,
- il-kostijiet għall-manutenzjoni, ikkalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għal postijiet, liftijiet, central heating, tagħmir tal-arja kondizzjonata, eċċ.; in-nefqa mġarrba minħabba operazzjonijiet regolari tat-tindif, inkluż ix-xiri ta' prodotti ta' manutenzjoni, ħasil, laundry u dry cleaning, eċċ., u minħabba tibjid mill-ġdid, tiswijiet u provvisti użati mill-ħwienet tal-manutenzjoni (qabel ma jiġu mġedda jew konklużi kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000, bl-għan li n-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indicijar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),
- in-nefqa fuq it-trattament selettiv, il-ħażna u d-disponiment ta' skart,
- it-trasformazzjoni ta' bini, eż. alterazzjonijiet fil-kompartementi, alterazzjonijiet fl-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi, apparat elettriku, xogħol sanitarju, tibjid, kisi tal-art, eċċ., il-kost tat-tibdil tal-kablaġġ ta' networks, u l-kost tal-apparat meħtieġ,
- l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni u t-tibjid ta' installazzjonijiet ta' sigurtà u x-xiri ta' oġġetti ta' tagħmir,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI" (ikompli)

## 17 01 03 (ikompli)

## 17 01 03 03 (ikompli)

- l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sikurezza ta' individwi fuq ix-xogħol, b'mod partikolari max-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, mas-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuma f'każ ta' nar u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji,
- il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,
- nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (knis tat-toroq u manutenzjoni, ġbir tal-iskart, eċċ.),
- id-debiti għal assistenza teknika marbuta ma' operazzjonijiet kbar ta' tiswijiet, trasformazzjoni u konverżjoni tal-binjiet,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-installazzjoni u t-tiġdid ta' apparat u stallazzjonijiet tekniċi, u partikolarment:
  - apparat (inkluż fotokopjatriċi) għall-produzzjoni, riproduzzjoni u arkivjar tad-dokumenti f'kull forma (karta, mezzi elettroniċi, eċċ.),
  - apparat awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, kaski awdjo u unitajiet tal-kontrolli għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),
  - tagħmir tal-kċina u apparat tar-ristoranti,
  - diversi għodod għall-ħwienet tal-manutenzjoni tal-binjiet,
  - faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'diżabilità,
  - studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,
- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' għamara, u partikolarment:
  - ix-xiri ta' għamara tal-uffiċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,
  - is-sostituzzjoni ta' għamara mherrija u miksura,
  - il-provvista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-kards, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),
  - l-attrezzaturi speċifiċi għall-kantins u ristoranti,
  - il-kiri tal-għamara,
  - il-kostijiet għall-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara (qabel ma jiġu mġedda jew konklużi kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000, u bl-għan li n-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, munita maġżula, indicijar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),

KUMMISSJONI  
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI" (ikompli)

## 17 01 03 (ikompli)

## 17 01 03 03 (ikompli)

- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:
  - xiri ġdid ta' vetturi, inklużi l-kostijiet kollha relatati,
  - is-sostituzzjoni ta' vetturi li, matul is-sena, jilhqg kilometraġġ totali li jiġġustifika tali sostituzzjoni,
  - il-kost tal-kiri ta' karożżi għall-perjodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta tal-vetturi,
  - il-kost tal-manutenzjoni, tiswija u assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (fjuwil, lubrikanti, tajers, tubi ta' ġewwa, provvisti mixxellanji, sperparts, għodod, eċċ.), inkluż test nazzjonali tal-karożżi kull sena,
  - diversi tipi ta' assigurazzjoni (b'mod partikolari responsabbiltà għal persuni terzi u assigurazzjoni kontra s-serq) u taxxi nazzjonali fejn ikunu pagabbli u l-kostijiet tal-assigurazzjoni,
- in-nefqa fuq tagħmir ta' xogħol, u partikolarment:
  - ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-uffiċina teknika u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih ikun meħtieġ protezzjoni kontra temp ħażin jew kasha, tkagħbir u ħmieġ anormali,
  - ix-xiri jew rimborż tal-kost ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- nefqa operatorja oħra, bħal:
  - in-nefqa biex il-binjiet jkun mġammar b'telekomunikazzjonijiet, partikolarment ix-xiri, il-kera, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' panewi tal-kontrolli u distributuri tat-telefon, sistemi awdjo, ta' vidjokonferenza, ta' telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, sostenn, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),
  - ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' komputers, terminals, minikomputers, periferali, apparat ta' konnessjoni u software meħtieġ,
  - ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju printers, faks, fotokopjatriċi, skeners u mikrokopjatriċi,
  - ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' tajpraġters, proċessaturi tat-testi jew kwalunkwe apparat elettroniku ieħor,
  - l-istallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI" (ikompli)

## 17 01 03 (ikompli)

## 17 01 03 03 (ikompli)

- in-nefqa għall-operat ta' ristoranti, kafetterji u kantins, b'mod partikolari l-kostijiet tal-manutenzjoni tat-tagħmir u x-xiri ta' diversi provvisti, nefqa għal konverżjonijiet kurrenti u r-rinovament ta' tagħmir, u nefqa sostanzjali fuq il-konverżjoni u r-rinovament li għandhom ikunu distinti b'mod ċar mill-konverżjonijiet, tiswijiet u rinovament ta' tagħmir u provvisti,
- il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni elettronika u databażzjiet esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),
- it-taħriġ u s-sostenn meħtieġ biex ikun hemm aċċess għal din l-informazzjoni,
- il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-uffiċċina tal-istampar, u ta' xi stampar li jġi esternalizzat,
- in-nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,
- il-liċenzji, debiti ta' abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, teleks, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), nefqa fuq netwerks ta' datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- il-kost ta' konnessjonijiet tat-telefon u tal-kompjuter bejn il-binjiet u linji ta' trasmissjoni internazzjonali bejn isiti tal-uffiċċji tal-Unjoni,
- is-sostenn tekniku u loġistiku, taħriġ u kostijiet relatati u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk fuq il-karta jew f'forma elettronika, eċċ, persunal operatorju estern, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji dwar is-sikurezza u l-garanzija tal-kwalità marbuta ma' apparat u softwer tal-kompjuter.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI" (ikompli)

## 17 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Saħħa u Sikurezza Alimentari"

17 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għat-"Tielet programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020)"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 500 000	1 500 000	1 547 700,01

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri koperti b'din il-partita, u kull nefqa oħra għal għajjnuna teknika u amministrattiva li ma jnvolvux ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 17 03.

17 01 04 03 Nefqa ta' sostenn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-ġhalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 500 000	1 500 000	1 500 000,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa għall-għajjnuna teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni, l-awditu u l-kontroll ta' programmi jew proġetti f'dan il-qasam.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għall-għajjnuna teknika u amministrattiva, studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew tal-miżuri koperti minn din l-appropriazzjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI" (ikompli)

17 01 04 (ikompli)

17 01 04 03 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq l-ghajjnuna amministrattiva marbuta mal-awditjar tal-pretensjonijiet li jippreżentaw l-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet rispettivi provduta fil-bażi ġuridika.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 17 04.

17 01 06 **Aġenziji eżekuttivi**

17 01 06 02 Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mit-"Tielet programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020)"

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 406 500	4 209 000	4 323 906,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribut għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' miżuri li jiffurmaw parti mit-3 Programm "Saħħa" 2014-2020.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "persunal" għal din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI" (ikompli)

17 01 06 (ikompli)

17 01 06 02 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas- 17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2003, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

17 01 06 03 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni fil-qasam tas-Sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 195 000	1 170 000	1 170 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni mill-istrategġija ta' taħriġ tal-Unjoni fl-oqsma tal-liġi dwar l-ikel, il-liġi dwar l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali kif ukoll ir-regoli dwar il-pjanti għan-nefqa għall-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' miżuri fl-oqsma tal-liġi dwar l-ikel, il-liġi dwar l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali kif ukoll ir-regoli dwar il-pjanti.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "persunal" għal din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI" (ikompli)

## 17 01 06 (ikompli)

## 17 01 06 03 (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

Ara l-Kapitolu 17 04.

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas- 17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2003, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.



KUMMISSJONI  
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprazzjonijiet 2018		Approprazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagame- nti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
17 03	SAĦĦA PUBBLIKA								
<b>17 03 01</b>	<b>It-Tielet programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020)</b>	3	60 467 000	47 389 000	58 820 000	46 000 000	58 174 063,99	39 197 581,95	82,71
<b>17 03 10</b>	<b>Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard</b>	3	54 127 178	54 127 178	51 687 000	51 687 000	58 248 576,95	58 247 650,—	107,61
<b>17 03 11</b>	<b>Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel</b>	3	76 891 362	77 758 060	76 595 000	77 795 000	79 414 527,17	79 240 057,—	101,91
<b>17 03 12</b>	<b>Aġenzija Ewropea għall-Mediċini</b>								
17 03 12 01	Kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	3	8 779 541	8 779 541	2 438 000	2 438 000	4 044 049,98	4 044 049,18	46,06
17 03 12 02	Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni	3	13 105 000	13 105 000	13 687 000	13 687 000	13 137 999,—	12 768 875,—	97,44
	<i>Artikolu 17 03 12 — Subtotal</i>		21 884 541	21 884 541	16 125 000	16 125 000	17 182 048,98	16 812 924,18	76,83
- azzjonijiet għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni, isostnu n-networking, iwettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni, iżidu l-għarfien u jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenza, inkluż ma' pajjiżi terzi,
- il-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolament (UE) Nru 515/2014 kif ukoll ir-regolamenti speċifiċi relatati,
- l-installazzjoni, l-aġġornament, l-operat u l-interkonnessioni ta' sistemi kompjuterizzati għal ġestjoni, monitoraġġ, awditu, kontroll u evalwazzjoni,
- it-tfassil ta' qafas komuni għal evalwazzjoni u monitoraġġ, kif ukoll sistema ta' indikaturi, b'kont meħud, fejn huwa xieraq, ta' indikaturi nazzjonali,
- evalwazzjonijiet, inklużi azzjonijiet biex jettejbu l-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki ta' evalwazzjoni, it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, statistika u studji ta' rapporti ta' esperti,
- sostenn għat-tisħiħ istituzzjonali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolament (UE) Nru 515/2014 kif ukoll ir-regolamenti speċifiċi relatati,
- miżuri relatati mal-analiżi, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-iskambju ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u Nru 515/2014 u r-regolamenti speċifiċi relatati, kif ukoll miżuri relatati mal-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll u assistenza teknika u amministrattiva.

B'konformità mal-Ftehim li għandu jiġi ffirmat bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għas-Sigurtà Interna — Fruntieri — għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020, il-Kummissjoni tista' tuża mhux iktar mill-ammont iffissat fil-Ftehim tal-pagamenti li saru mill-Istati assoċjati kull sena biex tiffinanzja n-nefqa amministrattiva relatata mal-persunal jew persunal estern meħtieġ biex isostni l-implimentazzjoni tal-Fond u dak il-Ftehim minn dawk l-Istati.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 02 01.

Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

**KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)****18 01 04** (ikompli)

18 01 04 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

18 01 04 02 In-nefqa ta' appoġġ għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Fond ta' Integrazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 500 000	2 500 000	2 321 015,07

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni stipulata fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014. Tista' tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-oġettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi *ad hoc*.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

- nefqa ta' sostenn (assistenza għat-tħejjija u l-evalwazzjoni ta' proġett, azzjonijiet relatati mal-awditjar, azzjonijiet relatati mad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi, konferenzi, seminars, sessjonijiet ta' ħidma u miżuri komuni oħrajn ta' informazzjoni u taħriġ fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 u r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u r-regolamenti speċifiċi relatati għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji magħżulin, traduzzjonijiet),
- azzjonijiet għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni, isostnu n-networking, iwettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni, iżidu l-għarfien u jipromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenza, inkluż ma' pajjiżi terzi,
- il-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni Ewropea diment li dawn huma relatati mal-oġettivi ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-regolamenti speċifiċi,
- l-installazzjoni, l-aġġornament, l-operat u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għal ġestjoni, monitoraġġ, awditu, kontroll u evalwazzjoni;
- it-tfassil ta' qafas komuni għal evalwazzjoni u monitoraġġ, kif ukoll sistema ta' indikaturi, b'kont meħud, fejn huwa xieraq, ta' indikaturi nazzjonali;

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)

18 01 04 (ikompli)

18 01 04 02 (ikompli)

- evalwazzjonijiet, inklużi azzjonijiet biex jittejbu l-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki ta' evalwazzjoni, it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, statistiki u studji ta' rapporti ta' esperti,
- sostenn għat-tisħiħ istituzzjonali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-regolamenti speċifiċi,
- miżuri relatati mal-analiżi, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-iskambju ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolamenti speċifiċi, kif ukoll miżuri relatati mal-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll u assistenza teknika u amministrattiva.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 03 01.

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

18 01 04 03 Nefqa ta' sostenn għall-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini"

*Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
174 000	167 000	218 150,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura baġitarja, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

KUMMISSJONI  
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)

18 01 04 (ikompli)

18 01 04 03 (ikompli)

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet kollha mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ara l-Artikolu 18 04 01 01.

18 01 04 04 Nefqa ta' sostenn għall-Programm Ġustizzja — ħidma kontra d-droga

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
100 000	100 000	59 204,57

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-attivitajiet relatati mal-politika dwar id-drogi fil-Programm Ġustizzja ("il-Programm") u l-kisba tal-oġġettivi rilevanti tiegħu; b'mod partikulari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, safejn jitqies li jkun marbuta mal-oġġettivi ġenerali tal-Programm, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħra kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdienu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali għall-parteciċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tar-rendikont tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-Programm, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)

18 01 04 (ikompli)

18 01 04 04 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 18 06.

18 01 04 05 Nefqa ta' appoġġ għall-appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 000 000	2 000 000	458 053,22

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa ta' appoġġ marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni. Dan ikopri, fost affarijiet oħra:

- attivitajiet ta' thejjiġa, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' verifika u ta' evalwazzjoni,
- żvilupp, manutenzjoni, operat u apoġġ ta' sistemi informatiċi maħsuba għall-użu intern jew biex titjeb il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra, amministrazzjonijiet nazzjonali, aġenziji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, imsieħba oħra bħala appoġġ ta' emerġenza, u esperti fil-qasam,
- studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-kisba tal-oġġettiv tal-appoġġ ta' emerġenza,
- kwalunkwe nefqa oħra fuq għajjnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtoritajiet pubbliċi esternalizzati mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizz ad hoc.

Kwalunkwe dħul minn kontributi finanzjarji minn donaturi pubbliċi u privati, imdaħħla fil-Partiti 6 0 2 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-ġhoti ta' appropriazzjonijiet addizzjonali.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 07 01.



KUMMISSJONI  
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)

**18 01 05 Nefqa ta' sostenn għall-programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika ta' 'Migrazzjoni u Affarijjet Interni'**

18 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 182 755	2 108 942	2 166 533,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 u li jikkupaw karigi fuq il-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati impenjati f'azzjoni indiretta fil-programmi nonnukleari, inklużi uffiċjali u persunal temporanju f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

## Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 18 05.

18 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
559 647	728 000	491 000,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni tkopri n-nefqa għal persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, involuti f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluż il-persunal estern ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)

18 01 05 (ikompli)

18 01 05 02 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 18 05.

18 01 05 03 Nefqa manġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
534 161	508 725	721 430,15

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għal kull ġestjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 f'forma ta' azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluża nefqa amministrattiva oħra mġarrba minn persunal ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita baġitarja, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajjnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolviw idmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditu u s-supervizzjoni tal-programm jew tal-proġetti, bħal, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT kif ukoll ix-xiri ta' tagħmir tal-IT, missjonijiet, taħriġ u spejjeż tar-rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI  
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

**KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)**

**18 01 05** (ikompli)

18 01 05 03 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 18 05.

**18 01 06** **Aġenziji eżekuttivi**

18 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Programm "Ewropa għaċ-Ċittadini"

*Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 215 000	2 203 000	2 163 000,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, li saru minħabba l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fit-tmexxija tal-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" skont l-Intestatura 3b tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 kif ukoll fil-parteċipazzjoni fit-tmexxija tal-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" skont l-Intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprijazzjonijiet kollha mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija hija stipulata fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsimha.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea attiva (parteċipazzjoni taċ-ċittadini) (ĠU L 30, 4. 2. 2004, p. 6).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)

**18 01 06** (ikompli)

## 18 01 06 01 (ikompli)

Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu.

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE tal-20 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-ġestjoni tal-azzjoni Komunitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, bl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 26).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tthassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat li Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet mill-FEŻ.

KUMMISSJONI  
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA**

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagam- enti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
18 02	SIGURTÀ INTERNA								
<b>18 02 01</b>	<b>Fond għas-Sigurtà Interna</b>								
18 02 01 01	Sostenn ta' ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni tal-viżi biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu	3	503 806 000	290 460 323	403 680 352	280 282 173	583 718 182,—	217 516 215,72	74,89
18 02 01 02	Prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata u mmaniġġjar aħjar tar-riskji u l-kriżijiet b'rabta mas-sigurtà	3	153 679 988	143 473 644	292 374 838	154 172 986	155 540 837,98	81 894 619,20	57,08
18 02 01 03	L-istabbiliment ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar (ETIAS)	3	60 000 000	44 800 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—	0
	Riżervi (40 02 41)				40 000 000				
			60 000 000	44 800 000	40 000 000	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 18 02 01 — Subtotal		717 485 988	478 733 967	696 055 190	434 455 159	739 259 019,98	299 410 834,92	62,54
	Riżervi (40 02 41)				40 000 000				
			717 485 988	478 733 967	736 055 190	434 455 159	739 259 019,98	299 410 834,92	
<b>18 02 02</b>	<b>Faċilità ta' Schengen għall-Kroazja</b>	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>18 02 03</b>	<b>Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)</b>	3	292 320 808	292 320 808	281 267 000	281 267 000	218 686 000,—	218 686 000,—	74,81
<b>18 02 04</b>	<b>L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)</b>	3	120 377 271	120 377 271	113 726 613	113 726 613	102 242 000,—	102 242 000,—	84,93
<b>18 02 05</b>	<b>L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)</b>	3	8 664 161	8 664 161	8 721 000	8 721 000	8 641 000,—	8 641 000,—	99,73
<b>18 02 07</b>	<b>Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu-LISA")</b>	3	191 848 886	159 128 886	153 334 200	153 334 200	80 022 000,—	95 218 223,38	59,84
<b>18 02 08</b>	<b>Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)</b>	3	16 234 000	8 117 000	9 804 000	7 544 300	10 002 366,87	9 955 196,18	122,65
<b>18 02 09</b>	<b>Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)</b>	3	10 000 000	5 000 000	9 804 000	9 262 550	9 950 434,48	8 919 310,99	178,39
<b>18 02 51</b>	<b>Tlestija ta' operazzjonijiet u programmi fil-qasam tal-fruntieri esterni, is-sigurtà u s-salvagwardja tal-libertajiet</b>	3	p.m.	p.m.	p.m.	180 550 000	41 887,29	179 730 608,18	

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>18 02 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
18 02 77 01	Proġett pilota — Tlestija tal-ġlieda kontra t-terroriżmu	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
18 02 77 02	Proġett pilota — Mekkaniżmi integrati ġodda għall-kooperazzjoni bejn atturi pubbliċi u privati li jidentifikaw ir-riskji tal-logħob tal-flus fuq l-isport	3	p.m.	p.m.	p.m.	492 000	0,—	280 848,—	
18 02 77 03	Proġett pilota — Ċentru ta' Koordinament tar-Rispons għall-Vittmi tat-Terroriżmu	3	1 000 000	500 000					
	Artikolu 18 02 77 — Subtotal		1 000 000	500 000	p.m.	492 000	0,—	280 848,—	56,17
	<b>Kapitolu 18 02 — Total</b>		<b>1 357 931 114</b>	<b>1 072 842 093</b>	<b>1 272 712 003</b>	<b>1 189 352 822</b>	<b>1 168 844 708,62</b>	<b>923 084 021,65</b>	<b>86,04</b>
	<b>Riżervi (40 02 41)</b>				<b>40 000 000</b>				
			<b>1 357 931 114</b>	<b>1 072 842 093</b>	<b>1 312 712 003</b>	<b>1 189 352 822</b>	<b>1 168 844 708,62</b>	<b>923 084 021,65</b>	

**18 02 01 Fond għas-Sigurtà Interna**

18 02 01 01 Sostenn ta' ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni tal-viżi biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
503 806 000	290 460 323	403 680 352	280 282 173	583 718 182,—	217 516 215,72

## Kummenti

Il-Fond għas-Sigurtà Interna għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

- l-appoġġ ta' politika komuni tal-viża biex tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu, il-provvista ta' servizz ta' kwalità għolja għall-applikanti tal-viża, l-iżgurar tat-trattament ugwali taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi u l-indirizzar tal-immigrazzjoni illegali,
- appoġġ għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, inkluża l-promozzjoni ta' armonizzazzjoni ulterjuri ta' miżuri relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri f'konformità ma' standards komuni tal-Unjoni u permezz ta' qsim ta' informazzjoni bejn Stati Membri u bejn l-Istati Membri u Frontex, biex jiġi żgurat, fuq naħa waħda, livell uniformi u għoli ta' kontroll u protezzjoni tal-fruntieri esterni, inkluż permezz tal-indirizzar tal-immigrazzjoni illegali, u fuq in-naħa l-oħra, il-qsim mingħajr intoppi tal-fruntieri esterni f'konformità mal-*acquis* ta' Schengen, filwaqt li jkun iggarantit l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk li jkollhom bżonnu, f'konformità mal-obbligi miftiehma kontrattwalment mill-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement u b'attenzjoni dovuta għall-karatteristiċi speċifiċi tal-persuni kkonċernati u għall-perspettiva tas-sessi.

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** (ikompli)**18 02 01** (ikompli)

## 18 02 01 01 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa relatata ma' azzjonijiet fl-Istati Membri jew dawk li jsiru minnhom u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- l-infrastrutturi, il-binjiet u s-sistemi meħtieġa fil-punti ta' qsim tal-fruntieri u għas-sorveljanza bejn il-punti ta' qsim tal-fruntieri biex jiġi prevenut u indirizzat il-qsim mhux awtorizzati tal-fruntieri, l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera kif ukoll biex jiġu żgurati l-flussi tal-ivvjaġġar bla xkiel,
- it-tagħmir operatorju, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv u sikur tal-fruntieri u d-detezzjoni tal-persuni,
- is-sistemi ta' IT u ta' komunikazzjoni għal ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri, inklużi investimenti fis-sistemi eżistenti u dawk futuri,
- l-infrastrutturi, il-bini, is-sistemi tal-IT u tal-komunikazzjoni u t-tagħmir operatorju meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża u l-kooperazzjoni konsulari, kif ukoll azzjonijiet oħra mmirati biex itejbu l-kwalità tas-servizz lill-applikanti għall-viża,
- it-taħriġ rigward l-użu ta' dak it-tagħmir u dawk is-sistemi u l-promozzjoni ta' standards ta' ġestjoni tal-kwalità u t-taħriġ tal-gwardji tal-fruntieri, inkluż fejn xieraq f'pajjiżi terzi, dwar it-twettiq tal-kompiti tagħhom ta' sorveljanza, konsulenza u kontroll rigward id-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u filwaqt li jiġi kkunsidrat approċċ sensitiv għall-ġeneru, inkluż l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu tal-persuni,
- l-issekondar ta' Uffiċjali għall-Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni u konsulenti dwar dokumenti f'pajjiżi terzi u l-iskambju u l-issekondar ta' gwardji tal-fruntieri bejn l-Istati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż terz,
- l-istudji, il-proġetti pilota, it-taħriġ u azzjonijiet oħra li jstabbilixxu b'mod gradwali sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 513/2014, inklużi azzjonijiet bil-għan li jrawmu kooperazzjoni bejn l-aġenziji fi ħdan l-Istati Membri jew bejn l-Istati Membri u azzjonijiet dwar l-interoperabilità u l-armonizzazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri,
- l-istudji, il-proġetti pilota u azzjonijiet bil-għan li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operazzjonali u l-aħjar prattiki li jinbtu mill-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll in-nefqa relatata ma' azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi u fihom u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- is-sistemi tal-informazzjoni, l-għodod jew it-tagħmir għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn Stati Membri u pajjiżi terzi,
- l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi operazzjonijiet konġunti,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJET INTERNI

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

## 18 02 01 (ikompli)

## 18 02 01 01 (ikompli)

- il-proġetti f'pajjiżi terzi bil-għan li jtejbu s-sistemi ta' sorveljanza biex tkun żgurata l-kooperazzjoni mal-Eurosur,
- l-istudji, is-seminars, is-sessjonijiet ta' ħidma, il-konferenzi, it-taħriġ, it-tagħmir u l-proġetti pilota biex jipprovdu kompetenza teknika u operazzjonali *ad hoc* lil pajjiżi terzi,
- l-istudji, is-seminars, is-sessjonijiet ta' ħidma, il-konferenzi, it-taħriġ, it-tagħmir u l-proġetti pilota li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operazzjonali u l-aħjar prattiċi, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni f'pajjiżi terzi.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll tariffi mitlufin minn viżi maħruġin għall-fini ta' transitu u kostijiet addizzjonali mġarrba fl-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Transitu Faċilitat (FTD) u l-iskema tad-Dokument ta' Transitu Ferrovjarju Faċilitat (FRTD) b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta' April 2003 li jstabbilixxi Dokument speċifiku ta' Transitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Transitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta' April 2003 dwar il-format uniformi tad-Dokumenti dwar it-Transitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokumenti dwar it-Transitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) previsti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 15).

Fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, din l-appropriazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni. B'mod partikolari, sabiex ikunu eliġibbli għal finanzjament, dawk l-azzjonijiet għandhom ifittxu li jilhqnu l-oġettivi li ġejjin:

- sabiex jingħata appoġġ għal attivitajiet ta' thejjiġa, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi meħtieġa biex jiġu implimentati l-attivitajiet tal-fruntieri esterni u l-politiki dwar il-viża, inkluż biex tissaħħaħ il-governanza taż-żona Schengen billi jiżviluppaw u jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni kif stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27), biex tkun verifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, b'mod partikolari l-infiq ta' missjoni għal esperti tal-Kummissjoni u tal-istati Membri li jipparteċipaw fi żjajjar fuq il-post,
- sabiex jittejjew l-konozzenza u l-għarfien tas-sitwazzjoni li tipprealixxi fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi permezz tal-analiżi, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ mill-qrib tal-politiki,
- biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' għodod ta' statistika, inklużi għodod ta' statistika komuni, u metodi u indikaturi komuni, b'data disaggregata fir-rigward tas-sessi,
- sabiex jingħata appoġġ u jiġu mmonitorjati l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-oġettivi tal-politika tal-Unjoni fl-Istati Membri, u jiġu evalwati l-effikaċja u l-impatt ta' għodod, inkluż fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, sa fejn huwa kkonċernat l-ambitu ta' dan l-istrument,
- sabiex jiġu promossi n-netwerking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-approċċi innovattivi bejn il-partijiet interessati differenti fil-livell Ewropew,



**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** (ikompli)**18 02 01** (ikompli)

## 18 02 01 01 (ikompli)

- sabiex jiġu promossi proġetti mmirati lejn l-armonizzazzjoni u l-interoperabilità ta' miżuri relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri skont standards komuni tal-Unjoni bil-għan li tiġi żviluppata sistema integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri Ewropej,
- iżidu l-għarfien dwar il-politiki u l-oġettivi tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni,
- sabiex tiżdied il-kapaċità tan-netwerks Ewropej għall-valutazzjoni, il-promozzjoni, is-sostenn u l-iżvilupp ulterjuri tal-politiki u l-oġettivi tal-Unjoni,
- sabiex jiġu appoġġati proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi u/jew teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibilità lejn Stati Membri oħra, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw proġetti ta' riċerka,
- sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi u fihom kif imsemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013,
- is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fir-rigward tal-politiki tal-affarijiet interni tal-Unjoni, il-prijoritajiet u r-riżultati.

Din l-appropriazzjoni għandha tkopri wkoll assistenza finanzjarja biex jiġu indirizzati ħtiġijiet urġenti u speċifiċi f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali li fiha numru kbir jew sproporzjonat ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi jaqsmu jew ikunu mistennija jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew iktar.

Din l-appropriazzjoni se ttiprovdi għar-rimborż tal-kostijiet imġarrbin mill-Kummissjoni u l-esperti tal-Istati Membri għaż-żjarat ta' evalwazzjoni fuq il-post (kostijiet tal-ivvjaġġar u akkomodazzjoni) rigward l-appikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen. Il-kost tal-provvisti u t-tagħmir meħtieġa għaż-żjarat ta' evalwazzjoni fuq il-post u għat-tħejjija u s-segwitu tagħhom iridu jiżdiedu ma' dawn il-kostijiet.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali b'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

## 18 02 01 (ikompli)

## 18 02 01 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-16 ta' Novembru 2016, li jstabbilixxi Sistema tal-Ivvjaġġar Ewropew ta' Informazzjoni u Awtorizzazzjoni (ETIAS) u jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624 (COM (2016) 731 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2016, dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (COM(2016) 882 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2016, dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (COM(2016) 883 final).

## 18 02 01 02 Prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata u mmaniġġar aħjar tar-riskji u l-kriżijiet b'rabta mas-sigurtà

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
153 679 988	143 473 644	292 374 838	154 172 986	155 540 837,98	81 894 619,20

*Kummenti*

Il-Fond għas-Sigurtà Interna jikkontribwixxi għall-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

- il-prevenzjoni tal-kriminalità, il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet nazzjonali oħra tal-Istati Membri, inkluż mal-Europol jew korpi oħra rilevanti tal-Unjoni, u ma' pajjiżi terzi rilevanti u organizzazzjonijiet internazzjonali,

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** (ikompli)**18 02 01** (ikompli)

## 18 02 01 02 (ikompli)

— it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri u l-Unjoni għall-ġestjoni effettiva ta' riskji u kriżi relatati mas-sigurtà, u t-tħejjija għal u l-ħarsien ta' persuni u infrastrutturi kritiċi kontra attakki terroristi u inċidenti oħra relatati mas-sigurtà.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri azzjonijiet fl-Istati Membri, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- azzjonijiet li jtejbu l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi, inklużi mal-korpi rilevanti tal-Unjoni u bejniethom, b'mod partikolari l-Europol u l-Eurojust, timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni konġunta transfruntiera, l-aċċess għal informazzjoni u teknoloġiji interoperabbli u l-iskambju tagħhom,
- l-iżvilupp ta' inizjattivi kontra t-terroriżmu bil-ħsieb li jiġu żgurati reazzjonijiet xierqa għat-theddidiet emerġenti, inklużi t-theddidiet relatati ma' radikalizzazzjoni mrawma internament u ġellieda barranin kemm jekk ikunu barra l-pajjiż jew ġejjin lura jew jirritornaw lejn Stat Membru jew pajjiżi kandidati,
- proġetti li jippromwovu n-netwerking, sħubiji pubbliċi-privati, fiduċja reċiproka, ftehim u taġħlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-kompetenza, l-esperjenza u l-prattiki tajbin, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, għarfien u tbassir kondiviżi ta' sitwazzjoni, ippjanar ta' kontinġenza u interoperabilità,
- attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi studji u valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt, li huma bbażati fuq evidenza u huma konsistenti mal-prijoritajiet u l-inizjattivi identifikati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill,
- attivitajiet ta' żieda, tixrid u komunikazzjoni ta' għarfien,
- akkwist, manutenzjoni ta' sistemi tal-IT nazzjonali u tal-Unjoni li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 513/2014, u/jew aġġornament ulterjuri tas-sistemi tal-IT u t-tagħmir tekniku, inkluż l-ittestjar tal-kompatibbiltà tas-sistemi, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati, speċjalment sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u l-komponenti tagħhom, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità, notevolment maċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità,
- skambju, taħriġ u edukazzjoni ta' persunal u esperti tal-awtoritajiet rilevanti, inklużi taħriġ fil-lingwa u eżerċizzji jew programmi konġunti,
- miżuri li jvaraw, jittrasferixxu, jippruvawu jivvalidaw metodoloġija jew teknoloġija ġdida, inklużi proġetti pilota u miżuri ta' segwitu għal proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll azzjonijiet relatati ma' pajjiżi terzi u dawk li jsiru fihom, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- azzjonijiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transfruntiera konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli,
- netwerking, kunfidenza reċiproka, ftehim u taġħlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' kompetenzi, l-esperjenza u l-prattiki tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-għarfien u t-tbassir kondiviżi tas-sitwazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u interoperabilità,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

## 18 02 01 (ikompli)

## 18 02 01 02 (ikompli)

— l-iskambju, it-taħriġ u l-edukazzjoni ta' persunal u esperti ta' awtoritajiet rilevanti.

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, din l-appropriazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni rigward l-oġettivi ġenerali, speċifiċi u operazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 513/2014. Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu konsistenti mal-prijoritajiet u l-inizjattivi identifikati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, fi strateġiji rilevanti tal-Unjoni, ċikli ta' politika, programmi, valutazzjonijiet tat-treddid u tar-riskju, u jappoġġaw b'mod partikolari:

— attivitajiet ta' thejġija, ta' monitaraġġ, amministrattivi u tekniċi, u l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ sabiex jimplimenta l-politiki dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet,

— proġetti transnazzjonali li jinvolvu żewġ Stati Membri jew iżjed jew mill-inqas Stat Membru wieħed u pajjiż terz,

— attivitajiet analitiċi, ta' monitaraġġ u evalwazzjoni, inklużi valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt li huma bbażati fuq l-evidenza u huma konsistenti mal-prijoritajiet u l-inizjattivi identifikati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u proġetti li jissorveljaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni fl-Istati Membri,

— proġetti li jipromwovun n-netwerking, il-kunfidenza reċiproka, il-fehim u t-tagħlim, l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajbin u l-approċċi innovattivi fil-livell tal-Unjoni, programmi ta' taħriġ u skambju,

— proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' għodod u metodi metodoloġiċi, notevolment statistiċi, u indikaturi komuni,

— l-akkwist, il-manutenzjoni u/jew it-titjib ulterjuri ta' tagħmir tekniċu, għarfien espert, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, binjiet u sistemi relatati, speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom fil-livell tal-Unjoni, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità, notevolment Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità,

— proġetti li jtejbu l-għarfien tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluża komunikazzjoni korporattiva fuq il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni,

— proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi ġodda u/jew jużaw teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibilità lejn Stati Membri oħrajn, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw l-eżitu ta' proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni,

— studji u proġetti pilota,

— is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fir-rigward tal-politiki tal-affarijiet interni tal-Unjoni, il-prijoritajiet u r-riżultati.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll azzjonijiet ta' sostenn relatati ma' pajjiżi terzi u dawk li jsiru fihom, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

— azzjonijiet li jtejbu l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi, u, fejn applikabbli, organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni konġunta transfruntiera, l-aċċess għal informazzjoni u teknoloġiji interoperabbli u l-iskambju tagħhom,

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** (ikompli)**18 02 01** (ikompli)

## 18 02 01 02 (ikompli)

- networking, kunfidenza reċiproka, fehim u taġġim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' kompetenzi, l-esperjenza u l-prattiċi tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-għarfien u t-tbassir kondiviżi tas-sitwazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u interoperabbiltà,
- l-akkwist, il-manutenzjoni u/jew it-titjib ulterjuri ta' taġġim tekniku, inklużi sistemi tal-ICT u l-komponenti taġġim,
- skambju, taħriġ u edukazzjoni ta' persunal u esperti tal-awtoritajiet rilevanti, inkluż taħriġ fil-lingwa,
- attivitajiet ta' żieda, tixrid u komunikazzjoni ta' għarfien,
- valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u ta' impatt,
- studji u proġetti pilota.

Din l-appropriazzjoni tintuża biex tipprovi assistenza finanzjarja għall-indirizzar ta' ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li tfisser kwalunkwe inċident relatat mas-sigurtà jew theddida ġdida li għandha jew li jista' jkollha impatt avvers importanti fuq is-sigurtà tan-nies fi Stat Membru wieħed jew iktar.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

## 18 02 01 03 L-istabbiliment ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS)

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 02 01 03	60 000 000	44 800 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—
Riżervi (40 02 41)			40 000 000			
Total	60 000 000	44 800 000	40 000 000	p.m.	0,—	0,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

18 02 01 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 118/2014 tat-30 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1560/2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz

KUMMISSJONI

TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI (ikompli)

## 18 03 51 Tlestija tal-operazzjonijiet u programmi fil-qasam tar-ritorn, refuġjati u flussi migratorji

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	123 500 000	38 357,99	116 093 669,76

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel.

## Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalita ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jipromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/463/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 li tadotta programm ta' azzjoni għall-kooperazzjoni amministrattiva fl-oqsma tal-fruntieri esterni, viżi, refuġju u immigrazzjoni (ARGO) (ĠU L 161, 19.6.2002, p. 11).

Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali ta' solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007, li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE tal-25 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi n-Netwerk Ewropea tal-Migrazzjoni (ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7).

Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

Id-Deċiżjoni Nru 458/2010/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bit-tneħħija tal-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet Komunitarji u l-bidla tal-limiti għall-finanzjament tagħhom (ĠU L 129, 28.5.2010, p. 1).

## Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tat-2 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi programm qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005)0123).



**KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI** (ikompli)**18 03 51** (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/815/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2008 sal-2013 (ĠU L 326.12.12.2007, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/837/KE tat-30 ta' Novembru 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2008 sal-2013 (ĠU L 330.15.12.2007, p. 48).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/22/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" rigward is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà tan-nefqa fuq il-proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 7, 10.1.2008, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/457/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/435/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi għall-perjodu 2007 sa 2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/458/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu 2008 sa 2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fondi (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 135).

**18 03 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

18 03 77 03 Azzjoni preparatorja — Tlestija tal-integrazzjoni ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' thejjja.

*Bażi ġuridika*

L-azzjoni ta' thejjja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

**KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI** (ikompli)

**18 03 77** (ikompli)

18 03 77 04 Proġett pilota — Network ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali speċifiċi dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiku fir-rilokazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

18 03 77 05 Proġett pilota — Finanzjar għall-vittmi tat-tortura

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	298 000	0,—	285 486,57

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI (ikompli)

## 18 03 77 (ikompli)

18 03 77 06 Azzjoni preparatorja — Tħollija tar-risistemazzjoni ta' refuġjati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	111 000	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' tħejija.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

18 03 77 07 Proġett pilota — Analiżi tal-politiki ta' akkoljenza, protezzjoni u integrazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati fl-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	404 000	0,—	134 526,62

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI (ikompli)

## 18 03 77 (ikompli)

18 03 77 08 Azzjoni preparatorja — Netwerk ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali speċifiċi dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiki fir-risistemazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	36 422,29

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' tħejjija.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

18 03 77 09 Azzjoni preparatorja — Finanzjament għar-riabilitazzjoni tal-vittmi tat-tortura

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	338 242	p.m.	663 000	0,—	872 335,99

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI (ikompli)

## 18 03 77 (ikompli)

18 03 77 11 Proġett pilota — Sponsors Privati: it-tiżhij tal-opportunitajiet ta' risistemazzjoni tar-rifuġjati u l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' rotot sikuri u regolari biex jaslu fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	500 000	250 000		

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Ir-risistemazzjoni tar-refuġjati, tipikament maħsuba bħala attività mmexxija mill-gvern, tista' wkoll tiġi sponsorizzata minn individwi, gruppi u entitajiet oħra. Matul dawn l-aħħar erba' deċennji, ftit huma daww il-ftehimiet ta' sponsorizzazzjoni privata li ġew implimentati. Dan il-proġett pilota se jikkonċentra fuq l-analiżi u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' sponsorizzazzjoni privati bħala modi sikuri, regolari u ordinati għar-rifuġjati biex jaslu għall-protezzjoni fl-Unjoni.

Ftehimiet trasparenti ta' sponsorizzazzjoni privata żviluppata f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali jistgħu jtejbju b'mod sinifikanti l-opportunitajiet ta' risistemazzjoni tar-rifuġjati u jżguraw id-disponibbiltà ta' rotot sikuri u regolari biex jidħlu fl-Unjoni.

Il-proġett pilota se jistudja l-benefiċċji possibbli, l-ispejjeż u l-implimentazzjoni Prattika ta' ftehimiet ta' sponsorizzazzjoni privata, bil-ħsieb li l-isponsorizzazzjoni privata ssir parti mix-xenarju tal-protezzjoni tar-rifuġjati fl-Ewropa.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

18 03 77 12 Azzjoni preparatorja — Servizz ta' indokrar biex jappoġġja lir-rifuġjati u lill-migranti minorenni mhux akkumpanjati fl-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	600 000				

## Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja se tiffoka fuq iż-żieda u t-tiżhij tad-dispożizzjoni ta' familji tar-rispett u ta' appartamenti b'assistenza għal rifuġjati minorenni mhux akkumpanjati, b'attenzjoni speċjali għal daww li għandhom bejn 16 u 18-il-sena, filwaqt li tittejjeb il-koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati relatati ta' sostenn sabiex tintemm il-pożizzjoni tagħhom ta' vulnerabbiltà kbira fl-Unjoni. Minħabba l-baġit limitat disponibbli, tkun implimentata fi Stati Membri magħżula fejn in-numru ta' rifuġjati minorenni mhux akkumpanjati huwa tal-akbar sfida, jiġifieri l-Ġermanja, l-Italja, l-Iżvezja u l-Unġerija.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI (ikompli)

18 03 77 (ikompli)

18 03 77 12 (ikompli)

L-azzjoni preparatorja hija bbażata fuq tliet punti ċentrali:

(1) L-azzjoni timplimenta programm ta' appoġġ bl-għan tat-tqabbil ta' rifuġjati minorenni mhux akkumpanjati jew ma' familji tar-rispett jew f'appartamenti bl-appoġġ ta' tim speċjalizzat ħafna ta' dijanjożi u monitoraġġ. Tkun ibbażata fuq kampanji mmirati ta' disseminazzjoni, proċedura effiċjenti biex jinstabu u jintgħażlu familji u appartamenti f'pożizzjoni tajba fil-komunità, u monitoraġġ kontinwu tal-proċessi kollha. Il-familji tar-rispett jagħmlu disponibbli kamra waħda f'darhom jew jipprovdu akkommodazzjoni sekondarja sħiħa.

Il-familji tar-rispett ikunu r-rappreżentant legali tal-minorenni mhux akkumpanjati; dawn isiru l-persuni li jirrikorru għalihom il-persuna l-ġodda u l-familji joffru opportunitajiet għall-integrazzjoni fil-komunità, appoġġ fil-ġestjoni tal-kuntast legali tagħhom, appoġġ fit-tfittxija ta' opportunitajiet ta' taħriġ u impjeg, appoġġ emozzjonali u appoġġ rigward kwistjonijiet ta' lingwa u saħħa. Il-familji jirċievu kumpens finanzjarju u jkollhom aċċess għal servizz ta' interpretu l-ġurnata kollha, appoġġ emozzjonali u personalizzat mill-organizzazzjonijiet soċjali inkarigati mill-azzjoni, li jkunu ġew magħżula abbażi ta' sejħa għal offerti jew proposti. Għal minorenni ta' bejn 16 u 18-il sena, l-azzjoni tippovdi wkoll servizzi ta' indokrar f'appartamenti b'assistenza biex titħeġġeġ il-ħajja indipendenti; dan ikun ġestit ukoll minn tim ta' appoġġ speċjalizzat.

(2) Barra minn hekk, l-azzjoni tid-disinja u tiżviluppa software komprensiv u li jiffoka fuq il-persuna, li jgħin lit-tfal, il-familji u l-organizzazzjonijiet involuti fil-programm ta' appoġġ imsemmi hawn fuq. Huwa jgħin biex jiżded l-aċċess għall-organizzazzjonijiet soċjali, il-familji tar-rispett u r-rifuġjati minuri għal riżorsi u opportunitajiet disponibbli biex jittejjeb l-appoġġ bħad-dokumentazzjoni essenzjali, il-monitoraġġ tal-kompiti, il-kuntatti ewlenin u l-assistenza personalizzata l-ġurnata kollha li tkun tista' tiġi adattata għalkollox għal kull kuntast nazżjonali. Fuq il-bażi ta' software funzjonanti, l-azzjoni b'mod partikolari ttejjeb il-proċess ta' personalizzazzjoni tas-software abbażi ta' dijanjożi avvanzata u integrata u valutazzjoni tal-persuna kkonċernata u tal-ambjent tagħha u tiżviluppa osservatorju settorjali li jkun ibbażat fuq analiżi ta' big data integrata u aġġornata. Is-software ikun ibbażat fuq il-ġbir ta' data, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet u taċ-ċirkostanzi tal-utenti u jippromwovi l-involvement tas-servizzi pubbliċi u privati ta' appoġġ u l-partijiet ikkonċernati, u l-koordinament bejniethom, sabiex jiżdedu l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema tal-indokrar.

(3) L-azzjoni tiffoka ukoll fuq l-iżvilupp ta' attivitajiet komplementari biex tappoġġa lill-awtoritajiet u lill-organizzazzjonijiet soċjali fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' familji tar-rispett u ta' appartamenti b'assistenza għall-akkommodazzjoni ta' migranti u rifuġjati mhux akkumpanjati, filwaqt li tittejjeb il-koordinazzjoni ta' partijiet ikkonċernati relatati ta' sostenn, sabiex tintemm il-pożizzjoni tagħhom ta' vulnerabbiltà kbira fl-Ewropa. Eżempji ta' tali attivitajiet komplementari jinkludu: analiżi tal-kuntast u l-leġiżlazzjoni attwali għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' familji tar-rispett u/jew ta' programmi ta' appartamenti b'assistenza indirizzati speċifikament lejn rifuġjati u migranti minorenni mhux akkumpanjati; rieżami ta' prattiki tajba u proposta għal titjib; l-iżvilupp ta' strateġija ta' disseminazzjoni speċifika bl-għan li jiġu mfittxija u jinstabu kandidati biex isiru familji tar-rispett li tkun aktar ta' suċċess milli l-istrateġiji attwali; l-iżvilupp ta' programm ta' taħriġ speċifiku biex ikun żgurat li l-kandidati li jixtiequ jkunu familji tar-rispett jiġu mħarrġa tajjeb; u, għal rifuġjati minorenni bejn is-16 u t-18-il sena, l-iżvilupp ta' programm komprensiv li jippromwovi l-ħajja indipendenti f'appartamenti b'assistenza, eċċ.

L-eżiti mistennija ta' din l-azzjoni preparatorja ambizzjuża u komprensiva huma (1) żieda fis-servizzi ta' appoġġ ta' kwalità għolja għall-foster care (2) kwalità tal-ħajja aħjar, indipendenza akbar u żieda fl-integrazzjoni tat-tfal (3) żieda fil-koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha u appoġġ aktar effiċjenti għalihom. F'dan ir-rigward, l-azzjoni turi biċ-ċar żieda fil-kapaċità ta' indokrar ibbażata fil-komunità u t-tnaqqis tal-għadd ta' tfal rifuġjati fl-istituti, u b'hekk tingħata prova ta' allokkazzjoni effiċjenti ta' riżorsi għal servizzi ta' kwalità.

**KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI** (*ikompli*)**18 03 77** (*ikompli*)18 03 77 12 (*ikompli*)

L-azzjoni preparatorja se tkun implimentata abbażi ta' sejħa jew sejħiet għal offerti u/jew proposti abbażi ta' arranġamenti ta' sħubija bejn l-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet soċjali, l-NGOs li jappoġġaw lit-tfal rifuġjati u migranti u l-kumpaniji tal-IT minn diversi reġjuni Ewropej, u b'hekk jiġu żgurati ambitu u impatt mifruxin f'livell Ewropew.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 04 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
18 04	TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA								
<b>18 04 01</b>	<b>Ewropa għaċ-Ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni</b>								
18 04 01 01	Ewropa għaċ-Ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni	3	24 426 000	25 205 000	23 231 000	22 760 000	22 728 860,04	22 101 862,18	87,69
18 04 01 02	Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej	3	740 000	840 000	840 000	740 000	639 088,05	0,—	0
	Artikolu 18 04 01 — Subtotal		25 166 000	26 045 000	24 071 000	23 500 000	23 367 948,09	22 101 862,18	84,86
<b>18 04 51</b>	<b>Tlestija tal-programm L-Ewropa għaċ-ċittadini (2007 sa 2013)</b>								
	Kapitolu 18 04 — Total	3	p.m.	200 000	p.m.	500 000	0,—	1 538 866,96	769,43
			<b>25 166 000</b>	<b>26 245 000</b>	<b>24 071 000</b>	<b>24 000 000</b>	<b>23 367 948,09</b>	<b>23 640 729,14</b>	<b>90,08</b>

**18 04 01 Ewropa għaċ-Ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni**

18 04 01 01 Ewropa għaċ-Ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
24 426 000	25 205 000	23 231 000	22 760 000	22 728 860,04	22 101 862,18

## Kummenti

Skont il-mira globali li l-Ewropa titressaq eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha, l-oġġettivi ġenerali tal-programm “Ewropa għaċ-Ċittadini” huwa li jikkontribwixxi għall-fehim ta-ċittadini tal-Unjoni u li titrawwem ċittadinanza Ewropea u biex jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ċivika u demokratika fil-livell tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet bħal sħubijiet, sostenn strutturali, proġetti ta' kommemorazzjoni, l-istorja tal-Unjoni u l-identità tagħha, laqgħat taċ-ċittadini, netwerks ta' bliet ġemellati, proġetti taċ-ċittadini u s-soċjetajiet ċivili, evalwazzjonijiet bejn pari, studji u servizzi ta' komunikazzjoni, miżuri ta' sostenn, avvenimenti u strutturi ta' sostenn fl-Istati Membri, inklużi l-proġetti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovew l-integrazzjoni, id-diversità lingwistika, il-koeżjoni u n-nondiskriminazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-minoranzi Ewropej.

Din l-appropriazzjoni għandha wkoll l-għan li tippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea billi tinforma lin-nies, fil-lingwi kollha tal-Unjoni dwar drittijietom bħala ċittadini tal-Unjoni, l-oportunitajiet għal parteċipazzjoni ċivika fl-livell tal-Unjoni, u l-impatt tal-Unjoni fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum.



**KAPITOLU 18 04 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA** (ikompli)**18 04 01** (ikompli)

## 18 04 01 01 (ikompli)

Għall-2018, il-prijoritajiet tal-programm għandhom jinkludu tagħrif liċ-ċittadini dwar id-drittijiet elettorali tagħhom u l-importanza tal-elezzjonijiet Ewropej biex jissawwar il-futur tal-Ewropa. Ikun tajjeb ukoll li jitħeġġeġ djalogu maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili Ewropea dwar il-futur tal-Ewropa, abbażi tal-White Paper li l-Kummissjoni ppreżentat fl-2017.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-programm “L-Ewropa għaċ-Ċittadini” għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu.

## 18 04 01 02 Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
740 000	840 000	840 000	740 000	639 088,05	0,—

*Kummenti*

L-għan ġenerali ta' din il-partita hu li jsaħħaħ il-funzjonament demokratika tal-Unjoni billi jagħti liċ-ċittadini Ewropej id-dritt li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja kampanji ta' komunikazzjoni biex trawwem is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-ECIs.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll għall-finanzjament tal-arranġamenti prattiċi u organizzattivi fl-istadji ta' tħejji u għbir tal-ECIs li jkunu rnexxew u li jkunu laħqu l-livell minimu ta' miljun firma, partikolarment l-ispejjeż relatati mat-traduzzjoni, ir-reġistrazzjoni, l-għarfien espert legali, l-iżvilupp tas-sit web u l-ħruġ ta' bullettini regolari. Il-finanzjament jingħata biex jirrimborża l-ispejjeż li jkunu diġà ġġarbu mill-organizzaturi tal-ECI u l-kumitati taċ-ċittadini u li preċedentement ikunu ddaħħlu fir-Reġistru tal-ECI.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba għall-iżvilupp u t-titjib tas-sistemi tal-IT tal-ECI, inkluż b'mod partikolari r-Reġistru tal-ECI u softwer għall-għbir onlajn użat minn organizzaturi ta' inizjattivi taċ-ċittadini u li jippermettu liċ-ċittadini tal-UE li jipprovdut appoġġ onlajn għal ECIs.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 04 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA (ikompli)

## 18 04 01 (ikompli)

## 18 04 01 02 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija wkoll intenzjonata għall-komunikazzjoni, l-amministrazzjoni u l-appoġġ għall-ECI. Din l-appropriazzjoni għandha tkopri wkoll attivitajiet li jkollhom l-għan li jeliminaw l-ostakoli eżistenti quddiem iċ-ċittadini meta jużaw l-ECI u jarmonizzaw ulterjorment il-proċedura u r-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ECIs madwar l-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jstabilixxi l-programm “L-Ewropa għaċ-Ċittadini” għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 115, 17.4.2013, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu.

18 04 51 **Tlestija tal-programm L-Ewropa għaċ-ċittadini (2007 sa 2013)***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	200 000	p.m.	500 000	0,—	1 538 866,96

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32).

KUMMISSJONI  
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

**KAPITOLU 18 05 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA RELATATA MAS-SIGURTÀ**

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
18 05	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA RELATATA MAS- SIGURTÀ								
<b>18 05 03</b>	<b>Sfidi soċjetali</b>								
18 05 03 01	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri	1,1	156 526 362	145 303 970	139 996 074	138 824 023	130 575 011,95	115 277 603,50	79,34
	Artikolu 18 05 03 — Subtotal		156 526 362	145 303 970	139 996 074	138 824 023	130 575 011,95	115 277 603,50	79,34
<b>18 05 50</b>	<b>Approprjazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku</b>								
18 05 50 01	Approprjazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	3 381 896,01	1 759 099,54	
18 05 50 02	Approprjazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 007 374,46	
	Artikolu 18 05 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	3 381 896,01	2 766 474,—	
<b>18 05 51</b>	<b>Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)</b>								
	Kapitolu 18 05 — Total	1,1	156 526 362	164 823 403	139 996 074	194 292 089	134 193 129,19	195 027 834,45	118,33

*Kummenti*

Dawn il-kummenti japplikaw għall-intestaturi tal-baġit kollha f'dan il-kapitolu.

Dawn l-appropriazzjoni se jintużaw għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (Is-seba' Programm Kwadru).

L-Orizzont 2020 se jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 “Unjoni tal-Innovazzjoni” u inizjattivi ewlenin oħra, notevolment “Ewropa effiċjenti fir-riżorsi”, “Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni”, u “Aġenda diġitali għall-Ewropa”, kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka. Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq it-tagħrif u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha billi jaġixxi bħala mezz għall-ingranaggħ suffiċjenti ta' riċerka addizzjonali, żvilupp u finanzjament għall-innovazzjoni.

Dan se jitwettaq sabiex jinkisbu l-oġġettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani tar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 05 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA RELATATA MAS-SIGURTÀ (ikompli)

F'Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifikati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel u sabiex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Għandha titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex titjeb il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-tehdid ta' deċiżjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Taħt dawn l-artikoli u l-partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat ta' livell għoli xjentifiċi u teknoloġiċi, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli magħmulin fisem l-Unjoni għall-investigazzjoni ta' oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, fost oħrajn, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont programmi qafas preċedenti.

Din l-appropriazzjoni se tintuża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija possibbli fil-każ ta' xi wħud minn dawn il-proġetti. Kwalunkwe kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Appropriazzjonijiet addizzjonali se jiġu pprovduti fil-Partita 18 05 50 01.

Appropriazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jkunu pprovduti fl-Artikolu 18 01 05.

## KAPITOLU 18 05 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA RELATATA MAS-SIGURTÀ (ikompli)

18 05 03 **Sfidi soċjetali**

18 05 03 01 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
156 526 362	145 303 970	139 996 074	138 824 023	130 575 011,95	115 277 603,50

## Kummenti

L-ex Partita 18 05 03 10 (parzjali)

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri:

— ssostni għal politiki tal-Unjoni dwar is-sigurtà interna u esterna, filwaqt li ttejjeb il-kompetittività u l-bażi teknoloġika tal-industrija tas-sigurtà tal-Unjoni u li tistimola l-kooperazzjoni bejn il-fornituri u l-utenti tas-soluzzjonijiet tas-sigurtà. Se jkun hemm attivitajiet li jimmiraw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw il-lakuni, u li jwasslu għall-prevenzjoni tat-theddid għas-sigurtà. L-attenzjoni tal-attivitajiet tkun li jiġu miġġielda l-kriminalità u t-terroriżmu; il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika; it-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni tal-fruntieri; iż-żieda fir-reżiljenza tal-Ewropa fil-kriżijiet u d-diżastri, filwaqt li jiġu mħarsa d-dejta personali u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem,

— issostni għal tisħiħ tal-bażi tal-evidenza u s-sostenn għall-Unjoni tal-Innovazzjoni u ż-Żona ta' Riċerka Ewropea, li huma meħtieġa biex irawmu l-iżvilupp ta' soċjetajiet u politiki innovattivi fl-Ewropa bl-involvement taċ-ċittadini, l-intrapriżi u l-utenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-promozzjoni ta' riċerka kkoordinata u politiki ta' innovazzjoni fil-kuntest tal-globalizzazzjoni.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2006/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari il-punt (g) tal-Artikolu 3(3) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 05 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA RELATATA MAS-SIGURTÀ (ikompli)

**18 05 50** *Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*

18 05 50 01 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	3 381 896,01	1 759 099,54

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu 2014 sal-2020.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

18 05 50 02 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 007 374,46

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu qabel l-2014.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

**18 05 51** *Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	19 519 433	p.m.	55 468 066	236 221,23	76 983 756,95

## KAPITOLU 18 05 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA RELATATA MAS-SIGURTÀ (ikompli)

## 18 05 51 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Din l-appropriazzjoni hi intiża biex tkopri wkoll in-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-disponibbiltà ta' appropriazzjonijiet addizzjonali minn (barra ż-Żona Ekonomika Ewropea) partijiet terzi jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw f'proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-żvilupp teknoloġiku.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabillixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 06 — POLITIKA KONTRA D-DROGI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
18 06	POLITIKA KONTRA D-DROGI								
<b>18 06 01</b>	<b>Sostenn tal-inizzjattivi fil-qasam tal-politika dwar id-droga</b>	3	2 749 000	3 400 000	3 132 000	2 756 200	2 512 000,—	2 246 993,07	66,09
<b>18 06 02</b>	<b>Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)</b>	3	15 230 412	15 230 412	15 081 600	15 081 600	14 794 000,—	14 794 000,—	97,13
<b>18 06 51</b>	<b>It-tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni tad-drogi u l-informazzjoni dwarhom</b>	3	p.m.	121 149	p.m.	432 520	0,—	386 774,69	319,26
<b>Kapitolu 18 06 — Total</b>			<b>17 979 412</b>	<b>18 751 561</b>	<b>18 213 600</b>	<b>18 270 320</b>	<b>17 306 000,—</b>	<b>17 427 767,76</b>	<b>92,94</b>

**18 06 01 Sostenn tal-inizzjattivi fil-qasam tal-politika dwar id-droga**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 749 000	3 400 000	3 132 000	2 756 200	2 512 000,—	2 246 993,07

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tappoġġja inizzjattivi fil-qasam tal-politika dwar id-drogi fir-rigward ta' aspetti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u ta' prevenzjoni tal-kriminalità konnessi mill-qrib mal-oġġettivi ġenerali tal-programm tal-ġustizzja (il-"Programm"), sa fejn mhumiex koperti mill-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni bejn il-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-immaniġġar ta' kriżijiet bħala parti mill-fond għas-sigurtà interna, jew mill-programm saħħa għat-tkabir.

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

- attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' *data* u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u sħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,
- attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għal min iħarreġ, inkluż taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, u l-iżvilupp ta' għodod ta' taħlim elettroniku u moduli ta' taħriġ oħrajn għall-membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju,
- taħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiki tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u taħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-programm; il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-portal tal-potal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika bħala għodda biex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja,



**KAPITOLU 18 06 — POLITIKA KONTRA D-DROGI** (ikompli)**18 06 01** (ikompli)

— sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-programm, bħas-sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, sostenn għal atturi ewlenin Ewropej u netwerks fuq livell Ewropew, inkluż fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell Ewropew fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet nongovernattivi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsimha, li tiffurma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri u operazzjonijiet oħra ta' ġestjoni tal-kriżi barra EULEX Kosovo, is-Sezzjonijiet Speċjalizzati tal-Kosovo, l-EUMM Georgia u l-EUPOL Afghanistan. Hija maħsuba wkoll biex tipprovdi għat-tmexxija tas-Segretarjat tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża u tas-sistema ta' tagħlim mill-bogħod avvanzat ibbażat fuq l-internet tagħha, kif ukoll għall-kostijiet tal-maħżen għal missjonijiet ċivili tal-PESK.

Kull introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inkluż fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet mill-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-12 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/698/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 dwar l-istabbiliment ta' maħżen għal missjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet ċivili (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15).

KUMMISSJONI  
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) (ikompli)**

**19 03 01** (ikompli)

19 03 01 04 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tas-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal- 15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat- 22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2382 tal-21 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/189/PESK (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1425 tal-4 ta' Awwissu 2017 dwar azzjoni ta' stabbilizzazzjoni mill-Unjoni Ewropea f'Mopti u Segou (EUSTAMS) (ĠU L 204, 5.8.2017, p. 90).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1869 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (ĠU L 266, 17.10.2017, p. 12).

19 03 01 05 Miżuri ta' emerġenza

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
29 101 000	14 001 000	62 850 000	30 043 812	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' kwalunkwe miżuri mhux previsti taħt l-Artikolu 19 03 01 deċiżi matul is-sena finanzjarja, li jridu jiġu implimentati b'mod urġenti.

Din il-partita hija maħsuba wkoll bħala element ta' flessibilità fil-baġit tal-PESK, kif deskritt fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet finanzjarji u dwar amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

## KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) (ikompli)

## 19 03 01 (ikompli)

## 19 03 01 06 Miżuri ta' thejġija u ta' segwitu

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 500 000	2 050 000	8 500 000	1 050 000	191 882,50	149 537,79

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri preparatorji biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK u l-adozzjoni tal-istrumenti ġuridiċi neċessarji. Din tista' tkopri miżuri ta' analiżi u ta' evalwazzjoni (evalwazzjoni *ex ante* ta' mezzi, studji speċifiċi, organizzazzjoni ta' laqgħat, ġbir tal-fatti fuq il-post). Fil-qasam tal-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet u għar-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea (EUSRs), b'mod partikolari, il-miżuri preparatorji jistgħu, fost oħrajn, iservu sabiex jivvalutaw ir-rekwiżiti operazzjonali għal azzjoni prevista, biex jipprovdu għal skjerament inizjali rapidu ta' persunal u ta' riżorsi (eż. spejjeż tal-missjoni, xiri ta' tagħmir, prefinanzjament tat-tmexxija u kostijiet tal-assigurazzjoni fil-fażi tal-bidu), jew jieħdu l-miżuri neċessarji fuq il-post bi thejġija għat-tnedija tal-operazzjoni. Tista' tkopri wkoll esperti li jappoġġjaw l-operazzjonijiet tal-Unjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet f'oqsma tekniċi speċifiċi (pereżempju l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' akkwisti) jew inkella taħriġ dwar is-sigurtà għall-persunal li għandu jintbagħat għal missjoni CSDP/tim tal-EUSR.

Hija tkopri wkoll miżuri ta' segwitu u verifiki tal-miżuri tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-finanzjament ta' kull nefqa għar-regolarizzazzjoni ta' miżuri magħluqa qabel.

Din l-approprijazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-oġġettiv tal-miżuri li jaqgħu taħt il-partiti 19 03 01 01, 19 03 01 02, 19 03 01 03, 19 03 01 04 u 19 03 01 07.

Kull introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inkluż fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, bil-fehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b' medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## Bażi ġuridika

Miżuri preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).



**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) (ikompli)****19 03 01** (ikompli)

## 19 03 01 07 Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
13 500 000	14 334 520	24 020 000	26 861 438	2 875 000,—	11 875 065,77

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-ħatra tar-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea (EUSRs) skont l-Artikolu 33 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

L-EUSRs għandhom jinħatru bir-rispett dovut għall-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dwar l-integrazzjoni tal-ġeneri u l-ħatra ta' nisa bħala EUSRs għalhekk għandha tiġi promossa.

L-appropriazzjoni tkopri n-nefqa fuq is-salarji tal-EUSRs u fuq l-istabbiliment tal-iskwadri u/jew l-istrutturi ta' sostenn tagħhom, inklużi kostijiet tal-persunal barra dawk marbuta ma' persunal sekondat minn Stati Membri jew istituzzjonijiet tal-Unjoni. Tkopri wkoll il-kostijiet ta' kwalunkwe proġetti implimentati taħt ir-responsabbiltà diretta ta' EUSR.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b' medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/289 tas-17 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2005 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan (ĠU L 42, 18.2.2017, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/298 tas-17 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali (ĠU L 43, 21.2.2017, p. 209).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/299 tas-17 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia (ĠU L 43, 21.2.2017, p. 214).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/300 tas-17 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (ĠU L 43, 21.2.2017, p. 219).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/301 tas-17 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sahel (ĠU L 43, 21.2.2017, p. 225).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/346 tas-27 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ĠU L 50, 28.2.2017, p. 66).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

## KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) (ikompli)

## 19 03 01 (ikompli)

## 19 03 01 07 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/347 tas-27 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 50, 28.2.2017, p. 70).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/348 tas-27 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (ĠU L 50, 28.2.2017, p. 75).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/380 tat-3 ta' Marzu 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (MEPP) (ĠU L 58, 4.3.2017, p. 29).

19 03 02 **Sostenn għan-nonproliferazzjoni u diżarmament**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 000 000	20 400 000	19 500 000	25 500 000	13 210 336,—	11 320 082,74

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hi maħsuba biex tiffinanzja miżuri li jikkontribwixxu għan-nonproliferazzjoni ta' armi tal-qerda massiva (nukleari, kimiċi, u bijoloġiċi), primarjament fil-qafas tal-istrategġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ta' Diċembru 2003. Dan jinkludi appoġġ għal azzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam.

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tiffinanzja miżuri li jikkontribwixxu għan-nonproliferazzjoni ta' armi konvenzjonali u operazzjonijiet li joħduha kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar destabilizzanti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir. Dan jinkludi sostenn għal azzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam.

Kull introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inkluż fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, bil-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/662/PESK tal-25 ta' Ottubru b'appoġġ għall-attivitajiet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fi, u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fir-reġjun kopert mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) (ĠU L 297, 26.10.2012, p. 29).

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) (ikompli)****19 03 02 (ikompli)**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/699/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/391/PESK tat-22 ta' Lulju 2013 b'appoġġ għall-implimentazzjoni prattika tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/517/PESK tal-21 ta' Ottubru 2013 dwar appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 281, 23.10.2013, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/668/PESK tat-18 ta' Novembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fil-qasam tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 310, 20.11.2013, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet ta' SEESAC ta' diżarm u ta' kontroll ta' armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda kontra l-Akkumulazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' SALW u l-Munizzjon tagħhom (ĠU L 332, 11.12.2013, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 56).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/129/PESK tal- 10 ta' Marzu 2014 li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 71, 12.3.2014, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/912/PESK tal- 15 ta' Diċembru 2014 b'appoġġ għall-attivitajiet relatati mas-sigurtà fiżika u l-ġestjoni tal-ħażniet (PSSM) biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fir-reġjun tas-Sahel (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 30).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/913/PESK tal- 15 ta' Diċembru 2014 b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/203 tad-9 ta' Frar 2015 b'appoġġ għall-proposta tal-Unjoni għal Kodiċi ta' Kondotta internazzjonali għal attivitajiet fl-ispazju extra-atmosferiku bħala kontribut għal miżuri ta' trasparenza u bini tal-fiducia f'attivitajiet fl-ispazju extra-atmosferiku (ĠU L 33, 10.2.2015, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/259 tas-17 ta' Frar 2015 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 43, 18.2.2015, p. 14).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANJA

## KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) (ikompli)

## 19 03 02 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1837 tat-12 ta' Ottubru 2015 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 266, 13.10.2015, p. 83).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1908 tat-22 ta' Ottubru 2015 b'appoġġ għal mekkaniżmu globali ta' rappurtar dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u armi konvenzjonali oħrajn u munizzjoni illeċiti biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tagħhom ("iTrace II") (ĠU L 278, 23.10.2015, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2215 tat-30 ta' Novembru 2015 b'appoġġ għall-UNSCR 2235 (2015), li tisabbilixxi mekkaniżmu ta' investigazzjoni konġunt bejn l-OPCW u n-NU sabiex jiġu identifikati l-awturi ta' attackki kimiċi fir-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 314, 1.12.2015, p. 51)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2309 tal-10 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni tal-armi (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 56).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/51 tat-18 ta' Jannar 2016 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 12, 19.1.2016, p. 50).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2001 tal-15 ta' Novembru 2016 dwar kontribut tal-Unjoni għall-istabbiliment u l-ġestjoni sigura ta' Bank tal-Uranju b'Arrikkiment Baxx (LEU) taħt il-kontroll tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 308, 16.11.2016, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2356 tad-19 ta' Diċembru 2016 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom (ĠU L 348, 21.12.2016, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2383 tal-21 ta' Diċembru 2016 dwar l-appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 74).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/633 tat-3 ta' April 2017 b'appoġġ għall-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (ĠU L 90, 4.4.2017, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/809 tal-11 ta' Mejju 2017 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom (ĠU L 121, 12.5.2017, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 139, 30.5.2017, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1252 tal-11 ta' Lulju 2017 b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza kimika fl-Ukrajna f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom (ĠU L 179, 12.7.2017, p. 8).

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) (ikompli)****19 03 02** (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1424 tal-4 ta' Awwissu 2017 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OSKE biex jitnaqqas ir-riskju tat-traffikar illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u munizzjon konvenzjonali fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Georgia (ĠU L 204, 5.8.2017, p. 82).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1428 tal-4 ta' Awwissu 2017 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni tagħhom (ĠU L 204, 5.8.2017, p. 101).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

## KAPITOLU 19 04 — MISSJONIJIET TA' OSSERVAZZJONI ELETTORALI (EU EOMS)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
19 04	MISSJONIJIET TA' OSSERVAZZJONI ELET- TORALI (EU EOMS)								
<b>19 04 01</b>	<b>Titjib tal-affidabilità tal-proċessi elettorali, partikolarment permezz tal-missjonijiet ta' osser- vazzjoni elettorali</b>	4	46 304 783	38 302 500	45 363 394	37 522 500	30 484 924,04	19 591 559,29	51,15
<b>19 04 51</b>	<b>Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-miss- jonijiet ta' osservazzjoni elettorali (qabel l-2014)</b>	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 089 396,17	
<b>Kapitolu 19 04 — Total</b>			<b>46 304 783</b>	<b>38 302 500</b>	<b>45 363 394</b>	<b>37 522 500</b>	<b>30 484 924,04</b>	<b>20 680 955,46</b>	<b>53,99</b>

**19 04 01 Titjib tal-affidabilità tal-proċessi elettorali, partikolarment permezz tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
46 304 783	38 302 500	45 363 394	37 522 500	30 484 924,04	19 591 559,29

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni tkopri sostenn finanzjarju għall-ħolqien ta' fiduċja fi proċessi elettorali u istituzzjonijiet demokratiċi u għat-titjib tal-affidabilità u t-trasparenza tagħhom permezz tal-użu ta' Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Unjoni Ewropea, miżuri oħra ta' monitoraġġ tal-proċessi elettorali kif ukoll is-sostenn għall-kapaċità ta' osservazzjoni fil-livell reġjonali u nazzjonali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv ikunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 235/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 85).

## KAPITOLU 19 04 — MISSIONIJET TA' OSSERVAZZJONI ELETTORALI (EU EOMS) (ikompli)

**19 04 51 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-missionijiet ta' osservazzjoni elettorali (qabel l-2014)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 089 396,17

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

## KAPITOLU 19 05 — KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
19 05	KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI)								
19 05 01	<i>Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-avanz u l-promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni u tal-interessi reċiproki</i>	4	123 263 000	70 610 000	112 899 000	84 191 000	108 653 217,51	36 891 953,83	52,25
19 05 20	<i>Erasmus+ — Kontribuzzjoni għall-Istrument ta' Sħubija</i>	4	11 520 000	14 646 383	15 600 000	14 628 006	16 115 347,57	15 821 776,57	108,03
19 05 51	<i>Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tar-relazzjonijiet u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati (mill-2007 sal-2013)</i>	4	p.m.	4 000 000	p.m.	7 045 000	0,—	8 825 595,79	220,64
<b>Kapitolu 19 05 — Total</b>			<b>134 783 000</b>	<b>89 256 383</b>	<b>128 499 000</b>	<b>105 864 006</b>	<b>124 768 565,08</b>	<b>61 539 326,19</b>	<b>68,95</b>

19 05 01 *Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-avanz u l-promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni u tal-interessi reċiproki*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
123 263 000	70 610 000	112 899 000	84 191 000	108 653 217,51	36 891 953,83

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-avanz u l-promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni u interessi reċiproki fl-ambitu tal-Istrument ta' Sħubija, b'mod parikolari ma' pajjiżi żviluppati jew li qegħdin jiżviluppaw li qed ikollhom rwol dejjem aktar prominenti fl-affarijiet dinjin, inklużi l-politka barranija, l-ekonomija u l-kummerċ, fora multilaterali, governanza globali u fl-indirizzar ta' sfidi ta' tħassib globali jew fejn l-Unjoni għandha interessi sinifikanti. Din il-kooperazzjoni tinkludi miżuri li jappoġġaw ir-relazzjonijiet bilaterali, reġjonali u multilaterali tal-Unjoni fl-indirizzar ta' sfidi ta' tħassib globali, l-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-istrateġija "Ewropa 2020", opportunitajiet ta' kummerċ u ta' investment u attivajiet ta' diplomazija pubblika u attivajiet ta' sensibilizzazzjoni.

Parti minn dawn l-appropriazzjonijiet tintuża wkoll biex timplimenta l-proġett "Kooperazzjoni mad-Dimensjoni Transatlantika tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar", li għandu l-għan li jżid djalogu u kooperazzjoni transatlantiċi usa' li jinvolvu l-pajjiżi tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar sabiex jiġu indirizzati sfidi globali komuni. L-objettiv hu li tingħata attenzjoni lill-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' għanijiet komuni fuq terminu ta' żmien qasir u twil fl-oqasma bħall-kooperazzjoni ekonomika, il-governanza globali, il-kooperazzjoni fl-iżvilupp, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà u l-enerġija. Din l-azzjoni preparatorja għandha sservi biex issaħħa djalogu trijangolari, jew saħansitra djalogu Atlantiku estiż, kif ukoll biex tippromwovi l-idea ta' Komunità Atlantika usa'.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.



**KAPITOLU 19 05 — KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI) (ikompli)****19 05 01** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 77).

**19 05 20** **Erasmus+ — Kontribuzzjoni għall-Istrument ta' Sħubija***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 520 000	14 646 383	15 600 000	14 628 006	16 115 347,57	15 821 776,57

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-assistenza teknika u finanzjarja provduta taħt dan l-istrument estern sabiex tiġi implimentata d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja tal-programm "Erasmus+".

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali,

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn japplika, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fit-tmexxija amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 77).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

## KAPITOLU 19 05 — KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI) (ikompli)

**19 05 51** *Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tar-relazzjonijiet u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati (mill-2007 sal-2013)*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	4 000 000	p.m.	7 045 000	0,—	8 825 595,79

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż 1-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 405, 30.12.2006, p. 41).

KUMMISSJONI  
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

**KAPITOLU 19 06 — SENSIBILIZZAZZJONI INFORMATTIVA DWAR RELAZZJONIJET ESTERNI TAL-UNJONI**

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
19 06	SENSIBILIZZAZZJONI INFORMATTIVA DWAR RELAZZJONIJET ESTERNI TAL-UNJONI								
<b>19 06 01</b>	<b>Sensibilizzazzjoni informattiva dwar relazzjonijiet esterni tal- Unjoni</b>	4	15 000 000	15 200 000	12 000 000	12 000 000	12 472 671,91	13 651 239,50	89,81
19 06 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
19 06 77 01	Azzjoni preparatorja — StratCom Plus	4	1 100 000	550 000					
	Artikolu 19 06 77 — Subtotal		1 100 000	550 000					
	<b>Kapitolu 19 06 — Total</b>		<b>16 100 000</b>	<b>15 750 000</b>	<b>12 000 000</b>	<b>12 000 000</b>	<b>12 472 671,91</b>	<b>13 651 239,50</b>	<b>86,67</b>

**19 06 01 Sensibilizzazzjoni informattiva dwar relazzjonijiet esterni tal-Unjoni**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 000 000	15 200 000	12 000 000	12 000 000	12 472 671,91	13 651 239,50

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa fuq sensibilizzazzjoni informattiva proattiva dwar relazzjonijiet esterni tal-Unjoni. L-attivitatiet ta' informazzjoni li għandhom jitwettqu taħt dan l-artikolu jaqgħu f'żewġ kategoriji wesgħin: attivitatiet orizzontali u sostenn loġistiku mill-kwartieri ġenerali, u attivitatiet imwettqa minn delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u vis-à-vis organizzazzjonijiet internazzjonali.

Miżuri magħmula mis-sede:

- Il-programm tal-viżitaturi tal-Unjoni Ewropea (EUVP), li jsir b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, jipprovdi lil madwar 170 parteċipant fis-sena, magħżulin mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, l-opportunità li jkollhom kuntatt mal-Unjoni billi jżuru l-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bħala parti minn programm individwali imfassal apposta għal żjarat ibbażati fuq tema,
- Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-publikazzjonijiet dwar temi ta' prijorità bħala parti mill-programm annwali,
- il-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal awdjoviżiv,
- iżvilupp tal-informazzjoni akkwistata permezz ta' midja elettronika (l-Internet u sistemi ta' messaġġi elettroniċi),
- l-organizzazzjoni ta' żjarat għal gruppi ta' ġurnalisti,
- is-sostenn favur l-attivitatiet ta' informazzjoni ta' dawk li jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u li huma konsistenti mal-prijoritajiet tal-Unjoni,
- komunikazzjonijiet strateġiċi, partikolarment fil-viċinat tal-Unjoni u l-Balkani tal-Punent.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

## KAPITOLU 19 06 — SENSIBILIZZAZZJONI INFORMATTIVA DWAR RELAZZJONIJIET ESTERNI TAL-UNJONI (ikompli)

## 19 06 01 (ikompli)

Il-Kummissjoni se tkompli tiffinanzja xandiriet tal-aħbarijiet bil-Farsi.

Miżuri deċentralizzati mwettqa minn delegazzjonijiet tal-Unjoni fpajjiżi terzi u vis-à-vis organizzazzjonijiet internazzjonali.

Skont il-miri tal-komunikazzjoni stabbiliti għal kull reġjun u għal kull pajjiż, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jipproponu pjan ta' komunikazzjoni annwali li, ladarba jiġi approvat mill-kwartieri ġenerali, ikun assenjat allokkazzjoni tal-baġit li tkopri dawn l-attivitajiet:

- websajts,
- relazzjonijiet mal-midja (konferenzi stampa, seminars, programmi tar-radju, eċċ.),
- prodotti tal-informazzjoni (pubblikazzjonijiet oħra, materjal grafiku, eċċ.),
- organizzazzjoni ta' avvenimenti, inklużi attivitajiet kulturali,
- ittri aħbar,
- kampanji ta' informazzjoni,
- komunikazzjonijiet strateġiċi, partikolarment fil-viċinat tal-Unjoni u fil-Balkani tal-Punent.

## Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni flivell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

19 06 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

## 19 06 77 01 Azzjoni preparatorja — StratCom Plus

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 100 000	550 000				

## Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja se tittestja kif għandha tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni b'mod aktar sistematiku, effikaċi u effiċjenti. Objettiv importanti huwa li tinbena kapaċità tal-Unjoni dwar mod kif id-diżinformazzjoni tiġi vverifikata rapidament billi ttejjeb il-bażi tal-ħiliet tal-persunal permezz ta' taħriġ u coaching minn esperti maħtura tal-komunikazzjoni strateġika, li mbagħad jirrapportaw dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħhom lill-kwartieri ġenerali, inkluża t-Task Force East StratCom.

**KAPITOLU 19 06 — SENSIBILIZZAZZJONI INFORMATTIVA DWAR RELAZZJONIJIET ESTERNI TAL-UNJONI** (*ikompli*)**19 06 77** (*ikompli*)19 06 77 01 (*ikompli*)

Għalhekk, l-azzjoni preparatorja tiffinanzja (a) taħriġ biex il-persunal tal-Unjoni jiġi sensibilizzat dwar il-kampanji ta' diżinformazzjoni; (b) monitoraġġ tal-kampanji ta' diżinformazzjoni kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni; (c) analiżi bbażata fuq database tal-isfida u t-toroq 'il quddiem fl-Ewropa kollha; (d) produzzjoni aħjar tal-prodott ta' din l-analiżi, jiġifieri t-traduzzjoni u t-tixrid fil-lingwi lokali. Peress li l-kampanji ta' diżinformazzjoni jkollhom fil-mira tagħhom kemm l-Unjoni kif ukoll il-pajjiżi sħab tagħha, dawn l-attivajiet jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-persunal, skont il-prijoritajiet li għandhom jiġu stabbiliti, (1) fir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Kummissjoni Ewropea fl-Istati Membri, (2) fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-Pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, u (3) fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

L-azzjoni preparatorja tiġi implimentata b'mod konġunt mill-Kummissjoni (is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija) u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Din l-azzjoni tippermetti lill-Unjoni tqajjem kuxjenza, biex iżżid il-kapaċità biex tanticiċpa, tanalizzza u tirreaġixxi, biex tkun aktar effiċjenti, u biex tilħaq aħjar lill-Istati Membri u biex tippromwovi l-oġġettivi politiċi tagħha fil-konfront taċ-ċittadini tagħha u tal-Viċinat tal-Lvant u l-Balkani tal-Punent, inkluż fil-lingwi tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' thejjiġa skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 20*

**KUMMERĊ**

## TITOLU 20

## KUMMERĊ

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KUMMERĊ"	98 024 575	98 024 575	95 701 323	95 701 323	92 631 020,14	92 631 020,14
20 02	POLITIKA TAL-KUMMERĊ	17 900 000	16 500 000	17 500 000	16 000 000	16 800 000,—	15 149 541,97
	<b>Titolu 20 — Total</b>	<b>115 924 575</b>	<b>114 524 575</b>	<b>113 201 323</b>	<b>111 701 323</b>	<b>109 431 020,14</b>	<b>107 780 562,11</b>

KUMMISSJONI  
TITOLU 20 — KUMMERĊ

## TITOLU 20

### KUMMERĊ

#### KAPITOLU 20 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KUMMERĊ"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
20 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KUMMERĊ"					
<b>20 01 01</b>	<b><i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Kummerċ"</i></b>					
20 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali	5,2	54 709 769	54 792 565	52 000 394,03	95,05
20 01 01 02	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	15 378 247	14 455 314	13 636 488,33	88,67
	<i>Artikolu 20 01 01 — Subtotal</i>		70 088 016	69 247 879	65 636 882,36	93,65
<b>20 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Kummerċ"</i></b>					
20 01 02 01	Persunal estern— Kwartieri ġenerali	5,2	2 947 833	2 986 234	3 143 369,72	106,63
20 01 02 02	Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	8 327 169	7 340 489	7 201 674,38	86,48
20 01 02 11	Nefqa oħra b'rabta ma' ġestjoni — Kwartieri ġenerali	5,2	4 347 413	4 345 210	4 668 278,98	107,38
20 01 02 12	Nefqa oħra b'rabta ma' ġestjoni — delegazzjonijiet	5,2	1 535 018	1 446 578	1 574 050,21	102,54
	<i>Artikolu 20 01 02 — Subtotal</i>		17 157 433	16 118 511	16 587 373,29	96,68
<b>20 01 03</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Kummerċ"</i></b>					
20 01 03 01	Nefqa b'rabta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni	5,2	3 536 620	3 421 433	3 998 805,46	113,07
20 01 03 02	Binjiet u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	7 242 506	6 913 500	6 407 959,03	88,48
	<i>Artikolu 20 01 03 — Subtotal</i>		10 779 126	10 334 933	10 406 764,49	96,55
	<b>Kapitolu 20 01 — Total</b>		<b>98 024 575</b>	<b>95 701 323</b>	<b>92 631 020,14</b>	<b>94,50</b>



**KAPITOLU 20 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “KUMMERĊ” (ikompli)****20 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika “Kummerċ”**

20 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
54 709 769	54 792 565	52 000 394,03

20 01 01 02 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
15 378 247	14 455 314	13 636 488,33

**20 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika “Kummerċ”**

20 01 02 01 Persunal estern— Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 947 833	2 986 234	3 143 369,72

20 01 02 02 Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
8 327 169	7 340 489	7 201 674,38

20 01 02 11 Nefqa oħra b'rabta ma' ġestjoni — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 347 413	4 345 210	4 668 278,98

20 01 02 12 Nefqa oħra b'rabta ma' ġestjoni — delegazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 535 018	1 446 578	1 574 050,21

KUMMISSJONI  
TITOLU 20 — KUMMERĊ

KAPITOLU 20 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KUMMERĊ" (ikompli)

**20 01 03** *Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Kummerċ"*

20 01 03 01 Nefqa b'rabta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 536 620	3 421 433	3 998 805,46

20 01 03 02 Binjiet u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
7 242 506	6 913 500	6 407 959,03

## KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
20 02	POLITIKA TAL-KUMMERĊ								
<b>20 02 01</b>	<b>Relazzjonijiet kummerċjali esterni, inkluż l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi</b>	4	13 000 000	11 800 000	13 000 000	11 500 000	12 300 000,—	10 083 473,84	85,45
<b>20 02 03</b>	<b>Għajjuna għall-kummerċ — Inizjattivi multilaterali</b>	4	4 500 000	4 500 000	4 500 000	4 500 000	4 500 000,—	5 066 068,13	112,58
<b>20 02 77</b>	<b>Pilot projects and preparatory actions</b>								
20 02 77 02	Proġett pilota — In-nisa u l-kummerċ: mudell ta' kapitolu dwar il-ġeneru fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles abbażi ta' data dwar in-nisa li jipparteċipaw fil-kummerċ u n-nisa li jipparteċipaw fl-ekonomija domestika	4	400 000	200 000					
	Artikolu 20 02 77 — Subtotal		400 000	200 000					
	<b>Kapitolu 20 02 — Total</b>		<b>17 900 000</b>	<b>16 500 000</b>	<b>17 500 000</b>	<b>16 000 000</b>	<b>16 800 000,—</b>	<b>15 149 541,97</b>	<b>91,82</b>

**20 02 01 Relazzjonijiet kummerċjali esterni, inkluż l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
13 000 000	11 800 000	13 000 000	11 500 000	12 300 000,—	10 083 473,84

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

Attivitajiet li jappoġġjaw il-ġestjoni ta' negozjati multilaterali u bilaterali li għadhom għaddejjin u dawk ġodda

Azzjonijiet immirati biex isaħħu l-pożizzjoni ta' negozjar tal-Unjoni fin-negozjati kummerċjali multilaterali li għaddejjin (fil-kuntest tal-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha) kif ukoll in-negozjati kummerċjali bilaterali u reġjonali li għaddejjin u ġodda, biex jiġi żgurat li l-kunċett ta' politika tal-Unjoni hija bbażata fuq l-ogħla standards ekonomiċi, soċjali u ambjentali, kif ukoll koalizzjonijiet komprensivi u informazzjoni ta' esperti aġġornata u biex jibnu koalizzjonijiet għat-tlestija b'suċċess tagħhom, inkluż:

- laqgħat, konferenzi u seminars marbuta mat-tnejja tal-politika u l-pożizzjonijiet tan-negozjar u mal-ġestjoni ta' negozjati kummerċjali li għadhom għaddejjin kif ukoll negozjati kummerċjali ġodda,
- li-żvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni u informazzjoni konsistenti u komprensiva, li tippromwovi l-politika kummerċjali tal-Unjoni u tkattar l-għarfien fuq id-dettal u l-oġġettivi tal-politika kummerċjali tal-Unjoni, kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha,
- attivitajiet u seminars ta' informazzjoni għal operaturi Statali u mhux Statali (inklużi operaturi tas-soċjetà ċivili u dawk tan-negozju) biex jispjegaw l-istat attwali tan-negozjati li jkunu għadhom għaddejjin u tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet eżistenti.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 20 — KUMMERĊ

KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ (*ikompli*)20 02 01 (*ikompli*)

*Studji, valutazzjonijiet u stimi tal-impatt fir-rigward tal-ftehimiet u l-politiki kummerċjali*

Azzjonijiet biex jiżguraw li l-politika kummerċjali tal-Unjoni jkollha pedament mibni fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni *ex-ante* u *ex-post* u teħodhom inkunsiderazzjoni kif suppost, inklużi:

- stimi tal-Impatt imwettqa bil-ħsieb ta' proposti leġiżlattivi ġodda possibbli u stimi tal-impatt sostenibbli mwettqa b'appoġġ għan-negozjati li għadhom għaddejjin u mfassla biex jivvalutaw il-benefiċċji potenzjali ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' ftehimiet kummerċjali u, fejn meħtieġ, il-proposta ta' miżuri komplementari biex jiġġieldu kontra kwalunkwe effett negattiv għal pajjiżi jew setturi speċifiċi,
- valutazzjonijiet tal-politiki u l-prattiki tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ, li għandhom jitwettqu wara l-pjan ta' valutazzjoni pluriennali tiegħu,
- studji espert, legali u ekonomiċi relatati ma' negozjati li jinsabu għaddejjin u ftehimiet eżistenti, l-iżviluppi tal-politika u disputi kummerċjali.

*Assistenza teknika relatata mal-kummerċ, taħriġ u azzjonijiet oħra għall-bini tal-kapaċitajiet diretti lejn pajjiżi terzi*

Azzjonijiet immirati għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' pajjiżi terzi biex jieħdu sehem f'negozjati kummerċjali internazzjonali bilaterali jew bireġjonali, biex jimplementaw ftehimiet kummerċjali internazzjonali, u biex jieħdu sehem fis-sistema kummerċjali dinija, inklużi:

- proġetti li jinvolvu taħriġ u azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet immirati lejn l-iżvilupp uffiċjali u operaturi minn pajjiżi, prinċipalment fil-qasam tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji, u fir-rigward ta' istandards ekwivalenti ambjentali, tal-benessri tal-annimali u soċjali, u b'hekk tippermetti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tkun esportata merkanzija ta' kwalità lejn l-Unjoni, li jikkontribwixxi wkoll għal kundizzjonijiet aktar ekwi,
- ħlas lura ta' spejjeż tal-partiċipanti f'fora u konferenzi mfassla biex ikabbru l-għarfien u l-kompetenza fil-kwistjonijiet tal-kummerċ f'kwistjonijiet kummerċjali fost iċ-ċittadini ta' pajjiż li qed jiżviluppaw,
- il-ġestjoni, it-tħaddim, l-iżvilupp ulterjuri u l-promozzjoni tal-Helpdesk tal-Esportazzjoni li jipprovdi n-negozju fil-pajjiżi sħab bit-tagħrif dwar l-aċċess għas-swieq tal-Unjoni u jiffaċilita l-isforzi min-negozju biex jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq offruti mis-sistema ta' kummerċ internazzjonali,
- programmi ta' għajnuna teknika relatati mal-kummerċ irranġati fil-forum tad-WTO (World Trade Organisation) u organizzazzjonijiet oħra multilaterali, b'mod partikolari Fondi Fiduċjarji tad-WTO, fil-qafas tal-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha.

*Azzjonijiet ta' aċċess għas-suq li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Unjoni tal-aċċess għas-suq*

Azzjonijiet b'appoġġ tal-istrateġija tal-Unjoni tal-aċċess għas-suq, li timmira t-tneħħija jew it-tnaqqis tal-ostakoli għall-kummerċ, filwaqt li tidentifika restrizzjonijiet tal-kummerċ f'pajjiżi terzi u, meta xieraq, tneħħi l-ostakoli għall-kummerċ. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu:

- il-manutenzjoni, it-tħaddim u l-iżvilupp ulterjuri ta' bażi tad-dejta tal-aċċess għas-suq disponibbli għall-operaturi ekonomiċi permezz tal-Internet, li telenka l-ostakoli għall-kummerċ u informazzjoni oħra li taffettwa l-esportazzjonijiet tal-Unjoni u l-esportaturi tal-Unjoni; ix-xiri tal-informazzjoni, dejta u dokumentazzjoni meħtieġa għal din il-baży tad-dejta,
- analiżi speċifika tad-diversi ostakli għall-kummerċ fis-swieq ewlenin, inkluż l-analiżi tal-implimentazzjoni minn pajjiżi terzi tal-obbligi tagħhom skont ftehim internazzjonali tal-kummerċ, fir-rigward tal-preparazzjoni tan-negozjati,

**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ** (*ikompli*)**20 02 01** (*ikompli*)

- konferenzi, seminars u attivitajiet oħra ta' informazzjoni (pereżempju produzzjoni u distribuzzjoni ta' studji, pakketti tal-istudju, pubblikazzjonijiet u fuljetti) biex jinformat lin-negozji, uffiċjali tal-Istati membri u operaturi oħra dwar ostakli għall-kummerċ u strumenti tal-politika tal-kummerċ immirati biex jipproteġu l-Unjoni minn prattika kummerċjali inġusta bħalma huma dumping jew sussidji għall-esportazzjoni,
- appoġġ lill-industrija Ewropea għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet imfassla speċifikament għall-kwistjonijiet dwar aċċess għas-suq.

*Attivitajiet li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti u l-monitoraġġ tal-obbligi kummerċjali*

Azzjonijiet biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali eżistenti u l-infurzar ta' sistemi relatati li jippermettu l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-ftehimiet kif ukoll it-tweġġiq tal-investigazzjonijiet u ż-żjarat ta' spezzjoni biex jiżguraw li l-pajjiżi terzi qed jirrispettaw ir-regoli, inklużi:

- skambju ta' informazzjoni, taħriġ, seminars u attivitajiet tal-komunikazzjoni biex tiġi sostnuta l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni b'użu doppju,
- attivitajiet biex jiffaċilitaw l-investigazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ bl-iskop li jiddefendu l-produtturi tal-Unjoni minn prattiki kummerċjali inġusti minn pajjiżi terzi (strumenti tal-Antidumping, ta' kontra s-sussidju u dawk ta' salvagwardja) li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ekonomija tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-attivitajiet jiffukaw fuq l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operazzjonijiet u s-sikurezza tas-sistemi informatiċi li jappoġġjaw attivitajiet ta' difiża tal-kummerċ, il-produzzjoni tal-għodod tal-komunikazzjoni, ix-xiri ta' servizzi ġuridiċi f'pajjiżi terzi u t-tweġġiq tal-istudji esperti,
- attivitajiet b'appoġġ għall-gruppi konsultattivi li jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali li jkunu daħlu fis-seħħ. Dan jinkludi l-finanzjament tal-ispejjeż ta' vjaġġar u akkomodazzjoni tal-membri u l-esperti,
- attivitajiet li jassiguraw thejjiha f'waqtha u l-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Grupp Domestiku Konsultattiv u l-Kumitat Konsultattiv Konġunt,
- attivitajiet b'appoġġ tal-akkwist ta' *data* relevanti biex jiffurmaw bażi għal diskussjonijiet tal-Grupp Domestiku Konsultattiv u l-Kumitat Konsultattiv Konġunt,
- attivitajiet bil-ħsieb li jippromwovu l-politika tal-Unjoni tal-kummerċ estern permezz ta' proċess ta' dialogu strutturat ma' persuni li jeżerċitaw influwenza fuq l-opinjoni pubblika fost is-soċjetà ċivili u partijiet interessati, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, dwar kwistjonijiet ta' kummerċ estern,
- attivitajiet relatati mal-promozzjoni u l-komunikazzjoni dwar ftehimiet kummerċjali, kemm fi ħdan l-Unjoni u fil-pajjiżi sħab. Dan primarjament se jiġi implimentati permezz tal-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal awdjoviżiv, elettroniku u grafiku kif ukoll ta' pubblikazzjonijiet stampati, abbonamenti f'media rilevanti dwar il-kummerċ u f'bażijiet tad-*data*, it-traduzzjoni ta' materjali ta' komunikazzjoni f'lingwi mhux tal-Unjoni, azzjonijiet orjentati lejn il-midja, inklużi prodotti ġodda tal-midja,
- l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' sistemi ta' informazzjoni b'appoġġ tal-attivitajiet operattivi fil-qasam tal-Politika tal-Kummerċ, bħal: il-Bażi tad-Dejta Statistiku Integrat (ISDB), is-Sistema Elettronika b'Użu Doppju, il-Bażi tad-*Data* dwar l-Aċċess tas-Suq, il-Helpdesk tal-Esportazzjoni, il-Bażi tad-*Data* dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni, is-sistemi SIGL u SIGL Wood, il-pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili u għodda għall-monitoraġġ u l-appoġġ tal-ftehimiet ta' kummerċ.

*Assistenza legali u assistenza esperta oħra*

Azzjonijiet biex jiżguraw li l-imsieħba kummerċjali tal-Unjoni effettivament jaderixxu ma' u jħarsu l-obbligi li joħroġu mid-WTO, ftehim ieħor multilaterali u bilaterali, inkluż:

KUMMISSJONI  
TITOLU 20 — KUMMERĊ

**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ** (*ikompli*)

**20 02 01** (*ikompli*)

- studji tal-esperti, inklużi żjarat ta' spezzjoni, kif ukoll investigazzjonijiet speċifiċi u seminars dwar l-implimentazzjoni minn pajjiżi terzi tal-obbligi tagħhom skont ftehim kummerċjali internazzjonali,
- għarfien espert legali, speċjalment dwar kwistjonijiet ta' liġi barranija, li huwa obbligatorju biex jiffaċilita l-prosekuzzjoni mill-Unjoni tal-pożizzjonijiet tagħha f'każijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim fid-WTO, studji esperti oħra meħtieġa għat-tħejjija, ġestjoni u segwitu tal-każijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim fid-WTO,
- l-ispejjeż tal-arbitraġġ, l-għarfien espert legali u l-miżati li ġġarrab l-Unjoni bħala parti għat-tilwim li jinholq waqt l-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali konklużi skont l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Sistemi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim kif stabbiliti mill-ftehimiet internazzjonali*

Din in-nefqa biex tappoġġa:

- l-ispejjeż permanenti għall-operazzjoni ta' Sistemi tal-Qorti għall-Investment (L-Ewwel Tribunal u l-Istanza tal-Appell) li jinħolqu waqt l-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali konklużi skont l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- l-ispejjeż ta' arbitraġġ, l-għarfien espert legali u l-miżati li ġġarrab l-Unjoni bħala parti għat-tilwim imressaq minn investituri skont ftehimiet internazzjonali bħal dawn,
- il-pagament ta' kumpens aħħari jew soluzzjonijiet kumpensatorji mħallsin lil investitur fil-kuntest ta' ftehimiet internazzjonali bħal dawn.

*Attivitajiet ta' sostenn għall-politika tal-kummerċ*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa ġenerali fuq it-traduzzjonijiet, avvenimenti tal-media, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artiklu u kwalunkwe nefqa oħra fuq għajjnuna teknika jew amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika maħrga mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz ad hoc, bħall-manutenzjoni tas-sit tal-Internet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ u l-Kummissarji tal-Kummerċ jew l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistemi u għodod ta' informazzjoni ta' appoġġ.

Kwalunkwe dħul fil-kuntest tal-ġestjoni mill-Unjoni tar-responsabbiltajiet finanzjarji marbuta ma' soluzzjoni ta' dispużiti bejn l-Istat u l-investitur jista' jagħti lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija intiża li tkopri approċċ komprensiv għall-komunikazzjoni biex tinvolvi lill-pubbliku inġenerali u lill-partijiet ikkonċernati kollha u tkabbar kemm tista' t-trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, speċjalment fir-rigward tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investment (TTIP). Din se tinkludi avvenimenti ta' involviment u ta' djalogu, bħalma huma avvenimenti għall-istampa jew għall-partijiet ikkonċernati, l-ippubblikar ta' informazzjoni, traduzzjonijiet, konsultazzjonijiet u segwitu u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-oġġettiv tal-attivitajiet li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra dwar assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti tal-awtorità pubblika mogħtija b'subappalt mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc, bħalma hi l-manutenzjoni tas-siti web tad-DG TRADE u tal-Kummissarju għall-Kummerċ. L-attivitajiet maħsuba biex jiġu involuti l-pubbliku u l-partijiet ikkonċernati kollha huma kruċjali għal politika tal-kummerċ li tkun trasparenti, ta' suċċess u komprensiva.

**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ** (ikompli)**20 02 01** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/552/KE tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' attivitajiet konnessi mal-istrateġija ta' aċċes għas-suq Komunitarju (ĠU L 265, 30.9.1998, p. 31).

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**20 02 03** **Għajjnuna għall-kummerċ — Inizjattivi multilaterali***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 500 000	4 500 000	4 500 000	4 500 000	4 500 000,—	5 066 068,13

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex jingħata appoġġ għall-programmi u inizjattivi multilaterali fil-qasam tal-għajjnuna marbuta mal-kummerċ biex issaħħaħ il-ħila tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jieħdu sehem b'mod effettiv fis-sistema ta' kummerċ multilaterali u fl-arranġamenti kummerċjali reġjonali u biex itejbu l-prestazzjoni kummerċjali tagħhom.

L-inizjattivi u l-programmi li se jkunu ffinanzjati skont din l-appropriazzjoni se jappoġġaw l-azzjonijiet li ġejjin:

*Assistenza għall-politika kummerċjali, parteċipazzjoni fin-negozjati u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ u ta' investiment u inizjattivi oħra relatati mal-kummerċ*

Azzjonijiet biex tissaħħaħ il-ħila tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jifformulaw il-politika kummerċjali tagħhom u jsaħħu l-istituzzjonijiet involuti fil-politika kummerċjali, inklużi reviżjonijiet kummerċjali komprensivi u aġġornati biex jintegraw il-kummerċ fil-politika rispettiva tagħhom għat-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku.

Azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jipparteċipaw b'mod effettiv f'negozjati dwar kummerċ u investiment, biex jiġu implimentati ftehimiet ta' kummerċ u ta' investiment u inizjattivi oħra relatati mal-kummerċ, anki biex isiru azzjonijiet ta' segwitu, inkluż fejn jidhru aspetti ta' kummerċ u ta' żvilupp sostenibbli fil-perspettivi ta' xogħol u ta' ambjent tagħhom.

Riċerka biex jingħataw pariri lil dawk li jfasslu l-politika dwar kif l-aħjar jista' jiġi żgurat li l-interessi speċifiċi ta' produttori żgħar u ta' ħaddiema f'pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu riflessi madwar l-oqsma kollha ta' politika u biex jippromwovu ambjent li jwessa' l-possibilitajiet tal-produttori lli jiksbu aċċes għas-swieq dinjija.

KUMMISSJONI  
TITOLU 20 — KUMMERĊ

**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ** (ikompli)

**20 02 03** (ikompli)

Din l-assistenza hija mmirata primarjament lejn is-settur pubbliku, iżda tista' wkoll tinkludi inizjattivi b'appoġġ għall-imġiba kummerċjali responsabbli u għall-kummerċ ġust u etiku.

*Żvilupp kummerċjali*

Azzjonijiet biex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fuq in-naħa tal-provvista li jkollhom impatt dirett fuq il-ħila tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jisfruttaw il-potenzjal kummerċjali internazzjonali tagħhom, inkluż, b'mod partikolari, l-iżvilupp tas-settur privat.

Din l-appropriazzjoni tikkomplimenta l-programmi ġeografiċi tal-Unjoni u għandha tkopri biss inizjattivi u programmi multilaterali li joffru valur miżjud reali lill-programmi ġeografiċi tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tipprovdi rapport annwali dwar l-implimentazzjoni u r-risultati miksuba u dwar l-eżiti u l-effetti ewlenin tal-assistenza tal-Għajnuna għall-Kummerċ. Il-Kummissjoni se tipprovdi informazzjoni dwar ċifra totali għall-iffinanzjar kollu tal-Għajnuna għall-Kummerċ li jkun ġej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, u ċifra totali għall-Għajnuna għall-Kummerċ provduta li tkun ġejja mill-“assistenza relatata mal-kummerċ” kollha.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**20 02 77** *Pilot projects and preparatory actions*

20 02 77 02 Proġett pilota — In-nisa u l-kummerċ: mudell ta' kapitolu dwar il-ġeneru fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles abbażi ta' *data* dwar in-nisa li jipparteċipaw fil-kummerċ u n-nisa li jipparteċipaw fl-ekonomija domestika

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
400 000	200 000				

*Kummenti*

Il-proġett jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

1. Rieżami tal-kapitoli eżistenti dwar il-ġeneru fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u l-effikaċja tagħhom; 2. It-tfassil ta' kwestjonarju li jiġbor informazzjoni dwar l-impatt tal-ftehimiet kummerċjali u l-ostakli għall-kummerċ għall-azjendi li huma proprjetà tan-nisa jew immexxija minnhom; 3. Taħriġ ta' persuni li jwettqu intervisti fl-Istati Membri magħżula u pajjiżi sħab; 4. Twettiq ta' intervisti u kontroll relatat tal-kwalità tad-*data*; 5. Kumpilazzjoni ta' bażi ta' *data* 6. Tfassil ta' rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet ewlenin; 7. Tfassil ta' mudell ta' kapitolu dwar il-ġeneru fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles.



**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ** (*ikompli*)**20 02 77** (*ikompli*)**20 02 77 02** (*ikompli*)

L-istħarriġ se jiġbor fatturi dwar is-sjeda tan-nisa, in-nisa fil-maniġment u l-impjeg tan-nisa fl-azjendi tal-esportazzjoni. Dan se jkun rappreżentattiv fil-livell tal-Unjoni skont id-daqs tal-azjenda u s-settur tal-esportazzjoni, b'intervisti fl-Istati Membri kollha u f'pajjiżi terzi magħżula (li għandhom jiġu definiti f'konsultazzjoni mad-DG Kummerċ).

L-istħarriġ se jiġbor l-ostakli għall-kummerċ mas-sħab kummerċjali attwali kollha ta' azjendi, b'mistoqsijiet addizzjonali dwar ftehimiet kummerċjali speċifiċi li ġew konklużi reċentement jew li jinsabu fi proċess ta' negozjar jew rinegozjar. Il-lista ta' tali ftehimiet li għaliha se tinġabar aktar informazzjoni dettaljata se tiġi definita f'konsultazzjoni mad-DG Kummerċ.

L-istħarriġ se jkopri l-ostakli regolatorji u proċedurali għall-kummerċ, il-lakuni eżistenti fl-informazzjoni, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-azjendi għal titjib. Dawn se jinġabru skont il-prodott u l-pajjiż sieħeb, u bħala tali jistgħu jiġu attribwiti għal ftehimiet ta' kummerċ ħieles speċifiċi u, skont it-tip ta' kwistjoni rappurtata, għal dispożizzjonijiet speċifiċi fih.

Id-*data* miġbura se tkun ġdida u unika. Dan il-proġett pilota jirrifletti d-domanda qawwija espressa min-negozjaturi tal-kummerċ (inkluż fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ), li jixtiequ jinkludu aħjar id-dimensjoni tal-ġeneru fit-tfassil tal-politika kummerċjali iżda m'għandhomx il-bażi ta' *data* u ta' evidenza biex jagħmlu dan.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21*

**KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP**

KUMMISSJONI  
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

**TITOLU 21**

**KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP**

**Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)**

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"	286 222 682	286 222 682	285 334 676	285 334 676	396 595 056,11	396 595 056,11
21 02	STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)	2 893 577 248	2 660 399 473	3 090 914 840	2 693 220 616	2 620 200 320,73	2 707 845 652,14
21 04	STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM	135 400 860	120 000 000	132 804 486	120 000 000	131 141 178,08	125 218 199,03
21 05	STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI	65 900 000	64 200 000	64 900 000	61 000 000	64 393 076,—	71 017 553,36
	<i>Riżervi (40 02 41)</i>	6 250 000					
		72 150 000	64 200 000	64 900 000	61 000 000	64 393 076,—	71 017 553,36
21 06	STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI	31 505 663	44 000 000	60 884 131	80 000 000	70 369 456,—	111 851 482,08
21 07	IS-SHUBIJA UNJONI EWROPEA-GREENLAND	32 110 000	32 038 000	31 630 000	35 956 797	31 130 000,—	37 087 557,—
21 08	ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA	41 712 000	35 915 013	36 374 796	39 130 241	34 774 402,54	34 852 394,53
21 09	TLESTIJA TA' AZZJONIJIET IMPLIMENTATI FL-AMBITU TAL-PROGRAMM STRUMENT GĦALL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI+)	p.m.	6 054 387	p.m.	24 793 208	0,—	27 500 969,65
	<b>Titolu 21 — Total</b>	<b>3 486 428 453</b>	<b>3 248 829 555</b>	<b>3 702 842 929</b>	<b>3 339 435 538</b>	<b>3 348 603 489,46</b>	<b>3 511 968 863,90</b>
	<i>Riżervi (40 02 41)</i>	6 250 000					
		<b>3 492 678 453</b>	<b>3 248 829 555</b>	<b>3 702 842 929</b>	<b>3 339 435 538</b>	<b>3 348 603 489,46</b>	<b>3 511 968 863,90</b>

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## TITOLU 21

## KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
21 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"					
<b>21 01 01</b>	<b>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fil-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"</b>					
21 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali	5,2	67 947 892	68 176 136	66 826 073,14	98,35
21 01 01 02	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	81 017 107	81 242 523	78 896 112,14	97,38
	<i>Artikolu 21 01 01 — Subtotal</i>		148 964 999	149 418 659	145 722 185,28	97,82
<b>21 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"</b>					
21 01 02 01	Persunal estern — Kwartieri ġenerali	5,2	2 585 400	2 747 448	2 674 122,38	103,43
21 01 02 02	Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	2 775 723	2 467 391	3 140 763,03	113,15
21 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra — Kwartieri ġenerali	5,2	4 330 495	4 355 427	4 523 279,96	104,45
21 01 02 12	Nefqa maniġerjali oħra — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	3 541 773	3 536 082	3 949 122,87	111,50
	<i>Artikolu 21 01 02 — Subtotal</i>		13 233 391	13 106 348	14 287 288,24	107,96
<b>21 01 03</b>	<b>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"</b>					
21 01 03 01	Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	4 392 376	4 257 147	5 138 767,15	116,99

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"**  
(ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>21 01 03</b>	(ikompli)					
21 01 03 02	Binjiet u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	16 710 758	16 899 666	16 311 170,55	97,61
	<i>Artikolu 21 01 03 — Subtotal</i>		21 103 134	21 156 813	21 449 937,70	101,64
<b>21 01 04</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"</i></b>					
21 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għal Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)	4	86 064 960	84 993 151	84 533 774,07	98,22
21 01 04 03	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)	4	10 337 861	10 108 836	9 899 022,56	95,76
21 01 04 04	In-nefqa ta' sostenn għall-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (ICSP)	4	2 300 000	2 200 000	2 206 696,58	95,94
21 01 04 05	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (SKSN)	4	1 461 337	1 446 869	1 431 889,—	97,98
21 01 04 06	Nefqa ta' sostenn għas-Sħubija UE-Greenland	4	285 000	254 000	236 746,47	83,07
21 01 04 07	Nefqa ta' sostenn għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)	4	p.m.	p.m.	110 322 763,37	
21 01 04 08	Nefqa ta' sostenn għal fondi fiduċjarji amministrati mill-Kummissjoni	4	p.m.	p.m.	4 190 672,84	
	<i>Artikolu 21 01 04 — Subtotal</i>		100 449 158	99 002 856	212 821 564,89	211,87
<b>21 01 06</b>	<b><i>Aġenziji eżekuttivi</i></b>					
21 01 06 01	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Strumenti tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)	4	2 472 000	2 650 000	2 314 080,—	93,61
	<i>Artikolu 21 01 06 — Subtotal</i>		2 472 000	2 650 000	2 314 080,—	93,61
	<b>Kapitolu 21 01 — Total</b>		<b>286 222 682</b>	<b>285 334 676</b>	<b>396 595 056,11</b>	<b>138,56</b>

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP”**  
 (ikompli)

**21 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fil-qasam ta' politika “Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp”**

21 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
67 947 892	68 176 136	66 826 073,14

21 01 01 02 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
81 017 107	81 242 523	78 896 112,14

**21 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika “Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp”**

21 01 02 01 Persunal estern — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 585 400	2 747 448	2 674 122,38

21 01 02 02 Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 775 723	2 467 391	3 140 763,03

21 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 330 495	4 355 427	4 523 279,96

21 01 02 12 Nefqa maniġerjali oħra — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 541 773	3 536 082	3 949 122,87

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP”**  
(ikompli)

**21 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika “Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp”**

21 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 392 376	4 257 147	5 138 767,15

21 01 03 02 Binjiet u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
16 710 758	16 899 666	16 311 170,55

**21 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika “Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp”**

21 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
86 064 960	84 993 151	84 533 774,07

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,
- nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li għandu l-għan li jieħu fidejħ il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċini ta' assistenza teknika li issa huma magħluqin; nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 7 549 714. Din l-istima hija bbażata fuq kost proviżorju annwali ta' unità għal kull sena tax-xogħol ta' persuna, li minnha 93 % hija r-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 7 % l-kost addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika (IT) u t-telekomunikazzjonijiet relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt din il-linja.
- in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika li tneħħew progressivament, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u l-kiri tal-akkomodazzjoni, direttament ikkawżati mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprijazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"**  
(ikompli)

**21 01 04** (ikompli)

21 01 04 01 (ikompli)

- in-nefqa għal studji, il-laqgħat ta' esperti, is-sistemi ta' informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ, it-tħejjija u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar Prattiki, kif ukoll l-attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra marbuta direttament mal-kisba tal-oġettiv tal-programm,
- l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tagħhom,
- in-nefqa relatata mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b' medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-appropriazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 02.

21 01 04 03 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
10 337 861	10 108 836	9 899 022,56

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,
- nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li għandu l-għan li jieħu fidejħ il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċji ta' assistenza teknika issa magħluqin; In-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 1 613 273. Din l-istima hija bbażata fuq kost proviżorju annwali ta' unita' għal kull sena tax-xogħol ta' persuna, li minnha 95 % hija r-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 5 % l-kost addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika (IT) u t-telekomunikazzjonijiet relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt din il-linja.



**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"**  
(ikompli)

**21 01 04** (ikompli)

21 01 04 03 (ikompli)

— in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika li tneħħew progressivament, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u l-kiri tal-akkomodazzjoni, direttament ikkawżati mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-persunal estern remunerat mill-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

— in-nefqa għal studji, il-laqgħat ta' esperti, is-sistemi ta' informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ, it-tħejjija u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki, kif ukoll l-attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm,

— l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tagħhom,

— in-nefqa relatata mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-appropriazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 04.

21 01 04 04 In-nefqa ta' sostenn għall-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (ICSP)

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 300 000	2 200 000	2 206 696,58

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"**  
(ikompli)

**21 01 04** (ikompli)

21 01 04 04 (ikompli)

- in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazżjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika li tneħħew, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika u t-telekomunikazzjoni, u l-kiri ta' akkomodazzjoni li tirriżulta direttament mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-persunal estern remunerat mill-appropriazzjonijiet kontra din il-partita,
- in-nefqa għal studji, il-laqgħat ta' esperti, is-sistemi ta' informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ, it-tħejjija u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar Prattiki, kif ukoll l-attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm,
- l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tagħhom,
- in-nefqa relatata mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-appropriazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 05.

21 01 04 05 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (SKSN)

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 461 337	1 446 869	1 431 889,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP”**  
(ikompli)

**21 01 04** (ikompli)

21 01 04 05 (ikompli)

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li għandu l-għan li jieħdu f'idejha il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċji ta' assistenza teknika issa magħluqin; In-nefqa għal persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 968 300. Din l-istima hija bbażata fuq kost proviżorju annwali ta' unità għal kull sena tax-xogħol ta' persuna, li minnha 93 % hija r-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 7 % l-kost addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika u t-telekomunikazzjonijiet relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt din il-linja.

— nefqa għal studju, laqgħat ta' esperti, sistemi informatiċi u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-objettiv tal-programm.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-appropriazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 06.

21 01 04 06 Nefqa ta' sostenn għas-Sħubija UE-Greenland

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
285 000	254 000	236 746,47

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex ikopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, sistemi ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-għan tal-programm.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"**  
 (ikompli)

**21 01 04** (ikompli)

## 21 01 04 06 (ikompli)

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva skont l-Artikolu 21 07 01.

## 21 01 04 07 Nefqa ta' sostenn għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	110 322 763,37

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva ta' sostenn kif deċiż skont il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

Kull dħul mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jikkontribwixxi għall-kost tal-miżuri ta' sostenn imdaħħal fl-Artikolu 6 3 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali taħt din il partita skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 95 000 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu.

## 21 01 04 08 Nefqa ta' sostenn għal fondi fiduċjarji amministrati mill-Kummissjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	4 190 672,84

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intiża biex tkopri l-kosti tal-ġestjoni tal-Kummissjoni, għal massimu ta' 5 % tal-ammonti miġbura fil-fondi fiduċjarji, mis-snin li fihom ikunu bdew jintużaw il-kontribuzzjonijiet lejn kull fond fiduċjarju kif deċiż fl-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-Fondi Fiduċjarji li jikkontribwixxi għall-kost tal-miżuri ta' sostenn imdaħħal fl-Artikolu 6 3 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali taħt din il partita skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP”**  
(ikompli)

**21 01 04** (ikompli)

21 01 04 08 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 187(7) tiegħu.

**21 01 06** **Aġenziji eżekuttivi**

21 01 06 01 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Strumenti tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 472 000	2 650 000	2 314 080,—

*Kummenti*

Din l-approporzjoni hija intiża biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura imġarrba bħala riżultat tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għola tal-programm “Erasmus+” (Intestatura 4) fdati f'idejn l-Aġenzija, taħt il-Kapitolu 21 02. Il-mandat tal-aġenzija jinkludi l-ġestjoni tal-azzjonijiet pendenti mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għall-programmi taż-Żgħażaġħ, Tempus u Erasmus Mundus li fihom huma involuti benefiċjarji tad-DCI (*Development Cooperation Instrument*).

L-Aġenzija se tirċievi wkoll kontribuzzjoni annwali li għandha tiġi ffinanzjata mill-Artikolu 21 02 09. Dan jippermetti l-kontinwazzjoni tal-programm Mobilità Intra-AKP li għandu l-għan li jiffaċilita l-mobilità tal-istudenti fl-Afrika, li ġie ffinanzjat sal-2013 permezz tal-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali,

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn japplika, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprijazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-pan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness “Persunal” għal din it-Taqsim.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"**  
(ikompli)**21 01 06** (ikompli)

21 01 06 01 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

L-Istrateġija Konġunta UE-Afrika: Strateġija konġunta bejn l-Afrika u l-Unjoni, adottata fil-Laqqha Għolja ta' Lisbona, fit-8-9 ta' Diċembru 2007.

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02	STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)								
21 02 01	<i>Il-Kooperazzjoni mal-Amerka Latina</i>	4	348 496 260	233 097 181	333 350 242	245 571 576	348 535 583,—	131 567 107,95	56,44
21 02 02	<i>Il-Kooperazzjoni mal-Asja</i>	4	809 848 013	441 268 119	771 719 915	310 000 000	674 729 559,40	218 296 298,57	49,47
21 02 03	<i>Il-Kooperazzjoni mal-Asja Ċentrali</i>	4	151 513 771	72 970 655	128 810 250	56 000 000	85 030 000,—	53 612 816,32	73,47
21 02 04	<i>Il-Kooperazzjoni mal-Lvant Nofsani</i>	4	83 196 862	39 512 058	66 497 174	25 000 000	66 504 914,—	28 277 103,—	71,57
21 02 05	<i>Il-Kooperazzjoni mal-Afganistan</i>	4	199 417 199	143 024 026	238 677 685	90 000 000	234 915 513,82	81 827 074,28	57,21
21 02 06	<i>Il-Kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel</i>	4	20 000 000	26 686 637	59 770 001	16 446 000	64 245 800,—	7 549 794,70	28,29
21 02 07	<i>Beni pubbliċi globali u sfidi u tnaqqis tal-faqar, żvilupp sostenibbli u demokrazija</i>								
21 02 07 01	Ambjent u tibdil fil-klima	4	202 400 645	138 520 000	178 927 294	95 000 000	175 668 413,67	86 950 620,83	62,77
21 02 07 02	Enerġija sostenibbli	4	89 955 842	65 000 000	78 523 242	63 100 000	86 191 411,64	37 000 000,—	56,92
21 02 07 03	L-iżvilupp tal-bniedem	4	205 874 058	179 400 000	153 741 313	138 000 000	163 633 821,—	135 466 549,78	75,51
21 02 07 04	L-ikel u s-sigurtà tan-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli	4	217 393 286	140 000 000	192 181 168	110 000 000	205 268 717,29	81 640 188,46	58,31
21 02 07 05	Il-migrazzjoni u l-ażil	4	51 531 564	130 000 000	404 973 912	115 722 000	58 269 112,—	27 029 810,30	20,79
	Artikolu 21 02 07 — Subtotal		767 155 395	652 920 000	1 008 346 929	521 822 000	689 031 475,60	368 087 169,37	56,38
21 02 08	<i>Finanzjament ta' inizjattivi fil-qasam tal-iżvilupp mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u tal-iżvilupp għalihom</i>								
21 02 08 01	Is-soċjetà ċivili fl-iżvilupp	4	205 954 810	150 800 000	191 932 988	130 000 000	186 393 445,46	103 632 446,91	68,72
21 02 08 02	L-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp	4	68 651 603	39 900 000	63 310 996	25 000 000	60 291 733,—	20 365 468,19	51,04
	Artikolu 21 02 08 — Subtotal		274 606 413	190 700 000	255 243 984	155 000 000	246 685 178,46	123 997 915,10	65,02

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 09	<i>Il-programm Pan-Afrikan biex jappoġġa l-Istrateġija konġunta Afrika-Unjoni Ewropea</i>	4	130 820 662	105 041 165	109 203 732	124 670 461	93 468 112,—	51 074 376,20	48,62
21 02 20	<i>Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-istrument għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp (SKŻ)</i>	4	102 428 673	103 495 100	108 922 928	93 812 842	115 352 483,—	86 867 447,24	83,93
21 02 30	<i>Ftehim mal-Organizzazzjoni tal-lkel u l-Agrikoltura (FAO) u korpi oħra tan-Nazzjonijiet Uniti</i>	4	344 000	340 000	372 000	372 000	0,—	0,—	0
21 02 40	<i>Ftehimiet dwar il-kommoditajiet</i>	4	2 500 000	2 500 000	2 500 000	2 500 000	0,—	2 517 338,78	100,69
21 02 51	<i>Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ta' qabel l-2014)</i>								
21 02 51 01	Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ażil	4	p.m.	10 000 000	p.m.	16 000 000	0,—	17 740 974,26	177,41
21 02 51 02	Kooperazzjoni mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerka Latina	4	p.m.	50 000 000	p.m.	110 000 000	0,—	242 738 904,61	485,48
21 02 51 03	Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja, inklużi l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani	4	p.m.	337 765 334	p.m.	392 352 245	432,45	619 044 704,91	183,28
21 02 51 04	Sigurtà tal-ikel	4	p.m.	55 000 000	p.m.	80 000 000	617,67	122 716 489,37	223,12
21 02 51 05	Parteċipanti mhux statali fl-iżvilupp	4	p.m.	35 000 000	p.m.	65 000 000	0,—	115 629 698,23	330,37
21 02 51 06	Ambjent u mmaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-enerġija	4	p.m.	50 000 000	p.m.	85 000 000	0,—	126 274 072,91	252,55
21 02 51 07	Żvilupp tal-bniedem u soċjali	4	p.m.	14 350 250	p.m.	34 000 000	651,33	56 427 832,86	393,22
21 02 51 08	Kooperazzjoni ġeografika ma' stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku	4	p.m.	85 163 000	p.m.	260 218 059	0,—	242 767 373,85	285,06
	<i>Artikolu 21 02 51 — Subtotal</i>		p.m.	637 278 584	p.m.	1 042 570 304	1 701,45	1 543 340 051,—	242,18



KUMMISSJONI  
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)**

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Paga- menti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>21 02 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
21 02 77 01	Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni mal- pajjiżi tal-grupp b'in- trojtu medju fl-Amerka Latina	4	p.m.	p.m.	p.m.	313 751	0,—	67 004,40	
21 02 77 02	Azzjoni preparatorja — Skambji kummerċjali u xjen- tifiċi mal-Indja	4	p.m.	892 157	p.m.	700 161	0,—	0,—	0
21 02 77 03	Azzjoni preparatorja— Skambji kummerċjali u xjentifiċi maċ-Ċina	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
21 02 77 04	Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni mal- pajjiżi tal-grupp b'in- trojtu medju fl-Asja	4	p.m.	150 000	p.m.	p.m.	0,—	63 154,87	42,10
21 02 77 05	Azzjoni preparatorja — Unjoni Ewropea- Asja — Integrazzjoni ta' politika u Prattika	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	94 879,44	
21 02 77 07	Azzjoni preparatorja — Netwerk Reġjonali Afrikan tal-Organiz- zazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili għall-Mira ta' Żvilupp għall- Millennju 5	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	299 174,12	
21 02 77 08	Azzjoni preparatorja— Maniġġ- ar tal-ilma fil-pajjiżi fil- fażi tal-iżvilupp	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	748 147,49	
21 02 77 10	Azzjoni preparatorja — Trasferiment ta' teknoloġija relatata mal-farmaċewtika għall-benefiċċju tal- pajjiżi fil-fażi tal- iżvilupp	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	2 625 334,—	
21 02 77 11	Azzjoni preparatorja — Riċerka u żvilupp dwar mard relatat mal- faqar, mard tropikali u mard li ġie ttraskurat	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	156 721,—	
21 02 77 12	Proġett pilota — Kura tas-saħħa mtejbja għall- vittmi tal-vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 77	(ikompli)								
21 02 77 13	Azzjoni preparatorja — Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi ta' vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)	4	p.m.	1 650 066	p.m.	p.m.	0,—	0,—	0
21 02 77 14	Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)	4	p.m.	500 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—	0
21 02 77 15	Proġett pilota — Investiment strateġiku fil-paċi sostenibbli u demokratizzazzjoni fil-Qarn tal-Afrika	4	p.m.	p.m.	p.m.	1 081 125	0,—	1 026 471,81	
21 02 77 16	Proġett pilota — It-tisħiħ tas-servizzi veterinarji f'pajjiżi li qed jiżviluppaw	4	p.m.	350 000	p.m.	500 000	0,—	2 102 918,—	600,83
21 02 77 17	Proġett pilot — Responsabilità Soċjali Korporattiva u l-aċċess għall-ippjanar tal-familja fuq bażi volontarja għall-ħaddiema tal-fabbriki fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
21 02 77 18	Proġett pilota — Ninvestu f'paċi sostenibbli u f'bini mill-ġdid tal-komunità fiż-żona Cauca, fil-Kolombja	4	p.m.	950 000	p.m.	995 658	0,—	0,—	0
21 02 77 19	Azzjoni preparatorja — Bini ta' reżiljenza għal saħħa mtejba ta' komunitajiet nomadiċi fis-sitwazzjonijiet wara l-kriżijiet fir-reġjun tas-Sahel	4	p.m.	387 828	p.m.	749 738	100 000,—	2 411 434,—	621,78
21 02 77 20	Azzjoni preparatorja — Riabilitazzjoni soċjoekonomika tattfal u tan-nisa professjonisti fil-qasam tassess li jgħixu fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja, Provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu, Ilvant tar-RDK	4	p.m.	372 604	p.m.	490 000	150 000,—	914 790,50	245,51
21 02 77 21	Azzjoni preparatorja — Azzjoni preparatorja: Bini u tisħiħ tas-sħubiji lokali għall-iżvilupp ta' ekonomija soċjali u biex jitwaqqfu intrapriżi soċjali fl-Afrika tal-Lvant	4	p.m.	494 423	p.m.	p.m.	0,—	0,—	0

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 77 22	Proġett pilota – Approċċ integrat għall-iżvilupp u t-tnejja ta' soluzzjonijiet tas-saħħa li jitrattaw il-mard tropikali ttraskurat f'żoni endemiċi	4	p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	0,—	
21 02 77 23	Proġett pilota — Aċċess għal ġustizzja u kumpens għall-vittmi tal-aktar reati serji mwettqa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)	4	p.m.	268 870	p.m.	200 000	0,—	321 130,—	119,44
21 02 77 24	Proġett pilota – Immappjar tat-theddida globali mir-reżistenza għall-antimikrobiċi	4	p.m.	1 275 000	750 000	675 000	750 000,—	0,—	0
21 02 77 25	Proġett pilota — It-tisħiħ tad-drittijiet tat-tfal, il-protezzjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal u l-adolexxenti spostati fil-Gwatemala, il-Honduras u El Salvador	4	p.m.	400 000	750 000	500 000	700 000,—	0,—	0
21 02 77 26	Proġett pilota — Servizzi edukattivi għat-tfal li qabel kienu assoċjati ma' forzi u gruppi armati fiż-Żona Amministrattiva ta' Greater Pibor (Greater Pibor Administrative Area – GPAA) fis-Sudan t'Isfel	4	p.m.	500 000	1 000 000	500 000	0,—	0,—	0
21 02 77 27	Proġett Pilota – Nittestjaw l-użu tal-Ġestjoni Parteċipattiva tal-Merghat (PRM) fil-Kenja u fit-Tanzanija	4	p.m.	500 000	1 000 000	500 000	0,—	0,—	0
21 02 77 28	Proġett pilota — Appoġġ tad-dimensjoni urbana tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp: żieda fil-kapaċitajiet finanzjarji tal-bliet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw biex joħlqu żvilupp urban produttiv u sostenibbli	4	p.m.	500 000	1 000 000	500 000			

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 77 29	Azzjoni preparatorja — Sostenn għall-intrapiżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp	4	p.m.	500 000	1 000 000	500 000			
21 02 77 30	Azzjoni preparatorja – Approċċ integrat għall-iżvilupp u t-tneđija ta' soluzzjonijiet tas-saħħa li jitrattaw il-mard tropikali ttraskurat f'żoni endemiċi	4	p.m.	p.m.	1 500 000	500 000			
21 02 77 31	Proġett pilota — Santé pour tous —Saħħa għal kulħadd —Proġett konġunt ta' Aimes-Afrique (Togo) u Aktion PiT-Togohilfe e.V.	4	1 200 000	850 000	500 000	250 000			
21 02 77 32	Azzjoni preparatorja — Żgħażaġħ volontarji Ewropej fis-servizz tal-iżvilupp	4	1 000 000	500 000					
21 02 77 33	Proġett pilota — Trawwim tat-trasparenza u valutazzjoni tal-impatt għall-awtoritajiet lokali fil-Gwatemala	4	450 000	225 000					
21 02 77 34	Proġett pilota — Siġar għall-Afrika	4	600 000	300 000					
	<i>Artikolu 21 02 77 — Subtotal</i>		3 250 000	11 565 948	7 500 000	9 455 433	1 700 000,—	10 831 159,63	93,65
	<b>Kapitolu 21 02 — Total</b>		<b>2 893 577 248</b>	<b>2 660 399 473</b>	<b>3 090 914 840</b>	<b>2 693 220 616</b>	<b>2 620 200 320,73</b>	<b>2 707 845 652,14</b>	<b>101,78</b>

## Kummenti

L-objettiv primarju tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni huwa tnaqqis fil-faqar, kif stipulat fit-Trattat. Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jipprovdi l-qafas politiku ġenerali, il-gwida u l-iffukar biex tkun diretta l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 233/2014.

Dawn l-appropriazzjonijiet huma maħsuba biex ikopru attivitajiet li jikkonċernaw il-kisba tat-tnaqqis tal-faqar, l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli u l-konsolidazzjoni u s-sostenn tad-demokrazzja, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji rilevanti tad-dritt internazzjonali, inklużi dawk riflessi fl-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u fil-qafas internazzjonali tal-iżvilupp emerġenti wara l-2015. Fejn ikun xieraq għandhom jinstabu sinerġiji ma' strumenti esterni oħrajn tal-Unjoni mingħajr ma jintilef l-iffukar fuq l-objettivi bażiċi msemmija hawn fuq.

Fil-prinċipju, 100 % tan-nefqa fil-programmi ġeografiċi u mill-inqas 95 % tan-nefqa fil-programmi tematiċi u 90 % tan-nefqa fil-programm Pan-Afrikan għandhom ikunu konformi mal-kriterji OECD/DAC għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)**

Bħala regola ġenerali, mill-inqas 20 % tal-appropriazzjonijiet għandhom jintużaw għal servizzi soċjali bażiċi u edukazzjoni sekondarja. Barra minn dan, id-DCI għandu jikkontribwixxi għall-oġġettiv li jiġi indirizzat mill-anqas 20 % tal-baġit tal-Unjoni lejn soċjetà anqas dipendenti fuq il-karbonju u li hija reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

**21 02 01 Il-Kooperazzjoni mal-Amerka Latina**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
348 496 260	233 097 181	333 350 242	245 571 576	348 535 583,—	131 567 107,95

**Kummenti**

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt dan l-artikolu huwa primarjament il-kontribut tiegħu għas-sostenn tal-promozzjoni tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-ugwaljanza, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u t-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni ekonomika, kif ukoll il-kisba tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp Sostenibbli.

Il-Kummissjoni trid tkompli tirrapporta annwalment dwar il-punt ta' riferiment, li ntuża fil-passat, għall-assistenza lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li għandha tiġi allokata għall-infrastruttura soċjali u s-servizzi soċjali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni trid titqies bħala parti mill-appoġġ ta' donazzjoni ġenerali għas-setturi soċjali u li grad ta' flessibilità jrid ikun in-norma. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-punt ta' riferiment ta' 20 % tal-assistenzatagħha taħt id-DCI jkun iddedikat għas-servizzi soċjali bażiċi, b'enfasi fuq is-saħħa u l-edukazzjoni, u għall-edukazzjoni sekondarja, filwaqt li dan ikun il-medja fuq l-oqsma kollha ġeografiċi u billi jiġi rikonoxxut li hawn ukoll livell ta' flessibilità irid ikun in-norma, bħal pereżempju fil-każ ta' għajjnuna eċċezzjonali. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iskemi ta' kooperazzjoni fil-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li qed jiżviluppaw fl-Amerka Latina, bil-ħsieb li:

- kontribut għall-kisba tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp Sostenibbli fir-reġjun,
- tappoġġa lit-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-inizjattivi lokali biex iwettqu monitoraġġ tal-impatt tal-investimenti fuq l-ekonomija nazzjonali, partikolarment ir-rispett tal-istandards tax-xogħol, ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem,
- appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ biex jiġu miġġielda l-prattiki tradizzjonali dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa,
- trawwem l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili,
- tiġġield il-faqar u l-esklużjoni soċjali u titħeġġeġ il-koeżjoni soċjali,
- tikkontribwixxi biex jitjiebu l-istandards soċjali b'fokus fuq l-edukazzjoni, inkluż it-taħriġ edukattiv u vokazzjonali għall-impjeg, u s-saħħa, u biex jitjiebu l-iskemi tal-protezzjoni soċjali,
- tħeġġeġ klima aktar favorevoli għal espansjoni ekonomika u settur iktar produttiv, tinkoraġġixxi t-trasferiment tal-għarfien, tħeġġeġ il-kuntatt u l-kollaborazzjoni bejn l-atturi fin-negozju b'mod bireġjonali,
- il-promozzjoni tal-iżvilupp tas-settur privat, inkluża klima kummerċjali pożittiva għall-SMEs permezz tad-drittijiet tal-proprietà legali, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv mhux meħtieġ, it-titjib tal-aċċess għall-kreditu, it-titjib tal-assoċjazzjonijiet tal-impriżi żgħar u medji,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 01 (ikompli)

- tappoġġa sforzi favur is-sigurtà tal-ikel u tiġġieled in-nutrizzjoni ħażina,
- tappoġġa integrazzjoni reġjonali, fl-Amerka Ċentrali, trawwem żvilupp reġjonali permezz ta' benefiċċji mtejba li ġejjin minn ftehim ta; assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerka Ċentrali,
- tippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-ilma, u l-ġlieda kontra tibdil fil-klima (mitigazzjoni u adattament),
- jappoġġaw sforzi għat-titjib tal-governanza tajba u jgħinu biex jiġu konsolidati d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,
- jippromwovu r-riforma tal-politika, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja u s-sigurtà, u jappoġġaw azzjonijiet relatati biex jissaħħa l-iżvilupp ta' pajjiżi u reġjuni.

Fejn l-ghajjnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' awditjar u t-trasparenza.

L-appropriazzjonijiet f'dan l-artikolu huma soġġetti għal evalwazzjonijiet li jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' kontribuzzjoni u katina ta' riżultati (prestazzjoni, eżitu, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri sussegwenti ffinanzjati minn dawn l-appropriazzjonijiet.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti ta' ghajjnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' appropriazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

## 21 02 02

## Il-Kooperazzjoni mal-Asja

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
809 848 013	441 268 119	771 719 915	310 000 000	674 729 559,40	218 296 298,57

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)****21 02 02** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' skemi ta' żvilupp fil-pajjiżi Asjatiċi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari fil-pajjiżi fejn jgħixu l-ifqar u l-iktar nies fraġli, immirati sabiex itejbu l-iżvilupp uman u soċjali kif ukoll sabiex isolvu problemi makroekonomiċi u settorjali. Jiġu enfasizzati l-migrazzjoni irregolari, il-governanza ekonomika u soċjali u l-iżvilupp, it-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokratizzazzjoni, l-ugwaljanza bejn is-sessi, iż-żgħażaġh, l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja, l-iskambju akkademiku u kulturali, l-iskambju xjentifiku u teknoloġiku, l-ambjent, il-kooperazzjoni reġjonali, il-kummerċ, il-miżuri ta' prevenzjoni tad-diżastri u l-azzjonijiet ta' rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll l-appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, l-appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu u jiddefendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, itfal, il-minoranzi etniċi u l-persuni b'disabilità.

L-utilizzazzjoni ta' din l-appropriazzjoni tiddependi fuq il-ħarsien tal-prinċipji li jseddqu l-azzjoni tal-Unjoni. Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jiġu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-President Juncker, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tinkludi azzjonijiet relatati mat-tkabbir inklużiv u sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem. Setturi li jistgħu jiġu indirizzati jinkludu:

- migrazzjoni,
- l-ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żgħażaġh,
- il-protezzjoni soċjali u l-impjiegi, u l-aċċess universali għas-saħħa u l-edukazzjoni,
- l-ambjent kummerċjali, l-integrazzjoni reġjonali u s-swieq tad-dinja,
- l-agrikultura sostenibbli, in-nutrizzjoni u l-enerġija,
- it-tibdil fil-klima u l-ambjent,
- it-tħeġġiġ tal-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-inklużjoni soċjali, id-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu, xogħol deċenti u ekwità,
- l-istabbiliment ta' sħubijiet inklużivi madwar il-kummerċ, l-investment, l-għajnuna, il-migrazzjoni, ir-reġistrazzjoni ċivili, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija,
- l-appoġġ ta' soċjetà ċivili attiva u organizzata għall-iżvilupp u t-trawwim ta' sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 02 (ikompli)

- l-appoġġ tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, kif ukoll investimenti f'teknoloġiji nodfa, enerġiji sostenibbli, it-trasport, l-agrikultura u s-sajd sostenibbli, il-protezzjoni u t-titjib tas-servizzi ta' bijodiversità u ekosistemi, inklużi l-ilma, is-sanità u l-foresti, u impjegi diċenti inkluż il-ħolqien ta' impjieg għaż-żgħażaġh u n-nisa fl-ekonomija ekoloġika,
- it-tħeġġiġ ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali akbar b'mod orjentat lejn ir-riżultati permezz tal-appoġġ għall-proċessi differenti ta' integrazzjoni u djalogu reġjonali,
- il-kontribuzzjoni għall-prevenzjoni tar-riskji tas-saħħa u r-rispons għalihom, inklużi dawk li joriġinaw fl-interfaċċa bejn annimali, bnedmin u d-diversi ambjenti tagħhom,
- appoġġ għat-tħejjija għad-diżastri u l-irkupru fit-tul wara diżastru, inkluż fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel u n-nutrimnt u l-assistenza lill-persuni spustjati,
- it-tisħiħ fil-kapaċità li jiġi provdut aċċess universali għal servizzi soċjali bażiċi, b'mod partikolari fis-saħħa u l-edukazzjoni.

Din l-appropriazzjoni tindirizza l-azzjonijiet relatati ma':

- id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem inklużi d-drittijiet tat-tfal u n-nisa u l-istat tad-dritt,
- l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet,
- il-ġestjoni tas-settur pubbliku,
- il-politika u l-amministrazzjoni fiskali,
- il-korruzzjoni u t-trasparenza,
- is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,
- il-bini u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-korpi pubbliċi leġittimi, effikaċi u responsabbli, permezz tal-promozzjoni ta' riformi istituzzjonali (fosthom dwar il-governanza tajba u kontra l-korruzzjoni, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika) u riformi leġiżlattivi, amministrattivi u regolatorji bi qbil ma' standards internazzjonali, b'mod partikolari fl-istati fraġli u l-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u wara kunflitt,
- il-kuntest tar-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-produzzjoni, il-konsum u t-traffikar tad-drogi u kontra forom oħra ta' traffikar, u l-appoġġ ta' ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri u l-kooperazzjoni transkonfinali u t-titjib tar-reġistrazzjoni ċivili.

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt din l-intestatura huwa l-kontribuzzjoni tagħha lejn il-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli mingħajr ma jintesew l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju mhux kompluti kif ukoll il-promozzjoni tad-demokrazija, tal-governanza tajba, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, u li jisseddaq żvilupp sostenibbli u integrazzjoni ekonomika u tiġi promossa l-prevenzjoni tal-kunflitti, is-sejba ta' soluzzjoni għall-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.



**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)****21 02 02** (ikompli)

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti ta' għajjnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-għoti ta' approprazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

**21 02 03 Il-Kooperazzjoni mal-Asja Ċentrali**

*Ċifri (Approprazzjonijiet differenzjati)*

Approprazzjonijiet 2018		Approprazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
151 513 771	72 970 655	128 810 250	56 000 000	85 030 000,—	53 612 816,32

*Kummenti*

Din l-approprazzjoni hija maħsuba li tkopri għajjnuna biex telimina l-faqar u li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv, koeżjoni soċjali, demokratizzazzjoni u t-titjib fil-ħajja tan-nies. Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jkunu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-President Juncker, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Il-programmi bilaterali se jiffokaw fuq il-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli, l-iżvilupp rurali integrat, opportunitajiet għall-ġenerazzjoni tad-dħul u l-ħolqien tal-impjegi fiż-żoni rurali, u t-trawwim tas-sigurtà tal-ikel; ir-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt, il-promozzjoni tad-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem, it-trasparenza u l-miżuri kontra l-korruzzjoni, u s-sostenn tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; l-istabbiliment ta' sistema effiċjenti ta' edukazzjoni ffokata fuq edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali ta' kwalità, li tkun tindirizza dak li jkun jeħtieġ is-suq tax-xogħol; is-sostenn għas-settur tas-saħħa permezz ta' aċċess imtejjeb għal servizz tas-saħħa ekwitabbli u ta' kwalità u l-appoġġ għal investimenti ekonomiċi.

Il-programmi regionali għandhom l-għan li jsostnu proċess wiesa' ta' dialogu u kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, speċjalment fiż-żoni sensitivi fejn tidħol l-istabbiltà ġenerali politika u soċjali.

Il-programmi jkunu implimentati b'attenzjoni kostanti fuq dawk l-aktar fil-bżonn. Kwistjonijiet trasversali, bħalma huma l-ambjent u t-tibdil fil-klima, it-tnaqqis fir-riskju tad-diżastri, il-governanza lokali, il-ħidma kontra l-korruzzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u ż-żgħażaġh jiġu integrati fil-programmi kollha tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 03 (ikompli)

Meta u fejn jeżistu sforzi għar-riforma tal-governanza ta' natura sinifikanti u proċessi ta' demokratizzazzjoni ġenwini, l-għoti lilhom ta' appoġġ se jkun prijorità. Bl-istess mod, l-allokazzjonijiet għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-programmi kontra d-drogi jiddependu fuq il-perspettiva għall-ilħuq ta' riżultati sinifikanti. Il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili se tkun element mill-aktar importanti ta' kooperazzjoni. Kullma jmur, se tiġi kkunsidrata kollaborazzjoni mal-aġenziji tal-Istati Membri biex dawn il-programmi jiġu implimentati kif ukoll it-taħlit mar-riżorsi minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti ta' għajna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b' medja li ma taqbiżx 1-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

## 21 02 04 Il-Kooperazzjoni mal-Lvant Nofsani

## Ċifri (Approprazzjonijiet differenzjati)

Approprazzjonijiet 2018		Approprazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
83 196 862	39 512 058	66 497 174	25 000 000	66 504 914,—	28 277 103,—

## Kummenti

Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jkunu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-President Juncker, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Trid issir enfasi fuq operazzjonijiet li jinfluwenzaw l-organizzazzjoni ekonomika u l-iżvilupp istituzzjonali, it-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda, il-libertà tal-istampa u l-midja, il-libertà tar-reliġjon u t-twemmin, inkluż id-dritt li wieħed jinħall mit-twemmin, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertajiet diġitali, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, inklużi l-operazzjonijiet li jikkonċernaw id-demokratizzazzjoni, l-aċċess universali tat-tfal taż-żewġ sessi u tan-nisa kif ukoll tat-tfal b'diżabilità għall-edukazzjoni primarja u sekondarja, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, b'mod partikolari bil-ħsieb li tinqered il-marda tal-poljo wara t-tifqigħat li kien hemm dan l-aħħar fis-Sirja, l-ambjent, u l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inklużi l-foresti tropikali, il-kooperazzjoni reġjonali, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskji, inklużi l-perikli relatati mal-bidla fil-klima, u l-miżuri ta' rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u l-promozzjoni tal-libertajiet diġitali b'rabta mal-internet u l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)****21 02 04 (ikompli)**

L-għan ta' din l-appropriazzjoni huwa wkoll li tkopri miżuri li jippromwovu il-prevenzjoni tal-kunflitti, is-soluzzjoni tal-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu u jiddefendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, persuni LGBTI, il-minoranzi etniċi u reliġjużi, l-atei u persuni b'diżabbiltà.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' appropriazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni tista' tinkludi azzjonijiet relatati ma':

- id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,
- it-tisħiħ fil-kapaċità li jiġi provdut aċċess universali għal servizzi soċjali bażiċi, b'mod partikolari fis-saħħa u l-educazzjoni,
- it-thegħiġ ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali akbar b'mod orjentat lejn ir-riżultati permezz tal-appoġġ għall-proċessi differenti ta' integrazzjoni u djalogu reġjonali,
- l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet,
- il-ġestjoni tas-settur pubbliku,
- il-politika u l-amministrazzjoni fiskali,
- il-korruzzjoni u t-trasparenza,
- is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,
- ir-rabta sigurtà u żvilupp,
- l-appoġġ għall-iskemi ta' mikrokreditu,
- l-iżvilupp ta' kapaċitajiet biex jgħinu lill-produtturi agrikoli f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jilhqqu l-istandards iġeniċi u fitosanitarji tal-Unjoni meħtieġa għal aċċess għas-suq tal-Unjoni,
- l-appoġġ għar-refuġjati u l-popolazzjonijiet spostati,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 04 (ikompli)

— jiġu promossi l-iżvilupp soċjali, il-koeżjoni soċjali u d-distribuzzjoni ġusta tal-introjt.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 05 *Il-Kooperazzjoni mal-Afganistan*

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
199 417 199	143 024 026	238 677 685	90 000 000	234 915 513,82	81 827 074,28

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri operazzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-proċess ta' rikostruzzjoni fl-Afganistan.

Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jkunu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-President Juncker, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tappoġġa servizzi soċjali bażiċi u l-iżvilupp ekonomiku fl-Afganistan.

Din l-appropriazzjoni hija wkoll maħsuba biex tappoġġa l-istrateġija nazzjonali tal-ġlieda kontra d-droga fl-Afganistan, inkluż il-waqfien mill-produzzjoni tal-oppju fl-Afganistan, u t-tħarbit u l-qerda tan-netwerks tal-oppju u r-rotot ta' esportazzjoni illegali lejn il-pajjiżi Ewropej.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-proċessi tar-ritorn tar-refuġjati u persuni spostati Afgani lejn pajjiżhom u reġjuni ta' oriġini skont l-impenji li ħadet il-Komunità Ewropea fil-Konferenza ta' Tokjo f'Janar 2002.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tan-nisa li ħadmu għal żmien twil għad-drittijiet tan-nisa Afgani.

L-Unjoni għandha żżid l-assistenza finanzjarja tagħha favur oqsma fl-Afganistan favur oqsma bħal ma huma s-saħħa (il-kostruzzjoni u r-rinovazzjoni ta' sptarijiet, il-prevenzjoni tal-mortalità tat-tfal, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, l-eradikazzjoni tal-poljomejelite f'dak li huwa wieħed mill-aħħar pajjiżi "endemiċi") u proġetti ta' infrastruttura żgħar u medji (tiswija tan-netwerks tat-toroq, bankini, eċċ.) kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tas-sigurtà tal-impjegji u skemi dwar is-sigurtà tal-ikel.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)****21 02 05** (ikompli)

Parti minn din l-approprjazzjoni se tintuża għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-libertà tar-reliġjon u t-twenmin.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex issir integrazzjoni tas-sistemi tat-tnaqqis ta' riskju mid-diżastri, ibbażat fuq is-sjeda u l-istrateġiji nazzjonali ta' pajjiżi fil-periklu li jintlaqtu minn diżastri.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, fir-rispett dovut tar-Regolament Finanzjarju, biex tittejjeb il-qagħda tan-nisa, bi prijorità għall-azzjonijiet fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, u biex ikun appoġġat l-involviment attiv tagħhom fl-oqsma u l-livelli kollha tat-tehd tad-deċiżjonijiet.

Se tingħata attenzjoni partikolari wkoll għas-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-azzjonijiet u u l-proġetti l-oħra kollha appoġġati minn din l-approprjazzjoni.

Kwalunkwe introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, skont l-att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu determinati bil-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

**21 02 06 Il-Kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 000 000	26 686 637	59 770 001	16 446 000	64 245 800,—	7 549 794,70

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza lill-Gvern tal-Afrika t'Isfel fit-tnaqqis tal-qgħad, fit-trasformazzjoni tas-sistema tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-innovazzjoni sabiex tkun tista' tikkontribwixxi għal prestazzjoni ekonomika mtejba tal-pajjiż (60 % tal-istudenti li jabbandunaw l-iskola qabel l-eżami finali tal-iskola, u huma biss 12 % tal-istudenti li jirċievu kwalifika għad-dħul fl-università), u biex tgħin lill-Afrika t'Isfel fit-tweqqiq tar-rwol tagħha ta' żvilupp u trasformazzjoni, inkluż it-titjib tat-twassil ta' servizz.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 06 (ikompli)

It-tkabbir tal-Afrika t'Isfel ma assorbiex ix-xogħol fuq l-iskala meħtieġa, u n-nuqqas ta' aċċess għas-suq tax-xogħol u l-paga xekkell l-isforzi biex jitnaqqas il-faqar, il-qgħad u l-inugwaljanza. Ir-rata tal-qgħad hija ta' madwar 27 % tal-forza tax-xogħol totali, u aktar minn 50 % għaż-żgħażaġh (15-24 sena). Kien hemm ukoll 14-il miljun persuni barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs), li jirrappreżentaw 39 % tal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol. Id-diskrepanza tal-Afrika t'Isfel bejn id-domanda għal ħidma b'ħiliet medji / ħiliet għolja u provvista żejda ta' ħaddiema bla sengħa / b'livell baxx ta' ħiliet hija fattur ewlieni fil-livell għoli ta' qgħad. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' koordinazzjoni fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Innovazzjoni tal-Afrika t'Isfel fost id-diversi awtoritajiet tal-istat u l-livell insuffiċjenti ta' rabtiet bejn l-akkademiċi u riċerka fuq naħa waħda u l-industrija fuq n-naħa l-oħra huma l-ostakoli prinċipali li jimpedixxu lil Afrika t'Isfel minn li tindirizza t-tnaqqis tal-faqar u t-tkabbir inklużiv. It-tkabbir inklużiv huwa mxekkel ukoll minn disfunzjonalità fil-livell tal-gvern lokali u n-nuqqas ta' kapaċità tal-muniċipalitajiet li jiżguraw servizzi bażiċi stabbli u ta' kwalità, li mhumiex ambjent favorevoli għall-iżvilupp ekonomiku u l-ħolqien tal-impjegi fil-livell lokali.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija mistennija li tikkontribwixxi għal (a) promozzjoni tal-impjegabbiltà fl-Afrika t'Isfel permezz tat-titjib tal-opportunitajiet edukattivi rilevanti, kif ukoll opportunitajiet ta' impjeg u ta' tqabbil permezz tat-tisħiħ tal-iżvilupp tal-ħiliet u l-assistenza għall-kollokament f'impjeg; (b) jizied l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ tekniċi u vokazzjonali kif ukoll il-kwalità tagħhom u r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol; u (c) t-tisħiħ tat-tagħlim integrat mal-ħidma.

Parti minn din l-appropriazzjoni se tintuża biex tibni fuq it-tagħlimiet meħuda minn esperjenzi preċedenti biex jinsiltu aktar benefiċċji soċjali u ekonomiċi mix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni għas-Sud Afrikani kollha.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija mistennija wkoll li tikkontribwixxi biex tittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali biex jipprovdur aċċess għal servizzi essenzjali u b'hekk jindirizzaw il-faqar u l-inugwaljanza permezz tat-titjib tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, il-governanza, il-parteċipazzjoni pubblika u l-innovazzjoni. L-appoġġ jista' jiffoka fuq l-użu tal-innovazzjoni bħala għodda biex tittejjeb il-kapaċità li jingħataw servizzi bażiċi.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajjuna esterna jew programmi finanzjarji mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' appropriazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx 1-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 **Beni pubbliċi globali u sfidi u tnaqqis tal-faqar, żvilupp sostenibbli u demokrazija***Kummenti*

Dan il-programm huwa intenzjonat li minnu jibbenefikaw primarjament l-ifqar pajjiżi u dawk l-anqas żviluppanti u s-sezzjonijiet tal-popolazzjoni li huma l-aktar żvantaġġati fil-pajjiżi koperti bir-Regolament (UE) Nru 233/2014.

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 07 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tnaqqis fil-faqar u t-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli bħala komponent fi ħdan il-programm "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali". L-oġettiv tal-programm huwa li jappoġġa żvilupp sostenibbli inklużiv billi jiġu indirizzati l-beni u l-isfidi pubbliċi globali ewlenin b'mod flessibbli u trasversali. L-oqsma ewlenin ta' azzjoni jinkludu l-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli, l-iżvilupp tal-bniedem (inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni, il-ġeneri, l-ugwaljanza, l-identità, l-impjiegi, il-ħiliet, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, u l-aspetti relatati mal-iżvilupp ekonomiku bħat-*tkabbir*, l-impjiegi, l-involviment tas-settur tal-kummerċ u dak privat), is-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, l-agrikultura sostenibbli, u l-migrazzjoni u l-ażil. Dan il-programm tematiku jippermetti reazzjoni pronta għal avvenimenti mhux previsti u kriżijiet globali li jaffettwaw l-ifqar popolazzjonijiet. Billi jiġu promossi sinerġiji mas-setturi varji, il-programm 'Beni u Sfidi Pubbliċi Globali' se jnaqqas il-frammentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u jżid il-koerenza u l-kumplementarjetà ma' programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. Mill-inqas 50 % tal-fondi, qabel l-użu tal-indikaturi bbażati fuq il-metodoloġija tal-OECD (l-indikaturi ta' Rio), għandhom iservu għall-azzjoni klimatika u l-oġettivi relatati mal-ambjent.

## 21 02 07 01 Ambjent u tibdil fil-klima

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
202 400 645	138 520 000	178 927 294	95 000 000	175 668 413,67	86 950 620,83

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju lil azzjonijiet taħt "Is-sottotema tal-ambjent u l-bidla fil-klima", tal-programm "Oġġetti u Sfidi Pubbliċi Globali".

Din se tintuża b'mod partikolari sabiex tiffinanzja inizzjattivi fl-oqsma li ġejjin: l-adattament u l-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni għal soċjetajiet b'karbonju baxx reżiljenti għall-klima, b'mod partikolari billi tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-kontributi determinati fil-livell nazzjonali għal azzjoni klimatika mħejjija minn kull Parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tibdil fil-klima fid-dawl tal-Ftehim ta' Pariġi; il-protezzjoni, it-titjib u l-ġestjoni sostenibbli tal-kapital naturali (pereżempju, il-bijodiversità, is-servizzi tal-ekosistemi, il-foresti, l-art, ir-riżorsi tal-ilma); it-trasformazzjoni lejn ekonomija ekoloġika inklużiva; l-integrazzjoni tal-ambjent, it-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri fil-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni; il-governanza internazzjonali tal-ambjent u l-klima. Se tingħata attenzjoni għal kwistjonijiet rilevanti tal-governanza u għandu jingħata appoġġ sabiex jintlaħqu l-miri globali rilevanti, bħal miri sostenibbli mmirati fil-qafas ta' żvilupp wara l-2015. Din l-appropriazzjoni se tintuża wkoll biex tħeġġeġ sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima u jappoġġaw proġetti ta' enerġija ekoloġika fl-oqsma tal-infrastruttura, tat-telekomunikazzjoni u setturi oħrajn.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21 (2), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 07 (ikompli)

## 21 02 07 02 Enerġija sostenibbli

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
89 955 842	65 000 000	78 523 242	63 100 000	86 191 411,64	37 000 000,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tropsi dd-dispożizzjoni tal-appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet taħt is-“Sottotema dwar l-enerġija sostenibbli” tal-programm “Beni u Sfidi Pubbliċi Globali” (GPGC).

Hija għandha tintuża biex jitħeġġeġ l-aċċess għal servizzi tal-enerġija sostenibbli siguri, li wieħed jista' joqgħod fuqhom u li jista' jaffordjahom u li jkunu bla ħsara għall-klima bħala xprun ewlieni għall-qerda tal-faqar u t-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp b'enfasi speċjali fuq l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli lokali u reġionali u fuq l-iżgurar tal-aċċess għal nies foqra f'reġjuni remoti. Se jingħata sostenn ukoll lill-investimenti u lis-sħubijiet pubbliċi-privati għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika fil-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu intelliġenti tal-enerġija inkluż permezz tas-sostenn tal-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi f'komunitajiet urbani u semiurbani fqar. Bl-istess mod, huma previsti azzjonijiet għall-bini ta' alleanzi strateġiċi biex jinkisbu miri ta' enerġija sostenibbli permezz tal-faċilitazzjoni tad-djalogu u koordinazzjoni ma' atturi ċentrali u ma' donaturi oħra.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprijazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

## 21 02 07 03 L-iżvilupp tal-bniedem

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
205 874 058	179 400 000	153 741 313	138 000 000	163 633 821,—	135 466 549,78



**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)****21 02 07** (ikompli)

21 02 07 03 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw taħt is-  
"sottotema L-iżvilupp tal-bniedem", li tkopri s-saħħa, l-edukazzjoni, il-kwistjonijiet dwar is-sessi u aspetti oħrajn tal-  
iżvilupp tal-bniedem, tal-programm "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali". Primarjament għandha tkun ta' benefiċċju għall-  
ifqar sezzjonijiet tal-popolazzjonijiet fil-pajjiżi li tkopri.

Il-komponent tas-saħħa se jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 3 (Jiġu żgurati ħajjiet  
f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età), jiġifieri aċċess universali għal servizzi tas-saħħa essenzjali  
ta' kwalità tajba, is-saħħa tat-tfal u dik materna, is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, l-aċċess għall-ippjanar tal-  
familja, l-eradikazzjoni tal-poljomjelite, il-protezzjoni kontra l-HIV / AIDS u t-trattament tagħhom, it-tuberkożi, il-  
malarja u mard ieħor relatat mal-faqar u mard li ġie traskurat, u aċċess għall-appoġġ psikoloġiku għall-vittmi tal-  
vjolenza.

L-aċċess ugwali u l-kwalità tal-edukazzjoni se jkunu appoġġati bħala parti minn l-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp  
Sostenibbli 4 (Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età), inkluż għal migranti,  
in-nisa u l-bniet, u pajjiżi li jsofru minn kriżijiet imtawla b'enfasi fuq il-pajjiżi li jinsabu l-aktar 'il bogħod milli jilhqqu l-  
miri globali.

Fid-dawl tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Lejn strateġija tal-UE għal  
relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (JOIN (2016) 29 final), il-kultura se tiġi appoġġata bħala mutur għall-iżvilupp u  
katalist għall-inklużjoni soċjali, ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-pluraliżmu, il-koeżistenza paċifika u r-rispett reċiproku.

Il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza tal-ġeneru se jkunu sostnuti biex jingħata appoġġ lit-tweqqif tal-Għan ta' Żvilupp  
Sostenibbli nru 5 (Ksib ta' ugwaljanza tal-ġeneru u emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha).

Se jiġu appoġġati wkoll miżuri mmirati biex jgħinu lill-gvernijiet biex itejbu l-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tad-dħul  
domestiku għal żvilupp uman sostenibbli.

Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, għandhom jiġu appoġġati programmi biex titħeġġeġ is-setgħa ekonomika u  
soċjali tan-nisa u l-bniet. L-indirizzar tal-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq is-sessi u l-appoġġ tal-vittmi għandhom  
ikunu wkoll prijoritajiet. L-għajnuna biex jitnehew il-prattiki ta' għażla bbażata fuq is-sessi għandha wkoll tkun fost l-  
objettivi.

L-appropriazzjoni tista' tintuża wkoll għal attivitajiet b'appoġġ għat-tfal u ż-żgħażaġh, speċjalment dawk li jiżguraw it-  
tgawdija b'mod sħiħ tad-drittijiet u li jagħtu liż-żgħażaġh is-setgħa b'mod aktar ġenerali, billi jiffukaw fuq it-tfaliet żgħar  
b'mod partikolari; is-saħħa u l-edukazzjoni; bħala appoġġ tat-tfal u ż-żgħażaġh; in-nondiskriminazzjoni; impjeg, ħiliet,  
protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali; tkabbir, impjegji u involviment tas-settur privat u kultura.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

21 02 07 (ikompli)

21 02 07 03 (ikompli)

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Fejn l-għajjnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari, il-kapaċitajiet ta' awditjar u t-trasparenza.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 04 L-ikel u s-sigurtà tan-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
217 393 286	140 000 000	192 181 168	110 000 000	205 268 717,29	81 640 188,46

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet taħt is-"Sottotema is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli" tal-programm tematiku "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali".

Fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli, l-oġettiv ġenerali huwa li titjeb is-sigurtà tal-ikel għal dawk li huma l-ifqar u l-aktar vulnerabbli, tingħata għajjnuna biex jinqerdu l-faqar u l-ġuħ għall-ġenerazzjonijiet kurrenti u futuri u biex tiġi indirizzata aħjar il-malnutrizzjoni u b'hekk titnaqqas il-mortalità fost it-tfal. Dan l-oġettiv se jkun segwit f'konformità mal-politika tal-Unjoni u se jiffoka fuq it-titjeb tad-dħul tal-bdiewa żgħar u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli u l-għajjnuna lill-pajjiżi sħab biex jitnaqqas l-għadd ta' tfal li għandhom żvilupp imxekkel b'seba' miljun sal-2025. Is-sigurtà tal-ikel hija sfida globali, il-programm 'Beni u Sfidi Pubbliċi Globali' se jiffoka fuq attivitajiet u approċċi li jindirizzaw sfidi u beni pubbliċi globali li jipprovdu multiplikatur qawwi għas-settur tal-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem u s-sajd, is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tal-familji, l-ekonomija rurali u s-sistemi tal-ikel, u r-reżiljenza tal-aktar familji vulnerabbli għax-xokkijiet u l-pressjonijiet. Din se tikkomplimenta u żżid il-valur lill-appoġġ ipprovdut permezz ta' programmi ġeografiċi.

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

21 02 07 (ikompli)

21 02 07 04 (ikompli)

Dawn it-tliet komponenti li ġejjin huma inklużi fit-tema:

- *Komponent 1: Il-ġenerazzjoni u l-iskambju tal-għarfien u t-trawwim tal-innovazzjoni* li se jiġġenera u japplika għarfien ġdid lill-isfidi tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni prinċipalment fil-livell internazzjonali u kontinentali. Dan il-komponent se jaħdem mal-inizjattivi reġjonali u globali eżistenti, iżda jipprevedi wkoll sħubiji ġodda li huma meħtieġa biex jiżguraw li l-għarfien iġġenerat mir-riċerka jintuża mill-benefiċjarji biex itejjeb id-dħul u l-għajxien tagħhom;
- *Komponent 2: It-tisħiħ u l-promozzjoni tal-governanza u l-kapaċità fil-livell globali, kontinentali, reġjonali u nazzjonali, għall-partijiet interessati rilevanti kollha.* Dan il-komponent se jappoġġa l-inizjattivi internazzjonali li jindirizzaw is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, inklużi l-art, is-sajd sostenibbli, u jtejjeb l-effikaċja tad-djalogu dwar kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Dan se jrawwem ukoll sforz internazzjonali kkoordinat biex jiġġenera informazzjoni affidabbli, aċċessibbli u f'waqtha u l-kapaċità analitika biex jiġi appoġġat it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza u biex jissaħħu u/jew jiġu stabbiliti istituzzjonijiet ta' sistemi ta' informazzjoni nazzjonali u reġjonali sostenibbli għas-sigurtà tal-ikel (ISFS). Dan il-komponent jista' jappoġġa wkoll inizjattivi ta' żvilupp tal-kapaċità ta' partijiet interessati bħal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet tal-bdiewa u gruppi interprofessjonali oħra tul il-katina tal-valur;
- *Komponent 3: Appoġġ għall-fqar u dawk li m'għandhomx nutrizzjoni sikura biex jirreaġixxu għall-kriżijiet u tissaħħaħ ir-reżiljenza.* Dan il-komponent se jipprovdi appoġġ għal pajjiżi fejn m'hemmx programmi bilaterali taħt program-mazzjoni ġeografika, għal pajjiżi li jbatu mill-konsegwenzi ta' kriżi u/jew xokk maġġuri mhux previst, inklużi d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, l-epidemiji u l-kriżijiet maġġuri tal-ikel u n-nutrizzjoni f'pajjiżi fraġli u vulnerabbli għar-risku ta' kriżi tal-ikel, dan il-komponent se jappoġġa wkoll approċċi innovattivi biex tissaħħaħ il-prevenzjoni u biex tinbena r-reżiljenza. Fejn rilevanti, l-interventi se jiġu mfasla wkoll sabiex isaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn interventi umanitarji u ta' żvilupp. Titħeġġeġ analiżi konġunta tas-sitwazzjoni mwettqa mill-partijiet interessati umanitarji u ta' żvilupp.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 05 Il-migrazzjoni u l-ażil

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
51 531 564	130 000 000	404 973 912	115 722 000	58 269 112,—	27 029 810,30

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-implimentazzjoni tal-inizjattivi fil-qasam tematiku dwar il-“migrazzjoni u l-ażil” tal-programm dwar il-Beni u l-Isfidi Pubbliċi Globali (GPGC) bil-għan li tissaħħaħ il-governanza u jiġi mmasimizzat l-impatt tal-iżvilupp tal-migrazzjoni u l-mobilità.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

21 02 07 (ikompli)

21 02 07 05 (ikompli)

B'mod partikolari, il-programm "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali" fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil għandu l-għan li jtejjeb il-governanza tal-migrazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u permezz tagħhom, filwaqt li jqiegħed attenzjoni partikolari fuq il-massimizzazzjoni tal-impatt pożittiv u t-tnaqqis tal-impatt negattiv tal-migrazzjoni u l-mobbiltà fuq l-iżvilupp fil-pajjiżi bi dħul baxx jew medju ta' oriġini u ta' destinazzjoni. F'dan is-sens, il-programm se jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli relatati mal-migrazzjoni, inkluż b'mod partikolari l-mira 10.7 dwar l-iffaċilitar ta' migrazzjoni u mobbiltà ordnati, sikuri, regolari u responsabbli. L-inizjattivi mnedija se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Mejju 2015 bl-isem "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015) 240 final), inklużi b'mod partikolari l-prijoritajiet imniżżlin fil-tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u l-Bank Ewropew ta' Investiment tas-7a ta' Ġunju 2016 dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM (2016) 385 final). Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, inkluż l-aċċess għal servizzi bħalma huma dawk tas-saħħa, tal-migranti u l-appoġġ għall-impjenji tal-Unjoni biex jiġi żgurati li l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp dwar il-migrazzjoni tiġi segwita bhalta objettiv trasversali. L-attivitajiet iffinanzjati fil-qafas ta' din il-linja baġitarja jeħtieġ ikunu konformi mal-objettiv primarju tal-politika tal-Unjoni għall-iżvilupp, li huwa t-tnaqqis tal-faqar.

Il-programm se jiffoka fuq inizjattivi fil-livell globali kif ukoll fil-livell multireġjonali (eż. biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni tul rotot migratorji min-Nofsinhar għan-Nofsinhar jew min-Nofsinhar għat-Tramuntana). Jistgħu jiġu mnedija wkoll numru limitat ta' proġetti nazżjonali biex jappoġġaw attivitajiet ta' kooperazzjoni ġodda ma' pajjiżi prijoritarji tal-politika tal-migrazzjoni esterna tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

**21 02 08 Finanzjament ta' inizjattivi fil-qasam tal-iżvilupp mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u tal-iżvilupp għalihom**

*Kummenti*

Din l-appropriazzjonijiet hija maħsuba biex tappoġġja inizjattivi ta' żvilupp f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw imwettqa minn jew għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali li joriġinaw mill-Unjoni u minn pajjiżi msieħba, kif ukoll biex tissaħħa il-kapaċità tagħhom biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-tfassil ta' politika u biex jiġu żgurati r-responsabilità u t-trasparenza.

Se tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu appoġġati s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u biex jitħeġġu d-djalogu u l-ambjent li jippermetti l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-perspettiva tal-ġeneru u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, ir-rikonċiljazzjoni u l-bini ta' istituzzjonijiet, inkluż fil-livell lokali u reġjonali.

21 02 08 01 Is-soċjetà ċivili fl-iżvilupp

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
205 954 810	150 800 000	191 932 988	130 000 000	186 393 445,46	103 632 446,91

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)****21 02 08** (ikompli)

21 02 08 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex ikopri l-appoġġ għall-inizjattivi li jsaħħu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab u fl-Unjoni u l-benefiċjarji eliġibbli taħt ir-Regolament (UE) No 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) meta jkun hemm referenza għall-attivitajiet ta' edukazzjoni dwar l-żvilupp u t-tqajjim ta' kuxjenza (DEAR). L-inizjattivi li għandhom jiġu ffinanzjati jitwettqu primarjament minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Fejn ikun xieraq, biex tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom, jistgħu jittieħdu inizjattivi minn atturi oħra għall-benefiċċju tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jikkontribwixxu għal:

- soċjetà inklużiva u mogħtija s-setgħa, inkluż minn perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, f'pajjiżi sħab permezz ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili aktar imsaħħin,
- kapaċità akbar tan-netwerks, tal-pjattaformi u l-alleanzi tas-soċjetà ċivili Ewropej u tan-Nofsinhar, sabiex jiġi żgurat djalogu tal-politika sostantiv u kon tinwu fil-qasam tal-iżvilupp u sabiex issir promozzjoni tal-governanza demokratika u tingħata s-setgħa lin-nisa,
- livell akbar ta' sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp u mobilizzazzjoni tal-appoġġ pubbliku attiv għal strateġiji għat-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

Attivitajiet possibbli li għandhom ikunu appoġġati mill-programm:

- interventi f'pajjiżi sħab li jappoġġaw gruppi vulnerabbli u emarġinati billi jipprovdu servizzi bażiċi mogħtija permezz ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili,
- żvilupp tal-kapaċità tal-atturi fil-mira, komplementari għall-appoġġ mogħti fil-qafas tal-programm nazzjonali, azzjonijiet immirati sabiex:
  - il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-azzjoni tas-soċjetà ċivili u l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-formulazzjoni tal-politika u fil-monitoraġġ tal-proċessi tal-implimentazzjoni tal-politika,
  - jiġu ffaċilitati djalogu mtejjeb u interazzjoni aħjar bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali, l-Istat u atturi oħra tal-iżvilupp fil-kuntest tal-iżvilupp,
- ikun hemm koordinazzjoni, żvilupp tal-kapaċità u tisħiħ istituzzjonali tas-soċjetà ċivili u tan-netwerks tal-awtoritajiet lokali, fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u bejn tipi differenti ta' partijiet interessati attivi fid-dibattitu pubbliku Ewropew dwar l-iżvilupp kif ukoll il-koordinazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċità u t-tisħiħ istituzzjonali tan-netwerks tan-Nofsinhar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet ċentrali,
- titqajjem kuxjenza pubblika dwar kwistjonijiet ta' żvilupp, tingħata s-setgħa lil persuni sabiex isiru ċittadini attivi u responsabbli u tiġi promossa edukazzjoni formali u informali għall-iżvilupp fl-Unjoni u fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, sabiex il-politika dwar l-iżvilupp tiġi ankrata fis-soċjetajiet Ewropej, jiġi mobilizzat appoġġ pubbliku akbar għall-azzjoni kontra l-faqar u għal relazzjonijiet aktar ekwi bejn il-pajjiżi żviluppanti u dawk li qed jiżviluppaw, titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjonijiet u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-popli tagħhom, u biex jiġi promoss id-dritt għal proċess ta' żvilupp li fih jistgħu jitwettqu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha u d-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 08 (ikompli)

## 21 02 08 01 (ikompli)

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b' medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

## 21 02 08 02 L-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
68 651 603	39 900 000	63 310 996	25 000 000	60 291 733,—	20 365 468,19

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-inizjattivi li jsaħħu r-rwol tal-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi sħab u fl-Unjoni u l-benefiċjarji eliġibbli taħt ir-Regolament (UE) No 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) meta ssir referenza għal attivitajiet ta' edukazzjoni fl-iżvilupp u t-tqajjim ta' kuxjenza (DEAR). L-inizjattivi li għandhom jiġu ffinanzjati jitwettqu primarjament minn awtoritajiet lokali jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Fejn ikun xieraq, biex tkun żgurata l-effikaċja tagħhom, dawk l-azzjonijiet jistgħu jitwettqu minn atturi oħra għall-benefiċċju tal-awtoritajiet lokali, sabiex jikkontribwixxu għal:

- soċjetà inklużiva u setgħana fil-pajjiżi sħab permezz ta' awtoritajiet lokali msaħħa,
- kapaċità akbar tan-netwerks tal-awtoritajiet lokali Ewropej u tan-Nofsinhar, l-assoċjazzjonijiet reġjunali u globali, il-pjattaformi u l-alleanzi sabiex ikun żgurat djalogu politiku sostantiv u kontinwu fil-qasam tal-iżvilupp u sabiex tiġi promossa l-governanza demokratika,
- livell akbar ta' sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp u mobilizzazzjoni ta' appoġġ pubbliku attiv fl-Unjoni, fil-pajjiżi kandidati u fil-kandidati potenzjali għal strateġiji għat-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

Attivitajiet possibbli li għandhom ikunu appoġġati mill-programm:

- interventi f'pajjiżi sħab li jappoġġaw gruppi vulnerabbli u emarġinati billi jipprovdu servizzi bażiċi mogħtija permezz tal-awtoritajiet lokali,

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)****21 02 08** (ikompli)**21 02 08 02** (ikompli)

- żvilupp tal-kapaċità tal-atturi fil-mira, komplementari għall-appoġġ mogħti fil-qafas tal-programm nazzjonali, azzjonijiet immirati sabiex:
  - joħlqu l-ambjent favorevoli għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-azzjoni u l-kapaċità tal-awtoritajiet lokali biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-formulazzjoni tal-politika u fil-monitoraġġ tal-proċessi tal-implimentazzjoni tal-politika,
  - jiffaċilitaw djalogu mtejjeb u interazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-Istat u atturi oħra tal-iżvilupp fil-kuntest tal-iżvilupp,
  - isaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet lokali biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċess ta' żvilupp filwaqt li jiġu rikonoxxuti r-rwol u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom,
- ikun hemm koordinazzjoni, żvilupp tal-kapaċità u tisħiħ istituzzjonali tan-netwerks tal-awtoritajiet lokali, fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u bejn tipi differenti ta' partijiet interessati attivi fid-dibattitu pubbliku Ewropew dwar l-iżvilupp kif ukoll il-koordinazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċità u t-tisħiħ istituzzjonali tan-netwerks tan-Nofsinhar tal-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet umbrella,
- titqajjem kuxjenza pubblika dwar kwistjonijiet ta' żvilupp, tingħata s-setgħa lil persuni sabiex isiru ċittadini attivi u responsabbli u tiġi promossa edukazzjoni formali u informali għall-iżvilupp fl-Unjoni, fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, sabiex il-politika dwar l-iżvilupp tiġi ankrata fis-soċjetajiet Ewropej, jiġi mobilizzat appoġġ pubbliku akbar għall-azzjoni kontra l-faqar u għal relazzjonijiet aktar ekwi bejn il-pajjiżi żviluppanti u dawk li qed jiżviluppaw, titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjonijiet u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-popli tagħhom, u biex jiġi promoss id-dritt għal proċess ta' żvilupp li fih jistgħu jitwettqu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha u d-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

**21 02 09****Il-programm Pan-Afrikan biex jappoġġa l-Istrateġija konġunta Afrika-Unjoni Ewropea**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
130 820 662	105 041 165	109 203 732	124 670 461	93 468 112,—	51 074 376,20

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 09 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ lill-implimentazzjoni tal-Istrateġija Konġunta UE-Afrika (JAES). B'mod partikolari, l-programm Pan-Afrikani għandu jintuża għall-provvista ta' appoġġ speċifiku ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' natura transreġjonali, kontinentali u transkontinentali, kif ukoll inizjattivi rilevanti tal-JAES fix-xena dinjija. Il-programm Pan-Afrikani se jaħdem b'kooperazzjoni mill-qrib ma' strumenti oħra, b'mod partikolari l-Istrument Ewropew ta' Viċinat stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 232/2014, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-programmi tematiċi taħt l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 233/2014, u se jikkonċentra fuq inizjattivi speċifiċi miftiehma fil-qafas tal-JAES, filwaqt li jiżgura l-koerenza u s-sinerġija meħtieġa u jevita d-duplikazzjonijiet u t-tirkib.

Dan se jintuża fl-oqsma ta' żvilupp prijoritarji ewlenin li ġejjin, soġġetti għal aġġornament possibbli tagħhom fil-programm Indikattiv Multiannwali 2018-2020 wara r-riżultati tal-Ħames Summit bejn l-Afrika u l-UE f'Abidjan f'Novembru 2017:

- l-iżvilupp tal-paċi, is-sigurtà, il-governanza demokratika u d-drittijiet tal-bniedem, b'appoġġ lill-arkitettura tal-governanza Afrikana permezz ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana u istituzzjonijiet relatati oħrajn bħall-Parlament Pan-Afrikani, il-Qorti Afrikana għall-Persuni u d-Drittijiet tal-Bniedem; l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili,
- l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali fil-livell kontinentali, inkluż l-armonizzazzjoni tal-politiki, standards u regolamenti, u l-bini tal-kapaċità biex ikunu promossi l-integrazzjoni reġjonali, il-kummerċ u l-investimenti,
- dwar il-migrazzjoni, il-mobilità u l-impjegi, b'miri lejn it-titjib fl-oqsma tar-rimessi, il-mobilità u l-migrazzjoni tal-ħaddiema, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, l-immigrazzjoni irregolari u l-protezzjoni internazzjonali,
- l-amministrazzjoni tajba tar-riżorsi naturali (dan jinkludi oqsma bħall-ambjent u t-tibdil fil-klima, il-materja prima u l-agrikoltura) u użu orjentat lejn l-iżvilupp tal-ġid li jstgħu jġibu magħhom,
- l-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u soċjetà bbażata fuq il-ħiliet, sabiex tiġi żviluppata l-kompetittività u jiġi sostnut it-tkabbir, permezz ta' appoġġ għall-edukazzjoni għolja u r-riċerka fil-livell kontinentali, billi jiġi pprovdut appoġġ lill-inizjattivi ewlenin tal-Unjoni Afrikana f'dawn l-oqsma, u jiġu appoġġati t-titjib u d-disponibbiltà ta' dejta statistika preċiża.

Se jingħata wkoll sostenn sabiex tiġi żviluppata s-sħubija bejn l-Afrika u l-UE, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet globali fix-xena dinjija, u biex tissaħħaħ is-soċjetà ċivili għal azzjoni speċifika fil-livell kontinentali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

*Atti ta' referenza*

Is-Sħubija Strateġika UE-Afrika. Strateġija konġunta bejn l-Afrika u l-Unjoni, adottata fil-Laqgħa Għolja ta' Lisbona, fid-8-9 ta' Diċembru 2007.



## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 20 Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-istrument għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp (SKŻ)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
102 428 673	103 495 100	108 922 928	93 812 842	115 352 483,—	86 867 447,24

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika u finanzjarja pprovduta b'dan l-istrument estern sabiex tiġi implimentata d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni superjuri tal-programm "Erasmus+".

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiddiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali,

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn japplika, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprijazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

## 21 02 30 Ftehim mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) u korpi oħra tan-Nazzjonijiet Uniti

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
344 000	340 000	372 000	372 000	0,—	0,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 30 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri kontribuzzjoni dovuta mill-Unjoni biex tkopri l-baġit amministrattiv li jirriżulta mis-sħubija tagħha fil-FAO, kif ukoll għat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġeneriċi tal-Pjanti għall-lkel u l-Agricoltura, wara r-ratifika tiegħu.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 1991 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Organizzazzjoni għall-lkel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (il-FAO) (ĠU C 326, 16.12.1991, p. 238).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/869/KE tal-24 ta' Frar 2004 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-lkel u l-Agricoltura (ĠU L 378, 23.12.2004, p. 1).

21 02 40 **Ftehimiet dwar il-kommoditajiet**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 500 000	2 500 000	2 500 000	2 500 000	0,—	2 517 338,78

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżati tas-sħubija annwali li l-Unjoni trid tħallas għall-parteċipazzjoni tagħha fi ftehimiet ta' komoditajiet internazzjonali fuq il-baży tal-kompetenza esklużiva tagħha fil-qasam.

Attwalment din l-appropriazzjoni tkopri l-ħlas ta':

- miżata għas-sħubija tal-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar il-Kafè,
- miżata għas-sħubija tal-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar il-Kawkaw,
- miżata annwali għas-sħubija tal-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton, meta tiġi approvata.

X'aktarx li fil-futur isiru ftehimiet dwar komoditajiet oħrajn skont l-espedjenza politika u ġuridika.

## Baży ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/970/KE tat-18 ta' Novembru 2002 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw 2001 (ĠU L 342, 17.12.2002, p. 1).

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)****21 02 40** (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/76/KE tal-21 ta' Jannar 2008 rigward il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw rigward l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw, 2001 (ĠU L 23, 26.1.2008, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/579/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè 2007 (ĠU L 186, 15.7.2008, p.12)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/634/UE tas-17 ta' Mejju 2011 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L 259, 4.10.2011, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/189/UE of 26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L 102, 12.4.2012, p.1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/876 tat-18 ta' Mejju 2017 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton (ICAC) (ĠU L 134, 23.5.2017, p. 23).

*Atti ta' referenza*

Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu.

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu.

Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè, rinegozjat fl-2007 u l-2008, li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2011 għal perjodu inizjali ta' 10 snin sal-1 ta' Frar 2021, bil-possibbiltà ta' estensjoni għal perjodu/i addizzjonali li ma jaqbx tmien snin b'kollox.

Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw, rinegozjat fl-2001 u finalment fl-2010, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2012 għal perjodu inizjali ta' 10 snin sat-30 ta' Settembru 2022, b'reviżjoni wara ħames snin u bil-possibbiltà ta' estensjoni għal żewġ perjodi addizzjonali mhux aktar minn sentejn kull wieħed.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 (8972/04), il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2008 (9986/08) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' April 2010 (8674/10) li jikkonċernaw Il-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton.

Ir-Regoli u r-Regolamenti tal-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton, kif adottati fil-31 Laqgħa Plenarja — 16 ta' Ġunju 1972 (b'emendi mill-Erbgħa u Sebgħin Laqgħa Plenarja tal-11 ta' Diċembru 2015).

**21 02 51** ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ta' qabel l-2014)****Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u l-Amerka Latina u l-kooperazzjoni ekonomika magħhom (ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 51 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 tas-27 ta' Ġunju 1996 dwar il-politka tal-ghajjnuna tal-ikel u t-tmexxija tal-ghajjnuna tal-ikel u l-ħidmiet speċjali b'appoġġ għas-sigurtà tal-ikel (ĠU L 166, 5.7.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 tat-22 April 1999 li jwaqqaf sistema speċjali ta' ghajjnuna għall-fornituri tradizzjonali tal-banana tal-AKP (ĠU L 108, 27.4.1999, p. 2).

Ir-Regolament (KE) Nru 955/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 li jestendi u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/98 dwar kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 148, 6.6.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi programm ta' ghajjnuna finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqasma tal-immigrazzjoni u tal-eżilju (AENEAS) (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 625/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jestendi u jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/98 dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 99, 3.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (KE) Nru 1337/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jżviluppaw (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 62).

*Atti ta' referenza*

L-azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-Proġetti pilota fis-sens tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2005 dwar ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 311).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' April 2005 bl-isem "Il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp — It-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju" (COM(2005) 134 final).

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tat-23 u l-24 ta' Mejju 2005 dwar l-Għanijiet tal-Millennju.

Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2005 fi Brussell.

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tat-18 ta' Lulju 2005 dwar is-summit tan-NU.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)****21 02 51** (ikompli)

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awwissu 2005 bl-isem "Azzjonijiet Esterni permezz ta' Programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Futur tal-2007-2013" (COM(2005) 324 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Investiment fin-nies — Komunikazzjoni dwar il-programm tematiku għall-iżvilupp soċjali u uman u l-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013" (COM(2006) 18 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Il-Programm Tematiku 'Il-Partijiet mhux statali u l-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp'" (COM(2006) 19 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew of 25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Azzjoni Esterna — Programm Tematiku Għall-Ambjent u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorzi Naturali fosthom l-Enerġija"(COM(2006) 20 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Strategġija tematika għas-sigurtà tal-ikel — Navvanzaw l-aġenda tas-sigurtà tal-ikel biex niksbu l-MDGs" (COM(2006) 21 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Programm tematiku għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-kenn politiku" (COM(2006) 26 final).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar impriżi żgħar u medji fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp (ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 171).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Ottubru 2008: "Awtorijajiet lokali: atturi għall-iżvilupp" (COM(2008) 626 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — Il-politika internazzjonali dwar il-klima adottata wara Kopenhagen: Naġixxu issa sabiex insaħħu l-azzjoni globali dwar it-tibdil fil-klima (COM(2010) 86 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-31 ta' Marzu 2010 bl-isem "Qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel" (COM(2010) 127 final).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2011 dwar l-approċċ tal-UE rigward l-Iran (2010/2050(INI)).

**21 02 51 01** Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ażil

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	10 000 000	p.m.	16 000 000	0,—	17 740 974,26

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

21 02 51 (ikompli)

21 02 51 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi programm ta' għajjnuna finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma tal-immigrazzjoni u tal-eżilju (AENEAS) (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awwissu 2005: "Azzjonijiet Esterni permezz ta' Programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Futur tal-2007-2013" (COM(2005) 324 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2006: "Programm tematiku għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-kenn politiku" (COM(2006) 26 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tat-13 ta' Ottubru 2011: "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla" (COM(2011) 637 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tat-18 ta' Novembru 2011: "L-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà" (COM(2011) 743 final).

21 02 51 02 Kooperazzjoni mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerka Latina

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	50 000 000	p.m.	110 000 000	0,—	242 738 904,61

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

21 02 51 (ikompli)

21 02 51 02 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 03 Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja, inklużi l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	337 765 334	p.m.	392 352 245	432,45	619 044 704,91

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 04 Sigurtà tal-ikel

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	55 000 000	p.m.	80 000 000	617,67	122 716 489,37

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

21 02 51 (ikompli)

21 02 51 04 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 05 Parteċipanti mhux statali fl-iżvilupp

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	35 000 000	p.m.	65 000 000	0,—	115 629 698,23

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 06 Ambjent u mmaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-enerġija

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	50 000 000	p.m.	85 000 000	0,—	126 274 072,91

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).



## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 51 (ikompli)

## 21 02 51 07 Żvilupp tal-bniedem u soċjali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	14 350 250	p.m.	34 000 000	651,33	56 427 832,86

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

## 21 02 51 08 Kooperazzjoni ġeografika ma' stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	85 163 000	p.m.	260 218 059	0,—	242 767 373,85

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati skont l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-perjodu 2007-2013.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 04 — STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM (ikompli)

21 04 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

21 04 77 02 Proġett pilota — Forum tas-Soċjetà Ċivili UNJONI-Russja

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	36 550,50

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).



**KAPITOLU 21 05 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI**

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 05	STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI								
21 05 01	<b>Theddid globali u transreġjonali u theddid emerġenti</b>	4	65 900 000	54 200 000	64 900 000	44 000 000	64 393 076,—	40 900 285,01	75,46
	Riżervi (40 02 41)		6 250 000						
			72 150 000	54 200 000	64 900 000	44 000 000	64 393 076,—	40 900 285,01	
21 05 51	<b>Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam ta' theddid globali għas-sigurtà (ta' qabel l-2014)</b>	4	p.m.	10 000 000	p.m.	17 000 000	0,—	30 117 268,35	301,17
	<b>Kapitolu 21 05 — Total</b>		<b>65 900 000</b>	<b>64 200 000</b>	<b>64 900 000</b>	<b>61 000 000</b>	<b>64 393 076,—</b>	<b>71 017 553,36</b>	<b>110,62</b>
	<b>Riżervi (40 02 41)</b>		<b>6 250 000</b>						
			<b>72 150 000</b>	<b>64 200 000</b>	<b>64 900 000</b>	<b>61 000 000</b>	<b>64 393 076,—</b>	<b>71 017 553,36</b>	

**21 05 01 Theddid globali u transreġjonali u theddid emerġenti**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 05 01	65 900 000	54 200 000	64 900 000	44 000 000	64 393 076,—	40 900 285,01
Riżervi (40 02 41)	6 250 000					
Total	72 150 000	54 200 000	64 900 000	44 000 000	64 393 076,—	40 900 285,01

**Kummenti**

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza fl-indirizzar ta' theddidiet globali u transreġjonali u theddidiet emerġenti, definiti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 230/2014 li jstabilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi.

Hija maħsuba sabiex tkopri azzjonijiet li għandhom l-għan li jgħinu fis-salvagwardja ta' pajjiżi u popolazzjonijiet kontra riskji ta' oriġini intenzjonali, aċċidentali jew naturali. *Inter alia*, dawn jistgħu jinkludu:

— it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet ċivili kompetenti involuti fl-iżvilupp u l-iskjerament ta' kontroll effettiv tat-traffikar f'materjali jew aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (inkluż l-apparat għall-produzzjoni jew il-kunsinna tagħhom jew il-kontrolli tal-fruntieri effettivi), anki permezz tal-installazzjoni ta' apparat loġistiku modern ta' evalwazzjoni u kontroll. L-azzjonijiet relatati ma' diżastri naturali u industrijali kif ukoll attivitajiet kriminali,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 05 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABILITÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI (ikompli)

## 21 05 01 (ikompli)

- l-iżvilupp ta' qafas ġuridiku u kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni fuq prodotti li għandhom użu doppju, inklużi miżuri ta' Kooperazzjoni reġjonali,
- l-iżvilupp ta' miżuri ċivili effettivi dwar il-preparatezza għal diżastri, l-ippjanar għal emerġenzi, ir-rispons għall-kriżijiet, u l-kapaċitajiet għat-tindif fir-rigward ta' inċidenti ambjentali kbar possibbli f'dan il-qasam.
- il-promozzjoni ta' attivitajiet ċivili ta' riċerka bħala alternattiva għar-riċerka relatata mad-difiża, u appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u l-impjeg alternattiv ta' xjenzati u inġiniera li qabel kienu impjegati fl-oqsma relatati mal-armi,
- sostenn għal miżuri biex titjeb il-prattika tas-sikurezza relatata ma' faċilitajiet ċivili fejn jinħażnu jew jiġu mmaniġġati materjali jew aġenti sensitivi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi jew nukleari, fil-kuntest ta' programmi ċivili ta' riċerka,
- sostenn, fi ħdan il-qafas ta' linji ta' politika ta' kooperazzjoni tal-Unjoni u l-oġettivi tagħhom, għall-istabbiliment ta' infrastruttura ċivili u studji ċivili rilevanti meħtieġa għaż-żarmar, ir-rimedjazzjoni jew il-konverżjoni ta' faċilitajiet u siti relatati mal-armi fejn jiġi ddiġarjat li dawn ma għadhomx jappartjenu għall-programm ta' difiża,

Miżuri oħrajn fil-qasam tal-perikli globali u transreġjonali ser ikopru:

- it-tishiġ tal-kapaċità ta' infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ċivili involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu,
- il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u l-kriminalità organizzata, inkluż fit-traffikar illeċitu tal-bnedmin, drogi, armi tan-nar u materjali esplożivi, iċ-ċibekriminalità, il-mediċina ffalsifikata u fil-kontroll effettiv tal-kummerċ u t-tranżitu illegali; l-iskambju ta' għarfien espert u l-aħjar Prattiki dwar il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti ma' pajjiżi sħab freġjuni fejn l-estremiżmu qed jiżdied, bħan-Nofsinar tal-Asja; ukoll li jiġu indirizzati l-effetti globali u transreġjonali tal-bidla fil-klima b'impatt potenzjalment destabilizzanti, inkluża l-promozzjoni ta' bijosikurezza u bijosigurtà tal-faċilitajiet tal-immaniġġar ta' mikrobi perikolużi,
- l-appoġġ għal miżuri biex jindirizzaw perikli għat-trasport internazzjonali u infrastruttura kritika, inkluż it-traffiku ta' passiġġiera u merkanzija, operazzjonijiet tal-enerġija u d-distribuzzjoni tal-enerġija, netwerks elettroniċi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- l-iżgurar li hemm rispons adegwat għal perikli kbar għas-saħħa pubblika, bħal mard pandemiku b'impatt transnazzjonali potenzjali.

Miżuri bħal dawn jistgħu jiġu adottati skont dan l-istrument fil-kuntest ta' kundizzjonijiet stabbli, meta jkollhom l-għan li jindirizzaw perikli globali u transreġjonali speċifiċi b'effett destabilizzanti, u biss sal-punt li ma jkunx jista' jiġi pprovdut rispons adegwat u effettiv skont l-istrumenti relatati tal-Unjoni għal assistenza esterna.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, lil ċerti proġetti ta' għajna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprijazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet mill-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

**KAPITOLU 21 05 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI** (ikompli)**21 05 01** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1).

**21 05 51** **Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam ta' theddid globali għas-sigurtà (ta' qabel l-2014)***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	10 000 000	p.m.	17 000 000	0,—	30 117 268,35

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1724/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2001 rigward azzjoni kontra l-isplużivi tal-art tal-antipersonnell fil-pajjiżi terzi (ĠU L 234, 1.9.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1725/2001 tat-23 ta' Lulju 2001 rigward azzjoni kontra l-isplużivi tal-art anti-persunal fil-pajjiżi terzi għajr dawk fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw (ĠU L 234, 1.9.2001, p. 6).

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-istabbiltà (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 06 — STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 06	STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI								
21 06 01	<i>Promozzjoni ta' livell għoli ta' sikurezza nukleari, radjuprotezzjoni u l-applikazzjoni ta' salvagwardji effiċjenti u effikaċi relatata tal-materjal nukleari f'pajjiċi terzi</i>	4	31 505 663	24 000 000	30 884 131	15 000 000	30 369 456,—	11 598 580,21	48,33
21 06 02	<i>Kontribuzzjoni addizzjonali tal-Unjoni Ewropea lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) għall-proġetti relatati mal-aċċident ta' Chernobyl</i>	4	p.m.	p.m.	30 000 000	40 000 000	40 000 000,—	61 205 092,30	
21 06 51	<i>Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)</i>	4	p.m.	20 000 000	p.m.	25 000 000	0,—	39 047 809,57	195,24
<b>Kapitolu 21 06 — Total</b>			<b>31 505 663</b>	<b>44 000 000</b>	<b>60 884 131</b>	<b>80 000 000</b>	<b>70 369 456,—</b>	<b>111 851 482,08</b>	<b>254,21</b>

**21 06 01** *Promozzjoni ta' livell għoli ta' sikurezza nukleari, radjuprotezzjoni u l-applikazzjoni ta' salvagwardji effiċjenti u effikaċi relatata tal-materjal nukleari f'pajjiċi terzi*

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
31 505 663	24 000 000	30 884 131	15 000 000	30 369 456,—	11 598 580,21

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-finanzjament ta': promozzjoni ta' kultura effettiva tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari fil-livelli kollha, b'mod partikolari permezz ta':

- appoġġ kontinwu għall-korpi regolatorji, l-organizzazzjonijiet ta' sostenn tekniku, u t-tisħiħ tal-qafas regolatorju, l-iktar rigward l-attivitajiet ta' liċenzjar sabiex tiġi stabbilita sorveljanza regolatorja indipendenti b'saħħitha,
- appoġġ għat-trasport, it-trattament u r-rimi sikur ta' fjuwil nukleari użat u skart radjuattiv kemm mill-impjant nukleari kif ukoll minn sorsi (orfn) oħrajn, (applikazzjonijiet mediċi, estrazzjoni tal-uranju),
- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għad-dekummissjonament ta' stallazzjonijiet eżistenti u r-rimedju ta' ex siti nukleari,
- il-promozzjoni ta' oqfsa, proċeduri u sistemi regolatorji effettivi biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata kontra radjazzjonijiet jonizzanti minn materjali radjuattivi, b'mod partikolari minn sorsi radjuattivi b'attività qawwija, u r-rimi sikur tagħhom,

**KAPITOLU 21 06 — STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI** (ikompli)**21 06 01** (ikompli)

- il-finanzjament ta' stress tests ibbażati fuq *l-acquis*,
- l-istabiliment tal-qafas regolatorju u l-metodoloġġi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' salvagwardji nukleari, inkluż għall-kontabbiltà u l-kontroll xierqa ta' materjali fissili fil-livell tal-Istat u l-operaturi,
- l-istabiliment ta' arranġamenti effettivi għall-prevenzjoni ta' aċċidenti b'konsegwenzi radjoloġiċi kif ukoll il-mitigazzjoni tat-tali konsegwenzi jekk iseħħu, u għall-ippjanar, it-tħejjija u r-rispons għa emerġenzi, il-protezzjoni ċivili u miżuri ta' riabilitazzjoni,
- miżuri għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali (inkluż fil-qafas tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-IAEA) fl-oqsma msemmijin hawn fuq, inklużi l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' konvenzjonijiet u trattati internazzjonali, l-iskambju ta' informazzjoni u taħriġ u riċerka,
- it-tisħiħ tal-proċeduri ta' emerġenza fil-każ ta' aċċidenti nukleari, kif ukoll it-taħriġ u l-ikkowċjar, inter alia, sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet tar-regolaturi.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll sabiex tkopri proġetti tas-saħħa u ambjentali rigward il-konsegwenzi tal-aċċident ta' Chernobyl, li jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, speċjalment fl-Ukraina u l-Belarus.

Ser tingħata prijorità sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet fil-pajjiżi li huma parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Il-ħidma rilevanti li qabel kienet issir skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) se tibda taqa' taħt l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnunha esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx 1-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (Euratom) tal-Kunsill Nru 237/2014 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 109).

**21 06 02 Kontribuzzjoni addizzjonali tal-Unjoni Ewropea lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) għall-proġetti relatati mal-aċċident ta' Chernobyl**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	30 000 000	40 000 000	40 000 000,—	61 205 092,30

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 06 — STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI (ikompli)

## 21 06 02 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għat-tlestija tal-proġetti relatati mal-aċċident ta' Chernobyl wara l-aċċident tal-1986.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi ta' għajhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn se jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (Euratom) tal-Kunsill Nru 237/2014 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 109).

## 21 06 51 Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	20 000 000	p.m.	25 000 000	0,—	39 047 809,57

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 908 tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar l-ewwel pagament tat-tielet kontribuzzjoni Komunitarja lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għall-Fond ta' Kenn ta' Chernobyl (ĠU L 346, 9.12.2006, p. 28).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 300/2007 tad-19 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1).

## KAPITOLU 21 07 — IS-SHUBIJA UNJONI EWROPEA-GREENLAND

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 07	IS-SHUBIJA UNJONI EWROPEA-GREENLAND								
21 07 01	<b>Kooperazzjoni ma' Greenland</b>	4	32 110 000	32 038 000	31 630 000	35 956 797	31 130 000,—	37 087 557,—	115,76
21 07 51	<b>Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)</b>	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>Kapitolu 21 07 — Total</b>			<b>32 110 000</b>	<b>32 038 000</b>	<b>31 630 000</b>	<b>35 956 797</b>	<b>31 130 000,—</b>	<b>37 087 557,—</b>	<b>115,76</b>

21 07 01 **Kooperazzjoni ma' Greenland**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
32 110 000	32 038 000	31 630 000	35 956 797	31 130 000,—	37 087 557,—

**Kummenti**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex ikopri:

- assistenza lil Greenland fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tagħha, b'mod partikolari d-diversifikazzjoni sostenibbli tal-ekonomija, il-ħtieġa li jiżiedu l-ħiliet fil-forza tax-xogħol tagħha, inklużi x-xjenzjati, u l-bżonn li jittejjbu s-sistemi ta' informazzjoni ta' Greenland fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- tisħiħ tal-kapaċità tal-amministrazzjoni ta' Greenland biex issawwar aħjar u timplimenta politiki nazzjonali b'mod partikolari f'oqsma ġodda ta' interess reċiproku.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

**Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2014/137/UE tal-14 ta' Marzu 2014 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa l-waħda, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (ĠU L 76, 15.3.2014, p. 1).

**Atti ta' referenza**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 07 — IS-SĦUBIJA UNJONI EWROPEA-GREENLAND (*ikompli*)**21 07 51 Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)**Ċifri (*Approprijazzjonijiet differenzjati*)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-likwidazzjoni ta' impenji li saru qabel l-2014.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/526/KE tas-17 ta' Lulju 2006 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (ĠU L 208, 29.7.2006, p. 28).

*Atti ta' referenza*

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, fuq l-oħra, dwar il-partenarjat bejn il-Komunità Ewropea u Greenland, iffirmit fil-Lussemburgu fis-27 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 208, 29.7.2006, p. 32).



## KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 08	ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA								
21 08 01	Evalwazzjoni ta' riżultati ta' għajjnuna mill-Unjoni, u segwitu u miżuri ta' awditjar	4	29 176 000	25 665 000	26 044 796	25 521 281	24 620 000,—	21 961 329,42	85,57
21 08 02	Koordinazzjoni u promozzjoni ta' sensibillizzazzjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp	4	12 536 000	10 250 013	10 330 000	13 608 960	10 154 402,54	12 891 065,11	125,77
Kapitolu 21 08 — Total			<b>41 712 000</b>	<b>35 915 013</b>	<b>36 374 796</b>	<b>39 130 241</b>	<b>34 774 402,54</b>	<b>34 852 394,53</b>	<b>97,04</b>

## 21 08 01 Evalwazzjoni ta' riżultati ta' għajjnuna mill-Unjoni, u segwitu u miżuri ta' awditjar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
29 176 000	25 665 000	26 044 796	25 521 281	24 620 000,—	21 961 329,42

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' diversi ħtiġijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u miżuri ta' appoġġ b'rabta ma' dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet finanzjati minn assistenza esterna tal-Unjoni fl-oqsma tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp, maħsuba biex itejbu l-kwalità tal-proġetti u tal-programmi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom (mill-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni *ex-ante* għal monitoraġġ u evalwazzjoni *ex-post* u finali), waqt li jiffokaw fuq ir-rilevanza, l-effiċjenza, l-effiċakja, is-sostenibbiltà u l-impatt, inklużi dawn li ġejjin:

- sistemi ta' evalwazzjoni *ex-ante* u metodoloġiji u miżuri ta' appoġġ relatati għal proġetti u programmi matul l-istadji ta' identifikazzjoni u ta' disinn,
- is-sistemi u l-metodoloġiji ta' monitoraġġ intern u revizzjoni esterna tal-implimentazzjoni tal-proġetti u tal-programmi kif ukoll tas-sistemi u l-metodoloġiji biex jiżguraw identifikazzjoni, ġbir u rappurtar xierqa f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultati ta' proġetti u programmi ffinanzjati mill-assistenza esterna tal-Unjoni,
- is-sistemi u l-metodoloġiji ta' nofs it-terminu, finali jew evalwazzjoni *ex post* ta' proġetti u programmi, inklużi miżuri ta' appoġġ li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u s-sorveljanza ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u għall-implimentazzjoni ta' evalwazzjonijiet kumplessi, kif ukoll ta' sistemi u miżuri relatati mat-tixrid tar-riżultati tal-evalwazzjoni,
- approċċi u metodoloġiji li jikkonċernaw iċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-proġett u tal-programm u approċċi settorjali u tematiċi indispensabbli għal prestazzjoni xierqa ta' evalwazzjoni *ex ante*, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-attivitatijiet (inklużi l-approċċi u metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-bini ta' kapaċità, u approċċi, metodoloġiji u sistemi għall-identifikazzjoni, id-definizzjoni u l-użu ta' indikaturi ta' prestazzjoni),
- is-sistemi tat-taħriġ u l-qsim tal-għarfien u azzjonijiet oħra orizzontali biex jappoġġaw it-tixrid tal-kompetenzi u l-għarfien dwar l-approċċi, il-metodoloġiji u s-sistemi msemmija hawn fuq bil-ħsieb li jsaħħu l-ħiliet u l-għarfien tal-persunal involut fil-ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA (ikompli)

## 21 08 01 (ikompli)

- sistemi għall-ġestjoni ta' informazzjoni operazzjonali li jikkonċernaw proġetti u programmi fi stadji differenti ta' ċiklu tal-proġett li huma essenzjali fir-rigward tat-twettiq tal-attivitajiet imsemmija hawn fuq, tal-użu tajjeb tar-riżultati tagħhom u tar-rappurtar, inkluż fil-livell aggregat.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll il-finanzjament ta' attivitajiet tal-awditjar li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' programmi u proġetti implimentati mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna esterna, inklużi s-sistemi ta' awditjar u metodoloġiji u sistemi ta' awditjar, u l-finanzjament ta' attivitajiet relatati ta' taħriġ, ibbażati fuq ir-regoli speċjali li jirregolaw l-assistenza esterna tal-Unjoni u organizzati għal awdituri esterni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu u kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika li jkun n għataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ad hoc.

## Bażi ġuridika

Il-kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 08 02 **Koordinazzjoni u promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 536 000	10 250 013	10 330 000	13 608 960	10 154 402,54	12 891 065,11

## Kummenti

Il-finanzjament tal-baġit jipprovdi lill-Kummissjoni bil-mezzi ta' sostenn li jkollha b'żonn għall-preparazzjoni, il-formulazzjoni u l-aġġornament ta' miżuri ta' koordinazzjoni skont il-politika tal-iżvilupp tagħha. Il-koordinazzjoni tal-politika hija kruċjali għall-konsistenza, il-kumplementarjetà u l-effettività tal-għajnuna u l-iżvilupp.

Il-miżuri ta' koordinazzjoni huma essenzjali fid-definizzjoni u t-tiswir tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp flivell strateġiku u ta' programmar. L-għamla speċifika tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp hija kristalizzata direttament fit-Trattati (l-Artikoli 208 u 210 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea). L-għajnuna tal-Unjoni u l-politiki nazzjonali tal-Istati Membri fl-isferi tal-kooperazzjoni ta' żvilupp jeħtieġu li jaħdmu flimkien u jsaħħu lil xulxin u dan ma jstax isir bla koordinazzjoni. L-Artikolu 210 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jsejjaħ sabiex il-Kummissjoni taġixxi bħala koordinatriċi tal-politiki tal-Unjoni u l-Istati Membri dwar l-iżvilupp u tal-azzjoni fil-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp.

Il-koordinazzjoni mhux biss hija fattur ewlieni fil-valur miżjud tal-Kummissjoni fil-konfront tal-politiki tal-Istati Membri imma wkoll prijorità fl-iskeda tax-xogħol fil-punt meta l-aġendi tal-Unjoni u l-komunità internazzjonali jikkoinċidu. Din l-appropriazzjoni tkopri diversi forom ta' azzjoni:

**KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA** (ikompli)**21 08 02** (ikompli)

*Azzjoni A — Koordinazzjoni fil-livell Ewropew u internazzjonali:*

- l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, l-istudji ta' impatt u vijabilità fil-qasam tal-koordinazzjoni,
- appoġġ, analiżijiet u attivitajiet ta' koordinazzjoni fl-oqsma ta' prijorità tal-politika tal-iżvilupp (inklużi l-appoġġ baġitarju, il-ġestjoni finanzjarja pubblika, il-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku), l-effikaċja tal-għajnuna u l-iżvilupp (inkluż programmar konġunt / implimentazzjoni konġunta) u l-finanzjament għall-iżvilupp,
- laqgħat ta' esperti u skambji bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, u atturi internazzjonali oħra (l-Istati Uniti tal-Amerka, donaturi emerġenti, eċċ.) u t-tnejja ta' u l-parteċipazzjoni f'fora internazzjonali bħalma hi s-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp jew dawk taħt il-finanzjament ta' skjerament tal-politika għall-iżvilupp, il-mezzi ta' implimentazzjoni, l-Aġenda 2030, Kunsens ġdid,
- riċerka, komunikazzjoni, konsultazzjoni, u s-servizzi ta' evalwazzjoni, inkluż għal assistenza teknika,
- il-monitoraġġ tal-politiki u operazzjonijiet waqt l-implimentazzjoni,
- miżuri ta' appoġġ għat-titjib tal-kwalità tal-monitoraġġ ta' operazzjonijiet li għadhom għaddejnin u l-preparazzjoni ta' operazzjonijiet futuri, inkluż il-bini ta' kapaċitajiet,
- miżuri għas-sostenn ta' inizjattivi esterni fl-isfera tal-koordinazzjoni,
- it-tnejja ta' pożizzjonijiet, stqarrijiet u inizjattivi komuni,
- l-organizzazzjoni ta' avvenimenti dwar il-koordinazzjoni,
- l-abbonamenti tal-Kummissjoni mal-organizzazzjonijiet u n-netwerks internazzjonali,
- it-tixrid tal-informazzjoni permezz tal-produzzjoni ta' pubblikazzjonijiet u l-iżvilupp ta' sistemi informatiċi.

*Azzjoni B — Sensibilizzazzjoni*

Din l-appropriazzjoni tkopri l-finanzjament ta' attivitajiet maħsuba biex jiġbdu l-attenzjoni għall-azzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp u biex titkattar is-sensibilizzazzjoni pubblika fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati. Kull attività fffinanzjata skont din l-azzjoni trid tinkludi ż-żewġ komponenti li ġejjin, li fil-fehma tal-Kummissjoni jimxu id f'id:

- komponent ta' "informazzjoni", imfassal biex jiġu promossi d-diversi attivitajiet li l-Unjoni twettaq, l-oqsma tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-għajnuna għall-iżvilupp u l-attivitajiet li twettaq fi sħubija mal-Istati Membri tagħha u ma' istituzzjonijiet internazzjonali oħra,
- komponent ta' "sensibilizzazzjoni", li jkopri l-opinjoni pubblika fl-Unjoni u fil-pajjiżi sħab.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA (ikompli)

## 21 08 02 (ikompli)

Dawn l-attivitajiet jikkonsistu prinċipalment, għalkemm mhux esklużivament, minn sostenn finanzjarju għal pubbli-kazzjonijiet awdjoviżivi u onlajn, il-komunikazzjoni permezz tal-midja soċjali, seminars, taħriġ u avvenimenti kif japplikaw għall-iżvilupp, il-produzzjoni ta' materjal informattiv, l-iżvilupp ta' sistemi informatiċi, networks tal-Istati Membri u premjijiet għall-ġurnaliżmu fil-qasam tal-iżvilupp.

Dawn l-attivitajiet huma diretti lejn il-pubbliku inġenerali u huma implimentati permezz ta' sħab tas-setturi privati u pubbliċi u partijiet ikkonċernati u permezz ta' network tal-Istati Membri, ir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-pajjiżi sħab.

Barra minn hekk, din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-finanzjament ta' attivitajiet informattivi u ta' komunikazzjoni prijoritarji mmirati lejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u li għandhom x'jaqsmu mal-politiki esterni tal-Unjoni inġenerali.

L-oqsma li se jkunu koperti mill-attivitajiet ta' informazzjoni jinkludu dawk ta' hawn taħt, iżda jstgħu jinkorporaw aspetti oħrajn tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, b'mod partikolari frabta mal-ġejjieni tal-politiki esterni tal-Unjoni:

- l-indirizzar tal-perċezzjoni pubblika tal-assistenza esterna, il-bini fuq ir-riżultati u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet skjerati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri fil-kuntest tas-Sena Ewropea tal-Iżvilupp 2015, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-Legat tas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp 2015, u dwar l-adozzjoni tal-Aġenda 2030 min-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2015. L-objettiv huwa li jiġi ċċarat li l-assistenza esterna hija parti integrali ta' dak li tagħmel l-Unjoni għall-benefiċċju kemm tal-popolazzjoni ta' pajjiżi sħab kif ukoll tal-kontribwenti Ewropej u li tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-fatt li l-Unjoni qed tikseb riżultati reali f'isem iċ-ċittadini tal-Unjoni fil-ġlieda kontra l-faqar u biex tappoġġa t-tkabbir sostenibbli madwar id-dinja kollha,
- l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ewlenin li jenfasizzaw ir-rwol ewleni tal-Unjoni fl-iżvilupp internazzjonali, notevolment l-edizzjoni annwali tal-Jiem Ewropej tal-Iżvilupp (European Development Days — EDD). Dan l-avveniment maġġuri sar wieħed mill-avvenimenti ewlenin fl-aġenda tal-Kummissjoni fejn jidħlu r-relazzjonijiet esterni. Huwa jiġbor flimkien lil dawk li jiffavorixxu l-iżvilupp, lil dawk li jagħmlu d-deċiżjonijiet u lill-prattikanti. Kull sena, l-EDD iservu ta' pjattaforma għal ideat ġodda dwar il-politika u għal rakkomandazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem qabel ma jsiru summits internazzjonali ewlenin. Huma jenfasizzaw l-importanza tar-rwol tal-Unjoni mhux biss bħala l-akbar donatur ta' assistenza għall-iżvilupp fid-dinja, iżda wkoll bħala waħda minn dawk fuq quddiem fid-dibattiti internazzjonali dwar il-politika għall-iżvilupp.
- l-organizzazzjoni ta' żjarat għal gruppi ta' ġurnalisti u gruppi oħra fil-mira.

Il-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Infommazzjoni (IGI), kopresedut mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, jippreskrivi linji gwida komuni għall-kooperazzjoni interistituzzjonali fi kwistjonijiet ta' politika tal-Unjoni dwar l-infommazzjoni u l-komunikazzjoni. Jikkoordina l-attivitajiet ta' infommazzjoni pubblika ċentralizzati u deċentralizzati dwar suġġetti Ewropej. Kull sena l-IGI jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-prijoritajiet għas-snin ta' wara fuq il-bażi ta' infommazzjoni provduta mill-Kummissjoni.

Din l-appropriazzjoni hija wkoll maħsuba sabiex tkopri:

- in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompi ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ad hoc għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,
- in-nefqa għall-istampar, it-traduzzjoni, studji, laqgħat ta' esperti, infommazzjoni u x-xiri ta' materjal informattiv marbut direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm.

**KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA** (ikompli)**21 08 02** (ikompli)

Hija tkopri wkoll l-ispejjeż ta' pubblikazzjoni, produzzjoni, ħżin, distribuzzjoni u tixrid tal-materjal informattiv, b'mod partikolari permezz tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, u spejjeż amministrattivi oħrajn relatati mal-koordinazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Il-kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-kompiti li jirriżultaw minn setgħat speċifiċi konferiti direttament lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 210 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess publiku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 472/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar is-Sena Ewropea għall-iżvilupp (2015) (ĠU L 136, 9.5.2014, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

## KAPITOLU 21 09 — TLESTIJA TA' AZZJONIJET IMPLIMENTATI FL-AMBITU TAL-PROGRAMM STRUMENT GĦALL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI+)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 09	TLESTIJA TA' AZZJONIJET IMPLIMENTATI FL-AMBITU TAL-PROGRAMM STRUMENT GĦALL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI+)								
<b>21 09 51</b>	<b>Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)</b>								
21 09 51 01	Asja	4	p.m.	5 161 244	p.m.	10 468 000	0,—	16 402 723,49	317,81
21 09 51 02	Amerka Latina	4	p.m.	893 143	p.m.	13 042 515	0,—	9 666 857,95	1 082,34
21 09 51 03	Afrika	4	p.m.	p.m.	p.m.	1 282 693	0,—	1 431 388,21	
	Artikolu 21 09 51 — Subtotal		p.m.	6 054 387	p.m.	24 793 208	0,—	27 500 969,65	454,23
	<b>Kapitolu 21 09 — Total</b>		<b>p.m.</b>	<b>6 054 387</b>	<b>p.m.</b>	<b>24 793 208</b>	<b>0,—</b>	<b>27 500 969,65</b>	<b>454,23</b>

**21 09 51 Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)**

21 09 51 01 Asja

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	5 161 244	p.m.	10 468 000	0,—	16 402 723,49

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1338/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 21).

21 09 51 02 Amerka Latina

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	893 143	p.m.	13 042 515	0,—	9 666 857,95

**KAPITOLU 21 09 — TLESTIJA TA' AZZJONIJIET IMPLIMENTATI FL-AMBITU TAL-PROGRAMM STRUMENT GĦALL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI+) (ikompli)**

**21 09 51** (ikompli)

21 09 51 02 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1338/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 21).

21 09 51 03 Afrika

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	1 282 693	0,—	1 431 388,21

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1338/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 21).

KUMMISSJONI

*TITOLU 22*

**VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR**



## TITOLU 22

## VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
22 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR"	167 697 810	167 697 810	164 498 708	164 498 708	156 802 853,21	156 802 853,21
22 02	PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR	1 287 877 832	1 176 132 420	1 803 453 832	1 082 227 752	2 379 866 412,45	1 033 398 173,77
	<i>Riżervi (40 02 41)</i>	<i>70 000 000</i>	<i>35 000 000</i>				
		1 357 877 832	1 211 132 420	1 803 453 832	1 082 227 752	2 379 866 412,45	1 033 398 173,77
22 04	STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)	2 435 530 106	2 336 883 728	2 540 127 860	1 936 238 875	2 367 575 598,73	2 144 533 490,74
	<b>Titolu 22 — Total</b>	<b>3 891 105 748</b>	<b>3 680 713 958</b>	<b>4 508 080 400</b>	<b>3 182 965 335</b>	<b>4 904 244 864,39</b>	<b>3 334 734 517,72</b>
	<i>Riżervi (40 02 41)</i>	<i>70 000 000</i>	<i>35 000 000</i>				
		<b>3 961 105 748</b>	<b>3 715 713 958</b>	<b>4 508 080 400</b>	<b>3 182 965 335</b>	<b>4 904 244 864,39</b>	<b>3 334 734 517,72</b>

KUMMISSJONI

TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

## TITOLU 22

## VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

## KAPITOLU 22 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
22 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR"					
<b>22 01 01</b>	<b><i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fil-qasam ta' politika "Viċinat u negozjati għat-tkabbir"</i></b>					
22 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali	5,2	35 848 371	35 346 352	33 634 274,43	93,82
22 01 01 02	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	23 442 450	22 506 376	20 972 762,35	89,46
	<i>Artikolu 22 01 01 — Subtotal</i>		59 290 821	57 852 728	54 607 036,78	92,10
<b>22 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Viċinat u negozjati għat-tkabbir"</i></b>					
22 01 02 01	Persunal estern — Kwartieri ġenerali	5,2	1 642 364	1 728 526	2 064 626,03	125,71
22 01 02 02	Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	812 407	1 480 435	1 136 560,07	139,90
22 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra — Kwartieri ġenerali	5,2	1 791 764	1 861 855	2 207 062,13	123,18
22 01 02 12	Nefqa maniġerjali oħra — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	1 025 842	1 073 975	1 090 165,32	106,27
	<i>Artikolu 22 01 02 — Subtotal</i>		5 272 377	6 144 791	6 498 413,55	123,25
<b>22 01 03</b>	<b><i>Nefqa b'rabta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Viċinat u negozjati għat-tkabbir"</i></b>					
22 01 03 01	Nefqa b'rabta mal-apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	2 317 357	2 207 145	2 586 293,85	111,61
22 01 03 02	binjiet u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	4 840 113	5 132 750	4 498 517,21	92,94
	<i>Artikolu 22 01 03 — Subtotal</i>		7 157 470	7 339 895	7 084 811,06	98,98

KUMMISSJONI  
TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

## KAPITOLU 22 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR" (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>22 01 04</b>	<b>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Viċinat u negozjati għat-tkabbir"</b>					
22 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)	4	43 251 419	42 161 419	39 585 901,73	91,53
22 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV)	4	49 709 723	47 795 875	45 253 277,75	91,04
22 01 04 03	Nefqa ta' sostenn għal fondi fiduċjarji amministrati mill-Kummissjoni	4	p.m.	p.m.	492 872,34	
	Artikolu 22 01 04 — Subtotal		92 961 142	89 957 294	85 332 051,82	91,79
<b>22 01 06</b>	<b>Aġenziji eżekuttivi</b>					
22 01 06 01	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni	4	729 000	789 000	798 460,—	109,53
22 01 06 02	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Strument Ewropew ta' Viċinat (SEV)	4	2 287 000	2 415 000	2 482 080,—	108,53
	Artikolu 22 01 06 — Subtotal		3 016 000	3 204 000	3 280 540,—	108,77
	<b>Kapitolu 22 01 — Total</b>		<b>167 697 810</b>	<b>164 498 708</b>	<b>156 802 853,21</b>	<b>93,50</b>

## 22 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fil-qasam ta' politika "Viċinat u negozjati għat-tkabbir"

22 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
35 848 371	35 346 352	33 634 274,43

22 01 01 02 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
23 442 450	22 506 376	20 972 762,35

## KUMMISSJONI

## TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

## KAPITOLU 22 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR" (ikompli)

**22 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Viċinat u negozjati għat-tkabbir"**

## 22 01 02 01 Persunal estern — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 642 364	1 728 526	2 064 626,03

## 22 01 02 02 Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
812 407	1 480 435	1 136 560,07

## 22 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra —Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 791 764	1 861 855	2 207 062,13

## 22 01 02 12 Nefqa maniġerjali oħra —Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 025 842	1 073 975	1 090 165,32

**22 01 03 Nefqa b'rabta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Viċinat u negozjati għat-tkabbir"**

## 22 01 03 01 Nefqa b'rabta mal-apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 317 357	2 207 145	2 586 293,85

KUMMISSJONI  
TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

## KAPITOLU 22 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR” (ikompli)

## 22 01 03 (ikompli)

22 01 03 02 binjiet u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 840 113	5 132 750	4 498 517,21

22 01 04 **Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika “Viċinat u negozjati għat-tkabbir”**

22 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
43 251 419	42 161 419	39 585 901,73

## Kummenti

Din l-approprjazzjonijiet hija intenzjonata li tkopri kostijiet amministrattivi marbuta direttament mal-implimentazzjon tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (*Instrument for Pre-Accession Assistance* — IPA), l-eliminazzjoni gradwali tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u TAIEX, b'mod partikolari:

- in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika fdata fidejn terzi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc għall-benefiċċju reċiproku tal-benefiċjarji u tal-Kummissjoni,
- nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati u persunal tal-aġenzija), limitata għal EUR 5 146 149. Din l-istima hija bbażata fuq il-kost proviżorju anwali għal kull unità għal kull sena tax-xogħol ta' persuna, li minnha hu stmat li 95 % hija r-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 5 % il-kost addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika (IT) u t-telekomunikazzjonijiet marbuta mal-persunal estern iffinanzjat minn din l-approprjazzjoni.
Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' tagħrif, dawn l-ammonti jitnisslu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. Huma jaqgħu lok għall-għoti ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jaqgħu lok għall-ftuħ ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 29 02.

KUMMISSJONI  
TITOLU 29 — STATISTIKA

KAPITOLU 29 02 — PROGRAMM EWROPEW TAL-ISTATISTIKA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
29 02	PROGRAMM EWROPEW TAL-ISTA- TISTIKA								
29 02 01	<i>Forniment ta' informazzjoni statistika ta' kwalità, l-implimentazzjoni ta' metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea u tisħiħ tas-sħubija fi ħdan is-Sistema Statistika Ewropea</i>	1,1	58 475 000	45 000 000	57 960 000	42 000 000	59 410 833,19	45 227 065,47	100,50
29 02 51	<i>Tlestija ta' programmi statistiċi (ta' qabel l-2013)</i>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	3 117 329,30	
<b>Kapitolu 29 02 — Total</b>			<b>58 475 000</b>	<b>45 000 000</b>	<b>57 960 000</b>	<b>42 000 000</b>	<b>59 410 833,19</b>	<b>48 344 394,77</b>	<b>107,43</b>

**29 02 01** *Forniment ta' informazzjoni statistika ta' kwalità, l-implimentazzjoni ta' metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea u tisħiħ tas-sħubija fi ħdan is-Sistema Statistika Ewropea*

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
58 475 000	45 000 000	57 960 000	42 000 000	59 410 833,19	45 227 065,47

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri dawn li ġejjin:

- ġbir ta' dejta statistika u stħarriġiet, studji u żvilupp ta' indikaturi u punti ta' riferiment,
- studji u attivitajiet ta' kwalità maħsuba biex itejbu l-kwalità tal-istatistika,
- l-ipproċessar, id-disseminazzjoni, il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' informazzjoni statistika,
- l-iżvilupp, iż-żamma u l-iñġinerija mill-ġdid tas-sistemi u l-infrastrutturi tal-IT b'rabta mad-dħul fis-seħħ u l-miżuri ta' monitoraġġ li jaqgħu taħt dan l-artikolu,
- ħidma ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju fis-siti tal-entitajiet involuti fil-produzzjoni ta' informazzjoni statistika fl-Istati Membri, b'mod speċjali għall-appoġġ tal-governanza ekonomika tal-Unjoni,
- appoġġ għal networks kollaborattivi u appoġġ għal organizzazzjonijiet li l-għanijiet u l-attivitajiet ewlenin tagħhom huma l-promozzjoni u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea u l-implimentazzjoni ta' metodi ġodda ta' produzzjoni tal-istatistika Ewropea,

**KAPITOLU 29 02 — PROGRAMM EWROPEW TAL-ISTATISTIKA** (*ikompli*)**29 02 01** (*ikompli*)

- servizzi mogħtija minn esperti esterni,
- korsijiet ta' taħriġ fl-istatistika għall-istatitiki,
- il-kost għax-xiri tad-dokumentazzjoni,
- sussidji u sottoskrizzjonijiet f'assoċjazzjonijiet internazzjonali tal-istatistika.

Dan huwa maħsub ukoll li jiżgura l-għbir tal-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' rapport annwali fil-qosor dwar l-istat ekonomiku u soċjali tal-Unjoni, imsejjes fuq dejta ekonomika u indikaturi u punti ta' referenza strutturali.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet li saru bit-taħriġ ta' statistiki nazzjonali u l-politika ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistiki ma' pajjiżi terzi; in-nefqa relatata mal-iskambji ta' uffiċjali, il-kostijiet tal-laqqgħat ta' informazzjoni, u n-nefqa biex tħallas għal servizzi mogħtija fir-rigward tal-aġġustament tar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u persunal ieħor.

Minn dan l-artikolu hija mħallsa wkoll in-nefqa għax-xiri ta' dejta u għall-aċċess għad-dipartimenti tal-Kummissjoni lil bażijiet ta' dejta esterni.

Barra minn hekk, il-finanzjament għandu jintuża għall-iżvilupp ta' tekniki modulari ġodda.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba ukoll li jkopri l-forniment tal-informazzjoni statistika meħtieġa, fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni, għall-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tan-nefqa tal-Unjoni. Dan se jtejjeb l-implimentazzjoni tal-politika finanzjarja u baġitarja (it-tħejjija tal-baġit u r-reviżjoni perjodika tal-qafas finanzjarju pluriennali), u se jippermetti l-kompilazzjoni ta' dejta fuq terminu medju u twil għall-iffinanzjar tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' taħriġ, it-tali ammonti jitnisslu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA, imdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; Huma jagħtu lok għall-għoti ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Punt 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

KUMMISSJONI  
TITOLU 29 — STATISTIKA

KAPITOLU 29 02 — PROGRAMM EWROPEW TAL-ISTATISTIKA (ikompli)

**29 02 51 Tlestija ta' programmi statistiċi (ta' qabel l-2013)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	3 117 329,30

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' taġrif, it-tali ammonti jtnisslu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; Huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Punt 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar Statistika tal-Komunità (ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 507/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 li tikkonċerna sett ta' azzjonijiet dwar in-netwerk trans-Ewropew għall-ġbir, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistiċi dwar il-kummerċ tal-merkanzija ġewwa l-Komunità u bejn il-Komunità u pajjiżi mhux membri (Edicom) (ĠU L 76, 16.3.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 2367/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-programm tal-istatistiċi fil-Komunità bejn l-2003 sal-2007 (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1578/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-Programm Statistiku Komunitarju 2008 sa l-2012 (ĠU L 344, 28.12.2007, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

*TITOLU 30*

**PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA**

KUMMISSJONI

TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

**TITOLU 30****PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA****Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)**

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
30 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA"	1 899 409 800	1 796 802 000	1 684 492 659,39
	<b>Titolu 30 — Total</b>	<b>1 899 409 800</b>	<b>1 796 802 000</b>	<b>1 684 492 659,39</b>

## TITOLU 30

## PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
30 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA"					
<b>30 01 13</b>	<b>Gratifiki għal eks-Membri</b>					
30 01 13 01	Gratifiki temporanji	5,2	141 000	2 552 000	2 381 512,49	1 689,02
30 01 13 03	Peżar u aġġustamenti għal allowances temporanji.	5,2	21 000	303 000	341 981,55	1 628,48
	<i>Artikolu 30 01 13 — Subtotal</i>		162 000	2 855 000	2 723 494,04	1 681,17
<b>30 01 14</b>	<b>Gratifiki għal persunal assenjat status mhux attiv, irtirat fl-interessi tas-servizz jew imkeċċi</b>					
30 01 14 01	Gratifiki għal persunal assenjat status mhux attiv, irtirat fl-interessi tas-servizz jew imkeċċi	5,2	6 168 000	3 900 000	226 579,61	3,67
30 01 14 02	Assigurazzjoni kontra l-mard	5,2	210 000	133 000	5 171,01	2,46
30 01 14 03	Ponderazzjonijiet u aġġustamenti għall-gratifiki	5,2	64 000	58 000	9 942,58	15,54
	<i>Artikolu 30 01 14 — Subtotal</i>		6 442 000	4 091 000	241 693,20	3,75
<b>30 01 15</b>	<b>Pensjonijiet u gratifiki</b>					
30 01 15 01	Pensjonijiet, gratifiki għall-invalidità u għotjiet għat-terminazzjoni tal-impjeg	5,1	1 743 689 400	1 650 993 000	1 567 310 596,32	89,88
30 01 15 02	Assigurazzjoni kontra l-mard	5,1	57 644 600	54 274 000	50 780 203,54	88,09
30 01 15 03	Ponderazzjonijiet u aġġustamenti għall-pensjonijiet u l-gratifiki	5,1	65 817 600	59 502 000	42 451 179,08	64,50
	<i>Artikolu 30 01 15 — Subtotal</i>		1 867 151 600	1 764 769 000	1 660 541 978,94	88,93
<b>30 01 16</b>	<b>Pensjonijiet ta' ex Membri - Istittuzzjonijiet</b>					
30 01 16 01	Pensjonijiet tal-ex Membri tal-Parlament Ewropew	5,1	3 852 600	3 719 000	2 694 482,88	69,94

## KUMMISSJONI

## TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>30 01 16</b>	(ikompli)					
30 01 16 02	Pensjonijiet tal-ex Presidenti tal-Kunsill Ewropew	5,1	77 000	7 000	0,—	0
30 01 16 03	Pensjonijiet tal-ex Membri tal-Kummissjoni	5,1	7 377 800	6 705 000	5 759 184,65	78,06
30 01 16 04	Pensjonijiet ta' ex Membru tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	5,1	9 312 800	9 613 000	8 198 734,39	88,04
30 01 16 05	Pensjonijiet tal-ex Membri tal-Qorti tal-Awdituri	5,1	4 706 600	4 790 000	4 155 814,75	88,30
30 01 16 06	Pensjonijiet ta' ex Ombudsmen Ewropej	5,1	244 400	212 000	137 854,08	56,41
30 01 16 07	Pensjonijiet ta' ex Kontrolluri Ewropej għall-Protezzjoni tad-Dejta	5,1	83 000	41 000	39 422,46	47,50
	Artikolu 30 01 16 — Subtotal		25 654 200	25 087 000	20 985 493,21	81,80
	<b>Kapitolu 30 01 — Total</b>		<b>1 899 409 800</b>	<b>1 796 802 000</b>	<b>1 684 492 659,39</b>	<b>88,69</b>

**30 01 13 Gratifiki għal eks-Membri**

## 30 01 13 01 Gratifiki temporanji

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
141 000	2 552 000	2 381 512,49

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- gratifiki transitorji,
- gratifiki għall-familja,

tal-Membri tal-Kummissjoni wara tmiem is-servizz.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, u tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).



KUMMISSJONI  
TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)

## 30 01 13 (ikompli)

30 01 13 03 Peżar u aġġustamenti għal allowances temporanji.

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
21 000	303 000	341 981,55

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata sabiex tkopri l-kost tal-ponderazzjonijiet applikati fuq gratifiki temporanji ta' membri li spiċċaw mill-Kummissjoni u ta' persuni oħra intitolati għal dawn il-pagamenti.

Parti minn din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' kwalunkwe aġġustamenti għall-gratifiki temporanji matul is-sena finanzjarja. Din hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara li tkun trasferita lill-partiti l-oħra ta' dan il-kapitolu skont ir-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967, li jstabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali u tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 187, 8.8.1967, p. 1, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 27).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

30 01 14 **Gratifiki għal persunal assenjat status mhux attiv, irtirat fl-interessi tas-servizz jew imkeċċi**

30 01 14 01 Gratifiki għal persunal assenjat status mhux attiv, irtirat fl-interessi tas-servizz jew imkeċċi

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
6 168 000	3 900 000	226 579,61

## KUMMISSJONI

## TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)

30 01 14 (ikompli)

30 01 14 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri gratifiki għall-uffiċjali:

- assenjati għall-istatus mhux attiv wara tnaqqis fin-numri ta' karigi fl-istituzzjoni,
- li jkollhom kariga fil-grad ta' AD 16, AD 15 jew AD 14 u rtiraw fl-interessi tas-servizz.

Tkopri wkoll nefqa ġejja mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill fuq miżuri speċjali u/jew temporanji għat-tmiem tas-servizz ta' uffiċjali u/jew persunal temporanju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1746/2002 tat-30 ta' Settembru 2002 li jintroduċi, fil-kuntest tar-riforma tal-Kummissjoni, miżuri speċjali biex jittterminaw l-impjeg ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej appuntati għal post stabbilit fil-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 264, 2.10.2002, p. 1).

30 01 14 02 Assigurazzjoni kontra l-mard

*Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
210 000	133 000	5 171,01

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-impjegatur għall-assigurazzjoni tal-mard għall-persuni li jirċievu gratifiki għall-għoti ta' status mhux attiv, irtirar fl-interess tas-servizz jew tkeċċija.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

30 01 14 03 Ponderazzjonijiet u aġġustamenti għall-gratifiki

*Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
64 000	58 000	9 942,58

KUMMISSJONI  
TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)

30 01 14 (ikompli)

30 01 14 03 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża ta' kwalunkwe aġġustamenti għall-gratifikasi matul is-sena finanzjarja. Hija purament provviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal partiti oħra f'dan il-kapitolu f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

30 01 15 **Pensjonijiet u gratifiki**

30 01 15 01 Pensjonijiet, gratifiki għall-invalidità u għotjiet għat-terminazzjoni tal-impjeg

## Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 743 689 400	1 650 993 000	1 567 310 596,32

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- pensjonijiet tal-irtirar ta' uffiċjali, persunal temporanju jew kuntrattwali tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-appropriazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,
- pensjonijiet tal-invalidità ta' uffiċjali u persunal temporanju tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-appropriazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,
- gratifiki ta' invalidità ta' uffiċjali, persunal temporanju jew kuntrattwali tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-appropriazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)

## 30 01 15 (ikompli)

## 30 01 15 01 (ikompli)

- pensjonijiet ta' superstiti lill-konjugi superstiti u'jew orfni ta' eksuffiċjali u persunal temporanju u kuntrattwali tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-appropriazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,
- għotjiet ta' terminazzjoni ta' uffiċjali, persunal temporanju u kuntrattwali tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-appropriazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,
- pagamenti tal-ekwivalenti attwarju ta' pensjonijiet tal-irtirar,
- pagamenti (bonus tal-pensjoni) lil *ex* membri tar-Reżistenza (jew lill-konjugi superstiti u/jew orfni tagħhom) li kienu deportati jew internati,
- pagamenti ta' għajjnuna finanzjarja għal konjugi superstiti li jkollu/jkollha marda serja jew fit-tul jew li jkollu/jkollha diżabbiltà, għat-tul ta' żmien tal-marda jew tad-diżabbiltà fuq il-bażi ta' eżami taċ-ċirkostanza soċjali jew medika tal-persuna kkonċernata.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## 30 01 15 02 Assigurazzjoni kontra l-mard

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
57 644 600	54 274 000	50 780 203,54

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-kontribuzzjoni tal-impjegatur għall-assigurazzjoni tal-mard lill-pensjonati.

Tkopri wkoll pagamenti supplimentari għar-rimborż ta' spejjeż mediċi għal *ex* membri tar-Reżistenza li kienu deportati jew internati.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)****30 01 15** (ikompli)

30 01 15 03 Ponderazzjonijiet u aġġustamenti għall-pensjonijiet u l-gratifikati

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
65 817 600	59 502 000	42 451 179,08

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett tal-ponderazzjonijiet applikabbli għal pensjonijiet.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' kwalunkwe aġġustamenti għall-pensjonijiet matul is-sena finanzjarja. Din hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara li tkun trasferita lill-partiti oħra ta' dan il-kapitolu skont ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**30 01 16** **Pensjonijiet ta' ex Membri - Istituzzjonijiet**

30 01 16 01 Pensjonijiet tal-ex Membri tal-Parlament Ewropew

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 852 600	3 719 000	2 694 482,88

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet tal-irtirar, pensjonijiet tal-invalidità u pensjonijiet tas-superstiti ta' ex Membri tal-Parlament Ewropew.

*Bażi ġuridika*

L-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, u b'mod partikulari l-Artikoli 14, 15, 17 u 28 tiegħu.

Il-miżuri ta' implimentazzjoni għall-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew (inklużi l-Artikoli 49 sa 60 tiegħu u dispożizzjonijiet relevanti adottati mill-Bureau tal-Parlament Ewropew).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)

## 30 01 16 (ikompli)

## 30 01 16 02 Pensjonijiet tal-ex Presidenti tal-Kunsill Ewropew

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
77 000	7 000	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet tal-irtirar u pensjonijiet tal-invalidità ta' Presidenti tal-Kunsill Ewropew preċedenti, u, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom, u l-pensjonijiet tas-superstiti għar-romol u għall-iltiema ta' Presidenti tal-Kunsill Ewropew preċedenti, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/909/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' impjeg tal-President tal-Kunsill Ewropew (ĠU L 322, 9.12.2009, p. 35).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

## 30 01 16 03 Pensjonijiet tal-ex Membri tal-Kummissjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
7 377 800	6 705 000	5 759 184,65

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet tal-irtirar u pensjonijiet tal-invalidità ta' Membri tal-Kummissjoni preċedenti, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom, u l-pensjonijiet tas-superstiti għar-romol u għall-iltiema ta' Membri tal-Kummissjoni preċedenti, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiżresidenzjali tagħhom.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)

30 01 16 (ikompli)

30 01 16 03 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

30 01 16 04 Pensjonijiet ta' ex Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
9 312 800	9 613 000	8 198 734,39

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet tal-irtirar u pensjonijiet tal-invalidità ta' Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea preċedenti, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom, u l-pensjonijiet tas-superstiti għar-romol u għall-iltiema ta' Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea preċedenti, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom.

## Bażi ġuridika

Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967, li jstabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti ta' Ġenerali u tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 27), u b'mod partikolari l-Artikoli 8, 9, 15 u 18 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

30 01 16 05 Pensjonijiet tal-ex Membri tal-Qorti tal-Awdituri

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 706 600	4 790 000	4 155 814,75

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet tal-irtirar u pensjonijiet tal-invalidità ta' Membri tal-Qorti tal-Awdituri preċedenti, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom, u l-pensjonijiet tas-superstiti għar-romol u għall-iltiema ta' Membri tal-Qorti tal-Awdituri preċedenti, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)

30 01 16 (ikompli)

30 01 16 05 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2290/77 tat-18 ta' Ottubru 1977 li jstabilixxi l-emolumenti tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri (ĠU L 268, 20.10.1977, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 9, 10, 11 u 16 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

30 01 16 06 Pensjonijiet ta' ex Ombudsmen Ewropej

*Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
244 400	212 000	137 854,08

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet tal-irtirar u pensjonijiet tal-invalidità tal-Ombudsman Ewropew preċedenti flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom, u tal-pensjonijiet tas-superstiti għar-romol u tal-iltiema, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom u d-differenzi applikati skont il-pajjiż residenzjali tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967, li jstabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti ta' Ġenerali u tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 27), u b'mod partikolari l-Artikoli 8, 9, 15 u 18 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

30 01 16 07 Pensjonijiet ta' ex Kontrolluri Ewropej għall-Protezzjoni tad-Dejta

*Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
83 000	41 000	39 422,46



KUMMISSJONI  
TITOLU 30 — PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA

## KAPITOLU 30 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA" (ikompli)

30 01 16 (ikompli)

30 01 16 07 (ikompli)

*Kummenti*

D Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet tal-irtirar u pensjonijiet tal-invalidità ta' ex Kontrolluri Ewropej għall-Protezzjoni tad-Data, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom, u tal-pensjonijiet tas-superstiti għar-romol u tal-iltiema ta' ex Kontrolluri Ewropej għall-Protezzjoni tad-Data, flimkien mal-ponderazzjonijiet applikabbli għall-pajjiż residenzjali tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967, li jstabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti ta' Ġenerali u tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 27), u b'mod partikolari l-Artikoli 8, 9, 15 u 18 tiegħu.

Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 31*

**SERVIZZI LINGWISTIĊI**

## TITOLU 31

## SERVIZZI LINGWISTIĊI

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
31 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SERVIZZI LINGWISTIĊI"	398 802 462	407 877 123	437 381 657,05
	<b>Titolu 31 — Total</b>	<b>398 802 462</b>	<b>407 877 123</b>	<b>437 381 657,05</b>

KUMMISSJONI

TITOLU 31 — SERVIZZI LINGWISTIĊI

## TITOLU 31

## SERVIZZI LINGWISTIĊI

## KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SERVIZZI LINGWISTIĊI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
31 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SERVIZZI LINGWISTIĊI"					
<b>31 01 01</b>	<b>Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Servizzi lingwistiċi"</b>	5,2	325 446 971	333 902 920	332 138 700,21	102,06
<b>31 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Servizzi lingwistiċi"</b>					
31 01 02 01	Persunal estern	5,2	10 812 924	10 636 511	9 418 589,23	87,10
31 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	4 184 600	4 430 672	6 421 241,34	153,45
	<i>Artikolu 31 01 02 — Subtotal</i>		14 997 524	15 067 183	15 839 830,57	105,62
<b>31 01 03</b>	<b>Nefqa marbuta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa operatorja oħra tal-qasam ta' politika "Servizzi Lingwistiċi"</b>					
31 01 03 01	Nefqa marbuta mat-tagħmir u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	21 037 967	20 850 020	25 540 659,59	121,40
31 01 03 04	Apparat tekniku u servizzi għas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni	5,2	2 300 000	2 300 000	3 429 138,66	149,09
31 01 03 05	Infiq għall-organizzazzjoni tal-konferenzi	5,2	p.m.			
	<i>Artikolu 31 01 03 — Subtotal</i>		23 337 967	23 150 020	28 969 798,25	124,13
<b>31 01 07</b>	<b>Nefqa għall-interpretazzjoni</b>					
31 01 07 01	Nefqa għall-interpretazzjoni	5,2	16 240 000	17 375 000	39 709 291,29	244,52
31 01 07 02	Taħriġ u taħriġ ulterjuri ta' interpreti tal-konferenzi	5,2	374 000	363 000	973 322,06	260,25
31 01 07 03	Nefqa għat-teknoloġija informatika tad-Direttorat Ġenerali tal-Interpretazzjoni	5,2	1 299 000	1 270 000	3 492 492,22	268,86
	<i>Artikolu 31 01 07 — Subtotal</i>		17 913 000	19 008 000	44 175 105,57	246,61

KUMMISSJONI  
TITOLU 31 — SERVIZZI LINGWISTIĊI

## KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SERVIZZI LINGWISTIĊI" (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>31 01 08</b>	<b>Nefqa għat-traduzzjoni</b>					
31 01 08 01	Nefqa għat-traduzzjoni	5,2	15 000 000	14 530 000	12 707 063,03	84,71
31 01 08 02	Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni	5,2	1 507 000	1 579 000	2 240 737,88	148,69
	<i>Artikolu 31 01 08 — Subtotal</i>		16 507 000	16 109 000	14 947 800,91	90,55
<b>31 01 09</b>	<b>Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku</b>	5,2	600 000	640 000	1 310 421,54	218,40
<b>31 01 10</b>	<b>Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea</b>	5,2	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>Kapitolu 31 01 — Total</b>		<b>398 802 462</b>	<b>407 877 123</b>	<b>437 381 657,05</b>	<b>109,67</b>

**31 01 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Servizzi lingwistiċi"**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
325 446 971	333 902 920	332 138 700,21

**31 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Servizzi lingwistiċi"**

31 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
10 812 924	10 636 511	9 418 589,23

31 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 184 600	4 430 672	6 421 241,34

**31 01 03 Nefqa marbuta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa operatorja oħra tal-qasam ta' politika "Servizzi Lingwistiċi"**

31 01 03 01 Nefqa marbuta mat-tagħmir u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
21 037 967	20 850 020	25 540 659,59

KUMMISSJONI

TITOLU 31 — SERVIZZI LINGWISTIĊI

## KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SERVIZZI LINGWISTIĊI" (ikompli)

## 31 01 03 (ikompli)

31 01 03 04 Apparat tekniku u servizzi għas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 300 000	2 300 000	3 429 138,66

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa għal:

- tagħmir meħtieġ għall-operat tal-kmamar tal-konferenzi tal-Kummissjoni,
- servizzi tekniċi relatati mal-operat tal-laqgħat u tal-konferenzi tal-Kummissjoni fi Brussell.

Appropriazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti għar-riċerka jiddaħħlu taħt partiti differenti fl-Artikolu 01 u 05 tat-titli kkonċernati.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba fit-territoru tal-Unjoni:

## Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

31 01 03 05 Infiq għall-organizzazzjoni tal-konferenzi

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.		

## Kummenti

## Partita ġdida

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa (inkluż it-tagħmir, is-servizzi u spejjeż oħra) meħtieġa għall-organizzazzjoni ċentralizzata ta' konferenzi u avvenimenti organizzati mid-Direttorat Ġenerali tal-Interpretazzjoni għal Dipartimenti oħrajn tal-Kummissjoni, istituzzjonijiet, korpi, uffiċji u aġenziji tal-Unjoni. Bħala regola, il-kosti mġarrba għandhom jiġu rkuprati bħala dħul assenjat minn dawn l-entitajiet skont regoli applikabbli u skont ftehimiet speċifiċi.

**KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “SERVIZZI LINGWISTIĊI” (ikompli)****31 01 03** (ikompli)

## 31 01 03 05 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet b'rabta diretta mal-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod u s-servizzi korporattivi għall-organizzazzjoni ta' konferenzi u avvenimenti assimilati.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni u 'l barra minnu.

Id-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju jista' jiġi rreġistrat taħt din il-partita.

**31 01 07 Nefqa għall-interpretazzjoni**

## 31 01 07 01 Nefqa għall-interpretazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
16 240 000	17 375 000	39 709 291,29

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri:

- ir-rimunerazzjoni tal-interpreti freelance (Interpreti Awżiljarji tal-Konferenzi — ACIs) impjegati mid-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni skont l-Artikolu 90 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjegi ta' Uffiċjali Oħra mal-Unjoni Ewropea, biex id-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni jkun jista' jagħmel għadd biżżejjed ta' interpreti tal-konferenzi kwalifikati disponibbli għall-istituzzjonijiet li lilhom jipprovdi servizzi ta' interpretazzjoni,
- ir-remunerazzjoni tinkludi, minbarra t-tariffi, il-kontribuzzjonijiet għal skema tal-provvediment tal-pensjoni u tas-saħħa, u għal assigurazzjoni tal-mard u tal-aċċidenti, flimkien ma', għall-interpreti li l-post tad-domiċilju professjonali mhuwiex il-post tal-assenjament, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni u l-pagament ta' gratifiki ta' sussistenza,
- l-ispejjeż b'rabta mat-testijiet tal-akkreditazzjoni tal-ACIs, prinċipalment ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni, u l-ħlas ta' gratifiki għas-sussistenza,
- is-servizzi lill-Kummissjoni provduti mill-interpreti tal-Parlament Ewropew (uffiċjali, persunal temporanju u AIK),
- kosti b'rabta ma' servizzi pprovduti minn interpreti b'rabta mal-preparazzjoni ta' laqgħat,
- il-kuntratti għas-servizzi tal-interpretazzjoni li kkonkluda d-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni permezz ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-laqgħat li organizzat il-Kummissjoni f'pajjiżi terzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 30 080 000.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 31 — SERVIZZI LINGWISTIĊI

## KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SERVIZZI LINGWISTIĊI" (ikompli)

31 01 07 (ikompli)

31 01 07 01 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jirregolaw in-nominazzjoni u r-rimunerazzjoni u l-kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

*Atti ta' referenza*

Id-direttiva interna tal-Kummissjoni; Il-Konklużjoni 252/08 tal-15 ta' Frar 2008 — Ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-reġim pekunarju għall-aġenti tal-interpretar fil-konferenzi (ACI's) ikkuntrattati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

31 01 07 02 Taħriġ u taħriġ ulterjuri ta' interpreti tal-konferenzi

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
374 000	363 000	973 322,06

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa b'rabta mal-attivitajiet li jippermettu l-ikkuntrattar ta' għadd biżżejjed ta' interpreti tal-konferenzi kkwalifikati, b'mod partikolari għal ċerti kombinamenti ta' lingwi, u għall-iffinanzjar ta' taħriġ speċifiku għall-interpreti tal-konferenzi.

Fuq in-naħa esterna, dan jinkludi, b'mod partikolari, għotjiet lil universitajiet, taħriġ għall-ħarrieġa u programmi ta' sostenn edukattiv, flimkien ma' boroż ta' studju għall-istudenti. Tinkludi wkoll azzjonijiet ta' taħriġ speċifiku għall-interpreti tal-persunal, bħal taħriġ tematiku, soġġorni lingwistiċi, korsijiet refresher u intensivi.

Skont il-ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ACI's (Aġenti tal-Interpretar fil-Konferenzi) din il-kategorija tal-interpreti għandha aċċess għal sostenn limitat għat-taħriġ tal-lingwa (jiġifieri boroż ta' studju (bursaries) u vawċers tat-taħriġ tal-lingwa).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 726 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.



**KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SERVIZZI LINGWISTIĊI" (ikompli)****31 01 07** (ikompli)

31 01 07 02 (ikompli)

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-direttiva interna tal-Kummissjoni; Il-Konklużjoni 252/08 tal-15 ta' Frar 2008 — Ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-reġim pekunarju għall-aġenti tal-interpretar fil-konferenzi (ACI's) ikkuntrattati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

31 01 07 03 Nefqa għat-teknoloġija informatika tad-Direttorat Ġenerali tal-Interpretazzjoni

*Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 299 000	1 270 000	3 492 492,22

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa kollha għat-teknoloġija tal-informatika tad-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni fosthom:

- ix-xiri jew il-kiri ta' kompjuters personali, servers u mikrokompjuters, il-kost ta' faċilitajiet ta' back-up, terminali, periferali, apparat għall-konnessjoni, photocopiers, printers u scanners, it-tagħmir elettroniku kollu li jintuża fid-Direttorat Ġenerali għall-uffiċċji tal-Interpretazzjoni jew fil-kmamar tal-laqqhat, is-softwer meħtieġ għall-operat ta' dan it-tagħmir, l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-fornimenti assoċjati,
- l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni u t-tixrid tal-messaġġi għad-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni, inklużi d-dokumentazzjoni, it-taħriġ speċifiku dwar dawn is-sistemi, l-istudji u l-kisba tal-għarfien espert u l-kompetenzi fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika: il-kwalità, is-sigurtà, it-teknoloġija, l-internet, il-metodoloġija tal-iżvilupp, il-ġestjoni tad-dejta,
- is-sostenn tekniku u loġistiku, il-personal estern għall-operat u l-amministrazzjoni tal-bażijiet tad-dejta, is-servizzi tal-uffiċċju u l-abbonamenti,
- ix-xiri jew il-kiri, il-manutenzjoni, is-sostenn għat-tagħmir u għas-softwer ta' trażmissjoni u ta' komunikazzjoni kif ukoll it-taħriġ u t-tariffi li jirriżultaw minnhom.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 901 000.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 31 — SERVIZZI LINGWISTIĊI

## KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SERVIZZI LINGWISTIĊI" (ikompli)

**31 01 08 Nefqa għat-traduzzjoni**

## 31 01 08 01 Nefqa għat-traduzzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
15 000 000	14 530 000	12 707 063,03

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa għat-traduzzjoni esterna u servizzi oħra lingwistiċi u tekniċi relatati fdati lil kuntratturi esterni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100 000.

## 31 01 08 02 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 507 000	1 579 000	2 240 737,88

*Kummenti*

Fir-rigward tat-terminoloġija u l-bażijiet tad-dejta lingwistiċi, għodod tat-traduzzjoni u nefqa dokumentarja u bibbjo-tekarja għad-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni, din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri:

- in-nefqa għall-akkwist, l-iżvilupp u l-adattament ta' softwer tat-traduzzjoni u għodod jew għajnuniet għat-traduzzjoni u l-akkwist, il-konsolidament u l-estenzjoni tal-kontenuti tal-bażijiet tad-dejta lingwistiċi u terminoloġiċi, memorji tat-traduzzjoni u d-dizzjunarji tat-traduzzjoni awtomatika, partikolarment biex ikun hemm trattament aktar effiċjenti tal-multilingwiżmu u kooperazzjoni interistituzzjonali mtejba,
- in-nefqa dokumentarja u bibbjo-tekarja biex tissodisfa l-ħtiġijiet tat-tradutturi, partikolarment:
  - biex il-libreriji jitfornew b'kotba monolingwi u b'abbonamenti għal gazzetti u perjodiċi magħżula,
  - biex jiġu pprovduti allokazjonijiet individwali għall-kisba ta' stokks ta' dizzjunarji u gwidi għal-lingwa għat-tradutturi l-ġodda,
  - biex jinkisbu dizzjunarji, enċiklopediji u vokabolarji f'forma elettronika jew permezz tal-web minn databażijiet dokumentarji,
  - biex jiġi kostitwit u jinżamm stokk bażiku ta' libreriji multilingwi billi jinxtrow kotba ta' referenza.

**KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “SERVIZZI LINGWISTIĊI” (ikompli)****31 01 08** (ikompli)

31 01 08 02 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, bl-esklużjoni tas-siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li għalih tiddaħħal in-nefqa fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 333 000.

**31 01 09 Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
600 000	640 000	1 310 421,54

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa relattiva għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni organizzati mill-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-lingwi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 610 000.

**31 01 10 Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-persunal u n-nefqa amministrattiva (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva (Titolu 3) taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni).

Ir-riżorsi baġitarji taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-aġenziji li għalihom jaħdem u mill-istituzzjonijiet u l-korpi li magħhom jikkopera, mingħajr ħsara għal dħul ieħor.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 23 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandhom jintiżżlu taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul ġenerali.

KUMMISSJONI

TITOLU 31 — SERVIZZI LINGWISTIĊI

KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SERVIZZI LINGWISTIĊI" (ikompli)

**31 01 10** (ikompli)

It-tabella tal-persunal taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni hija stabbilita fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI** (ikompli)

**32 02 77** (ikompli)

**32 02 77 10** (ikompli)

Dan il-proġett pilota se jippromwovi l-effiċjenza enerġetika fil-makroreġjun Joniku-Adrijatiku permezz ta' finanzjament tal-inizjattivi reġjonali/lokali li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni tal-enerġija fil-bini residenzjali pubbliku jew privat. Abbażi tal-premessa li l-makroreġjun Joniku-Adrijatiku jaffaċċja riskju għoli ta' faqar enerġetiku (aktar minn 50 %), il-proġett pilota se jkollu l-għan li jindirizza l-problema billi jipprovi skemi pilota ta' rinnovament fid-djar għal bini residenzjali privat rappreżentattivi fi nħawi magħżula fil-makroreġjuni. Minħabba l-possibilità li tintuża l-enerġija rinnovabbli, li l-makroreġjun għandu provvista potenzjali enormi minnha, kif ukoll tekniki ta' rinnovament bl-aħħar żviluppi teknoloġiċi, il-proġett se jnaqqas il-konsum tal-enerġija jindirizza l-faqar enerġetiku, u jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Il-proġett se jipprovi mudell kif ir-rinnovament tal-bini jista' jsir aktar faċli u biex iżid is-sahem tal-enerġija rinnovabbli fil-makroreġjun. L-eżiti tal-proġett se jiġu vvalutati fil-livell reġjonali sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-fondi strutturali u l-finanzjament addizzjonali biex jiġu promossi l-programmi ta' effiċjenza enerġetika fuq skala ikbar li jiġu implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**32 02 77 11** Proġett pilota — Studju ta' fattibilità għall-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit fis-suq tal-enerġija Ewropew

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
400 000	200 000				

*Kummenti*

Il-proġett pilota se jstabilixxi pjattaforma tal-aħħar Prattiki u parir tekniku, abbażi tal-esperjenza u l-ħtiġijiet tal-atturi l-ġodda fis-suq tal-enerġija, biex b'hekk il-Kummissjoni tiġi meħjuna tistimola l-iżvilupp ta' standards tekniciġhar-reġistri distribwiti.

Biex dan iseħħ, se jitwettqu l-attivitajiet li ġejjin matul il-proġett:

- l-analiżi tar-reġistru distribwit eżistenti abbażi tat-teknoloġija bi blokk f'katina, fejn l-għan huwa l-fehim tal-problemi u s-soluzzjonijiet li jinstabu matul l-istabbiliment u l-użu ta' reġistru distribwit f'każijiet reali;
- l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-partijiet interessati fis-suq tal-enerġija (fornituri tal-enerġija istituzzjonalizzati, organizzazzjonijiet tal-prosumaturi, organizzazzjonijiet tal-komunitajiet tal-enerġija, eċċ.); minn sħarriġ li sar fl-2016 mill-Aġenzija tal-Enerġija Ġermaniża (Dena) irriżulta li 52 % tal-atturi tal-enerġija Ġermaniżi kienu diġà qed jimplimentaw jew jipplanaw attivitajiet fil-qasam tal-katina bi blokk; l-analiżi se tiffoka fuq dawn l-attivitajiet biex tifhem il-ħtiġijiet tal-atturi kkonċernati; se jiġi stabbilit ukoll grupp tal-assoċjazzjonijiet tal-prosumaturi;
- l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' informazzjoni dwar ir-reġistri distribwiti abbażi tat-teknoloġija bi blokk f'katina;
- l-istabbiliment ta' netwerk għall-partijiet interessati fis-suq il-ġdid tal-enerġija; dan se jkun għodda biex jinxterdu u jiġu kondiviżi l-aħħar Prattiki u parir tekniku.

## KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 11 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

32 02 77 12 Azzjoni preparatorja — Nistabbilixxu appoġġ komprensiv għal reġjuni fi tranżizzjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 700 000	850 000				

## Kummenti

L-irkupru tal-Unjoni mill-kriżi ekonomika u l-implimentazzjoni effikaċi tal-għanijiet ewlenin tagħha ta' tkabbir b'saħħtu u kompetittività globali, inkluż permezz tal-industrijalizzazzjoni mill-ġdid u l-modernizzazzjoni sostenibbli tal-ekonomija tal-Unjoni, trid tkun imsejja fuq sostenibbiltà fit-tul, fuq livell ambjentali, ekonomiku u soċjali. Fil-kuntest tal-impenji klimatiċi ambizzjużi tal-UE u t-tranżizzjoni tagħha lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi bbażata fuq il-mudell ċirkolari, ir-reġjuni tagħha intensivi fil-faħam u l-karbonju b'proporzjon għoli ta' ħaddiema f'setturi li jiddependu fuq il-karbonju għandhom bżonn ta' appoġġ immirat biex jikkontribwixxu b'mod effikaċi għal din it-trasformazzjoni strateġika.

Skont iċ-ċifri tal-Eurostat, l-estrazzjoni ta' faħam u linjite biss bħalissa tinvolvi aktar minn 300 000 impjeg dirett fl-Unjoni. Dawn huma kkonċentrati f'għadd limitat ta' reġjuni, fejn l-impatt tagħhom fuq l-ekonomija lokali u l-koeżjoni soċjali huwa xprun ewlieni. Fid-dawl tal-isfidi tal-progress tekonoġiku, il-kompetizzjoni globali u l-politiki ambjentali u klimatiċi impenjattivi, l-abbiltà ta' dawk ir-reġjuni li jikkontribwixxu u jibbenefikaw mit-tranżizzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari b'emissjonijiet baxxi għandha effett kruċjali fuq is-suċċess ġenerali tal-Unjoni. Dan ġie rrikonoxxut mill-Kummissjoni, li fil-komunikazzjoni tagħha "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha", impenjat ruħha li teżamina kif l-aħjar li tappoġġa t-tranżizzjoni f'reġjuni intensivi fil-faħam u l-karbonju.

Din l-azzjoni preparatorja se tiżgura l-effikaċja ta' dawn l-isforzi ta' appoġġ, is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom, u finalment is-suċċess tat-trasformazzjoni tal-Unjoni kollha kemm hi u r-rwol globali ta' tmexxija tagħha, billi tistabbilixxi pjattaforma li għandha tippermetti lill-Kummissjoni:

- tidentifika r-reġjuni tal-Unjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju li huma fi tranżizzjoni u l-ispeċjalizzazzjonijiet intelliġenti tagħhom;
- tibni sett ta' għodda prattiċi ddedikati (a) bl-aħjar prattiki, (b) bl-istrumenti ta' appoġġ eżistenti li jidentifikaw l-aħjar sinerġiji, u (c) bi skambju ta' informazzjoni mar-reġjuni u bejniethom;
- tistabbilixxi fora ta' partijiet interessati u tipprovdi għodda għall-iskambji fi ħdan ir-reġjuni, inklużi pjanijiet direzzjonali komprensivi għal industrijalizzazzjoni mill-ġdid b'livell baxx ta' emissjonijiet u għal ħtiġijiet ta' orjentament mill-ġdid tal-ħiliet;
- tidentifika punti ta' restrinġiment fuq il-post u tintegra l-appoġġ għal tekonoġiji ġodda u l-iżvilupp u l-utilizzazzjoni ta' innovazzjoni mil-lat ta' faħam nadif, inklużi l-ġbir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju, il-ġbir u utilizzazzjoni tal-karbonju u l-gassifikazzjoni tal-faħam;

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI** (ikompli)

**32 02 77** (ikompli)

**32 02 77 12** (ikompli)

- tistabbilixxi ġabra tal-aħjar Prattiki u linji gwida operazzjonali, u eventwalment sett ta' għodda Prattiċi għal pajjiżi Terzifi tranżizzjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju, bħala parti minn miżuri tal-bini tal-kapaċità skont il-Ftehim ta' Pariġi;
- tistabbilixxi grupp fost id-Direttorati Ġenerali biex (a) jidentifika oqsma ta' sinerġiji possibbli ta' politika/programmi tal-Unjoni, bil-ħsieb li jkun żgurat l-aktar appoġġ politiku u finanzjarju effikaċi għal wara l-2020, (b) jassisti lir-reġjuni (awtoritajiet ċentrali u lokali) fl-iżvilupp ta' strateġiji ta' tranżizzjoni sostenibbli.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' thejġja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**32 02 77 13** Azzjoni preparatorja — Settijiet ta' għodda għal parteċipanti fid-djalogu tal-pjattaforma dwar il-Faħam biex jiġu żviluppata u akkumpanjati strateġiji ta' tranżizzjoni lokali

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 300 000	650 000				

*Kummenti*

Bil-Pjan Direzzjonali tagħha tal-2011 għal ekonomija b'użu baxx ta' karbonju, il-Kummissjoni żviluppata viżjoni biex fil-maġġorparti tiddikarbonizza l-ekonomija Ewropea, u stabbilixxiet passi speċifiċi biex tokseb dan l-għan. L-Unjoni kkonfermat dak l-impenn, b'mod l-aktar prominenti bl-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Filwaqt li għandu jiġi rikonoxxut li l-Istati Membri tal-UE għandhom il-kompetenza esklużiva li jiddeterminaw it-taħlita enerġetika nazzjonali tagħhom, huwa inevitabbli li dan ipoġġi l-fokus fuq ir-reġjuni tal-estrazzjoni tal-faħam, li jridu jitrattaw ma' sfidi diversi marbuta ma' din it-tranżizzjoni, li jgħibu magħhom id-deċiżjonijiet politiċi, ir-realtajiet ekonomiċi u l-aspirazzjonijiet pubbliċi. Il-Kummissjoni għaldaqstant qed tnedi djalogu ddedikat fil-forma ta' pjattaforma dwar il-faħam għar-reġjuni li qed jiffaċċjaw din it-tranżizzjoni.

Attivitajiet: Jiġu prodotti serje ta' settijiet ta' għodda biex jiġu integrati r-riżultati tal-laqqgħat tal-pjattaforma dwar il-faħam, sabiex il-parteeċipanti jiġu sosnuti fl-iżvilupp ta' strateġiji lokali tranżitorji f'dawn l-oqsma:

- (a) it-twaqqif ta' proċess ta' governanza fil-livell lokali: Kif jinbada djalogu inklużiv biex tiġi żviluppata viżjoni tranżitorja komuni mas-sħab lokali u soċjali, is-soċjetà ċivili, l-atturi industrijali u ekonomiċi u d-dinja akkademika, inkluża informazzjoni dwar l-aħjar Prattiki u l-lezzjonijiet misluta;
- (b) aċċess għall-finanzjament: Gwida dwar il-fondi tal-Unjoni eżistenti u l-kombinazzjoni possibbli tagħhom u assistenza teknika biex jiġu aggregati proġetti, bil-ħsieb li jiġu appoġġati strateġiji lokali tranżitorji;
- (c) perspettivi ta' impjieg u ta' tkabbir: Kif jista' jiġi sosnut il-proċess ta' tranżizzjoni tas-suq tax-xogħol (inkluż orjentament mill-ġdid tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid kif ukoll appoġġ immirat għal gruppi vulnerabbli), b'kunċett reġjonali għall-iżvilupp ekonomiku biex jiġu attirati impjegji lokali u ppreparati għall-futur;

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI** (*ikompli*)**32 02 77** (*ikompli*)**32 02 77 13** (*ikompli*)

- (d) riabilitazzjoni ambjentali: Gwida ta' kif tista' ssir il-konverżjoni mill-ġdid ta' siti antiki, inklużi l-aħjar Prattiki dwar id-dekummissjonar, il-kultivazzjoni mill-ġdid u kif jiġu rimedjati u stabbiliti mill-ġdid il-livelli tal-ilma tal-art.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' thejġija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI**

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 03	ENERĠIJA NUKLEARI								
32 03 01	Salvagwardji nukleari	1,1	20 000 000	18 000 000	23 750 000	21 900 000	20 418 183,72	15 723 074,46	87,35
32 03 02	Sikurezza nukleari u radju- protezzjoni	1,1	3 100 000	1 750 000	3 100 000	3 300 000	3 403 965,88	1 677 021,39	95,83
32 03 03	Programm ta' assistenza tad- dekummissjonar nukleari fil- Litwanja	1,1	65 639 000	1 264 000	64 352 000	1 238 776	63 090 000,—	0,—	0
32 03 04	Programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari								
32 03 04 01	Programm Kozloduy	1,1	42 666 000	p.m.	41 829 000	p.m.	41 009 000,—	0,—	
32 03 04 02	Programm Bohunice	1,1	32 819 000	43 088 000	32 176 000	34 853 000	31 545 000,—	417 501,—	0,97
	Artikolu 32 03 04 — Subtotal		75 485 000	43 088 000	74 005 000	34 853 000	72 554 000,—	417 501,—	0,97
32 03 51	Tlestija tal-assistenza ta' dekummissjonar nukleari (2007 sa 2013)	1,1	p.m.	108 000 000	p.m.	114 000 000	0,—	150 168 540,11	139,04
	<b>Kapitolu 32 03 — Total</b>		<b>164 224 000</b>	<b>172 102 000</b>	<b>165 207 000</b>	<b>175 291 776</b>	<b>159 466 149,60</b>	<b>167 986 136,96</b>	<b>97,61</b>

**32 03 01 Salvagwardji nukleari**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 000 000	18 000 000	23 750 000	21 900 000	20 418 183,72	15 723 074,46

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri, b'mod partikolari:

- spejjeż għal missjonijiet minn spetturi magħmula skont programmi ta' kull sitt xhur stabbiliti minn qabel, spezzjonijiet b'avviż qasir (grafiki ta' sussistenza ta' kuljum u spejjeż tal-ivvjaġġar),
- taħriġ ta' spetturi, u laqgħat mal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-operaturi nukleari, u partijiet konċernati oħrajn,
- xiri ta' apparat għall-użu fispezzjonijiet, partikolarment xiri ta' apparat ta' monitoraġġ bħal sistemi ta' video diġitali, apparat għall-kejl tal-gamma, in-newtroni u l-infraħmar, siġilli elettroniċi u sistemi għal qari ta' siġilli,
- xiri u rinnovament ta' hardwer tat-teknoloġija informatika għall-ispezzjonijiet,
- proġetti speċifiċi għall-ispezzjonijiet tat-teknoloġija informatika (żvilupp u manutenzjoni),

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** (*ikompli*)**32 03 01** (*ikompli*)

- bdil ta' apparati ta' monitoraġġ u kejl li waslu fit-tmiem tal-ħajja tas-servizz tagħhom,
- manutenzjoni tat-tagħmir, inkluża assigurazzjoni ta' tagħmir speċifiku f'Canberra, Ametek, Fork u f'siti GBNS,
- miżuri ta' infrastruttura teknika, inkluż immaniġġjartal-iskart u trasport ta' kampjuni,
- analiżijiet fuq il-post (kost lavorattiv u spejjeż tal-missjoni għall-analisti),
- ftehimiet fuq il-lant fil-post (laboratorji, uffiċċji, eċċ.),
- immaniġġjar ta' kuljum ta' stallazzjonijiet fuq il-post u laboratorji ċentrali (tiswijiet, manutenzjoni, hardwer tat-teknoloġija informatika, xiri ta' provvisti u oġġetti tal-konsum, eċċ.),
- sostenn tat-teknoloġija informatika u testijiet għall-applikazzjonijiet għall-ispezzjonijiet.

Dan li ġej ukoll se jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju:

- pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mħallsa,
- rimbors ta' somom imħallsa indebitament mill-Kummissjoni għall-provvisti, xogħol jew servizzi.

Din l-appropriazzjoni tista' wkoll tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi li jaqgħu taħt dan l-artikolu, flimkien ma' kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Il-Kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika taħt il-Kapitolu 7 tat-titolu II u l-Artikolu 174.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom (ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ftehim Multiparti bejn il-Komunità, l-Istati Membri li ma għandhomx armi nukleari u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika.

Il-Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, ir-Renju Unit u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Il-Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, Franza u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠJA

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠJA NUKLEARI** (ikompli)

**32 03 01** (ikompli)

Il-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni Bilaterali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada u l-Awstralja.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 1992 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' laboratorji fuq il-post għal analiżi ta' verifika tal-kampjuni ta' salvagwardji (SEC(1992) 515).

**32 03 02** **Sikurezza nukleari u radjuprotezzjoni**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 100 000	1 750 000	3 100 000	3 300 000	3 403 965,88	1 677 021,39

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri:

- nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni fuq is-sikurezza u s-sigurtà nukleari, partikolarment fl-Istati Membri ġodda u dwar ir-regoli u l-miżuri fil-qasam tar-radjuprotezzjoni,
- nefqa fuq miżuri u azzjonijiet relatati mal-monitoraġġ u l-protezzjoni kontra l-effetti tar-radjazzjoni ijonizzanti u li tkun immirata għall-iżgurar tal-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent kontra l-perikli tar-radjazzjoni u s-sustanzi radjuattivi. Dawn l-azzjonijiet jirrigwardaw ħidmiet speċifiċi provduti skont it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,
- nefqa għat-twaqqif u l-operazzjoni ta' korpi ta' ispetturi għall-awditu tal-protezzjoni kontra r-radjazzjoni ijonizzanti fl-Istati Membri. Din in-nefqa tinkludi flimkien mal-gratifikasi tas-sussistenza u spejjeż tal-ivvjaġġar (missjoni), l-ispejjeż għat-taħriġ, għal-laqgħat preparatorji u għax-xiri tat-tagħmir li jintuża għall-ispezzjonijiet,
- nefqa marbuta mal-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 31 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011.

Din l-appropriazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi li jaqgħu taħt dan l-artikolu.

*Bażi ġuridika*

Il-kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat Euratom taħt il-Kapitolu 3 tat-Titolu II u l-Artikolu 174.



**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** (ikompli)**32 03 02** (ikompli)

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 31 (ġabra ta' informazzjoni u preparazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida li tikkomplimenta l-istandards bażiċi tas-sikurezza), l-Artikolu 33 (implimentazzjoni ta' direttivi, inkluż b'mod partikolari fil-qasam mediku (qasam C)), u l-Artikolu 35(2) (awditu tal-monitoraġġ tar-radjuattività ambjentali), tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunita għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 tat-22 ta' Diċembru 1987, li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara aċċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 11).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 733/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident fl-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl (ĠU L 201, 30.7.2008, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-istallazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p.12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p.1).

**32 03 03** **Programm ta' assistenza tad-dekummissjonar nukleari fil-Litwanja**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
65 639 000	1 264 000	64 352 000	1 238 776	63 090 000,—	0,—

**Kummenti**

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Ignalina (il-Litwanja), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Litwanja.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip li huma meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekummissjonar.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** (ikompli)

**32 03 03** (ikompli)

Il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi impenjati skont dan l-artikolu, kif ukoll estimi aġġornati tal-kostijiet u tal-iskedi ta' żmien tal-operazzjonijiet ta' dekkummissjonar tar-reatturi nukleari kkonċernati.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Ignalina tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitàjiet preparatorji, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn jitqies li jkunu relatati mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 1369/2013, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħrajn kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mgħarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm Ignalina tista' tkopri wkoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn dak il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1990/2006.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li nġataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont l-Artikolu 203.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programm ta' għajjnuna għad-dekkummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1990/2006 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 7).

**32 03 04** **Programm ta' assistenza għad-dekkummissjonar nukleari**

32 03 04 01 Programm Kozloduy

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
42 666 000	p.m.	41 829 000	p.m.	41 009 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekkummissjonar tal-impjant nukleari ta' Kozloduy (il-Bulgarija), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Bulgarija.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip li huma meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekkummissjonar.

Il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi impenjati skont din il-partita, kif ukoll estimi aġġornati tal-kostijiet u tal-iskedi ta' żmien tal-operazzjonijiet ta' dekkummissjonar tar-reatturi nukleari kkonċernati.

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** (ikompli)**32 03 04** (ikompli)

## 32 03 04 01 (ikompli)

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Kozloduy tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitàjiet ta' thejjiġa, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn jitqies li jkun relatati mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

L-allokazzjoni finanzjarja tista' wkoll tkopri l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (Euratom) Nru 647/2010.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li nġhataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont l-Artikolu 203.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajjnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jirrevoka r-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 1).

## 32 03 04 02 Programm Bohunice

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
32 819 000	43 088 000	32 176 000	34 853 000	31 545 000,—	417 501,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Bohunice (is-Slovakkja), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Islovakkja.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip li huma meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekummissjonar.

Il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi impenjati skont din il-partita, kif ukoll estimi aġġornati tal-kostijiet u tal-iskedi ta' żmien tal-operazzjonijiet ta' dekummissjonar tar-reatturi nukleari kkonċernati.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Bohunice tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitàjiet ta' thejjiġa, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn jitqies li jkun relatati mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI (ikompli)**

**32 03 04** (ikompli)

32 03 04 02 (ikompli)

L-allokkazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (Euratom) Nru 549/2007.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont l-Artikolu 203.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajjnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jħassar ir-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 1).

**32 03 51 Tlestija tal-assistenza ta' dekummissjonar nukleari (2007 sa 2013)**

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	108 000 000	p.m.	114 000 000	0,—	150 168 540,11

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Il-kompitu jirriżulta minn poteri speċifiċi li ngħataw lill-Kummissjoni direttament mit-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003 (il-Protokoll Nru 4 dwar l-impjant nukleari Ignalina fil-Litwanja u l-Protokoll Nru 9 dwar l-unità 1 u l-unità 2 tal-impjant nukleari Bohunice V1 fis-Slovakkja, it-tnejn annessi mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003).

Il-kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika fil-Kapitolu 203.

Il-kompitu li jikkonċerna l-impjant nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija b'mod analogu jingħata direttament lill-Kummissjoni mill-Artikolu 30 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1990/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll N°4 dwar l-impjant tal-enerġija nukleari Ignalina fil-Litwanja għall-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja "Programm Ignalina" (ĠU L 411, 30.12.2006, p.10).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 549/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 9 dwar Unità 1 u Unità 2 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Bohunice V1 fis-Slovakkja mal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 131, 23.5.2007, p. 1).

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** *(ikompli)***32 03 51** *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 647/2010 tat-13 ta' Lulju 2010 dwar assistenza finanzjarja mill-Unjoni fir-rigward tad-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija (Il-Programm Kozloduy) (ĠU L 189, 22.7.2010, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajjnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jħassar ir-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajjnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1990/2006 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 7).

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

## KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 04	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA								
<b>32 04 03</b>	<b>Sfidi soċjetali</b>								
32 04 03 01	Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva	1,1	320 757 111	321 356 054	335 329 919	279 814 488	312 418 373,03	296 244 219,24	92,19
	Artikolu 32 04 03 — Subtotal		320 757 111	321 356 054	335 329 919	279 814 488	312 418 373,03	296 244 219,24	92,19
<b>32 04 50</b>	<b>Approprijazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku</b>								
32 04 50 01	Approprijazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	65 092,73	839 965,—	
32 04 50 02	Approprijazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 670 731,18	
	Artikolu 32 04 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	65 092,73	2 510 696,18	
<b>32 04 51</b>	<b>Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)</b>	1,1	p.m.	46 165 220	p.m.	43 509 181	346 119,59	52 044 524,44	112,74
<b>32 04 52</b>	<b>Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)</b>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	680 868,26	
<b>32 04 53</b>	<b>Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2007 sa 2013)</b>	1,1	p.m.	13 416 634	p.m.	41 355 116	33 688,24	54 366 783,27	405,22
<b>32 04 54</b>	<b>Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006)</b>	1,1	—	—	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<b>Kapitolu 32 04 — Total</b>		<b>320 757 111</b>	<b>380 937 908</b>	<b>335 329 919</b>	<b>364 678 785</b>	<b>312 863 273,59</b>	<b>405 847 091,39</b>	<b>106,54</b>

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA (ikompli)***Kummenti*

Dawn il-kummenti japplikaw għall-intestaturi tal-baġit kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-appropriazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 - il-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni, li jkopri l-perjodu 2014 sa 2020, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (Is-Seba' Programm Kwadru u l-programmi kwadri preċedenti) u t-tlestija tal-programmi 'Enerġija Intelliġenti — Ewropa' (qabel l-2014).

L-attivitajiet ta' Orizzont 2020, b'mod partikolari dawk indirizzati taħt l-isfida soċjetali "Enerġija Sigura, Nadifa u Effiċjenti", iżda wkoll partijiet rilevanti ta' taqsimiet oħrajn tal-programm, inkluż "Access għall-Finanzjament", implimentati f'konformità mal-qafas tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni u b'mod partikolari l-istrategġija dwar l-Unjoni tal-Enerġija (COM(2015) 80 final), kif ukoll il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, Il-Kunsill, Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u L-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Frar 2015 dwar qafas strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem (COM(2015) 80 final)) (SET-Plan) u l-Komunikazzjoni dwar it-Teknoloġiji u l-Innovazzjoni tal-Enerġija, jikkontribwixxu primarjament għall-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment "Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi", "Politika industrijali għall-era ta' globalizzazzjoni", u "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Orizzont 2020 jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fl-għarfien u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha billi jaġixxi bħala mezz għall-ingranaġġ suffiċjenti ta' riċerka addizzjonali, żvilupp u finanzjament għall-innovazzjoni.

Orizzont 2020 jitwettaq sabiex isegwi l-oġettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà tal-għarfien, ibbażat fuq iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, jiġifieri jsostni l-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, iżid id-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-limiti tal-għarfien, isaħħaħ ir-riżorsi umani tar-riċerka u tat-teknoloġija fl-Ewropa, b'mod kwantitattiv u kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha u jassigura l-aħjar użu tagħhom.

F'Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifkati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel u l-irġiel u sabiex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Għandha titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex titjeb il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-tehdid ta' deċiżjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Taħt dawn l-artikoli u l-partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat ta' livell għoli xjentifiċi u teknoloġiċi, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli magħmulin f'isem l-Unjoni għall-investigazzjoni ta' oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, fost oħrajn, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont programmi qafas preċedenti.

Din l-appropriazzjoni se tintuża wkoll f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠJA

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠJA** (ikompli)

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul minn Stati li qed jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknika mdaħħla fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2)tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu disponibbli taħt il-Partita 32 04 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-kapitolu se jiġu pprovduti taħt l-Artikolu 32 01 05.

**32 04 03 Sfidi soċjetali**

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 tirrispondi direttament għall-prijoritajiet tal-politiki u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawn l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-għarfien f'oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi għda fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-bażijiet sperimentali, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni mmexxija mill-utenti aħħarin, l-innovazzjoni soċjali u l-użu mis-suq tal-innovazzjonijiet. L-attivitajiet se jkunu ta' sostenn dirett għall-kompetenzi tal-politiki settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

32 04 03 01 Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
320 757 111	321 356 054	335 329 919	279 814 488	312 418 373,03	296 244 219,24

*Kummenti*

Ex Partita 32 04 03 01 (parzjali)



**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA** (ikompli)**32 04 03** (ikompli)

32 04 03 01 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li ssostni l-implimentazzjoni tal-isfida soċjetali “Enerġija Sigura, Nadifa u Effiċjenti” tal-prijoritajiet ta’ Orizzont 2020, f’konformità mal-politika tal-enerġija tal-Unjoni u b’mod partikolari l-strateġija dwar l-Unjoni tal-Enerġija (Komuikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, Il-Kunsill, Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u Il-Kumitat tar-Reġjuni tat-22 ta’ Novembru 2007 Pjan strateġiku ewropew għat-teknoloġija tal-enerġija (SET-Plan) (COM(2007) 723 final) u Komuikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, Il-Kunsill, Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u Il-Kumitat tar-Reġjuni tat-2 ta’ Mejju 2013 dwar it-Teknoloġiji u l-Innovazzjoni tal-Enerġija (COM (2013) 253 final), Komuikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, Il-Kunsill, Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u Il-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta’ Frar 2015 dwar qafas strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b’Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares ‘il quddiem (COM(2015) 80 final)), Komuikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, Il-Kunsill, Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u Il-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta’ Novembru 2016 “Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha” (COM(2016) 860 final)). Dawn l-inizjattivi jindirizzaw primarjament l-effiċjenza enerġetika, mir-riħ, solari, il-bijoenerġija, il-qabda u l-ħażna tal-karbonju, b’liet intelliġenti u l-grilji tal-elettriku. B’rikonossiment tal-kontribuzzjoni importanti tagħhom għal sistemi tal-enerġija sostenibbli tal-ġejjieni, tal-anqas 85% tal-appropriazzjonijiet tal-baġit matul il-perjodu 2014-2020 se jiġu allokati għall-oqsma ta’ politika tal-użu aħħari effiċjenti tal-enerġija u r-rinovabbli, inkluż il-grids intelliġenti u l-ħażna tal-enerġija.

Il-miżuri tad-dħul fis-suq se jiġu sostnuti bħala parti mill-programm Orizzont 2020 sabiex tinbena l-kapaċità, tittejjeb il-governanza u jingħelbu l-ostakoli għas-suq sabiex ikunu jistgħu jiġu introdotti s-soluzzjonijiet ta’ effiċjenza enerġetika u enerġija rinovabbli, biex b’hekk jikkontribwixxu għat-titjib tas-sigurtà tal-enerġija fl-Unjoni. Parti mill-appropriazzjonijiet fil-baġit globali għall-isfida tal-enerġija għalhekk se jintefqu f’attivitajiet ta’ dħul fis-suq għal teknoloġiji eżistenti tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika fi ħdan il-programm, li jitwettqu minn struttura ta’ ġestjoni ddedikata, u se jinkludu sostenn għall-implimentazzjoni tal-politika tal-enerġija sostenibbli, il-bini tal-kapaċità u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-investiment, f’konformità ma’ dak li sar sal-lum.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta’ Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b’mod partikolari punt (c) tal-Artikolu 3(3) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE. (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta’ Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta’ Proġetti ta’ Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

## KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA (ikompli)

**32 04 50** *Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*32 04 50 01 *Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	65 092,73	839 965,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa korrispondenti għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014–2020.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 66 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali.

32 04 50 02 *Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 670 731,18

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa korrispondenti għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu qabel l-2014.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali.

**32 04 51** *Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	46 165 220	p.m.	43 509 181	346 119,59	52 044 524,44

## KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA (ikompli)

## 32 04 51 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Koooperazzjoni" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

32 04 52 **Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	680 868,26

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji preċedenti qabel l-2007 skont il-programmi kwadri tar-riċerka preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠJA

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠJA** (ikompli)

**32 04 52** (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987 sa 1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221 Euratom/KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221 Euratom/KEE dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1), kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2535/97/KE (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm qafas tal-Komunità Ewropea tal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni wara d-dħul tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (1994 sal-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm qafas tal-Komunità Ewropea tal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (mill-1998 sal-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (2002–2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka (2002–2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

**32 04 53** *Tlestija tal-programm “Enerġija intelliġenti — Ewropa” (2007 sa 2013)*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	13 416 634	p.m.	41 355 116	33 688,24	54 366 783,27

## KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA (ikompli)

## 32 04 53 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sal-2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

## 32 04 54 Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006)

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Dan l-artikolu hija maħsuba biex tkopri l-impenji ta' qabel tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa"(2003-2006).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multiannwali għall-azzjoni fil-qasam tal-enerġija: "Enerġija Intelliġenti — Ewropa" (2003-2006) (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 29).

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠJA

KAPITOLU 32 05 — ITER

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 05	ITER								
<b>32 05 01</b>	<b>Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E)</b>								
32 05 01 01	Kostruzzjoni, operazzjoni u esplojtazzjoni tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea għal ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E) — Nefqa ta' sostenn	1,1	48 016 981	48 016 981	47 547 440	47 547 440	45 765 046,01	45 765 046,01	95,31
32 05 01 02	Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea għal ITER — Fużjoni għall- Enerġija (F4E)	1,1	321 108 018	247 301 679	266 512 997	188 140 000	305 793 587,87	211 478 507,87	85,51
	<i>Artikolu 32 05 01 — Subtotal</i>		369 124 999	295 318 660	314 060 437	235 687 440	351 558 633,88	257 243 553,88	87,11
<b>32 05 50</b>	<b>Approprijazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzżjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku</b>								
32 05 50 01	Approprijazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzżjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 350,—	
32 05 50 02	Approprijazzjonijiet prov- enjenti minn kontri- buzżjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 32 05 50 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 350,—	
<b>32 05 51</b>	<b>Tlestija tal-Impriża Konġunta Ewropea ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E) (2007 sa 2013)</b>	1,1	p.m.	198 000 000	p.m.	182 000 000	0,—	338 084 999,93	170,75
	<b>Kapitolu 32 05 — Total</b>		<b>369 124 999</b>	<b>493 318 660</b>	<b>314 060 437</b>	<b>417 687 440</b>	<b>351 558 633,88</b>	<b>595 329 903,81</b>	<b>120,68</b>

**KAPITOLU 32 05 — ITER (ikompli)***Kummenti*

L-għan tal-proġett ITER huwa li juri l-fużjoni bħala sors vijabbli u sostenibbli ta' enerġija billi jinbena u jitħaddem reattur sperimentali tal-fużjoni bħala pass importanti lejn il-ħolqien ta' prototipi ta' reatturi għal stazzjonijiet tal-enerġija mill-fużjoni li huma sikuri, sostenibbli, ambjentalment responsabbli, u ekonomikament vijabbli. Se jikkontribwixxi lejn l-istrategġija Ewropa 2020 u b'mod partikolari lejn l-inizjattiva ewlenija tagħha Unjoni tal-Innovazzjoni bħala l-mobilizzazzjoni tal-industrija Ewropej tat-teknoloġija avvanzata, li huma involuti fil-kostruzzjoni ta' ITER, għandhom jipprovdu lill-Unjoni vantaġġ kompetittiv globali f'dan is-settur promettenti.

Il-proġett jiġbor flimkien seba' partijiet: l-Unjoni, iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, ir-Russja u l-Istati Uniti.

**32 05 01 Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E)**

32 05 01 01 Kostruzzjoni, operazzjoni u esplojtazzjoni tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea għal ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E) — Nefqa ta' sostenn

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
48 016 981	48 016 981	47 547 440	47 547 440	45 765 046,01	45 765 046,01

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-ispejjeż amministrattivi u ta' tmexxija tal-Impriża Konġunta għall-Fużjoni ITER għall-Enerġija.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għal ITER u l-lżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

32 05 01 02 Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea għal ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E)

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
321 108 018	247 301 679	266 512 997	188 140 000	305 793 587,87	211 478 507,87

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta Ewropea għal ITER u l-lżvilupp tal-Fużjoni għall-Enerġija jipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għall-implimentazzjoni konġunta tal-proġett ITER internazzjonali. ITER, faċilità sperimentali kbira li turi l-fattibbiltà xjentifika u teknika tal-qawwa tal-fużjoni, li tiġi segwita mill-kostruzzjoni ta' impjant ta' dimostrazzjoni tal-enerġija tal-fużjoni (DEMO).

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠJA

**KAPITOLU 32 05 — ITER** (ikompli)

**32 05 01** (ikompli)

32 05 01 02 (ikompli)

Din l-impriża konġunta għandha l-kompiti li ġejjin:

- li tipprovdi l-kontribuzzjoni ta' Euratom lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni,
- li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Euratom għal attivitajiet ta' approċċ usa' mal-Ġappun għar-realizzazzjoni rapida tal-enerġija mill-fużjoni,
- li tipprepara u tikkoordina programm ta' attivitajiet bħala preparazzjoni għall-kostruzzjoni ta' reattur ta' demostrazzjoni tal-fużjoni u faċilitajiet relatati.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għal ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

**32 05 50** **Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku**

32 05 50 01 Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 350,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa korrispondenti għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkun qad jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014–2020.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali.

Id-dħul li jirriżulta mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Isvizzera jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 1 u 6 0 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.



**KAPITOLU 32 05 — ITER (ikompli)****32 05 50** (ikompli)

32 05 50 02 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa korrispondenti għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu qabel l-2014.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali.

Id-dħul li jirriżulta mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Isvizzera jew dak multilaterali tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (EFDA) jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 1 u 6 0 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

**32 05 51 Tlestija tal-Impriża Konġunta Ewropea ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E) (2007 sa 2013)**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	198 000 000	p.m.	182 000 000	0,—	338 084 999,93

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, permezz tal-Kummissjoni, tal-Ftehim dwar it-Twaqqif tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER, tal-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER tal-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠJA

KAPITOLU 32 05 — ITER (*ikompli*)

**32 05 51** (*ikompli*)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2006/943/Euratom tas-17 ta' Novembru 2006 dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u l-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/970/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 139/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Speċifiku, li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet indiretti, li jimplementa l-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

*TITOLU 33*

**ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI**

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

**TITOLU 33****ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI****Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)**

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
33 01	NEFQA AMMINISTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI"	55 357 779	55 357 779	53 953 021	53 953 021	53 176 565,99	53 176 565,99
33 02	DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA	94 872 935	78 782 935	95 331 000	81 042 095	91 055 088,26	77 732 398,55
33 03	ĠUSTIZZJA	82 151 468	69 891 468	97 581 237	84 532 237	91 079 408,90	77 377 884,92
33 04	PROGRAMM TAL-KONSUMATURI	25 175 000	20 710 000	24 132 000	18 590 000	23 943 305,68	22 345 095,01
	<b>Titolu 33 — Total</b>	<b>257 557 182</b>	<b>224 742 182</b>	<b>270 997 258</b>	<b>238 117 353</b>	<b>259 254 368,83</b>	<b>230 631 944,47</b>

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## TITOLU 33

## ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 01 — NEFQA AMMINISTTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
33 01	NEFQA AMMINISTTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI"					
33 01 01	<i>Nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju fil-qasam ta' politika "Ġustizzja u konsumaturi"</i>	5,2	41 823 099	40 265 100	39 387 525,17	94,18
33 01 02	<i>Persunal estern u nefqa oħra maniġerjali f'sostenn għall-qasam ta' politika "Ġustizzja u konsumaturi"</i>					
33 01 02 01	Persunal estern	5,2	4 034 346	4 348 852	4 018 538,59	99,61
33 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	1 805 751	1 833 780	1 858 168,51	102,90
	<i>Artikolu 33 01 02 — Subtotal</i>		5 840 097	6 182 632	5 876 707,10	100,63
33 01 03	<i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Ġustizzja u konsumaturi"</i>	5,2	2 703 583	2 514 289	3 028 482,66	112,02
33 01 04	<i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Ġustizzja u konsumaturi"</i>					
33 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza	3	1 100 000	1 100 000	1 044 899,04	94,99
33 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għall-Programm tal-Ġustizzja	3	1 100 000	1 100 000	1 009 910,39	91,81
33 01 04 03	Nefqa ta' sostenn għall-programm tal-Konsumaturi	3	1 049 600	1 100 000	1 091 877,63	104,03
	<i>Artikolu 33 01 04 — Subtotal</i>		3 249 600	3 300 000	3 146 687,06	96,83
33 01 06	<i>Aġenziji eżekuttivi</i>					
33 01 06 01	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-ikel — Kontribuzzjoni mill-programm tal-Konsumatur	3	1 741 400	1 691 000	1 737 164,—	99,76
	<i>Artikolu 33 01 06 — Subtotal</i>		1 741 400	1 691 000	1 737 164,—	99,76
	<b>Kapitolu 33 01 — Total</b>		<b>55 357 779</b>	<b>53 953 021</b>	<b>53 176 565,99</b>	<b>96,06</b>

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 01 — NEFQA AMMINISTTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI" (ikompli)

**33 01 01 Nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju fil-qasam ta' politika "Ġustizzja u konsumaturi"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
41 823 099	40 265 100	39 387 525,17

**33 01 02 Persunal estern u nefqa oħra maniġerjali f' sostenn għall-qasam ta' politika "Ġustizzja u konsumaturi"**

## 33 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 034 346	4 348 852	4 018 538,59

## 33 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 805 751	1 833 780	1 858 168,51

**33 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Ġustizzja u konsumaturi"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 703 583	2 514 289	3 028 482,66

**33 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Ġustizzja u konsumaturi"**

## 33 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 100 000	1 100 000	1 044 899,04

## KAPITOLU 33 01 — NEFQA AMMINISTTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI" (ikompli)

33 01 04 (ikompli)

33 01 04 01 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-ispejjeż tal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza (il-"Programm") u l-evalwazzjoni dwar l-ilħiq tal-oġġettivi tiegħu; b'mod partikulari, hija intenzjonata biex tkopri studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, fosthom komunikazzjoni istituzzjonali tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, safejn jitqies li jkunu marbuta mal-oġġettivi ġenerali tal-programm, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tar-rendikont tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-Programm, skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 33 02.

33 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-Programm tal-Ġustizzja

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 100 000	1 100 000	1 009 910,39

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-ispejjeż tal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm Ġustizzja (il-"Programm") u l-evalwazzjoni tal-ilħiq tal-oġġettivi tiegħu; b'mod partikulari, hija intenzjonata biex tkopri studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, fosthom komunikazzjoni istituzzjonali tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, safejn jitqies li jkunu marbuta mal-oġġettivi ġenerali tal-Programm, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI" (ikompli)

33 01 04 (ikompli)

33 01 04 02 (ikompli)

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u minn pajjiżi kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-Programm skont il-punti minn (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 33 03.

33 01 04 03 Nefqa ta' sostenn għall-programm tal-Konsumaturi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 049 600	1 100 000	1 091 877,63

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew miżuri koperti b'din il-partita, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajjnuna teknika u amministrattiva li ma jinvolvox ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 33 04.



## KAPITOLU 33 01 — NEFQA AMMINISTTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI" (ikompli)

33 01 06 **Aġenziji eżekuttivi**

33 01 06 01 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Aġrikoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-programm tal-Konsumatur

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 741 400	1 691 000	1 737 164,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribut għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Aġrikoltura u l-Ikel (l-"Aġenzija Eżekuttiva") mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija Eżekuttiva fl-immaniġġar ta' miżuri li jiffurmaw parti mill-Programm tal-Konsumatur.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffurma parti integrali mill-baġit ġenerali.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "persunal" għal din it-taqsim.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

Ara l-Kapitolu 33 04.

## Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2003, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
33 02	DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA								
33 02 01	<i>Żgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini</i>	3	26 451 000	18 700 000	26 451 000	18 500 000	25 231 830,15	17 065 508,11	91,26
33 02 02	<i>Promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza</i>	3	35 831 000	25 100 000	35 064 000	24 000 000	32 369 393,48	22 991 550,29	91,60
33 02 03	<i>Id-Dritt Soċjetarju u attivitajiet oħra</i>								
33 02 03 01	Id-Dritt Soċjetarju	1,1	1 700 000	700 000	895 000	1 700 000	1 438 636,92	1 238 776,77	176,97
33 02 03 02	Attivitajiet oħra fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.	3	1 300 000	700 000	1 000 000	500 000	969 215,84	305 466,14	43,64
	<i>Artikolu 33 02 03 — Subtotal</i>		3 000 000	1 400 000	1 895 000	2 200 000	2 407 852,76	1 544 242,91	110,30
33 02 06	<i>Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)</i>	3	21 977 262	21 977 262	22 463 000	22 463 000	21 359 000,—	21 359 000,—	97,19
33 02 07	<i>Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)</i>	3	7 613 673	7 613 673	7 458 000	7 458 000	7 628 000,—	7 628 000,—	100,19
33 02 51	<i>Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet, iċ-ċittadinanza, u l-ugwaljanza</i>	3	p.m.	1 700 000	p.m.	3 200 000	59 011,87	6 265 073,31	368,53
33 02 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
33 02 77 06	Proġett pilota — Żvilupp ta' indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali	3	p.m.	p.m.	p.m.	84 572	0,—	578 353,20	

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>33 02 77</b>	<i>(ikompli)</i>								
33 02 77 08	Proġett pilota — Pjattaforma tal-għarfien għall-professjonisti li jitrattaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili	3	p.m.	p.m.	p.m.	150 336	0,—	300 670,73	
33 02 77 09	Proġett pilota— Bini ta' kapaċità għas-soċjeta' ċivili tar-Roma u tisħiħ tal-involviment tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazżjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma	3	p.m.	939 000	p.m.	811 187	0,—	0,—	0
33 02 77 10	Proġett pilota — Rieżami tal-istrumenti u l-programmi ta' għbir tad-data tal-Unjoni f'termini ta' drittijiet fundamentali	3	p.m.	253 000	p.m.	375 000	0,—	0,—	0
33 02 77 12	Azzjoni preparatorja — Bini ta' kapaċità għas-soċjeta' ċivili tar-Rom u tisħiħ tal-parteċipazzjoni tar-Rom fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazżjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
33 02 77 13	Proġett Pilota — Ewropa ta' diversitajiet	3	p.m.	400 000	p.m.	400 000	1 000 000,—	0,—	0
33 02 77 14	Proġett pilota — Il-votazzjoni elettronika: "nagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji moderni għal proċeduri ta' votazzjoni aktar attivi u demokratiċi"	3	p.m.	400 000	p.m.	400 000	1 000 000,—	0,—	0
33 02 77 15	Proġett pilota — Il-ħolqien ta' rifuġji għan-nisa li jkunu vittmi ta' vjolenza domestika u sfruttament sesswali u għal nisa migranti mingħajr dokumenti	3	p.m.	p.m.	1 000 000	500 000			
33 02 77 16	Proġett pilota — Stħarriġ Ewropew dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru	3	p.m.	300 000	1 000 000	500 000			
	<i>Artikolu 33 02 77 — Subtotal</i>		p.m.	2 292 000	2 000 000	3 221 095	2 000 000,—	879 023,93	38,35
	<b>Kapitolu 33 02 — Total</b>		<b>94 872 935</b>	<b>78 782 935</b>	<b>95 331 000</b>	<b>81 042 095</b>	<b>91 055 088,26</b>	<b>77 732 398,55</b>	<b>98,67</b>

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

## Kummenti

Il-programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza huwa s-suċċessur għat-tliet programmi preċedenti: Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza, Daphne III, u t-taqsimiet Antidiskriminazzjoni u Diversità u Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Programm għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali ("Progress"). L-oġġettiv ġenerali tal-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza huwa li jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp ulterjuri ta' qasam fejn l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-persuni kif stabbiliti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-konvenzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li aderixxiet magħhom l-Unjoni, ikunu promossi, protetti u implimentati b'mod effikaċi.

33 02 01 **Żgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
26 451 000	18 700 000	26 451 000	18 500 000	25 231 830,15	17 065 508,11

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex: tgħin tipprevjeni u tiġġieled kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa, kif ukoll il-vjolenza kontra gruppi oħra friskju ta' vjolenza domestika u tipproteġi l-vittmi ta' dawn l-atti (wieħed mill-għanijiet tal-programm "Daphne"); tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tat-tfal; tippromwovi u tiżgura d-drittijiet soċjali u lavorattivi tal-ħaddiema; tiżgura l-ogħla livell ta' protezzjoni tal-privatezza u d-data personali; tippromwovi u ssaħħa l-eżerċitar tad-drittijiet li l-Unjoni tagħti liċ-ċittadini tagħha; u tippermetti li individwi, bħala konsumaturi jew imprendituri fis-suq intern, jeżerċitaw id-drittijiet li tagħtihom l-Unjoni, waqt li jitqiesu l-proġetti ffinanzjati mill-programm "Konsumaturi".

L-oġġettiv tal-programm "Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza" huwa li jikkontribwixxi għat-tkomplija tal-iżvilupp ta' żona fejn id-drittijiet tal-persuni jkunu promossi u protetti billi jittejjeb l-eżerċitar tad-drittijiet li joriġinaw miċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jippromwovi l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-data personali, isahha il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet derivati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-konsumatur u jippromwovi d-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza fl-ambjent diġitali. Il-finanzjament taħt din l-appropriazzjoni jiġi allokat għal attivitajiet analitiċi u ta' taħriġ, u għal attivitajiet ta' disseminazzjoni, tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, u sensibilizzazzjoni.

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

- attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' data u statistika, meta xieraq diżaggregati skont is-sess, żvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u s-taħriġ; evalwazzjonijiet; elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi;
- attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, avvenimenti ta' taħriġ tal-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn jew moduli oħrajn ta' taħriġ,
- tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiki tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji medjatiċi, inkluż il-media onlajn, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza (il-"Programm"); il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)****33 02 01 (ikompli)**

— sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-programm, bħas-sostenn għall-NGOs fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew, sostenn għal atturi ewlenin tal-Unjoni, netwerks fuq livell tal-Unjoni u servizzi armonizzati ta' valur soċjali; sostenn tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell tal-Unjoni fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u NGOs, inkluż sostenn permezz ta' għotjiet ta' azzjoni jew għotjiet operatorji.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikulari il-punti (e) sa (i) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) tiegħu.

**33 02 02 Promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
35 831 000	25 100 000	35 064 000	24 000 000	32 369 393,48	22 991 550,29

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali, għar-rispett tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' dak stipulat fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; għall-prevenzjoni u l-għieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-omofobija u forom oħra ta' intolleranza; għall-għieda kontra l-anti-Semitiżmu, b'mod partikulari bit-twaqqif ta' ċentru ta' riċerka Ewropew dwar l-anti-Semitiżmu; għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà; u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u progress fl-integrazzjoni tas-sessi.

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjoni li ġejja:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' dejta u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u sħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTJIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

## 33 02 02 (ikompli)

- attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, avvenimenti ta' taħriġ tal-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn jew moduli oħrajn ta' taħriġ,
- miżuri li jinkoraġġixxu lill-bniet jikkunsidraw b'mod attiv karriera STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija, matematika), u biex jiġu miġġielda l-istereotipi, jitrawmu profili ġodda u jinbidlu r-rwoli u l-mudelli tradizzjonali,
- taġħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u taġħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji medjatiċi, inkluż il-media onlajn, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm "Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza" (il-"Programm"); il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-Programm, bħas-sostenn għall-NGOs fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew, sostenn għal atturi ewlenin tal-Unjoni, networks fuq livell tal-Unjoni u servizzi armonizzati ta' valur soċjali; sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; u sostenn għal attivitajiet ta' networking fil-livell tal-Unjoni fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u NGOs, inkluż sostenn permezz ta' għotjiet ta' azzjoni jew għotjiet operatorji,
- sostenn għal kumpaniji tal-ICT, kumpaniji b'dipartimenti tekniċi u faċilitajiet ta' taħriġ tekniku, universitajiet u ċentri ta' riċerka biex jorganizzaw ġranet miftuħa għall-bniet, biex jithegħu jagħżlu karriera STEM,
- tfassil u applikazzjoni ta' metodoloġija ta' bbaġitar skont il-ġeneru għall-baġit tal-Unjoni biex iseħħ li ġej: (i) l-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet impliċiti u espliċiti dwar il-ġeneru, (ii) l-identifikazzjoni, fejn possibbli, tal-allokazzjonijiet ta' riżorsi alleati, (iii) il-valutazzjoni dwar jekk il-politika tkomplex jew tibdilx l-inugwaljanzi eżistenti bejn in-nisa u l-irġiel (u gruppi ta' nisa u rġiel), inklużi xejriet f'termini ta' subien u bniet fir-relazzjonijiet bejn il-ġeneri.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonstitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsimha, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikulari l-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) tiegħu.

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 03 **Id-Dritt Soċjetarju u attivitajiet oħra**

## 33 02 03 01 Id-Dritt Soċjetarju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 700 000	700 000	895 000	1 700 000	1 438 636,92	1 238 776,77

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri nefqa li tirriżulta b'rabta ma' miżuri fil-kuntest tad-Dritt Soċjetarju, il-Governanza Korporattiva u l-ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus, biex jingħata kontribut għat-tlestija tas-suq intern u l-operat tiegħu u l-iżvilupp, b'mod partikolari:

- li jitjeb l-ambjent legali għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u n-negozji, li għalih jistgħu jiġu previsti attivitajiet ta' promozzjoni, ta' tqajjim ta' għarfien u azzjonijiet ta' taħriġ; li jinġiebu 'l quddiem il-kooperazzjoni, l-iżvilupp u l-koordinament tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tad-dritt soċjetarju u l-assistenza fil-ħolqien ta' kumpaniji Ewropej b'responsabilità limitata u raggruppamenti Ewropej ta' interess ekonomiku,
- it-tfassil ta' politika interattiva, f'dak li għandu x'jaqşam mat-tlestija, l-iżvilupp u l-operat tas-suq intern, jiffirma parti mill-governanza tal-Kummissjoni u mill-inizjattivi ta' politika regolatorji biex jirrispondu aħjar għad-domandi taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tan-negozji. L-appropriazzjonijiet mdaħħla f'dan l-artikolu huma intiżi li jkopru wkoll it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni u l-azzjonijiet ta' networks għall-benefiċċju ta' tali parteċipanti bl-għan li t-fassil tal-politika ta' l-Unjoni dwar is-suq intern isir aktar komprensiv u effettiv, u bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt reali tal-politiki tas-suq intern (jew in-nuqqas tagħhom) direttament,
- rieżami komprensiv tar-regolamenti bil-ħsieb li jsiru l-bidliet meħtieġa u analiżi kumplessiva tal-effikaċja tal-miżuri meħuda, biex is-suq intern ikun jista' jopera tajjeb u l-evalwazzjoni tal-impatt kumplessiv tas-suq intern fuq in-negozji u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' data u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal databażijiet esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal titjib tal-fehim tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteeċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-operat tas-suq intern,
- it-twessigħ tal-istrateġija għall-iżvilupp tal-istatistika tas-setturi tas-servizzi u tal-proġetti tal-iżvilupp statistiku, bil-kooperazzjoni tal-Eurostat u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiki(OECD),
- l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-aspetti esterni tad-direttivi applikabbli fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-rikon-oxximent reċiproku ta' strumenti finanzjarji fir-rigward ta' pajjiżi terzi, negozjati internazzjonali, assistenza għall-pajjiżi terzi fit-twaqqif ta' ekonomija tas-suq,
- l-implimentazzjoni ta' għadd ta' miżuri ppreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Dritt Soċjetarju u l-Governanza Korporattiva, li jista' jagħti lok għal studji dwar diversi suġġetti speċifiċi, fid-dawl tat-tfassil tal-proposti leġiżlattivi neċessarji,
- l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u tad-dispożizzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-ħasil ta' flus, inkluż il-parteeċipazzjoni f'miżuri intergovernattivi jew ad hoc f'dan il-qasam; kontributi relatati mal-parteeċipazzjoni tal-Kummissjoni bħala membru tat-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja (FATF, Financial Action Task Force) dwar il-ħasil ta' flus maħluq skont l-OECD,
- l-iżvilupp tal-evalwazzjonijiet u l-istudji tal-impatt fuq l-aspetti differenti tal-politiki koperti minn dan il-kapitolu għall-fini tat-tfassil ta' miżuri ġodda jew ir-reviżjoni ta' miżuri eżistenti relatati,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTJIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

## 33 02 03 (ikompli)

## 33 02 03 01 (ikompli)

- it-twettiq ta' valutazzjoni komprensiva u imparzjali tar-riskju maħluq minn pajjiżi terzi f'termini ta' nuqqasijiet strateġiċi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, abbażi ta' kriterji definiti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 141, 5.6.2015, p.73), tiffassal lista ta' ġurisdizzjonijiet b'riskju għoli.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti minn (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 33 02 03 02 Attivitajiet oħra fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 300 000	700 000	1 000 000	500 000	969 215,84	305 466,14

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni huwa maħsub biex ikopri attivitajiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni b'rabta mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, b'mod partikolari, il-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet f'ambjent diġitali. Din l-appropriazzjoni se tintuża biex tappoġġa attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni permezz ta' siti web, avvenimenti pubbliċi, taħriġ, prodotti ta' komunikazzjoni, sħarriġ, eċċ.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-attivitajiet ta' informazzjoni, ta' komunikazzjoni u ta' evalwazzjoni marbuta mal-protezzjoni konsulari u d-djalogu skont l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari din l-appropriazzjoni tkopri l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni mwassla permezz ta' siti web interni, avvenimenti pubbliċi, prodotti ta' komunikazzjoni, sħarriġiet tal-Ewrobarometru eċċ, kif ukoll l-iżvilupp tal-valutazzjoni tal-impatt u l-istudji ta' evalwazzjoni dwar diversi aspetti tal-qasam tad-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).



## KAPITOLU 33 02 — DRITTIIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 06 **Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Driftijiet Fundamentali (FRA)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 977 262	21 977 262	22 463 000	22 463 000	21 359 000,—	21 359 000,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-istaff u n-nefqa amministrattiva tal-FRA (it-Titoli 1 u 2).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa operazzjonali (it-Titolu 3) tal-FRA, li hija responsabbli li ttipprovi lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri meta jimplementaw id-drift tal-Unjoni bl-assistenza u l-għarfien espert marbut mad-driftijiet fundamentali sabiex jappoġġawhom meta jieħdu miżuri jew jifformulaw korsijiet ta' azzjoni fl-isferi rispettivi tagħhom ta' kompetenza biex jirrispettaw bis-sħiħ id-driftijiet fundamentali.

Il-FRA tista' tkun mistennija li twettaq l-għanijiet/ħidmiet operattivi li ġejjin:

- l-għoti ta' assistenza lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri,
- il-promozzjoni ta' netwerking tal-imsieħba u djalogu fuq il-livell tal-Unjoni,
- il-promozzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni u attivitajiet li jżidu l-għarfien biex tissaħħaħ il-viżibilità tad-driftijiet fundamentali,
- it-tħaddim effettiv tal-istruttura tal-maniġment u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.

Il-FRA għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-FRA tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTJIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

## 33 02 06 (ikompli)

Ir-Regolament Nru 168/2007 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007. F'dik id-data l-FRA ssostitwiet iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) u saret is-suċċessur legali tiegħu, u assumiet id-drittijiet u l-obbligi, l-impenji finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, u l-kuntratti tax-xogħol kollha taċ-Ċentru kif stipulat fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2018 tammonta għal total ta' EUR 22 180 000. Ammont ta' EUR 202 738 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 21 977 262 imdaħħal fil-baġit.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997, li jwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija. (ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

33 02 07 **Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)**

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 613 673	7 613 673	7 458 000	7 458 000	7 628 000,—	7 628 000,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva tal-EIGE (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali (Titolu 3).

L-EIGE għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tal-EIGE tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Skont id-Deċiżjoni 2006/996/KE meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-post tas-sede tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 61), is-sede tal-EIGE huwa f'Vilnius.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2018 tammonta għal total ta' EUR 7 781 000. Ammont ta' EUR 167 327 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 7 613 673 imdaħħal fil-baġit.

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)****33 02 07 (ikompli)***Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9).

**33 02 51 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet, iċ-ċittadinanza, u l-ugwaljanza***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 700 000	p.m.	3 200 000	59 011,87	6 265 073,31

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffurma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-Pajjiżi kandidati jistgħu jużaw il-Programm tal-ġhajjnuna Komunitarja lill-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant biex ikopru n-nefqa li tirriżulta mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

## 33 02 51 (ikompli)

Il-Kompitu li jirriżulta mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 1957 dwar it-termini ta' referenza u r-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Minjieri (ĠU 28, 31.8.1957, p. 487).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Ħarsien tas-Saħħa fuq ix-Xogħol (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/326/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà u s-Saħħa fil-Minjieri għall-industriji kollha tal-estrazzjoni tal-minerali (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1) u d-direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE tat-23 ta' Frar 1998 dwar l-attivitajiet Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-analiżi, ir-riċerka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u s-suq tax-xogħol (ĠU L 63, 4.3.1998, p. 26).

Id-Deċiżjoni Nru 293/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (il-programm Daphne) (2000 sa 2003) dwar miżuri preventivi biex tkun miġġielda l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/750/KEE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sal-2006) (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23).

Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1145/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA** (ikompli)**33 02 51** (ikompli)

Id-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (2004 sa 2008) sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-fal, iż-żgħażaġh u n-nisa u biex tipproteġi l-vittmi u l-gruppi friskju (il-programm Daphne II) (ĠU L 143, 30.4. 2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn isseksi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/252/KE tad-19 ta' April 2007, li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku "Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 110, 27.4.2007, p. 33).

Id-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-fal, iż-żgħażaġh u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkun friskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19).

*Atti ta' referenza*

Il-Kompitu li jirriżulta minn poteri speċifiċi li huma mogħtija direttament lill-Kummissjoni bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 136, 137 u 140 (Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 151, 153 u 156).

Il-Konvenzjoni konkluża fl-1959 bejn l-Awtorità l-Għolja tal-KEFA u ċ-Ċentru Internazzjonali tas-Sigurtà fix-Xogħol u Tagħrif tas-Saħħa (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-Impjiegi.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 final).

**33 02 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

33 02 77 06 Proġett pilota — Żvilupp ta' indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	84 572	0,—	578 353,20

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 06 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 08 Proġett pilota — Pjattaforma tal-għarfien għall-professjonisti li jittrattaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	150 336	0,—	300 670,73

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 09 Proġett pilota— Bini ta' kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Roma u tisħiħ tal-involviment tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	939 000	p.m.	811 187	0,—	0,—

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)**

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 09 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 10 Proġett pilota — Rieżami tal-istrumenti u l-programmi ta' għbir tad-*data* tal-Unjoni f'termini ta' drittijiet fundamentali*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	253 000	p.m.	375 000	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 12 Azzjoni preparatorja — Bini ta' kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Rom u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tar-Rom fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 12 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Il-Qafas tal-UE għall-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom jistieden lill-Istati Membri jinkludu mekkaniżmi ta' monitoraġġ b'saħħithom u jinvolvu lis-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tar-Rom, fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġija. Il-bini tal-kapaċità hu meħtieġ biex iħejji lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Rom biex tgħin fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-programmi.

L-azzjoni preparatorja se tibni fuq il-proġett pilota appoġġjat mill-Parlament Ewropew fil-baġits tal-2014 u l-2015, li kien imfassal biex jikkontribwixxi għall-ħolqien u l-bini ta' kapaċità tas-soċjetà ċivili lokali tar-Rom, u kif ukoll jipprovdi mekkaniżmu ta' monitoraġġ rigward l-integrazzjoni u l-inklużjoni tar-Rom, speċjalment bil-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' "shadow reports". Ix-"Shadow reports" għandhom jgħinu lill-koalizzjonijiet tas-soċjetà ċivili jissupplimentaw ir-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħhom jew jippreżentaw informazzjoni u ċifri alternattivi. Tali rapporti jstgħu jkabbru l-għarfien lokali għall-proċessi politiċi nazzjonali u Ewropej u jirriflettu fuq l-impatt soċjali reali tal-miżuri tal-gvern. Il-monitoraġġ se jiffoka fuq l-implimentazzjoni lokali tal-istrateġija fl-erba' oqsma ta' prijorità kontra d-diskriminazzjoni u tal-ugwaljanza bejn is-sessi, l-impjeg, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, u s-saħħa, u jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-livell ta' involviment tas-soċjetà ċivili, l-użu tal-Fondi tal-Unjoni u l-integrazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni tar-Rom.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 13 Proġett Pilota — Ewropa ta' diversitajiet

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	p.m.	400 000	1 000 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.



## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 13 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 14 Proġett pilota — Il-votazzjoni elettronika: “nagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji moderni għal proċeduri ta' votazzjoni aktar attivi u demokratiċi”

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	p.m.	400 000	1 000 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 15 Proġett pilota — Il-ħolqien ta' rifuġji għan-nisa li jkun vittmi ta' vjolenza domestika u sfruttament sesswali u għal nisa migranti mingħajr dokumenti

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	1 000 000	500 000		

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-livell ta' vjolenza fiżika u sesswali mġarrba min-nisa fl-Unjoni Ewropea kollha jehtiegħ attenzjoni mġedda minn dawk li jfasslu l-politika. Il-kriżi ekonomika u soċjali, bil-konsegwenzi ta' nies qiegħda, nuqqas ta' sigurtà tal-impjegi, tnaqqis fil-pagi u tnaqqis fil-benefiċċji soċjali, inter alia, ikkontribwiet għaż-żieda drammatika fil-vjolenza domestika, fil-prostituzzjoni u fil-migrazzjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 15 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 16 Proġett pilota — Stħarriġ Ewropew dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	1 000 000	500 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota jkopri stħarriġ madwar l-Ewropa kollha biex jiġbor dejta dwar vjolenza abbażi ta' sess madwar l-Istati Membri. Jistgħu jsiru żidiet miegħu fuq bażi regolari u jista' jiġi kkoordinat minn istituzzjoni bħall-Eurostat.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagame- nti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
33 03	ĠUSTIZZJA								
33 03 01	<i>Is-sostenn u l-promozzjoni tat-tħarriġ ġudizzjarju u l-iffaċilitar tal-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd</i>	3	31 200 000	22 000 000	33 710 000	24 600 000	33 012 858,34	21 112 524,31	95,97
33 03 02	<i>L-iffaċilitar u s-sostenn tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali</i>	3	12 000 000	8 300 000	15 789 000	10 500 000	14 523 518,27	7 934 151,67	95,59
33 03 04	<i>L-Unità tal-Unjoni Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)</i>	3	38 351 468	38 351 468	47 782 237	47 282 237	43 539 737,—	43 539 737,—	113,53
33 03 51	<i>Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-ġustizzja</i>	3	p.m.	850 000	p.m.	2 000 000	3 295,29	4 791 471,94	563,70
33 03 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
33 03 77 04	Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' tfa'li biex ikunu konxji dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
33 03 77 05	Proġett pilota — Kumpaniji tal-isem	3	p.m.	90 000	300 000	150 000			
33 03 77 06	Azzjoni preparatorja — Fond tal-Unjoni għall-appoġġ finanzjarju għal każijiet ta' litigazzjoni relatati ma' ksur tad-demokrazzja, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali	3	600 000	300 000					
	Artikolu 33 03 77 — Subtotal		600 000	390 000	300 000	150 000	0,—	0,—	0
	<b>Kapitolu 33 03 — Total</b>		<b>82 151 468</b>	<b>69 891 468</b>	<b>97 581 237</b>	<b>84 532 237</b>	<b>91 079 408,90</b>	<b>77 377 884,92</b>	<b>110,71</b>

**33 03 01** *Is-sostenn u l-promozzjoni tat-tħarriġ ġudizzjarju u l-iffaċilitar tal-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjali)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
31 200 000	22 000 000	33 710 000	24 600 000	33 012 858,34	21 112 524,31

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi lejn l-appoġġ u l-promozzjoni tat-tħarriġ ġudizzjarju, inkluż tħarriġ lingwistiku fuq it-terminoloġija legali, bil-għan li titrawwem kultura ġudizzjarja u legali komuni u, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd, inklużi bi-promozzjoni u appoġġ tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tad-difiża.

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' data u ta' statistika, meta jkun xieraq, diżaggregati skont il-ġeneru, l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, meta jkun xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u sħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; workshops, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)

## 33 03 01 (ikompli)

- attivitajiet ta' taħriġ, inkluża perspettiva sensitiva għall-ġeneru, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għal min iħarreġ, inkluż taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, u l-iżvilupp ta' għodod ta' taħlim elettroniku u moduli ta' taħriġ oħrajn għall-membri tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju,
- taħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u taħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm tal-Ġustizzja (il-"Programm"); il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-portal tal-potal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika bħala għodda biex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja,
- sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-programm, bħas-sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, sostenn għal atturi ewlenin tal-Unjoni u netwerks fuq livell tal-Unjoni, inkluż fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell Ewropew fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet nongovernattivi.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u minn pajjiżi kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-Programm skont il-punti minn (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6 tiegħu.

33 03 02 **L-iffaċilitar u s-sostenn tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 000 000	8 300 000	15 789 000	10 500 000	14 523 518,27	7 934 151,67

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni u l-appoġġ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali.

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)****33 03 02 (ikompli)**

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

- attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' *data* u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,
- attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għal min iħarreġ, inkluż taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, u l-iżvilupp ta' għodod ta' taġlim elettroniku u moduli ta' taħriġ oħrajn għall-membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju,
- taġlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u taġlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm tal-Ġustizzja (il-“Programm”); il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-portal tal-potal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika bħala għodda biex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja,
- appoġġ għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet taġhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-programm, bħall-appoġġ għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, appoġġ għal atturi ewlenin Ewropej u netwerks fuq livell Ewropew, inkluż fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju u d-drittijiet tad-difiża; u appoġġ għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell Ewropew fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u minn pajjiżi kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħla għall-Programm skont il-punti minn (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6(1) tiegħu.

**33 03 04 L-Unità tal-Unjoni Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
38 351 468	38 351 468	47 782 237	47 282 237	43 539 737,—	43 539 737,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)

## 33 03 04 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

Eurojust trid tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jtniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2018 tammonta għal total ta' EUR 38 606 737. Ammont ta' EUR 255 269 li ġej mill-irkupru tas-surplus jizjed mal-ammont ta' EUR 38 351 468 imdaħħal fil-baġit.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-għlied kontra l-kriminalità serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-għlied kontra l-kriminalità serja (ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14).

## 33 03 51 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-ġustizzja

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	850 000	p.m.	2 000 000	3 295,29	4 791 471,94

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jizjed mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, daww l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti minn (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

## KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)

## 33 03 51 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 743/2002 tal-25 ta' April 2002 li jstabbilixxi qafas ġenerali ta' attivitajiet tal-Komunità jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' koperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet ċivili (ĠU L 115, 1.5.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar 2004 li jstabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja biex jippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea (parteċipazzjoni ċivika) (ĠU L 30, 4. 2. 2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/126/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Kriminali bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar id-"Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja" (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 13).

Id-Deċiżjoni Nru 1149/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Ċivili bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 16).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 final).

33 03 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

33 03 77 04 Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' tfal biex ikunu konxji dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)

## 33 03 77 (ikompli)

## 33 03 77 05 Proġett pilota — Kumpaniji tal-isem

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	90 000	300 000	150 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota huwa maħsub li jgħib flimkien esperti legali, awtoritajiet nazzjonali u esperti internazzjonali, b'mod partikolari mill-OECD.

L-għan tal-inizjattiva huwa li tesplora l-għanijiet differenti ta' kumpanija tal-isem, iżda wkoll li tindirizza domandi aktar ġenerali relatati mal-abbużi fir-reġistrazzjoni u operazzjonijiet transfruntieri ta' kumpaniji. F'dan il-kuntest, jistgħu jiġu proposti soluzzjonijiet u standards legali bbażati fuq id-dritt ta' kumpanija biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi irrelevantement min-natura tal-imprezza, biex il-leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni dwar id-dritt tal-kumpaniji tibbenefika mix-xogħol imwettaq skont il-proġett pilota. Ikun utli wkoll li tiġi ttestjata l-fattibilità tal-azzjoni tal-Unjoni biex jiġu identifikati u evitati l-lakuni għall-evitar tat-taxxa korporattiva skont id-dritt tal-kumpaniji nazzjonali jew tal-Unjoni mingħajr ma tidghajef il-ħidma preżenti tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

## Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 33 03 77 06 Azzjoni preparatorja — Fond tal-Unjoni għall-appoġġ finanzjarju għal każijiet ta' litigazzjoni relatati ma' ksur tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
600 000	300 000				



**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** (*ikompli*)**33 03 77** (*ikompli*)33 03 77 06 (*ikompli*)*Kummenti*

It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-movimenti u l-individwi hija fundamentali għal Unjoni tassew demokratika u għall-valuri tagħha kif minqaxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni. Din l-azzjoni preparatorja se toħloq Fond tal-Unjoni għas-sensibilizzazzjoni u l-assistenza legali għal individwi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jkunu qed jikkontestaw każ dwar ksur tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali abbażi tal-eżitu tal-istudju tal-fattibbiltà mitlub. Dan l-istudju tal-fattibbiltà għandu jinkludi ħarsa ġenerali lejn l-ostakli attwali li jħabbtu wiċċhom magħhom individwi u NGOs li jkunu jixtiequ jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali permezz tal-litigazzjoni. Il-Fond se jaħdem mill-qrib mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u se jibni fuq il-ħidma tagħha.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' thejġija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
33 04	PROGRAMM TAL-KONSUMATURI								
33 04 01	Salvagwardja tal-interess tal-konsumaturi u titjib tas-sikurezza u informazzjoni għalihom	3	25 175 000	20 200 000	24 132 000	17 300 000	23 618 305,68	20 515 963,48	101,56
33 04 51	Linja għat-tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi	3	p.m.	100 000	p.m.	640 000	0,—	1 829 131,53	1 829,13
33 04 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
33 04 77 04	Proġett pilota — Taħriġ għall-SMEs dwar id-drittijiet tal-konsumatur fl-era diġitali	3	p.m.	300 000	p.m.	500 000	0,—	0,—	0
33 04 77 05	Proġett Pilota — Awtonomizzazzjoni u edukazzjoni tal-konsumatur dwar is-sigurtà tal-prodotti u sorveljanza tas-suq fis-Suq Uniku Diġitali	3	p.m.	110 000	p.m.	150 000	325 000,—	0,—	0
	Artikolu 33 04 77 — Subtotal		p.m.	410 000	p.m.	650 000	325 000,—	0,—	0
	<b>Kapitolu 33 04 — Total</b>		<b>25 175 000</b>	<b>20 710 000</b>	<b>24 132 000</b>	<b>18 590 000</b>	<b>23 943 305,68</b>	<b>22 345 095,01</b>	<b>107,90</b>

## 33 04 01 Salvagwardja tal-interess tal-konsumaturi u titjib tas-sikurezza u informazzjoni għalihom

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
25 175 000	20 200 000	24 132 000	17 300 000	23 618 305,68	20 515 963,48

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-kisba tal-oġġettivi stabbiliti permezz tal-programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020. L-għan tal-Programm huwa li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u li jagħti s-setgħa lill-konsumaturi fil-qalba tas-suq intern fil-qafas tal-istrateġija ġenerali għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv billi jikkontribwixxi għas-saħħa, is-sikurezza, l-interessi legali u ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u biex jorganizzaw lilhom infushom sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom, b'sostenn għall-integrazzjoni ta' dawn l-interessi tal-konsumatur f'oqsma oħra tal-politika, kif ukoll biex jtkabbar l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-drittijiet fundamentali tagħhom u l-fiduċja tagħhom fis-suq u fl-awtoritajiet pubbliċi u biex jiġu ffaċilitati l-mekkaniżmi għall-ilmenti u għal soluzzjoni tal-kunflitti. Il-programm jikkomplimenta, jappoġġa u jissorvelja l-politiki tal-Istati Membri.

**KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI** (ikompli)**33 04 01** (ikompli)

Dan l-oġġettiv ġenerali għandu jittkompla permezz ta' dawn l-erba' oġġettivi speċifiċi li ġejjin:

- Sikurezza: Li tiġi kkonsolidata u mtejba s-sikurezza tal-prodotti permezz ta' sorveljanza effikaċi b'mod partikolari fis-Suq Uniku Diġitali fl-Unjoni kollha. Sa mill-2016, is-Sistema ta' Twissija Bikrija għal prodotti tal-ikel mhux perikolużi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fost l-Istati Membri, b'aktar minn 20 000 twissija reġistrati s'ssa realati ma' prodotti perikolużi. Anke l-medja ta' feedback ta' rapporti ta' awtoritajiet oħrajn għal notifiċi li jidentifikaw "perikolu serju" żdiedet b'mod sinifikanti, li jindika livell ta' kooperazzjoni ogħla bejn l-awtoritajiet;
- Informazzjoni u edukazzjoni u sostenn għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi: Li jiżdiedu l-edukazzjoni, l-informazzjoni u l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-politika tal-konsumatur, li tiġi żviluppata bażi ta' evidenza għall-politika tal-konsumatur u jingħata sostenn għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, billi jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi tal-konsumaturi vulnerabbli. B'madwar terz mill-baġit allokat għaċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC), in-numru ta' kuntatti ta' klienti mal-ECCs u ż-żjarat fuq is-siti web tal-ECC jibqa' jiżdied kull sena, b'111 563 kuntatt u b'aktar minn 4,6 miljun żjara fuq is-sit web fl-2016. L-inizjattivi Consumer Champion u Consumer Classroom - dan huwa sit web kollaborattiv u interattiv għall-għalliema biex jippromwovu l-edukazzjoni tal-konsumatur fl-iskejjel sekondarji — ukoll żiedu fil-popolarità b'aktar minn miljun żjara unika u b'aktar minn 32 000 utent reġistrat, fejn 18 652 minnhom huma għalliema;
- Drittijiet u rimedju: Li jiġu żviluppati u rinforzati d-drittijiet tal-konsumaturi b'mod partikolari permezz ta' azzjoni regolatorja intelliġenti u billi jitjieb l-aċċess għal rimedju sempliċi, effiċjenti, espedjenti u bi prezz baxx, inkluż is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim;  
  
Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet tal-Konsumatur, aktar minn nofs il-konsumaturi tal-Unjoni (52 %) jaqblu li hu faċli li jirrisolvu tilwimiet mal-bejjiegħa u mal-fornituri tas-servizz f'korpi extra ġudizzjarji. Sa min nofs Frar 2016 il-pjattaforma l-ġdida għal soluzzjoni online għat-tilwim (ODR) irreġistrat aktar minn 258 Entità Alternattiva għal-Soluzzjoni tat-Tilwim reġistrata minn 24 Stat Membru. Din tippermetti lill-konsumaturi u lin-negozjanti jsolvu tilwim online dwar xiri domestiku u transfruntiera mingħajr ma jidħlu l-qorti. Il-pjattaforma hi mfassla biex issaħħaħ il-fiduċja tal-poplu fix-xiri online. Fl-ewwel sena tagħha, aktar minn ġew reġistrati aktar minn 24 000 ilment fuq il-pjattaforma. Barra minn hekk, il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni fuq il-pjattaforma tal-ODR fl-2016 wasslu għal aktar minn 1.5 miljun żjara online;
- Infurzar: Li jingħata sostenn għall-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-infurzar nazzjonali u bis-sostenn tal-konsumaturi permezz ta' konsulenza. Fl-2015, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC) wasslet għal kontroll ta' konformità fuq 735 sit web kummerċjali; instabu irregolaritajiet f'436 (63 %) każ. Sa Ottubru 2016, 353 minnhom ġew korretti. Ġew previsti setgħat ġodda għall-awtoritajiet tal-konsumatur li jippermettu koordinazzjoni aktar mill-qrib ta' azzjonijiet ta' nfurzar meta jkun hemm prattiki perikolużi li jaffettwaw il-parti l-kbira tal-konsumaturi Ewropej.

Il-programm jikkonsidra wkoll l-isfidi tas-soċjetà l-ġodda li kibru fl-importanza fl-aħħar snin. Dawn jinkludu: iż-żieda fil-kumplessità fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-konsumaturi, il-bżonn li nersqu lejn xejriet iżjed sostenibbli ta' konsum, l-opportunitajiet u t-theddid li għib magħha d-diġitalizzazzjoni, żieda fl-esklużjoni soċjali u fl-għadd ta' konsumaturi vulnerabbli u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

## KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI (ikompli)

## 33 04 01 (ikompli)

L-eżitu tal-implimentazzjoni tal-programm tal-konsumatur jista' jiġi intraċċat b'mod indirett fl-Indiċi tal-Kundizzjonijiet tal-Konsumatur, li jindika titjib sinifikanti fil-livell tal-Unjoni, fil-perċezzjonijiet tal-konsumatur fl-2016 meta mqabbla mal-2014. L-ikbar żidiet huma fl-għarfien u fil-fiduċja (madwar 4 %), il-konformità u l-infurzar tal-protezzjoni tal-konsumatur (madwar 3 %), kif ukoll ilmenti u soluzzjonijiet għal tilwim (madwar 2 %).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti huma derivati mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat bi qbil mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok biex jiġu previsti appropriazzjonijiet korrispondenti u jiġu implimentati skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm multiannwali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

33 04 51 **Linja għat-tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	100 000	p.m.	640 000	0,—	1 829 131,53

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li huma relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE. Dik id-Deċiżjoni ġiet rrevokata mid-Deċiżjoni 1926/2006/KE.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

**KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI** (ikompli)**33 04 51** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-finanzjament ta' azzjonijiet Komunitarji fl-appoġġ ta' politika tal-konsumatur għas-snin 2004 sa 2007 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

**33 04 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

## 33 04 77 04 Proġett pilota — Taħriġ għall-SMEs dwar id-drittijiet tal-konsumatur fl-era diġitali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	p.m.	500 000	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 33 04 77 05 Proġett Pilota — Awtonomizzazzjoni u edukazzjoni tal-konsumatur dwar is-sigurtà tal-prodotti u sorveljanza tas-suq fis-Suq Uniku Diġitali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	110 000	p.m.	150 000	325 000,—	0,—

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

**KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI** (*ikompli*)

**33 04 77** (*ikompli*)

33 04 77 05 (*ikompli*)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*TITOLU 34*

**AZZJONI KLIMATIKA**

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## TITOLU 34

## AZZJONI KLIMATIKA

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
34 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"	27 042 400	27 042 400	26 121 675	26 121 675	25 504 600,63	25 504 600,63
34 02	AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI	128 115 750	69 763 000	120 602 795	76 310 000	112 547 670,92	43 001 788,50
	<i>Riżervi (40 02 41)</i>	<i>500 000</i>	<i>375 000</i>				
		128 615 750	70 138 000	120 602 795	76 310 000	112 547 670,92	43 001 788,50
	<b>Titolu 34 — Total</b>	<b>155 158 150</b>	<b>96 805 400</b>	<b>146 724 470</b>	<b>102 431 675</b>	<b>138 052 271,55</b>	<b>68 506 389,13</b>
	<i>Riżervi (40 02 41)</i>	<i>500 000</i>	<i>375 000</i>				
		<b>155 658 150</b>	<b>97 180 400</b>	<b>146 724 470</b>	<b>102 431 675</b>	<b>138 052 271,55</b>	<b>68 506 389,13</b>



## TITOLU 34

## AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
34 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"					
34 01 01	<i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"</i>	5,2	18 978 550	18 187 928	17 480 978,33	92,11
34 01 02	<i>Persunal estern u nefqa manijerjali oħra b'sostenn fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"</i>					
34 01 02 01	Persunal estern	5,2	1 741 096	1 681 732	1 785 839,46	102,57
34 01 02 11	Nefqa manijerjali oħra	5,2	1 813 918	1 834 299	1 686 281,04	92,96
	Artikolu 34 01 02 — Subtotal		3 555 014	3 516 031	3 472 120,50	97,67
34 01 03	<i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Azzjoni Klimatika"</i>	5,2	1 226 836	1 135 716	1 344 483,61	109,59
34 01 04	<i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Azzjoni Klimatika"</i>					
34 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sotto-programm għall-Azzjoni Klimatika	2	3 282 000	3 282 000	3 207 018,19	97,72
	Artikolu 34 01 04 — Subtotal		3 282 000	3 282 000	3 207 018,19	97,72
	<b>Kapitolu 34 01 — Total</b>		<b>27 042 400</b>	<b>26 121 675</b>	<b>25 504 600,63</b>	<b>94,31</b>

34 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"*

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
18 978 550	18 187 928	17 480 978,33

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA" (ikompli)

**34 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"**

34 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 741 096	1 681 732	1 785 839,46

34 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 813 918	1 834 299	1 686 281,04

**34 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Azzjoni Klimatika"**

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 226 836	1 135 716	1 344 483,61

**34 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Azzjoni Klimatika"**

34 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sottoprogramm għall-Azzjoni Klimatika

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 282 000	3 282 000	3 207 018,19

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri:

- l-ospitar, il-manutenzjoni, is-sigurtà, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-operat u s-sostenn (hardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) li jsostnu l-għanijiet tal-politika tal-klima, bħar-Reġistru Uniku tal-Unjoni, ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni, il-pjattaformi tal-irkantar u sistemi tal-IT marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni bħall-użu tal-gassijiet fluworirati b'effett ta' serra u sustanzi qerrieda tal-ożonu,

**KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA" (ikompli)****34 01 04** (ikompli)

## 34 01 04 01 (ikompli)

- l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u s-sostenn ta' sistemi xierqa tal-IT għall-komunikazzjoni, l-għażla, l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar dwar il-proġetti u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-proġetti tal-programm LIFE,
- l-ingaġġ tal-esperti tal-IT *intra muros* biex isostnu l-iżvilupp, l-assikurazzjoni tal-kwalità, l-ittestjar u s-sigurtà ta' sistemi kritiċi tal-IT ta' sostenn għall-politika,
- l-akkwist ta' assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-attivitajiet ta' komunikazzjoni bħall-midja soċjali inkluż l-ingaġġ ta' esperti *intra muros*.

Hija maħsuba wkoll li ttiprovdi sostenn għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti internazzjonali tal-klima, għal attivitajiet li l-Unjoni tiffirma parti minnhom u għal xogħol preparatorju għal ftehimiet internazzjonali futuri dwar materji marbuta mal-klima u l-ożonu li jinvolvu lill-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 34 02.

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
34 02	AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI								
34 02 01	<i>Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni</i>	2	73 100 000	37 300 000	53 310 000	45 000 000	52 648 441,62	19 947 475,35	53,48
34 02 02	<i>Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima</i>	2	38 000 000	19 200 000	51 730 000	19 500 000	45 519 040,—	10 373 003,89	54,03
34 02 03	<i>Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha</i>	2	15 395 750	11 205 000	14 162 795	9 500 000	13 496 371,12	8 423 750,92	75,18
34 02 04	<i>Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali</i>	4	920 000	920 000	900 000	900 000	883 818,18	883 818,18	96,07
34 02 05	<i>Korp Ewropew ta' Solidarjetà — Kontribuzzjoni mis-sottoprogramm LIFE għall-Azzjoni Klimatika</i>	2	p.m.	p.m.					
	Riżervi (40 02 41)		500 000	375 000					
			500 000	375 000					
34 02 51	<i>Tlestija ta' programmi preċedenti tal-azzjoni klimatika</i>	2	p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	2 010 049,85	
34 02 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
34 02 77 01	Azzjoni preparatorja — Razzjonalizzazzjoni tal-azzjoni klimatika, adattament u innovazzjoni	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 234 350,16	

KUMMISSJONI  
TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagamenti 2016/2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
34 02 77	(ikompli)								
34 02 77 02	Proġett pilota — Użu effiċjenti tal-finanzjament tal-UE b'rabta mal-klima: l-użu tat-toroq bħala indikatur bikri tal-prestazzjoni għall-proġetti REDD+	2	p.m.	588 000	p.m.	660 000	0,—	129 340,15	22,00
34 02 77 03	Proġett Pilota — Studju dwar iċ-ċikli tal-ħajja ta' vetturi elettriċi, vetturi li jużaw bijokarburanti u vetturi li jużaw karburanti tradizzjonali.	2	p.m.	200 000	500 000	250 000			
34 02 77 04	Proġett pilota — Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-mitigazzjoni għal tniġġis tal-klima u tal-ilma f'reġjuni agricoli	2	700 000	350 000					
	Artikolu 34 02 77 — Subtotal		700 000	1 138 000	500 000	910 000	0,—	1 363 690,31	119,83
	<b>Kapitolu 34 02 — Total</b>		<b>128 115 750</b>	<b>69 763 000</b>	<b>120 602 795</b>	<b>76 310 000</b>	<b>112 547 670,92</b>	<b>43 001 788,50</b>	<b>61,64</b>
	<b>Riżervi (40 02 41)</b>		<b>500 000</b>	<b>375 000</b>					
			<b>128 615 750</b>	<b>70 138 000</b>	<b>120 602 795</b>	<b>76 310 000</b>	<b>112 547 670,92</b>	<b>43 001 788,50</b>	

## 34 02 01 Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
73 100 000	37 300 000	53 310 000	45 000 000	52 648 441,62	19 947 475,35

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri biex isostnu r-rwol tal-Unjoni fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' politika u leġislazzjoni fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Tinkludi l-monitoraġġ ta' integrazzjoni fl-oqsma tal-politika billi tiżviluppa, tittestja u turi approċċi ta' politika jew ġestjoni, l-aħjar prassi, soluzzjonijiet għall-klima, ittejjeb il-bażi tal-għarfien tal-mitigazzjoni effettiva tal-klima, ittejjeb il-kapaċità tagħha biex tapplika fil-prattika, tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati u pjanijiet ta' azzjoni fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-wiri ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi ta' karbonju baxx biex jiġu replikati, trasferiti jew integrati.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

## 34 02 01 (ikompli)

Jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

- l-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni taħt il-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC),
- l-iżvilupp ta' politiki ġodda u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett eżistenti "Klima u Enerġija", il-kisba tal-miri tal-klima u enerġija 20/20/20 tal-istrategġija Ewropa 2020 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-22 ta' Jannar 2014 "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030"(COM (2014) 15 final) li jsostnu t-tranżizzjoni lejn ekonomija/soċjetà b'karbonju baxx u reżiljenti għall-klima,

Il-miżuri ffinanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni, għotjiet tal-operat, strumenti finanzjarji, proċeduri tal-akkwist jew kwalunkwe interventzjoni oħra meħtieġa (l-Artikoli 17, 18, 21 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013) inkluż:

- il-kooperazzjoni mal-Eurocontrol dwar l-implimentazzjoni tas-sistema tal-Unjoni ta' negozjar ta' emissjonijiet fl-avjazzjoni,
- l-ispejjeż tal-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u s-sostenn (hardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi ta' sostenn għall-politika, b'mod partikolari iżda mhux esklussivament ir-Reġistru Uniku tal-Unjoni, ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni u s-Sistema ta' Monitoraġġ ta' Sustanzi Qerrieda tal-Ożonu (ODS) u Gassijiet Fluworurati.

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-fini li jinkisbu l-oġettivi tal-azzjoni klimatika.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu.

34 02 02 **Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
38 000 000	19 200 000	51 730 000	19 500 000	45 519 040,—	10 373 003,89

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

## 34 02 02 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri biex isostnu r-rwol tal-Unjoni fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' politika u leġiżlazzjoni fil-qasam tal-adattament għat-tibdil fil-klima. Din tinkludi l-monitoraġġ ta' integrazzjoni fl-oqsma tal-politika billi tiżviluppa, tittestja u turi approċċi ta' politika jew ġestjoni, l-aħjar prassi, soluzzjonijiet għall-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż, fejn xieraq, approċċi bbażati fuq l-ekosistema, ittejjeb il-bażi tal-għarfien tal-adattament effettiv tat-tibdil fil-klima, ittejjeb il-kapaċità ta' tagħha biex tapplika fil-prattika, tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati ta' pjanijiet ta' strateġiji u azzjoni għall-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-wiri ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi biex jiġu replikati, trasferiti jew integrati, billi jitqiesu l-prijoritajiet li ġejjin:

- l-iżvilupp ta' politiki ġodda u implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett eżistenti "Klima u Enerġija", il-kisba tal-miri tal-klima u enerġija 20/20/20 tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-22 ta' Jannar 2014 "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030"(COM (2014) 15 final) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' April 2013 "L-Istrateġija ta' Adattament tal-UE għat-tibdil fil-klima" (COM (2013) 216 final) li ssostni t-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà b'karbonju baxx u reżiljenti għall-klima,
- l-isfruttar tal-kontribuzzjoni ta' bosta politiki tal-Unjoni (b'mod partikolari dawk tal-koeżjoni, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-programmi dwar it-trasport u l-enerġija, l-azzjonijiet esterni, eċċ.) għall-azzjoni klimatika, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' integrazzjoni u ta' adattament.
- l-iżvilupp ta' mekkaniżmi innovattivi ta' sostenn għall-isfruttar komplut tal-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda sabiex jitnaqqas it-telf ikkawżat minn avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima bħal nixfa kbira u għargħar kbir u avvenimenti klimatiċi estremi, kif ukoll sabiex tiġi żviluppata l-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni u r-rispons għad-diżastri,
- is-sostenn għall-iżvilupp ta' għodod ta' "protezzjoni klimatika", valutazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji tal-programmi u miżuri sabiex jissaħħu l-kapaċità ta' adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u metodoloġiji ta' "traċċar tal-klima" sabiex tiġi mmonitorjata n-nefqa marbuta mal-klima taħt l-oġettiv ta' simplifikazzjoni "sabiex jiżdied il-proporzjon ta' simplifikazzjoni klimatika għal mill-inqas 20 % tal-baġit totali tal-Unjoni tal-futur fl-2014-20", bil-kontribuzzjoni minn politiki differenti,

Il-miżuri finanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni, għotjiet tal-operat, strumenti finanzjarji, proċeduri tal-akkwist jew kwalunkwe interventzjoni oħra li tkun meħtieġa (l-Artikoli 17, 18, 21 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' tagħhom għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-oġettivi tal-azzjoni klimatika.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

## 34 02 02 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185) u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu.

34 02 03 **Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha**

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 395 750	11 205 000	14 162 795	9 500 000	13 496 371,12	8 423 750,92

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri biex issostni r-rwol tal-Unjoni biex ittejjeb l-amministrazzjoni klimatika billi tifrex l-involvement tal-partijiet konċernati, inkluż Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika, il-bini tal-kapaċità, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni ta' politiki/leġislazzjoni fil-qasam tal-azzjoni klimatika u għarfien dwar l-iżvilupp sostenibbli, sostenn għall-komunikazzjoni, il-ġestjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni, l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-għarfien ta' soluzzjonijiet u prattiki klimatiċi li kellhom suċċess inkluż l-iżvilupp ta' pjattaformi fost il-partijiet konċernati permezz ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni, li jikkontribwixxu għal konformità iktar effettiva mal-leġislazzjoni klimatika u l-infurzar, b'mod partikolari billi tippromwovi l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-aħjar prassi u l-approċċi tal-politika ("stejjer ta' suċċess").

Jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

- l-iżvilupp ta' politiki ġodda u implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett eżistenti "Klima u Enerġija", il-kisba tal-miri tal-klima/enerġija 20/20/20 tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-22 ta' Jannar 2014 "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030" (COM (2014) 15 final) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' April 2013 "L-Istrateġija ta' Adattament tal-UE għat-tibdil fil-klima" (COM (2013) 216 final) li ssostni t-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà b'karbonju baxx u reżiljenti għall-klima u l-Istrateġija ta' Adattament tal-UE li ssostni t-tranżizzjoni lejn ekonomija/soċjetà b'karbonju baxx u reżiljenti għall-klima,
- il-promozzjoni ta' entitajiet mhux għall-profit primarjament attivi fil-qasam tal-azzjoni klimatika flivell Ewropew u involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġislazzjoni tal-Unjoni bil-għan li tissaħħa il-parteċipazzjoni ta' dawn l-NGOs fil-proċess ta' djalogu dwar it-tfassil tal-politika dwar l-azzjoni klimatika, fl-implimentazzjoni tagħha u fil-proċess Ewropew ta' standardizzazzjoni sabiex tiġi żgurata rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet konċernati u l-integrazzjoni sistematika ta' aspetti relatati mal-klima.



**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** (ikompli)**34 02 03** (ikompli)

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla tal-proġetti u l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditu ta' proġetti taħt il-programm LIFE (inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi sostnuti permezz ta' għotjiet għall-operat) jistgħu wkoll jiġu ffinanzjati permezz ta' din l-appropriazzjoni.

Il-miżuri finanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni, għotjiet tal-operat, strumenti finanzjarji, proċeduri tal-akkwist jew kwalunkwe interventzjoni oħra li hija meħtieġa (l-Artikoli 17, 18, 21 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4) 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-oġġettivi tal-azzjoni klimatika.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

**34 02 04** **Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
920 000	920 000	900 000	900 000	883 818,18	883 818,18

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri kontribuzzjonijiet obbligatorji u volontarji għall-għadd ta' konvenzjonijiet, protokollu u ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija parti tagħhom u xogħol preparatorju għal ftehimiet internazzjonali tal-ġejjieni li jinvolvu lill-Unjoni.

F'xi każijiet, kontribuzzjonijiet għal protokollu sussegwenti huma inklużi fil-kontribuzzjonijiet għall-konvenzjoni bażika tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/540/KEE tal-14 ta' Ottubru 1988 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-ħarsien tas-saff tal-ożonu u l-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jdgħajfu s-saff tal-ożonu (ĠU L 297, 31.10.1988, p. 8).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

## 34 02 04 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima (ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-tweġġiq konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).

34 02 05 **Korp Ewropew ta' Solidarjetà — Kontribuzzjoni mis-sottoprogramm LIFE għall-Azzjoni Klimatika**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
34 02 05	p.m.	p.m.				
Riżervi (40 02 41)	500 000	375 000				
Total	500 000	375 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mis-sottoprogramm LIFE għall-Azzjoni Klimatika lill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'konformità mal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 2017, li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, (UE) Nru 1293/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (COM(2017) 262 final).

34 02 51 **Tlestija ta' programmi preċedenti tal-azzjoni klimatika**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	2 010 049,85

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

## 34 02 51 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti li għad iridu jissaldaw minn snin preċedenti u li jirriżultaw mill-oġġettivi ġenerali tal-Programm LIFE+ b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri ta' sostenn għar-rwol tal-Kummissjoni biex tnedi l-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni fil-qasam tal-azzjoni klimatika.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 rigward l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

34 02 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

## 34 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Razzjonalizzazzjoni tal-azzjoni klimatika, adattament u innovazzjoni

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 234 350,16

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 34 02 77 02 Proġett pilota — Użu effiċjenti tal-finanzjament tal-UE b'rabta mal-klima: l-użu tat-toroq bħala indikatur bikri tal-prestazzjoni għall-proġetti REDD+

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	588 000	p.m.	660 000	0,—	129 340,15

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 77 (ikompli)

34 02 77 02 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

34 02 77 03 Proġett Pilota — Studju dwar iċ-ċikli tal-ħajja ta' vetturi elettriċi, vetturi li jużaw bijokarburanti u vetturi li jużaw karburanti tradizzjonali.

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2018		Approprijazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	200 000	500 000	250 000		

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Dan l-istudju għandu l-għan li jqabbel l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-impatti ambjentali wiesgħa tat-tipi differenti ta' vetturi ħfief fil-kuntest tal-kisba tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.

*Approċċ***L-ewwel fażi**

L-immappjar tal-emissjonijiet CO<sub>2</sub> u NO<sub>x</sub>, kemm direttament kif ukoll indirettament, u ta' impatti ambjentali oħra tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' vetturi ħfief.

It-tipi ta' vettura li għandu jiġi eżaminat għandu jinkludi iżda ma jkunx limitat għal:

- Vetturi li jużaw karburanti fossili konvenzjonali,
- Vetturi elettriċi (vetturi elettriċi b'batterija, vetturi elettriċi ibridi rikarikabbli, vetturi elettriċi b'ċellola tal-karburant),
- Vetturi li jużaw bijokarburanti.

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 77 (ikompli)

34 02 77 03 (ikompli)

Definizzjoni ta' ċiklu tal-ħajja:

- Preproduzzjoni,
- Produzzjoni,
- Waqt l-użu (fuq medja annwali),
- Wara l-użu.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

34 02 77 04 Proġett pilota — Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-mitigazzjoni għal tniġġis tal-klima u tal-ilma freġjuni agrikoli

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
700 000	350 000				

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota se juri soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (artijiet mistagħdra mibnija/vaski ta' ritenzjoni) għall-mitigazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima u l-użu tal-art mill-bniedem fuq il-kwantità tal-ilma (nixfa u għargħar) u l-kwalità (nutrijenti, pestiċidi) freġjuni agrikoli. Iċ-ċiklu tal-ilma jinsab taħt pressjoni fir-reġjuni agrikoli, filwaqt li l-prattiki agrikoli jiddependu mid-disponibbiltà tal-ilma. Għaldaqstant, l-enfasi ta' dan il-proġett se jkun fuq is-soluzzjonijiet li jimmitigaw il-problemi tad-disponibbiltà tal-ilma għall-utenti rurali u agrikoli, filwaqt li jiġi minimizzat l-impatt ta' Prattiki agrikoli fuq iż-żoni ta' qbid downstream. Il-mistoqsijiet għar-riċerka huma dawn li ġejjin:

- Kif jistgħu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jgħinu jimmitigaw avvenimenti idroloġiċi bħall-għargħar u n-nixfa fuq l-iskala tar-razzett?
- Kif jistgħu dawn is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jgħinu jimmitigaw avvenimenti idroloġiċi fl-iskala taż-żona ta' qbid?
- Dawn is-soluzzjonijiet kif jikkontribwixxu biex inaqqsu t-tniġġis tal-ilma miż-żoni agrikoli, bħan-nutrijenti, il-pestiċidi, is-sedimenti u l-metalli tqal?

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 77 (ikompli)

34 02 77 04 (ikompli)

- X'inhuma l-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi totali tas-soluzzjonijiet proposti? X'inhuma s-servizzi l-oħra tal-ekosistema relatati ma' dawn is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u liema miżuri politiċi/governattivi għandhom jittieħdu sabiex jisfruttawhom?

Dan il-proġett se jagħżel tliet reġjuni għall-istudju pilota. F'kull reġjun se jitwaqqfu arranġamenti ta' kollaborazzjoni mal-aġenziji lokali għar-riċerka agrikola li se jimplementaw is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura f'żoni agrikoli eżistenti monitorjati (skariku u tniġġis ta' nixxigħat tal-ewwel/it-tieni grad.) L-immudellar se jkun ibbażat fuq id-data kombinata mis-siti pilota.

- Dimostrazzjoni tat-tipi ta' proġetti pilota: Għal kull reġjun, se jinbnew 4 prototipi (total ta' 12) ta' vaski ta' ritenzjoni/artijiet mistagħdra mibnija, b'varjazzjonijiet fid-daqs u mekkaniżmi outflow u f'daqs ta' pożizzjoni/żoni ta' qbid. Il-kwantità u l-kwalità tal-ilma se jiġu mmonitorjati fl-iżbokk u fl-istazzjonijiet ta' monitoraġġ eżistenti f'nixxigħat tal-ewwel jew tat-tieni grad. Sabiex jitqiesu l-effetti stagionali, il-monitoraġġ għandu għall-inqas ikopri sena, bil-potenzjal għal monitoraġġ ta' segwitu lil hinn mill-ħajja tal-proġett.
- L-istudju tal-immudellar: Riżultati mill-prototipi pilota se jkunu estrapolati għal żona ta' qbid sħiħa permezz ta' mudellar idroloġiku. L-influwenza fuq il-kwantità (għargħar, fluss ta' bażi) u l-kwalità (nutrijenti, pestiċidi, sustanzi niġġiesa, sedimenti) tal-ilma se tkun ivvalutata fl-iskala tal-magħqad tal-ilma. L-immudellar se jkun ibbażat fuq mudelli eżistenti, minkejja li se jkunu meħtieġa kalibrazzjoni u validazzjoni addizzjonali. Ir-riżultati tal-immudellar għandhom jiffokaw fuq id-densitajiet meħtieġa sabiex jinkiseb status tajjeb fl-iskala taż-żona ta' qbid.
- Il-vijabbiltà ekonomika: Il-vijabbiltà ekonomika tal-prototipi differenti se tkun ivvalutata fuq il-baży ta' kombinament tar-riżultat tad-dimostrazzjoni u tal-immudellar. Il-kostijiet u l-benefiċċji se jkunu kwantifikati, u l-mekkaniżmi biex jikkumpensaw għas-servizzi addizzjonali tal-ekosistema se jkunu evalwati.

Il-pjanijiet għall-iżvilupp se jkunu bbażati fuq analiżijiet reġjonali kost-benefiċċji u fuq għodod ekonomiċi, inkluż il-kost tal-pjanijiet ta' reżiljenza tal-ilma. Is-soluzzjonijiet se jipprevjenu t-tniġġis u jevitaw it-tniġġis permezz tal-iskariku tal-ilma. Il-benefiċċji se jiġu mqabbli ma' għażliet alternattivi jew komplementari. L-għażla tal-proġetti pilota u tar-reġjuni se tqis il-proġetti rilevanti Interreg u tal-Unjoni oħrajn.

*Baży ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*TITOLU 40*

**RIŻERVI**

KUMMISSJONI  
TITOLU 40 — RIŻERVI

## TITOLU 40

### RIŻERVI

#### Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018		Appropriazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
40 01	RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA	11 138 694	11 138 694	5 769 253	5 769 253	0,—	0,—
40 02	RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI	847 616 652	496 880 703	577 723 000	333 965 000	0,—	0,—
40 03	RIŻERVA NEGATTIVA	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—
	<b>Titolu 40 — Total</b>	<b>858 755 346</b>	<b>508 019 397</b>	<b>583 492 253</b>	<b>339 734 253</b>	<b>0,—</b>	<b>0,—</b>



## TITOLU 40

## RIŻERVI

## KAPITOLU 40 01 — RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
40 01	RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA					
<b>40 01 40</b>	<b>Riżerva amministrattiva</b>		11 138 694	5 769 253	0,—	0
<b>40 01 42</b>	<b>Riżerva ta' kontinġenza</b>	5,2	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>Kapitolu 40 01 — Total</b>		<b>11 138 694</b>	<b>5 769 253</b>	<b>0,—</b>	<b>0</b>

**40 01 40 Riżerva amministrattiva**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
11 138 694	5 769 253	0,—

## Kummenti

L-approprjazzjonijiet imdahlha f'dan l-artikolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara li jkunu trasferiti għal linja baġitarja oħra skont ir-Regolament Finanzjarju.

1.	Partita	15 01 04 03	Nefqa ta' appoġġ għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà	4 550 000
2.	Partita	19 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi	673 000
3.	Partita	26 01 70 22	Frankfurt am Main (DE)	5 915 694
			<b>Total</b>	<b>11 138 694</b>

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**40 01 42 Riżerva ta' kontinġenza**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI  
TITOLU 40 — RIŻERVI

## KAPITOLU 40 02 — RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016		% Pagame- nti 2016/ 2018
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
40 02	RIŻERVI GĦALL- INTERVENTI FINANZJARJI								
<b>40 02 40</b>	<b>Approprjazzjonijiet mhux differenzjati</b>		25 000 000	25 000 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—	0
<b>40 02 41</b>	<b>Approprjazzjonijiet differenzjati</b>		305 714 652	127 280 703	70 999 000	18 965 000	0,—	0,—	0
<b>40 02 42</b>	<b>Riżerva għal għajjuna f'emerġenza</b>	9	344 600 000	344 600 000	337 800 000	315 000 000	0,—	0,—	0
<b>40 02 43</b>	<b>Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall- Globalizzazzjoni</b>	9	172 302 000	p.m.	168 924 000	p.m.	0,—	0,—	
<b>40 02 44</b>	<b>Riżerva għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea</b>	9	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
	<b>Kapitolu 40 02 — Total</b>		<b>847 616 652</b>	<b>496 880 703</b>	<b>577 723 000</b>	<b>333 965 000</b>	<b>0,—</b>	<b>0,—</b>	<b>0</b>

**40 02 40 Approprjazzjonijiet mhux differenzjati**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
25 000 000	p.m.	0,—

## Kummenti

L-appropriazzjonijiet fit-Titolu "Riżervi" huma maħsuba għal żewġ ċirkostanzi biss: (a) meta ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun stabbilit; u (b) meta jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jiddubita kemm l-appropriazzjonijiet ikunu xierqa jew il-possibilità li l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-linji kkonċernati jiġu implimentati skont kundizzjonijiet konsonanti ma' ġestjoni finanzjarja soda. L-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju.

It-tqassim huwa kif ġej (impenji, ħlasijiet):

1. Artikolu	01 03 08	Provizzjonament tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD	25 000 000
<b>Total</b>			<b>25 000 000</b>

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**40 02 41 Approprjazzjonijiet differenzjati**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2018		Approprjazzjonijiet 2017		Eżitu 2016	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
305 714 652	127 280 703	70 999 000	18 965 000	0,—	0,—

## KAPITOLU 40 02 — RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI (ikompli)

## 40 02 41 (ikompli)

## Kummenti

L-appropriazzjonijiet fit-Titolu "Riżervi" huma maħsuba għal żewġ ċirkostanzi biss: (a) meta ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun stabbilit; u (b) fejn ikun hemm raġunijiet serji li wieħed jiddubita kemm l-appropriazzjonijiet ikunu xierqa jew il-possibilità li l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-partiti kkonċernati jkunu implimentati skont kundizzjonijiet konsonanti ma' ġestjoni finanzjarja soda. L-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju.

It-tqassim huwa kif ġej (impenji, ħlasijiet):

1.	Artikolu	01 04 05	Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSI	105 185 000	
2.	Artikolu	04 02 65	Korp Ewropew ta' Solidarjetà — Kontribuzzjoni mill-Fond Soċjali Ewropew	11 102 000	8 327 000
3.	Partita	05 04 60 04	Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà – Kontribuzzjoni mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)	1 800 000	1 350 000
4.	Artikolu	07 02 07	Korp Ewropew ta' Solidarjetà – Kontribuzzjoni mis-sottoprogramm għall-Ambjent ta' LIFE	1 000 000	750 000
5.	Artikolu	11 03 01	Stabiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitatiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi	46 565 000	43 302 703
6.	Artikolu	15 05 01	Korp Ewropew ta' Solidarjetà	38 235 652	28 676 000
7.	Artikolu	19 02 01	Rispons għal kriżi u kriżijiet emerġenti	20 400 000	8 000 000
8.	Artikolu	19 02 02	Appoġġ għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi u t-tħejjija għall-kriżijiet	2 677 000	
9.	Artikolu	21 05 01	Theddid globali u transreġionali u theddid emerġenti	6 250 000	
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien (ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tas-6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 431/2009 tat-18 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/531/UE tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-Unjoni fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija (ĠU L 286, 29.10.2013, p. 1).

#### 2. *Deskrizzjoni*

Skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002, l-Unjoni għandha s-setgħa tagħti self lill-Istati Membri li għandhom, jew li huma serjament mhedda b'diffikultajiet relatati mal-bilanċ tal-pagamenti tagħhom preżenti jew tal-movimenti tal-kapital. L-Istati Membri li ma adottawx l-euro biss jistgħu jibbenefikaw minn din il-faċilità. L-ammont pendenti ta' self kien limitat għal EUR 12 000 000 000 bħala kapital prinċipal.

Nhar it-2 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-faċilità għal EUR 25 000 000 000.

Fl-4 ta' Novembru 2008, il-Kunsill iddeċieda li jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja lill-Ungerija fil-forma ta' self fuq terminu ta' żmien medju ta' prinċipal sa EUR 6 500 000 000 għal maturità medja massima ta' ħames snin.

Fl-20 ta' Jannar 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja fil-forma ta' self fuq terminu ta' żmien medju ta' prinċipal sa EUR 3 100 000 000 għal maturità medja massima ta' seba' snin.

Fis-6 ta' Mejju 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lir-Rumanija fil-forma ta' self fuq terminu ta' żmien medju ta' prinċipal sa EUR 5 000 000 000 għal maturità medja massima ta' ħames snin.

Fit-18 ta' Mejju 2009, il-Kunsill iddeċieda jestendi l-faċilità sa EUR 50 000 000 000.

Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tar-Rumanija assistenza finanzjarja prekawzjonarja fuq terminu ta' żmien medju li tammonta għal massimu ta' EUR 2 000 000 000 fil-forma ta' self b'maturità medja massima ta' 8 snin. Il-faċilità skadiet fl-aħħar ta' Settembru 2015 mingħajr ma ġiet utilizzata b'mod sħiħ.

#### 3. *Effett fuq il-baġit*

Billi ż-żewġ partijiet ta' dawn il-ħidmiet ta' għoti u ta' teħid b'self jitwettqu skont l-istess termini, jaffettwaw il-baġit biss jekk il-garanzija tiġi attivata f'każ ta' xi nuqqas ta' inadempjenza. Fil-31 ta' Diċembru 2016 l-ammont ta' kapital pendenti taħt dan l-istrument huwa ta' EUR 4 200 000 000.



KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĦ TAL-UNJONI  
(B'MOD INDIKATTIV)

II Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza finanzjarja fl-ambitu tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja

1. **Bażi ġuridika**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

L-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tat-30 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/682/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/683/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/313/UE tal-21 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 173, 26.6.2013, p. 40).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/323/UE tal-21 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 175, 27.6.2013, p. 47).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/525/UE tat-22 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 282, 24.10.2013, p. 71).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/542 tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja għal żmien qasir mill-Unjoni lill-Greċja (2015/1181) (ĠU L 91, 7.4.2016, p. 22).

2. **Deskrizzjoni**

L-Artikolu 122 (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddisponi l-possibbiltà li tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni lil Stat Membru li jsib ruħu f'diffikultajiet jew ikun mhedded minn diffikultajiet serji kkawżati minn, *inter alia*, ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jkollux kontroll fuqhom.

Il-garanzija mogħtija mill-Unjoni hija għal self mogħti fuq is-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji.

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010, l-ammont pendenti ta' self jew linji ta' kreditu mogħtija lil Stati Membri taħt il-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja għandu jkun limitat għall-marġni disponibbli taħt il-limitu tar-riżorsi proprji tagħhom għall-approprijazzjonijiet ta' pagament.

Din il-partita tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandha tippermetti li l-Kummissjoni tisservizzja d-dejn fil-każ tal-inadempjenza tad-debituri.

Sabiex tonora l-obbligi tagħha, il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tagħha fi flus biex tħallas id-dejn provviżorjament. Japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Fis-7 ta' Diċembru 2010, l-Unjoni ddeċidiet li tagħmel disponibbli għall-Irlanda selfa li tammonta għal massimu ta' EUR 22 500 000 000, b'massimu ta' maturità medja ta' 7,5 snin (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

Fit-30 ta' Mejju 2011, l-Unjoni ddeċidiet li tagħmel disponibbli għall-Portugall selfa li tammonta għal massimu ta' EUR 26 000 000 000 (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fil-11 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE u 2011/344/UE billi jestendi l-maturitajiet u japplika t-tnaqqis tal-marġni tar-rata tal-imgħax għall-porzjonijiet kollha li diġà ġew żborsati (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31 rigward l-Irlanda (2011/682/UE) u p. 32 rigward il-Portugall (2011/683/UE)).

Fil-21 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE billi jestendi l-maturità medja tas-self u jipprovdli l-possibbiltà li jiġu estiżi l-maturitajiet tal-pagamenti parzjali fuq it-talba tal-Irlanda (ĠU L 173, 26.6.2013, p. 40).

Fil-21 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE billi jestendi l-maturità medja tas-self u jipprovdli l-possibbiltà li jiġu estiżi l-maturitajiet tal-pagamenti parzjali fuq it-talba tal-Portugall. Barra minn hekk, ġew speċifikati l-miżuri li jridu jiġu adottati mill-pajjiż, f'konformità mal-ispeċifikazzjoni fil-Memorandum ta' Fehim (ĠU L 175, 27.6.2013, p. 47).

Fil-22 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE billi jestendi d-disponibbiltà tal-assistenza finanzjarja mogħtija lill-Irlanda (ĠU L 282, 24.10.2013, p. 71).

### 3. *Effett fuq il-baġit*

Billi ż-żewġ partijiet ta' dawn il-ħidmiet ta' għoti u ta' teħid b'self jitwettqu skont l-istess termini, jaffettwaw il-baġit biss jekk il-garanzija tiġi attivata f'każ ta' xi nuqqas ta' inadempjenza. Fil-31 ta' Diċembru 2016 l-ammont ta' kapital pendenti taħt dan l-istrument huwa ta' EUR 46 800 000 000.

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

## III. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LIL PAJJIŻI TERZI TAL-MEDITERRAN

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni Nru 1351/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li tipprovdni assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 341, 11.12.2013, p. 4).

Id-Deċiżjoni Nru 534/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tipprovdni għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 151, 21.5.2014, p. 9).

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/1112 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lit-Tuneżija (ĠU L 186, 09.7.2016, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 18).

2. **Deskrizzjoni**

Fil-11 ta' Diċembru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Ġordan assistenza makrofinanzjarja fis-sura ta' self għal ammont massimu ta' EUR 180 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikopru l-ħtiġijiet ta' bilanċ ta' ħlas tal-Ġordan kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-faċilità nġhatat kollha f'żewġ partijiet indaqs fl-2015.

Fil-15 ta' Mejju 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għat-Tunesija assistenza makrofinanzjarja fis-sura ta' self għal ammont massimu ta' EUR 300 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikunu koperti l-ħtiġijiet ta' bilanċ ta' ħlas tat-Tuneżija kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel żewġ partijiet, kull wieħed ta' EUR 100 000 000, it-tnejn ġew żborżati fl-2015 u t-tielet parti f'Lulju 2017.

Fis-6 ta' Lulju 2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdni assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lit-Tuneżija fil-forma ta' self li tammonta għal massimu ta' EUR 500 miljun (tliet ħlasijiet parzjali ta' self ta' 200, 150 u 150 miljun). L-ewwel parti ta' EUR 200 000 000 ġiet żborżata f'Ottubru 2017.

Fil-14 ta' Diċembru 2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdni assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lil-Ġordan fil-forma ta' self li tammonta għal massimu ta' EUR 200 miljun (żewġ ħlasijiet parzjali ta' self ta' 100 miljun). L-ewwel parti ta' EUR 100 000 000 ġiet żborżata f'Ottubru 2017.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

## KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĦ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

IV. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LIL PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT

1. **Bażi ġuridika**

2. **Deskrizzjoni**

3. **Effett fuq il-baġit**

Bhalissa ma hemm l-ebda self pendenti taht din it-taqsim. Is-self preċedenti ġie rimborżat kollu.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĠ TAL-UNJONI  
(B'MOD INDIKATTIV)

V. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LILL-PAJJIŻI TAL-COMMONWEALTH TAL-ISTATI INDIPENDENTI U L-MONGOLJA

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/787/KE tas-17 ta' Ġunju 1997, li tipprovdi għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali lill-Armenja u l-Georgia (ĠU L 322, 25.11.1997, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/639/KE tat-12 ta' Lulju 2002 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lill-Ukraina (ĠU L 209, 6.8.2002, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 388/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 179, 14.7.2010, p. 1)

Id-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1025/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/215/UE tal-14 ta' April 2014, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 111, 15.4.2014, p. 85).

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' April 2015 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 100, 17.4.2015, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1565 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 242, 20.9.2017, p. 14).

2. **Deskrizzjoni**

Fis-17 ta' Novembru 1997, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self eċċezzjonali lill-Georgia u lill-Armenja (self lill-Georgia b'ammont massimu ta' EUR 142 000 000 bħala kapital u self lill-Armenja ta' EUR 28 000 000), b'durata massima ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 110 000 000 tħallas kollu lura lill-Georgia fl-24 ta' Lulju 1998. It-tieni porzjon ma għandux isir aktar.

Fit-12 ta' Lulju 2002, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukraina faċilità ta' self għal żmien twil ta' allokkazzjoni prinċipali massima ta' EUR 110 000 000 b'perjodu ta' maturità massima ta' 15-il sena, bil-għan li tiġi żgurata sitwazzjoni ta' bilanċ ta' pagamenti sostenibbli, filwaqt li tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' riżerva tal-pajjiż u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali meħtieġa. Fl-2014 ġie żborżat l-ammont totali tal-faċilità.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija għall-operazzjoni mutwatarja u mutwanti tal-Unjoni Ewropea għall-Armenja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 65 000 000 fi prinċipal għal tul ta' żmien massimu ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 26 000 000 kien żborżat fl-2011, it-tieni u l-aħħar wieħed fl-2012.

Fis-7 ta' Lulju 2010, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Ukraina faċilità ta' self għal żmien twil ta' allokkazzjoni prinċipali massima ta' EUR 500 000 000 b'perjodu ta' maturità massima ta' 15-il sena, bil-għan li tiġi assigurata sitwazzjoni ta' bilanċ ta' pagamenti sostenibbli. Il-faċilità nġhatat kollha f'żewġ partijiet indaqs fl-2014 u l-2015.

Fit-12 ta' Awwissu 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Georgia assistenza makrofinanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 46 000 000 (sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' għoti u sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 tħallas f'April 2015 u t-tieni porzjon ta' EUR 13 000 000 tħallas f'Mejju 2017.

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għar-Repubblika Kirgiża assistenza makrofinanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 30 000 000 (sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' ghotjet u sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. L-ewwel parti ta' EUR 5 000 000 tħallset fl-2015 u t-tieni parti f'April 2016.

Fl-14 ta' April 2014, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukraina assistenza makrofinanzjarja fis-sura ta' self ta' ammont massimu ta' EUR 1 000 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikopri l-ħtiġijiet urġenti ta' bilanċ ta' ħlas tal-Ukraina kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ammont totali ta' EUR 1 000 000 000 tħallset fl-2014.

Fl-15 ta' April 2015, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukraina assistenza makrofinanzjarja ta' allokkazzjoni massima ta' EUR 1 800 000 000 u b'perjodu ta' maturità massima ta' 15-il sena, biex jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ukraina u aġenda ta' riforma sostantiva. L-assistenza tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Ukraina kif identifikat fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 600 000 000 tħallas f'Lulju 2015 u t-tieni porzjon ta' EUR 600 000 000 tħallas f'Marzu 2017.

Fit-13 ta' Settembru 2017, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Moldova assistenza makrofinanzjarja ta' allokkazzjoni massima ta' EUR 100 000 000 (sa EUR 40 000 000 fil-forma ta' għoti u sa EUR 60 000 000 fis-sura ta' self u b'maturità massima ta' 15-il sena), biex jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Moldova u aġenda ta' riforma sostantiva.

### 3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI  
(B'MOD INDIKATTIV)

VI. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LIL PAJJIŻI TAL-PUNENT TAL-BALKANI

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/325/KE tal-10 ta' Mejju 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 123 13.5.1999, p. 57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/733/KE tat-8 ta' Novembru 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplementari lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/549/KE tas-16 ta' Lulju 2001, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/882/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/580/KE tad-29 ta' April 2004, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Albanija u li tirrevoka d-Deċiżjoni 1999/282/KE (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 116).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/KE tat-2 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta' Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta' self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE (ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/892/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 9).

2. **Deskrizzjoni**

Fil-10 ta' Mejju 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bożnija-Herzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA I).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bożnija-Herzegovina fil-21 ta' Diċembru 1999. It-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 tħallas fil-2001.

Fit-8 ta' Novembru 1999, il-Kunsill reġa' ddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 50 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (FYROM II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja f'Jannar 2001, it-tieni porzjon ta' EUR 12 000 000 f'Jannar 2002, it-tielet porzjon ta' EUR 10 000 000 f'Ġunju 2003 u r-raba' porzjon ta' EUR 18 000 000 f'Diċembru 2003.

Fil-16 ta' Lulju 2001, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro I) fil-forma ta' self fit-tul ta' ammont massimu ta' EUR 225 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena. Is-self tħallas f'porzjoni wieħed f'Ottubru 2001.

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bożnija-Herzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bożnija-Herzegovina fl-2004 u t-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 fl-2006.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja u Montenegro (Serbja u Montenegro II) fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 55 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 u t-tieni porzjon ta' EUR 30 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallsu lis-Serbja u Montenegro fl-2003 u t-tielet porzjon ta' EUR 15 000 000 tħallas fl-2005.

Is-self lill-Albanija ta' EUR 9 000 000, għal tul massimu ta' ħmistax-il sena, tħallas fis-sħuħija tiegħu fl-2006.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 200 000 000 fi principal għal żmien massimu ta' tmien snin. L-ewwel parti ta' EUR 100 000 000 tħallset fl-2011.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 100 000 000 fi principal għal żmien massimu ta' 15-il sena. Iż-żewġ partijiet ta' EUR 50 000 000 tħallsu fl-2013.

### 3. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.



KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI  
(B'MOD INDIKATTIV)

VII. GARANZIJA GĦAL TEĦID B'SELF MILL-EURATOM BIEX JITTEJJEK IL-LIVELL TA' EFFIĊJENZA U TAS-SIKUREZZA TAL-IMPJANTI TAL-ENERĠIJA NUKLEARI FIL-PAJJIŻI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U L-COMMONWEALTH TA' STATI INDEPENDENTI

1. **Bażi ġuridika**

Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self ta' l-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

2. **Deskrizzjoni**

Skont id-Deċiżjoni 94/179/Euratom (ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41), l-Unjoni Ewropea testendi l-ambitu tas-self Euratom taħt id-Deċiżjoni 77/270/Euratom għat-titjib tal-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal-power stations nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti.

L-ammont massimu ta' self Euratom għall-Istati Membri u pajjiżi terzi jibqa' stabbli għal EUR 4 000 000 000.

Fl-2000 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Kozludoy fil-Bulgarija (EUR 212 500 000) u l-aħħar pagament kien fl-2006 Fl-2000 il-Kummissjoni ħarġet self lil K2R4 fl-Ukrajna iżda naqqset l-ammont tas-self għall-ekwivalent EUR ta' USD 83 000 000 fl-2004. K2R4 ingħata self ta' EUR 39 000 000 (l-ewwel parti) fl-2007, USD 22 000 000 fl-2008, u USD 10 335 000 fl-2009 skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2004. Fl-2004 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Cernavodă fir-Rumanija (EUR 223 500 000). L-ewwel pagament ta' EUR 100 000 000 u t-tieni wieħed ta' EUR 90 000 000 inħarġu fl-2005 u l-aħħar wieħed ta' EUR 33 500 000 fl-2006.

Fl-2013 il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti self lil Energoatom, l-Ukrajna, ta' EUR 300 000 000 għall-programm ta' titjib fis-sigurtà tal-impjanti għall-enerġija nukleari. Is-self se jiġi pprovdut f'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li, b'mod parallel, se jipprovdni self ieħor ta' EUR 300 miljun. Il-kundizzjonijiet li jippreċedu d-disponibbiltà inizjali tas-self ġew iwwalutati bħala totalment milħuqin fl-2015 u s-self ġie ddikjarat bħala effettiv. L-ewwel porzjon ta' EUR 50 000 000 tħallas f'Mejju 2017.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Mill-1 ta' Jannar 2007, is-self mal-Bulgarija u mar-Rumanija ma baqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

## KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĦ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

## VIII. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI MEDITERRANJI

1. **Bażi ġuridika**

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-ađeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977 (Protokoll Mediterranji).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1278/80 tat-23 ta' Mejju 1980 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll temporanju bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja dwar l-implimentazzjoni bil-quddiem tat-2 Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni. (ĠU L 130, 27.5.1980, p. 98).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 1982 (aktar assistenza eċċezzjonali għar-rikostruzzjoni tal-Libanu).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3183/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 1984 (self lil hinn mill-Protokoll "Jugoslavja").

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/604/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 li tikkonċerna l-konklużjoni tat-Tieni Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja (ĠU L 389 31.12.1987, p.65).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/33/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/34/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/453/KEE tat-30 ta' Ġunju 1988 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 224, 13.8.1988, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/44/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 18, 25.1.1992, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/207/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/208/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/209/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/210/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istat tal-Iżrael (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 45).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1763/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 li jikkonċerna l-kooperazzjoni finanzjarja fir-rigward tal-pajjiżi Mediterranji kollha li mhumiex membri (ĠU L 181, 1.7.1992, p. 5), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1488/96 (ĠU L 189, 30.7.1996, p. 1)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/548/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/549/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 21).

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĦ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/408/KEE tad-19 ta' Lulju 1993 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Slovenja (ĠU L 189, 29.7.1993, p. 152).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/67/KE tal-24 ta' Jannar 1994 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 32, 5.2.1992, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/484/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Malta (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 14).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/485/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Ċipru (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Herzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/786/KE tad-29 ta' Novembru 1999 li permezz tagħha l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għal telf minn self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' dawk l-inħawi tat-Turkija milquta mit-terremoti (ĠU L 308, 3.12.1999, p. 35).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/788/KE tal-4 ta' Diċembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex ikun stabbilit programm speċjali ta' azzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment b'appoġġ għall-konsolidazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija (ĠU L 314, 14.12.2000, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-*tkabbir* tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159 M, 13.6.2006, p. 66).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2016)0583 ta' l-14.9.2016 għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea

## 2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977, l-Unjoni tiggarantixxi self li għandu jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investment bħala parti mill-impenji finanzjarji tal-Unjoni lejn il-pajjiżi tal-Mediterran.

## KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Din id-Deċiżjoni kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investment fit-30 ta' Ottubru 1978 fi Brussell u fl-10 ta' Novembru 1978 fil-Lussemburgu li jintroduċi garanzija globali ta' 75 % tal-appropriazzjonijiet kollha disponibbli għas-self fil-pajjiżi li ġejjin: Malta, it-Tuneżija, l-Alġerija, il-Marokk, il-Portugall, (Protokoll Finanzjarju, għajnunna ta' emerġenza), it-Turkija, Ċipru, l-Eġittu, il-Ġordan, is-Sirja, l-Iżrael, il-Greċja, dik li kienet il-Jugoslavja u l-Libanu.

Il-kuntratt ta' garanzija huwa estiż għal kull Protokoll Finanzjarju ġdid.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 1999/786/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fit-18 ta' April 2000 u fil-Lussemburgu fit-23 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi ta' kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

### 3. **Deskrizzjoni**

Skont il-Protokoll Finanzjarji konklużi ma' pajjiżi terzi tal-Mediterran, l-ammonti globali huma mniżżla għal self li jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investment mill-fondi proprji tiegħu. Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jagħti self għal finijiet li jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi inkwistjoni (infrastrutturi tat-trasport, portijiet, provvista tal-ilma, produzzjoni u distribuzzjoni tal-enerġija, proġetti agrikoli u promozzjoni ta' impriżi żgħar u medji).

Fl-14 ta' April 1997, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 2 310 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Mediterrann imsemmija hawn fuq. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĠ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self mogħti tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Il-Kunsill iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1999 li jagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI għal telf mis-self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' żoni fit-Turkija milquta mit-terremot. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 600 000 000 u kien ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mid-29 ta' Novembru 1999 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self mogħti tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jidded meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fit-22 ta' Diċembru 1999, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda għal darba oħra li jagħti lill-BEI il-garanzija tal-Komunità għal telf li jirriżulta minn self għal proġetti mwettqa fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Gordani, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija limitata għal 65 % tal-valur totali tal-appropriazzjonijiet disponibbli flimkien mal-ammonti kollha relatati. Hija tkopri perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Frar 2000 sal-31 ta' Jannar 2007. Billi fi tmiem dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kienx laħaq l-ammonti totali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie awtomatikament estż b'sitt xhur.

Fl-4 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jstabbilixxi programm ta' azzjoni speċjali tal-BEI bħala appoġġ għall-konsolidament u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija. Il-valur ta' dak is-self huwa limitat għal limitu massimu kumplessiv ta' EUR 450 000 000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE rristrutturat il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, l-Eġittu, ix-Xatt tal-Punent u Gaża, l-Iżrael, il-Gordani, il-Libanu, il-Libja (l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill), il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi ristretta għal 65 %.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovdu taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tagħti garanzija tal-UE lill-BIE kontra telf taħt operazzjonijiet ta' finanzjament li jippoġġjaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-ażiżjoni, pajjiżi tal-viċinat u ta' sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Il-limitu massimu ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BIE m'għandux jisboq EUR 30 000 000 000 maqsumin flimitu massimu fiss ta' ammont massimu ta' EUR 27 000 000 000 u ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000 li għandu jiġi deċiż skont il-proċedura leġislattiva ordinarja wara l-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs it-terminu. Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat li jkun għadu dovut.

Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2016)0583 tal-14.9.2016 tipprevedi żieda fil-limitu globali tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE matul il-perjodu 2014-2020 billi jiġi rilaxxat l-ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000 imsemmi fid-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u billi jidded l-mandat il-ġdid ta' self tas-settur privat li jammonta għal EUR 2 300 000 000 għal proġetti li jindirizzaw il-kawżi primarji tal-migrazzjoni. Il-limitu globali se jilħaq ammont totali ta' EUR 32 300 000 000 u se jinqasam flimitu u sottolimiti massimi reġjonali.

## KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

#### 4. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur,
- l-għoti, f'serje ta' każijiet, ta' sussidji fuq ir-rata tal-imgħax ta' 2 % f'għajjnuna mhux rimborsabbli, suġġetta għall-ammonti kumplessivi stabbiliti mill-Protokollu Finanzjarji.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĠ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

## IX. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U TAL-PUNENT TAL-BALKANI

1. **Bażi ġuridika**

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 1989 mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investment li tikkonċerna l-operazzjonijiet tal-Bank fl-Ungerija u l-Polonja.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/62/KEE tat-12 ta' Frar 1990 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 42, 16.2.1990, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/252/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 li testendi għaċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija d-Deċiżjoni 90/62/KEE li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 123, 18.5.1991, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/166/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fis-self għal proġetti ta' investment imwettqa fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/696/KEE tat-13 ta' Diċembru 1993 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self għal proġetti f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija) (ĠU L 321, 23.12.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KEE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Herzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/348/KEE tad-19 ta' Mejju 1998 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 155, 29.5.1998, p. 53).

Fil-perjodu 2007-2013, ġie impenjat ammont totali ta' EUR 1 230,73 miljun mill-baġit ġenerali tal-Unjoni (baġit inizjali tas-Seba' Programm Kwadru flimkien ma' approprjazzjonijiet addizzjonali mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għal dak il-programm) u dan tħallas lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) biex ikunu sostnuti kemm il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) kif ukoll l-Istrument tal-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSI).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-RSFF, żviluppata mill-Kummissjoni flimkien mal-BEI, ġiet stabbilita f'Ġunju 2007. L-Unjoni u l-BEI huma msieħba fil-kondiviżjoni tar-riskji għal self ipprovdut mill-BEI direttament jew indirettament lill-benefiċjarji. L-Unjoni Ewropea, permezz tar-riżorsi baġitarji tas-Seba' Programm Kwadru u l-BEI, allokat ammont totali sa massimu ta' EUR 2 000 miljun (sa massimu ta' EUR 1 000 miljun kull wieħed) għall-perjodu 2007-2013 sabiex ikopru telfiet jekk self RSFF ma jitħallasx lura. Permezz ta' dawn il-kontribuzzjonijiet mingħand l-UE/BEI għall-kondiviżjoni tar-riskji u l-kopertura tat-telf, il-BEI jista' jestendi l-volum tas-self ta' EUR 10 000 miljun lill-kumpaniji u lill-komunità tar-riċerka għall-investimenti tagħhom fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI).

Fil-bidu tal-2012, tnediet faċilità ta' garanzija pilota ġdida, ir-RSI (L-Istrument tal-Kondiviżjoni tar-Riskji għall-SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, sa 499 impjegat) biex jitjieb l-aċċess għall-finanzjament ta' self għal investimenti fir-RŻI. Il-faċilità ta' garanzija RSI hija parti mill-implimentazzjoni tar-RSFF imwettqa mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). Għal din il-faċilità ta' garanzija pilota ta' RŻI, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni li ġej minn FP7 (flimkien ma' approprjazzjonijiet mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għal dak il-programm) għall-perjodu 2012/2013 ammonta għal EUR 270 miljun (barra l-ammont imsemmi hawn fuq).

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Fil-perjodu 2007-2013, ġie impenjat ammont totali ta' EUR 270 miljun mill-baġit tal-UE (il-baġit inizjali tal-is-Seba' Programm Kwadru flimkien ma' approprjazzjonijiet addizzjonali mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għas-Seba' Programm Kwadru) u dan tħallas lill-BEI biex tkun sostnuta l-iskema pilota RSI.

Id-'data ta' skadenza' (durata) tal-programm hija mistennija li tkun fl-2020-2022.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ippogrammar tammonta għal EUR 270 miljun għall-RSI.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

L-effett tal-ingranaġġ fil-mira kif indikat fil-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 8 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju RSI.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument RSI, ġie stmat li l-ammont totali tal-volumi ta' investimenti mobilizzati se jkun ta' madwar EUR 2 160 miljun, filwaqt li fil-fatt laħaq l-EUR 3 100 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

### **Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress (EPMF-G) — Qabel l-2014**

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Artikolu 04 03 53 (parzjali) — Tlestija ta' attivitajiet oħra

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-għan tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (il-“Faċilità”) jinqasam fi tnejn: minn naħa, iżżid id-disponibilità tal-mikrofinanzjament għall-persuni li jixtiequ jibdeu jew jiżviluppaw il-mikroimpriżi tagħhom, inkluż għall-impjeg indipendenti, fis-sens li tippermetti lill-fornituri tal-mikrofinanzjament fl-Unjoni sabiex ikabbru l-volumi ta' self tagħhom lil dawn l-individwi. Min-naħa l-oħra, il-Faċilità ssaħħa l-aċċess għall-mikrofinanzjament billi tnaqqas ir-riskju tal-fornituri ta' mikrofinanzjament. Din il-karatteristika tippermetti li l-fornituri tal-mikrofinanzjament jilhqg gruppi li normalment ma setgħux jinqadew qabel, pereżempju, għaliex persuni minn dawn il-gruppi ma setgħux jipprovdw biżżejjed kollateral jew għaliex ir-rati tal-imgħax kellhom ikunu għoljin wisq biex jiġġustifikaw il-profil ta' riskju propju tagħhom.

Il-faċilità għandha tipprovdi lill-Unjoni riżorsi biex jiżjed l-aċċess u d-disponibilità għal mikrofinanzjament għal:

- persuni li tilfu jew li qegħdin friskju li jtilfu x-xogħol, jew li għandhom diffikultajiet biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll persuni li qegħdin jaffaċċjaw il-periklu ta' esklużjoni soċjali jew persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdeu jew ikomplu jiżviluppaw il-mikroimpriza tagħhom stess, inkluż l-impjeg indipendenti,
- mikrointrapriżi, speċjalment dawk fl-ekonomija soċjali kif ukoll mikrointrapriżi li jimpjegaw il-persuni msemija fl-inċiż ta' qabel.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-Faċilità għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 tammonta għal EUR 103,6 miljun, li minnhom EUR 23,6 miljun huma previsti għall-Faċilità ta' Garanzija EPMF (EPMF-G) u EUR 80 miljun għall-EPMF *Fonds Commun de Placement — Fonds d'Investissements Spécialisé* (EPMF FCP-FIS).

Il-Faċilità hija implimentata billi jintużaw it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

- garanziji (EPMF-G),
- strumenti ta' dejn u ekwità (FCP-FIS),
- miżuri ta' sostenn, bħal attivitajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, li huma direttament neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE u għall-ksib tal-oġġettivi tagħha.

It-tieqa ta' garanzija tal-mikrokreditu għandha tibqa' fis-seħħ b'mod u effett sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2020.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Ebda impenji baġitarji oħrajn ma saru mill-Kummissjoni minn tmiem il-perjodu ta' impenn.

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-perjodu kollu tal-ippogrammar previst tammonta għal EUR 103,6 miljun (baġit kumulattiv ta' EPMFG u EPMF FCP-FIS).

L-effett tal-ingranaġġ fil-mira tal-faċilità tal-EPMF huwa 4,83 aktar mill-ħajja tal-istrumenti finanzjarji.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Fuq il-bażi tal-l-ingranaġġ fil-mira tal-faċilità tal-EPMF, huwa stmat li l-ammont totali tal-volumi ta' self mobilizzati għandu jkun ta' madwar EUR 500 miljun.

L-impenji baġitarji aggregati tal-EPMF-G għall-perjodu 2010–2013 jammontaw għal total ta' EUR 23,6 miljun (parti tal-Garanzija biss).

Il-volumi mmirati ta' self lil mikrointrapriżi benefiċjarji huma stmati li jilhqgħ l-EUR 273,8 miljuni għall-istrument finanzjarju ta' GEPMF <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> Impenji baġitarji ta' EUR 23,6 miljun immultiplikati bl-effett ta' ingranaġġ fil-mira ta' 11,6 għall-Garanzija tal-EPMF.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## **Faċilità ta' Garanzija skont il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (COSME) — 2014 sa 2020**

### (i) **Referenza għall-att bażiku**

Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33.).

### (ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

L-Artikolu 02 02 02 — It-titjib tal-aċċess għall-finanzjament ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn.

### (iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-Faċilità ta' Garanzija ta' Self (Loan Guarantee Fund — LGF) tipprovdi:

- kontragaranziji u arranġamenti oħra ta' kondiviżjoni tar-riskji għal skemi ta' garanzija,
- garanziji diretti u arranġamenti oħra li jikkondividu r-riskju għal kwalunkwe intermedjarju finanzjarju ieħor li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà.

Il-LGF tikkonsisti fi:

- f'garanziji għall-iffinanzjar ta' dejn permezz ta' self, inkluż permezz ta' self ta' subordinazzjoni u self ta' parteċipazzjoni, jew lokazzjoni, jnaqqsu d-diffikultajiet partikolari li jaffaċċjaw SMEs vijabbli biex jaċċessaw finanzi jew minħabba r-riskju għoli perċepit tagħhom jew minħabba nuqqas ta' kollateral suffiċjenti disponibbli,
- it-titolizzazzjoni tal-portafolli ta' finanzjament tad-dejn tal-SME, li għandha timmobilizza l-finanzjament addizzjonali tad-dejn għall-SMEs skont arranġamenti adatti ta' kondiviżjoni tar-riskju mal-istituzzjonijiet identifikati. L-appoġġ għal dawn it-tranżazzjonijiet jiddependi mill-impenn tal-istituzzjonijiet minn fejn joriġina l-finanzjament li jużaw parti sinifikanti mill-likwidità li tirriżulta jew il-kapital mobilizzat għal self ġdid lil SMEs f'perjodu ta' żmien raġonevoli. L-ammont ta' dan il-finanzjament ġdid permezz ta' dejn għandu jiġi kkalkulat skont l-ammont tar-riskju tal-portafoll iggarantit u għandu jiġi nnegozjat, flimkien mal-perjodu ta' żmien, individwalment ma' kull istituzzjoni li toriġinah.

Il-LGF tkopri, ħlief għas-self fil-portafoll titolizzat, self sa EUR 150 000 u b'maturità minima ta' 12-il xahar. Il-LGF tista' wkoll tkopri self ogħla minn EUR 150 000 f'każijiet fejn l-SMEs li jissodisfaw il-kriterji biex ikunu eliġibbli skont il-programm COSME ma jissodisfawx il-kriterji biex ikunu eliġibbli skont il-parti tal-SME fil-Faċilità tad-Dejn tal-programm Orizzont 2020 (l-hekk imsejja Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs InnovFin), u b'maturità minima ta' 12-il xahar. Il-LGF hi mfassla b'tali mod li jkun possibbli għaliha li tirrapporta fuq l-SMEs li jkunu qed jiġu meġhuna, kemm f'termini ta' numri kif ukoll fil-volum tas-self.

L-implimentazzjoni tal-LGF kienet f'data f'idejn il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), fuq il-bażi ta' ftehim ta' delegazzjoni ffirmat fit-22 ta' Lulju 2014.

Il-ftehim ta' delegazzjoni se jiżgura li l-LGF hija aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji (soċjetajiet ta' garanzija, istituti promozzjonali nazzjonali, banek kummerċjali, kooperattivi, eċċ.) li għandhom l-esperjenza fi tranżazzjonijiet finanzjarji mal-SMEs jew li għandhom il-kapaċità jidħlu fi tranżazzjonijiet finanzjarji ma' SMEs.

Minn perspettiva teknika, il-FEI jingħata struzzjoni biex jipprovdi garanziji limitati ta' portafoll lill-intermedjarji finanzjarji li se jkopru parti mit-telfiet mistennija ta' portafoll ta' tranżazzjonijiet iġġenerati ġodda tal-SMEs li għandhom profil ta' riskju ogħla.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Sa fejn għandhom x'jaqsmu t-tranżazzjonijiet titolizzati, il-FEI għandu struzzjonijiet li jipprovdi kopertura ta' garanzija fuq parti tal-porzjon mezzan ta' portafoll ta' self titolizzati tal-SMEs flimkien ma' impenn mill-intermedjarju finazjarju li jibni portafoll ġdid ta' self.

Ir-riċevituri finali fil-mira skont il-garanziji limitati ta' portafoll u t-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni huma SMEs ta' kull daqs mingħajr fokus speċifiku fuq settur. Il-firxa tal-prodotti finazjarji li tista' tiġi appoġġjata permezz tal-garanziji limitati hi wiesgħa ħafna sabiex ma ssirx diskriminazzjoni mal-popolazzjoni tal-SMEs li għandha ħtiġijiet ta' finazjament li jvarjaw ħafna skont l-istadju tal-iżvilupp tal-kumpanija u s-settur/l-industrija li topera fih/a.

L-istrument ta' garanzija huwa ppjanat li jidur sal-31 ta' Diċembru 2034 (sakemm jintemmu l-aħħar operazzjonijiet). Ftehimiet ta' garanzija individwali li għandhom jiġu ffirmati mill-entità fdata se jkollhom perjodu ta' żmien massimu ta' għaxar snin.

Il-LGF tista' tikkontribwixxi wkoll għall-istrumenti finazjarji li se jiġu mmobilizzati taħt l-inizjattiva tal-SMEs, strument konġunt li jikkombina l-fondi tal-UE taħt il-COSME u/jew l-Orizzont 2020 u r-riżorsi tal-FSIE f'koperazzjoni mal-BEI u l-FEI bl-iskop li jiġi ġġenerat self addizzjonali lill-SMEs fi Stati Membri speċifiċi. Din il-kontribuzzjoni tista' tieħu l-forma ta' garanziji mhux limitati ta' portafoll jew operazzjonijiet ta' titolizzazzjoni u kopertura, il-COSME u l-FEI, il-porzjon mezzanintal-portafoll.

Regolament (UE) Nru 1287/2013 jipprevedi li mhux inqas minn 60 % tal-pakkett finazjarju totali għall-implimentazzjoni tal-programm COSME għandu jiġi allokati għall-istrumenti finazjarji. Fuq il-bażi tad-distribuzzjoni tal-ammont totali allokati lill-istrumenti finazjarji bejn l-istrument ta' ekwità (48 %) u l-istrument tad-dejn (52 %) kif previst fid-dikjarazzjoni finazjarja leġiżlattiva, il-pakkett baġitarju inizjali ġenerali previst għall-LGF għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar 2014– 2020 jammonta għal EUR 717-il miljun.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finazjarji eżistenti.**

L-allokkazzjoni baġitarja inizjali stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar hija EUR 717-il miljun <sup>(1)</sup>.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat fil-bażi ġuridika hu bejn 20 u 30, b'EUR 1 mill-baġit tal-Unjoni li jirriżulta f'EUR 20–30 f'finazjament matul il-ħajja tal-istrument finazjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali tal-volumi tas-self immobilizzati jvarja bejn EUR 14 300 u 21 500 miljun għad-durata kollha tal-programm.

<sup>(1)</sup> Dan l-ammont huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li d-distribuzzjoni ġenerali bejn l-istrumenti ġenerali tal-COSME hi 52 % għall-Faċilità ta' Garanzija tas-Self (LGF) u 48 % għall-faċilità tal-ekwità għat-ktabbir (EFG) kif previst fid-dikjarazzjoni finazjarja leġiżlattiva u ssoġġetta għal tibdil, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1287/2013.



## Is-Servizz ta' Self għar-R&I għal SMEs u Kumpaniji Żgħar b'kapitalizzazzjoni medja skont l-Orizzont 2020 — 2014 sa 2020

### (i) *Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

### (ii) *Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti*

Partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

### (iii) *Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

Din il-faċilità ta' garanzija tirnexxi u tirfina l-pilota Strument għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSI) skont l-Faċilità Finanzjarja għall-Qsim tar-Riskju (RSFF) fis-Seba' Programm Kwadru, u hija parti minn strument finanzjarju ta' dejn waħdieni li jappoġġa t-tkabbir tal-intrapriżi u l-attivitajiet tagħhom ta' R&I. Hi timmira SMEs xprunati mir-R&I u kumpaniji żgħar (sa 499 impjegat) li jeħtieġu self ta' bejn EUR 25 000 u EUR 7,5 miljun. Self ta' iktar minn EUR 7,5 miljun jiġi kkunsidrat fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) se jimplimenta din il-faċilità billi jipprovdi garanziji diretti għal intermedjarji finanzjarji bħal banek, li se jestendu s-self attwali lil riċevituri finali. Il-garanzija se tkopri sa 50 % tat-telf potenzjali tal-intermedjarji. Il-FEI joffri kontrogaranziji lill-intermedjarji finanzjarji (bħall-istituzzjonijiet ta' garanzija) li jipprovdu protezzjoni konra r-riski għall-banek li jestendu s-self għall-SMEs xprunati mir-R&I u kumpaniji żgħar.

L-SMEs xprunati mir-R&I jew kumpaniji żgħar li jixtiequ japplikaw għal self għandhom jikkuntattjaw wieħed mill-intermedjarji finanzjarji biex jiffirmaw ftehim (ara l-Proċedura ta' selezzjoni) mal-FEI. Din hija faċilità xprunata mid-domanda, mingħajr allokazzjonijiet minn qabel bejn setturi, pajjiżi jew reġjuni. Madankollu, soġġetta għall-konklużjoni b'suċċess tan-negożjati, il-Kummissjoni se tinċentiva l-FEI biex jagħmel sforz partikolari biex jiżgura li proporzjon sinifikanti ta' riċevituri finali huma SMEs ekoinnovattivi u kumpaniji żgħar.

L-impatt mistenni: SMEs xprunati mir-R&I u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja kapaċi jwettqu ammont kbir ta' R&I. L-indikaturi huma l-għadd ta' ftehimiet iffirmati ma' intermedjarji finanzjarji u l-għadd u l-volum ta' self magħmul.

Skeda ta' żmien indikattiva: Din il-faċilità ilha disponibbli sa mill-10 ta' Ġunju 2014.

Il-proċedura tal-għażla

- Għall-intermedjarji finanzjarji: Il-FEI joħroġ sejħiet għal espressjoni ta' interess, bi kriterji ta' eliġgibbiltà u ta' għażla definiti bħala parti minn kull sejħa wara konsultazzjoni mad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni.
- Għas-self: skont il-proċessi interni tal-bank intermedjarju jew istituzzjoni finanzjarja oħra li għalihom l-SME jew il-kumpanija żgħira b'kapitalizzazzjoni medja japplikaw, billi juża kriterji kummerċjali normali.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Il-baġit totali previst għall-perjodu tal-iprogrammar 2014 –2020 għas-Servizz ta' Dejn għar-R&I tal-SMEs u Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li ġej mill-parti ta' "Aċċess għal Finanzjament ta' Riskju" ta' Orizzont 2020 huwa EUR 1 060 miljun.

L-arranġament ta' kondivizzjoni tar-riskju mal-FEI se jservi ta' ingranaġ għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għas-Servizz ta' Dejn għar-R&I tal-SMEs u Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja b'fattur ta' mhux aktar minn 9, biex b'hekk jirriżulta f'finanzjament ta' self ta' SMEs u Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja xprunati mir-R&I ta' madwar EUR 9 540 miljun għad-durata kollha tal-programm.

L-istrumenti se jikkontribwixxu wkoll għall-istrumenti finanzjarji li se jiġu użati skont l-inizjattiva konġunta tal-SME kif endorsjata mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2013. Din il-kontribuzzjoni tista' tiegħu l-forma ta' garanziji mhux limitati ta' portafoll jew operazzjonijiet ta' titolizzazzjoni u kopertura, flimkien ma' riżorsi mill-ESIF, COSME u l-FEI, il-porzjon mezzan tal-portafoll.

L-allokazzjoni stmata tal-baġit prevista għall-perjodu totali tal-iprogrammar tammonta għal EUR 1 060 miljun.

L-effett ta' ingranaġ fil-mira kif indikat mill-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 9 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali tal-volumi tad-dejn immobilizzati se jkun ta' madwar EUR 9 540 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) — it-Tielet Assi — Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali — 2014 sa 2020**

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm Ewropew għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-Unjoni (EaSI) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238.).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Il-Partita 04 03 02 03 — Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali — Żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzjament għal persuni legali u fiżiċi, speċjalment dawk li huma l-iktar distanti mis-suq tax-xogħol u l-intrapriżi soċjali.

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-oġġettivi ta' dawn l-istrumenti finanzjarji ġew deskritti fir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 u jistgħu jinstabu b'mod partikolari taħt l-Artikolu 4:

*Objettiv ġenerali*

Li jiġu promossi l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali billi tiżdied id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-mikrofinanzjament għal nies vulnerabbli li jixtiequ jibdew mikrointrapriża kif ukoll mikrointrapriżi eżistenti, u billi jingħata aċċess akbar għall-finanzjament għall-intrapriżi soċjali.

*Objettivi speċifiċi taħt l-Artikolu 26: tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013*

— jiżdied l-aċċess, u d-disponibbiltà ta' mikrofinanzjament għal:

— persuni vulnerabbli li tilfu jew li huma fir-riskju li jtilfu l-impjeg tagħhom, jew li għandhom diffikultà biex jidħlu jew jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, jew huma friskju ta' esklużjoni soċjali, jew li huma soċjalment esklużi, u li huma f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi proprji tagħhom;

— mikrointrapriżi sew fil-fażi tal-bidu kif ukoll tal-iżvilupp, speċjalment mikrointrapriżi li jimpjegaw persuni kif imsemmi fis-subinċiż ta' qabel;

— tinbena l-kapaċità istituzzjonali tal-fornituri tal-mikrokreditu;

— jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-suq tal-investiment soċjali u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi għal intrapriżi soċjali billi l-ekwità, il-kważi ekwità, l-istrumenti tas-self u l-għotjiet li jistgħu jilhq u l-EUR 500 000 isiru disponibbli għall-intrapriżi soċjali, li jew għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx it-EUR 30 miljun, jew total annwali tal-karta bilanċjali li ma jaqbiżx it-EUR 30 miljun, li huma stess mhumiex intrapriża tal-investiment kollettiv.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni (esklużi r-ripagamenti) tista' tiġi impenjata sal-31 ta' Diċembru 2020, madankollu, skont l-Artikolu 30(4) tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013, "ripagamenti annwali ġenerati minn strument finanzjarju wieħed għandhom jiġu assenjati lil dak l-istrument finanzjarju sal-1 ta' Jannar 2024". Il-baġit tal-istrumenti finanzjarji tal-mikrofinanzi u tal-intrapriża soċjali se jikkonsisti f'21 % tat-total tal-baġit tal-EaSI għall-2014-2020, li huwa EUR 919 469 000 fi prezzijiet kurrenti.

Id-diviżjoni tiegħu tirrispetta l-perċentwali minimi li ġejjin:

- (a) mikrofinanzjament għall-gruppi vulnerabbli u mikrointrapriżi: 45 %,
- (b) intraprenditorija soċjali: 45 %.

Il-bqija jinqasam bejn dawn it-tnejn.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Riżultati fil-mira indikattivi huma 41 000 mikroself mogħti lil riċevituri finali u 1 100 self mogħtija lil intrapriżi soċjali. Il-mira għal mikrofinanzjament ġiet bbażata fuq l-esperjenza passata tal-Faċilità Ewropea fil-Mikrofinanzjament għall-Progress.

Il-mira għal intrapriżi soċjali ġiet bbażata fuq il-volum totali tal-garanziji u tal-fondi tal-istrumenti ffinanzjati, immultiplikati mill-ingranaġ mistenni u diviżi minn daqs ta' investiment medju ta' EUR 200 000 għal kull intrapriża soċjali.

L-allokkazzjoni baġitarja indikattiva prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 96 miljun (EUR 56 miljun għall-mikrofinanzjar u EUR 40 miljun għall-intraprenditorjat soċjali).

L-effett tal-minimu tal-ingranaġ fil-mira huwa 5,5 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju għall-parti tal-garanziji. Fuq il-bażi tal-effett ta' ingranaġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali ta' 96 miljun użat għall-parti tal-garanziji jirrappreżenta madwar EUR 528 miljun għar-riċevituri finali.

**Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Settur Kulturali u Kreattiv ("Programm Ewropa Kreattiva") — 2014 sa 2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE and Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

L-Artikolu 15 04 01 — Tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tal-SMEs u l-organizzazzjonijiet żgħar u żgħar ħafna fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej, u trawwim ta' politika tal-iżvilupp u mudelli ta' negozju ġodda

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-objettiv kumplessiv tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi huwa f'konformità ma' dawk tal-Programm Qafas Ewropew għall-Kreattività, li huwa: biex titrawwem is-salvagwardja u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika Ewropea. u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur kulturali u kreattiv, bl-iskop li jiġi promoss it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020.

L-objettiv speċifiku tal-qasam tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi huwa li jsaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi.

Il-kwistjonijiet li se taħdem bis-sih biex tindirizza huma:

- id-diffikultajiet għal SMEs u proġetti kulturali u kreattivi biex ikollhom aċċess għall-kreditu bankarji,
- it-tixrid u d-disseminazzjoni limitati ta' ħila esperta fost l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-qasam tal-analiżi finanzjarja ta' SMEs u proġetti kulturali u kreattivi fl-Unjoni kollha.

Sabiex ikun hemm reazzjoni għal dawn il-kwistjonijiet, l-objettivi operattivi jkunu:

- li jipprovdu garanziji lil banek li jittrattaw mal-SMEs kulturali u kreattivi b'hekk jippermettulhom aċċess aktar faċli għall-kreditu tal-bank;
- li jkunu pprovduti l-kompetenza/bini ta' kapaċità għall-istituzzjonijiet finanzjarji;
- li jiżdied l-għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji li lesti jaħdmu ma' SMEs kulturali u kreattivi;
- li tkun massimizzata d-diversifikazzjoni ġeografika Ewropea ta' istituzzjonijiet finanzjarji li lesti jaħdmu ma' SMEs kulturali u kreattivi.

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

L-impenni baġitarji previsti għall-perjodu totali tal-ipprogrammar jammontaw għal EUR 121 miljun, kif ukoll massimu ta' EUR 2 miljun bħala rkupri mistennija mill-Fond ta' Garanzija ta' Produzzjoni MEDIA, b'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1295/2013. L-allokkazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 123 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill-bażi ġuridika/evalwazzjoni ex-ante huwa 5,7 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali ta' volumi ta' self immobilizzati se jkun ta' madwar EUR 701 miljun għad-durata kollha tal-programm.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Erasmus+ Faċilità ta' Garanzija ta' Self lill-Istudenti — 2014 sa 2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50)

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Il-Partita 15 02 01 01 (parzjali) — Il-promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni f'oqsma tal-edukazzjoni u tat-taħriġ Ewropej u r-relevanza tagħhom fis-suq tax-xogħol.

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-oġġettiv tal-Faċilità ta' Garanzija ta' Self għall-Istudenti "Erasmus+ Master" (il-"Faċilità") huwa li jrawwem u jappoġġa l-mobbiltà sħiħa tal-programm f'livell ta' Master (it-tieni ċiklu tal-edukazzjoni superjuri). Biex isir dan, il-Faċilità se tipprovdi garanziji parzjali għall-intermedjarji finanzjarji li joħorġu self b'kundizzjonijiet favorevoli lill-istudenti mill-pajjiżi parteċipanti fl-Erasmus+ li jkunu qed isegwu programm sħiħ (ta' sena jew sentejn) fil-livell ta' Masters lil hinn mill-pajjiż ta' residenza tagħhom, u lil hinn mill-pajjiż minn fejn ikunu kisbu l-kwalifika tagħhom fil-livell ta' Baċċellerat.

Il-garanziji maħruġa permezz tal-faċilità għandhom ikopru self eliġibbli ġdid għall-istudenti sa massimu ta' EUR 12 000 għal programm ta' sena fil-livell ta' Masters u sa massimu ta' EUR 18 000 għal programm ta' sentejn fil-livell ta' Masters.

Il-Faċilità għaldaqstant tirrappreżenta kontribuzzjoni diretta għall-mira tal-Unjoni u għall-Proċess ministerjali ta' Bolonja li jirduppjaw il-proporzjon ta' studenti li jtemmu perjodu ta' studju jew taħriġ barra minn pajjiżhom għal 20 % sal-2020.

Il-ġestjoni tal-Faċilità fil-livell tal-Unjoni ġiet fdata lill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), li jikkonkludi ftehimiet, ma' intermedjarji finanzjarji bħal banek jew istituzzjonijiet nazzjonali jew reġjonali ta' self għall-istudenti. Dawn l-intermedjarji finanzjarji parteċipanti min-naħa tagħhom jgħaddu l-benefiċċju tal-garanzija tal-UE billi jagħmlu s-self għall-istudenti disponibbli mingħajr ebda rekwiżit ta' kollateral mill-istudent jew mill-familja u b'kundizzjonijiet favorevoli pereż. rata ta' interessi aktar baxxa mir-rata tas-suq, u salvagwardji biex l-istudenti ma jbatux li jinkludu "perjodu ta' grazzja". Il-perjodu ta' grazzja jippermetti lill-gradwati jsibu impjeg qabel jibdew iħallsu lura s-self u "vaganza mill-pagamenti" li permezz tagħha l-pagamenti lura jistgħu jiġu ffriżati jekk ikun meħtieġ bħal waqt perjodu ta' qgħad jew maternità.

Il-kapital għas-self huwa ingranat mill-intermedjarji finanzjarji parteċipanti, bl-Unjoni li tkun garanti parzjali kontinadempjenzi fuq self possibbli mir-riċevituri finali. Il-ħlas lura tas-self isir permezz ta' mekkaniżmi ta' self bankarji "normali", bl-informazzjoni operazzjonali u l-ipproċessar isir f'livell lokali.

Il-bażi ġuridika tal-Programm Erasmus+ 2014–2020 jipprovdi għall-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni ta' EUR 517-il miljun (3,5 % tal-baġit tal-programm), li għandu jippermetti li sa 200 000 student biex jibbenefikaw minn self appoġġat mill-Faċilità. Minħabba d-dewmien tal-bidu tal-Faċilità u l-adozzjoni kajmana mill-intermedjarji finanzjarji, l-impenni baġitarji għas-sena 2017 tnaqqsu.

Il-perjodu ta' żmien tal-istrument jestendi sal-2037 (jiġifieri il-programm se jdum fis-seħħ sal-2020+ sentejn(2) skadenza tal-impenn + sa 15-il sena maturità fuq is-self tal-istudenti).

Il-faċilità tipprovdi garanziji parzjali sa 90 % tal-ewwel telfiet li jirriżultaw mill-inadempjenzi tar-riċevituri finali b'limitu tal-garanziji ta' 18 % tal-portafoll tas-self. L-ingranaġġ stmat huwa 5,7 (jiġifieri madwar EUR 3 000 miljun li għandhom jiġu pprovduti bħala kapital għas-self tal-istudenti mill-intermedjarji finanzjarji parteċipanti).

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar jammonta għal EUR 517-il miljun.

L-effett ta' ingranaġ indikat fil-programm hu 5,7 'matul il-ħajja tal-programm.

Fuq il-bażi tal-miri tal-ingranaġ tal-programm, hu stmat li l-ammont totali tal-finanzjament immobilizzat jirrappreżenta madwar EUR 3 000 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**It-tieqa ta' Garanzija PF4EE — 2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2014, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 (1) tiegħu.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

L-Artikolu 34 02 01 — It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Unjoni tal-gassijiet serra.

Artikolu 34 02 02 — Iż-żieda tar-reżiljenza tal-Unjoni għat-tibdil fil-klima.

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-iskop tal-Istrument PF4EE (Finanzjament Privat għall-Effiċjenza Enerġetika) hu li jipprovdi aċċess għal finanzjament kummerċjali affordabbli għall-investimenti eliġibbli tal-effiċjenza tal-enerġija (EE) fil-mira ta' skemi żviluppati minn pajjiżi parteċipanti biex jimplimentaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-effiċjenza tal-Enerġija (NEEAP) tagħhom jew programmi oħra f'konformità mad-direttivi tal-UE marbuta mal-effiċjenza tal-enerġija.

L-istrument PF4EE jipprovdi lill-intermedjarji finanzjarji (i) protezzjoni tar-riskju tal-kreditu bbażat fuq il-portafoll (Faċilità tal-Kondiviżjoni tar-Riskju jew RSF), kombinat ma' (ii) servizzi ta' għajnuna esperta għall-IFs sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-istrument PF4EE (iii) finanzjament fit-tul mill-BEI.

L-RSF hu mfassal biex itaffi r-riskju tal-kreditu ffaċċjat mill-Intermedjarji Finanzjarji meta jsellfu lir-riċevituri finali li jimpenjaw ruħhom għall-investimenti eliġibbli EE. Permezz ta' fondi tal-Unjoni ddepożitati bħala kont kollaterali, l-RSF se jkopri parti minn dawk imġarrba taħt is-self tal-EE inkluż fil-portafoll li se jinbena mill-Intermedjarji Finanzjarji għall-finanzjament tal-investimenti tal-EE.

L-RSF jimmira li jżid l-attività tas-self u li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-finanzjament għar-riċevituri finali permezz, fost l-oħrajn, ta' prezzijiet aktar baxxi, data ta' maturazzjoni itwal, u rekwiżiti eħfef ta' titoli. Is-self tal-BEI għall-EE għall-Intermedjarji Finanzjarji jista' jikkumplimenta l-RSF. Self bħal dan tal-BEI għall-EE se jkun ipprovdut mill-BEI b'rati kompetittivi u b'maturazzjoni fit-tul.

Jeħtieġ li l-PF4EE ikun operazzjonali sakemm is-self sottostanti kopert mill-RSF jibqa' pendenti. Il-perjodu massimu li għandu jitħalla skont il-RSF ser ikun ta' 20 sena. Għaldaqstant, il-PF4EE ser ikun fis-seħħ sa 20 sena wara t-tmiem tal-perjodu tal-implimentazzjoni (2042).

Ir-riċevituri jinkludu individwi privati, assoċjazzjonijiet ta' sidien ta' djar, SMEs, korporazzjonijiet u/jew istituzzjonijiet/korpi pubbliċi li jagħmlu investimenti għall-EE skont in-NEEAP ta' kull Stat Membru.

Id-daqs tas-self għall-EE mogħti lill-benefiċjarji jvarja minn EUR 40 000, li jista' jitnaqqas biex jakkomoda investimenti żgħar fis-settur residenzjali, sa EUR 5 miljun u f'każijiet eċċezzjonali anki sa EUR 15-il miljun.

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

L-implimentazzjoni tal-PF4EE bdiet fit-8/12/2014 bl-iffirmar tal-Ftehim ta' Delega.

Taħt il-PF4EE madwar 6–10 ftehimiet ta' finanzjament (Self tal-BEI għall-EE u Faciitajiet ta' appoġġ għall-Kondiviżjoni tar-Riskju/Espert) jistgħu jiġu ffirmati mal-IFs matul il-perjodu 2014–2017.



KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-baġit previst li se jkun allokat lill-PF4EE bejn l-2014 u l-2017 huwa ta' EUR 80 miljun. L-effett ta' ingranaġġ antiċipat tal-BEI huwa maqsum f'sitta (6). Meta wieħed iqis li l-BEI huwa limitat bil-politiki interni tiegħu biex jiffinanzja sa 75 % tal-investimenti eliġibbli tal-EE; l-effett ta' ingranaġġ tal-investment fil-mira hu maqsum fi tmienja (8).

B'segwitu tal-operazzjonijiet iffirmati fl-2015 u fl-2016 kif ukoll minħabba operazzjonijiet prospettivi, il-BEI issa jimmira li jilħaq EUR 1 000 miljun ta' investimenti ġodda fl-effiċjenza tal-enerġija matul il-fażi pilota tal-2014–2017 (EUR 430 miljun mill-BEI u EUR 570 miljun minn intermedjarji finanzjarji), li jkopru 10 Stati Membri.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji

### Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji skont is-Seba' Programm Kwadru (RSFF) inkluża r-RSI (faċilità ta' garanzija pilota għal SMEs u Kumpaniji Żgħar b'kaptalizzazzjoni medja xprunati mir-R&I — Qabel 1-2014

#### (i) Referenza għall-att bażiku

Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007–2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplementa s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007–2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku: Kapaċitajiet li jimplementa s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007–2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

#### (ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti

Artikolu 08 02 51 — It-tlestija tal-programm qafas preċedenti ta' riċerka — Is-Seba' Programm Kwadru — azzjoni indiretta tal-KE (2007 sa 2013).

Fil-perjodu 2007–2013, ammont totali ta' EUR 1 230,73 miljun ġie impenjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni (il-baġit inizjali tas-seba' programm kwadru kif ukoll l-appropriazzjonijiet addizzjonali mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għal dak il-programm) u mħallsa lill-BEI biex tiġi appoġġata l-Faċilità tal-Finanzjament tal-Kondiviżjoni tar-Riskju (RSFF), li minnhom EUR 960,73 miljun jikkorrispondu għall-RSFF u EUR 270 miljun għall-istrument għall-kondiviżjoni tar-riskji (RSI).

#### (iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit

L-objettiv ewlieni tal-RSFF huwa li jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament bid-dejn għal investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-UE speċjalment minn promoturi privati. Hija tikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet finanzjarji ta' proġetti u kumpaniji ta' innovazzjoni ta' kull daqs u sjieda, inklużi kumpaniji żgħar b'kaptal medju u SMEs.

L-RSFF isostni l-aċċess għall-finanzi fil-firxa kollha tar-riċerka, żvilupp, dimostrazzjoni u innovazzjoni (RŻI), minn riċerka fundamentali għal żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni. L-RSFF tindirizza objettivi ta' politiki transsettorjali u bżonnijiet ta' investiment relatati b'mod li hu xprunat mid-domanda abbażi ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel".

L-RSFF, żviluppata mill-Kummissjoni flimkien mal-BEI, ġiet stabbilita f'Ġunju 2007. L-UE u l-BEI huma msieħba fil-kondiviżjoni tar-riskji għal self ipprovdut mill-BEI direttament jew indirettament lill-benefiċjarji. L-Unjoni Ewropea, permezz tar-riżorsi baġitarji tas-Seba' Programm Kwadru u l-BEI, allokat ammont totali sa massimu ta' EUR 2 000 miljuni (sa massimu ta' EUR 1 000 miljun kull wieħed) għall-perjodu 2007–2013 sabiex ikopru telfiet jekk self RSFF ma jitħallasx lura. Permezz ta' dawn il-kontribuzzjonijiet mingħand l-UE/BEI għall-kondiviżjoni tar-riskji u l-kopertura tat-telf, il-BEI jista' jestendi l-volum tas-self ta' EUR 10 000 miljun lill-kumpaniji u lill-komunità tar-riċerka għall-investimenti tagħhom fir-RŻI.

Il-benefiċjarji tal-RSFF jistgħu jkunu entitajiet Ewropej ta' riċerka intensiva (kumpaniji, proġetti singoli) kif ukoll infrastrutturi ta' riċerka. Is-self RSFF jappoġġa investimenti fir-RŻI li jkunu saru minn promoturi u benefiċjarji li jinsabu fit-28 Stat Membru u l-pajjiżi assoċjati.

Il-kondiviżjoni tar-riskji bejn l-Unjoni u l-BEI inizjalment kienet saret abbażi ta' self b'self (sal-2010). Mill-2011, wara rakkomandazzjoni minn grupp indipendenti ta' esperti, il-kondiviżjoni tar-riskji isir abbażi ta' portafolji, bl-ewwel telf tiegħu l-Unjoni. Il-BEI qed jassumi telf ulterjuri ogħla minn ċertu limitu fil-każ li l-assorbiment tar-riskju tal-UE jkun ġie eżawrit.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Fil-bidu tal-2012, tnediet faċilità ta' garanzija pilota ġdida, ir-RSI (L-Istrument tal-Kondiviżjoni tar-Riskji għall-SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, b'massimu ta' 499 impjegat) biex jitjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' self għal investimenti fir-RŻI. Il-faċilità ta' garanzija RSI hija parti mill-implimentazzjoni tal-RSFF imwettqa mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). Għal din il-faċilità ta' garanzija pilota tar-RŻI, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni li ġej mill-FP7 (flimkien ma' approprjazzjonijiet mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għal dak il-programm) għall-perjodu 2012/2013 ammonta għal EUR 270 miljun.

L-ammont ta' EUR 375 miljun tħallas lura mill-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) lill-Faċilità tal-Ekwità għall-istrument Orizzont 2020.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 960,73 miljun għall-RSFF.

L-effett tal-ingranaġġ fil-mira kif indikat fil-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 5 matul il-ħajja tal-RSFF l-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument RSFF, ġie stmat li l-ammont totali tal-volumi ta' self mobilizzat se jkun ta' madwar EUR 5 000 miljun, imma li attwalment laħaq l-EUR 10 500 miljun għad-durata kollha tal-programm.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Is-servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni taħt Orizzont 2020 (InnovFin Dejn) — mill-2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020" — Il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li jħassar id-Deiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-Partita — 08 02 03 03 — It-tiswir ta' tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva

Il-Partita — 08 02 03 01 — Titjib fis-saħħa u l-benesseri tul il-ħajja

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata ta' għom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-għan huwa li jitjeb l-aċċess għal finanzjament ta' dejn — self, garanziji, kontragaranziji u forom oħra ta' dejn u finanzjament ta' riskji — għal entitajiet pubbliċi u private u sħubijiet pubbliċi-privati involuti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jirrikjedu investimenti riskjużi sabiex ikollhom riżultati. Il-fokus se jkun is-sostenn għal riċerka u innovazzjoni li għandhom potenzjal għoli għal eċċellenza.

Ir-riċevituri finali fil-mira huma potenzjalment entitajiet ġuridiċi ta' kull daqs li jistgħu jissellfu l-flus u jħallsuhom lura u, b'mod partikolari, SMEs bil-potenzjal li jwettqu innovazzjoni u jikbru malajr; kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u intrapriżi kbar; universitajiet u istituti ta' riċerka; infrastrutturi ta' riċerka u infrastrutturi ta' innovazzjoni; sħubiji pubbliċi-privati; u strumenti jew proġetti bi skop partikolari.

Is-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni hu implimentat lejn approċċ ta' pjattaforma li joffri diversi prodotti mfassla speċifikament biex jindirizzaw ħtiġijiet partikolari. Is-sieħeb ewlieni bħala entità fdata għall-implimentazzjoni għas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni hija l-Bank tal-Investment Ewropew (BEI).

Il-finanzjament tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu żewġ komponenti ewlenin

— komponent *xprunat mid-domanda*, li jipprovdi self u garanziji fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, b'sostenn speċifiku għal benefiċjarji bħal SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Dan il-komponent għandu jikkostitwixxi rispons għat-tkabbir kostanti u kontinwu osservat fil-volum ta' self mill-RSFF, li huwa bbażat fuq id-domanda. Dan il-komponent xprunat mid-domanda se jkun sostnut mill-baġit tal-programm għall-Aċċess għall-Finanzjament tar-Riskji tal-Orizzont 2020.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

- *immirat*, iffukar fuq politiki u setturi ewlenin li huma kruċjali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali, tissaħħaħ il-kompetittività, jiġi appoġġjat tkabbir sostenibbli, li jagħmel użu baxx mill-karbonju, u inklussiv u li jiġu pprovduti oġġetti ambjentali u pubbliċi oħrajn. Dan il-komponent għandu jgħin lill-Unjoni biex tindirizza aspetti tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' objettivi ta' politiki settorjali u se jkun sostnut minn partijiet oħra tal-Orizzont 2020, oqfsa, programmi u linji baġitarji oħra fil-baġit tal-Unjoni, reġjuni u Stati Membri partikolari li jixtiequ jikkontribwixxu bir-riżorsi proprji tagħhom (inkluż permezz tal-Fondi Strutturali) u/jew entitajiet speċifiċi (bħall-Inizjattivi Konġunti għat-Teknoloġija) jew inizjattivi.

Id-data tal-iskadenza tal-istrument hija mistennija li tkun bejn l-2027 u l-2030.

Il-baġit totali (krediti primarji) previst għall-perjodu tal-ipprogrammar 2014–2020 għall-parti xprunata mid-domanda tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni huwa ta' EUR 1 060 biljun. Din il-kontribuzzjoni tal-baġit Orizzont 2020 sejra, minn tal-inqas, tkun imqabbla mill-BEI permezz tar-riżorsi tagħha stess, u b'hekk tippermetti ż-żieda tal-impatt u l-kapaċità totali ta' self tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni b'fattur ta' tnejn.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 1 500 miljun inklużi EUR 440 miljun mill-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) skont is-seba' programm kwadru.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira li hu indikat fil-bażi ġuridika hu 12,5 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-effett ta' ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali tal-volumi tas-self ikun ta' madwar EUR 19 000 miljun.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Instrument tad-Dejn tas-CEF stabbilit bħala strument għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (inkluż l-istrumenti tal-legat mill-perjodu 2007–2013: LGTT u l-fażi pilota tal-bonds għall-proġetti PBI) mill-2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Dan l-istrument jista' jkun kopert mil-linji baġitarji li ġejjin:

Partita 06 02 01 05 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport;

L-Artikolu 09 03 02 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni – CEF broadband.

Partita 32 02 01 04 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi.

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit****Strumenti finanzjarji**

Skont ir-Regolament (UE) 1316/2013, l-oġġettiv tal-istrument finanzjarju taħt is-CEF huwa li jiffaċilita l-aċċess tal-proġetti tal-infrastruttura għal finanzjament tal-proġett jew dak korporattiv bl-użu tal-fondi tal-UE bħala ingranaġġ. Huma se jgħinu biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' interess komuni b'valur miżjud ċar tal-Unjoni, u biex jiġi ffaċilitat involviment ikbar tas-settur pubbliku fil-finanzjament fit-tul ta' tali proġetti fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni, tal-aħħar limitat għan-netwerks broadband.

Għandhom ikunu ta' benefiċċju għal proġetti bi ħtiġijiet ta' finanzjament fuq perjodu medju sa twil u joħlqu benefiċċji ikbar f'termini ta' impatt fuq is-suq, effiċjenza amministrattiva u użu tar-riżorsi.

Barra minn hekk, dawn l-istrumenti jipprovdu lill-partijiet ikkonċernati fl-infrastruttura bħal finanzjaturi, awtoritajiet pubbliċi, manijers tal-infrastrutturi, kumpaniji tal-kostruzzjoni u operaturi b'għażla ta' għodod tal-appoġġ finanzjarju tal-UE orjentati lejn suq koerenti.

Fl-2014, il-Kummissjoni, wara l-konklużjoni tal-valutazzjoni ex ante tas-CEF prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, iddeidiet li twaqqaf u tniedi strument għall-kondiviżjoni tar-riskju tad-Dejn għal self u garanziji li se jipprovdi wkoll appoġġ għal proġetti ta' bonds. Il-valutazzjoni ex ante tista' tinstab hawn:

Twettqet ukoll valutazzjoni ex-ante li tikkomplimenta l-Istrument tad-Dejn CEF ex ante li tiffoka b'mod partikolari fuq l-enerġija, il-broadband u l-ICT u jista' jkun stabbilit fond ta' ekwità taħt ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013..

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**L-implimentazzjoni tal-Istrument tad-Dejn tas-CEF u l-fużjoni tal-istrumenti finanzjarji l-oħra kollha taħt ir-Regolament (KE) Nru 680/2007**

CEF DI jiġi implimentat wara l-firna ta' Ftehim ta' Delega mal-BEI f'Lulju 2015. Barra minn hekk, il-ftehim jinkludi l-fużjoni tal-istrumenti eżistenti (LGTT u l-PBI) ma' strument għdid tad-dejn taħt is-CEF li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016.

**Impatt fuq il-baġit**

L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 ("ir-Regolament tas-CEF"), kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/1017, jipprovdi li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istrumenti finanzjarji għall-perjodu 2014-2020 ma għandhiex taqbeż it-8,4 % tal-baġit totali tas-CEF. Dan il-perċentwali jista' jiżdied għal 10 % skont ċerti kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament tas-CEF.

**Tul taż-żmien taċ-CEF DI**

L-aħħar segment tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għas-CEFDI għandu jkun impenjat mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020. L-approvazzjoni proprja tal-finanzjament tad-dejn mill-BEI għandha tkun finalizzata sal-31 ta' Diċembru 2022.

**L-Istrument għall-kondiviżjoni tar-riskji għal self u garanziji**

Is-sostenn permezz tal-finanzjament tad-dejn superjuri m'għandux jaqbeż it-30 % tal-ammont totali tad-dejn superjuri maħruġ. Il-finanzjament tad-dejn superjuri li għandu jiġi pprovdut taħt is-CEF m'għandux jaqbeż il-50 % tal-ammont totali tal-finanzjament totali tad-dejn superjuri li għandu jiġi pprovdut mill-BEI.

**Tariffi amministrattivi, tal-prestazzjoni u tal-immaniġġar tat-teżor**

Kif stabbilit fil-bażi ġuridika, il-miżati amministrattivi u tal-prestazzjoni li għandhom jitħallsu lill-BEI m'għandhomx jaqbeż t-2 % u t-3 % rispettivament tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni effettivament użata għal operazzjonijiet individwali.

Skont l-Artikolu 13(5) tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv it-tariffa tal-ġestjoni tat-teżor m'għandhiex taqbeż il-1 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni li tintuża effettivament biex tkopri l-operazzjonijiet matul il-perjodu tal-istrument finanzjarju.

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Fir-rigward tas-*settur tal-enerġija*, is-CEF DI għandu jiffaċilita l-aċċess ta' proġetti ta' interess komuni għal finanzjament tad-dejn fit-tul kemm fuq bażi korporattiva u wkoll ta' finanzjament ta' proġetti. L-istrument għandu b'mod partikolari jassisti l-proġetti ta' interess komuni fejn l-istrument jista' jiffaċilita l-aċċess għal kapital ta' dejn minn istituzzjonijiet kummerċjali ta' self, investituri istituzzjonali jew ta' self superjuri mill-BEI. Il-Ftehim ta' Delega jipprevedi li l-kategoriji l-oħra tal-assi tal-enerġija (eż. il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, grilji tad-distribuzzjoni intelliġenti) jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ tas-CEF DI fil-każ ta' kontribuzzjonijiet li għandhom skop speċifiku minn programmi jew korpi oħra.

Fir-rigward tas-*settur tal-broadband*, is-CEF DI għandu jiffaċilita l-fluss effiċjenti ta' investimenti privati u pubbliċi biex jstimulaw l-installazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' networks tal-broadband b'veloċità għolja f'konformità mal-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa. Biex ikun żgurat l-aħjar valur għall-flus, u minħabba l-limiti fir-riżorsi allokati għall-broadband tas-CEF, is-CEF DI għandu jkun disponibbli għal proġetti li jiddependu mit-teknoloġija l-aktar adatta għall-proġett speċifiku, jistgħu jixprunaw mudelli innovattivi ta' negozju u juru potenzjal tajjeb għar-replikabilità. Is-CEF DI għandu b'mod partikolari jindirizza l-ħtiġijiet speċjali ta' reġjuni suburbani, rurali, u b'densità baxxa ta' popolazzjoni u dawk inqas żviluppatti, li jridu jiġu servuti b'konnessjonijiet b'veloċità għolja. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' networks tal-broadband biex jikkollegaw gżejjer, reġjuni bla baħar, reġjuni muntanjużi, reġjuni remoti u periferiċi, inklużi Stati Membri li huma gżejjer, mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, u/jew azzjonijiet biex itejbu l-affidabbiltà jew il-prestazzjoni tal-konnessjonijiet bejn tali reġjuni u r-reġjuni ċentrali tal-Unjoni.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Fir-rigward tas-*settur tat-trasport*, is-CEF DI għandu jservi biex iżid il-livell totali ta' investiment fl-infrastrutturi tat-trasport fl-UE matul il-perjodu 2014–2020 f'konformità mal-oġġettivi tal-politika u mal-volumi ta' investiment previsti fil-bażi ġuridika u fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1). Sabiex jiżgura komplimentarjetà bejn il-proġetti appoġġati bis-CEF u l-FEIS, is-CEF jiffoka fuq il-promozzjoni ta' proġetti eliġibbli skont il-Linji Gwida TEN-T rispettivi, inkluża l-promozzjoni ta' inizjattivi ewlenin Ewropej bħall-użu tal-ERTMS, SESAR u l-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-vapuri u l-investimenti fin-Netwerks ewlenin u komprensivi definiti fir-Regolament CEF u fil-Linji Gwida tat-TEN-T.

**Parametri finanzjarji u ingranaġġ**

Il-parametri tal-kondiviżjoni tar-riskji u tad-dħul ġew stabbiliti b'tali mod li jistgħu jinkisbu l-oġġettivi speċifiċi ta' politika, inkluż li jkunu fil-mira kategoriji partikolari ta' proġetti, filwaqt li jiġi ppreservat l-approċċ orjentat lejn is-suq tas-CEF DI.

L-ingranaġġ mistenni tas-CEF DI— iddefinit bħala l-finanzjament totali (jiġifieri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni flimkien mal-kontribuzzjonijiet minn sorsi finanzjarji oħrajn) diviż bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni — għandu jvarja minn 6 sa 15, skont it-tip ta' operazzjonijiet involuti (livell ta' riskju, benefiċjarji mmirati, u l-finanzjament tad-dejn ikkonċernat).

Sal-lum, il-portafoll CEF DI huwa magħmul minn 11-il proġett:

- (i) 3 proġetti li qabel kienu jagħmlu parti minn portafoll LGTT (l-ikostijiet totali tal-proġett li jammontaw għal EUR 9 294,7 miljun),
- (ii) 7 proġetti li qabel kienu jagħmlu parti minn portafoll ta' IBP: Proġett (1) fis-*settur tal-Enerġija* (EUR 424,9 miljun fil-ikostijiet tal-proġett), 1 proġett tal-*ICT* (EUR 189,1 miljun fil-ikostijiet tal-proġett) u 5 proġetti tat-*Trasport* (EUR 3 451,6 miljun f'kostijiet tal-proġetti), u
- (iii) Proġett tat-*trasport* (1) (Moldova) inizjalment appoġġat taħt l-LGTT li ġie ffinanzjat mill-ġdid taħt is-CEF DI fl-2016, għal EUR 505 miljun f'kostijiet tal-proġett (l-ammont huwa fid-data ta' rfinanzjament).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ffirmat mal-BEI l-ewwel Garanzija tat-Tbajhir Ekoloġiku li min-naħa tiegħu, iffirma garanzija individwali ma' bank privat f'Novembru 2016, għal ammont totali ta' EUR 150 miljun.



**Faċilità Finanzjarja ta' Kapital Naturali (NCFE) — 2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-artikolu 17(1) tiegħu.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Artikolu 07 02 02 — It-twaqqif utat-telf u r-restawr tal-bijodiversità.

L-Artikolu 34 02 02 — Iż-żieda tar-reżiljenza tal-Unjoni għat-tibdil fil-klima.

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-Faċilità Finanzjarja ta' Kapital Naturali (NCFE) se tiffinanzja investiment bil-quddiem u kostijiet operazzjonali għal proġetti pilota li jiġġeneraw id-dħul jew li jiffrankaw il-kostijiet u li jippromwovu l-konservazzjoni, ir-restawr, l-immaniġġar u t-titjib tal-kapital naturali għall-bijodiversità u l-benefiċċji tal-adattament, inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ekosistemi għall-isfidi relatati mal-art, il-ħamrija, il-forestrija, l-agrikoltura, l-ilma u l-iskart. L-NCFE jikkumbina l-finanzjament dirett u indirett ta' proġetti permezz tad-djun u l-ekwità.

Peress li l-proġetti appoġġati min-NCFE se jkunu proġetti li l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) normalment ma jinwestix fihom, jew għax huma żgħar wisq jew għax ir-riskju għoli previst tagħhom hu għoli wisq, il-faċilità tinkludi mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tar-riskji li bih il-fondi tal-Unjoni jassorbu l-ewwel telf f'każ li l-proġett ifalli. Il-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni huwa stabbilit fi Ftehim ta' Delega bejn il-Kummissjoni u l-BEI, li jiddefinixxi wkoll il-kriterji tal-esklużjoni u l-għażla għall-proġetti, fejn jiġi żgurat li l-prijoritajiet korretti jiġu integrati fil-proċess tal-għażla u li jkun hemm kopertura ġeografika u firxa bbilanċjata fuq it-tipi ta' proġetti.

Faċilità ta' sostenn mill-esperti qed tingħata sabiex jiġi żgurat li l-proġetti jilhq stadju suffiċjenti ta' maturità għall-finanzjament. L-implimentazzjoni tal-istrument NCFE kinet f'data lill-BEI permezz ta' maniġment indirett.

Il-faċi pilota tal-NCFE tippredvi perjodu ta' programmazzjoni mill-2014 sal-2017 b'perjodu ta' implimentazzjoni sal-2019. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni prevista għal dan il-perjodu hija ta' EUR 60 miljun inklużi EUR 10 miljun għall-faċilità ta' Appoġġ Tekniku.

L-NCFE ser jiġi żviluppat f'żewġ fażijiet; fażi pilota ser tippermetti li jsir ittestjar tal-għażliet ta' finanzjament differenti, sabiex ikun hemm enfasi fuq l-aktar approċċi xierqa fit-tieni fażi operazzjonali.

Il-proġetti se jaqgħu f'erba' kategoriji wiesgħa :

- Pagamenti għal servizzi ta' Ekosistemi (PES): proġetti li jinvolvu pagamenti għall-flussi tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-kapital naturali, ġeneralment tranżazzjoni volontarja bilaterali fuq skala żgħira b'xerjiet identifikat sew u bejjiegħ ta' servizz ta' ekosistema. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipju li l-benefiċjarju jħallas, fejn il-pagamenti jsiru biex jiżguraw is-servizzi kritiċi tal-ekosistemi.
- Infrastruttura Ekoloġika (IE): IE hija netwerk ippjanat b'mod strateġiku ta' żoni naturali u seminaturali b'karatteristiċi ambjentali oħra mfassal u mmaniġġjat biex jipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi tal-ekosistema. L-Infrastruttura Ekoloġika tinkorpora spazji ekoloġiċi (jew marittimi fil-każ tal-ekosistemi akkwatiċi) u karatteristiki fiżiċi oħrajn f'żoni fuq l-art (inkluż dawk li jinsabu mal-kosta) u f'żoni tal-baħar. Fuq l-art, l-IE teżisti f'żoni rurali u f'żoni urbani. Il-proġetti tal-IE għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw introjtu u li jiffrankaw il-kostijiet ibbażati fuq il-forniment ta' prodotti u servizzi inkluż l-immaniġġjar tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-forestrija, ir-rikreazzjoni, il-kontroll tal-għargħar/l-erożjoni/in-nirien, il-pollinazzjoni u reżiljenza miżjudha għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

- Kumpens għall-bijodiversità: dawn huma azzjonijiet ta' konservazzjoni intiżi biex jikkumpensaw għall-ħsara residwa u inevitabbli lill-bijodiversità kkawżata minn proġetti ta' żvilupp. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, fejn il-kumpens isir għall-konformità jew biex jiġu mitigati r-riskji reputazzjonali. Il-proġetti mmirati lejn il-kumpens tad-danni li jsiru f'siti ta' Natura 2000 skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p.7) mhumiex eliġibbli għal finanzjament mill-NCFF.
- Investimenti favur il-bijodiversità u ta' adattament innovattivi: dawn huma proġetti li jinvolvu l-forniment tal-prodotti u s-servizzi, ħafna drabi mill-SMEs, li jimmiraw li jipproteġu l-bijodiversità jew li jżidu r-reżiljenza tal-komunitajiet u ta' setturi oħrajn tan-negozju.

L-għan huwa li jiġu identifikati u ffinanzjati proġetti b'kopertura ġeografika u settorjali wiesgħa biżżejjed, filwaqt li jiġu ttestjati diversi mekkaniżmi ta' finanzjament, biex tiġi żgurata r-replikabbiltà mal-Unjoni kollha tul il-fażi operazzjonali.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Minħabba l-fażi pilota inizjali, l-NCFF huwa mistenni li jeżegwixxi bejn disa' u 12-il operazzjoni (inklużi operazzjonijiet indiretti), jew bejn tlieta u erba' operazzjonijiet fis-sena. L-ammont għal kull operazzjoni mwettqa għal kwalunkwe investimenti individwali huwa mistenni li jkun bejn EUR 5 miljun u EUR 15-il miljun.

L-allokazzjoni tal-baġit tal-UE stmata prevista għal dan il-perjodu ta' programmazzjoni (2014–2017) hija ta' EUR 60 miljun (inklużi EUR 10 miljun għall-Faċilità ta' SostennTekniku).

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira li hu indikat fil-Ftehim ta' Delega hu 2–4 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju (il-31 ta' Diċembru 2019).

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu smat li l-ammont totali tal-investimenti u self immobilizzat se jkun ta' mill-anqas EUR 120 miljun għad-durata kollha tal-programm.

## Inizjattiva tal-UE għall-SMEs— mill-2014 sa 2020 (partiġestita indirettament mill-Kummissjoni, jiġifieri COSME/Orizzont 2020) (1) <sup>(1)</sup>

### (i) *Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u medji (COSME) (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33). Il-Kummissjoni stabbiliet strumenti finanzjarji bl-għan li jiffaċilitaw u jtejbju l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament fil-fażijiet ta' għom tal-bidu, it-tkabbir u t-trasferiment li jikkumplementaw l-użu tal-istrumenti finanzjarji mill-Istati Membri għall-SMEs fil-livell nazzjonali u reġjonali.

Orizzont 2020: Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1). Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplementa l-Orizzont 2020 — il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE and 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), il-Kummissjoni stabbiliet strumenti finanzjarji li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal riċevituri finali li jwettqu proġetti ta' riċerka u innovazzjoni.

### (ii) *Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti*

COSME: L-Artikolu 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) f'forma ta' ekwità u dejn,

H2020: partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

### (iii) *Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata ta' għom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

L-Inizjattiva tal-SME ġiet ippreżentata fis-27-28 ta' Ġunju 2013 fir-rapport konġunt tal-Kummissjoni u tal-BEI lill-Kunsill Ewropew, biex tikkomplementa u tuża s-sinerġiji bejn il-programmi eżistenti ta' sostenn għall-SMEs fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. B'mod aktar speċifiku, l-inizjattiva tal-SME hija, strument konġunt li jgħaqad il-fondi tal-UE disponibbli permezz tal-COSME u l-Orizzont 2020 u r-riżorsi tal-FEŻR-FAEŻR f'kooperazzjoni mal-BEI u mal-FEI bil-ħsieb li jiġi ġġenerat self addizzjonali għall-SMEs. Il-BEI huwa l-entità f'data bl-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva. Tliet tipi ta' strumenti finanzjarji jistgħu jiġu implimentati bl-Inizjattiva tal-SME u li bażikament jammontaw għal żewġ modi alternattivi ta' kif joperaw, jiġifieri:

- (a) garanziji mingħajr limitu li tipprovdi għajjnuna kapitali lill-intermedjarji finanzjarji għal portafolli ġodda ta' finanzjament tad-dejn lill-SMEs; kif ukoll

<sup>(1)</sup> L-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320) jipprovdi l-qafas ta' rapportar għall-istrumenti finanzjarji b'għestjoni kondiviża inkluża — b'raba mal-Artikolu 39(10) ta' dak ir-Regolament — l-Inizjattiva għall-SMEs, li tinkludi wkoll kontribuzzjonijiet tal-FEŻR/FAEŻR. Skont l-Artikolu 111 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, kull sena sal-31 ta' Mejju (fl-2017 u l-2019 sat-30 ta' Ġunju), l-awtoritajiet ta' għestjoni għandhom jipprovdu ir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali ta' għom dwar is-sena preċedenti, li għandhom jinkludu, bħala anness, l-informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji stabbiliti fl-Artikolu 46 ta' dak ir-Regolament. Dan l-Artikolu tal-aħħar jistipola wkoll li kull sena, sa mill-2016, il-Kummissjoni għandha fiżmien sitt xhur mid-data tal-iskadenza għall-preżentazzjoni tar-rapporti ta' implimentazzjoni annwali msemmija fl-Artikolu 111 ta' dak ir-Regolament, tipprovdi sommarji tad-dejta dwar il-progress li jkun sar fil-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji. Għalhekk, il-maġġorparti tad-dejta rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji b'għestjoni kondiviża se tkun disponibbli biss fit-30 ta' Novembru kull sena, u dan huwa minnu wkoll għall-2016.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

- (b) strumenti ta' titolizzazzjoni (b'żewġ possibbiltajiet, jiġifieri l-għażla Nru 1 strument ta' titolizzazzjoni b'kontribuzzjoni tal-Istat Membru għall-użu esklussiv mill-iStat Membru parteċipanti u l-alternattiva Nru 2 strument ta' titolizzazzjoni b'bosta kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri miġbura u użati biex jipprovdu protezzjoni fuq l-iskopertura aggregata, b'mod partikolari għas-segmenti intermedji garantiti mill-FEI).

F'termini ta' baġit, ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jipprevedi limitu ta' EUR 8 500 miljun ta' FEŻR-FAEŻR aggregat li għandu jiġi impenjat bl-Inizjattiva tal-SME. F'dan ix-xenarju, il-kontribuzzjonijiet massimi korrispondenti għall-COSME u l-Orizzont 2020 jammontaw għal EUR 175 miljun kull wieħed matul il-perjodu 2014–2016.

Minn tmim l-2016, l-Inizjattiva tal-SMEs ġiet implimentata f'sitt Stati Membri, jiġifieri Spanja, Malta, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Finlandja taħt strument ta' garanzija mingħajr limitu, u l-Italja taħt strument ta' titolizzazzjoni (għażla nru 1).

- (iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Peress li l-finanzjament tad-dejn il-ġdid li oriġina mill-intermedjarju finanzjarju maħtur għandu jinkludi wkoll ammont daqs 20 darba tal-COSME u/jew 9 darbiet l-kontribuzzjoni tal-Orizzont 2020, dak il-porzjon tal-portafoll il-ġdid tal-Finanzjament tad-Dejn li jirriżulta mill-kontribuzzjonijiet tal-COSME u / jew l-Orizzont 2020 taħt ir-Regolamenti (UE) Nru 1287/2013 u (UE) Nru 1291/2013 għandu jissodisfa rispettivament il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-COSME u / jew l-Orizzont 2020. It-tabella li ġejja turi bi skop illustrattiv il-kalkolu tal-ingranaġ fil-mira għall-Inizjattiva tal-SMEs, skont l-approċċ miftiehem għal tali kalkolu.

**Kalkolu ta' ingranaġ fil-mira għall-inizjattiva tal-SME fi Spanja**

Kopertura tar-Riskju SIUGI	Min jieħu r-riskju	Daqs Massimu tal-Kopertura tar-Riskju (EUR)	Klassifikazzjoni mmirata (mill-inqas)
Kopertura tar-Riskju Superjuri	EIB	1 974 461 538,46	Aa3
Kopertura tar-Riskju Intermedju ta' Fuq	EIF	128 769 230,77	Baa3
Kopertura tar-Riskju Intermedju tan-Nofs	Orizzont 2020	14 307 692,31	Ba1
Kopertura tar-Riskju Mezzana ta' Isfel	FSIE	85 846 153,85	Ba2
Kopertura tar-Riskju Subordinat	FSIE	658 153 846,15	Mhux klassifikat
Portafoll garantit mingħajr oriġinatur (jikkorrispondi għal 50 % minħabba rata ta' garanzija ta' 50 %)		2 861 538 461,54	
Riskju tal-oriġinatur (riskju proprju tal-bank)		50 %	
Ammont totali tal-portafoll garantit (100 %)		5 723 076 923,08	
<b>Total FEŻR/COSME/Orizzont 2020</b>		<b>758 307 692,31,31 01</b>	
Ingranaġ fir-rigward tal-FEŻR (iżda bbażat fuq fondi tal-FEŻR, H2020, tal-BEI u tal-FEI)			7,7

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Veikoli ta' investment iddedikati

### FCP-FIS tal-Mikrofinanzjament Ewropew Progress (EPMF FCP-FIS) — Qabel l-2014

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Id-Deċiżjoni Nru 283/2010/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Artikolu 04 03 53 (parzjali) — Tlestija ta' attivitajiet oħra

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-għan tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (il-"Faċilità") jinqasam fi tnejn: minn naħa, iżżid id-disponibilità tal-mikrofinanzjament għall-persuni li jixtiequ jibdeu jew jiżviluppaw il-mikroimpriżi tagħhom, inkluż għall-impjeg indipendenti, fis-sens li tippermetti lill-fornituri tal-mikrofinanzjament fl-UE sabiex ikabbru l-volumi ta' self tagħhom lil dawn l-individwi. Min-naħa l-oħra, il-Faċilità ssaħħa l-aċċess għall-mikrofinanzjament billi tnaqqas ir-riskju tal-fornituri ta' mikrofinanzjament. Din il-karatteristika tippermetti li l-fornituri tal-mikrofinanzjament jilhqqu gruppi li normalment ma setgħux jinqdew qabel, pereżempju, għaliex persuni minn dawn il-gruppi ma setgħux jipprovdw biżżejjed kollateral jew għaliex ir-rati tal-imgħax kellhom ikunu għoljin wisq biex jiġġustifikaw il-profil ta' riskju propju tagħhom.

Il-Faċilità tipprovdw riżorsi tal-Unjoni sabiex iżżid l-aċċess għall-mikrofinanzjament u d-disponibilità tiegħu għal:

- persuni li tilfu jew li qegħdin friskju li jtilfu x-xogħol, jew li għandhom diffikultajiet biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll persuni li qegħdin jaffaċċjaw il-periklu ta' esklużjoni soċjali jew persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdeu jew ikomplu jiżviluppaw il-mikroimpriza tagħhom stess, inkluż l-impjeg indipendenti,
- mikroimpriżi, speċjalment fl-ekonomija soċjali, kif ukoll mikroimpriżi li jħaddmu persuni msemminjin fl-inċiż ta' qabel dan.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-Faċilità għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 tammonta għal EUR 103,6 miljuni, li minnhom EUR 23,6 miljun għall-Faċilità ta' Garanzija Mikrofinanzjarja EPMF (EPMF-G) u EUR 80 miljun għall-EPMF Fonds Commun de Placement — Fons d'Investissements Spécialisé (EPMF FCP-FIS).

Il-Faċilità hija implimentata billi jintużaw it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

- garanziji (EPMF-G),
- strumenti ta' dejn U EKWITÀ (FCP-FIS),
- Miżuri ta' sostenn, bħal attivitajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, li huma direttament neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE u għall-ksib tal-oġġettivi tagħha..

It-tieqa ta' garanzija tal-mikrokreditu tibqa' fis-seħħ b'mod u effett sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2020.

L-FCP-FIS huwa mistenni jintemm fit-30 ta' April 2020.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Ebda impenji baġitarji oħrajn ma saru mill-Kummissjoni minn tmiem il-perjodu ta' impenn.

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar previst tammonta għal EUR 103,6 miljun (baġit kumulattiv ta' Garanzija EPMF u EPMF FCP-FIS).

L-effett tal-ingranaġ fil-mira tal-Faċilità huwa 4,83 matul il-ħajja tal-istrumenti finanzjarji (Garanzija EPMF u EPMF FCP-FIS).

Fuq il-bażi tal-l-ingranaġ fil-mira tal-Faċilità, huwa stmat li l-ammont totali tal-volumi ta' self mobilizzati għandu jkun ta' madwar EUR 500 miljun.

L-impenji baġitarji aggregati tal-EPMF FCP-FIS għall-perjodu 2010 –2013 jammontaw għal total ta' EUR 80 miljun. Il-volumi mmirati ta' self lil mikrointrapriżi benefiċjarji huma stmati li jilhqgħu l-EUR 226,4 miljuni għall-istrumenti finanzjarji ta' dejn u ekwità tal-EPMF (FCP-FIS) <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> impenji baġitarji ta' EUR 80 miljun immultiplikati bl-effett ta' ingranaġ fil-mira ta' 2,83 għall-EPMF FCP-FIS.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (Marguerite) — Qabel l-2014

### (i) **Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill C(2010) 941 tal-25 ta' Frar 2010 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (il-Fond Marguerite)

### (ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

L-Artikolu 06 02 51 (parzjali) — Tlestija tal-programm Netwerks trans-Ewropej.

### (iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-Fond Marguerite huwa fond tal-ekwità pan-Ewropew żviluppat fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u fir-rikonoxximent tal-ħtieġa għal investiment fit-tul b'suċċess fl-infrastruttura fl-Ewropa. Isostni l-investiment fl-infrastruttura fis-setturi tat-trasport (TEN-T), l-enerġija (TEN-E) u l-enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri u ser jinvesti l-iktar fil-proġetti greenfield.

L-isponsors ewlenin jinkludu investituri pubbliċi fit-tul minn Franza (CDC), l-Italja (CdP), il-Ġermanja (KfW), Spanja (ICO) u l-Polonja (PKO) kif ukoll il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Kummissjoni. Id-daqs tal-Fond Marguerite fl-għeluq finali huwa ta' EUR 710 miljun.

Impenji baġitarji aggregati tal-Unjoni: EUR 80 miljun mill-baġit tat-TEN-T

Riżultati mistennija:

— 30 % sa 40 % tal-impenni totali investiti fis-settur tat-Trasport,

— 25 % sa 35 % investiti fis-settur tal-Enerġija,

— 35 % sa 45 % investiti fis-settur tal-Enerġiji Rinnovabbli,

— tal-inqas 3,5 darbiet l-impenn tal-Unjoni għandu jiġi investit fi proġetti eliġibbli tat-TEN-T.

Il-Fond Marguerite għandu terminu massimu ta' 20 sena mill-għeluq inizjali (Diċembru 2009), li madankollu jista' jiġi estiż sa żewġ perjodi addizzjonali ta' sena (sa Diċembru 2031). Il-perjodu ta' investiment tal-Fond jintemm f'Diċembru 2016 (erba' snin wara l-għeluq finali) b'estensjoni possibbli sa żewġ perjodi addizzjonali ta' sena. Il-perjodu ġie estiż għal sena (Diċembru 2017).

### (iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 80 miljun (impenjata kompletament fl-2010).

L-ebda effett tal-ingranaġġ fil-mira ma kien indikat fil-bażi ġuridika u l-ebda evalwazzjoni ex-ante ma kienet prodotta mis-servizzi tal-Kummissjoni qabel ma l-Kummissjoni ddeċidiet li tinvesti fil-veikolu ta' investiment iddedikat. Madankollu konsulenti ħejjew analiżi tas-suq li tivvalutata l-eżistenza ta' nuqqas ta' ekwità għal infrastruttura Ewropea għall-investituri fundaturi tal-Fond Marguerite fl-2009 għal liema servizzi tal-Kummissjoni kellha aċċess.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Bejn l-2009 u l-2016, il-Fond Marguerite investia ammont ta' EUR 456 miljun fit-12-il proġett (l-aktar self ta' ekwità u self mezzanin). L-ammont totali ta' ekwità pprovdut lil dawg il-proġetti laħaq l-EUR 1 842 miljun fi tmiem l-2016, filwaqt li l-ammont totali ta' investiment mobilizzat (ekwità u dejn flimkien) laħaq l-EUR 5 402 miljun <sup>(1)</sup> fi tmiem l-2016. F'din id-data, il-Kummissjoni ħallset lill-Fond Marguerite EUR 43,72 miljun minn impenn ta' EUR 80 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ attwali jammonta għal 42 (proporzjon bejn ekwità totali mogħtija għal proġetti u l-ammont imħallas mill-KE = 1 842/43,72), filwaqt li l-investiment totali mobilizzat huwa ta' 123 darba il-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

Abbażi ta' dan l-effett ta' ingranaġġ, huwa stmat li għat-terminu kollu tal-programm l-ammont totali ta' kapital provdut se jkun ta' madwar EUR 3 360 miljun, jew kważi EUR 10 000 miljun ta' investiment globali mmobilizzat.

---

<sup>(1)</sup> Il-figuri li jissemmew fil-paragrafu huma estratti mir-rapport tal-EVCA — 31/12/2016 (dejta mhux awditjata).



KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEE) — Qabel l-2014

### (i) *Referenza għall-att bażiku*

Regolament (UE) Nru 1233/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 663/2009 li jstabilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku permezz tal-għoti ta' għajna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 346, 30.12.2010, p. 5).

### (ii) *Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti*

L-Artikolu — 32 02 52 (parzjali) — Tlestija ta' proġetti enerġetiċi li jgħinu l-irkupru ekonomiku

### (iii) *Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

Fl-1 ta' Lulju 2011, ġew allokati EUR 146,3 miljun mill-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR) għal Fond Ewropew ġdid għall-Effiċjenza Enerġetika — EEEF fil-forma ta' fond ta' investiment speċjalizzat (SICAV). Il-EEEEF jinvesti fl-effiċjenza enerġetika, fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli, u fi trasport urban nadif b'mod partikolari f'żoni urbani, biex almenu jiffrankaw 20 % tal-enerġija jew inaqsu l-emissjonijiet ta' GHG/CO<sub>2</sub>.

Il-benefiċjarji jridu jkunu awtoritajiet pubbliċi jew entitajiet pubbliċi jew privati li jaġixxu f'isimhom, inklużi ESCOs <sup>(1)</sup>.

Il-EEEEF tnedja fl-1 ta' Lulju 2011 b'volum inizzjali ta' EUR 265 miljun: flimkien ma kontribuzzjoni tal-Unjoni (EUR 125 miljun f'“ishma-C” inferjuri), Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) investa EUR 75 miljun (l-aktar “ishma A” superjuri), Cassa Depositi e Prestiti SpA (CDP) EUR 60 miljun (l-aktar “ishma A” superjuri); u l-manijer tal-investiment magħżul (Deutsche Bank) EUR 5 miljuni (“ishma B” intermedji).

Il-EEEEF joffri firxa ta' prodotti finanzjarji mhux standard bħal self superjuri u subordinarju, garanziji, parteċipazzjoni ekwitarja jew skemi ta' rtirar li jistgħu jithallu b'mod flessibbli ma' finanzjament standard.

Barra minn hekk, madwar EUR 20 miljun tal-finanzjament tal-Unjoni huma disponibbli għal assistenza teknika (fil-forma ta' għotjiet) biex l-isponsors ikunu megħjunin jagħmlu l-proġetti bankabbli għall-EEEEF. Finalment, ġie stabbilit programm ta' EUR 1,3 miljun biex issir sensibilizzazzjoni dwar il-metodi ta' finanzjament u l-alternattivi għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġija rinnovabbli fost l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li jgħestixxu l-Fondi ta' Koeżjoni jew il-Fondi Strutturali. L-EPEC <sup>(2)</sup> imexxi dan il-programm.

F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1233/2010, l-iskadenza għall-allokazzjoni tal-fondi tal-UE għal proġetti ta' investiment u assistenza teknika (AT) kienet il-31 ta' Marzu 2014. *Manijer tal-Fond / Investiment*

*Manijer tal-Fond/Investiment*

Deutsche Bank huwa responsabbli, jiġifieri, għall-għażla tal-proġetti u t-tmexxija ta' proċess ta' diliġenza qabel ma jiġu ppreżentati l-proġetti quddiem il-Kumitat tal-Investiment tal-EEEEF għall-parir u l-Bord ta' Amministrazzjoni għall-approvazzjoni. Deutsche Bank jamministra wkoll il-komponent tal-AT, għall-preżentazzjoni tal-proposti tat-TA lid-DĠ ENER tal-Kummissjoni għal approvazzjoni.

*Kumitat tal-Investiment*

Il-Kumitat tal-Investiment huwa responsabbli għall-valutazzjoni tal-proġetti ppreżentati lill-manijer tal-EEEEF u għall-għoti ta' rakkomandazzjonijiet lill-Bord Manijerjali. Żewġ membri tal-BEI u membru tas-CDP huma maħtura għall-Kumitat tal-Investiment.

<sup>(1)</sup> Kumpanija ta' servizz ta' enerġija (ESCO), permezz ta' kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPC), tista' tippermetti lil awtorità pubblika sabiex timplimenta investimenti bil-quddiem (pereż. biex ittejjeb il-livelli ta' rendiment ta' binjiet pubbliċi jew biex tinstalla dwal effiċjenti fit-toroq) bla ma tieħu r-riskju finanzjarju.

<sup>(2)</sup> Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP (European PPP Expertise Centre, EPEC) huwa inizzjattiva konġunta tal-BEI, il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati. L-EPEC jgħin sabiex tisaħħaħ il-kapaċità tal-membri tas-settur pubbliku biex jidhru fi tranżazzjonijiet ta' Sħubija Pubblika-Privata (Public Private Partnership, PPP).

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

*Bord ta' Amministrazzjoni*

Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu setgħat wisgħin biex jamministra u jmexxi l-EEEEF; jiddeċiedi fuq l-investimenti wara rakkomandazzjoni mill-Kumitat tal-Investment. Madankollu, ma jistax jiddeċiedi fuq kwistjonijiet kbar (bħal bidla tal-istatuti u dokumentazzjoni) bla approvazzjoni mill-Bord Superviżorju. Jirrapporta b'mod trimestrali lill-Bord Superviżorju. Dan huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni (1), il-BEI (1, il-President) u CDP (1).

*Bord Superviżorju*

Id-doveri prinċipali tal-Bord Superviżorju jinkludu superviżjoni permanenti tat-tmexxija tal-EEEEF, l-għoti ta' pariri strateġiċi lill-Bord ta' Amministrazzjoni, il-proposta tal-pjan annwali ta' direzzjoni tan-negozju tal-Fond għall-approvazzjoni tal-azzjonisti, u l-approvazzjoni ta' bidliet fil-linji gwida dwar l-investimenti, eċċ. Huwa magħmul minn żewġ membri tal-Kummissjoni, wieħed tal-BEI u wieħed tas-CDP

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

L-allokazzjoni tal-baġit prevista għall-perjodu tal-ipprogrammar kollu tammonta għal EUR 146,3 miljun (impenjata kompletament fl-2011, EUR 125 miljun għall-EEEEF, ta' EUR 20 miljun fil-forma ta' faċilità ta' assistenza teknika (għotja) u EUR 1,3 miljun għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni).

L-ebda effett ta' ingranaġġ ma kien indikat fil-bażi ġuridika u l-ebda evalwazzjoni *ex ante* sħiħa ma kienet prodotta mis-servizzi tal-Kummissjoni qabel ma l-Kummissjoni ddeċidiet li tinvesti fil-veikolu ta' investment iddedikat, għalkemm f'kull każ ġew ippreparati pjan ta' negozju u xenarji ta' riskju.

L-EEEEF rnexxielha tisborża EUR 99,8 miljun tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni allokati għall-proġetti sal-aħħar tal-perjodu ta' investment (il-31 ta' Marzu 2014), fejn ipprovdiet soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi għal proġetti ta' użu effiċjenti tal-enerġija. Mill-31 ta' Diċembru 2016, EUR 128 miljun ġew allokati għal 12-il proġett li ġġeneraw madwar EUR 231 miljun ta' investimenti totali. Minn dawn, il-EEEEF iffirma kuntratti ma' 11-il proġett li jammontaw għal EUR 121 miljun, u diġà ġew iġġenerati EUR 224 miljun ta' investimenti finali.

L-effett ta' ingranaġġ miksub fil-31 ta' Diċembru 2016 huwa ta' 2,2. Dan huwa kkalkulat bħala l-proporzjon bejn l-ammont totali tal-investimenti appoġġati mill-EEEEF (EUR 224 miljun) u l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni attwalment żborsat (EUR 99,8 miljun).

Abbażi tal-pjanijiet ta' investment attwali, huwa stmat li l-ammont ta' investimenti mistenni li jsir minn riċevituri finali eliġibbli minħabba l-finanzjament se jilħaq il-EUR 561 miljun. L-EEEEF huwa miftuħ għal investituri ġodda u jista' jkompli jikber.

KUMMISSJONI  
INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## **Faċilitajiet esterni (mhux ifffinanzjati esklussivament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp)**

### **Faċilitajiet Reġjonali**

#### **Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF)**

##### **(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p.1).

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi L-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ĠU L 77, 15.03.2014, p. 27).

Waħda mill-prijoritajiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENP), hija l-promozzjoni ta' proġetti ta' investiment f'pajjiżi Msieħba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkopri l-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF).

L-UE nediet l-NIF fl-2007. It-tmien Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ġejjin ġew adottati għal dan l-istrument matul il-perjodu 2007 - 2013 għal pakkett totali ta' EUR 777,4 miljun (EUR 467,2 miljun għal-linja baġitarja tan-Nofsinar tal-ENPI u EUR 310,2 miljun mil-linja baġitarja tal-Lvant tal-ENPI): C(2007) 6280, C(2008) 2698, C(2009) 3951, C(2009) 8985, C(2010) 4400, C(2010) 7989, C(2011) 5547, C(2012) 4533 u C(2013) 1276. Fl-2014 impenji addizzjonali ta' EUR 381,7 miljun ġew approvati: EUR 369,4 miljun fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 5750 u żieda ta' EUR 12,3 miljun mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013)5300. Fl-2015 impenji addizzjonali ta' EUR 295,0 miljun ġew approvati fid-Deċiżjoni C(2015) 2748. Fl-2016 impenji addizzjonali ta' EUR 224,5 miljun ġew approvati fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2016) 3436 u C(2016) 8387. Dan jipprovdi għal ċifri aggregati għall-perjodu 2007-2015 ta' EUR 1 068 520 334,34 għan-Nofsinar u EUR 610 125 902,58 għal-Lvant (total ta' EUR 1 678 646 236,92). Minn dan it-total, parti minnu biss komplet tiġi investita fi proġetti li jikkorrispondu mal-istrumenti finanzjarji. F'ċifri aggregati għall-perjodu 2007-2016, l-istrumenti finanzjarji jikkorrispondu għal investimenti ta' EUR 146 450 000 għan-Nofsinar u EUR 38 300 000 għal-Lvant (total ta' EUR 184 750 000). Il-bilanċ bejn dan l-aħħar ammont u t-total tal-NIF aggregat imsemmi aktar 'il fuq ġie dirett permezz ta' għotjiet ta' investiment u proġetti ta' assistenza teknika.

Sa mill-bidu tal-2011, il-NIF inkludiet Tiegħa dwar it-Tibdil fil-Klima (CCW) skont il-Programm Tematiku dwar l-Ambjent u l-Immaniġġar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-Enerġija (ENRTP) tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ) biex issostni l-implimentazzjoni tal-proġetti li jgħinu lill-pajjiżi msieħba jindirizzaw it-tibdil fil-klima permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew adattament. Is-CCW tal-NIF hija ġestita b'mod simplifikat u b'mod ġenerali għandha l-istess regoli u l-istess modalitajiet ta' finanzjament u implimentazzjoni bħall-NIF.

##### **(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Il-Partita 22 04 01 02 — Pajjiżi mediterrani — It-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli.

Il-Partita 22 04 02 02 — Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli.

##### **(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika

L-NIF jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ENP jew prijoritajiet politiċi tematiċi relatati tal-Unjoni billi jingrana finanzjament addizzjonali għar-reġjun.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

L-oġġettiv globali tal-NIF huwa li timmobilizza aktar investimenti biex isostnu l-istabbiliment ta' żona ta' prosperità u viċinanza tajba li tinvolvi l-UE u l-pajjiżi ġirien. Flimkien ma' programmi oħrajn iffinanzjati mill-UE, l-NIF tista' trawwem tkabbir sostenibbli u inklużiv u klima favorevoli għall-investment fil-pajjiżi msieħba tagħna.

F'dan il-qafas, l-NIF tfittex li tilħaq tliet oġġettivi strateġiċi, jiġifieri:

- l-istabbiliment ta' interkonnessionijiet aħjar tal-infrastruttura tal-enerġija u t-trasport bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien u fost il-pajjiżi ġirien stess,
- l-indirizzar tal-perikli għall-ambjent komuni tagħna inkluż it-tibdil fil-klima,
- il-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari permezz ta' sostenn għal intrapriżi żgħar u medji.

L-operazzjonijiet tal-NIF ser ikomplu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-ENP u jiffokaw fuq ħames setturi ewlenin: l-Enerġija, l-Ambjent b'enfasi partikolari fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għali, it-trasport, l-iżvilupp soċjali u l-iżvilupp tal-intrapriżi żgħar u medji.

#### *Kopertura ġeografika u riċevuti finali*

Il-Pajjiżi msieħba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat li huma direttament eliġibbli għall-NIF huma pajjiżi tal-viċinat li ffirmaw Pjan ta' Azzjoni, mal-UE minbarra dawk li ma jikkwalifikawx minħabba l-livell ta' żvilupp tagħhom. Fuq bażi ta' każ b'każ, pajjiżi oħrajn li mhumiex direttament eliġibbli jistgħu jibbenefikaw minn interventi tal-NIF filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi reġjonali jew speċifiċi. L-eliġibilità tagħhom se jkollha tiġi deċiża b'mod unanimu mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

Riċevituri finali oħrajn ser ikunu s-settur privat u, b'mod partikolari l-SMEs. L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għall-iżvilupp kemm dawk nazzjonali kif ukoll dawk multilaterali jistgħu jkunu benefiċjarji diretti u partijiet ikkonċernati importanti tal-faċilità.

#### *Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

Skont l-NIF, jistgħu jintużaw il-kapital ta' riskju (investimenti ta' ekwità u kważi ekwità), strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji, garanziji, self, finanzjament ieħor bħala għotjiet ta' investment, sussidju tar-rata tal-imgħax u assistenza teknika.

#### *Durata u impatt fuq il-baġit*

Id-deċiżjonijiet relatati ma' dan l-istrument huma validi għall-oqfsa finanzjarju pluriennali 2007–2013 u 2014–2020 u jistgħu jiġu estiżi aktar wara deċiżjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Id-data finali għall-ikkuntrattar hija l-31 ta' Diċembru 2017 rigward deċiżjonijiet mill-2016. Din mhijiex id-data tad-durata tal-faċilità iżda d-data finali għall-ikkuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali li jiffinanzjaw il-faċilità. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ, skont it-tip ta' strument, b'massimu indikattiv ta' 180 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' finanzjament jew, meta ma jiġi konkluż xejn, mill-adozzjoni tad-Dokument ta' Azzjoni Annwali li jiffinanzja l-NIF.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Id-diżaggregazzjoni baġitarja ta' EUR 1 678 646 236,92 bejn iż-żewġ sottoreġjuni tal-ENP hija kif ġej:

Referenza tas-CRIS	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu 2007 - Diċembru 2016)	Linja baġitarja
Viċinat Nofsinhar		
ENPI/2007/019548	158 000 000,00	19 08 01 01
ENPI/2011/023086	309 220 334,34	19 08 01 01
ENI/2014/037510	265 300 000,00	21 03 01 02 / 21 03 03 03
ENI/2015/38303	189 500 000,00	21 03 01 02
ENI/2016/3436	146 500 000,00	22 04 01 02
<b>Total</b>	<b>1 068 520 334,34</b>	
Viċinat Lvant		
ENPI/2007/019549	137 000 000,00	19 08 01 03
ENPI/2011/023087	173 200 000,00	19 08 01 03
ENI/2013/024746	12 300 000,00	19 08 01 03
ENI/2014/037515	104 085 902,58	21 03 02 02
ENI/2015/38314	105 540 000,00	21 03 02 02
ENI/2016/8387	78 000 000,00	22 04 02 02
<b>Total</b>	<b>610 125 902,58</b>	
<b>Lvant u Nofsinhar Totali</b>	<b>1 678 646 236,92</b>	

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3436 ġiet adottata fil-31 ta' Mejju 2016 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2016) 8387 fis-7 ta' Diċembru 2016 għal kontribuzzjoni massima fil-Lvant u fin-Nofsinhar ta' EUR 225,0 miljun inklużi fit-tabella ta' hawn fuq.

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

L-allokkazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar 2014–2020 tammonta għal EUR 150 miljun fis-sena, għal total ta' EUR 1 050 miljun.

L-effett ta' ingranaġ kif indikat mill-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni *ex ante* huwa minn 4 sa 5 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Huwa stmat li t-total tal-ammont ta' EUR 1 678 miljun ta' fondi NIF għall-perjodu 2008 – 2016 jista' jimmobilizza investimenti/self minn Istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej ta' madwar EUR 15 941 miljun. B'9,5, dan l-effett ta' ingranaġ jaqbeż bil-kbir l-effett ta' ingranaġ mistenni. Dawn l-investimenti, min-naħa tagħhom, huma mistennija jappoġġaw proġetti b'valur totali ta' madwar EUR 33 207 miljun.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA) u l-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF)****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument finanzjarju għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014–2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 100), u b'mod partikolari l-artikolu 4(3).

Fuq il-bażi tal-ewwel riżultati mill-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (FIV), il-Kummissjoni pproponiet it-twaqqif ta' faċilitajiet ta' investiment li jimmiraw pajjiżi li huma fir-Regolament dwar l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ), għall-ewwel fl-Asja Ċentrali, l-Asja u l-Amerika Latina. Twaqqfu żewġ faċilitajiet għall-Asja: il-Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA) fl-2010 u l-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF) fl-2011 għall-perjodu 2010–2013. Dawn iż-żewġ faċilitajiet issawru fuq il-mudell tal-NIP u għandhom l-istess tipi ta' objettivi u kamp ta' applikazzjoni bħal dawk definiti fil-Qafas Ġenerali tal-NIF li sar qbil dwaru f'Marzu 2008 (ara t-taqsimu dwar l-NIF).

Sal-aħħar tal-2013, ittieħdu tliet deċiżjonijiet għall-IFCA ffinanzjata permezz tal-baġits tal-2010, 2011 u 2013 u tliet deċiżjonijiet għall-AIF iffinanzjati permezz tal-baġits tal-2011 u 2012 (konġunti) u l-baġits tal-2013 u l-2014.

L-AIF inħoloq mill-ġdid fl-2014 sabiex jikseb l-objettivi tar-Regolament(UE) Nru 233/2014 għall-perjodu 2014-2020 permezz ta' deċiżjoni ta' finanzjament ġdid ta' EUR 26 filwaqt li l-IFCA inholtot mill-ġdid sa tmiem l-2014 permezz ta' deċiżjoni ta' finanzjament ġdida ta' EUR 20 miljun mill-baġit tal-2015.

Fl-2016, ammont totali ta' EUR 20 miljun ġew allokati lill-IFCA u EUR 45 miljun għall-AIF.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

L-Artikolu 21 02 02 — Kooperazzjoni mal-Asja

L-Artikolu 21 02 03 — Kooperazzjoni mal-Asja Ċentrali

Partita 21 02 51 03 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Asja, inklużi l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani (linja ta' tlestija)

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-iskop ewlieni tal-IFCA huwa li tippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin b'enfasi prijoritarju fl-ewwel perjodu ta' implimentazzjoni dwar l-enerġija u l-ambjent. Fuq il-bażi tal-iżvilupp tal-istrategġiji tal-Asja Ċentrali, iktar tard tista' tiġi prevista estensjoni għas-setturi tat-trasport, l-SMEs, l-ilma / il-ġestjoni tal-iskart u l-infrastruttura soċjali fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali.

L-iskop ewlieni tal-AIF huwa li tippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin b'enfasi prijoritarju fuq it-tibdil fil-klima u investimenti "ekoloġiċi" fl-oqsma tal-ambjent u l-enerġija u t-trasport kif ukoll fl-SMEs u l-infrastruttura soċjali. Iktar tard tista' tiġi prevista estensjoni għas-settur tat-trasport.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

Il-riċeventi finali ta' dawn iż-żewġ faċilitajiet huma l-pajjiżi ta' dawn iż-żewġ reġjuni. Riċeventi finali oħrajn se jkunu s-settur privat u, b'mod partikolari, l-SMEs.

L-istituzzjonijiet ta' finanzjament eliġibbli se jkunu l-entitajiet fdati u l-partijiet ikkonċernati importanti ta' dawn iż-żewġ faċilitajiet.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati huma dawn li ġejjin:

- kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti tal-infrastruttura pubblika;
- finanzjament tal-ispejjeż għall-garanziji fuq is-self;
- sussidji tar-rati tal-imgħax;
- assistenza teknika;
- operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju;
- kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' kondiviżjoni tar-riskju

Modi possibbli ta' ġestjoni ġew ċentralizzati (diretta u indiretta), ġestjoni konġunta u parzjalment deċentralizzata u ġestjoni indiretta (mod ta' ġestjoni baġitarja fis-seħħ għall-użu tal-fondi tal-2014).

*Durata u impatt fuq il-baġit*

L-IFCA u l-AIF kienu inizjalment stabbiliti għat-tul tal-bażi ġuridika, jiġifieri, sal-31 ta' Diċembru 2013. Filwaqt li l-AIF diġà ġie rikreat fl-2014 sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 233/2014 għall-perjodu 2014–2020 l-IFCA inħolqot ukoll fl-2015.

Id-dati finali għall-kuntrattar huma l-31 ta' Diċembru 2016 għall-IFCA u l-31 ta' Diċembru 2016 għall-AIF, it-tnejn li huma relatati ma' deċiżjonijiet mill-2015. Għad-deċiżjoni finanzjarja meħuda fl-2014 marbuta mal-AIF l-iskadenza għall-ikkuntrattar hija l-31 ta' Diċembru 2015. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ b'massimu ta' 120 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' finanzjament jew, meta ma jiġi konkluż xejn, mill-adozzjoni tad-Dokument ta' Azzjoni tal-2014 li joħloq l-AIF. L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu totali tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 340 miljun għall-AIF u inkluż EUR 140 miljun għall-IFCA.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Id-diżaggregazzjoni baġitarja ta' EUR 348 567 000 miljun bejn iż-żewġ reġjuni hija kif ġej:

Referenza tad-deċiżjoni	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu)	Linja baġitarja (fin-nomenklatura baġitarja tas-sena meta sar l-impenn)
Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA)		
ACA/2010/021-627	20 000 000	19 10 02
ACA/2011/023-117	45 000 000	19 10 02
ACA/2013/024-950	20 567 000	19 10 02
ACA/2014/037-538	20 000 000	21 02 03
ACA/2015/038-116	40 000 000	21 02 03
ACA/2016/039-632	20 000 000	21 02 03
<b>Total</b>	<b>165 567 000</b>	
Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF)		
ACA/2011/022-036	15 000 000	19 10 01 01
ACA/2012/022-036	15 000 000	19 10 01 01
ACA/2013/024-917	30 000 000	19 10 01 01
ACA/2014/037-548	26 000 000	21 02 14
ACA/2014/037-548	31 000 000	21 02 02
ACA/2014/038-088	25 000 000	21 02 02
ACA/2016/038-088	20 000 000	21 02 02
ACA/2016/039-604	25 000 000	21 02 02
<b>Total</b>	<b>183 000 000</b>	

(iv) *L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.*

(1) *IFCA*

L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji baġitarji għall-IFCA huwa ta' EUR 165,57 miljun. L-effett tal-ingranaġ bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġ matul il-perjodu 2010-2016 għall-IFCA huwa stmat kif ġej:

— kost totali tal-proġett (*circa* EUR 970 miljun) / kontribuzzjonijiet IFCA (proġetti approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit tad-DCI: *circa* EUR 143 miljun): 6,8,

— riżorsi tal-istituzzjonijiet finanzjarji eliġibbli (*circa* EUR 605 miljun) / kontribuzzjonijiet IFCA (proġetti approvati permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit tad-DCI): 4,2.

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

L-allokkazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-iprogrammar tammonta għal EUR 140 miljun.

L-effett ta' ingranaġ fil-mira kif indikat mill-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 4 sa 9 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.



## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 165 miljun jimmobilizza massimu ta' EUR 825 miljun f'finanzjament (volumi ta' self/investimenti) għad-durata kollha tal-programm.

## (2) AIF

L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji baġitarji għall-AIF huwa ta' EUR 183 miljun. L-effett tal-ingranaġġ fil-mira bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġġ matul il-perjodu 2011 -2016 għall-AIF huwa stmat kif ġej:

- kost totali tal-proġett (*circa* EUR3 152 miljun) / kontribuzzjonijiet AIF (proġetti approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit tad-DCI: *circa* EUR 142 miljun): 22,2,
- riżorsi eliġibbli ta' istituzzjonijiet finanzjarji (*circa* EUR 1 782 miljun) / kontribuzzjonijiet AIF (proġetti approvati permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit tad-DCI): 12,5.

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 340 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill-bażi ġuridika u fl-ewalwazzjoni *ex-ante* huwa minn 4 sa 5 darbiet matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali stmat ta' EUR 340 miljun jimmobilizza massimu ta' EUR 1 700 miljun f'finanzjament (volumi ta' self/investimenti) għad-durata kollha tal-programm.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina (LAIF)****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument finanzjarju għall-koperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014–2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 100), u b'mod partikolari l-artikolu 4(3).

Il-Faċilità kienet inizjalment stabbilita fl-2009 permezz tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 DCI msemmi hawn fuq għall-perjodu 2009–2013 bil-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni li jridu jiġu deċiżi kull sena. Il-LAIF ġiet rikreat fl-2014 sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 233/2014 għall-perjodu 2014–2020 permezz ta' deċiżjoni ta' finanzjament ta' EUR 30 miljun.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

L-Artikolu 21 02 01 — Kooperazzjoni mal-Amerika Latina

Partita 21 02 51 02 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-Amerika Latina li qed jiżviluppaw (linja ta' tlestija)

Partita 21 02 51 06 — Ambjent u mmaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-enerġija (linja ta' tlestija)

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-iskop ewlieni tal-LAIF se jkun li tippromwovi investimenti addizzjonali u fl-infrastrutturi fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u l-ambjent (inklużi l-ilma u s-sanitazzjoni, kif ukoll l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali) u li ssostni s-settur soċjali bħas-saħħa u l-edukazzjoni, u l-iżvilupp tas-settur privat fil-pajjiżi tal-Amerika Latina. L-LAIF se ssostni t-tkabbir tal-SMEs, billi tqiegħed għad-dispożizzjoni firxa ta' strumenti finanzjarji fl-Amerika Latina.

Il-LAIF inkludiet fl-2011, tieqa ta' tibdil fil-klima biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti li jgħinu lill-pajjiżi msieħba jindirizzaw it-tibdil fil-klima permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew adattament.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

Ir-riċevituri finali se jkunu l-pajjiżi tal-Amerika Latina elenkati fir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 u dawk imsemmija fir-Regolament (UE) 233/2014.

Riċevituri finali oħrajn se jkunu s-settur privat u b'mod partikolari l-SMEs għal kategoriji ta' operazzjonijiet iddedikati għall-iżvilupp tas-settur privat. L-Istituzzjonijiet Finanzjarji Eliġibbli se jkunu l-entitajiet fdati u l-partijiet ikkonċernati importanti ta' dan l-istrument finanzjarju.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati skont il-LAIF huma dawn li ġejjin:

- kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti tal-infrastruttura pubblika;
- finanzjament tal-kost għall-garanziji fuq is-self,
- sussidji tar-rati tal-imgħax.
- assistenza teknika,
- operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju,
- kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' kondiviżjoni tar-riskju

Modi possibbli ta' ġestjoni kienu ġestjoni ċentralizzata (diretta u indiretta), ġestjoni konġunta, ġestjoni parzjalment deċentralizzata (modi ta' ġestjoni baġitarja fis-seħħ sa tmiem l-2014 għall-użu tal-fondi tal-2013), u ġestjoni indiretta (mod ta' ġestjoni baġitarja fis-seħħ għall-użu tal-fondi tal-2014).

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Il-LAIF ġiet stabbilita permezz tar-Regolament (KE) N 1905/2006 sal-31 ta' Diċembru 2013 u l-pakkett baġitarju ppjanat jammonta għal EUR 179,35 miljun. Kif imsemmi hawn fuq, il-LAIF ġiet rikreata fl-2014 sabiex jintlaħqu l-oġettivi tar-Regolament (UE) Nru 233/2014 għall-perjodu 2014-2020.

Id-data finali għall-ikkuntrattar hija l-31 ta' Diċembru 2017 rigward deċizzjonijiet mill-2016. Din mhijiex id-data tad-durata tal-faċilità iżda d-data finali għall-ikkuntrattar tad-deċizzjonijiet individwali li jstabilixxu l-faċilità. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jkun ikkunsidrat li d-data finali tal-perjodu ta' implimentazzjoni operazzjonali tad-deċizzjoni DCI-ALA/2014/037-570 hija l-31 ta' Diċembru 2030. L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-programmar tammonta għal EUR 320 miljun.

Referenza tad-Deċiżjoni tas-CRIS	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu)	Linja baġitarja (fin-nomenklatura baġitarja tas-sena meta sar l-impenn)
DCI-ALA/2009/021-734	180 400 000	19 09 01
DCI-ALA/2014/037-570	72 342 737	21 02 12 / 21 02 01
DCI-ALA/2016/037-570	52 657 263	21 02 01
DCI ENV/023-403	17 300 000	21 04 01
<b>Total</b>	<b>322 700 000</b>	

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Fl-2016, ġew impenjati deċizzjoni ta' finanzjament ta' EUR 50 miljun u deċizzjoni ta' finanzjament ta' EUR 2 657 263. L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenni baġitarji għal-LAIF huwa ta' EUR 322 700 000. L-effett tal-ingranaġ bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġ matul il-perjodu 2010-2016 għal-LAIF huwa stmat kif ġej:

- kostijiet totali tal-proġett (circa EUR7 538 miljun) / kontribuzzjonijiet LAIF(proġetti approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit tad-DCI: EUR 274 miljun): 27,5,

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

— Riżorsi tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej eliġibbli (*circa* EUR 3 672 miljun) / kontribuzzjonijiet tal-LAIF (proġetti approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit tad-DCI): 13,4.

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta b'mod indikattiv għal EUR 320 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 4 sa 9 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 322 miljun jimmobilizza massimu ta' EUR 1 600 miljun f'finanzjament (volumi ta' self/investimenti) għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Faċilitajiet Addizzjonali

### Sostenn għall-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investiment u Sħubija (FEMIP)

(i) **Referenza għall-att bażiku**

L-atti preċedenti kienu l-*Mesures d'accompagnement financières et techniques* (MEDA I u MEDAII għall-1996–2006).

L-aħħar att għall-FEMIP huwa l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI għall-2007–2013) li l-bażi ġuridika għalih huwa r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Il-Partita 19 08 01 01 — Viċinat Ewropew u Partenarjat kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi tal-Mediterran (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013 <sup>(1)</sup>).

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-objettiv tas-Sostenn għall-FEMIP huwa li jipprovdi kapital lis-settur privat tal-pajjiżi msieħba tal-Mediterran b'termini li mhumiex lokalment disponibbli.

Il-kapital ta' riskju huwa investit direttament jew indirettament sabiex (i) jagħti sostenn li s-settur privat, jiġifieri jippermetti l-ħolqien, ir-ristrutturar jew it-tkabir tal-intrapriżi (ii) isaħħaħ ir-rwol tas-settur finanzjarju lokali billi jappoġġja l-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda jew it-twaqqif ta' attivitajiet ġodda għall-benefiċċju tas-settur privat.

L-assistenza teknika hija mobilizzata sabiex issaħħaħ l-operazzjonijiet tal-FEMIP fir-reġjun tal-Mediterran, b'enfasi speċjali fuq l-iżvilupp tas-settur privat.

*Kopertura ġeografika u riċevuti finali*

Il-FEMIP ikopri disa' Stati fin-Nofsinhar tal-Mediterran. Il-benefiċjarji tal-Faċilità tal-Kapital ta' Riskju huma s-settur privat b'mod ġenerali u l-SMEs kif ukoll l-intermedjarji finanzjarji. Il-benefiċjarji tal-assistenza teknika huma l-intrapriżi privati, l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-intermedjarji finanzjarji.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

Din l-azzjoni bil-għan ta' finanzjament tal-operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju u assistenza teknika hija implimentata f'għestjoni ċentralizzata indiretta mal-Bank Ewropew tal-Investment.

Il-Bank Ewropew tal-Investment huwa inkarigat mit-tweqqif tal-operazzjonijiet li ġejjin:

- operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju,
- tperazzjonijiet ta' assistenza teknika.

<sup>(1)</sup> L-aħħar kontribuzzjoni għet impenjata fl-2013, għalhekk ir-referenza għal-linja baġitarja tal-2013.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Il-FEMIP ġiet stabbilita għad-durata tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007–2013. Kien hemm impenn baġitarju annwali ta' EUR 32 miljun kontra l-linja baġitarja 19 08 01 01 għal kull waħda mis-seba' (7) snin ta' dak il-perjodu. Għaldaqstant, il-pakkett finanzjarju totali għall-2007-2013 huwa ta' EUR 224 miljun. (EUR 180 miljun għal operazzjonijiet ta' kapital ta' riskju u EUR 33 miljun għal assistenza teknika).

Id-data finali ta' implimentazzjoni għall-impenji tal-2013 hija l-31 ta' Diċembru 2029.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-ebda pagament ma kien previst fl-2016 lill-FEMIP, għaliex ma kienux previsti l-ebda impenji oħra wara l-2013.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 224 miljun.

L-effett tal-ingranaġ kif mistenni skont l-applikazzjonijiet mwettqa sal-2015 huwa 19,54.

Fuq il-bażi tal-ingranaġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 224 miljun jimmobilizza l-volumi ta' investimenti / self ta' madwar EUR 4 376 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u għall-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)

### (i) **Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Il-GEEREF għie approvat fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali (AAPs) tal-Programm Tematiku ta' erba' snin għall-Ambjent u l-Immnigġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-Enerġija [ENRTP2007-2010].

Il-bażi ġuridika għall-Faċilità ta' Appoġġ tal-Fond Reġjonali (RFSF): Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54 tar-Regolament Finanzjarju.

### (ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Partita 21 02 51 06 — Ambjent u mmaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-enerġija (linja ta' tlestija)

Partita 21 02 77 14 — Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)

### (iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

Il-GEEREF huwa veikolu ta' finanzjament innovattiv li għandu l-għan li jippromwovi l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-ekonomiji fi tranżizzjoni. Filwaqt li huwa strutturat bħala fond ta' fondi, l-istrategġija tal-GEEREF hija li jinvesti f'fondi tal-ekwità privata reġjonali li l-investimenti tagħhom ser ikollhom fil-mira proġetti żgħar u medji dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, u b'hekk jgħinhom fl-iżvilupp.

L-objettivi huma biex jikkontribwixxu għall-espansjoni tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u teknoloġiji oħrajn relatati mal-enerġija nadifa għas-swieq u s-servizzi f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u ekonomiji fi transizzjoni, bl-objettiv li jżied l-aċċess għal enerġija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, sigura u affordabbli, u sabiex jiġi megħjun it-titjib taċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali ta' popolazzjonijiet nieqsa mis-servizzi jew żvantaġġati, biex jittejjeg l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, filwaqt li tiġi promossa l-protezzjoni tal-ambjent.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-GEEREF huwa li jappoġġa s-sottofondi reġjonali għall-Istati tal-Afrika ta' Taħt is-Sahara, il-Karibew u l-Gżejjer Paċifiċi, il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja, l-Amerika Latina u l-Asja (inkluża l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani). Ser ikun hemm enfasi speċjali fuq il-qadi tal-bżonnijiet tal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Id-data ta' tmiem tal-attivitajiet skont il-GEEREF hija t-13 ta' Diċembru 2023, kif ikkalkolata mid-data li fiha għie rreġistrat l-aħħar impenn.

Referenzi tad-Deċiżjonijiet	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu)	Linja baġitarja (fin-nomenklatura baġitarja tas-sena meta sar l-impenn)
DCI-ENV/2007/147331 flimkien ma' addenda b'referenza tas-CRIS 168 899 u 282 314)	81 100 000	21 04 01 / 21 02 51

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Barra minn hekk, EUR 5 miljun huma allokati mill-Artikolu 21 04 05 biex jappoġġaw it-twaqqif ta' faċilità ta' sostenn integrata għall-GEEREF.

Fl-2014 rikostituzzjoni ta' 20 miljun għall-fond GEEREF seħħet biex jikkontribwixxi għall-inizjattiva "Enerġija għal kulħadd" iffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Ma saret ebda rikostituzzjoni fl-2015 u l-2016.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

M'hemm ebda impenji addizzjonali tal-baġit ippjanati għall-GEEREF.

L-effett ta' ingranaġ fil-mira kif indikat mill-baġi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 5 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-baġi tal-ingranaġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 81,1 miljun f'impenji jimmobilizza madwar EUR 405,5 miljun f'finanzjament (volumi ta' self/investimenti) għad-durata kollha tal-programm.



KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

### **Taħlit tematiku (ElectriFI & AgriFI & it-Tibdil fil-Klima)**

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44). Il-bażi ġuridika tal-programm tematiku "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali" (GPGC) huwa l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95), b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu li jistabbilixxi li l-istrumenti finanzjarji jistgħu jiġu raggruppati f'faċilitajiet għal skopijiet ta' implimentazzjoni u rappurtar.

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Artikolu 21 02 07 — Beni pubbliċi globali u sfidi u tnaqqis tal-faqar, żvilupp sostenibbli u demokrazija

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Objettivi u ambitu tal-politika

#### **ElectriFI**

L-għanijiet tal-istrumenti finanzjarji għandhom a) inaqqsu d-distakki fl-istrutturar u l-iffinanzjar ta' investimenti li jindirizzaw in-nuqqas ta' aċċess ta' servizzi ta' elettriku u enerġija nadifa, affidabbli u affordabbli madwar id-dinja kollha bl-għan li jiġi attirat finanzjament għall-iżvilupp tas-settur u, b) jitnaqqas ir-riskju tal-investimenti biex jinġibed l-interess ta' firxa usa' ta' istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż banek kummerċjali.

#### **AgriFI**

L-objettiv ewlieni huwa l-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur ibbażati fuq l-agrikolturaintelligenti fil-livell klimatiku inklużivi u sostenibbli. L-agrikoltura għandha l-potenzjal li tiġġenera t-ktabbir, l-impjiegi fiż-żoni rurali u tul il-katini tal-valur, u li tiġġestixxi servizzi ambjentali. Biex jiġu sfruttati bis-sħiħ ġew stabbiliti tliet prijoritajiet:

1. Jinħoloq l-għarfien u jiġu analizzati l-esperjenzi biex jgħinu lil dawk li jfasslu l-politika u l-investituri biex ifasslu strateġiji, politiki u proġetti.
2. Jiġi ffaċilitat l-istabbiliment ta' alleanzi mal-partijiet ikkonċernati pubbliċi-privati u jissaħħu l-kapaċitajiet ta' diversi operatori tul il-katina tal-valur (il-bdiewa u l-organizzazzjonijiet tagħhom, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-organizzazzjonijiet tas-suq eċċ.) biex titjeb il-governanza, biex ikollhom aċċess għal swieq ġodda u eżistenti (fil-livell nazzjonali u internazzjonali), u biex jibqgħu kompetittivi.
3. Jizjeddu l-investimenti fil-qasam tal-agrikoltura fil-katina tal-valur biex tinbeda l-fażi ta' "trasformazzjonijiet rurali" permezz ta' mekkaniżmi ta' taħlit.

#### **It-Tibdil fil-Klima**

L-objettivi tal-azzjoni huma kif ġej:

- Is-sodisfazzjon tad-domanda ta' infrastruttura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima fl-Afrika sub-Saħarjana;

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

- Li jiġu tradotti b'mod sistematiku strateġiji lokali dwar il-klima f'investimenti konkreti;
- Li jinkisbu jew jiġu massimizzati kompletament il-kobenefiċċji tal-klima ta' proġetti urbani;
- Il-bini tal-kapaċitajiet tal-gvernijiet lokali biex jimplementaw proġetti urbani li ma jagħmlux ħsara lill-klima;
- Li jkun hemm parteċipazzjoni fl-istrateġiji klimatiki lokali fl-Afrika sub-Saħarjana, b'mod komplementari ma' inizjattivi eżistenti;
- Li jitlestha kompletament mekkaniżmu ta' b'liet b'użu baxx ta' karbonju fl-Afrika, b'konnessjoni mal-iskjerament tal-Patt tas-Sindki biex l-Afrika sub-Saħarjana u inizjattivi oħra ewlenin (eż. il-programm UNCDF LoCAL, il-programm Africa4Climate, il-programm Urban LEDS, l-inizjattiva Mobilise Your City, eċċ.)

Jeżisti wkoll objettiv trasversali biex jiżgura l-kontribut tal-b'liet għall-pajjiżi biex iżommu mal-Kontribuzzjonijiet Determinati fil-Livell Nazzjonali Maħsuba (INDCs), li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

L-inizjattivi tematiċi mhumiex attribwiti *a priori* għar-reġjun ġeografiku speċifiku taħt l-istrument ta' finanzjament korrispondenti. Il-pajjiżi fil-mira huma pajjiżi eliġibbli skont l-istrument ta' finanzjament DCI.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

L-istrumenti finanzjarji huma implimentati ġermezz ta' ġestjoni indiretta. It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati huma dawn li ġejjin:

- kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti tal-infrastruttura pubblika,
- finanzjament tal-kost għall-garanziji fuq is-self,
- sussidji tar-rati tal-imgħax,
- assistenza teknika,
- operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju,
- kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' kondiviżjoni tar-riskju.

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Id-data finali għall-ikkuntrattar hija l-31 ta' Diċembru 2017 rigward deċiżjonijiet mill-2016 jew emendi li saru fl-2016 għal deċiżjonijiet tal-2015. Din mhijiex id-data tad-durata tal-operazzjonijiet iżda d-data finali għall-ikkuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali marbuta mal-inizjattivi. It-tul tal-operazzjonijiet individwali hu stabbilit fuq bażi ta' każ b'każ.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Referenzi tad-deċiżjonijiet	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu)	Linja baġitarja
ElectriFI		
C(2014) 9451 – 15.12.2014	74 851 742	21 02 07 02
C(2015) 9276 – 14.12.2015	57 875 236	21 02 07 02
C(2016) 8086 – 30.11.2016	60 584 234	21 02 07 02
AgriFI		
C(2015) 5789 - 11.08.2015	40 000 000	21 02 07 04
C(2016) 8598 - 13.12.2016	29 000 000	21 02 07 04
It-Tibdil fil-Klima		
C(2015) 5793 - 11.08.2015	8 000 000	21 02 07 01
<b>Total</b>	<b>270 311 212</b>	

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

*ElectriFI*

L-operazzjonijiet previsti li jiġu ffinanzjati minn din l-Azzjoni jinkludu:

- Il-Bini/it-Titjib tal-aċċess billi jiġu installati netwerks ta' distribuzzjoni (inkluż mini-u micro-grids) u konnessjonijiet mal-grid eżistenti, ir-rinfurzar u/jew l-espansjoni tal-grilja eżistenti/netwerk tad-distribuzzjoni.
- Applikazzjonijiet ta' sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli għall-ġhoti ta' servizzi moderni tal-enerġija (inkluż l-elettriku, it-tisħin/ilma sħun u t-tkessiħ), flimkien ma' miżuri ta' effiċjenza enerġetika għal familji, negozji u/jew servizzi pubbliċi essenzjali -skejjel, sptarjiet- immexxija minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati. Applikazzjonijiet prinċipalment deċentralizzati (mhux kollegati mal-grilja) iżda wkoll daww konnessi mal-grilja.
- L-ibridizzazzjoni għall-ġenerazzjoni bbażata fuq il-fjuwils fossili mas-Sistemi eżistenti ta' Enerġija Rinnovabbli.
- L-introduzzjoni ta' metodi mtejba ta' tisjir (inklużi fran effiċjenti fl-użu tal-enerġija).
- L-inkorporazzjoni ta' Sistemi ta' Enerġija Rinnovabbli f'metodi ta' produzzjoni biex jippromwovu użi produttivi ta' enerġija bl-għan li tingħata spinta lill-iżvilupp ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi.
- Attivitajiet li jimmiraw li jappoġġaw/jimplimentaw strateġiji u pjanijiet eżistenti tal-Elettrifikazzjoni Rurali/Aġenziji tal-Enerġija u/jew lil organizzazzjonijiet governattivi oħra li jimmaniġġaw l-elettrifikazzjoni rurali u l-Effiċjenza fl-Enerġija.
- Attivitajiet biex titjeb l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija sostenibbli fil-qafas regolatorju.
- Prestazzjoni mtejba ta' Operaturi fis-settur tal-enerġija (pubbliċi jew privati)/ il-Ħolqien tal-Utilitajiet u sħubiji sostenibbli fit-tul ta' donaturi lokali ta' utilitajiet/l-Istabiliment ta' mikro utilitajiet ġestiti lokalment. Il-bażi għandha tkun l-operat effiċjenti tal-grilja.

Din il-lista ta' attivitajiet ta' hawn fuq mhix eżawrjenti.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji globali għal-LAIF sa tmiem l-2016 hu ta' EUR 193 311 212. Huwa stmat li investimenti ta' madwar EUR 1 400 miljun se jkunu mobilizzati fuq il-bażi total tal-impenji globali.

L-effetti ta' ingranaġġ huma stmati kif ġej:

- kost totali tal-proġett (circa EUR 968 miljun) / kontribuzzjonijiet ElectriFI (proġetti approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit tad-DCI: EUR 131 miljun): 7,4
- riżorsi eliġibbli tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej (EUR 458 miljun) / kontribuzzjonijiet tal-ElectriFI (proġetti approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit DCI: EUR 131 miljun): 3,5

*AgriFI*

L-Assistenza finanzjarja u teknika mħalta se jkollha l-għan li tippromwovi l-investiment fl-azjendi żgħar u MSME fis-settur tal-agrokummerċ fejn hu mistenni li jkun hemm impatt għoli ta' żvilupp, iżda fejn ir-riskji oġġlija u/jew ir-rati baxxi ta' redditu ma jkunux jistgħu jattiraw finanzjaturi pubbliċi jew finanzjaturi kummerċjali mingħajr l-appoġġ ta' għotjiet. L-appoġġ ta' għotjiet se jkun ipprovdut biss meta jkun hemm impatt għoli ta' żvilupp, l-addizzjonalità, l-aderenza ma' standards soċjali, ambjentali u fiskali, jew meta jkunu qed jintużaw teknoloġiji innovattivi li jistgħu potenzjalment jiġu replikati.

L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji globali għal-LAIF sa tmiem l-2016 hu ta' EUR 69 000 000. Huwa stmat li madwar EUR 538 miljun se jkunu mobilizzati fir-rigward ta' dan il-pakkett globali.

L-effetti ta' ingranaġġ huma stmati kif ġej:

- kost totali tal-proġett (circa EUR 234 miljun) / kontribuzzjonijiet tal-Unjoni (proġetti approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit tad-DCI: EUR 30 miljun): 7,8
- riżorsi eliġibbli tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej (EUR 31 miljun) / kontribuzzjonijiet tal-Unjoni (proġetti approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Qafas ta' Taħlit DCI: EUR 30 miljun): 1

*It-Tibdil fil-Klima*

L-attivitajiet se jikkonsistu fi: a) l-appoġġ għall-ippjanar klimatiku tal-ibliet meta dan ikun meħtieġ, u f'dak li għandu x'jaqsam mal-Patt tas-Sindki fl-Afrika sub-Saħarjana u inizjattivi rilevanti oħra tal-UE; u b) il-preparazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura urbana b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti u ppjanar urban b'approċċ ta' integrazzjoni koerenti dwar il-klima. Barra minn hekk, din l-azzjoni se timmira li tappoġġa madwar 25 belt fl-Afrika fil-finanzjament ta' proġetti ta' investiment li ma jagħmlux ħsara lill-klima permezz tal-għoti ta' self li jammonta għal total ta' madwar EUR 600 000 000. L-appoġġ mill-Unjoni ta' EUR 8 000 000 huwa f'forma ta' assistenza teknika.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Strumenti Finanzjarji fil-Pajjiżi tat-Tkabbir

### Il-Balkani tal-Punent

#### Il-Faċilità ta' Garanzija skont il-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent (EDIF)

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Il-Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-istrument finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Faċilità ta' Garanzija I jikkontribwixxi għall-ilhuk tal-oġġettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

L-oġġettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' pre-kondizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal għoli. L-istrument ser jiggwarantixxi portafoll ta' self tal-SMEs maħruġin minn banek kummerċjali għal għoti b' self ġdid lil SMEs. Dan ser jinvolvi titjib tal-aċċess tal-SMEs għat-tehdid b' self u potenzjalment jista' jnaqqas l-ispejjeż tat-tehdid b' self.

Skont il-Faċilità ta' Garanzija, jistgħu jintużaw garanziji tal-ewwel telf ta' self ġdid lil SMEs fil-mira b'rata ta' garanzija li tasal sa 70 % u limitu massimu tal-garanzija li jasal sa 25 % fil-portafoll globali tas-self. Ir-rata u l-limitu preċiżi tal-garanzija qed jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-Kummissjoni timplimenta l-Faċilità ta' Garanzija b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju (permezz ta' Ftehim ta' Fiduċja u Ġestjoni). Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). Il-Faċilità ta' Garanzija għandha tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-istrument inbeda fl-2013 u se jiggwarantixxi self b'maturità sal-2023. Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal finanzjament ta' azzjoni esterna (ĠU L 77, 2014/03/15, p. 95).

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Il-pakkett finanzjarju għall-istrument taħt l-IPA I jammonta għal EUR 21,9 miljuni (li minnhom EUR 1,9 miljun hija provvediment għal miżati għall-FEI bħala maniġer u EUR 20 miljun huwa l-kapital ta' garanzija) li kien imwiegħed u mħallas lill-FEI.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 21,9 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat fl-applikazzjoni għall-proġett mill-Faċilità ta' Garanzija Imatut id-durata tal-istrument finanzjarju huwa 7.

Il-garanziji fil-Faċilità ta' Garanzija I kienu ġew allokati kompletament matul l-2014, għalkemm mhux kollha kemm huma ffirmaw sal-31 ta' Diċembru 2014. Hu mistenni li ammont ta' EUR 20 miljun jingrana investiment totali ta' EUR 120 miljun, li jimplika l-fattur tal-ingranaġġ ta' mill-anqas 6.

L-impenn baġitarju aggregat ta' EUR 21,9 miljun minn IPA I ġie miżjud b'EUR 17,5 miljun bil-Programm Multibenefiċjarju taħt l-IPA II. Din iż-żieda ġiet impenjata separatament (bid-denominazzjoni l-Faċilità ta' Garanzija II taħt il-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi) u tiġi rapportata separatament. Il-Ftehim ta' Delegazzjoni għall-Faċilità ta' Garanzija II ġie ffirmat fit-23 ta' Diċembru 2015 u l-ewwel pagament ġie żborżat f'Jannar 2016.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## **Il-Faċilità ta' Garanzija skont il-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent (EDIF)**

### **(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

### **(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Il-Partita 22 02 04 01 —Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali.

### **(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-istrument finanzjarju tal-Unjoni għall-Faċilità ta' Garanzija II jikkontribwixxi għall-ilhuk tal-oġġettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

Il-Faċilità ta' Garanzija II hija l-kontinwazzjoni tal-Faċilità ta' Garanzija I; hija l-istess prodott immaniġġjat mill-FEI iżda l-mandat ġie ffirmat sabiex ikun konformi mar-Regolament Finanzjarju l-ġdid.

Bħall-predeċessur tagħha (il-Faċilità ta' Garanzija I), l-oġġettivi ewlenin tal-Faċilità ta' Garanzija II huma l-ħolqien ta' prekundizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal kbir. L-istrument se jggarantixxi portafolli ta' self tal-SMEs maħruġin minn banek kummerċjali għal għoti b'self ġdid lil SMEs. Dan se jinvolvi titjib tal-aċċess tal-SMEs għas-self u potenzjalment jista' jnaqqas il-kost tat-tehdid b'self.

Skont il-Faċilità ta' Garanzija II, jistgħu jintużaw garanziji tal-ewwel telf ta' self ġdid lil SMEs fil-mira b'rata ta' garanzija li tasal sa 70 % u limitu massimu tal-garanzija li jasal sa 25 % fil-portafoll globali tas-self. Ir-rata u l-limitu preċiżi tal-garanzija qed jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-Kummissjoni timplimenta l-Faċilità ta' Garanzija II b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju (permezz ta' Ftehim ta' Fiduċja u Ġestjoni). Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). Il-Faċilità ta' Garanzija II għandha tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-istrument tal-Faċilità ta' Garanzija II ġie ffirmat fl-2015 u se jggarantixxi self b'maturità sal-2028. Il-kopertura ġeografika se tkun il-Balkani tal-Punent skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal finanzjament ta' azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

### **(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Il-pakkett finanzjarju għall-Faċilità ta' Garanzija II taħt l-IPA II jammonta għal EUR 21,9 miljuni (li minnhom EUR 1,9 miljun hija provvediment għal tariffi lill-FEI bħala l-manijer u EUR 20 miljun huwa l-kapital ta' garanzija) li kien imwiegħed u mħallas lill-FEI. L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 21,9 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat fl-applikazzjoni għall-proġett mill-Faċilità ta' Garanzija EDIF matul id-durata tal-istrument finanzjarju huwa 7. Il-garanziji fil-Faċilità ta' Garanzija II kienu ġew allokati kompletament matul l-2014, għalkemm mhux kollha kemm huma ffirmaw sal-31 ta' Diċembru 2014. Hu mistenni li ammont ta' EUR 20 miljun jingrana investment totali ta' EUR 120 miljun, li jimplika l-fattur tal-ingranaġġ ta' mill-anqas 6.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Il-Fond ta' Espansjoni tal-Intrapriżi (ENEF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Impriżi tal-Balkani tal-Punent****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Il-Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali.

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-Istrument finanzjarju tal-Unjoni għall-Faċilità ta' Garanzija (ENEF) jikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

L-oġġettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekundizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal għoli. L-istrument ser jiffinanzja l-iżvilupp u l-kapital ta' espansjoni f'SMEs stabbiliti b'potenzjal għoli ta' tkabbir fis-swieq rispettivi tagħhom permezz ta' pareċipazzjoni tal-ekwità. Skont l-istrument, jista' jintuża investiment ta' ekwità u kważi ekwità.

Il-Kummissjoni timplimenta l-ENEF b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). Il-Faċilità għandha tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

Fl-2016, l-ENEF ffinanzja erba' investimenti kif ġej:

— Investiment ġie ffirmat fl-2016 għal ammont ta' EUR 1,8 miljun fis-Serbja,

— Investiment ġie ffirmat fl-2016 għal ammont ta' EUR 3 miljuni fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja,

— Investiment ġie ffirmat fl-2016 għal ammont ta' EUR 1,3 miljun fis-Serbja,

— Investiment ġie ffirmat fl-2016 għal ammont ta' EUR 10 miljuni fil-Kroazja.

Il-BERŻ għamel sensiela ta' ftehimiet li fil-31 ta' Diċembru 2015 kienu għaddejjin minn diliġenza dovuta. Wara perjodu ta' investiment ta' massimu ta' ħames snin, il-portafoll tiegħu se jiġi stralċat f'perjodu sussegwenti ta' massimu ta' ħames snin. Il-kopertura ġeografika se tkun il-Balkani tal-Punent skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal finanzjament ta' azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).



KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Il-pakkett finanzjarju impenjat għall-ENEF jammonta għal EUR 11,0-il miljun (li minnhom EUR 1,1 miljun huwa provvediment għal tariffi lill-FEI bħala Fiduċjarju għall-Kummissjoni, EUR 0,4 miljun huwa provvediment għal assistenza teknika u EUR 9,5 miljun hija l-parti tal-ekwità). Mal-EUR 10,4 miljun tħallsu lill-FEI fil-funzjoni tiegħu bħala fiduċjarju f'Diċembru 2012. Dan l-ammont se jingrana investiment totali fil-fond ta' madwar EUR 55 miljun, li jimplika fattur tal-ingranaġ ta' 5 flimkien ma' koinvestimenti previsti "wieħed għal wieħed" tal-BERŻ mill-Faċilità tal-Intraprenditorija Lokali, l-investiment totali jista' jilħaq l-EUR 110 miljun li jimplika fattur tal-ingranaġ ta' 10. L-EUR 0,4 miljun li jifdal jiġu żborżati wara Jannar 2018.

L-impenn baġitarju aggregat ta' EUR 11,0 miljun mill-IPA I jista' jiżdied skont il-programm multibenefiċjarju IPA II soġġett għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-ENEF u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet finanzjarji korrispondenti.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 11 miljun.

L-effett ta' ingranaġ fil-mira kif antiċipat fl-applikazzjoni għall-proġett mill-EDIF huwa 10 matul id-durata tal-ENEF .

Fuq il-bażi tal-ingranaġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li jsiru investimenti għall-ammont totali ta' EUR 110 miljuni għad-durata kollha tal-programm.

Hemm proġetti ppjanati fil-Kosovo, fil-Montenegro u fl-Albanija, li ġew approvati mill-Kumitat tal-Investiment tal-ENEF.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Il-Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent****(i) Referenza għall-att bażiku**

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p.82), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Il-Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2015).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-istrument finanzjarju tal-Unjoni għall-Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) jikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent. L-oġġettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekondizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi fi stadju bikri permezz ta' investimenti ta' ekwità. L-ENIF jiffinanzja kapital fil-fażi bikrija sal-fażi tal-iżvilupp u espansjoni f'SMEs innovattivi. Skont l-istrument, jista' jintuża investiment ta' ekwità u kważi ekwità.

Il-Kummissjoni timplimenta l-ENIF b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). L-istrument hu implimentat b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

Il-FEI, bħala parti mir-responsabbiltajiet tiegħu bħala koordinatur tal-pjattaforma ġie inkarigat bl-għażla tal-Maniġer ta' Fondi tas-settur privat għall-ENIF.

Wara t-tieni għeluq tal-ENIF fl-2016, l-ammont totali tal-impenji għall-Fond huwa ta' EUR 39,9 miljun (li minnhom il-kontribuzzjoni tal-Unjoni kienet ta' EUR 12,5 miljun), li permezz tagħhom ġew iggarantiti investimenti mill-BERŻ, mid-DEG, mill-OeEB, mill-Kroazja, mill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, mill-Montenegro u mill-Kosovo kif ukoll investituri privati.

L-investimenti ffirmati fl-2016 huma dawn li ġejjin:

— Drytools fis-Serbia, EUR 300 000

— Cityexpert fis-Serbia, EUR 700 000

— Agrivi fil-Kroazja, EUR 1 000 000

— Letz fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, EUR 100 000

— Bulb fil-Kroazja, EUR 2 000 000

— Cognism fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, EUR 100 000

Hemm investimenti ppjanati fis-Serbja għall-iffirmar fl-2017.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Il-pakkett finanzjarju tal-ENIF jammonta għal EUR 21,2 miljun (li minnhom EUR 0,9 miljun huma provvedimenti għal tariffi lill-FEI bħala Fiduċjarju għall-Kummissjoni, EUR 6,2 miljun huma provvedimenti għal assistenza teknika u EUR 14,1 miljun hija l-parti tal-ekwità) li kienu imwiegħda u mħallsa lill-FEI fil-funzjoni tiegħu bħala fiduċjarju. Sal-31 ta' Diċembru 2016 l-ammont hu meqjus bħala ekwivalenti għall-kontanti (kont fiduċjarju) fuq il-karta tal-bilanċ tad-DG NEAR u mhux bħala strument finanzjarju. Dan l-ammont hu ngranat b'investiment totali ta' madwar EUR 40 miljun, li jimplika fattur ta' ingranaġ ta' tnejn (2).

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 21,2 miljun.

L-effett ta' ingranaġ fil-mira kif antiċipat fl-applikazzjoni għall-proġett mill-EDIF huwa 2 matul id-durata tal-ENIF.

L-ammont fil-mira ta' EUR 40 miljun tal-fond intlaħaq, u l-investimenti se jsiru għad-durata kollha tal-programm

L-impenn baġitarju aggregat ta' EUR 21,2 miljun mill-IPA I jista' jżied fil-futur skont il-Programm Multibenefiċjarju IPA II soġġett għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-istrument u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet finanzjarji korrispondenti

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Oħrajn (Mixxellanji)****Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE)****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE), Għajna Komunitarja għar-Rikostruzzjoni, l-Iżvilupp u l-Istabilizzazzjoni (CARDS) 2006/018-264, IPA 2007/019-344, IPA 2008/020-300 u IPA 2009/021-373

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Il-Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2015).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE) huwa forma ta' sħubija pubblika privata. L-għan tiegħu huwa li jattira kapital mis-settur pubbliku u b'hekk jingranaġġa fondi donaturi pubbliċi li ser jassistu fl-iżvilupp tas-settur privat fir-reġjun. L-EFSE jestendi self lil banek kummerċjali lokali u istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament fil-Balkani tal-Punent sabiex jergġhu jisilfu lil intrapriżi mikro u żgħar u familji. Il-Fond Ewropew għall-Investiment (EIF) jamministra EFSE, dan tal-aħħar li jiġġenera impatti fuq tliet livelli differenti:

— Sostenn lil intrapriżi mikro u żgħar bħala l-pedament tal-ekonomiji lokali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni tad-dħul u l-ħolqien tal-impjiegi

— Issodisfar tal-ħtieġa bażika ta' kenn diċenti

— Tisħiħ tas-swieq finanzjarji lokali

L-EFSE għandu natura rotanti u għandu durata indeterminata. L-estensjoni tal-ftehimiet ta' delega sottostanti li jistabbilixxu kurazija sottostanti għall-fondi tal-IPA fl-EFSE mal-FEI kienet inkluża fl-IPA II, programm multinazzjonali tal-2015 u l-ftehim ġie ffirmat f'Diċembru tal-2016.

L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-EFSE, jiġifieri EUR 88 968 090 jinkludi trasferimenti ta' ishma u ta' flus minn strumenti oħra matul il-perjodu 2006–2011.

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Ma kien hemm l-ebda impenn għal finanzjament addizzjonali mill-IPA II tas-sottoskrizzjonijiet ġodda tal-ishma tal-FEIS fl-2016.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu totali tal-ippogrammar sal-31 ta' Diċembru 2016 hija daqs it-total tal-allokazzjoni sal-lum jiġifieri EUR 88 968 090.

L-effett ta' ingranaġġ miksub fil-EFSC fil-preżent huwa bejn wiehded u ieħor 40.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ miksub tal-EFSE, huwa smat li dan se jiġġenera madwar EUR 3 600 miljun ta' self lir-riċevituri finali eliġibbli.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

### Fond “Green for Growth” (GGF)

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Fond Green for Growth (GGF), IPA 2009/021-373

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Il-Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2015).

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-missjoni tal-Fond Green for Growth, l-Ewropa tax-Xlokk, għandu jikkontribwixxi fil-forma ta' sħubija pubblika-privata bi struttura ta' riskju/redditu maqsuma f'saffi, biex tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika u jitrawmu l-enerġiji rinnovabbli fir-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa u t-Turkija, l-aktar bil-forniment ta' finanzjament iddedikat lin-negozji u l-familji permezz tas-sħubija mal-istituzzjonijiet finanzjarji u finanzjament dirett.

L-investimenti tal-GGF jfittxu li jiksbu tnaqqis ta' 20 % fil-konsum tal-enerġija u/jew tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>, permezz ta':

- rifinanzjament tal-istituzzjonijiet finanzjarji (banek kummerċjali lokali, istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek bħal istituzzjonijiet mikrofinanzjarji kumpaniji ta' lokazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra magħżula) li jipprovdu self lil unitajiet domestiċi, negozji, muniċipalitajiet u s-settur pubbliku għal miżuri ta' effiċjenza tal-enerġija, jew proġetti ta' enerġija rinnovabbli. L-investimenti permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji se jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-investimenti tal-GGF;
- il-forniment ta' finanzjament dirett lill-istituzzjonijiet mhux finanzjarji (kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija, kumpaniji jew proġetti tal-enerġija rinnovabbli, kumpaniji fuq skala żgħira ta' servizz u provvista tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija) li jissodisfaw il-miri tal-GGF fl-iffrankar tal-enerġija u/jew ta' emissjonijiet, u jikkonformaw mal-kriterji tekniċi tal-lista ta' esklużjoni tal-GGF.

Il-GGF għandu natura rotanti u għandu durata indeterminata. Ftehim ġdid sottostanti ta' delega li jstabbilixxi kurazija għall-fondi tal-IPA fil-GGF mal-FEI kien ġie ffirmat f'Diċembru 2016, b'allokazzjonijiet għat-tariffa tal-kurazija mill-IPA II, il-programm multinazzjonali 2015. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-istrument, jiġifieri EUR 38 633 232, jinkludi sottoskrizzjoni għall-ishma C.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

Hu previst finanzjament addizzjonali mill-IPA II tas-sottoskrizzjonjiet għall-ishma C il-ġodda fil-GGF fil-Q2 2017 fil-livell ta' EUR 20 miljun (minbarra l-EUR 1,6 miljun ta' allokkazzjoni addizzjonali lejn tariffi tal-kurazija tal-FEI sa tmiem l-2023).

L-allokkazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu totali tal-ipprogrammar sal-31 ta' Diċembru 2016 hija daqs it-total tal-allokkazzjoni sal-lum jiġifieri EUR 38 633 232.

L-effett ta' ingranaġ tal-GGF fil-preżent huwa bejn wieħed u ieħor 11,42 (daqs totali tal-fond, diviż bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni). Huwa stmat li l-effett ta' ingranaġ se jiġġenera b'aktar minn EUR 441 miljun ta' self lir-riċevituri finali eliġibbli.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT IL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 49(1) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

### **Self ta' Sostenn lit-Turkija għall-Irkupru tal-SMEs**

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Pakkett ta' Rispons għal Kriżi, IPA 2009/021-373

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Il-Partita 22 02 51 — Tlestija tal-assistenza preċedenti ta' qabel l-adeżjoni (qabel l-2014) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2015).

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-objettiv globali tas-Self ta' Sostenn għall-Irkupru tal-SMEs għat-Turkija huwa li jimmitiga l-impatt tal-kriżi għall-SMEs u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ekonomija u s-settur tal-impjegi tat-Turkija. L-objettiv ewlieni huwa li jappoġġja lill-SMEs b'investimenti produttivi konkreti billi jagħti aċċess għal finanzjament tad-dejn attraenti u għal perjodi itwal. Il-kofinanzjament tas-self għandu jiġi pprovdut lil banek kummerċjali lokali li joperaw fit-Turkija (l-“intermedjarji finanzjarji”) għall-benefiċċju tal-investimenti eliġibbli mwettqa mill-SMEs. Fil-kuntest tal-azzjoni, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jestendi self mir-riżorsi tiegħu stess flimkien mas-self ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni.

L-SMEs individwali huma eliġibbli għal finanzjament minn intermedjarju finanzjarju li juża finanzjament disponibbli permezz tal-azzjoni (kull wieħed “sottoself”) sa ammont massimu ta' EUR 5,0 miljun u ammont minimu ta' EUR 200 000 u b'maturità minima ta' erba' snin.

L-impenn finanzjarju tal-Kummissjoni għall-istrument jammonta għal EUR 30,0 miljun (li minnhom EUR 360 000 huma għal tariffi ta' ġestjoni). Huwa azzjoni ta' ġestjoni konġunta mal-BEI li jikkontribwixxi b'EUR 120,0 miljun. L-azzjoni tintemm f'Diċembru 2017. Estensjoni ta' sena (1) ġiet approvata f'Diċembru 2016 bl-għan li tagħti lill-BEI ż-żmien biex jesplora l-eżistenza tal-prekundizzjonijiet sabiex titkompla l-azzjoni permezz tat-tieni sensiela ta' sottoself, kif diġà mħejji fil-Ftehim ta' Kontribuzzjoni ffirmit mal-BEI fl-2009. It-tieni serje ta' sottoself tista' tuża l-kontribuzzjoni tal-Unjoni li tħallset lura lill-BEI permezz ta' intermedjarji finanzjarji flimkien mar-riżorsi l-ġodda tal-BEI. It-tieni serje x'aktarx tinkludi estensjoni tad-data ta' tmien ta' mill-anqas tliet snin.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

L-impenn tal-Unjoni għall-2009 ta' EUR 30 miljun sostna volum ta' self ta' EUR 150 miljun għaż-żewġ banek Torok parteċipanti.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 30 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa “1 sa10” matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali ta' volumi ta' self immobilizzati se jkun ta' madwar EUR 300 miljun għad-durata kollha tal-programm. Fil-każ tat-tieni serje ta' sottoself b'fondi addizzjonali tal-BEI l-ingranaġġ reali tal-inizjattiva jinbidel.

KUMMISSJONI

**UFFIĊĠJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET**



## DĦUL

## TITOLU 4

## MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	<i>Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra</i>	3 897 000	3 858 000	3 749 477,25	96,21
4 0 3	<i>Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	p.m.	p.m.	0,—	
4 0 4	<i>Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarju tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu</i>	831 000	817 000	799 998,76	96,27
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	4 728 000	4 675 000	4 549 476,01	96,22
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	<i>Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni</i>	4 551 000	4 582 000	4 443 193,06	97,63
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	4 551 000	4 582 000	4 443 193,06	97,63
	<b>Titolu 4 — Total</b>	<b>9 279 000</b>	<b>9 257 000</b>	<b>8 992 669,07</b>	<b>96,91</b>

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

## TITOLU 4

### MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

#### KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI

##### 4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
3 897 000	3 858 000	3 749 477,25

##### *Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi l-qligħ kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

##### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

##### *Atti ta' referenza*

Il-protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

##### 4 0 3 *Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

##### *Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tal-qligħ mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkun f'impjegat li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

##### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

**KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI (ikompli)****4 0 4 Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarju tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
831 000	817 000	799 998,76

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

**KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET****4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
4 551 000	4 582 000	4 443 193,06

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha mnaqqsa fix-xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju; skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u użati biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.



**TITOLU 6****KONTRIBUZZJONIJET GĦAL PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIMBORS TA' NEFQA U DĦUL****KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJET U KONTRIBUZZJONIJET OĦRA****6 6 0 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra****6 6 6 0** Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, tirċievi kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża biex jipprovi approprijazzjonijiet addizzjonali għan-nefqa finanzjarja li għaliha huwa assenjat id-dħul.



## TITOLU A2

## UFFIĊĠJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

## KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

## KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU A2 01				
<b>A2 01 01</b>	<b>Nefqa relatata ma' aġenti uffiċjali u temporanji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	58 352 400	58 540 000	56 107 548,95	96,15
<b>A2 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra</b>				
A2 01 02 01	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 248 000	2 462 000	2 338 029,72	104,00
A2 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	445 000	445 000	474 247,04	106,57
	<i>Artikolu A2 01 02 — Total</i>	<i>2 693 000</i>	<i>2 907 000</i>	<i>2 812 276,76</i>	<i>104,43</i>
<b>A2 01 03</b>	<b>Nefqa fuq binjiet u nefqa relatata</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	23 498 000	14 011 200	13 250 017,45	56,39
<b>A2 01 50</b>	<b>Politika u ġestjoni tal-ħaddiema</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A2 01 51</b>	<b>Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A2 01 60</b>	<b>Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 000	3 000	3 000,—	100,00
	<b>KAPITOLU A2 01 — TOTAL</b>	<b>84 546 400</b>	<b>75 461 200</b>	<b>72 172 843,16</b>	<b>85,36</b>
	KAPITOLU A2 02				
<b>A2 02 01</b>	<b>Produzzjoni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 925 000	800 000	4 169 509,68	142,55
<b>A2 02 02</b>	<b>Proservazzjoni fuq terminu twil</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 190 000	1 900 000	2 486 998,81	59,36
<b>A2 02 03</b>	<b>Aċċess u użu mill-ġdid</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 875 000	4 600 000	5 809 265,79	202,06
	<b>KAPITOLU A2 02 — TOTAL</b>	<b>9 990 000</b>	<b>7 300 000</b>	<b>12 465 774,28</b>	<b>124,78</b>





## TITOLU A2

## UFFIĊĠJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

## KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

A2 01 01 *Nefqa relatata ma' aġenti uffiċjali u temporanji*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
58 352 400	58 540 000	56 107 548,95

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u għall-ħaddiema temporanji li għandhom post fuq il-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,
- assigurazzjonijiet kontra aċċidenti u mard u debiti oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni fisem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orijini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet mixxellanji,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat lill-parti mill-emolumenti trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjeg, u
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu, meta jtemmu l-impjeg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg,
- il-gratifiki għall-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg, u meta dawn itemmu l-impjeg u jirrisistemaw x'imkien ieħor,
- l-ispejjeż ta' ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg, u meta dawn itemmu l-impjeg u jirrisistemaw x'imkien ieħor,
- il-kost ta' kull aġġustament għar-remunerazzjoni approvata mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja,

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

**A2 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra**

A2 01 02 01 Persunal estern

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 248 000	2 462 000	2 338 029,72

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,
- in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,
- il-kost ta' ħaddiema maċ-ċivil nazzjonali jew esperti oħra sekondati jew assenjati temporanjament mal-Uffiċċju u spejjeż supplimentari li joriġinaw mis-sekondar ta' uffiċjali ma' servizzi ċivili nazzjonali jew organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġustament fir-remunerazzjoni approvat mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja,
- il-kost tas-servizzi ta' sostenn fil-qasam tal-qari tal-provi, nefqa konnessa mal-persunal ta' aġenzija jew freelance u nefqa amministrattiva relatata.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A2 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
445 000	445 000	474 247,04

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew sekondati,

**KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** (*ikompli*)**A2 01 02** (*ikompli*)**A2 01 02 11** (*ikompli*)

- ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twertiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-ġhajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li tieħdu mill-Kummissjoni),
- il-kostijiet ta' ospitalità u ta' ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,
- nefqa mixellanja marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,
- nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza skont il-bżonnijiet tal-Uffiċċju:
- tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twertiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati,
- tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi organizzazzjonali, immaniġġar, strateġija, kwalità u mmaniġġar tal-ħaddiema,
- il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-iklet u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti multimedjali,
- l-iffinanzjar ta' materjal pedagoġiku,
- in-nefqa fuq studji u konsultazzjoni speċjalizzati li jkunu saru minn esperti kkwalfikati ħafna (individwi jew kumpanija) permezz ta' kuntratt, meta l-impjegati tal-Uffiċċju ma jkunux jistgħu jwettqu dan ix-xogħol, inkluż ix-xiri ta' studji li jkunu saru diġà,
- l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-Uffiċċju fil-Bridge Forum Dialogue.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A2 01 03 Nefqa fuq binjiet u nefqa relatata

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
23 498 000	14 011 200	13 250 017,45

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-binjiet tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, inkluż b'mod partikolari:

- il-kost tal-assistenza teknika u loġistika, it-taħriġ u attivitajiet ġenerali oħra b'rabta ma' hardwer u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tat-teknoloġija tal-informatika, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata u kif ukoll f'forma elettronika, persunal li jaħdem barra, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, studji li jkopru l-aspetti tas-sigurtà u l-kontroll tal-kwalità b'rabta mat-teknoloġija tal-informatika ta' hardwer u softwer, użu, manutenzjoni u spejjeż tal-iżvilupp ta' softwer, u t-twertiq ta' proġetti tat-teknoloġija tal-informatika, hosting jew housing estern permezz tas-servizzi tad-DIGIT maqbula f'Memorandum ta' Qbil (MtQ) jew Ftehim ta' Ritrasferiment Estern (ELA, Enterprise License Agreement),
- l-investment għall-hardwer (servers) u s-softwer, l-iżvilupp u manutenzjoni relatati mal-infrastrutturi u l-applikazzjonijiet taċ-ċentru tad-dejta,
- il-kosti tax-xiri jew kiri b'lokazzjoni tal-binjiet jew il-kostruzzjoni tal-binjiet,
- kera u ċens, diversi taxxi, eċċ., b'rabta mal-għażliet tax-xiri dwar binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati, u l-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,
- il-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- tariffi tal-ilma, gass, elettriku u tisħin tal-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- in-nefqa għall-manutenzjoni tal-kmamar, tal-liftijiet, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali u tat-tagħmir tal-arja kkundizzjonata, eċċ.; in-nefqa għal ċertu tindif perjodiku u x-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ibbliċjar u għad-dry cleaning; tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marburta mat-trattament selettiv, il-ħażna u r-rimi ta' skart,
- il-kost tat-tiġdid tal-binjiet, eż alterazzjonijiet fit-tqassim, alterazzjonijiet fl-installazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi, tagħmir elettriku, plumbing, tibjid, kisi tal-art, eċċ., u l-ispiża tat-tibdil tat-tagħmir tan-networks assoċjat mal-bini skont id-destinazzjoni, u l-ispiża tat-tagħmir meħtieġ,
- l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza tal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir,
- l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sikurezza ta' individwi fuq ix-xogħol, b'mod partikolari max-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, mas-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji,
- il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,
- nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (għir tal-iskart, eċċ.),

**KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)****A2 01 03 (ikompli)**

- debiti għal assistenza teknika marbuta ma' rinovament maġġuri tal-binjiet,
- il-kost tax-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinovament ta' tagħmir u stallazzjonijiet tekniċi,
- il-kost tax-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
- il-kost tax-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir ta' ġarr,
- assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbiltà ċivili u kontra s-serq),
- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, inkluż b'mod partikolari x-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u l-persunal tal-catering), ix-xiri u t-tindif tal-ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-workshop u l-persunal meħtieġ biex jagħmel xogħol li għalih tkun meħtieġa protezzjoni kontra temp ħażin jew kesħa, użu u ħmieġ mhux normali u xiri jew rimborż tal-ispiża ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont id-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- il-kost tal-ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-binjiet ikunu attrezzati bit-telekomunikazzjonijiet, partikolarment ix-xiri, il-kiri, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' kejbils, switchboards u distributuri tat-telefown, sistemi awdjo għall-vidjokonferenzi, sistemi ta' telefownija interna u ċellulari, spejjeż tan-netwerks tad-dejta (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u tneħħija),
- il-kost tax-xiri, il-kiri jew leasing, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, servers, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u kwalunkwe apparat elettroniku ieħor, kif ukoll softwer meħtieġ,
- il-kost tax-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni u manutenzjoni ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju printers, faks, fotokopjatriċi, skeners u mikrokopjatriċi,
- il-kost tal-istallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,
- il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju, eċċ.,
- spejjeż postali u tal-konsenja tal-posta, rapporti u pubblikazzjonijiet, u l-posta interna tal-Uffiċċju,
- spejjeż tal-abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefowns fissi u ċellulari, internet, televiżjoni, telekonferenzi u vidjokonferenzi), infiq fuq netwerks tat-trażmissjoni tad-dejta, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- il-kost tal-istabbiliment ta' links tat-telefon u tal-kompjuter l-linji tat-trażmissjoni internazzjonali bejn is-siti tal-uffiċċji tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni,
- nefqa operatorja oħra mhux speċifikament dispost għaliha hawn fuq.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 10 000.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

**KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A2 01 03 (ikompli)**

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għal xogħol b'taġħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A2 01 50 *Politika u ġestjoni tal-ħaddiema***

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ġhajjnuna mill-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi fil-Lussemburgu, u kull inizjattiva mfassla biex tinkuraġġixxi l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal u għat-trasport tat-tfal,
- bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f'dawn il-kategoriji:
  - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
  - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
  - it-tfal dipendenti kollha fis-sens tar-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabbiltà u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A2 01 51 **Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- spejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' ristoranti, kafetteriji u canteens,
- ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obbligazzjonijiet ta' terza parti, u n-nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għall-raġunijiet ta' ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ma jkun hemm ebda talba legali.

A2 01 60 **Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 000	3 000	3 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-abbonamenti għas-servizzi ta' aċċess għad-dejta, għall-gazzetti u rivisti speċjalizzati; għax-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi b'rabta max-xogħol tal-Uffiċċju,
- il-kostijiet ta' abbonamenti fl-aġenziji tal-istampa (aġenziji tal-aħbarijiet u bullettini ta' stampa u informazzjoni),

## KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI

A2 02 01 **Produzzjoni**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 925 000	800 000	4 169 509,68

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha relatata mal-attività ta' produzzjoni, inkluż:

- l-ispejjeż indiretti kollha tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, serje L u C, b'rabta mal-attivitajiet ta' produzzjoni,
- produzzjoni tal-pubblikazzjonijiet fil-forom kollha (karta, elettroniċi), inkluż kopubblikazzjoni,
- l-istampar mill-ġdid ta' pubblikazzjonijiet u korrezzjonijiet ta' żbalji li l-Uffiċċju jkun responsabbli għalihom,
- ix-xiri jew il-kiri ta' apparat u infrastruttura għar-riproduzzjoni ta' dokumenti f'kull forma, inklużi l-kost tal-karta u oġġetti konsumabbli oħra.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

**KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI (ikompli)**

**A2 02 01 (ikompli)**

L-ammont ta' dħul assenjat skont punt (e) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 3 388 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

**A2 02 02 *Proservazzjoni fuq terminu twil***

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
4 190 000	1 900 000	2 486 998,81

*Kummenti*

Din l-appropjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet ta' preservazzjoni fuq terminu twil, b'mod partikolari:

- l-ispejjeż indiretti kollha tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje L u C, b'rabta mal-attivitajiet ta' preservazzjoni fuq terminu twil,
- il-ġbir f'katalogi, inklużi l-kosti tal-analiżi dokumentarja u dik parzjalment ġudizzjarja, l-indiċjar, l-ispeċifikazzjoni u l-abbozzar, ir-reġistrazzjoni tal-input u l-manutenzjoni,
- abbonamenti annwali ma' aġenziji internazzjonali fil-qasam tal-katalogar,
- ħżin elettroniku,
- preżervazzjoni fit-tul ta' dokumenti elettroniċi u servizzi relatati, diġitizzazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 1974 dwar l-awtomazzjoni tad-dokumentazzjoni legali (ĠU C 20, 28.1.1975, p. 2).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 1991 dwar ir-riorganizzjoni tal-istrutturi operattivi tas-sistema CELEX (dokumentazzjoni awtomatizzata tal-liġi tal-Komunità (ĠU C 308, 28.11.1991, p. 2).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1994 dwar it-tixrid elettroniku tal-liġi tal-Komunità u l-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess imtejjeb (ĠU C 179, 1.7.1994, p. 3).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).



## KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI (ikompli)

A2 02 03 *Access u użu mill-ġdid*

Approporzjonijiet 2018	Approporzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 875 000	4 600 000	5 809 265,79

*Kummenti*

Din l-approporzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet ta' aċċess u użu mill-ġdid, b'mod partikolari:

- l-ispejjeż indiretti kollha tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje L u C, b'rabta mal-attivitajiet ta' aċċess u użu mill-ġdid,
- l-għoti ta' aċċess għal informazzjoni legali tal-Unjoni u tipi oħra ta' kontenut tal-Unjoni disponibbli online,
- il-faċilitazzjoni tal-użu mill-ġdid tal-kontenut għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali,
- is-sinerġija u l-iżvilupp tal-interoperabbiltà biex biex tkun permessa il-konnessjoni tal-kontenut (content-linking) minn sorsi varji,
- manutenzjoni u żvilupp ta' siti web pubbliċi,
- l-appoġġ tal-helpdesk għall-utenti tal-websajts.
- is-servizzi ta' ħażna u distribuzzjoni,
- l-akkwist u ġestjoni ta' listi ta' indirizzi,
- il-promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont punt (e) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 486 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

## KAPITOLU A2 10 — RIŻERVI

A2 10 01 *Approporzjonijiet proviżorji*

Approporzjonijiet 2018	Approporzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

L-approporzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu huma purament proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lejn intestatura oħra tal-baġit skont ir-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĠJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET**KAPITOLU A2 10 — RIŻERVI** (ikompli)**A2 10 01** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A2 10 02** **Riżerva għall-kontinġenzi**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

**L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI**

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

## DĦUL

## TITOLU 4

## MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	<i>Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra</i>	3 561 000	3 582 000	3 401 662,98	95,53
4 0 3	<i>Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	p.m.	p.m.	0,—	
4 0 4	<i>Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjoni, tal-funzjonarji u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu.</i>	704 000	707 000	670 897,—	95,30
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	4 265 000	4 289 000	4 072 559,98	95,49
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	<i>Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni</i>	3 279 000	3 331 000	3 181 794,37	97,04
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	3 279 000	3 331 000	3 181 794,37	97,04
	<b>Titolu 4 — Total</b>	<b>7 544 000</b>	<b>7 620 000</b>	<b>7 254 354,35</b>	<b>96,16</b>

## TITOLU 4

## MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
3 561 000	3 582 000	3 401 662,98

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra, mnaqqa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

4 0 3 *Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjeg attiv, li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-ħaddiema tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

4 0 4 *Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjoni, tal-funzjonarji u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu.*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
704 000	707 000	670 897,—

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

**KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI**

**4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
3 279 000	3 331 000	3 181 794,37

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tal-kontribuzzjonijiet imnaqqa kull xahar mill-pagi tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u użat biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.



KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

## TITOLU 6

### KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, ĦLAS LURA TA' NFIQ U DĦUL

#### KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

#### 6 6 0 *Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

#### 6 6 0 0 Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

#### *Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tirċievi, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jwassal għall-għotja ta' approprijazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.





KUMMISSJONI

L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

## TITOLU A3

## L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU A3 01				
<b>A3 01 01</b>	<b>Nefqa marbuta ma' uffiċjali u aġenti temporanji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	40 911 800	42 102 000	38 309 170,86	93,64
<b>A3 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra</b>				
A3 01 02 01	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 510 000	2 542 000	2 629 728,53	104,77
A3 01 02 11	Spejjeż oħra ta' ġestjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 877 000	1 876 500	2 262 478,41	120,54
	<i>Artikolu A3 01 02 — Total</i>	<b>4 387 000</b>	<b>4 418 500</b>	<b>4 892 206,94</b>	<b>111,52</b>
<b>A3 01 03</b>	<b>Bini u nefqa relatata</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	11 921 000	11 562 000	11 311 162,20	94,88
<b>A3 01 50</b>	<b>Politika tal-persunal u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 000	3 000	50 000,—	1 666,67
<b>A3 01 51</b>	<b>Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A3 01 60</b>	<b>Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	10 000	10 000	6 500,—	65,00
	<b>KAPITOLU A3 01 — TOTAL</b>	<b>57 232 800</b>	<b>58 095 500</b>	<b>54 569 040,—</b>	<b>95,35</b>
	KAPITOLU A3 02				
<b>A3 02 01</b>	<b>Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 700 000	1 700 000	2 202 934,59	129,58
<b>A3 02 02</b>	<b>Miżuri għall-protezzjoni tal-Ewro kontra l-falsifikazzjoni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A3 02 03</b>	<b>Miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	150 000	150 000	137 422,38	91,61
	<b>KAPITOLU A3 02 — TOTAL</b>	<b>1 850 000</b>	<b>1 850 000</b>	<b>2 340 356,97</b>	<b>126,51</b>

**KAPITOLU A3 03 — NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI**  
**KAPITOLU A3 10 — RIŻERVI**

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>A3 03 01</b>	KAPITOLU A3 03				
	<b>Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	—	—	200 000,—	
	<b>KAPITOLU A3 03 — TOTAL</b>	—	—	200 000,—	
<b>A3 10 01</b>	KAPITOLU A3 10				
	<b>Kreditu proviżorji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A3 10 02</b>	<b>Riżerva għall-kontinġenzi</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>KAPITOLU A3 10 — TOTAL</b>	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>Titolu A3 — Total</b>	<b>59 082 800</b>	<b>59 945 500</b>	<b>57 109 396,97</b>	<b>96,66</b>
	<b>GRAN TOTAL</b>	<b>59 082 800</b>	<b>59 945 500</b>	<b>57 109 396,97</b>	<b>96,66</b>

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

### TITOLU A3

#### L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

##### KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

##### A3 01 01 *Nefqa marbuta ma' uffiċjali u aġenti temporanji*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
40 911 800	42 102 000	38 309 170,86

##### *Kummenti*

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fejn għandhom x'jaqsmu l-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni fisem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orijini tagħhom,
- benefiċċji u għotjiet varji oħra,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdwew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor,
- *allowances* ta' installazzjoni jew installazzjoni mill-ġdid dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdwew impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- spejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdwew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikabbli għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjieg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

##### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A3 01 02 **Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra**

## A3 01 02 01 Persunal estern

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
2 510 000	2 542 000	2 629 728,53

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg), inkluż dik li tkun saret disponibbli lis-segretarjat tal-Kumitat ta' Superviżjoni, l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,
- in-nefqa li tkun saret (salarji, assikurazzjoni, eċċ.) minħabba ħaddiema temporanji mqabba minn aġenziji u ħaddiema esterni oħra li jkunu fuq kuntratt ta' liġi privata,
- l-ispejjeż ta' ħaddiema inklużi f'kuntratti tas-servizz u f'subkuntrattar tekniku u amministrattiv,
- in-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

## A3 01 02 11 Spejjeż oħra ta' ġestjoni

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 877 000	1 876 500	2 262 478,41

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż ta' vvaġġar, inklużi spejjeż anċillari marbuta ma' biljetti u riservazzjonijiet, il-benefiċċji ta' sosteniment ta' kuljum u nfiq anċillari jew eċċezzjonali li jkun sar b'rabta ma' misjonijiet mill-ħaddiema uffiċjali tal-Kummissjoni u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew issekondati mad-dipartimenti tal-Kummissjoni,
- ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju b'mod uffiċjali (ir-rimbors ma jkunx possibbli għall-ispejjeż li jkunu saru fit-twetiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A3 01 02 (ikompli)**

**A3 01 02 11 (ikompli)**

- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),
- l-ispejjeż tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,
- l-ispejjeż varji marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,
- l-ispejjeż biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
  - tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,
  - miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,
  - l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u taħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' taħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal taħlim b'distanza, ma' kotba, ma'prodotti stampati u ma' prodotti multimedia,
- l-iffinanzjar ta' għodda tat-tagħlim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regoli dwar l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

**A3 01 03**

***Bini u nefqa relatata***

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
11 921 000	11 562 000	11 311 162,20

## KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

## A3 01 03 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

- l-ispejjeż ta' xiri jew ta' kera bl-għażla ta' xiri ta' bini jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- kera u ċens, id-diversi taxxi u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,
- il-ħlas tal-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet tal-bini okkupati mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-bini, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-*dry-cleaning*, eċċ kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,
- xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, installazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' plumbing, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' cabling ta' networks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu (qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bl-għan li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],
- in-nefqa marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-riforniment tat-tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perijodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqsam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż marbuta ma' s'ħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart, eċċ.),

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A3 01 03 (ikompli)**

- xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,
- ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, t-tiswija, l-installazzjoni u r-riforniment ta' tagħmir u materjal tekniku,
  - ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
  - ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,
- l-assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbiltà ċivili u l-assigurazzjoni kontra s-serq),
- l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
  - ix-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u ħaddiema fir-ristoranti u l-kafetteriji),
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jaġhmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, il-wear and tear mhux normali u t-tbajja',
  - ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- l-ispejjeż ta' ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġ,
- ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji u mikrokopjaturi,
- ix-xiri u l-kiri ta' jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters, word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,
- l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,



**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)****A3 01 03 (ikompli)**

- it-tariffi ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, televiżjoni, telekonferenzer, u videokonferenzer), spejjeż ta' networks tat-trażmissjoni tad-data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,
- l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trażmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-tweġġ ta' proġetti ta' teknoloġija tal-informatika,
- spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 20 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A3 01 50 *Politika tal-persunal u t-tmexxija***

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 000	3 000	50 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri:

- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A3 01 50 (ikompli)**

- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f'dawn il-kategoriji:
  - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-orġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabbiltà u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.  
Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

**A3 01 51 Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' ristoranti, kafetteriji u canteens.

**A3 01 60 Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
10 000	10 000	6 500,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm); il-ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-data; l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni tal-kotba u l-pubblikazzjonijiet; ħlas ta' miżati għall-gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' pubbli-kazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju.

**KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI**

**A3 02 01 Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 700 000	1 700 000	2 202 934,59

**KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI** (ikompli)**A3 02 01** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq kollu marbut ma' miżuri kontra l-frodi li ma jkunux jaqaw taħt il-responsabbiltà amministrattiva tal-Uffiċċju.

Din l-appropriazzjoni maħsuba partikolarment sabiex tippermetti:

- t-fassil, l-iżvilupp, it-titjib u t-tmexxija ta' sistemi ta' skambju ta' informazzjoni u infrastrutturi komuni, filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà,
- it-tfittxija, il-ġbir, l-eżaminazzjoni, l-użu u l-ghojta lid-dipartimenti ta' investigazzjoni nazzjonali tat-tagħrif kollu b'zonnjuż fit-tfittxija u l-lokalizzazzjoni tal-frodi (eż. permezz ta' databases),
- li jkunu appoġġati l-isforzi tal-Istati Membri, l-aktar f'każi ta' frodi transnazzjonali, fejn ikun hemm b'zonn li tittieħed azzjoni fuq livell tal-Unjoni,
- miżuri ta' ffinanzjar bil-għan li tiżdied l-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni, tal-kontrolli u tal-investigazzjonijiet,
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, partikolarment fil-qasam tal-ġlieda kontra-l-kuntrabandu tas-sigaretti,
- l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-sorveljanza u l-ispezzjonijiet fuq il-post,
- li jkunu ffinanzjati l-ispejjeż ta' vvjaġġar u l-benefiċċji ta' sosteniment għall-ispetturi u l-maġistrati nazzjonali li jkunu qed jaħdmu barra minn pajjiżhom b'rabta ma' żjajjar ta' kontroll, spezzjonijiet fuq il-post, laqgħat ta' koordinazzjoni u kull meta l-b'zonn ta' investigazzjoni tiġġustifikahom,
- li jkunu koperti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-benefiċċji ta' sosteniment u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jaħdmu mal-Uffiċċju matul l-investigazzjonijiet jew biex jagħtu opinjoni professjonali fuq materja speċifika,
- li jkunu koperti l-ispejjeż ta' konferenzi, kungressi u laqgħat li l-Uffiċċju jorganizza fix-xogħol tiegħu tal-ġlieda kontra l-frodi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

*Atti ta' referenza*

L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI (ikompli)

**A3 02 02 Miżuri għall-protezzjoni tal-Ewro kontra l-falsifikazzjoni**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' inizjattivi u miżuri speċifiċi bil-għan li jiproteġu l-munita Euro kontra l-iffalsifikar tal-flus.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

**A3 02 03 Miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
150 000	150 000	137 422,38

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa għal miżuri ta' taġrif u komunikazzjoni li jkunu ttieħdu mill-Uffiċċju.

L-istrateġija esterna tal-Uffiċċju fuq it-taġrif u l-komunikazzjoni hija ċentrali għax-xogħol tiegħu. L-Uffiċċju twaqqaf bħala entità investigattiva indipendenti, u għalhekk għandu jkollu l-istrateġija tal-komunikazzjoni tiegħu. Ix-xogħol tal-Uffiċċju ħafna drabi jkun tekniku ħafna biex jiftiehem mill-ewwel mill-pubbliku. L-Uffiċċju għandu jgħarraf lill-interlokutori tiegħu u lill-pubbliku kollu dwar ir-rwol u l-ħidmiet tiegħu. Il-perċezzjoni pubblika tax-xogħol tal-Uffiċċju hija ta' importanza kbira.

Bħala servizz tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju jrid iqis ukoll l-iżbilanċ demokratiku li jeżisti bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ċ-ċittadini tal-Ewropa. Il-Kummissjoni għarfet dan l-iżbilanċ u fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizzah.

L-istrateġija tal-komunikazzjoni li l-Uffiċċju żviluppa u li se jkompli jimplementa għandha turi l-indipendenza tagħha.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

## KAPITOLU A3 03 — NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI

A3 03 01 *Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
—	—	200 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex ikopri n-nefqa kollha li tkun ġejja mill-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni, l-aktar:

- il-benefiċċji mogħtija lill-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni għaż-żmien li dawn ikunu ddedikaw biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, kif ukoll biex ikopru l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom u spejjeż oħra anċillari,
- l-ispejjeż li jkunu saru mill-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni waqt li jkunu qed jirrappreżentawh uffiċjalment,
- l-infiq kollu marbut mal-ħidma, bħax-xiri ta' tagħmir, kartolerija u provvisti tal-uffiċċju, l-ispejjeż marbuta mal-komunikazzjonijiet u mat-telekomunikazzjonijiet (spejjeż postali, spejjeż tat-telefon, tal-fax u tat-telegraph), spejjeż ta' dokumentazzjoni u tal-librerija, ix-xiri ta' kotba u ta' abbonamenti mal-media, l-ispejjeż ta' registrament ma' konferenzi, eċċ.,
- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' sosteniment u spejjeż anċillari ta' esperti mistiedna mill-Kumitat ta' Superviżjoni biex jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' xogħol, kif ukoll l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' laqgħat mhux koperti mill-infrastruttura eżistenti (fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni),
- l-ispejjeż ta' studji u konsultazzjoni speċjalizzati li jkunu ġew ikkuntrattati lil esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpaniji) fejn il-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni ma jkunux jistgħu jagħtu dawn l-istudji biex isiru minn ħaddiema addattati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20), u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 6(3) tagħha.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

## KAPITOLU A3 10 — RIŻERVI

A3 10 01 *Kreditu proviżorji*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

L-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu huma purament proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lil kapitoli oħra skont il-proċedura stipulata għal dak il-għan fir-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

**KAPITOLU A3 10 — RIŻERVI** (ikompli)

**A3 10 01** (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A3 10 02** **Riżerva għall-kontinġenzi**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

**UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL**

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

## DĦUL

### TITOLU 4

#### MIXXELLANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

#### KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

#### KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJET

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	<i>Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra</i>	777 000	758 000	721 093,63	92,80
4 0 3	<i>Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	p.m.	p.m.	0,—	
4 0 4	<i>Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li huma impjegati attivament</i>	151 000	149 000	140 321,92	92,93
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	928 000	907 000	861 415,55	92,82
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	<i>Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn l-iskema ta' pensjoni</i>	912 000	912 000	859 338,33	94,23
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	912 000	912 000	859 338,33	94,23
	<b>Titolu 4 — Total</b>	<b>1 840 000</b>	<b>1 819 000</b>	<b>1 720 753,88</b>	<b>93,52</b>



## TITOLU 4

## MIXXELLANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
777 000	758 000	721 093,63

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq s-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

*Atti ta' referenza*

Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

4 0 3 *Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjegattiv li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-ħaddiema tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sat-30 ta' April 2004.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI (*ikompli*)

**4 0 4** *Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li huma impjegati attivament*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
151 000	149 000	140 321,92

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħhom.

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSIJONIJIET

**4 1 0** *Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn l-iskema ta' pensjoni*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
912 000	912 000	859 338,33

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa l-qliġ kollu mill-kontribuzzjonijiet tal-ħaddiema tal-Uffiċċju mnaqqsa kull xahar mis-salarju tagħhom, skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u jintuża biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.



KUMMISSJONI  
UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

## TITOLU 6

### KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIFUŻJONIJIET TA' NFIQ U DĦUL

#### KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

##### 6 6 0 *Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

##### 6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet assenjati oħrajn u rifużjonijiet

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

#### *Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.



KUMMISSJONI  
UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

### TITOLU A4

### UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

#### KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

#### KAPITOLU A4 02 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU A4 01				
<b>A4 01 01</b>	<b>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji</b>				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	10 200 800	10 337 000	9 606 761,43	94,18
<b>A4 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra</b>				
A4 01 02 01	Persunal estern				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	1 501 000	1 451 000	1 264 000,—	84,21
A4 01 02 11	Nefqa oħra relatata mat-tmexxija				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	601 000	641 000	441 161,09	73,40
	<i>Artikolu A4 01 02 — Total</i>	<b>2 102 000</b>	<b>2 092 000</b>	<b>1 705 161,09</b>	<b>81,12</b>
<b>A4 01 03</b>	<b>Bini u nefqa relatata</b>				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	5 260 000	5 219 000	6 755 497,84	128,43
<b>A4 01 50</b>	<b>Politika tal-persunal u t-tmexxija</b>				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A4 01 51</b>	<b>Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija</b>				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	50 000,—	
<b>A4 01 60</b>	<b>Stokks għal-libreriji, xiri ta' kotba</b>				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	3 000	5 000	1 037,23	34,57
	<b>KAPITOLU A4 01 — TOTAL</b>	<b>17 565 800</b>	<b>17 653 000</b>	<b>18 118 457,59</b>	<b>103,15</b>
	KAPITOLU A4 02				
<b>A4 02 01</b>	<b>Kooperazzjoni interistituzzjonali, servizzi interistituzzjonali u attivitajiet</b>				
A4 02 01 01	Kompetizzjonijiet interistituzzjonali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	5 700 000	6 100 000	4 611 363,89	80,90
A4 02 01 02	Konsultazzjonijiet limitati, studji u sondaġġi				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
A4 02 01 03	Kostijiet ta' laqgħat interni				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	10 000	14 000	6 000,—	60,00
	<i>Artikolu A4 02 01 — Total</i>	<b>5 710 000</b>	<b>6 114 000</b>	<b>4 617 363,89</b>	<b>80,86</b>
	<b>KAPITOLU A4 02 — TOTAL</b>	<b>5 710 000</b>	<b>6 114 000</b>	<b>4 617 363,89</b>	<b>80,86</b>



KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

## TITOLU A4

### UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

#### KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

##### A4 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
10 200 800	10 337 000	9 606 761,43

#### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjonijiet kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orìġini tagħhom,
- benefiċċji u għotjiet varji oħra,
- il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikat lill-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjeg,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdw l-impjeg, meta jtemmu l-impjeg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor,
- il-benefiċċji biex jistabilixxu ruħhom jew biex jerġgħu jistabilixxu ruħhom li għandhom jingħataw lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdw impjeg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjeg u jmorru jgħixu mkien ieħor,
- l-ispejjeż ta' ġarr li jridu jitħallsu lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdw impjeg jew meta dawn imorru f'post ta' impjeg ġdid, u meta jtemmu l-impjeg u jmorru jgħixu mkien ieħor,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,
- il-konċessjonijiet u l-ħlasijiet b'rati fissi u fis-sieġha għal saħra maħduma minn uffiċjali fil-kategorija AST u minn persunal lokali li ma setax jingħata *leave* kompensatorju skont il-proċeduri stabbiliti,



**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)****A4 01 01 (ikompli)**

- *allowance* ta' sussistenza ta' kuljum għaluffiċjali u persunal temporanju li jiġġustifikaw il-bżonn li jibdli l-post ta' residenza tagħhom meta jibdeu impjeg jew meta jiġu trasferiti lejn post ġdid ta' impjeg,
- l-infiq addizzjonali b'riżultat ta' ssekondar ta' uffiċjali tal-Unjoni, jiġifieri sabiex jitħallsu benefiċċji u jkunu rimborsati l-ispejjeż li l-issekondar jintitolahom għalihom. Din hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' skemi ta' taħriġ speċifiku ma' amministrazzjonijiet u entitajiet tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A4 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra*****A4 01 02 01 Persunal estern**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 501 000	1 451 000	1 264 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-ispiża tal-piżijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,
- in-nefqa li tkun saret (salarji, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-impjegar ta' ħaddiema mqabbda minn barra li jkunu jaħdmu b'kuntratt ta' liġi privata u minħabba l-impjegar ta' ħaddiema temporanji,
- in-nefqa li tkun saret minħabba ħaddiema li jkunu ddaħħlu f'kuntratti ta' servizz għal xogħol tekniku u amministrattiv, għalghajnuna addizzjonali u għall-provvista ta' servizzi ta' natura intellettuali,
- in-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju, ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll l-ispejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,
- In-nefqa marbuta ma' servizzi ta' tradutturi u lingwisti li jaħdmu għal rashom u xogħol ta'tajping u xogħol ieħor li ma jkunx jista' jsir mis-servizz tat-Traduzzjoni.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A4 01 02 (ikompli)

A4 01 02 01 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A4 01 02 11 Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
601 000	641 000	441 161,09

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefġiet li ġejjin:

- L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew seconded,
- ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twertiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),
- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż incidental għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċizzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),
- l-infiq varju marbut ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li fihom jieħu sehem l-Uffiċċju,
- l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
  - miżati li jitħallsu lill-esperti għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twertiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jagħmlu valutazzjoni u jimmonitorjaw ir-riżultati,
  - miżati għall-konsulenza f'diversi oqsma, l-aktar f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,
  - l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)****A4 01 02 (ikompli)****A4 01 02 11 (ikompli)**

- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-bini u trasport u mal-ispiża tal-ikel u l-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għal taħriġ marbut ma' pubblikazzjonijiet u taġħrif, ma' siti tal-Internet relatati u max-xiri ta' taġħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal taġħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u multimedia,
- l-iffinanzjament ta' materjal edukattiv,
- il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-konċessjonijiet ta' sussistenza ta' interpreti *freelance* u oħrajn li m'humiex permanenti msejħa mid-DG Interpretazzjoni għal laqgħat ta' servizz organizzati mill-Uffiċġju li ma setgħux jinqdew mill-interpreti tal-Kummissjoni (uffiċjali u persunal temporanju).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

**A4 01 03 *Bini u nefqa relatata***

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
5 260 000	5 219 000	6 755 497,84

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-bini tal-Uffiċġju u infiq ieħor relatat, partikolarment:

- il-ħlas ta' kera u taxxi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' bini jew partijiet ta' bini li qed jintużaw, kif ukoll il-kera ta' swali ta' konferenzi, mħażen, garaxxijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ,
- il-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċġju,
- l-ispejjeż tal-konsum ta' ilma, gass, elettriku u enerġija għat-tisħin tal-bini jew partijiet tal-bini li jintużaw mill-Uffiċġju,
- l-ispejjeż għall-manutenzjoni, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-bini, l-liftijiet, t-tisħin ċentrali, t-tagħmir tal-arja kkundizzjonata, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn tindif perjodiku, x-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-indafa, għall-ħasil tal-hwejjeż u għad-dry cleaning, eċċ., u kif ukoll għal tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marburta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A4 01 03 (ikompli)

- xogħol ta' titjib tal-bini, eż. tibdil fit-tqassim, tibdil f'sistemi tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor fuq serraturi, tagħmir tal-elettriku, plumbing, żebgħa, kisi ta' art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' kejbils li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti li jintużaw fil-bini, u n-nefqa għat-tagħmir meħtieġ marbut mat-titjib tal-bini (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-ħarsien tal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- spejjeż marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-riforniment tat-tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajjnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- spejjeż oħra fuq il-bini, l-aktar l-ispejjeż tal-ġestjoni ta' bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż ta' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart, eċċ.),
- xi nfiq għall-għajjnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,
- ix-xiri, l-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, l-manutenzjoni, t-tiswija, l-installazzjoni u r-riforniment ta' tagħmir u materjal tekniku u partikolarment:
  - tagħmir (inklużi photocopiers) għall-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u l-arkivjar ta' dokumenti f'kull għamla (karta, media elettronika),
  - tagħmir awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, headsets u unitajiet tal-iswiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),
  - attrezzaturi tal-canteen u tagħmir tar-restoranti,
  - għodod varji għall-workshops tal-manutenzjoni tal-bini,
  - faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'diżabbiltà,
  - kif ukoll studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,
- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:
  - ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)****A4 01 03 (ikompli)**

- il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,
- provista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),
- attrezzaturi speċifiċi għall-*canteens* u ristoranti,
- il-kiri ta' għamara,
- l-ispejjeż għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
- ix-xiri, l-kiri, l-manutenzjoni, u t-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:
  - xiri ta' vetturi ġodda,
  - il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, għamtu tant mili li l-bdil tagħhom huwa ġġustifikat,
  - l-ispejjeż ta' kiri ta' karozzi għall-perijodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta tal-vetturi,
  - l-ispejjeż tal-manutenzjoni, t-tiswija u l-assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (xiri ta' karburant, lubrifikanti, tajers, it-tubi ta' ġewwa, provisti varji, spare parts, għodod, eċċ.),
  - għamlet differenti ta' assicurazzjoni (l-aktar dik ta' terza parti u serq),
- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
  - ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jaġġamtu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, l-wear and tear mhux normali u t-tbajja',
  - ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- l-ispejjeż ta' ġarr, ri-organizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo, vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-software tal-komputer meħtieġa,
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir b'rabta mal-preżentazzjoni l-informazzjoni f'għamla stampata, eż. printers, magni tal-fax, photocopiers, scanners u microcopiers,

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A4 01 03 (ikompli)**

- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters u word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor li jintuża fl-uffiċċju,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,
- l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, għall-pakketti postali u oħrajn li jintbagħtu bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u għall-posta interna tal-Uffiċċju,
- spejjeż ta' miżati u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-cable jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, televixin, telekonferenza u vidjokonferenza), spejjeż ta' networks ta' trasmissjoni ta' data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trasmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-twettiq ta' proġetti informatiċi.

Infiq ieħor funzjonali li mhuwiex speċifikament imniżżel fuq, bħalma huma l-miżati għall-parteċipazzjoni f'konferenzi (esklużi l-ispejjeż tat-taħriġ), miżati ta' sħubija f'għaqdiet kummerċjali u xjentifiċi, l-ispiża biex jiddaħħlu d-dettalji f'direttorji telefoniċi.

(Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawnsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili).

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A4 01 50 *Politika tal-persunal u t-tmexxija***

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)****A4 01 50** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-ghajjnuna li tista' tingħata lil uffiċjal, *ex* uffiċjal jew is-superstiti ta' uffiċjal li jkun miet u li hu/huma f'ċirkustanzi diffiċli ħafna,
- l-ghajjnuna mill-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkoraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal u għat-trasport tal-iskola,
- infiq, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f'dawn il-kategoriji:
  - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-orijini jkun intalab, kull spiża infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabbiltà u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**A4 01 51** **Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija**

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	50 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-ispejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u canteens,
- hsrat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obligazzjonijiet ta' responsabbiltà ċivili, u n-nefqa marbuta ma' ċerti każi fejn, għall-raġunijiet ta' ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ebda talba legali.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

**A4 01 60** **Stokks għal-libreriji, xiri ta' kotba**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
3 000	5 000	1 037,23

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-uffiċċju bħala parti mis-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm), is-sottoskrizzjonijiet għal aċċess għad-dejta, l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni ta' kotba u publikazzjonijiet, infiq fuq sottoskrizzjonijiet għal gazzetti, rivisti speċjalizzati, u x-xiri ta' publikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta mal-attivitajiet tal-Uffiċċju.

KAPITOLU A4 02 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI

**A4 02 01** **Kooperazzjoni interistituzzjonali, servizzi interistituzzjonali u attivitajiet**

*Kummenti*

Fil-qafas tal-Programm ta' Żvilupp tal-EPPO, l-Uffiċċju mmodernizza l-metodi ta' għażla tiegħu bil-għan li jissodisfa l-bżonnijiet attwali u futuri tal-istituzzjonijiet b'mod iktar kost-effettiv u effiċjenti billi:

- itejjeb l-ippjanar tal-Kompetizzjonijiet biex jagħżel il-persunal xieraq fil-waqt xieraq u jtejjeb l-użu tal-listi ta' riżerva,
- Inaqas iż-żmien tal-proċess tal-għażla,
- itejjeb b'mod konsiderevoli l-kwalità tal-proċess tal-għażla sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jimpjegaw l-aħjar persunal għal karriera tul il-ħajja billi jagħżlu kandidati abbażi tal-kompetenzi meħtieġa biex isir ix-xogħol, u billi jipprofessjonalizzaw ix-xogħol tal-bord tal-għażla,
- jistabbilixxi immaġni pożittiva u moderna għall-Istituzzjonijiet bħala impjegaturi sabiex ikunu nistgħu jiġbdu lejhom l-aħjar persunal fil-kuntest ta' suq tal-impjiegi li iktar ma jmur iktar qed isir kompetittiv,
- jipprovdi l-faċilitajiet kollha neċessarji biex jippermetti l-parteċipazzjoni ta' applikanti b'diżabilità.

A4 02 01 01 Kompetizzjonijiet interistituzzjonali

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
5 700 000	6 100 000	4 611 363,89

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tkun saret b'riżultat tal-proċeduri involuti fl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet differenti.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq il-EUR 50 000.



**KAPITOLU A4 02 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI** (ikompli)**A4 02 01** (ikompli)

A4 02 01 01 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikoli 27 sa 31 u 33 u l-Anness III tagħhom.

A4 02 01 02 Konsultazzjonijiet limitati, studji u sondaġġi

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jkunu ġew ikkuntrattati lil esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpaniji) jekk il-Kummissjoni ma jkollhiex ħaddiema addattati biex jagħmlu dan ix-xogħol. Din tkopri wkoll ix-xiri ta' studji li jkunu saru diġà jew miżati ta' sħubija f'istituzzjonijiet ta' riċerka speċjalizzata.

A4 02 01 03 Kostijiet ta' laqgħat interni

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
10 000	14 000	6 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul laqgħat interni, l-aktar il-laqgħat ta' bordijiet tal-għażla u ta' tradutturi.

**KAPITOLU A4 03 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ****A4 03 01** *L-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA)**Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tat-taħriġ ġenerali organizzat mill-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA) bil-ħsieb li jitjiebu l-ħiliet tal-persunal kif ukoll il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet parteċipanti, inkluż:

- tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-tweqqi ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,
- tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u ġestjoni tal-persunal,
- in-nefqa mġarrba fit-tfassil, il-koordinazzjoni u l-valutazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-iskola f'għamla ta' korsijiet, seminars u lezzjonijiet (ħarrieġa/għalliema u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sosteniment tagħhom flimkien mal-materjal tat-tagħlim),

KUMMISSJONI  
UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

**KAPITOLU A4 03 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ** (ikompli)

**A4 03 01** (ikompli)

- il-kost ta' parteċipazzjoni f'taħriġ minn barra, u miżati tas-sħubija f'organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- il-kostijiet biex l-EUSA jkollha netwerk, fuq livell Ewropew, ma' skejjel nazzjonali ta' amministrazzjoni u ma' istituti universitarji li jkunu attivi f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jkun hemm skambju ta' esperjenzi, jinstabu eżempji tal-aħjar Prattiki u jkun hemm kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' aktar taħriġ fl-amministrazzjonijiet Ewropej pubbliċi,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti Prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, l-użu tal-post, it-trasport, l-ikel u l-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u informazzjoni, assoċjata ma' siti tal-internet relatati u x-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, miżati u liċenzji għal tagħlim mill-bogħod, kotba, prodotti stampati u prodotti multimedjali,
- l-iffinanzjar ta' materjal edukattiv.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2005/119/KE tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tas-26 ta' Jannar 2005 dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (ĠU L 37, 10.2.2005, p. 17).

**A4 03 01 01** Taħriġ ta' ġestjoni

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 400 000	1 400 000	1 678 658,11

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ għall-uffiċjali u ħaddiema oħra f'metodi ta' tmexxija (kwalità u tmexxija tal-ħaddiema, strateġija).

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq il-EUR 100 000.

**A4 03 01 02** Korsijiet tad-dħul fis-servizz

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
950 000	950 000	1 225 519,35

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ fl-ambjent tax-xogħol tal-Istituzzjonijiet kemm għall-uffiċjali ġodda kif ukoll għall-ħaddiema li jkunu għadhom kemm ġew irreklatati

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq l-EUR 40 000.

**KAPITOLU A4 03 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ** (ikompli)**A4 03 01** (ikompli)

## A4 03 01 03 Taħriġ għaċ-ċertifikazzjoni

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
550 000	550 000	638 600,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ ta' tħejjija għall-uffiċjali biex ikollhom ċertifikat li jkun jagħti xhieda tal-ħila tagħhom li jwettqu l-obbligi ta' amministratur bil-ħsieb li dawn jiġu ttrasferiti lejn grupp ogħla ta' funzjoni.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq is-EUR 16 000.

**KAPITOLU A4 10 — RIŻERVI****A4 10 01** **Approprjazzjonijiet proviżorji**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

L-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu huma purament proviżorji u jstgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lil kapitoli oħra skont il-proċedura stipulata għal dak il-għan fir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A4 10 02** **Riżerva ta' Kontinġenza**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI

**UFFIĊĠJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI**

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

**DĦUL**

**TITOLU 4**

**MIXXELANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI**

**KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI**

**KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TA' PENSJONIJJET**

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 4 0				
<b>4 0 0</b>	<i>Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra</i>	1 335 000	1 399 000	1 236 047,44	92,59
<b>4 0 3</b>	<i>Ħlasijiet mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	p.m.	p.m.	0,—	
<b>4 0 4</b>	<i>Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	248 000	266 000	230 707,09	93,03
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	1 583 000	1 665 000	1 466 754,53	92,66
	KAPITOLU 4 1				
<b>4 1 0</b>	<i>Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn l-iskema ta' pensjonijiet</i>	2 555 000	2 655 000	2 401 451,74	93,99
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	2 555 000	2 655 000	2 401 451,74	93,99
	<b>Titolu 4 — Total</b>	<b>4 138 000</b>	<b>4 320 000</b>	<b>3 868 206,27</b>	<b>93,48</b>

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

## TITOLU 4

### MIXXELANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

#### KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

#### 4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
1 335 000	1 399 000	1 236 047,44

#### *Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqs kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

#### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

#### *Atti ta' referenza*

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

#### 4 0 3 *Ħlasijiet mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

#### *Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjeg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

#### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĠJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALIKAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI (*ikompli*)**4 0 4** ***Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament***

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
248 000	266 000	230 707,09

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TA' PENSJONIJIET

**4 1 0** ***Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn l-iskema ta' pensjonijiet***

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
2 555 000	2 655 000	2 401 451,74

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tad-dħul mill-kontribuzzjonijiet mnaqqsqa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u wżat biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.





**TITOLU 6****KONTRIBUZZJONI GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIMBORSI TA' NEFQA U DĦUL****KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJET U RIFUŻJONIJET OĦRA****6 6 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra**

## 6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet assenjati oħra

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tirċievi, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jwassal għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.



KUMMISSJONI  
UFFIĊĠJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

## TITOLU A5

## UFFIĊĠJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

## KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

## KAPITOLU A5 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU A5 01				
<b>A5 01 01</b>	<b>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	16 186 600	16 744 000	14 386 784,71	88,88
<b>A5 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra</b>				
A5 01 02 01	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	11 790 000	11 261 000	17 842 682,90	151,34
A5 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	237 000	236 500	322 492,83	136,07
	<i>Artikolu A5 01 02 — Total</i>	12 027 000	11 497 500	18 165 175,73	151,04
<b>A5 01 03</b>	<b>Binjiet u nefqa relatata</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	10 485 000	10 457 000	11 757 060,77	112,13
<b>A5 01 50</b>	<b>Politika tal-personal u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A5 01 51</b>	<b>Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A5 01 60</b>	<b>Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>KAPITOLU A5 01 — TOTAL</b>	<b>38 698 600</b>	<b>38 698 500</b>	<b>44 309 021,21</b>	<b>114,50</b>
	KAPITOLU A5 10				
<b>A5 10 01</b>	<b>Kreditu proviżorji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A5 10 02</b>	<b>Riżerva għal spejjeż mhux mistennija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>KAPITOLU A5 10 — TOTAL</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0,—</b>	
	<b>Titolu A5 — Total</b>	<b>38 698 600</b>	<b>38 698 500</b>	<b>44 309 021,21</b>	<b>114,50</b>
	<b>GRAN TOTAL</b>	<b>38 698 600</b>	<b>38 698 500</b>	<b>44 309 021,21</b>	<b>114,50</b>

KUMMISSJONI

UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

## TITOLU A5

## UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

## KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

A5 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji*

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
16 186 600	16 744 000	14 386 784,71

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkollhom post fuq il-pjan ta' stabiliment:

- salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,
- assigurazzjonijiet kontra aċċidenti u mard u debiti oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni fisem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet mixxellanji,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat lill-parti mill-emolumenti trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjeg,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu, meta jtemmu l-impjeg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg,
- il-gratifiki għall-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg, u meta dawn itemmu l-impjeg u jirrisistemaw xi mkien ieħor,
- l-ispejjeż ta' ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg, u meta dawn itemmu l-impjeg u jirrisistemaw xi mkien ieħor,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A5 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra**

A5 01 02 01 Persunal estern

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
11 790 000	11 261 000	17 842 682,90

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,
- in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-uu ta' pesunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,
- kostijiet tal-persunal inklużi f'kuntratti ta' servizzi għal subkuntrattar tekniku u amministrattiv, assistenza supplimentari u provvediment ta' servizzi ta' natura intellettuali,
- il-kost marbut mas-sekondar jew assenjazjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-sekondar ta' uffiċjali lis-servizzi ċivili nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 6 758 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jirregolaw in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A5 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
237 000	236 500	322 492,83

## KUMMISSJONI

## UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

## KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

## A5 01 02 (ikompli)

## A5 01 02 11 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew seconded,
- ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),
- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż incidental għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li tiegħu mill-Kummissjoni),
- il-kostijiet ta' ospitalità u ta' ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,
- nefqa mixellanja marbuta ma' konferenzi, kongressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,
- nefqa fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jsiru b'kuntratti ma' esperti bi kwalifiki għolja (persuni naturali jew ġuridiċi) jekk l-Uffiċċju ma għandux ħaddiema disponibbli biex iwettqu dawn l-istudji, inklużi x-xiri ta' studji li diġà saru,
- nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
  - tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati,
  - tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi organizzazzjonali, immaniġġar, strateġija, kwalità u mmaniġġar tal-ħaddiema,
  - il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikliet u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti multimedjali,
- l-iffinanzjar ta' materjal pedagoġiku.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĠJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A5 01 02 (ikompli)**

**A5 01 02 11 (ikompli)**

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jirregolaw in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

**A5 01 03 Binjiet u nefqa relatata**

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
10 485 000	10 457 000	11 757 060,77

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa relatata, inkluż b'mod partikolari:

- il-kostijiet tax-xiri jew kiri b'lokazzjoni tal-binjiet jew il-kostruzzjoni tal-binjiet,
- kera u ċens, taxxi varji u l-eżerċizzju tal-opzjoni tax-xiri ta' binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,
- il-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- tariffi tal-ilma, gass, elettriku u tisħin tal-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- il-kostijiet għall-manutenzjoni, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-binjiet, il-liftijiet, it-tisħin ċentrali, it-tagħmir tal-arja kundizzjonata, eċċ.; in-nefqa li tirriżulta minn tindif regolari, ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għat-tindif, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-dry cleaning, eċċ., u kif ukoll għal tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-uffiċini tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u r-rimi ta' skart,
- rinovament tal-bini, eż. alterazzjonijiet fil-kompartimenti, alterazzjonijiet fl-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, apparat elettriku, xogħol sanitarju, tibjid, kisi tal-art, u l-kost ta' bidliet fil-kablage marbut mal-attrezzaturi, u l-kost tal-apparat neċessarju (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa), l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-għassa tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti minuri ta' tagħmir (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa), l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

## KUMMISSJONI

## UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

## KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

## A5 01 03 (ikompli)

- spejjeż marbuta mas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-gwardjani tan-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,
- nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (ġbir tal-iskart, eċċ.),
- debiti għal assistenza teknika marbuta ma' rinovament maġġuri tal-binjiet,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-installazzjoni u r-rinovament ta' tagħmir u stallazzjonijiet tekniċi,
- ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
- ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,
- assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbiltà ċivili u kontra s-serq),
- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u partikolarment:
  - xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-uffiċina teknika u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih ikun meħtieġ protezzjoni kontra temp ħażin jew kasha, tkagħbir u ħmieġ anormali,
  - xiri jew rimbors tal-kost ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-binjiet jkunu attrezzat b'telekomunikazzjonijiet, partikolarment ix-xiri, il-kera, l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' panewi tal-kontrolli u distributuri tat-telefon, sistemi awdjo, ta' vidjokonferenza, ta' telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' komputers, terminals, minikomputers, periferali, apparat ta' konnessjoni u software meħtieġ,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju printers, faks, fotokopjatriċi, skeners u mikrokopjatriċi,



KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A5 01 03 (ikompli)**

- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' tajpraġters, proċessaturi tat-testi jew kull apparat elettroniku ieħor,
- stallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,
- il-kost tax-xiri ta' karti, envelopes, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-uffiċċina tal-istampar, u ta' xi stampar li jġi esternalizzat,
- nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,
- debiti ta' abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, teleks, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), nefqa fuq netwerks ta'datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- il-kost ta' konnessjonijiet tat-telefon u tal-kompjuter bejn il-binjiet u linji ta' trasmissjoni internazzjonali bejn is-siti tal-uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u kostijiet relatati u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk fuq il-karta jew f'forma elettronika, eċċ., persunal operatorju estern, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji dwar is-sikurezza u l-garanzija tal-kwalità marbuta ma' apparat u softwer tal-kompjuter.
- nefqa operatorja oħra mhux speċifikament dispost għaliha hawn fuq.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 2 145 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'taġħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A5 01 50 *Politika tal-personal u t-tmexxija***

Approprazzjonijiet 2018	Approprazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A5 01 50 (ikompli)**

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal,
- infiq, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f'dawn il-kategoriji:
  - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
  - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
  - it-tfal dipendenti kollha fis-sens tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-orijini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabbiltà u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

**A5 01 51 *Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija***

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- spejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u canteens,
- ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obligazzjonijiet ta' responsabbiltà ċivili, u nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għall-raġunijiet ta' ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ma jkun hemm talba legali.

**A5 01 60 *Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji***

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A5 01 60** (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm), l-abbonamenti mas-servizzi ta' view-data, l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħrajn meħtieġa għall-preservazzjoni ta' xogħlijiet u perjodiċi ta' referenza, in-nefqa għall-abbonamenti ma' ġurnali u ġurnali perjodiċi speċjalizzati, u x-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi konnessi mal-attivitajiet tal-Uffiċċju.

**KAPITOLU A5 10 — RIŻERVI**

**A5 10 01** *Krediti provviżorji*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lejn kapitoli oħra skont il-proċedura rilevanti stipulata fir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A5 10 02** *Riżerva għal spejjeż mhux mistennija*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI

**UFFIĊĠJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL**

## DĦUL

## TITOLU 4

## MIXXELLANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	<i>Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra</i>	3 110 000	2 631 000	2 617 933,92	84,18
4 0 3	<i>Dħul minn kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	p.m.	p.m.	0,—	
4 0 4	<i>Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	574 000	484 000	481 698,68	83,92
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	3 684 000	3 115 000	3 099 632,60	84,14
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	<i>Kontribuzzjonijiet tal-istaff għal skema ta' pensjoni</i>	5 498 000	4 751 000	4 692 105,77	85,34
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	5 498 000	4 751 000	4 692 105,77	85,34
	<b>Titolu 4 — Total</b>	<b>9 182 000</b>	<b>7 866 000</b>	<b>7 791 738,37</b>	<b>84,86</b>

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

## TITOLU 4

### MIXXELLANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

#### KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

#### 4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
3 110 000	2 631 000	2 617 933,92

#### *Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

#### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

#### *Atti ta' referenza*

Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

#### 4 0 3 *Dħul minn kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

#### *Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkun f'impjegat li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

#### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI (*ikompli*)**4 0 4** ***Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament***

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
574 000	484 000	481 698,68

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSIJONIJIET

**4 1 0** ***Kontribuzzjonijiet tal-istaff għal skema ta' pensjoni***

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
5 498 000	4 751 000	4 692 105,77

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tad-dħul kollu mill-kontribuzzjonijiet imnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u użat biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Atti ta' referenza*

Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.





**TITOLU 6****KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL- UNJONI, RIMBORŻ TA' NEFQA U DĦUL****KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA****6 6 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra**

## 6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet assenjati oħra

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul li ma jidherx f'partijiet oħra tat-*Titolu 6* li jintuża biex jagħti approprjazzjonijiet addizzjonali biex tkun ifffinanzjata n-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.



## TITOLU A6

## UFFIĊĠJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

## KAPITOLU A6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

## KAPITOLU A6 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU A6 01				
<b>A6 01 01</b>	<b>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	36 511 000	30 952 000	30 424 629,50	83,33
<b>A6 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra</b>				
A6 01 02 01	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	28 456 000	24 592 000	33 873 679,89	119,04
A6 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	415 000	435 000	458 670,—	110,52
	<i>Artikolu A6 01 02 — Total</i>	<b>28 871 000</b>	<b>25 027 000</b>	<b>34 332 349,89</b>	<b>118,92</b>
<b>A6 01 03</b>	<b>Binjiet u nefqa relatata</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	12 963 000	12 174 000	12 627 935,03	97,42
<b>A6 01 50</b>	<b>Politika tal-persunal u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A6 01 51</b>	<b>Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A6 01 60</b>	<b>Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>KAPITOLU A6 01 — TOTAL</b>	<b>78 345 000</b>	<b>68 153 000</b>	<b>77 384 914,42</b>	<b>98,77</b>
	KAPITOLU A6 10				
<b>A6 10 01</b>	<b>Kreditu proviżorji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A6 10 02</b>	<b>Riżerva għall-kontinġenzi</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>KAPITOLU A6 10 — TOTAL</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0,—</b>	
	<b>Titolu A6 — Total</b>	<b>78 345 000</b>	<b>68 153 000</b>	<b>77 384 914,42</b>	<b>98,77</b>
	<b>GRAN TOTAL</b>	<b>78 345 000</b>	<b>68 153 000</b>	<b>77 384 914,42</b>	<b>98,77</b>

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

## TITOLU A6

### UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

#### KAPITOLU A6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

##### A6 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji*

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
36 511 000	30 952 000	30 424 629,50

#### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkollhom postijiet fuq il-pjan ta' stabilment:

- salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,
- assigurazzjonijiet kontra aċċidenti u mard u debiti oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni fisem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet mixxellanji,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat lill-parti mill-emolumenti trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjeg,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu, meta jtemmu l-impjeg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg,
- il-gratifiki għall-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg, u meta dawn itemmu l-impjeg u jirrisistemaw xi mkien ieħor,
- l-ispejjeż ta' ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg, u meta dawn itemmu l-impjeg u jirrisistemaw xi mkien ieħor,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 800 000.

#### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.
4 0 4	Rikavati mill-imposta speċjali u l-imposta ta' solidarjeta fuq is-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, ta' uffiċjali u ta' aġenti oħra f'impjeg attiv	123 000	112 000	87 827,59	71,40
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	828 000	771 000	532 594,81	64,32
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni	606 000	546 000	392 036,07	64,69
4 1 1	Trasferimenti jew rifużjonijiet tad-drittijiet għall-pensjoni mill-persunal	p.m.	p.m.	0,—	
4 1 2	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-persunal temporanju fuq vaganza minħabba raġunijiet personali	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	606 000	546 000	392 036,07	64,69
	<b>Titolu 4 — Total</b>	<b>1 434 000</b>	<b>1 317 000</b>	<b>924 630,88</b>	<b>64,48</b>

## TITOLU 4

## ID-DĦUL MINN PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA TAL-UNJONI

## KAPITOLU 4 0 — TAXXI U DEDUZZJONIJIET MIXXELLANJI

4 0 0 **Rikavati mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allokazzjonijiet ta' Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u aġenti oħra**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
705 000	659 000	444 767,22

*Bażi ġuridika*

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jstabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Id-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

4 0 3 **Ħlasijiet tal-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u aġenti oħra li huma impjegati attivament**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Bażi ġuridika*

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regoli tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b-mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Id-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 4 0 — TAXXI U DEDUZZJONIJIET MIXXELLANJI (ikompli)

**4 0 4 Rikavati mill-imposta speċjali u l-imposta ta' solidarjeta fuq is-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, ta' uffiċjali u ta' aġenti oħra f'impjeg attiv**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
123 000	112 000	87 827,59

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

Id-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tas-Superviżur Ewropew tal-protezzjoni tad-Data (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSIJONI

**4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
606 000	546 000	392 036,07

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(2) tiegħu.

**4 1 1 Trasferimenti jew rifiżjonijiet tad-drittijiet għall-pensjoni mill-persunal**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4, l-Artikolu 11(2) u (3), u l-Artikolu 48 tal-Anness VIII tiegħu.

**4 1 2 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-persunal temporanju fuq vaganza minħabba raġunijiet personali**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

## TITOLU 5

## DĦUL PROVENJENT MILL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 5 0 — RIKAVATI MILL-BEJGĦ TA' BENI MOBBLI (PROVVISTA TA' OĠĠETTI) U BENI IMMOBBLI

KAPITOLU 5 1 — RIKAVATI MINN LOKAZZJONI U KIRI

KAPITOLU 5 2 — DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELFJET MOGĦTIJA, IMGĦAX BANKARJI U IMGĦAX IEĦOR

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 5 0				
<b>5 0 0</b>	<b>Rikavati mill-bejgħ ta' beni mobbli (provvista ta' oġġetti)</b>				
5 0 0 0	Rikavat mill-bejgħ ta' vetturi — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
5 0 0 1	Rikavati mill-bejgħ ta' beni mobbli oħra — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
5 0 0 2	Rikavati mill-provvista ta' oġġetti lil istituzzjonijiet jew korpi oħra — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu 5 0 0 — Total</i>	p.m.	p.m.	0,—	
<b>5 0 1</b>	<b>Rikavati mill-bejgħ ta' beni immobbli</b>	p.m.	p.m.	0,—	
<b>5 0 2</b>	<b>Rikavati mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet, xogħlijiet stampati u films — Dħul assenjat</b>	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>KAPITOLU 5 0 — TOTAL</b>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 1				
<b>5 1 0</b>	<b>Rikavati mill-kiri ta' għamara u apparat — Dħul assenjat</b>	p.m.	p.m.	0,—	
<b>5 1 1</b>	<b>Rikavati minn lokazzjoni u sullokazzjoni ta' beni immobbli u r-rimbors ta' debiti marbuta mal-lokazzjonijiet</b>				
5 1 1 0	Rikavati mil-lokazzjoni u sullokazzjoni ta' beni immobbli — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
5 1 1 1	Rimbors ta' debiti b'rabta mal-lokazzjonijiet— Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu 5 1 1 — Total</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>KAPITOLU 5 1 — TOTAL</b>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 2				
<b>5 2 0</b>	<b>Dħul minn investimenti jew selfjet mogħtija, imġax bankarju u imġax ieħor fuq il-kontijiet tal-istituzzjoni</b>	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>KAPITOLU 5 2 — TOTAL</b>	p.m.	p.m.	0,—	

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**KAPITOLU 5 5 — DĦUL MILL-FORNIMENT TA' SERVIZZI U XOGĦLIJET****KAPITOLU 5 7 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA B'RABTA MAL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI****KAPITOLU 5 8 — KUMPENS MIXXELLANJU****KAPITOLU 5 9 — DĦUL IEĦOR MILL-OPERAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI**

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 5 5				
5 5 0	<i>Rikavati mill-provvista ta' servizzi u xogħljiet magħmula għal istituzzjonijiet jew korpi oħra, inkluż rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-allokkazzjonijiet tal-missjoni mħallsa f'isimhom — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
5 5 1	<i>Dħul minn terzi fir-rigward ta' servizzi jew xogħljiet fornuti fuq talba tagħhom — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 5 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 7				
5 7 0	<i>Dħul provenjent mir-rimbors ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
5 7 1	<i>Dħul individwat għal skop speċifiku, għal introjtu mill-fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati, inkluż id-dħul individwat speċifiku għal kull istituzzjoni — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
5 7 2	<i>Rimbors ta' nefqa fuq il-protezzjoni soċjali mġarrba f'isem istituzzjoni oħra</i>	p.m.	p.m.	0,—	
5 7 3	<i>Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra b'rabta mal-operat amministrattiv tal-istituzzjoni — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 7 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 8				
5 8 0	<i>Dħul minn pagamenti b'rabta ma' lokazzjonijiet — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
5 8 1	<i>Dħul minn pagamenti tal-assigurazzjoni rċevuti — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 8 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 9				
5 9 0	<i>Dħul ieħor mill-operazzjonijiet amministrattivi</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 9 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>Titolu 5 — Total</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0,—</b>	

## TITOLU 5

## DĦUL PROVENJENT MILL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

## KAPITOLU 5 0 — RIKAVATI MILL-BEJGĦ TA' BENI MOBBLI (PROVVISTA TA' OĠĠETTI) U BENI IMMOBBLI

## 5 0 0 Rikavati mill-bejgħ ta' beni mobbli (provvista ta' oġġetti)

## 5 0 0 0 Rikavat mill-bejgħ ta' vetturi — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tirreġistra d-dħul mill-bejgħ jew mill-xiri bi tpartit ta' vetturi tal-istituzzjonijiet. Iżżomm ukoll rekord tal-profitti mill-bejgħ ta' vetturi li qed jiġu mibdula jew mormija meta l-valur ikun deprezzat għal kollox.

Skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kkunsidrat bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

## 5 0 0 1 Rikavati mill-bejgħ ta' beni mobbli oħra — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tirreġistra d-dħul mill-bejgħ jew mill-part-exchange ta' proprjetà mobbli, apparti ta' vetturi tal-istituzzjonijiet. Iżżomm ukoll rekord tal-profitti mill-bejgħ ta' tagħmir, stallazzjonijiet, materjali, u apparat xjentifiku u tekniku li qed jiġi mibdul jew mormi meta l-valur ikun deprezzat għal kollox.

Skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kkunsidrat bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

## 5 0 0 2 Rikavati mill-provvista ta' oġġetti lil istituzzjonijiet jew korpi oħra — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Skont il-punt (e) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 5 0 — RIKAVATI MILL-BEJGĦ TA' BENI MOBBLI (PROVVISTA TA' OĠĠETTI) U BENI IMMOBBLI (ikompli)

5 0 1 **Rikavati mill-bejgħ ta' beni immobbli**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli li hija tal-istituzzjoni.

5 0 2 **Rikavati mill-bejgħ ta' publikazzjonijiet, xogħlijiet stampati u films — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Skont il-punt (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

Dan l-Artikolu għandu wkoll dħul mill-bejgħ ta' tali prodotti maħżuna fuq mezz elettroniku.

## KAPITOLU 5 1 — RIKAVATI MINN LOKAZZJONI U KIRI

5 1 0 **Rikavati mill-kiri ta' għamara u apparat — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

5 1 1 **Rikavati minn lokazzjoni u sullokazzjoni ta' beni immobbli u r-rimbors ta' debiti marbuta mal-lokazzjonijiet**

## 5 1 1 0 Rikavati mil-lokazzjoni u sullokazzjoni ta' beni immobbli — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.



## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 5 1 — RIKAVATI MINN LOKAZZJONI U KIRI (ikompli)

## 5 1 1 (ikompli)

## 5 1 1 1 Rimbors ta' debiti b'rabta mal-lokazzjonijiet— Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

## KAPITOLU 5 2 — DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELFJET MOGĦTIJA, IMGĦAX BANKARJI U IMGĦAX IEĦOR

## 5 2 0 Dħul minn investimenti jew selfjet mogħtija, imgħax bankarju u imgħax ieħor fuq il-kontijiet tal-istituzzjoni

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul minn investimenti jew self mogħti, imgħax bankarju u imgħax ieħor kreditat lil jew iddebitat mill-kontijiet tal-istituzzjonijiet.

## KAPITOLU 5 5 — DĦUL MILL-FORNIMENT TA' SERVIZZI U XOGĦLIJET

## 5 5 0 Rikavati mill-provvista ta' servizzi u xogħlijiet magħmula għal istituzzjonijiet jew korpi oħra, inkluż rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-allokkazzjonijiet tal-missjoni mħallsa f'isimhom — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Skont il-punt (e) tal-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

## 5 5 1 Dħul minn terzi fir-rigward ta' servizzi jew xogħlijiet fornuti fuq talba tagħhom — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

KAPITOLU 5 5 — DĦUL MILL-FORNIMENT TA' SERVIZZI U XOGĦLIJET (*ikompli*)5 5 1 (*ikompli*)*Kummenti*

Skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jittqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

## KAPITOLU 5 7 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA B'RABTA MAL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

5 7 0 *Dħul provenjent mir-rimbors ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu — Dħul assenjat*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Skont il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jittqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

5 7 1 *Dħul individwat għal skop speċifiku, għal introjtu mill-fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati, inkluż id-dħul individwat speċifiku għal kull istituzzjoni — Dħul assenjat*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Skont il-punt (d) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jittqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

5 7 2 *Rimbors ta' nefqa fuq il-protezzjoni soċjali mġarrba f'isem istituzzjoni oħra*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-Artikolu maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-pagamenti tan-nefqa fuq il-welfare imġarrba f'isem istituzzjoni oħra.

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**KAPITOLU 5 7 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA B'RABTA MAL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI**  
(ikompli)**5 7 3 Kontribuzzjonijiet u rifiżjonijiet oħra b'rabta mal-operat amministrattiv tal-istituzzjoni — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

**KAPITOLU 5 8 — KUMPENS MIXXELLANJU****5 8 0 Dħul minn pagamenti b'rabta ma' lokazzjonijiet — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Skont il-punt (g) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

**5 8 1 Dħul minn pagamenti tal-assigurazzjoni rċevuti — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Skont il-punt (f) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

**KAPITOLU 5 9 — DĦUL IEĦOR MILL-OPERAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI****5 9 0 Dħul ieħor mill-operazzjonijiet amministrattivi**

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul ieħor minn operazzjonijiet amministrattivi

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## TITOLU 9

## DĦUL MIXXELLANJU

## KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	% 2016/2018
9 0 0	KAPITOLU 9 0				
	<i>Dħul mixxellanju</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 9 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>Titolu 9 — Total</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0,—</b>	
	<b>GRAN TOTAL</b>	<b>1 434 000</b>	<b>1 317 000</b>	<b>924 630,88</b>	<b>64,48</b>

**TITOLU 9****DĦUL MIXXELLANJU****KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU****9 0 0** *Dħul mixxellanju*

Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi dħul mixxellanju.

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## NEFQA

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2018 u 2017) u eżitu (2016)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
<b>1</b>	<b>INFIQ RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI</b>			
1 0	MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI	769 275	922 815	848 268,68
1 1	PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI	6 454 300	6 199 045	4 959 928,40
	<b>Titolu 1 — Total</b>	<b>7 223 575</b>	<b>7 121 860</b>	<b>5 808 197,08</b>
<b>2</b>	<b>BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI</b>			
2 0	BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI	3 430 747	2 780 000	2 425 080,18
	<b>Titolu 2 — Total</b>	<b>3 430 747</b>	<b>2 780 000</b>	<b>2 425 080,18</b>
<b>3</b>	<b>BORD EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA</b>			
3 0	NEFQA B'RABTA MAL-FUNZJONAMENT TAL-BORD	3 794 746	1 422 875	546 906,96
	<b>Titolu 3 — Total</b>	<b>3 794 746</b>	<b>1 422 875</b>	<b>546 906,96</b>
<b>10</b>	<b>INFIQ IEĦOR</b>			
10 0	APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI	p.m.	p.m.	0,—
10 1	RIŻERVA TA' KONTINĠENZA	p.m.	p.m.	0,—
	<b>Titolu 10 — Total</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0,—</b>
	<b>GRAN TOTAL</b>	<b>14 449 068</b>	<b>11 324 735</b>	<b>8 780 184,22</b>

## TITOLU 1

## INFIQ RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI

## KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
	KAPITOLU 1 0				
<b>1 0 0</b>	<b>Remunerazzjoni, allokazżjonijiet u drittijiet oħra tal-membri</b>				
1 0 0 0	Remunerazzjoni u allokazżjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	684 881	667 290	649 943,50	94,90
1 0 0 1	Drittijiet marbuta mad-dħul fi u t-tluq mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 0 0 2	Allokazzjonijiet proviżorji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	171 131	119 931,18	
1 0 0 3	Pensjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 0 0 4	Approprjazzjoni proviżorja				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu 1 0 0 — Total</i>	684 881	838 421	769 874,68	112,41
<b>1 0 1</b>	<b>Infiq ieħor relatat mal-Membri</b>				
1 0 1 0	Taħriġ tal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	25 000	25 000	4 000,—	16,00
1 0 1 1	Missjonijiet, ivvjaġġar fuq xogħol u infiq inċidentali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	59 394	59 394	74 394,—	125,26
	<i>Artikolu 1 0 1 — Total</i>	84 394	84 394	78 394,—	92,89
	<b>KAPITOLU 1 0 — TOTAL</b>	<b>769 275</b>	<b>922 815</b>	<b>848 268,68</b>	<b>110,27</b>
	KAPITOLU 1 1				
<b>1 1 0</b>	<b>Remunerazzjoni, allokazżjonijiet u drittijiet oħra għall-Uffiċjali u l-aġenti temporanji</b>				
1 1 0 0	Remunerazzjoni u allokazżjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 427 553	5 185 664	3 953 190,36	72,84
1 1 0 1	Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, mat-trasferiment u mat-tluq mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	50 000	50 000	0,—	0
1 1 0 2	Ħin supplementari imħallas				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 1 0 3	Għotjiet għal assistenza speċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

Artikolu Partita	Intestatura	Approporzjonijiet 2018	Approporzjonijiet 2017	Eżitu 2016	% 2016/2018
<b>1 1 0</b>	<i>(ikompli)</i>				
1 1 0 4	Allokazzjonijiet u kontribuzzjonijiet mixxellanji mat-tmiem bikri mis-servizz				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 1 0 5	Approporzjoni proviżorja				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu 1 1 0 — Total</i>	5 477 553	5 235 664	3 953 190,36	72,17
<b>1 1 1</b>	<b>Persunal Ieħor</b>				
1 1 1 0	Persunal b'kuntratt				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	349 366	349 000	550 151,53	157,47
1 1 1 1	Spiża relatata ma' apprendistati u skambju ta' persunal				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	250 000	237 000	136 428,—	54,57
1 1 1 2	Servizzi u xogħol li għandu jingħata b'kuntratt lil aġenti esterni				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	52 748	52 748	34 202,—	64,84
	<i>Artikolu 1 1 1 — Total</i>	652 114	638 748	720 781,53	110,53
<b>1 1 2</b>	<b>Infiq ieħor relatat mal-persunal</b>				
1 1 2 0	Spejjeż għall-missjonijiet, spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra anċillari				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	135 000	135 000	132 398,—	98,07
1 1 2 1	Spejjeż għar-reklutaġġ				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	6 789	6 789	6 789,—	100,00
1 1 2 2	Taħriġ tal-persunal				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	80 000	80 000	78 500,—	98,12
1 1 2 3	Servizz soċjali				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 1 2 4	Servizz mediku				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	14 844	14 844	7 422,—	50,00
1 1 2 5	Ċentru tal-Unjoni ta' teħid ħsieb it-tfal u ċentri oħrajn ta' teħid ħsieb it-tfal matul il-jum u ċentri ta' wara l-iskola				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	80 000	80 000	50 000,—	62,50
1 1 2 6	Relazzjonijiet bejn il-membri tal-persunal u interventi soċjali oħrajn				
	Approporzjonijiet mhux differenzjati	8 000	8 000	10 847,51	135,59
	<i>Artikolu 1 1 2 — Total</i>	324 633	324 633	285 956,51	88,09
	<b>KAPITOLU 1 1 — TOTAL</b>	<b>6 454 300</b>	<b>6 199 045</b>	<b>4 959 928,40</b>	<b>76,85</b>
	<b>Titolu 1 — Total</b>	<b>7 223 575</b>	<b>7 121 860</b>	<b>5 808 197,08</b>	<b>80,41</b>



## TITOLU 1

## INFIQ RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI

## KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI

## 1 0 0 Remunerazzjoni, allokazżjonijiet u drittijiet oħra tal-membri

## 1 0 0 0 Remunerazzjoni u allokazżjonijiet

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
684 881	667 290	649 943,50

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- il-finanzjament tas-salarji u l-allokazżjonijiet tal-membri, kif ukoll l-impatt tal-koefiċenti ta' korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni u għall-parti tal-emolumenti trasferiti lejn pajjiż ieħor minn dak tal-impjeg,
- il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni (0,87 %) lejn l-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' inċident u ta' mard professjonali,
- il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni (3,4 %) lejn l-assigurazzjoni kontra l-mard,
- l-għotjiet għat-twelid,
- l-allokazżjonijiet f'każ ta' mewt.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

## 1 0 0 1 Drittijiet marbuta mad-dħul fi u t-tluq mis-servizz

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' ivvjaġġar tal-membri (inklużi tal-familji tagħhom) hekk kif jidħlu fis-servizz jew iħallu s-servizz, l-allokazżjonijiet ta' installazzjoni jew ta' installazzjoni mill-ġdid hekk kif jidħlu fi jew iħallu istituzzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż relatati mat-traslokazzjoni hekk kif jidħlu fi jew iħallu l-istituzzjoni.

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 0 0 (ikompli)

1 0 0 1 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

1 0 0 2 Allokazzjonijiet proviżorji

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	171 131	119 931,18

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allokazzjonijiet proviżorji, l-allokazzjonijiet tal-familja kif ukoll il-koefiċenti korrettiv applikat fir-rigward tal-pajjiżi ta' residenza ta' membri preċedenti tal-istituzzjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

1 0 0 3 Pensjonijiet

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet għall-irtir u l-koefiċenti korrettiv applikat fir-rigward tal-pajjiżi ta' residenza ta' membri tal-istituzzjoni kif ukoll il-pensjonijiet tar-romol u tal-iltiema u l-koefiċenti korrettiv applikat fir-rigward tal-pajjiżi ta' residenza tagħhom.

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 0 0 (ikompli)

1 0 0 3 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

1 0 0 4 Approprjazzjoni proviżorja

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett ta' kwalunkwe aġġornament fir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet.

Din l-approprjazzjoni hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha lejn intestaturi oħra f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

1 0 1 **Infiq ieħor relatat mal-Membri**

1 0 1 0 Taħriġ tal-persunal

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
25 000	25 000	4 000,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat mal-korsijiet tal-lingwi, seminars u korsijiet ta' taħriġ professjonali.

1 0 1 1 Missjonijiet, ivvjaġġar fuq xogħol u infiq inċidentali

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
59 394	59 394	74 394,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' ivvjaġġar, l-allokazzjonijiet ta' sussistenza ta' kuljum matul missjoni u spejjeż addizzjonali jew eċċezzjonali li jsiru matul missjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 0 1 (ikompli)

1 0 1 1 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuna f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI

1 1 0 **Remunerazzjoni, allokazżjonijiet u drittijiet oħra għall-Uffiċjali u l-aġenti temporanji**

1 1 0 0 Remunerazzjoni u allokazżjonijiet

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
5 427 553	5 185 664	3 953 190,36

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- is-salarji ta' bażi għall-Uffiċjali u l-aġenti temporanji,
- l-allokazżjonijiet għall-familja, inklużi l-allokazżjonijiet għall-kap tal-familja, l-allokazżjonijiet għat-tfal dipendenti u l-allokazżjonijiet għall-edukazzjoni,
- l-allokazżjoni għall-espatriazzjoni u r-residenza barranija,
- il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni lejn assigurazzjoni għall-mard u lejn assigurazzjoni kontra inċidenti u mard konness max-xogħol,
- il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet lejn l-istabbiliment ta' fond speċjali tal-qgħad,
- il-ħlasijiet li għandhom isiru mill-istituzzjoni għal persunal temporanju sabiex ikunu kostitwiti jew miżmuma drittijiet għal pensjoni fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom,
- l-impatt tal-koefiċenti korrettiv applikabbli għar-remunerazzjoni u l-proporzjon ta' emolumenti trasferiti lejn pajjiż ieħor minn dak tal-impjeg,

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 1 0 (ikompli)

1 1 0 0 (ikompli)

— l-għotjiet għat-twelid,

— l-ispejjeż ta' ivvjaġġar b'rata fissa mill-post ta' impjieg sal-post ta' oriġini,

— l-allokazzjonijiet għall-kera u t-trasport, u l-allokazzjonijiet għall-ospitalità b'rata fissa,

— l-allokazzjonijiet għall-ivvjaġġar b'rata fissa,

— l-allokazzjoni speċjali għall-uffiċjal tal-kontijiet u l-amministraturi ta' kontijiet ta' imprest.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 1 0 1 Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, mat-trasferiment u mat-tluq mis-servizz

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
50 000	50 000	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-spejjeż ta' ivvjaġġar ta' uffiċjali u persunal temporanju (inklużi l-membri tal-familji tagħhom) li jidhru fi jew jitolqu s-servizz jew għal riorganizzazzjoni ġeografika (Artikoli 20 u 71 u Artikolu 7 tal-Anness VII), allokkazzjonijiet għal persunal obligat jibdel il-post ta' residenza tiegħu wara li jibda x-xogħol, li jtemm is-servizz tiegħu jew li jiġi trasferit għal post tax-xogħol ġdid (Artikoli 5 u 6 tal-Anness VII), l-ispejjeż ta' ġarr (Artikoli 20 u 71 u Artikolu 9 tal-Anness VII), u u allokkazzjonijiet temporanji ta' kuljum għal persunal li jipprovdi ġustifikazzjoni li kien obligat jibdel il-post ta' residenza tiegħu wara li beda x-xogħol (Artikoli 20 u 71 u l-Artikolu 10 tal-Anness VII).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

1 1 0 2 Ħin supplementari imħallas

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 1 0 (ikompli)

1 1 0 2 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' ħin supplimentari skont il-kondizzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu u l-Anness VI tiegħu.

1 1 0 3 Għotjiet għal assistenza speċjali

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-intervenzjonijiet li jsiru favur uffiċjali u aġenti oħra li jkunu f'sitwazzjonijiet partikolarment diffiċli.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu.

1 1 0 4 Allokazzjonijiet u kontribuzzjonijiet mixxellanji mat-tmiem bikri mis-servizz

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-allokazzjonijiet li għandhom jitħallsu lill-persunal mogħti statut mhux attiv jew irtirat fl-interess tas-servizz,
- il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni għall-mard fil-każ ta' dawk li jirċievu l-allokazzjonijiet imsemmija hawn fuq,
- l-impatt tal-koefiċenti korrettiv applikabbli għall-allokazzjonijiet imsemmija hawn fuq u l-impatt ta' kwalunkwe aġġornament fir-remunerazzjoni li l-Kunsill jista' jilħaq ftehim dwaru matul is-sena finanzjarja.

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 1 0 (ikompli)

1 1 0 4 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 41, 50, 64, 65, 72 tiegħu, u l-Anness IV tiegħu.

1 1 0 5 Approprjazzjoni proviżorja

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett ta' kwalunkwe aġġornament fir-remunerazzjoni.

Din l-appropriazzjoni hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha lejn intestaturi oħra f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 65 u 65a tiegħu u l-Anness IX tiegħu.

1 1 1 **Persunal Ieħor**

1 1 1 0 Persunal b'kuntratt

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
349 366	349 000	550 151,53

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża li jkollha x'taqsam mal-użu ta' aġenti kuntrattwali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

## 1 1 1 (ikompli)

## 1 1 1 1 Spiża relatata ma' apprendistati u skambju ta' persunal

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
250 000	237 000	136 428,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allokkazzjonijiet, l-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' missjoni tal-apprendisti, kif ukoll l-assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard matul l-apprendistat.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż relatati mal-iskambji tal-persunal bejn il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u s-settur pubbliku tal-Istati Membri u l-pajjiżi tal-EFTA li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), kif ukoll l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## 1 1 1 2 Servizzi u xogħol li għandu jingħata b'kuntratt lil aġenti esterni

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
52 748	52 748	34 202,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-servizzi mwettqa minn persuni mhux konnessi mal-istituzzjoni b'mod partikolari l-persunal temporanju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 1 2 ***Infiq ieħor relatat mal-persunal***

## 1 1 2 0 Spejjeż għall-missjonijiet, spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra aċċillari

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
135 000	135 000	132 398,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż relatati mat-trasport, il-ħlas tal-allokkazzjonijiet ta' sussistenza ta' kuljum matul missjoni u spejjeż aċċillari jew eċċezzjonali li jsiru matul missjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.



## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI (*ikompli*)1 1 2 (*ikompli*)1 1 2 0 (*ikompli*)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu u l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tagħhom.

1 1 2 1 Spejjeż għar-reklutaġġ

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
6 789	6 789	6 789,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-organizzazzjoni tal-konkorsi previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE kif ukoll l-ispejjeż ta' invjaġġar u ta' sussistenza tal-kandidati li jattendu l-eżamijiet orali u l-eżamijiet mediċi.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' proċeduri għall-għażla tal-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali.

F'każijiet ġustifikati kif jistħoqq minn ħtiġijiet funzjonali u wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċċju għall-Għażla tal-Persunal, din l-appropriazzjoni tista' tintuża għal kompetizzjonijiet organizzati mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regoli tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u 33 tagħhom u l-Anness III għalihom.

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53).

Id-Deċiżjoni 2002/621/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

1 1 2 2 Taħriġ tal-persunal

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
80 000	80 000	78 500,—

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 1 2 (ikompli)

1 1 2 2 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ professjonali u ta' taħriġ mill-ġdid, inklużi korsijiet tal-lingwi organizzati fuq bażi interistituzzjonali, esterna u interna.

Din l-approprijazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mat-tagħmir edukattiv u tekniku.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24a, tagħhom.

1 1 2 3 Servizz soċjali

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri, bħala parti minn politika interistituzzjonali biex tgħin lill-persuni b'diżabbiltà (uffiċjali u aġenti temporanji f'impjeg attiv, il-konjuġi u t-fal dipendenti tagħhom fit-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea), ir-rimbors, fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli fil-baġit u wara li jkunu intużaw l-intitolamenti nazzjonali fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini, ta' spejjeż mhux mediċi, li jkunu rikonoxxuti bħala neċessarji bħala riżultat tad-diżabbiltà u li jkunu ġustifikati kif jistħoqq.

1 1 2 4 Servizz mediku

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
14 844	14 844	7 422,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż relatati mal-eżaminazzjoni medika annwali għall-uffiċjali u l-aġenti l-oħra intitolati għaliha, inkluż l-analiżi u l-eżamijiet mediċi mitluba in konnessjoni ma' dik l-eżaminazzjoni.

1 1 2 5 Ċentru tal-Unjoni ta' teħid ħsieb it-tfal u ċentri oħrajn ta' teħid ħsieb it-tfal matul il-jum u ċentri ta' wara l-iskola

Approprijazzjonijiet 2018	Approprijazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
80 000	80 000	50 000,—

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 1 2 (ikompli)

1 1 2 5 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fl-ispejjeż relatati maċ-ċentru tal-Unjoni ta' teħid ħsieb it-tfal u ċentri oħrajn ta' teħid ħsieb it-tfal matul il-jum u ċentri ta' wara l-iskola.

1 1 2 6 Relazzjonijiet bejn il-membri tal-persunal u interventi soċjali oħrajn

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
8 000	8 000	10 847,51

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba:

- biex tkopri it-tkegħiġ ta' u l-appoġġ finanzjarju għal skemi għall-promozzjoni tal-kuntatti soċjali bejn il-persunal ta' nazzjonalitajiet differenti, bħal per eżempju sussidji għal klabb, assoċjazzjonijiet, attivitajiet kulturali tal-persunal, kif ukoll biex issir kontribuzzjoni lejn l-infiq relatat ma' ċentru permanenti tad-divertiment (attivitajiet kulturali u sportivi, eċċ.),
- biex tikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' attivitajiet organizzati mill-Kumitat tal-Persunal (attivitajiet kulturali, attivitajiet ta' divertiment, ikliet, eċċ.).

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll l-implimentazzjoni ta' pjan tat-trasport għall-persunal biex jitkegħeġ l-użu tat-trasport pubbliku, jitnaqqas l-użu tal-karozzi individwali u tiċċekken il-marka tal-karbonju.



## TITOLU 2

## BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI

## KAPITOLU 2 0 — BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI

2 0 0 *Kirjiet, piżijiet u nfiq ieħor immobiljari*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
1 403 747	926 000	922 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas, fuq bażi pro rata tal-Kirjiet u tal-piżijiet relatati mal-assigurazzjoni, l-ilma, l-elettriku, it-tisħin, it-tindif u l-manutenzjoni, is-sigurtà u s-sorveljanza u infiq ieħor mixxellanju tal-bini, inkluż infiq assoċjat mal-konverżjoni, it-tiswiġa u r-rinnovazzjoni tal-uffiċċji in kwistjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Ftehim ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-istituzzjoni li ttipprovdi l-uffiċċji.

2 0 1 *Infiq relatat mat-tħaddim u l-attivitajiet tal-istituzzjoni*2 0 1 0 *Tagħmir*

Approprjazzjonijiet 2018	Approprjazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
420 000	420 000	667 500,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- it-tagħmir (xiri u kiri), l-ispejjeż operattivi u ta' manutenzjoni, is-servizzi relatati mal-informatika inklużi l-ghajjnuna fl-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' sistemi tal-ipproċessar u l-iżvilupp ta' software,
- l-operazzjonijiet informatiċi fdati lil partijiet terzi u infiq ieħor relatat ma' servizzi informatiċi, inklużi l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-website,
- l-infiq relatat max-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni tat-tagħmir ta' telekommunikazzjoni u infiq ieħor relatat mat-telekommunikazzjoni, inklużi l-ispejjeż relatati mal-kommunikazzjoni bit-telefon, it-telegraf u t-telex u permezz tat-trasmissjoni elettronika ta' data,

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## KAPITOLU 2 0 — BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

2 0 1 (ikompli)

2 0 1 0 (ikompli)

- ix-xiri, is-sostituzzjoni u l-manutenzjoni ta' installazzjonijiet u tagħmir, kemm tekniku (ta' sigurtà, eċċ.) kif ukoll amministrattiv (makkinarju tal-uffiċċju bħal fotokopjatriċi, kalkulatori, eċċ.),
- ix-xiri, il-manutenzjoni u s-sostituzzjoni ta' għamara,
- kwalunkwe punt ieħor relatat mat-tagħmir tal-bini u l-ispejjeż anċillari.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 1 1 Fornimenti

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
15 000	15 000	11 250,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- ix-xiri ta' karti, envelops, u fornimenti tal-uffiċċju għas-servizzi ta' riproduzzjoni,
- il-posta, l-ispejjeż postali, l-ispejjeż għall-kunsinni permezz ta' servizz tal-courier, il-pakketti u d-distribuzzjoni lill-pubbliku ġenerali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 1 2 Infiq ieħor relatat mal-operazzjoni

Appropriazzjonijiet 2018	Appropriazzjonijiet 2017	Eżitu 2016
215 000	130 000	158 250,—

*Kummenti*

